# L-OMBUDSMAN EWROPEW

# IR-RAPPORT ANNWALI 2003



ISNN 1725-9762

MT

© l-Ombudsman Ewropew 2004

Id-drittijiet kollha huma miżmuma.

Hu permess li jkun hemm riproduzzjoni għal skopijiet edukattivi u mhux kummerċjali sakemm jingħata għarfien lis-sorsi.

Ir-ritratti, sakemm mhux indikat xorta oħra, huma l-copyright ta' l-Ombudsman Ewropew.

It-test sħiħ tar-rapport hu ppubblikat fl-internet fis-sit:

http://www.euro-ombudsman.eu.int/report/mt/default.htm

Ġabra fil-qosor *9*

1 Introduzzjoni *19*

2 Ilmenti lill-Ombudsman *25*

3 Deċiżjonijiet wara li saret investigazzjoni *39*

4 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea *217*

5 Relazzjonijiet ma' Ombudsmen u korpi simili *227*

6 Relazzjonijiet pubbliċi *237*

Annessi *271*

L-OMBUDSMAN EWROPEW

P. NIKIFOROS DIAMANDOUROS

Is-Sur Pat Cox
President
Il-Parlament Ewropew
Rue Wiertz
B - 1047 Brussell

Strasbourg, 19 ta' April 2004

Sur President,

Skond l-Artikolu 195 (1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u l-Artikolu 3 (8) tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolamenti u l-Kundizzjonijiet Ġenerali li Jirregolaw il-Mod kif Għandhom jitwettqu d-Dmirijiet ta' l-Ombudsman, jien hawn qiegħed nippreżenta r-rapport tiegħi għas-sena 2003.

Dejjem tiegħek,

P. Nikiforos Diamandouros

L-Ombudsman Ewropew
1, avenue du Président Robert Schuman – B.P. 403 – F-67001 STRASBOURG Cedex
☎ : +33 (0)3.88.17.23.13 – Fax : +33 (0)3.88.17.90.62
http://www.euro-ombudsman.eu.int – euro-ombudsman@europarl.eu.int

Ġabra fil-qosor 9

1 Introduzzjoni 19

2 Ilmenti lill-Ombudsman 25

2.1 IL-BAŻI LEGALI TAX-XOGĦOL TA' L-OMBUDSMAN 28

2.2 IL-MANDAT TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW 28

2.2.1 "Amministrazzjoni Ħażina" 29

2.2.2 Il-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba 29

2.3 L-AMMISSIBILTÀ TA' L-ILMENTI 30

2.4 BAŻI GĦALL-INVESTIGAZZJONIJIET 31

2.5 ANALIŻI TA' L-ILMENTI 32

2.6 PARIR BIEX ISIR KUNTATT MA' KORPI OĦRA U TRASFERIMENTI 33

2.7 IL-POTERI INVESTIGATTIVI TA' L-OMBUDSMAN 33

2.7.1 Is-smigħ tax-xhieda 33

2.7.2 Spezzjoni ta' dokumenti 34

2.8 STĦARRIĠ MILL-OMBUDSMAN U R-RIŻULTAT TA' DAN L-ISTĦARRIĠ 35

2.8.1 Investigazzjonijiet li jsiru wara lment 35

2.8.2 Soluzzjonijiet ta' ħbiberija u kumpens 35

2.8.3 Rimarki kritiċi, abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet u rapporti speċjali 35

2.8.4 Stħarriġ fuq inizjattiva personali 36

2.8.5 Analiżi ta' l-investigazzjonijiet 37

3 Deċiżjonijiet wara li saret investigazzjoni 39

3.1 KAŻIJIET FEJN INSTAB LI MA KIENX HEMM AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA 41

3.1.1 Il-Parlament Ewropew 41

ALLEGAT NUQQAS TA' KORTESIJA WAQT PROĊESS TA' REKLUTAĠĠ ....41

3.1.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 43

AĊĊESS GĦALL-AĠENDA U L-MINUTI TAL-KONVENZJONI EWROPEA....43

3.1.3 Il-Kummissjoni Ewropea 45

IL-PROGRAMM LIFE: IR-RIFJUT TAL-KUMMISSJONI LI TKOMPLI TĦALLAS GĦALL-PROĠETT ....45

ANNULLAMENT TA' MISTOQSIJIET U ALLEGAT NUQQAS LI JKUN OSSERVAT DAK LI DEHER F'AVVIŻ DWAR KOMPETIZZJONI ....51
ALLEGATA DISKRIMINAZZJONI LINGWISTIKA ....54
L-ISTATUS TAL-TAQSIMA TA' L-UE (*"EU PILLAR"*) FI ĦDAN L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ĠNUS MAGĦQUDA FIL-KOSOVO ....57
VJAĠĠAR U SPEJJEŻ GĦALL-ĦAJJA TA' KULJUM TA' KANDIDATI F'KOMPETIZZJONIJIET BIEX JINTGĦAŻLU L-IMPJEGATI....59
ALLEGAZZJONI TA' DISKRIMINAZZJONI FIL-GRAD LI NGĦATA SPETTUR NUKLEARI ....62
ĊAĦDA TA' APPLIKAZZJONI TA' KONFERMA GĦAL AĊĊESS PUBBLIKU FIL-PROĊEDURA TAĦT ARTIKOLU 226....65
ALLEGAZZJONI TA' DISKRIMINAZZJONI INDIRETTA MINĦABBA L-ETÀ F'KOMPETIZZJONI MIFTUĦA ....72
IĊ-ĊAĦDA TAL-KUMMISSJONI LI TAGĦTI AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI MRESSQIN MILL-ISTATI MEMBRI....74
IL-MOD KIF IL-KUMMISSJONI EWROPEA TTRATTAT APPLIKAZZJONI GĦAL POST TA' ESPERT NAZZJONALI SSEKONDAT ....75
AĊĊESS GĦALL-KARTI TA' L-EŻAMI MMARKATI F'KOMPETIZZJONIJIET ORGANIZZATI MILL-KUMMISSJONI....79

### 3.1.4 Il-Bank Ċentrali Ewropew 82

AĊĊESS GĦAL STATISTIKA DWAR L-AMMONT U DWAR IĊ-ĊIRKOLAZZJONI TAL-KARTI TA' L-EURO....82

### 3.1.5 Il-Qorti Ewropea tal-Verifika 87

IL-QORTI TAL-VERIFIKA TIKKOREĠI NUQQAS FL-APPLIKAZZJONI TA' REGOLI DWAR AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI ....87

### 3.1.6 Il-Konvenzjoni Europea 89

AĊĊESS GĦALL-AĠENDA U L-MINUTI TAL-KONVENZJONI EWROPEA....89

### 3.1.7 L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi 95

ALLEGAZZJONI LI INKJESTA MA SARITX SEW ....95

### 3.1.8 L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni 99

XOGĦOL TA' KONSULENZA GĦALL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAR-RIKOSTRUZZJONI ....99

## 3.2 KAŻIJIET DEĊIŻI MILL-ISTITUZZJONI 103

### 3.2.1 Il-Parlament Ewropew 103

L-ALLEGAT NUQQAS LI JINGĦATAW RAĠUNIJIET GĦALFEJN TWARRBU OFFERTI TA' TRADUZZJONI....103
AĊĊESS GĦALL-KARTA TA' L-EŻAMI F'KOMPETIZZJONI MIFTUĦA....106

### 3.2.2 Il-Kummissjoni Ewropea 108

PAGAMENT TARD TA' GĦOTJA GĦAL PROĠETT RELATAT MA' L-AIDS ....108
ĦLAS TA' AMMONT DOVUT SKOND IL-KUNTRATT ....109
ALLEGAT NUQQAS LI JSIR PAGAMENT FINALI FI PROĠETT TA' RIĊERKA ....111

### 3.2.3 Il-Qorti Ewropea tal-Verifika 113

ALLEGAT NUQQAS TA' INFORMAZZJONI DWAR ESKLUŻJONI MINN KOMPETIZZJONI TAL-QORTI TAL-VERIFIKA ....113

### 3.2.4 Il-Kummissjoni Ewropea u l-Qorti tal-Verifika 115

IL-KUMMISSJONI TAQBEL LI TAGĦMEL L-AĦĦAR PAGAMENT ....115

## 3.3 SOLUZZJONIJIET AMIKEVOLI MIKSUBA MILL-OMBUDSMAN 121

NUQQAS TA' ĦLAS TA' GĦOTJA MINKEJJA ASSIGURAZZJONIJIET BIL-FOMM ....121
IL-KUMMISSJONI TAĊĊETTA LI TĦALLAS KUMPENS LIL MIN KIEN ĦADEM BĦALA AUXILIARY AGENT (AĠENT AWŻILJARJU) ....126
IL-KUMMISSJONI TAQBEL LI TAGĦTI INFORMAZZJONI LIL ĠURNALIST WARA PROPOSTA TA' L-OMBUDSMAN GĦAL SOLUZZJONI AMIKEVOLI ....129

## 3.4 KAŻIJIET MAGĦLUQA B'RIMARKA KRITIKA MILL-OMBUDSMAN 135

### 3.4.1 Il-Parlament Ewropew 135

NUQQAS TAD-DMIR TA' IMĠIBA TAJBA ....135

### 3.4.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 140

AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI ....140
ID-DMIR TAL-KUNSILL BIEX JIŻGURA LI L-MISSJONI TAL-PULIZIJA TA' L-UNJONI EWROPEA F'SARAJEVO TIRRISPETTA D-DRITTIJIET FONDAMENTALI....147

3.4.3 Il-Kummissjoni Ewropea 151

INFORMAZZJONI ŻBALJATA FIL-PROĊEDURI GĦAL SEJĦA GĦALL-OFFERTI ....151
IT-TĦADDIM TAL-PROGRAMM IST ....157
L-ALLEGAT FALLIMENT BIEX TITTIEĦED DEĊIŻJONI F'ILMENT TA' KSUR TAL-LIĠI (ARTIKOLU 226 KE) ....158
KLAWSOLA DISKRIMINATORJA F'AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI ....161
TRATTAMENT INKONSISTENTI MILL-KUMMISSJONI DWAR STUDJU FUQ FOKI (SEALS) ....166
ALLEGAT NUQQAS LI JINGĦATAW TWEĠIBIET GĦAL MISTOQSIJIET DWAR SPEĊIFIKAZZJONIJIET TA' STEDINA GĦALL-OFFERTI ....172

3.4.4 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali 177

ALLEGAZZJONI LI L-ILMENTATUR GĦADDA "INFORMAZZJONI FALZA" FIL-KUNTEST TA' IMPIEG ĠDID ....177

3.4.5 L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi 181

ALLEGAZZJONIJIET MHUX FONDATI TA' KORRUZZJONI KONTRA ĠURNALIST ....181

3.5 ABBOZZI TA' RAKKOMANDAZZJONIJIET AĊĊETTATI MILL-ISTITUZZJONI 183

3.5.1 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 183

IL-KUNSILL JAGĦTI AĊĊESS PARZJALI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-GRUPP DWAR KODIĊI TA' IMĠIBA ....183
IL-KUNSILL JAGĦTI AĊĊESS GĦALL-KARTI TA' L-EŻAMI KKOREĠUTI TAL-KANDIDATI ....184

3.5.2 Il-Kummissjoni Ewropea 190

KUMMISSJONI BIEX IĠĠIB 'L QUDDIEM AMMINISTRAZZJONI TAJBA FL-ISKEJJEL EWROPEJ ....190
DISKRIMINAZZJONI FUQ BAŻI TA' NAZZJONALITÀ MINN KUMPANIJA TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI U L-LIĠI TAL-KOMPETIZZJONI TA' L-UE ....196

3.6 KAŻJIET MAGĦLUQA WARA RAPPORT SPEĊJALI 202

3.6.1 Il-Parlament Ewropew 202

IL-PARLAMENT EWROPEW JAĊĊETTA LI JIPPUBBLIKA L-ISMIJIET TA' KANDIDATI LI JGĦADDU MINN KOMPETIZZJONIJIET TA' REKLUTAĠĠ ....202

3.6.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 203

AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI TAL-KUNSILL FOSTHOM OPINJONIJIET TAS-SERVIZZ LEGALI ....203

3.7 INVESTIGAZZJONIJIET FUQ INIZJATTIVA PERSONALI TA' L-OMBUDSMAN 209

RIMEDJI LI JISTGĦU JINTALBU FI PROĊEDURI DWAR TFIGĦ TA' OFFERTI ....209
REĠISTRAZZJONI ELETTRONIKA F'KOMPETIZZJONI TA' REKLUTAĠĠ – ILMENTATUR MINN STAT LI SE JISSIEĦEB FL-UE ....214

3.8 MISTOQSIJA MINN OMBUDSMAN REĠJONALI 215

LEĠISLAZZJONI TAL-KOMUNITÀ FIL-QASAM TAR-RIABILITAZZJONI TA' PERSUNI LI JBATU MINN MULTIPLE SCLEROSIS ....215

4 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea 217

4.1 IL-PARLAMENT EWROPEW 219

4.2 IL-KUMMISSJONI EWROPEA 221

4.3 IL-KONVENZJONI EWROPEA 223

4.4 IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 223

4.5 IL-QORTI TAL-PRIM ISTANZA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 224

4.6 IL-QORTI TAL-VERIFIKA 224

4.7 IL-BANK EWROPEW GĦALL-INVESTIMENT 224

4.8 L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 224

## 5 Relazzjonijiet ma' Ombudsmen u korpi simili 227

5.1 RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN NAZZJONALI, REĠJONALI U LOKALI TA' L-UE 229

5.2 IL-LIAISON NETWORK 233

5.3 RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN NAZZJONALI FI STATI APPLIKANTI 235

## 6 Relazzjonijiet pubbliċi 237

6.1 L-AVVENIMENTI L-AKTAR IMPORTANTI MATUL IS-SENA 239

6.2 KONFERENZI U LAQGĦAT 244

6.3 AVVENIMENTI OĦRA 260

6.4 RELAZZJONIJIET MAL-MEDIA 263

6.5 KOMUNIKAZZJONI ONLINE 269

## 7 Annessi 271

A STATISTIKA DWAR IL-ĦIDMA TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW FL-2003 273

B IL-BUDGET TA' L-OMBUDSMAN 281

Ċ PERSONNEL 283

D INDIĊI TA' DEĊIŻJONIJIET 286

E L-ELEZZJONI TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW 291

KIF TAGĦMEL KUNTATT MA' L-OMBUDSMAN EWROPEW 293

# Ġabra fil-qosor

1 Introduzzjoni

2 Ilmenti lill-Ombudsman

3 Deċiżjonijiet wara li saret investigazzjoni

4 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea

5 Relazzjonijiet ma' Ombudsmen u korpi simili

6 Relazzjonijiet pubbliċi

Annessi

Id-disa' Rapport Annwali ta' l-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew jagħti tagħrif dwar l-attivitajiet ta' l-Ombudsman fl-2003.

Dan huwa l-ewwel Rapport Annwali li qed jiġi ppreżentat minn P. Nikiforos Diamandouros, li l-Parlament Ewropew eleġġa bħala Ombudsman Ewropew fil-15 ta' Jannar 2003 wara li l-ewwel Ombudsman Ewropew, Jacob Söderman, kien ħabbar id-deċiżjoni tiegħu li jirtira. Is-Sur Diamandouros ħa f'idejh it-tmexxija fl-1 ta' April 2003, u għalhekk dan ir-rapport ikopri x-xogħol tas-Sur Söderman mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu u x-xogħol tas-Sur Diamandouros mill-1 ta' April sa l-aħħar ta' l-2003.

## L-ISTRUTTURA TAR-RAPPORT

Ir-rapport jikkonsisti f'sitt kapitli u ħames annessi. Kapitlu 1 huwa introduzzjoni personali mill-Ombudsman fejn hu jsellem u jfaħħar ix-xogħol li sar minn dak li kien hemm qablu, iħares lura lejn l-attivitajiet li saru u s-suċċessi l-aktar importanti li saru matul is-sena u jfisser x'inhuma l-għanijiet tiegħu.

Kapitlu 2 jiddeskrivi l-proċeduri ta' l-Ombudsman biex janalizza u jistħarreġ l-ilmenti u jagħti ħarsa ġenerali lejn l-ilmenti li kienu mistħarrġa fl-2003.

Kapitlu 3, l-itwal parti tar-rapport, fih għażla ta' deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman wara l-istħarriġ li hu jkun għamel. Fil-kapitlu hemm l-aktar deċiżjonijiet dwar l-ilmenti, imqassmin l-ewwel skond dak li nstab jew dak li rriżulta mill-istħarriġ u mbagħad imqassmin skond l-istituzzjoni jew il-korp konċernat. Deċiżjonijiet wara stħarriġ fuq inizjattiva personali u mistoqsijiet mill-ombudsmen ta' l-Istati Membri huma kkunsidrati għal rashom.

Kapitlu 4 jikkonċerna r-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll is-sehem li ħa l-Ombudsman bħala Osservatur fil-Konvenzjoni dwar il-futur ta' l-Ewropa.

Kapitlu 5 jitkellem dwar ir-relazzjonijiet li kellu l-Ombudsman Ewropew mal-komunità ta' ombudsmen nazzjonali, reġjonali u lokali fl-Ewropa, kemm fl-Istati Membri tal-lum kif ukoll dawk tal-ġejjieni.

Kapitlu 6 jitkellem dwar attivitajiet li għandhom x'jaqsmu ma' informazzjoni u komunikazzjoni. Il-kapitlu jitqassam f'ħames sezzjonijiet, li jkopru l-avvenimenti l-iktar importanti tas-sena, il-konferenzi u l-laqgħat fl-Istati Membri tal-lum u dawk tal-ġejjieni, avvenimenti oħra bħalma huma taħdidiet lill-gruppi ta' viżitaturi, relazzjonijiet mal-*media* u komunikazzjoni b'mezzi elettroniċi.

Anness A fih statistika fuq ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew fl-2003. Annessi B u Ċ jagħtu dettalji fuq il-*budget* ta' l-Ombudsman u fuq l-i*staff* tiegħu rispettivament. Anness D jiġbor id-deċiżjonijiet li jidhru f'kapitlu 3 skond in-numru tal-każ, skond is-suġġett li fuqu hu mibni l-każ u skond it-tip ta' amministrazzjoni ħażina li tkun saret allegazzjoni fuqha. F'Anness E hemm tagħrif dwar il-proċess kif ġie elett l-Ombudsman.

## TAGĦRIF FIL-QOSOR

### Il-missjoni ta' l-Ombudsman Ewropew

L-uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew twaqqaf bis-saħħa tat-Trattat ta' Maastricht bħala parti mill-ħidma favur ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea. l-Ombudsman jinvestiga ilmenti fuq amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

u l-Qorti ta' l-Ewwel Istanza fil-kompetenza ġudizzjarja tagħhom. Bl-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew, l-Ombudsman iddefinixxa "amministrazzjoni ħażina" b'mod li tinkludi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, għad-dritt tal-liġi u għall-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.

Minbarra li jwieġeb għall-ilmenti li jsiru minn individwi, kumpaniji u assoċjazzjonijiet, l-Ombudsman iwettaq stħarriġ fuq inizjattiva tiegħu stess u jaħdem biex iwassal il-poter f'idejn iċ-ċittadini billi jgħarrafhom dwar id-drittijiet tagħhom u dwar kif għandhom jeżerċitaw dawn id-drittijiet tagħhom.

### Ilmenti u stħarriġ fl-2003

In-numru totali ta' ilmenti li waslu fl-2003 kien ta' 2 436, żieda ta' 10% meta mqabbel mas-sena ta' qabel, u dan seħħ parzjalment minħabba l-impenn qawwi li sar biex iċ-ċittadini jsiru jafu dwar id-drittijiet tagħhom. Kważi nofs l-ilmenti intbagħtu lill-Ombudsman b'mod elettroniku, jew permezz ta' *e-mail* jew billi ntużat il-formola għall-ilmenti li tidher fuq il-*website* ta' l-Ombudsman.

F'madwar 70% tal-każijiet, l-Ombudsman seta' jgħin lil min kien qed jagħmel l-ilment billi beda jistħarreġ il-każ, għaddih lill-korp kompetenti, jew ta parir dwar fejn wieħed kellu jdur għal soluzzjoni effettiva u f'waqtha għall-problema.

B'kollox infetħu 253 inkjesti ġodda matul is-sena. l-Ombudsman ħa ħsieb ukoll numru kbir ta' talbiet għall-informazzjoni, li minnhom 2 538 intbagħtu permezz ta' *e-mail*.

### Ir-riżultati ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman

L-Ombudsman ħa deċiżjonijiet li bihom ingħalqu 180 każ wara li sar l-istħarriġ li kien meħtieġ. Kapitlu 3 tar-Rapport Annwali fih għażla ta' dawn id-deċiżjonijiet, li juru l-varjetà ta' stħarriġ li sar kemm f'dak li hu suġġett, tip ta' riżultat u istituzzjonijiet u korpi konċernati. Għal raġunijiet prattiċi, deċiżjonijiet qed jidhru f'dan ir-rapport biss jekk għandhom xi tagħrif ġdid fuq punti ta' liġi, materjal ġdid li għandu x'jaqsam mal-kompetenza jew proċeduri ta' l-Ombudsman, jew tagħrif ġdid fuq fatti li huma ta' importanza jew ta' interess ġenerali. Id-deċiżjonijiet kollha ta' l-Ombudsman, ħlief għal xi ftit każijiet kunfidenzjali fejn l-identità ma setgħetx tinħeba b'mod xieraq, huma ppublikati fuq il-*website* ta' l-Ombudsman (http://www.euro-ombudsman.eu.int) fil-lingwa ta' min ressaq l-ilment jew bl-Ingliż.

#### *Ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina*

F'87 każ, l-inkjesta ta' l-Ombudsman sabet li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina. Dan ir-riżultat mhux dejjem huwa xi ħaġa negattiva għal min ikun ressaq l-ilment, li għall-inqas ikollu l-benefiċċju ta' spjega sħiħa dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu mill-istituzzjoni jew korp konċernat. Per eżempju:

- Wieħed li għamel ilment u staqsa lill-Kunsill biex ikun jista' jara d-dokumenti tal-Konvenzjoni Ewropea aċċetta l-ispjega li ngħatatlu mill-Kunsill li ma kellux id-dokumenti mitluba. Min ressaq l-ilment sabha utli wkoll li l-Kunsill iċċara r-relazzjoni istituzzjonali mal-Konvenzjoni. Barra minn hekk, l-ilment wassal biex l-aġenda u l-minuti tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea jibdew jiġu ppublikati fuq il-website tal-Konvenzjoni sewwa sew wara li spiċċat ix-xogħol tagħha (1795/2002/IJH).
- Il-Qorti tal-Verifika għarfet li t-talba għad-dokumenti ta' dak li għamel l-ilment ma tmexxietx skond ir-regoli tagħha dwar aċċess għal dokumenti. Il-Qorti intrabtet li tistieden lil min kien qed jagħmel l-ilment biex jagħti indikazzjoni dettaljata tat-tagħrif li kien jeħtieg biex tkun tista' teżamina t-talba tiegħu skond ir-regoli tagħha (1117/2003GG).
- Wieħed li ressaq ilment ġibed l-attenzjoni ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) għall-irregolaritajiet li allegatament saru fi proġett li kien iffinanzjat mill-UE. l-OLAF investiga l-każ iżda ma rrappurtax ir-riżultat ta' dan l-istħarriġ lil min kien għamel l-ilment li mbagħad mar jilmenta għand l-Ombudsman. l-OLAF informa lil min kien għamel l-ilment bir-riżultati ta' l-investigazzjoni meta l-Ombudsman kien għaddej bl-istħarriġ tiegħu (1625/2002/IJH).

### *Każijiet li ġew solvuti mill-istituzzjoni*

Fi 48 każ, bis-saħħa ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman ġara li l-istituzzjoni jew korp konċernat solva l-każ u min kien għamel l-ilment ingħata sodisfazzjon sħiħ. Per eżempju:

- Wara ilment lill-Ombudsman li kien sar f'isem l-Università ta' Stockholm, il-Kummissjoni għamlet l-aħħar pagament li kien għad jonqos fuq proġett ta' riċerka, talbet skuża għad-dewmien biex għamlet dan il-ħlas u qablet li tħallas l-interessi. Il-Kummissjoni assigurat ukoll lill-Ombudsman li l-proċeduri finanzjarji li kienu ġabu dan id-dewmien issa kienu qed jitħaddmu b'mod sodisfaċenti (1173/2003/(TN)IJH).
- Sotto-kuntrattur tħallas għas-servizzi tiegħu wara li l-Ombudsman daħal fil-każ. Il-Kummissjoni fissret li ma setgħetx tħallas lill-kuntrattur prinċipali nvolut fil-proġett minħabba problemi li kienu nqalgħu dwar ir-rapport finali li kien issottometta. Meta l-kuntrattur prinċipali ressaq ir-rapport finali wara li sewwa l-iżbalji, il-Kummissjoni għamlet l-aħħar pagament. Il-kuntrattur prinċipali mbagħad ħallas lis-sotto-kuntrattur, li rringrazzja lill-Ombudsman għall-għajnuna tiegħu (1960/2002/JMA).

### *Soluzzjonijiet ta' ħbiberija*

Waħda mill-affarijiet li tiddistingwi ombudsman mill-qorti hija l-possibbiltà ta' medjazzjoni, li tista' twassal għal konklużjoni pożittiva li tissodisfa ż-żewġ partijiet. Meta l-Ombudsman Ewropew isib każ ta' amministrazzjoni ħażina, huwa jfittex li jsib soluzzjoni ta' ħbiberija, jekk din tkun possibbli. Dan jista' jinvolvi li jitressaq suġġeriment biex l-istituzzjoni konċernata toffri kumpens lil min ikun għamel l-ilment, mingħajr ma jkollha għalfejn tammetti r-responsabbiltà jew mingħajr ma toħloq preċedent.

Waqt li kien hemm seba' proposti għal soluzzjoni ta' ħbiberija li kienu għadhom qed jiġu kkunsidrati fl-aħħar ta' l-2003, matul is-sena kien hemm erba' każijiet fejn intlaħqu soluzzjonijiet ta' din ix-xorta. Dawn kienu jinkludu:

- Każ fejn il-Kummissjoni qablet li tħallas kumpens żejjed ex gratia lil min għamel l-ilment minħabba n-natura eċċezzjonali tal-każ, għalkemm il-Kummissjoni dehrilha li ma kellha l-ebda obbligu legali biex tagħmel dan. Min ressaq l-ilment kienet taħdem ma' l-istituzzjoni u allegat li l-Kummissjoni naqset li tħallasha l-ammont sħiħ ta' l-*allowance* segretarjali li kien ħaqqha tieħu (1166/2002/(SM)IJH).
- Każ fejn il-Kummissjoni qablet li tirrevedi d-deċiżjoni tagħha li tfittex li tieħu lura aktar minn € 37 000 minn għotja li tat lil assoċjazzjoni Ġermaniża. Il-Kummissjoni wriet ix-xewqa tagħha, fil-kuntest ta' arranġament finali barra l-qorti, li tirtira t-talba tagħha jekk u sakemm seta' jintwera li l-fondi kienu ġew użati fl-interess sħiħ ta' dawk li kienu l-aħħar li ggwadanjaw mill-proġett. l-assoċjazzjoni sostniet il-fehma tagħha li ma kien sar ebda ksur tal-kuntratt min-naħa tagħha, imma dehrilha li kienet instabet soluzzjoni ta' ħbiberija dwar l-ilment tagħha (0548/2002/GG).

### *Rimarki kritiċi*

Meta soluzzjoni ta' ħbiberija ma tkunx possibbli, l-Ombudsman jista' jagħlaq il-każ b'rimarka kritika jew jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni. Rimarka kritika ssir jekk jidher li l-każ ta' amministrazzjoni ħażina ma kellu ebda implikazzjonijiet ġenerali, ma jkunx aktar possibbli li l-istituzzjoni konċernata twarrbu għal kollox, u ma tkunx tidher il-ħtieġa li l-Ombudsman ikompli jieħu xi azzjoni oħra. Saru għoxrin rimarka kritika ta' din ix-xorta matul is-sena. Per eżempju:

- L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) ippubblika stqarrija għall-istampa li fiha kien hemm allegazzjonijiet ta' korruzzjoni li setgħu jiftiehmu li kienu diretti kontra ġurnalista partikolari. Il-ġurnalista ressaq ilment ma' l-Ombudsman, li kien tal-fehma li l-OLAF kien aġixxa b'mod sproporzjonat, minħabba li ma kien hemm ebda bażi fattwali għal dawn l-allegazzjonijiet li setgħet tasal għand il-pubbliku. l-Ombudsman fl-aħħar deherlu li rimarka kritika setgħet tkun biżżejjed għal min kien għamel l-ilment (1840/2002/GG).
- Persuna li kellha kuntratt mal-Missjoni tal-Pulizija ta' l-Unjoni Ewropea f'Sarajevo li kien twaqqaf minħabba allegazzjoni ta' kondotta ħażina, ressqet il-każ tagħha quddiem l-Ombudsman. l-Ombudsman kien tal-fehma li kienet ir-responsabbiltà tal-Kunsill li jiżgura li l-azzjonijiet

tal-Missjoni jirrispettaw id-dritt tal-liġi u d-drittijiet fondamentali. Dritt fondamentali ta' min għamel l-ilment inkiser minħabba li din il-persuna ma ngħatatx l-opportunità li tesprimi l-fehmiet tagħha dwar il-fatti li suppost kienu seħħew f'dan il-każ. Peress li l-kuntratt twaqqaf aktar minn sena qabel, ma kienx hemm lok li l-Ombudsman joħroġ b'soluzzjoni ta' ħbiberija u għalhekk l-Ombudsman għalaq il-każ b'rimarka kritika (1200/2003/OV).

- L-Ombudsman ikkritika lill-Parlament Ewropew talli ma qagħadx ma' l-obbligu li għandhom jintużaw manjieri tajbin fir-relazzjonijiet mal-pubbliku. Din il-kritika saret dwar *e-mail* li ntbagħtet bħala risposta għal mistoqsijiet li saru dwar sejħa għal offerti. Min għamel l-ilment allega li t-ton ta' l-*e-mail* ma kienx f'postu u ta l-impressjoni ta' aġir arroganti (1565/2002/GG).

### *Abbozz ta' rakkomandazzjonijiet*

F'każijiet fejn l-amministrazzjoni ħażina hija partikolarment serja, jew għandha implikazzjonijiet ġenerali, jew jekk għadu possibbli għall-istituzzjoni konċernata li twarrab l-amminstrazzjoni ħażina, l-Ombudsman jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni. l-istituzzjoni jew korp konċernat irid iwiegeb lill-Ombudsman b'opinjoni dettaljata fi żmien tliet xhur.

Saru disa' abbozzi ġodda ta' rakkomandazzjonijiet matul l-2003. Filwaqt li sa l-aħħar tas-sena kien għadu mhux magħruf ir-riżultat ta' erbgħa minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet, l-istituzzjonijiet konċernati aċċettaw tlieta, kif ukoll tnejn oħra li kienu saru fl-2002. Per eżempju:

- Sinjura li ressqet ilment kienet weħlet minn eżami bil-miktub f'kompetizzjoni organizzata mill-Kunsill. Meta l-Kunsill ma riedx li jħalliha tara l-karta ta' l-eżami tagħha bil-marki li kienet ġabet, din is-sinjura daret fuq l-Ombudsman. Wara li għamel l-istħarriġ, l-Ombudsman għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni favur li din il-mara jkollha aċċess għal dawn il-karti, ħaġa li ġiet aċċettata mill-Kunsill. Dan ġab li l-Kunsill kien qed jimxi fuq l-istess linja tal-Kummissjoni u tal-Parlament li fl-1999 u fl-2000 kienu qablu rispettivament li l-kandidati jkunu jistgħu jaraw il-karti ta' l-eżamijiet tagħhom bil-marki li jkunu ngħataw (2097/2002/GG).

### Stħarriġ fuq inizjattiva personali

Ingħalqu żewġ każijiet ta' stħarriġ fuq inizjattiva personali b'riżultati pożittivi matul is-sena:

- L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla ta' l-Impjegati dawwar id-deċiżjoni li kien ħa li jħalli ċittadin Ċiprijott barra minn kompetizzjoni ta' reklutaġġ wara li kien hemm ilment fuq diffikultajiet tekniċi bis-sistema elettronika ta' reġistrazzjoni ta' l-Uffiċċju. l-Ombudsman fetaħ l-istħarriġ tiegħu fuq dan il-każ fuq inizjattiva tiegħu stess għax min għamel l-ilment la kien ċittadin u lanqas residenti fl-Unjoni (OI/4/2003/ADB).
- Il-Kummissjoni qablet li timxi fuq proċedura ġdida biex min ikun xeħet offerta wara sejħa għall-offerti iżda ma jirnexxilux jirbaħ, jiġi mgħarraf malajr bir-riżultat tas-sejħa waqt li fl-istess ħin jitħalla żmien biżżejjed sakemm jiġi ffirmat il-kuntratt. B'hekk jingħata żmien lil min ikun ħa sehem fis-sejħa għall-offerti biex jistaqsi għar-raġunijiet li fuqhom tkun ittieħdet id-deċiżjoni dwar min rebaħ u jkun jista' joħodha kontra din id-deċiżjoni b'mezzi legali. Tagħrif fil-qosor dwar din il-proċedura ġdida deher f'Komunikazzjoni mill-Kummissjoni fit-3 ta' Lulju 2003. l-Ombudsman deherlu li l-proċedura l-ġdida għandha timxi fuq każijiet li ġa ġew deċiżi mill-Qorti tal-Ġustizzja u kien tal-fehma li l-Kummissjoni għandha tinforma b'mod sistematiku lil kull min jitfa' offerta iżda ma jirbaħx li għandu dritt joġġezzjona għad-deċiżjoni ta' min ikun rebaħ l-offerta (OI/2/2002/IJH).

Fl-2003 saru ħames investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali, u minn dawn, erbgħa kienu għadhom miftuħa fl-aħħar tas-sena. Tnejn huma bbażati fuq ilmenti li taw lil wieħed x'jifhem li kien hemm il-possibbiltà ta' problema sistematika. l-ewwel waħda hi dwar il-proċeduri interni li jistgħu jintużaw minn esperti nazzjonali li jkunu sekondati mal-Kummissjoni biex iħollu kwistjonijiet li jinqalgħu. l-oħra tikkonċerna l-attività tal-Kummissjoni biex tmexxi 'l quddiem amministrazzjoni tajba ta' l-Iskejjel Ewropej.

It-tielet investigazzjoni fuq inizjattiva personali dwar dik li tista' tkun problema ġenerali għandha x'taqsam ma' l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam ma' miżuri

imwettqa mill-Kummissjoni biex jiżguraw li ma ssirx diskriminazzjoni ma' persuni b'diżabilità fir-relazzjonijiet li jkollhom ma' l-istituzzjoni.

## Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet u korpi oħra ta' l-Unjoni Ewropea

Sabiex jgħin li jintlaħqu riżultati pożittivi, l-Ombudsman bena relazzjonijiet ta' ħidma kostruttiva ma' l-istituzzjonijiet u mal-korpi ta' l-UE. Fl-2003, l-Ombudsman iltaqa' ma' membri u uffiċjali ta' tmien istituzzjonijiet, fosthom il-Presidenti tal-Parlament, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Bank ta' Investiment Ewropew u tal-Qorti tal-Verifika, il-Kulleġġ tal-Kummissarji u d-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni. Matul dawn il-laqgħat, l-Ombudsman saħaq li r-rwol tiegħu jinkludi l-medjazzjoni u li soluzzjonijiet ta' ħbiberija huma riżultat pożittiv kemm għal min jagħmel l-ilment kif ukoll għall-istituzzjoni jew korp konċernat.

Il-kooperazzjoni attiva ta' l-istituzzjonijiet u tal-korpi hija wkoll essenzjali sabiex jiġi żgurat li kull min jista' jkollu xi raġuni biex iressaq ilment quddiem l-Ombudsman jasallu tagħrif fuq id-dritt tiegħu li jagħmel dan u fuq kif jista' jeżerċita dan id-dritt. Il-Kummissjoni wieġbet b'mod pożittiv għas-suġġeriment ta' l-Ombudsman li twassal dan it-tagħrif sew lil min japplika kif ukoll lil min jibbenefika minn għotjiet u sussidji, u dan jibda jseħħ minn dawk li kienu koperti minn Komunikazzjoni reċenti.[1]

L-Ombudsman għandu relazzjoni ta' ħidma mill-qrib u effettiva mal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, li tkopri l-proċess ta' trasferiment reċiproku ta' każijiet meta dan ikun jista' jsir. l-Ombudsman ta' sikwit jagħti pariri lil min jagħmel l-ilmenti fuq il-possibbiltà li jressaq petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew, speċjalment jekk min jagħmel l-ilment ikun irid bidla fil-liġi jew politika Ewropea.

L-Ombudsman ħa sehem bis-sħiħ fil-Konvenzjoni dwar il-Futur ta' l-Ewropa biex jiżgura li d-drittijiet taċ-ċittadini jingħataw post ċentrali fl-Abbozz tat-Trattat li jwaqqaf il-Kostituzzjoni għall-Ewropa. Matul il-kariga tiegħu, is-Sur Söderman ressaq 'l quddiem b'suċċess l-argument biex iċ-Charter tad-Drittijiet Fondamentali tidħol fl-Abbozz tat-Trattat Kostituzzjonali u kemm hu kif ukoll is-Sur Diamandouros mexxew 'l quddiem il-fehma li għandu jkun hemm għarfien ċar tar-rwol ta' l-ombudsmen u ta' rimedji oħra mhux ġudizzjarji. Għalkemm dan l-aħħar għan ma ntlaħaqx matul l-2003, l-Ombudsman se jkompli jqisu bħala suġġett ta' prijorità qawwija u se jibqa' jippersisti bl-isforzi tiegħu biex jidħol fid-dokument finali tal-Kostituzzjoni.

## Kooperazzjoni ma' l-ombudsmen madwar l-Ewropa

L-Ombudsman Ewropew jikkoopera permezz ta' sistema estensiva ta' kuntatti bejn ombudsmen u korpi simili fl-Ewropa. Din is-sistema issa tkopri 90 uffiċċju fi 30 pajjiż u tinkludi uffiċċji fuq livelli nazzjonali u reġjonali fl-Unjoni Ewropea u fuq livell nazzjonali fil-pajjiżi applikanti għal sħubija fl-UE, in-Norveġja u l-Islanda.

Il-kooperazzjoni permezz ta' din is-sistema ta' kuntatti tkopri kemm il-mod kif jiġu ttrattati l-ilmenti kif ukoll il-mod kif jitwassal it-tagħrif liċ-ċittadini. Ħafna minn dawk li jagħmlu l-ilmenti jduru fuq l-Ombudsman Ewropew meta jkollhom problemi ma' amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali. Għalkemm dawn l-ilmenti huma barra mill-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew, f'ħafna każijiet ombudsman fl-istat koncernat jista' jipprovdi rimedju effettiv. l-Ombudsman Ewropew jittrasferixxi każijiet direttament lill-ombudsmen nazzjonali u reġjonali, meta dan ikun possibli, jew jagħti parir xieraq lil min ikun ressaq l-ilment. l-ombudsmen li qegħdin f'din is-sistema jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jgħinu sabiex jinfurmaw liċ-ċittadini fuq id-drittijiet tagħhom taħt il-liġi Ewropea u fuq kif għandhom jeżerċitaw u jiddefendu d-drittijiet tagħhom.

Fl-2003, il-kooperazzjoni ssaħħet b'laqgħat ta' l-ombudsmen nazzjonali u reġjonali mill-iStati Membri u ta' l-ombudsmen nazzjonali mill-pajjiżi kandidati. Ir-raba' *seminar* ta' l-Ombudsmen Nazzjonali u Korpi Simili fl-iStati Membri tal-UE fuq it-tema "L-Ombudsmen u l-Protezzjoni tad-

[1] Komunikazzjoni dwar proposta fuq atti bażiċi għal għotjiet li bħalissa jinsabu koperti mill-awtonomija amministrattiva tal-Kummissjoni jew prerogattivi istituzzjonali (COM(2003)274 final).

Drittijiet fl-Unjoni Ewropea" ġie organizzat mill-Ombudsmen Ewropew flimkien ma' l-Ombudsman Grieg f'Ateni, f'April. Il-Parlament Ewropew kien rappreżentat mill-President tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet, is-Sur Vitaliano Gemelli. Ir-raba' laqgħa ta' l-Ombudsmen Reġjonali ta' l-UE u korpi simili, fejn l-uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew kien rappreżentat, saret f'Valencia f'April taħt il-patroċinju tas-Sindic de Greuges de Valencia (l-ombudsman reġjonali). Fost is-suġġetti li ġew diskussi kien hemm il-futur ta' l-Ewropa, l-immigrazzjoni u l-ħarsien tar-refuġjati u l-ħarsien ta' l-ambjent. F'Mejju, l-Ombudsman Ewropew ingħaqad ma' l-ombudsmen nazzjonali mill-pajjiżi applikanti li attendew konferenza organizzata mill-Ombudsman tal-Polonja, Andrzej Zoll, f'Varsavja. Din il-laqgħa kienet dwar "L-Ombudsman u l-Liġi ta' l-Unjoni Ewropea".

Is-sistema ta' kuntatti li bena l-Ombudsman Ewropew tinkludi wkoll għadd ta' *liaison officers* li huma uffiċjali nominati minn kull uffiċċju nazzjonali ta' l-ombudsman li jservu bħala l-ewwel mezz ta' kuntatt ma' uffiċjali oħra f'din is-sistema. F'Diċembru 2003, dawn il-*Liaison Officers* iltaqgħu flimkien fi Strasbourg biex jiddiskutu dwar it-tema "Informazzjoni Ewropea, pariri u ġustizzja għal kulħadd". Din kienet l-ewwel laqgħa li qatt saret li kienet tinkludi l-*Liaison Officers* mill-għaxar pajjiżi li sejrin jissieħbu fl-Unjoni fl-2004.

Bejn il-laqgħat, is-sistema taħdem permezz ta' tliet inizjattivi ta' komunikazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew: dawn huma l-European Ombudsmen – *Newsletter*, pubblikazzjoni li toħroġ darbtejn f'sena flimkien mar-Reġjun Ewropew ta' l-International Ombudsman Institute; l-Ombudsman Daily News, servizz elettroniku ta' aħbarijiet li joħroġ mill-Ombudsman Ewropew u Summit interattiv fuq l-*Internet*.

### Sabiex jintlaħqu ċ-ċittadini

Parti mill-aktar importanti mix-xogħol ta' l-Ombudsman huwa li jfittex li jersaq lejn iċ-ċittadini biex jinfurmahom fuq id-drittijiet tagħhom, li jinkludu d-dritt li jressqu ilmenti quddiem l-Ombudsman Ewropew. Fl-aħħar ta' Mejju 2003, l-Ombudsman ħabbar li kellu l-ħsieb li jżur l-għaxar pajjiżi li se jissieħbu fl-Unjoni Ewropea qabel l-1 ta' Mejju 2004, id-data tat-tkabbir, u kemm jista' jkun mill-iStati Membri. Sa l-aħħar tal-2003, l-Ombudsman kien żar 11 mill-iStati Membri eżistenti u ħamsa mill-iStati Membri futuri, iltaqa' ma' uffiċjali għolja u ppreżenta x-xogħol tiegħu lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi, kmamar tal-kummerċ, studenti universitarji, ġurnalisti u ċittadini oħra li għandhom interess f'dan is-suġġett. Bis-saħħa tal-kooperazzjoni mill-uffiċċji ta' ombudsmen nazzjonali kif ukoll mir-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea, dawn iż-żjarat kienu suċċess.

Fl-2003 l-Ombudsman u l-i*staff* tiegħu ndirizzaw ukoll total ta' 80 konferenza, laqgħat u gruppi madwar l-Unjoni kollha, wara li laqgħu stediniet minn uffiċċji reġjonali, gruppi li għandhom interess f'dawn l-oqsma, istituti Ewropej, universitajiet u għaqdiet mhux governattivi. Dawn il-laqgħat swew biex ix-xogħol ta' l-Ombudsman jiġi ppreżentat sew lil min fil-ġejjieni jista' jagħmel ilment kif ukoll lil ċittadini nteressati f'dawn is-suġġetti.

Matul is-sena tqassam ħafna materjal li jagħti tagħrif fuq ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew, b'mod partikolari matul il-ġranet f'Mejju organizzati mill-Parlament Ewropew meta jkun miftuħ għall-pubbliku. Fl-istess ħin l-informazzjoni saret ukoll aċċessibli minn fuq il-*website* ta' l-Ombudsman, fejn deċiżjonijiet, stqarrijiet uffiċjali, statistika u dettalji fuq l-attivitajiet ta' komunikazzjoni ta' l-Ombudsman dehru fuq bażi regolari.

L-Ombudsman kompla jwessa' relazzjonijiet kostruttivi ta' ħidma mal-*media*, fejn inżammu sitt laqgħat għall-istampa u saru tmien konferenzi stampa biex l-Ombudsman ikun jista' jispjega u jfiehem dwar ix-xogħol tiegħu. Total ta' 45 ġurnalist intervistaw lill-Ombudsman fi Strasbourg u fi Brussell kif ukoll waqt iż-żjarat uffiċċjali fl-iStati Membri u fil-pajjiżi li se jissieħbu. Inħarġu stqarrijiet uffiċċjali, b'medja ta' stqarrija darba kull sebat ijiem ta' xogħol, bil-għan li tinxteħet l-attenzjoni fuq id-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman u l-attivitajiet ta' komunikazzjoni li hu jwettaq. Talbiet mill-ġurnalisti għal informazzjoni fuq ix-xogħol ta' l-Ombudsman twieġbu malajr matul is-sena.

## Żviluppi interni

Matul is-sena, l-Ombudsman għamel preparazzjonijiet intensivi għat-tkabbir, biex ikun jista' jaqdi sew liċ-ċittadini tal-25 Stat Membru f'21 lingwa tat-Trattat sa mill-1 ta' Mejju 2004.

Il-*budget* li jkopri bosta snin li ġie adottat fl-2002 jantiċipa li bejn l-2003 u l-2005 ser jiżdiedu għadd ta' postijiet ġodda li għandhom x'jaqsmu mat-tkabbir. In-numru ta' karigi fl-organizzazzjoni ta' l-Ombudsman kiber minn 27 fl-2002 għal 31 fl-2003 waqt li l-*budget* tal-2004 li ġie aċċettat mill-awtoritajiet finanzjarji f'Diċembru 2003 ħaseb għal żieda sa 38 post.

Matul is-sena beda jsir analiżi ta' l-istruttura ta' l-uffiċċju u tat-tqassim tar-riżorsi umani. l-Ombudsman beda wkoll itejjeb b'mod qawwi l-infrastruttura tat-teknoloġija ta' l-informatika u d-*database* ta' l-ilmenti. Dawn l-inizjattivi tniedew bil-għan li jgħinu lill-uffiċċju li jkun lest għaż-żieda li hija mistennija fl-għadd ta' ilmenti u biex titjieb il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizz liċ-ċittadini.

Ġabra fil-qosor

1 Introduzzjoni

2 Ilmenti lill-Ombudsman

3 Deċiżjonijiet wara li saret investigazzjoni

4 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea

5 Relazzjonijiet ma' Ombudsmen u korpi simili

6 Relazzjonijiet pubbliċi

Annessi

L-2003 kienet sena interessanti għall-uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew. In-numru ta' ilmenti li waslu żdied b'mod sinjifikanti, u fost raġunijet oħra dan seħħ minħabba l-isforz qawwi li sar biex iċ-ċittadini jiġu infurmati bid-drittijiet tagħhom. Żidna l-kooperazzjoni bejn l-ombudsmen fl-Ewropa kollha u b'hekk tajna l-għajnuna tagħna sabiex niżguraw li ċ-ċittadini jsibu soluzzjoni xierqa għall-ilmenti tagħhom. U bdejna l-aħħar tħejjijiet għat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea. l-Ombudsman ipparteċipa bis-sħiħ fil-Konvenzjoni dwar il-Futur ta' l-Ewropa biex jiżgura li d-drittijiet taċ-ċittadini jingħataw post ċentrali fl-Abbozz tal-Kostituzzjoni Ewropea.

U naturalment l-istituzzjoni rat ukoll bdil fit-tmexxija tagħha f'April ta' l-2003 wara li rtira l-ewwel Ombudsman Ewropew, Jacob Söderman. Nixtieq inroddlu ħajr għall-ħafna kisbiet tiegħu f'isem iċ-ċittadini Ewropej. Fuq quddiem nett hemm it-twaqqif ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew u l-evoluzzjoni mgħaġġla li għaddiet minnha, taħt it-tmexxija għaqlija tiegħu, sabiex saret istituzzjoni effettiva u rispettata, li rnexxielha b'mod sistematiku u b'suċċess tmexxi 'l quddiem it-trasparenza, il-prinċipju li kulħadd hu responsabbli ta' għemilu u amministrazzjoni tajba. Fis-seba' snin u nofs li dam f'din il-kariga, Jacob Söderman għen aktar minn ħdax-il elf ċittadin biex isibu rimedju, jew billi direttament solva l-ilmenti tagħhom jew billi tahom parir dwar il-bieb li kellhom iħabbtu. Ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, ir-rapporti u r-rimarki li għamel lill-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea wasslu għal riformi importanti li tabilħaqq tejbu sew il-kwalità tas-servizz li ċ-ċittadini bħalissa jirċievu. Jien fi ħsiebi nipprova nkompli naħdem biex nilħaq l-ideali għoljin li hu kiseb bis-saħħa tal-ħidma tiegħu.

## Il-prijoritajiet tiegħi bħala Ombudsman Ewropew

Meta jien dehert quddiem il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew bħala kandidat f'Novembru 2002, jien kont semmejt l-għanijiet ewlenin li għalihom kont lest niddedika l-enerġija tiegħi kieku kont elett. Minn kemm ilni fil-kariga minn April ta' l-2003, żviluppajt dawn l-idejat fi programm ta' attivitajiet bi tliet għanijiet prinċipali.

Effiċjenza akbar fl-uffiċċju ta' l-Ombudsman

L-ewwel għan ta' kull uffiċċju ta' l-Ombudsman għandu jkun li ċ-ċittadini kollha li jirrikkorru għand dan l-uffiċċju jirċievu l-għajnuna u l-pariri li jeħtieġu fi żmien qasir u b'mod xieraq. In-numru ta' ċittadini li bagħtu l-ilmenti tagħhom għand l-Ombudsman Ewropew fl-2003 żdied b'10%. F'madwar 70% minn dawn il-każijiet irnexxielna ngħinu lil dawk li lmentaw permezz ta' l-istħarriġ li bdejna jew permezz tat-trasferiment tal-każ lill-korp kompetenti jew permezz ta' pariri li tajnihom fejn għandhom imorru jfittxu soluzzjoni ta' malajr u effettiva għall-problema tagħhom.

Dawn ir-riżultati jistgħu jinkisbu biss jekk l-Ombudsman iżomm relazzjonijiet kostruttivi ta' xogħol ma' istituzzjonijiet u korpi li jaslulu lmenti dwarhom. Fl-2003 l-istituzzjonijiet Ewropej komplew juru r-rieda tagħhom li jsolvu l-ilmenti li l-Ombudsman ressqilhom għall-attenzjoni tagħhom, jew billi huma nfushom ipproponew soluzzjonijiet jew billi qablu li jwettqu r-rakkomandazzjonijiet ta' l-Ombudsman. Matul is-sena ltqajt ma' membri u uffiċjali ta' istituzzjonijiet oħrajn li kienu jinkludu l-Kulleġġ tal-Kummissarji, il-Presidenti tal-Parlament, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Verifika, kif ukoll mad-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni biex nispjegalhom fejn xtaqt nasal u, fejn kien meħtieġ, biex niġbdilhom l-attenzjoni lejn oqsma fejn kien hemm bżonn ta' titjib.

Inħossni sodisfatt li dawn il-laqgħat taw sehemhom biex jikber il-ftehim tar-rwol doppju ta' l-Ombudsman bħala istituzzjoni indipendenti, bħala mekkaniżmu estern ta' kontroll fuq l-amministrazzjoni u bħala mezz ta' medjazzjoni. Aktar ma n-nies saru jafu b'dan l-aħħar rwol, l-istituzzjonijiet ta' l-UE aktar għarfu l-benefiċċji li joħorġu minn kollaborazzjoni aktar sistematika ma' l-Ombudsman. Inħoss li nista' ngħid li aktar ma jgħaddi ż-żmien l-istituzzjonijiet aktar qed

jagħrfu li jekk jissolvew il-problemi mill-qiegħ nett ikun hemm benefiċċju doppju: mhux biss titneħħa l-possibbiltà ta' ilmenti fuq l-istess suġġett fil-ġejjieni imma l-istituzzjonijiet innifishom ikunu jistgħu ikejjlu l-ħila tagħhom li jwieġbu b'mod xieraq għal atti ta' amministrazzjoni żbaljata fejn jidħlu s-servizzi tagħhom. Il-Kunsill wera dan biċ-ċar fl-2003 billi tejjeb it-trasparenza fil-mod kif jintgħażlu n-nies biex jidħlu jaħdmu mal-Kunsill wara r-rakkomandazzjoni tiegħi.

Fid-dawl tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea u d-dmir ta' l-Ombudsman li jservi liċ-ċittadini b'mod effettiv kemm jista' jkun, saru preparazzjonijiet intensivi matul l-2003 biex tinbena kemm l-istruttura ta' l-uffiċċju kif ukoll li jiżdiedu r-riżorsi umani fih. Dawn il-bidliet ser jgħinu biex l-Ombudsman jilqa' aħjar l-isfidi marbutin mas-servizz li jrid jingħata liċ-ċittadini f'25 Stat Membru f'21 lingwa mill-1 ta' Mejju 2004. B'wiċċi minn quddiem inħabbar li sa l-aħħar ta' l-2003 l-uffiċċju kien ingaġġa jew ħa l-miżuri meħtieġa biex jingaġġa l-uffiċjali legali, l-i*staff* amministrattiv u t-*trainees* li kien hemm bżonn biex jintlaqgħu dawn l-isfidi. l-Ombudsman ħa ħsieb ukoll li jkun hemm titjib qawwi fl-infrastruttura ta' l-informazzjoni teknoloġika u fid-*database* biex l-uffiċċju jkun jista' jlaħħaq maż-żieda fit-talba għas-servizzi li qed tiġi mbassra.

### *Immexxu 'l quddiem id-dritt tal-liġi, amministrazzjoni tajba u rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem*

L-Ombudsman Ewropew għandu rwol importanti biex isaħħaħ il-ħajja demokratika fl-Ewropa. Fil-qadi ta' dan id-dmir l-Ombudsman Ewropew irid jara li minbarra li jagħti attenzjoni lid-dritt tal-liġi u lill-amministrazzjoni tajba, li tradizzjonalment jitqiesu bħala l-għanijiet ewlenin ta' l-Ombudsman, irid ukoll fl-istess ħin juri sensittività akbar lejn id-drittijiet tal-bniedem. Il-mod kif għandu jsib bilanċ ġdid ta' l-attivitajiet tiegħu se jkun fuq l-istess linji bħal dak li qed jiġri fuq livell internazzjonali li jintwera, per ezempju, miż-żieda espliċita tad-drittijiet tal-bniedem fil-mandat ta' l-Ombudsman fil-Finlandja (1999) u fin-Norveġja (2003) kif gie innotat mill-President ta' l-International Ombudsman Institute f'diskors importanti li ta dan l-aħħar. Dan juri wkoll għarfien tal-ħtiġiet u ta' l-isfidi ġodda li x'aktarx jinbtu ma' l-akbar u l-aktar tkabbir ambizzjuż li l-Unjoni għamlet s'issa. Biex jilqa' għal dawn l-isfidi, l-Ombudsman jista' jadotta strateġija doppja: jista' jirreaġixxi għall-ilmenti li jaslulu, imma jista' wkoll ikun proattiv bis-saħħa li għandu li jagħmel stħarriġ fuq l-inizjattiva tiegħu stess. Il-possibbiltà li jagħmel stħarriġ bħal dan hi ta' valur kbir, l-aktar biex jaffaċċja problemi sistematiċi li joħorġu minn sensiela ta' ilmenti li jkunu kollha marbutin ma' l-istess problema. Fil-ħarifa ta' l-2003 bdejt tliet investigazzjonijiet bħal dawn, fosthom waħda dwar l-integrazzjoni ta' nies b'disabbiltajiet mill-Kummissjoni Ewropea.

Imma r-rwol proattiv ta' l-Ombudsman imur sew lil hinn minn dan. l-Ombudsman jeħtieġlu juża l-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu biex iċ-ċittadini jkunu infurmati dwar id-drittijiet tagħhom u fuq il-mezzi li jeżistu biex jassiguraw ruħhom li dawn id-drittijiet qed jiġu rispettati. Dan għandu importanza mill-aktar qawwija biex il-poter jasal għand iċ-ċittadini, biex id-drittijiet li tagħtihom l-Unjoni jsiru tassew realtà ħajja. Bħala parti miż-żjarat lill-iStati Membri u lill-pajjiżi li se jissieħbu, fl-2003 l-Ombudsman Ewropew ta *lectures* pubbliċi, intervisti lill-*media* u qassam materjal informattiv biex jgħarraf liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom u kif jistgħu jużawhom bl-aħjar mod.

L-Ombudsman ħadem ukoll b'mod proattiv biex jiżgura li l-Konvenzjoni Ewropea tqiegħed liċ-ċittadini quddiem nett f'xogħolha. Is-Sur Söderman argumenta b'suċċess favur li ċ-Charter tad-Drittijiet Fondamentali jiġi inkorporat fl-Abbozz tat-Trattat Kostituzzjonali u kemm hu kif ukoll jien sħaqna kemm flaħna għal għarfien ċar tar-rwol ta' l-Ombudsman u ta' rimedji oħrajn mhux ġudizzjarji fid-dokument. Għalkemm dan l-għan ma ntlaħaqx fl-2003, jien se nkompli nqisu bħala punt li jistħoqqlu l-ogħla prijorità u se nkompli ninsisti bl-isforzi tiegħi biex jiddaħħal fid-dokument finali tal-Kostituzzjoni.

Ombudsmen nazzjonali u reġjonali jipprovdu rimedju effettiv liċ-ċittadini li d-drittijiet tagħhom jintrifsu. B'dal-mod huma jaqdu funzjoni importanti biex jiġi assigurat li l-liġi Ewropea tkun rispettata mill-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-pajjiżi rispettivi. Biex jintlaħaq dan l-għan, huwa mill-iktar importanti li jkun hekk kooperazzjoni mill-qrib nett bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Ombudsman tal-pajjiżi membri. Fl-2003 din il-ko-operazzjoni ssaħħet fuq li ssaħħet. F'April, Ombudsmen mill-Unjoni Ewropea ltaqgħu fuq livell nazzjonali f'Ateni u fuq livell reġjonali

f'Valencia. F'Mejju, Ombudsmen nazzjonali ta' pajjiżi kandidati kellhom laqgħa simili f'Varsavja fl-aħħar laqgħa ta' din ix-xorta qabel it-tkabbir. F'Diċembru 2003, *liaison officers* minn kull uffiċċju nazzjonali ta' l-Ombudsman minn 26 pajjiż differenti ltaqgħu fi Strasbourg. Dawn l-erba' laqgħat kollha servew biex żdied it-tagħrif dwar il-liġi Ewropea fost dawk li ħadu sehem u biex dawn il-kollegi qasmu bejniethom l-esperjenzi tagħhom u tkellmu dwar l-aħjar metodi ta' xogħol. B'dan il-mod huma saħħew ukoll b'mod prattiku l-bdil ta' informazzjoni bejn l-uffiċċji differenti, li sseħħ permezz ta' tliet inizjattivi ta' komunikazzjoni mill-Ombudsman Ewropew: il-European Ombudsman – *Newsletter*, pubblikazzjoni ta' darbtejn fis-sena u li tinħareġ flimkien mar-regjun Ewropew ta' l-International Ombudsman Institute; l-Ombudsman Daily News, servizz elettroniku ta' aħbarijiet li joħroġ l-Ombudsman Ewropew; u *Internet* Summit interattiv. Is-Summit hu mezz f'idejn l-Ombudsmen u l-i*staff* tagħhom fl-Ewropa li jagħtihom iċ-ċans li flimkien jiddiskutu suġġetti ta' interess komuni, jikkonsultaw dokumenti bejniethom u jagħmlu mistoqsijiet lill-kollegi tagħhom f'pajjiżi oħrajn.

### *Nilħaq iċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni – dawk qodma u dawk ġodda*

Mit-tliet prijoritajiet li poġġejt quddiemi meta ħadt il-kariga, x'aktarx l-iżjed prijorità li tidher kienet it-tisħiħ tal-metodi ta' komunikazzjoni ta' l-Ombudsman u l-inizjattivi li bihom inwassal il-ħidma ta' l-istituzzjoni lill-poplu. Fl-aħħar ta' Mejju, għedt li se nżur l-għaxar pajjiżi applikanti kollha sakemm jiġu biex jissieħbu u li se nżur kemm nista' mill-iStati Membri biex ninforma ċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom, fosthom id-dritt li jibagħtu lment għand l-Ombudsman Ewropew. Sitt ġimgħat wara, bdejt l-ewwel parti mill-mawra biex inwassal din l-informazzjoni u sa l-aħħar tas-sena kont wassalt il-messaġġ mill-Irlanda fil-Punent ta' l-Ewropa sa l-Estonja fil-Lvant u mill-Finlandja fit-Tramuntana sa Malta fin-Nofsinhar ta' l-Ewropa, u b'kollox żort sittax-il pajjiż – 11 li ġa huma membri u 5 li se jsiru fil-gejjieni.

Kif jiġri f'kull uffiċċju ta' l-Ombudsman, numru kbir mill-ilmenti li jaslu għand l-Ombudsman Ewropew ikunu lil hinn mill-mandat tiegħu. Fil-każ ta' l-Ombudsman Ewropew ħaġa bħal din kważi li sseħħ ta' bilfors meta tikkunsidra li numru żgħir biss miċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea għandhom għalfejn ikollhom kuntatt dirett ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej, li l-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew hu limitat għalihom. Meta tikkunsidra li ċ-ċittadini tal-pajjiżi applikanti qed jistennew ħafna mill-Unjoni, jista' jagħti l-każ li l-ilmenti jiżdiedu. Minħabba f'hekk ippruvajt nintensifika l-isforzi ta' l-uffiċċju tiegħi biex inressaq l-informazzjoni dwar servizzi ta' l-uffiċċju ta' l-Ombudsman lil dawk li naħseb li jistgħu jużaw dawn is-servizzi.

Mod kif ippruvajt inwettaq dan kien permezz ta' kooperazjoni ma' l-istituzzjonijiet u l-korpi nfushom. Ipproponejt lill-Kummissjoni li għandha sistematikament twassal informazzjoni lil dawk li japplikaw biex jieħdu, u lil dawk li jingħataw, għotjiet u sussidji biex isiru jafu dwar il-possibbiltà li jressqu lment quddiem l-Ombudsman Ewropew dwar każijiet ta' amministrazzjoni ħażina. Il-Kummissjoni wieġbet b'mod pożittiv għal dan is-suġġeriment u wiegħdet li se tieħu azzjoni biex twettaq is-suġġeriment tiegħi li, la darba jiġi adottat, jimxi ma' provvediment simili dwar ċittadini li jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet għal reklutaġġ f'istituzzjonijiet u korpi Ewropej.

Ħdimt ukoll bl-istess entużjażmu biex nilħaq lil dawk li jista' jkollhom xi lmenti f'diskorsi li agħmilt f'*seminars*, laqgħat u konferenzi. Organizzazzjonijiet mhux governattivi, kmamar tal-kummerċ, dipartimenti tal-ligi u ta' l-amministrazzjoni pubblika fil-qasam akkademiku u gruppi oħra li għandhom interess f'dawn l-oqsma tawni l-opportunità li nippreżenta x-xogħol tiegħi u wara xerrdu l-informazzjoni lill-membri l-oħra. B'dan il-mod nispera li ċittadini u organizzazzjonijiet li għandhom xi problema ma' l-amministrazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea jsiru jafu dejjem aktar dwar is-servizz li joffri l-Ombudsman.

### Konklużjoni

Kollox ma' kollox, l-2003 kienet sena ta' bidla għall-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew. Nemmen li issa jeżistu pedamenti sodi li fuqhom l-istituzzjoni tista' tgħaddi mill-fażi tal-bidu tagħha ta' meta twaqqfet, meta tmexxiet tajjeb ħafna mill-predeċessur tiegħi, lejn perjodu li fih tissaħħaħ waqt li fl-istess ħin tikber. F'dan il-mument kritiku fl-iżvilupp ta' l-Unjoni, jixraq li l-Ombudsman ifittex il-ħin kollu toroq ġodda kif iservi ċ-ċittadini, kif jinfurmahom dwar id-drittijiet tagħhom u kif jagħtihom

aktar saħħa permezz ta' rispett akbar lejn id-dritt tal-liġi, ġlieda kontinwa kontra amministrazzjoni ħażina u ħarsien viġilanti tad-drittijiet tal-bniedem.

Naf sew bid-daqs tal-ħidma li għandi quddiemi imma nittama li nilqa' l-isfida b'enerġija, b'entużjażmu u b'sens profond tar-responsabbiltajiet u t-toqol li dan kollu jġib miegħu. Jien dejjem inżomm quddiem għajnejja li l-Ombudsman m'għandux biss obbligu legali iżda wkoll obbligu morali lejn iċ-ċittadini u b'hekk ikun qed jagħti sehemu biex titjieb il-kwalità tad-demokrazija f'Unjoni Ewropea li qed tikber.

P. Nikiforos Diamandouros

Ġabra fil-qosor

1 Introduzzjoni

2 Ilmenti lill-Ombudsman

3 Deċiżjonijiet wara li saret investigazzjoni

4 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea

5 Relazzjonijiet ma' Ombudsmen u korpi simili

6 Relazzjonijiet pubbliċi

Annessi

L-aktar xogħol importanti ta' l-Ombudsman Ewropew huwa li jistħarreġ każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fil-ħidma ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej, bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim Istanza waqt il-qadi tal-funzjoni ġuridika tagħhom. Atti li jistgħu jkunu ta' amministrazzjoni żbaljata jaslu għand l-Ombudsman l-aktar permezz ta' l-ilmenti li jagħmlu ċ-ċittadini Ewropej. l-Ombudsman jista' ukoll imexxi stħarriġ fuq inizjattiva tiegħu stess.

Kull ċittadin Ewropew, jew kull bniedem ieħor li mhux ċittadin Ewropew li jgħix fi Stat Membru, jista' jagħmel ilment għand l-Ombudsman. Negozji, assoċjazzjonijiet u korpi oħrajn b'uffiċċju rreġistrat fl-Unjoni jistgħu wkoll jibagħtu lment. l-ilmenti jistgħu jsiru kemm direttament lill-Ombudsman jew permezz ta' Membru tal-Parlament Ewropew.

L-Ombudsman jagħmel ħiltu biex jiżgura li kull min jista' jkollu xi raġuni għalfejn jilmenta jkollu wkoll it-taghrif dwar id-dritt tiegħu li jagħmel dan kif ukoll dwar kif għandu jħaddem dan id-dritt. Barra l-programm ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman li hu immirat lejn setturi partikolari, il-kooperazzjoni ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi nfushom għandha importanza kbira biex dan l-għan jintlaħaq.

Sistematikament il-Kummissjoni Ewropea tgħarraf lil dawk li jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet biex jintgħażlu l-ħaddiema, lil dawk li japplikaw biex ikollhom aċċess għal dokumenti u lil dawk li jirrikorru lejha bħala l-għassiesa tat-Trattati dwar id-dritt tagħhom li jibagħtu lment lill-Ombudsman Ewropew. F'ittra mibgħuta lill-Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea, is-sinjura Loyola de PALACIO, fis-27 ta' Mejju 2003, l-Ombudsman issuġġerixxa li l-Kummissjoni għandha tara wkoll jekk għandhiex tagħti l-istess tagħrif lil dawk li japplikaw biex jieħdu, u lil dawk li jieħdu, għotjiet u sussidji. B'ittra tas-27 ta' Ottubru 2003, is-sinjura de PALACIO infurmat lill-Ombudsman li l-Kummissjoni ddeċidiet li tieħu azzjoni biex twettaq il-proposta ta' l-Ombudsman, u kellha tibda minn għotjiet u sussidji speċifiċi koperti b'Komunikazzjoni reċenti tal-Kummissjoni.[2]

L-istħarriġ fuq l-ilmenti li jaslu għand l-Ombudsman isir b'mod miftuħ sakemm min jagħmel l-ilment ma jitlobx il-kunfidenzjalità. Huwa importanti li l-Ombdsman iġib ruħu b'mod miftuħ kemm jista' jkun, biex ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jsegwu u jifhmu x-xogħol tiegħu u biex hu jagħti eżempju tajjeb lil ħaddieħor.

Matul l-2003 l-Ombudsman ħadem fuq 2611-il każ. Minn dawn, 2436 kienu ilmenti ġodda li waslulu fl-2003. l-ilmenti ntbagħtu direttament minn ċittadini f'2268 każ waqt li 168 ilment ġew minn kumpaniji jew assoċjazzjonijiet. In-numru ta' ilmenti li nġiebu mill-2002 kien ta' 170. l-Ombudsman beda wkoll ħames investigazzjonijiet fuq inizjattiva tiegħu stess.

Kif deher fir-Rapport Annwali ta' l-Ombudsman ta' l-1995, hemm qbil bejn il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Ombudsman dwar it-trasferiment reċiproku ta' ilmenti u petizzjonijiet f'każijiet fejn hu xieraq li jsir hekk. Matul l-2003 sitt ilmenti ġew trasferiti b'dan il-mod bil-kunsens ta' min kien qed jagħmilhom, lill-Parlament Ewropew biex jiġu trattati bħala petizzjonijiet. F'143 każ l-Ombudsman ta parir lill-ilmentatur li għandu jibgħat petizzjoni lill-Parlament Ewropew (Ara Anness A, Statistika).

2 Komunikazzjoni dwar proposta fuq atti bażiċi għal għotjiet li bħalissa jinsabu koperti mill-awtonomija amministrattiva tal-Kummissjoni jew prerogattivi istituzzjonali (COM(2003)274 final).

# 2.1 IL-BAŻI LEGALI TAX-XOGĦOL TA' L-OMBUDSMAN

Ix-xogħol ta' l-Ombudsman hu regolat b'Artikolu 195 tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, l-iStatut ta' l-Ombudsman[3] kif ukoll id-dispożizzjonijiet implimentattivi adottati mill-Ombudsman taħt Artikolu 14 ta' l-iStatut. Id-dispożizzjonijiet implimentattivi u l-iStatut ta' l-Ombudsman jidhru fuq il-*website* ta' l-Ombudsman (http://www.euro.Ombudsman.eu.int) bil-lingwi uffiċjali kollha. Dawn id-dokumenti ġew ukoll stampati u kopja tagħhom tinkiseb mill-uffiċċju ta' l-Ombudsman.

Id-dispożizzjonijiet implimentattivi huma dwar l-operat intern ta' l-uffiċċju ta' l-Ombudsman. Madankollu, sabiex dawn jiffurmaw dokument li jista' jiftiehem u li jkun utli għaċ-ċittadini, dawn jinkludu wkoll ċertu tagħrif li għandu x'jaqsam ma' istituzzjonijiet u korpi oħra li ġa jinsab fl-iStatut ta' l-Ombudsman.

Fid-dawl ta' l-esperjenza ta' l-operat ta' l-uffiċċju tiegħu, l-Ombudsman beda diġà dispożizzjonijiet implimentattivi ġodda fit-8 ta' Lulju 2002 li daħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2003. Id-dispożizzjonijiet implimentattivi ġodda jinsabu bil-lingwi uffiċjali kollha fuq il-*website* ta' l-Ombudsman. l-avviż dwar dan kien ippubblikat fl-*Official Journal* fid-19 ta' Ottubru 2002 (*OJ* C 252/24).

# 2.2 IL-MANDAT TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

Kull ilment li jintbagħat lill-Ombudsman jiġi reġistrat u tintbagħat ittra ta' għarfien. Din l-ittra tgħarraf lill-ilmentatur (il-persuna li tkun bagħtet l-ilment) dwar il-proċedura li se tkun użata waqt l-ilment tiegħu jew tagħha jkun qed jiġi ikkunsidrat u tinkludi l-isem u n-numru tat-telefon ta' l-uffiċjal legali li jkun qed jieħu ħsieb il-każ. Il-pass li jmiss hu li jiġi kkunsidrat jekk l-ilment jaqax taħt il-mandat ta' l-Ombudsman.

Il-mandat ta' l-Ombudsman, stabbilit b'Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE, jagħtih il-poter li jirċievi lmenti minn kull ċittadin ta' l-Unjoni jew minn kull persuna naturali jew legali li toqgħod jew għandha uffiċċju reġistrat fi Stat Membru, dwar każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji bl-eċċezzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti tal-Prim Istanza waqt il-qadi tal-funzjoni ġuridika tagħhom. Għaldaqstant, ilment ma jaqax taħt il-mandat ta' l-Ombudsman jekk:

1 l-ilmentatur mhux persuna li hi intitolata li tagħmel ilment (iżda ara wkoll 2.8.4 hawn isfel)

2 l-ilment mhux kontra istituzzjoni jew korp Ewropew

3 l-ilment hu kontra l-Qorti tal-Ġustizzja jew il-Qorti tal-Prim Istanza waqt il-qadi tal-funzjoni ġuridika tagħhom, jew

4 ma jirrigwardax każ ta' amministrazzjoni li setgħet kienet ħażina.

[3] Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew 94/262 tad-9 ta' Marzu 1994 dwar regolamenti u kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman, OJ 1994, L 113/15.

**Eżempju ta' ilment li ma waqax taħt il-mandat ta' l-Ombudsman**

**MEWT TA' IMMIGRANTI ILLEGALI F'IBĦRA SPANJOLI**

L-Ombudsman Ewropew irċeva numru kbir ta' ilmenti minn ċittadini dwar il-mewt ta' immigranti illegali li kienu qegħdin jiġu ttrasportati illegalment mill-kosta ta' l-Afrika ta' Fuq lejn in-nofs in-nhar ta' Spanja. l-ilmenti kienu l-aktar dwar ir-responsabbiltà tal-gvern Spanjol u l-gvern Marokkin għall-imwiet li ġraw wara din l-immigrazzjoni illegali. Huma taw il-fehma tagħhom li dawn l-awtoritajiet u, b'konsegwenza, l-Unjoni Ewropea, għandhom jeżaminaw il-problema ta' immigrazzjoni illegali u jieħdu l-miżuri meħtieġa.

L-Ombudsman Ewropew jistħarreġ ilmenti dwar amministrazzjoni ħażina minn istituzzjonijiet u korpi fil-Komunità Ewropea. Ma jistax jidħol f'ilmenti li għandhom x'jaqsmu ma' amministrazzjoni nazzjonali, reġjonali jew lokali ta' l-iStati Membri. Ilmenti dwar il-ħtieġa ta' leġislazzjoni Komunitarja, jew jekk leġislazzjoni bħal din hijiex tajba jew le, ma jaqgħux taħt il-kompetenza ta' l-Ombudsman.

Għalhekk l-Ombudsman ta parir lil dawk li ressqu lment sabiex huma jirrikorru għand l-Ombudsman nazzjonali Spanjol dwar dak li għandu x'jaqsam ma' l-amministrazzjoni Spanjola. Rigward il-proposta ta' l-ilmentaturi li l-Unjoni Ewropea għandha tieħu pożizzjoni, dawn sarilhom suġġeriment li jagħmlu petizzjoni lill-Parlament Ewropew, li għandu poteri kemm investigattivi kif ukoll leġislattivi li jistgħu jintużaw f'dan ir-rigward.

## 2.2.1 "Amministrazzjoni Ħażina"

B'risposta għal talba mill-Parlament Ewropew biex tingħata definizzjoni ċara ta' amministrazzjoni ħażina, l-Ombudsman ħareġ b'din id-definizzjoni fir-Rapport Annwali ta' l-1997:

*Amministrazzjoni ħażina sseħħ meta agenzija pubblika ma timxix ma' regola jew prinċipju li tkun marbuta biha.*

Fl-1998 il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni li laqgħet din id-definizzjoni.

Matul l-1999 kien hemm bdil ta' ittri bejn l-Ombudsman u l-Kummissjoni fejn deher ċar li l-Kummissjoni qablet ma' din id-definizzjoni.

## 2.2.2 Il-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba

### *L-oriġini ta' dan il-Kodiċi*

F'Novembru 1998 l-Ombudsman, fuq inizjattiva tiegħu stess, beda investigazzjoni dwar jekk kienx hemm u dwar kemm kien aċċessibbli għall-pubbliku, għall-istituzzjonijiet u l-korpi differenti tal-Komunità, Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba għall-uffiċjali fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku. F'din l-inizjattiva li wettaq minn jeddu, l-Ombudsman staqsa lil dsatax-il korp u istituzzjoni tal-Komunità jekk huma kinux ġa bdew iħaddmu, jew jekk kinux jaqblu li jħaddmu, Kodiċi bħal dan biex jiggwidaw l-uffiċjali tagħhom fir-relazzjonijiet li jkollhom mal-pubbliku.

Fit-28 ta' Lulju 1999, l-Ombudsman ippropona Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba taħt il-forma ta' abbozz ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet simili saru wkoll lill-istituzzjonijiet u lill-korpi l-oħra f'Settembru ta' l-1999.

### *Id-Dritt għal Amministrazzjoni Tajba fiċ-Charter tad-Drittijiet Fondamentali*

Fit-2 ta' Frar tas-sena 2000, fi smigħ pubbliku organizzat mill-Konvenzjoni responsabbli biex tfassal abbozz taċ-Charter tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea, l-Ombudsman Ewropew talab li ċ-Charter tinkludi d-dritt għal amministrazzjoni tajba bħala dritt fondamentali.

Fis-7 ta' Diċembru 2000, il-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni pproklamaw iċ-Charter tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea f'laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Nizza. Iċ-Charter tinkludi d-dritt għal amministrazzjoni tajba bħala Artikolu 41.

### *Lejn liġi amministrattiva Ewropea*

Fis-6 ta' Settembru 2001, il-Parlament Ewropew addotta riżoluzzjoni li approvat il-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba li istituzzjonijiet u korpi ta' l-Unjoni Ewropea, l-amministrazzjonijiet u l-uffiċjali tagħhom għandhom jirrispettaw fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament fuq il-Kodiċi hi bbażata fuq il-Kodiċi ta' l-Ombudsman tat-28 ta' Lulju 1999 b'xi tibdil li daħħal is-Sur Roy PERRY li kien *rapporteur* għall-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Fl-istess ħin li approva l-Kodiċi, il-Parlament Ewropew addotta wkoll riżoluzzjoni li talbet li l-Ombudsman Ewropew japplikaha waqt li jkun qed jeżamina jekk kienx hemm amministrazzjoni ħażina, sabiex jibda jitwettaq id-dritt taċ-ċittadini għal amministrazzjoni tajba li hemm f'Artikolu 41 taċ-Charter tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-UE.

Għalhekk l-Ombudsman japplika d-definizzjoni ta' amministrazzjoni ħażina biex iħares ir-regoli u l-prinċipji li hemm fil-Kodiċi.

Wara suġġeriment li sar fil-bidu mis-Sur Jean-Maurice DEHOUSSE, *rapporteur* għall-Kumitat Dwar Affarijiet Legali u s-Suq Intern, ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Settembru 2001 dwar il-Kodiċi talbet ukoll lill-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi Regolament li jinkludi l-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba li jkun ibbażat fuq l-Artikolu 308 tat-Trattat li waqqaf il-Komunità Ewropea.

Fil-25 ta' Settembru 2003, f'diskussjoni fil-Parlament Ewropew dwar ir-Rapport Annwali ta' l-Ombudsman ta' l-2002, is-Sinjura De PALACIO, Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea, tkellmet dwar il-fatt li l-abbozz tal-Kostituzzjoni Ewropea jinkludi bażi legali għal liġi fil-ġejjieni dwar amministrazzjoni tajba li għandha tiġi applikata b'mod konsistenti fl-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni.

F'ittra indirizzata lill-President PRODI fl-24 ta' Novembru 2003, l-Ombudsman Ewropew ħareġ bis-suġġeriment li immedjatament għandu jibda xogħol preparatorju sabiex jiġi assigurat li, kemm jista' jkun malajr fil-ġejjieni wara li tibda tapplika l-Kostituzzjoni, tiġi adottata din il-liġi.

## 2.3 L-AMMISSIBILTÀ TA' L-ILMENTI

Ilment li jaqa' taħt il-mandat ta' l-Ombudsman irid ikun konformi ma' kriterji oħra ta' ammissibilità qabel l-Ombudsman ikun jista' jibda l-istħarriġ tiegħu fuqu. Il-kriterji li jinsabu fl-iStatut ta' l-Ombudsman huma dawn:

1 iridu jkunu identifikati l-awtur u l-oġġett ta' l-ilment (Art. 2.3 ta' l-iStatut)

2 l-Ombudsman ma jistax jidħol f'każijiet li jinsabu quddiem il-qrati jew jindaga dwar jekk deċiżjonijiet tal-qrati humiex f'lokhom (Art. 1.3)

3 l-ilment għandu jsir fi żmien sentejn mid-data li fiha l-ilmentatur ikun sar jaf bil-fatti li fuqhom hu bbażat l-ilment (Art. 2.4)

4 qabel iressaq l-ilment, l-ilmentatur irid ikun irrikorra għand l-amministrazzjoni ta' l-istituzzjoni jew korp konċernat (Art. 2.4)

5 f'każ ta' ilmenti dwar relazzjonijiet ta' xogħol bejn istituzzjonijiet u korpi u l-uffiċjali u l-ħaddiema tagħhom, qabel jitressaq l-ilment iridu jkunu ġew eżawriti sa l-aħħar il-miżuri interni kollha li permezz tagħhom talbiet u ilmenti amministrattivi jistgħu jiġu ikkunsidrati (Art. 2.8).

**Eżempju ta' ilment fejn ma ttiħdux il-mizuri amministrattivi li kienu meħtieġa u li suppost kellhom isiru qabel**

Ċittadin mir-Renju Unit ressaq ilment kontra l-Parlament Ewropew għax ma setax isib fuq il-*website* tal-Parlament l-isem u d-dettalji tal-Membru Parlamentari Ewropew li jirrappreżentah.

L-Uffiċċju ta' l-Ombudsman mill-ewwel bagħatlu, permezz ta' *e-mail*, kuntatt mal-paġna fuq il-*website* ta' l-Uffiċċju fir-Renju Unit tal-Parlament Ewropew li fih it-tagħrif kollu relevanti dwar il-Membri tal-Parlament Ewropew f'isem ir-Renju Unit.

L-ilmentatur irringrazzja lill-uffiċċju ta' l-Ombudsman għal dan it-taghrif u qal li lest jirtira l-ilment tiegħu jekk minn tfittix li jsir fuq il-*website* tal-Parlament Ewropew wieħed ikun jista' jibda jsib din it-tip ta' informazzjoni.

L-Ombudsman deherlu li jkun xieraq li l-ilmentatur iressaq l-ilment tiegħu direttament lill-*webmaster* li hu responsabbli mill-*website* tal-Parlament Ewropew. Min kien ressaq dan l-ilment ġie mgħarraf b'din il-fehma.

*Każ 761/2003/FA*

## 2.4 BAŻI GĦALL-INVESTIGAZZJONIJIET

L-Ombudsman jista' jqis l-ilmenti li jaqgħu taħt il-mandat tiegħu u li fl-istess ħin huma skond il-kriterji li taħthom l-ilmenti jistgħu jintlaqgħu. Skond Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE hu jista' "jmexxi stħarriġ fejn isib li hemm bażi". F'xi każijiet, jista' ma jkunx hemm bażi biżżejjed b'saħħtu biex l-Ombudsman jibda investigazzjoni minkejja li l-ilment ikun ammissibbli. Jekk l-ilment ikun ġa ġie kkunsidrat bħala petizzjoni mill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, l-Ombudsman normalment iqis li m'hemmx raġuni soda biżżejjed għalih biex jiftaħ investigazzjoni sakemm ma titressaqx xhieda ġdida.

**Eżempju ta' każ fejn ma kienx hemm bażi għal investigazzjoni**

Koppja Ġermaniża ilmentat li huma kienu sofrew diżabilità wara inċident serju. Huma dehrilhom li kienu ġew ittrattati b'mod inġust mill-assigurazzjoni tas-sigurtà soċjali u qalu li kienu intitolati għal aktar trattament.

Huma irrikorrew, mingħajr suċċess, għand diversi ministeri Ġermaniżi u awtoritajiet oħra, għand qrati Ġermaniżi, għand il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ġermaniż (*Bundestag*) u għand il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, fejn huma kienu rrikorrew ukoll, infurmahom li ma kellux il-kompetenza neċessarja biex jittratta l-każ tagħhom għaliex l-ilment ma kellux x'jaqsam ma' xi ħaġa li hi marbuta ma' l-UE. Huma resqu wkoll għand il-Kummissjoni li permezz ta' żewġ ittri infurmathom li ma kinitx f'pożizzjoni li tgħinhom.

Fl-ilment tagħhom lill-Ombudsman Ewropew huma ħaduha kontra d-deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u kontra t-tweġibiet tal-Kummissjoni.

L-Ombudsman deherlu li l-ilment kontra d-deċiżjoni tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet ma kellux x'jaqsam ma' każ ta' amministrazzjoni ħażina, għaliex ix-xogħol ta' dak il-Kumitat hu parti mill-attività politika tal-Parlament Ewropew.

Fejn kellha x'taqsam il-Kummissjoni, l-Ombudsman deherlu li l-pożizzjoni li ħadet kienet raġonevoli u li għaldaqstant ma kienx hemm bażi għal investigazzjoni.

Każ 526/2003/GG

## 2.5 ANALIŻI TA' L-ILMENTI

Minn 13 533 ilment li kienu reġistrati mill-bidu ta' l-attività ta' l-Ombudsman, 17% ġew mill-Ġermanja, 14% minn Spanja, 13% minn Franza, 10% mill-Italja u 7% mir-Renju Unit. Analiżi sħiħa ta' l-oriġini ġeografika ta' l-ilmenti reġistrati fl-2003 tidher f'Anness A, Statistika.

Matul l-2003 ix-xogħol biex jiġi eżaminat jekk l-ilmenti kinux jaqgħu taħt il-mandat ta' l-Ombudsman jew le, jekk jilħqux il-kriterji ta' ammissibiltà u jekk kienx hemm raġuni biżżejjed li fuqha tista' tinfetaħ investigazzjoni, twettaq f'95% tal-każi. Mill-ilmenti kollha li ġew eżaminati, 25% minnhom dehru li kienu jaqgħu taħt il-mandat ta' l-Ombudsman. Minn dawn, 338 kienu jissodisfaw il-kriterji ta' ammissibiltà iżda f'90 minnhom ma kienx jidher li kien hemm bażi għal investigazzjoni. Għalhekk kien hemm 248 każ fejn inbeda l-istħarriġ.

Ħafna mill-ilmenti li wasslu għal investigazzjoni kienu kontra l-Kummissjoni Ewropea (66%). Peress li l-Kummissjoni hi l-korp ewlieni tal-Komunità li tieħu deċiżjonijiet li jolqtu direttament liċ-ċittadini, hu normali li hi tkun l-oġġett prinċipali ta' l-ilmenti taċ-ċittadini. Kien hemm 29 ilment kontra l-Parlament Ewropew, 25 kontra l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla ta' l-Impjegati (EPSO) u 11-l-ilment kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

L-allegazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina saru l-aktar dwar nuqqas ta' trasparenza (90 każ), nuqqas ta' bilanċ jew abbuż ta' poter (48 każ), diskriminazzjoni (39 każ), proċeduri mhux sodisfaċenti (33 każ), dewmien li seta' jiġi evitat (33 każ), negliġenza (16-il każ), nuqqas biex jiġi żgurat li jitwettqu l-obbligi, jiġifieri nuqqas mill-Kummissjoni Ewropea li twettaq l-obbligu tagħha li tkun l-"Għassies tat-Trattati" fil-konfront ta' l-iStati Membri (15-il każ), u żbalji legali (15-il każ).

# 2.6 PARIR BIEX ISIR KUNTATT MA' KORPI OĦRA U TRASFERIMENTI

Jekk ilment ma jaqax taħt il-mandat tiegħu jew ma jistax jintlaqa', l-Ombudsman dejjem jipprova jagħti parir lil min ressaq l-ilment dwar xi korp ieħor li jista' jikkunsidra l-ilment. Jekk ikun possibbli, l-Ombudsman jibgħat l-ilment direttament lil xi korp ieħor li jkun kompetenti bil-kunsens ta' min ikun għamel l-ilment, dejjem jekk jidher li hemm bażi fuq x'hix l-ilment jista' jsir.

Matul l-2003, ingħata parir f'1289 każ, li bosta minnhom kienu jinvolvu suġġetti li jaqgħu taħt il-liġi Komunitarja. F'616-il każ, l-ilmentatur ingħata parir li jressaq l-ilment għand l-Ombudsman nazzjonali jew reġjonali jew korp simili. l-Ombudsman ta parir lil 143 ilmentatur biex iressqu petizzjoni quddiem il-Parlament Ewropew u, barra dan, sitt ilmenti ġew trasferiti lill-Parlament Ewropew, bil-kunsens ta' min kien ilmenta, biex jiġu ttrattati bħala petizzjonijiet, 7 każi ġew trasferiti lill-Kummissjoni Ewropea u 25 każ ġew trasferiti lill-Ombudsman nazzjonali jew reġjonali. F'189 każ, ingħata parir biex dak li jkun jagħmel kuntatt mal-Kummissjoni Ewropea. Din il-figura tinkludi xi każijiet fejn ilment kontra l-Kummissjoni ġie dikjarat li ma kienx ammissibbli minħabba li ma kinux saru il-miżuri amministrattivi kif suppost quddiem il-Kummissjoni. F'341 każ, l-ilmentatur ingħata parir jagħmel kuntatt ma' korpi oħra.

**Eżempju ta' każ li ġie trasferit lil xi istituzzjoni jew korp ieħor**

F'Marzu 2003 s-Sur A. ilmenta ma' l-Ombudsman Ewropew dwar li l-bank tiegħu naqas li jroddlu lura somma ta' flus li nġibdet bi żball mill-kont tiegħu.

Ladarba l-ilment ma kienx kontra istituzzjoni jew korp tal-Komunità, l-Ombudsman Ewropew ma setax jinvestigah hu. Għaldaqstant hu ittrasferixxa l-każ lill-Ombudsman bankarju Taljan, istituzzjoni li tieħu ħsieb tilwim bejn banek u l-klijenti tagħhom. l-ilmentatur ġie mgħarraf b'dan.

F'April 2003, l-Ombudsman bankarju Taljan għarraf lil Ombudsman Ewropew li l-każ kien instab tarfu u li l-ilmentatur kien ingħata sodisfazzjon sħiħ.

Każ 427/2003/IP

# 2.7 IL-POTERI INVESTIGATTIVI TA' L-OMBUDSMAN

## 2.7.1 Is-smigħ tax-xhieda

Skond Artikolu 3.2 ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman:

*"Uffiċjali jew ħaddiema oħra ta' istituzzjonijiet u korpi fil-Komunità għandhom jixhdu jekk jintalbu biex jagħmlu hekk mill-Ombudsman; għandhom jitkellmu f'isem u skond l-istruzzjonijiet li jingħataw mill-amministrazzjonijiet tagħhom u jibqgħu marbutin bid-dmir tagħhom ta' sigriet professjonali".*

Il-proċedura ġenerali li tiġi segwita fis-smigħ tax-xhieda hi din:

1 Id-data, ħin u post fejn se tingħata x-xhieda bil-fomm jiġu miftiehma bejn is-servizzi ta' l-Ombudsman u s-Segretarjat Ġenerali, li tgħarraf ix-xhud/xhieda. Xhieda bil-fomm tittieħed fl-uffiċċju ta' l-Ombudsman, ġeneralment fi Brussell.

2 Kull xhud jinstema' waħdu u ma jkunx akkumpanjat.

3 Is-servizzi ta' l-Ombudsman u s-Segretarjat Ġenerali jaqblu dwar il-lingwa jew lingwi għal waqt il-proċeduri. Jekk ikun hemm xhud li jitlob dan bil-quddiem, il-proċeduri jinstemgħu fil-lingwa tiegħu stess.

4 Il-mistoqsijiet u t-tweġibiet ikunu rrekordjati u traskritti mis-servizzi ta' l-Ombudsman.

5 It-traskrizzjoni tintbagħat lix-xhud biex jiffirmaha. Ix-xhud jista' jitlob tibdiliet lingwistiċi fit-tweġibiet. Jekk ix-xhud jixtieq jikkoreġi jew iżid xi ħaġa mat-tweġiba, it-tweġiba kkoreġuta u r-raġunijiet għaliha għandhom jidhru f'dokument separat li jiġi mehmuz mat-traskrizzjoni.

6 It-traskrizzjoni ffirmata, flimkien ma' xi anness, jiffurmaw parti mill-file ta' l-Ombudsman dwar il-każ.

Punt 6 jimplika wkoll li l-ilmentatur jirċievi kopja tat-traskrizzjoni ffirmata u għandu l-opportunità li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu.

Matul l-2003, il-poter ta' l-Ombudsman li jisma' x-xhieda ġie użat biss f'każ wieħed (1889/2002/GG).

## 2.7.2 Spezzjoni ta' dokumenti

Matul l-2003, il-poter ta' l-Ombudsman li jispezzjona *files* u dokumenti relatati ma' investigazzjoni ntuża 10 darbiet.

Skond Artikolu 3.2 ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman:

*"L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità għandhom l-obbligu li jgħaddu lill-Ombudsman it-tagħrif kollu li hu jitlob minn għandhom u li jagħtuh aċċess għall-files konċernati. Dawn jistgħu jirrifjutaw biss fuq bażi ta' segretezza li jkun hemm raġunijiet sodi warajha.*

*Huma għandhom jagħtuh aċċess għal dokumenti li joriġinaw fi Stat Membru u li jkunu klassifikati bħala sigrieti bis-saħħa tal-liġi jew ta' regolament biss fejn dak l-iStat Membru jagħti l-kunsens tiegħu minn qabel.*

*Huma għandhom jagħtuh aċċess għal dokumenti oħrajn li joriġinaw fi Stat Membru wara li jkunu nfurmaw lill-iStat Membru konċernat."*

L-istruzzjonijiet ta' l-Ombudsman lill-i*staff* tiegħu dwar fejn jidħlu spezzjonijiet ta' dokumenti jinkludu dawn il-punti:

*L-uffiċjal legali m'għandu jiffirma ebda forma ta' obbligu jew ittra ta' għarfien għajr għal lista sempliċi tad-dokumenti spezzjonati jew ikkupjati. Jekk is-servizzi ta' l-istituzzjoni konċernata jagħmlu proposta ta' din ix-xorta, l-uffiċjal legali għandu jgħaddi kopja tagħha lill-Ombudsman.*

*Jekk is-servizzi ta' l-istituzzjoni konċernata jippruvaw iwaqqfu jew ipoġġu xi kundizzjonijiet irraġonevoli fuq l-ispezzjoni ta' xi dokumenti, l-uffiċjal legali għandu jinfurmahom li aġir bħal dan hu meqjus bħala rifjut.*

*Jekk l-ispezzjoni ta' kwalunkwe dokument tiġi miċħuda, l-uffiċjal legali jistaqsi lis-servizzi ta' l-istituzzjoni jew korp konċernat biex jgħidulu r-raġunijiet li fuqhom dan ir-rifjut hu bbażat.*

L-ewwel punt hawn fuq ġie miżjud wara każ fejn is-servizzi tal-Kummissjoni ipproponew li l-i*staff* ta' l-Ombudsman jiffirmaw dikjarazzjoni fejn jintrabtu li jagħmlu tajjeb f'isem il-Kummissjoni għal kull ħsara li setgħet tiġri lil terzi persuni jekk it-tagħrif li jidher fid-dokument kellu jinfirex.

# 2.8 STĦARRIĠ MILL-OMBUDSMAN U R-RIŻULTAT TA' DAN L-ISTĦARRIĠ

## 2.8.1 Investigazzjonijiet li jsiru wara lment

Meta l-Ombudsman jiddeċiedi li jibda jinvestiga lment, l-ewwel pass li jieħu hu li jibgħat l-ilment u xi annessi li jkun hemm miegħu lill-istituzzjoni jew lill-korp tal-Komunità li jkollu x'jaqsam biex jagħti l-opinjoni tiegħu. Meta tasal l-opinjoni, din tintbagħat lill-ilmentatur biex jagħmel l-osservazjonijiet tiegħu fuqha.

F'xi każi, l-istituzzjoni jew il-korp innifsu jieħdu passi biex isolvu l-każ skond ix-xewqa ta' l-ilmentatur. Jekk l-opinjoni u l-osservazzjonijiet juru li l-każ wasal f'dan il-punt, allura l-każ jingħalaq bħala wieħed li ġie "riżolt mill-istituzzjoni". F'xi każi oħra, l-ilmentatur jagħżel li jwaqqaf l-ilment u għal din ir-raġuni, il-file jingħalaq.

Jekk l-ilment ma jiġix riżolt mill-istituzzjoni jew ma jitwaqqafx mill-ilmentatur, l-Ombudsman ikompli bl-istħarriġ tiegħu. Jekk l-istħarriġ ma jurix li kien hemm każ ta' amministrazzjoni ħażina, l-ilmentatur u l-istituzzjoni jew korp jiġu infurmati b'dan u l-każ jingħalaq.

## 2.8.2 Soluzzjonijiet ta' ħbiberija u kumpens

Waħda mill-karatteristiċi li tagħraf l-Ombudsman mill-qrati hi l-possibbiltà ta' medjazzjoni. Il-medjazzjoni tista' twassal għal soluzzjoni ta' ħbiberija li tinżel tajjeb kemm ma' l-ilmentatur kif ukoll ma' l-istituzzjoni li dwarha jkun sar l-ilment.

Meta l-isħarriġ ta' l-Ombudsman Ewropew jikxef każ ta' amministrazzjoni ħażina, hu jipprova jfittex soluzzjoni ta' ħbiberija jekk din hi xi ħaġa li tista' issir. F'xi każi dan ifisser li jsir suġġeriment lill-istituzzjoni jew korp konċernat biex jagħmlu offerta ta' kumpens lill-ilmentatur. Kull offerta bħal din minn istituzzjoni ssir *ex gratia*, jiġifieri mingħajr ebda ammissjoni ta' xi responsabbiltà legali u mingħajr ma b'hekk ikun qed jinħoloq preċedent.

## 2.8.3 Rimarki kritiċi, abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet u rapporti speċjali

Jekk soluzzjoni ta' ħbiberija ma tkunx possibbli jew jekk it-tfittix għal soluzzjoni ta' ħbiberija ma tħallix frott, l-Ombudsman jew jagħlaq il-file b'rimarka kritika lill-istituzzjoni jew korp konċernat jew jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni.

Rimarka kritika tkun meqjusa bħala xi ħaġa xierqa f'każijiet fejn l-istituzzjoni konċernata ma tkunx iżjed f'qagħda li twarrab l-att amministrattiv ħażin li jkun sar, l-amministrazzjoni ħażina jidher li ma tkunx ħalliet implikazzjonijiet ġenerali u ma jkunx jidher li hemm il-ħtieġa li l-Ombudsman ikompli jsegwi l-każ.

Fuq suġġeriment li tressaq mill-Parlament Ewropew meta eżamina r-rapport tal-ħidma ta' l-Ombudsman fl-2000, l-Ombudsman waqqaf reġistru ta' rimarki kritiċi li kien ħareġ mill-bidu ta' l-2002 u għarraf lill-istituzzjonijiet u l-korpi Ewropej bil-ħsieb tiegħu li kull tant żmien jitlob tagħrif dwar azzjonijiet li jkunu ħadu l-istituzzjonijiet u l-korpi nfushom fuq dawn ir-rimarki.

F'Jannar ta' l-2003 l-Ombudsman talab lill-Kummissjoni tinfurmah dwar l-iżviluppi li seħħew fuq 21 rimarka kritika li kien ressqilha fl-2002 u li dwarhom kien għadu ma wasallu ebda tagħrif minn

għand il-Kummissjoni. Fit-tweġiba tagħha tas-26 ta' Marzu 2003, il-Kummissjoni wriet is-sogħba tagħha għad-dewmien jew għan-nuqqas ta' tweġibiet li kienu wasslu għal 15 minn dawn ir-rimarki kritiċi. Il-Kummissjoni għarrfet lil Ombudsman li s-servizzi tagħha kienu ġew imfakkra biex japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' imġiba tal-Kummissjoni b'mod strett u tat lista ta' numru ta' oqsma fejn kienet saħħet il-proċeduri interni tagħha biex tevita każijiet ta' amministrazzjoni ħażina simili fil-futur.

F'ilmenti fejn tidher il-ħtieġa li l-Ombudsman ikompli jsegwi l-każ (jiġifieri fejn l-istituzzjoni konċernata setgħet twarrab l-prattiċi ta' amministrazzjoni ħażina jew fejn l-amministrazzjoni ħażina li seħħet kienet partikolarment serja jew għandha konsegwenzi ġenerali), l-Ombudsman jagħmel abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-istituzzjoni jew korp konċernat. Skond Artikolu 3(6) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman, l-istituzzjoni jew korp għandu jibgħat l-opinjoni dettaljata tiegħu fi żmien tliet xhur.

Jekk l-istituzzjoni jew korp tal-Komunità ma jirrispondix b'mod sodisfaċenti għall-abbozz ta' rakkomandazzjoni, skond Artikolu 3(7) l-Ombudsman jista' jibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-istituzzjoni jew korp konċernat. Ir-rapport jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet.



## 2.8.4 Stħarriġ fuq inizjattiva personali

Artikolu 195 tal-KE jagħti wkoll poter lill-Ombudsman li jibda investigazzjoni fuq inizjattiva personali tiegħu stess. Dawn l-investigazzjonijiet fil-parti kbira tagħhom isiru biex jiġu eżaminati problemi sistematiċi, ġeneralment wara sensiela ta' ilmenti. Waħda minn dawn l-investigazzjonijiet (OI/2/2002/IJH – ara kapitlu 3 aktar 'l isfel) wasslet biex il-Kummissjoni bdiet tħaddem proċedura ġdida fl-2003 li permezz tagħha min jieħu sehem f'sejħa għall-offerti iżda ma jirbaħx, jingħata żmien li fih ikun jista' jikkontesta d-deċiżjoni dwar l-għoti tal-kuntratt b'mezzi legali. Il-proċedura l-ġdida tidher fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li ġġib id-data tat-3 ta' Lulju 2003.[4]

Fl-2003 l-Ombudsman fetaħ tlett investigazzjonijiet fuq inizjattiva personali. OI/1/2003 għandha x'taqsam ma' proċeduri li jistgħu jużaw esperti nazzjonali sekondati mal-Kummissjoni biex isolvu kwistjonijiet interni. OI/3/2003 hi dwar l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà, partikolarment dwar miżuri li ttieħdu mill-Kummissjoni Ewropea biex jiżguraw li persuni b'diżabbiltà ma ssirx diskriminazzjoni kontrihom fir-relazzjonijiet tagħhom ma' l-istituzzjoni. OI/5/2003 tirrigwarda l-attività tal-Kummissjoni biex iġġib 'l quddiem l-amministrazzjoni tajba ta' l-Iskejjel Ewropej.

Barra minn dan, il-poter ta' l-Ombudsman li jagħmel investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess jista' jintuża biex isir stħarriġ fuq punti mqajma f'ilmenti minn persuni li m'humiex ċittadini jew residenti. Żewġ investigazzjonijiet ta' din ix-xorta nfetħu fl-2003, li waħda minnhom ingħalqet ukoll matul is-sena.

[4] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni COM(2003)395 final (03.07.03). Proċedura dwar tagħrif lill-kandidati u lil min jixħet offerta, wara li jingħata kuntratt u qabel ma dan il-kuntratt jiġi iffirmat, dwar kuntratti pubbliċi ghall-provvista ta' oġġetti mogħtijin mill-Kummissjoni taħt Artikolu 105 tar-Regolamenti Finanzjarji.

**Eżempju ta' l-użu tal-poter bis-saħħa ta' inizjattiva personali**

Ċittadin Ċiprijott applika biex jieħu sehem f'kompetizzjoni li saret mill-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla ta' l-Impjegati (EPSO) biex titħejja lista ta' riserva ta' assistenti amministraturi Ċiprijotti. Dan iċ-ċittadin ilmenta ma' l-Ombudsman Ewropew li minħabba problemi fis-*server* ta' l-EPSO l-applikanti ma setgħux jirreġistraw elettronikament sa l-aħħar ħin li deher fl-avviż għall-kompetizzjoni.

Minħabba li l-ilmentatur la kien ċittadin u lanqas ma kien resident ta' l-Unjoni, l-Ombudsman ma setax jieħu l-ilment f'idejh. Madanakollu, meta qies is-serjetà tal-punt li tqajjem, l-Ombudsman qatagħha li jiftaħ inkjesta fuq inizjattiva personali.

L-EPSO qajjmet il-punt li l-applikanti kellhom żmien biżżejjed biex jirreġistraw u, fid-dawl tad-diffikultajiet tekniċi li setgħu jinqalgħu, l-applikanti kienu gew imwissija ċar biex ma jistennewx sa l-aħħar ftit ġranet qabel id-data ta' l-għeluq. Madankollu, l-EPSO tat kas ta' dawn il-fatti wara l-intervent ta' l-Ombudsman u stiednet lill-ilmentatur għat-testijiet ta' qabel l-għażla.

Każ OI/4/2003/ADB



## 2.8.5 Analiżi ta' l-investigazzjonijiet

Fl-2003 l-Ombudsman beda 253 investigazzjoni, 248 minnhom fuq ilmenti li kienu tressqu u 5 fuq inizjattiva personali. (Għal aktar dettalji ara Anness A, Statistika).

Matul is-sena, 48 każ ġew solvuti mill-istituzzjoni jew mill-korp konċernat innifishom. Minn dan in-numru, 34 kienu każijiet fejn l-intervent ta' l-Ombudsman irnexxielu jwassal biex ingħatat risposta għal korrispondenza li kienet baqgħet bla ma ħadet tweġiba (ara r-Rapport Annwali ta' l-1998, sezzjoni 2.9 għal aktar dettalji dwar il-proċedura wżata f'każi bħal dawn). Ħames każi ġew irtirati mill-ilmentatur. F'87 każ, l-istħarriġ ta' l-Ombudsman wera li ma kien hemm ebda amministrazzjoni ħażina.

F'20 każ intbagħtu rimarki kritiċi lill-istituzzjoni jew korp konċernat. Intlaħqet soluzzjoni ta' ħbiberija f'erba' każi. Ħames abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet ġew aċċettati mill-istituzzjonijiet fl-2003 u żewġ każi ngħalqu wara li sar rapport speċjali lill-Parlament Ewropew fl-2002 (ara sezzjoni 3.6).

Ir-rapporti speċjali huma ppubblikati sħaħ fuq il-*website* ta' l-Ombudsman fil-lingwi uffiċjali kollha.

Ġabra fil-qosor

1 Introduzzjoni

2 Ilmenti lill-Ombudsman

3 Deċiżjonijiet wara li saret investigazzjoni

4 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea

5 Relazzjonijiet ma' Ombudsmen u korpi simili

6 Relazzjonijiet pubbliċi

Annessi

# 3.1 KAŻIJIET FEJN INSTAB LI MA KIENX HEMM AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA

## 3.1.1 Il-Parlament Ewropew

### ALLEGAT NUQQAS TA' KORTESIJA WAQT PROĊESS TA' REKLUTAĠĠ

*Deċiżjoni dwar ilment 406/2003/(PB)IJH (Kunfidenzjali) kontra l-Parlament Ewropew*



L-ILMENT

Għand l-Ombudsman wasal ilment dwar il-proċedura wżata mill-Parlament Ewropew fir-reklutaġġ għal kariga għolja fit-taqsima tas-servizzi.

Fuq talba ta' l-ilmentatur l-ilment ġie klassifikat bħala lment kunfidenzjali skond l-Artikolu 2 (3) ta' l-Istatut ta' l-Ombudsman.

Skond l-ilmentatur il-fatti prinċipali tal-każ huma dawn:

Ferm qabel id-data ta' l-għeluq, l-ilmentatur issottometta lill-Parlament Ewropew applikazzjoni għal kariga għolja li kienet ippubblikata f'Avviż ta' Reklutaġġ. l-ilmentatur irċieva tweġiba mill-Parlament li kienet tgħid li l-Kumitat Konsultattiv mhux se jkompli jipproċessa l-applikazzjoni tiegħu għaliex il-*file* tiegħu ma setax jiġi assessjat minħabba nuqqas ta' provi dokumentati, fost affarijiet oħrajn, tal-kwalifiki tiegħu, kif kien mitlub fl-Avviz ta' Reklutaġġ.

L-ilmentatur jagħraf li l-Parlament għandu ċerti regoli dwar l-applikazzjonijiet. Madanakollu, hu tal-fehma li l-Parlament kellu jinfurmah li kien hemm il-ħtieġa ta' aktar dokumentazzjoni.

Il-punt ewlieni li ressaq l-ilmentatur kienet l-allegazzjoni li l-Parlament Ewropew, waqt li kien qed jipproċessa l-applikazzjoni tiegħu taħt Avviż ta' Kuntratt partikulari, ma kienx wera kortesija biżżejjed għaliex ma kienx bagħat jgħidlu li kien jeħtieġ aktar tagħrif minn għandu.

Min bagħat l-ilment hu tal-fehma li l-applikazzjoni tiegħu kellha terġa' tinfetaħ.

L-INVESTIGAZZJONI

**L-opinjoni tal-Parlament Ewropew**

L-opinjoni tal-Parlament Ewropew, fil-qosor, kienet din:

Meta jkun qed jeżamina applikazzjoni, il-Kumitat Konsultattiv huwa marbut ma' dak li deher fl-avviz ta' reklutaġġ, li f'dan il-każ partikolari kien jgħid li l-kandidati kellhom jinkludu, fl-ittra ta' l-applikazzjoni tagħhom, *curriculum vitae* dettaljat u evidenza ta' l-edukazzjoni, l-esperjenza

professjonali u l-kariga li kienu qed jokkupaw f'dak iż-żmien. Waqt li kienet qed tiġi eżaminata l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur, il-Kumitat Konsultattiv ma sab ebda evidenza dokumentata dwar l-istqarrijiet magħmulin mill-ilmentatur fil-*curriculum vitae* tiegħu. Il-Kumitat Konsultattiv għaldaqstant ma kienx f'qagħda li jevalwa l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur. Hi r-responsabbiltà ta' kull min japplika għal xi kariga li tixxandar permezz ta' avviż ta' reklutaġġ li jipprovdi lill-Kumitat l-informazzjoni kollha li tkun meħtieġa biex ikun jista' jiġi verifikat jekk l-applikant jissodisfax jew le l-kundizzjonijiet fl-avviż. Skond kif ġie deċiż bosta drabi f'każijiet ta' din ix-xorta, la l-amministrazzjoni u lanqas il-Kumitat ma huma obbligati li joqogħdu jagħmlu xi stħarriġ biex jivverifikaw jekk applikant jissodisfax jew le il-kundizzjonijiet ta' l-avviż ta' reklutaġġ.

L-ilmentatur ġie mistieden iressaq l-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-opinjoni tal-Parlament Ewropew. Ma jidhirx li l-ilmentatur ressaq xi osservazzjoni.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Allegat nuqqas ta' kortesija

1.1 L-ilmentatur jallega li waqt li kien qed jgħarbel l-applikazzjoni tiegħu għal reklutaġġ, il-Parlament Ewropew ma kienx wera kortesija biżżejjed għax ma talbux jibgħat aktar dokumentazzjoni.

1.2 Il-Parlament Ewropew jidhirlu li l-Kumitat Konsultattiv, meta jkun qed jeżamina applikazzjoni, hu marbut ma' dak li jidher fl-avviż ta' reklutaġġ, li f'dan il-każ kien jgħid li l-kandidati kellhom jinkludu, flimkien ma' l-ittra ta' l-applikazzjoni, evidenza dwar l-edukazzjoni, l-esperjenza professjonali u l-kariga li kienu qed jokkupaw dak iż-żmien. Il-Parlament jinnota wkoll li skond ma kien deċiż bosta drabi f'każijiet ta' din ix-xorta, mhux obbligat li joqgħod iwettaq stħarriġ biex jara jekk l-applikanti jissodisfawx jew le il-kundizzjonijiet kollha li jidhru fl-avviż tal-kuntratt tax-xogħol.

1.3 L-Ombudsman jinnota li d-dritt għal amministrazzjoni tajba hu wieħed mid-drittijiet fondamentali li joħroġ miċ-ċittadinanza Ewropea[5] u li amministrazzjoni tajba tinkludi, kif qal l-ilmentatur, il-ħtieġa ta' attenzjoni fil-mod kif jingħata u jitwassal servizz.[6] Meta ġie biex jara kif ġew applikati l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba f'dan il-każ, l-Ombudsman deherlu li r-reklutaġġ fl-istituzzjonijiet komunitarji hu marbut b'regoli speċifiċi li jinsabu fir-Regolamenti għall-i*Staff* u bil-mod kif jinqatgħu l-każijiet mill-qrati fil-Komunità u ħass li jeħtieġ li dawn jiġu rispettati sabiex ikun żgurat li l-kandidati jiġu ttrattati bl-istess mod.

1.4 Skond il-mod kif ġew deċiżi każijiet simili, kandidat f'kompetizzjoni jrid jipprovdi l-Bord ta' l-Għażla bit-tagħrif u d-dokumenti kollha neċessarji biex ikun jista' jivverifika li l-kandidat jissodisfa l-kundizzjonijiet kif dehru fl-avviż ta' reklutaġġ.[7] Ħadd ma għandu jistenna li l-Board ta' l-Għażla joqgħod jagħmel stħarriġ huwa nnifsu biex jiżgura ruħu li l-kandidati jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet.[8] Barra minn hekk, il-Board ta' l-Għażla hu marbut mal-kliem li deher fl-avviż tal-kompetizzjoni.[9] F'dan il-każ, l-avviż li kien pubblikat kien jgħid li, sad-data ta' l-għeluq, il-kandidati kellhom jipproduċu d-dokumenti tad-diplomi u/jew ta' l-esperjenza professjonali tagħhom. F'dawn iċ-ċirkostanzi, li l-Parlament jistaqsi għal aktar dokumentazzjoni seta' jitqies bħala inugwaljanza fit-trattament, per eżempju, ma' kandidati oħra li kienu mxew fuq l-avviz tal-kompetizzjoni. l-Ombudsman għalhekk jikkonsidra li, f'dan il-każ, il-Parlament Ewropew kien irrispetta l-prinċipji

5 Artikolu 41 taċ-*Charter* tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea.

6 Artikolu 12 (1) tal-Kodiċi Ewropea ta' Imġiba Amministrattiva Tajba li ġiet adottata mill-Parlament Ewropew f'riżoluzzjoni C5-0438/2000 tas-6 ta' Settembru 2001 (li tinsab fuq il-website ta' l-Ombudsman: http://www.euro-ombudsman.eu.int).

7 Ara, per eżempju, Każ 225/87, Patricia Belardinelli u oħrajn kontra l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej [1989] ECR 2353, paragrafu 24 u Każ T-133/89, Jean-Louis Burban kontra l-Parlament Ewropew [1990] ECR II-245, paragrafu 34.

8 Ara, per eżempju, Każ T-133/89, Jean-Louis Burban kontra l-Parlament Ewropew [1990] ECR II-245, paragrafu 34.

9 Ara, per eżempju, Każ T-54/91, Nicole Almeida Antunes kontra l-Parlament Ewropew [1992] ECR II-1739, paragrafu 39.

ta' amministrazzjoni tajba u ma jsibx li kien hemm amministrazzjoni ħażina. Fid-dawl ta' dak li sab, l-Ombudsman qal li dak li lmenta fuqu l-ilmentatur ma jistax jiġi sostnut.

### 2 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman fuq dan l-ilment, jidher li ma kien hemm ebda amministrazzjoni ħażina mill-Parlament Ewropew. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.



## 3.1.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

### AĊĊESS GĦALL-AĠENDA U L-MINUTI TAL-KONVENZJONI EWROPEA

*Deċiżjoni dwar ilment 1795/2002/IJH sa fejn jolqot il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*



### L-ILMENT

F'Ottubru 2002, is-Sur V. ressaq ilment lill-Ombudsman f'isem is-Servizz ta' Azzjoni għal Ċittadini Ewropej (ECAS) kontra l-Konvenzjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

Din id-deċiżjoni għandha x'taqsam biss ma' l-ilment kontra l-Kunsill. l-investigazzjoni ta' l-Ombudsman dwar l-ilment kontra l-Konvenzjoni Ewropea hi s-suġġett ta' deċiżjoni separata (ara sezzjoni 3.1.5)

Skond l-ilmentatur il-fatti rilevanti, fil-qosor, huma dawn li ġejjin:

F'Mejju 2002, l-ilmentatur applika għand il-Kunsill biex ikollu aċċess għall-aġenda u l-minuti tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Kunsill ma weġibx fi żmien 15-il jum kif hemm imniżżel f'Regolament 1049/2001. Fid-19 ta' Ġunju 2002, l-ilmentatur bagħat applikazzjoni ta' konferma li l-Kunsill wieġeb fit-12 ta' Lulju 2002. It-tweġiba kienet tgħid, fost affarijiet oħra, li l-Konvenzjoni Ewropea hi korp distint mill-Kunsill; li d-dokumenti tagħha ma jaqgħux taħt il-provvedimenti tar-Regolament 1049/2001; u li s-Segretarjat Ġenerali kien għadda l-applikazzjoni lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Ewropea.

L-ilmentatur bagħat l-ilment tiegħu lill-Ombudsman f'forma ta' rikjesti biex jinvestiga, jaċċerta u jistabbilixxi ċerti punti. Fil-qosor, l-ilment fih dawn l-allegazzjonijiet kontra l-Kunsill:

- Il-Kunsill ma weġibx għall-ewwel applikazzjoni ta' l-ilmentatur għal aċċess għall-aġenda u l-minuti tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea fi żmien 15-il ġurnata kif imniżżel f'Regolament 1049/2001 u naqas li jinfurmah dwar id-drittijiet tiegħu ta' appell;
- Id-dokumenti relevanti jinsabu fil-pussess tal-Kunsill u għaldaqstant il-Kunsill għandu jagħtih aċċess għalihom skond Regolament 1049/2001.

### L-INVESTIGAZZJONI

#### L-opinjoni tal-Kunsill

Fil-qosor, fl-opinjoni tal-Kunsill kien hemm dawn il-punti:

Il-Konvenzjoni twaqqfet mill-Kunsill Ewropew aktar milli mill-Kunsill, li mhux rappreżentat bħala istituzzjoni fil-Konvenzjoni. Il-Kunsill jipprovdi ċerti faċilitajiet lill-Konvenzjoni bħal ma huma uffiċċji u, bħall-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni, jipprovdi wkoll *staff* fuq bażi ta' *secondment*.

Il-Praesidium tal-Konvenzjoni jaħdem b'mod li hu għal kollox indipendenti mill-Kunsill u mis-Segretarjat Ġenerali tiegħu.

Il-fatt li s-Segretarjat tal-Konvenzjoni jaħdem mill-bini tal-Kunsill ma jfissirx li d-dokumenti li joħorġu mill-Konvenzjoni huma dokumenti tal-Kunsill jew li jaqgħu taħtu. Is-Segretarjat tal-Konvenzjoni hu indipendenti mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill. Dan is-Segretarjat jaqa' taħt id-direzzjoni awtonoma ta' Segretarju Ġenerali li mhux membru ta' l-i*staff* tal-Kunsill u li jaqa' taħt l-awtorità tal-President tal-Konvenzjoni.

Il-Kunsill m'għandux id-dokumenti li talab għalihom l-ilmentatur. Għalkemm il-Kunsill jinżamm aġġornat dwar il-progress tal-Konvenzjoni, l-aġenda u l-minuti tal-Praesidium ma jaslux għand il-Kunsill jew għand is-Segretarjat Ġenerali tiegħu.

Rigward l-allegazzjoni dwar dewmien biex tingħata tweġiba lill-ilmentaur u n-nuqqas li jiġi mgħarraf bid-drittijiet tiegħu ta' appell, il-Kunsill sostna li t-talba oriġinali ta' l-ilmentatur intbagħtet b'*e-mail* fid-29 ta' April 2002. Minflok ma sempliċement qagħad jgħarraf lill-ilmentatur li l-Kunsill ma kellux id-dokumenti mitluba, ħaġa li mbagħad kienet twassal biex l-ilmentatur joqgħod jerġa' jibgħat l-applikazzjoni tiegħu lill-Konvenzjoni u li kienet twassal għal dewmien bla bżonn, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill wettaq miżura prattika u ressaq l-*e-mail* ta' l-ilmentatur kemm jista' jkun malajr lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.

Is-sistema komputerizzata tas-Segretarjat Ġenerali bagħtet *acknowledgement* awtomatika li għarrfet lill-ilmentatur bil-wasla tat-talba tiegħu hekk kif daħlet l-*e-mail* tiegħu. Din ir-risposta awtomatika mkien ma għamlet xi referenza għad-dritt li ssir applikazzjoni ta' konferma. F'dan il-kas, referenza bħal din ma kinitx tagħmel sens għax l-ilmentatur kien ġie mgħarraf li l-Kunsill m'għandux dawn id-dokumenti. Li kieku sar xi suġġeriment li jekk tintbagħat xi applikazzjoni ta' konferma lill-Kunsill, dan seta' b'xi mod iwassal għal xi konklużjoni oħra, dan kien iservi biex jiżgwida lil dak li jkun.

Fit-tweġiba għall-applikazzjoni ta' konferma, il-Kunsill tassew naqas li jinforma lill-ilmentatur dwar ir-rimedji li kellu quddiemu. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ħa l-passi biex dan in-nuqqas amministrattiv ma jerġax jiġri.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

L-ilmentatur josserva li l-opinjoni tal-Kunsill iċċarat ir-relazzjoni bejn l-Istituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea għax fissret li l-Kunsill m'għandux id-dokumenti mitluba. Għal din ir-raġuni, l-ilmentatur jagħraf li l-ilment tiegħu hu infondat minn dan il-lat.

L-ilmentatur jaċċetta li l-Kunsill ħa pass prattiku meta ressaq l-ilment lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni u li s-Segretarjat tal-Kunsill wieġeb mill-ewwel skond Artikolu 7(1) tar-Regolament 1049/2001. Madankollu, kieku l-Kunsill bagħat kopja lill-ilmentatur, ħaġa bħal din kienet tkun ta' għajnuna. Rigward in-nuqqas li jiġi mgħarraf dwar ir-rimedji, l-ilmentatur stqarr li hu jagħraf u japprezza l-isforzi tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill biex ħaġa bħal din ma terġax isseħħ. Bħala servizz ta' parir u ta' għajnuna għal għaqdiet mhux governattivi u individwi ma' Istituzzjonijiet Ewropej, l-ECAS tisħaq li hu ta' importanza kbira li ċ-ċittadini jkunu jafu x'inhuma d-drittijiet tagħhom. Waqt telefonata mas-servizzi ta' l-Ombudsman fis-7 ta' Marzu 2003, l-i*staff* ta' l-ECAS iċċara f'isem l-ilmentatur li hu sodisfatt bit-tweġiba tal-Kunsill.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 L-allegazzjoni li applikazzjoni għal aċċess għal dokumenti ngħatat tweġiba li waslet tard u li kien hemm nuqqas ta' tagħrif dwar rimedji

1.1 L-ilmentatur jallega li l-Kunsill naqas li jwieġeb għall-ewwel applikazzjoni tiegħu għal aċċess għall-aġenda u l-minuti tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea fi żmien 15-il ġurnata kif stipulat fir-Regolament 1049/2001 u li naqas li jgħarrfu dwar id-dritt tiegħu ta' appell.

1.2 Skond il-Kunsill, is-Segretarjat Ġenerali tiegħu mexa b'mod prattiku meta għadda l-*e-mail* ta' l-ilmentatur kemm jista' jkun malajr lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni. Huwa fatt li fir-risposta tiegħu għall-applikazzjoni ta' konferma, il-Kunsill tassew naqas li jinforma lill-ilmentatur dwar ir-rimedji li kellu quddiemu. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ħa l-passi biex dan in-nuqqas amministrattiv ma jerġax jiġri.

1.3 L-evidenza li għandu l-Ombudsman hi li l-Kunsill għamel sforz ġenwin biex jieħu passi ta' malajr u b'mod effettiv dwar l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur. Il-Kunsill stqarr li kien naqas meta ma għarrafx lill-ilmentatur bir-rimedji li hemm u ħa l-passi biex dan ma jerġax jiġri fil-ġejjieni. l-Ombudsman jifhem li l-ilmentatur hu sodisfatt bir-risposta tal-Kunsill. l-Ombudsman għalhekk jidhirlu li dan l-aspett ta' l-ilment twitta mill-istituzzjoni.

### 2 L-allegazzjoni li d-dokumenti jinsabu fil-pussess tal-Kunsill

2.1 L-ilmentatur jallega li l-aġenda u l-minuti tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea jinsabu għand il-Kunsill u li l-Kunsill għandu għalhekk jagħtih aċċess għalihom skond ir-Regolament 1049/2001.

2.2. Il-Kunsill jgħid li l-Praesidium tal-Konvenzjoni jopera b'mod kompletament indipendenti mill-Kunsill u mis-Segretarjat Ġenerali u li l-Kunsill ma jkollux id-dokumenti li talab l-ilmentatur. Għalkemm il-Kunsill jinżamm infurmat dwar il-progress tal-Konvenzjoni, l-aġenda u l-minuti tal-Praesidium ma jaslux għand il-Kunsill jew għand is-Segretarjat Ġenerali.

2.3 L-Ombudsman ma jaf b'xejn li jista' jitfa' dubju fuq l-ispjega li ta l-Kunsill dwar ir-relazzjoni li għandu mal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea. l-Ombudsman jinnota li l-ilmentatur jaċċetta l-ispjega tal-Kunsill u jaċċetta li din il-parti ta' l-ilment hi bla bażi. l-Ombudsman għalhekk ma jsib ebda amministrazzjoni ħażina fir-rigward ta' dan l-aspett ta' l-ilment.

### 3 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ li sar mill-Ombudsman f'dan l-ilment, ma jidhirx li kien hemm amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kunsill. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

## 3.1.3 Il-Kummissjoni Ewropea

### IL-PROGRAMM LIFE: IR-RIFJUT TAL-KUMMISSJONI LI TKOMPLI TĦALLAS GĦALL-PROĠETT

*Deċiżjoni dwar ilment 1826/2001/JMA kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ILMENT

F'Ġunju ta' l-1996, l-organizzazzjoni ta' l-ilmentatur (CTFC) ressqet proposta lill-Kummissjoni, taħt il-programm LIFE, biex twettaq proġett dwar żvilupp ta' faqqiegħ li jittiekel (*edible mushrooms*) fil-qafas ta' inizjattivi ta' afforestazzjoni (ref.: LIFE/ENV/E/512). CTFC kellha tiżviluppa l-proġett bil-kooperazzjoni ta' numru ta' sidien individwali ta' foresti. F'Diċembru ta' l-1996, il-Kummissjoni approvat il-proposta. Wara dan, CTFC rċeviet l-għajnuna tal-Komunità ta' 208.749,58 €.

F'Ottubru u Novembru ta' l-1997, l-ilmentatur kellu bosta diskussjonijiet mas-servizzi tal-Kummissjoni dwar kif il-*budget* tal-proġett kellu juri l-ispejjeż li ntefqu mis-sidien individwali tal-foresti. Bħala riżultat ta' dawn id-diskussjonijiet, ġie deċiż li r-relazzjoni bejn CFTC u s-sidien tal-foresti bħala terzi persuni kellha tiġi definita permezz ta' kuntratti individwali bejniethom, fuq

il-bażi ta' l-istess tip ta' ftehim. Ftehim ta' din ix-xorta kellu juri b'mod ċar kemm l-oqsma fejn il-partijiet differenti kellhom jikkooperaw bejniethom kif ukoll l-implikazzjonijiet finanzjarji tax-xogħol tagħhom. Fit-30 ta' Ottubru 1997, l-ilmentatur bagħat *fax* li fih kien hemm il-mudell ta' dan il-ftehim lill-uffiċjal tal-Kummissjoni responsabbli mill-aspetti finanzjarji tal-proġett. Fl-4 ta' Novembru ta' l-1997, il-kuntratt intbagħat ukoll permezz ta' *fax* lis-Sur dB, l-uffiċċjal tal-Kummissjoni ġeneralment responsabbli biex isegwi u jevalwa l-proġett.

Wara din il-komunikazzjoni, is-Sur dB ċempel lill-ilmentatur u qabel ma' dak li kien hemm imniżżel f'dan il-mudell tal-ftehim. Matul id-diskursata, is-Sur dB insista li biex ikun hemm effiċjenza, il-kuntatti bejniethom fil-ġejjieni kien aħjar jekk isiru direttament miegħu, u dejjem bit-telefon.

Fi Frar ta' l-1999, l-ilmentatur ressaq rapport parzjali dwar il-proġett, fejn l-implikazzjonijiet finanzjarji tax-xogħol mis-sidien tal-foresti mxew fuq il-mudell li kien diskuss mas-servizzi tal-Kummissjoni f'Ottubru u Novembru ta' l-1997. F'Ġunju ta' l-1999, is-Sur dB ċempel lill-ilmentatur u talbu li l-ispejjeż li kellhom x'jaqsmu max-xogħol tas-sidien tal-foresti jiġu konsolidati u ttrattati bħala għajnuna esterna. Minkejja li fil-bidu l-ilmentatur ma qabilx li jibdel il-kriterji finanzjarji li kienu ftehmu dwarhom, hu kien imġiegħel jaqbel ma' dan it-tibdil bħala kundizzjoni biex jinħariġlu pagament parzjali. F'Ottubru ta' l-1999, l-ilmentatur wassal bl-idejn il-verżjoni l-ġdida tar-rapport lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għamlet il-ħlas parzjali f'April ta' l-2000.

Fi Frar ta' l-2000 l-ilmentatur issottometta r-rapport finali fejn l-implikazzjonijiet finanzjarji tax-xogħol li sar mis-sidien tal-foresti kienu ttrattati bl-istess mod kif kien deher fir-rapport parzjali. Il-Kummissjoni talbet aktar tagħrif f'Ottubru 2000. Wara li waslitilha t-tweġiba ta' l-ilmentatur, fit-30 ta' Jannar 2001 l-istituzzjoni bagħtitlu *fax* fejn qajjmet xi mistoqsijiet dwar il-mod kif l-ispejjeż li kienu saru mis-sidien tal-foresti kienu qed jidhru u talbitu wkoll li jrodd lura dawn il-flus. Skond l-ilmentatur, it-talba tal-Kummissjoni ma rrispettatx id-dritt tiegħu li jiddefendi ruħu għax ma tagħtux ċans li jinstema' skond kif jgħid Art. 11(2) tar-Regolament 1973/92 dwar il-programm LIFE.

Fil-kontroversja li inqalgħet, is-Sur dB ċaħad kull responsabbiltà u s-servizzi finanzjarji tal-Kummissjoni ma ridux jiltaqgħu ma' l-ilmentatur.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-ilmentatur allega li (i) is-servizzi tal-Kummissjoni ma mexxewhx tajjeb u ma tawhx l-għajnuna neċessarja, u (ii) li l-proċedura wżata mill-Kummissjoni biex tmexxi l-proġett tiegħu ma kinetx ċara u ma kinetx timxi fuq ir-regoli applikabbli. l-ilmentatur għalhekk isostni li (iii) il-Kummissjoni għandha twaqqaf it-talba tagħha għall-ħlas lura u li għandha tħallas l-aħħar pagament għall-proġett kif ukoll l-imgħax dovuti.

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Sew id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għoti ta' għajnuna finanzjarja lill-proġett (C896)/3058/final/0037) (minn hawn 'il quddiem imsejħa d-Deċiżjoni) kif ukoll il-*budget* li kien propost imkien ma kienu jinkludu xi sehem f'dan il-proġett għal terzi persuni sidien ta' foresti. Is-sehem ta' dawn il-persuni fil-proġett kien għalhekk jeħtieġ emenda minn qabel tad-Deċiżjoni u l-qbil min-naħa tal-Kummissjoni ta' din ir-relazzjoni ġdida.

Għalkemm l-ilmentatur fit-30 ta' Ottubru ta' l-1997 bagħat *fax* li fih kien hemm abbozz ta' ftehim li kellu jirregola r-relazzjoni ta' xogħol bejn CFTC u s-sidien tal-foresti, id-dokument baqa' qatt ma ġie formalment preżentat għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni kif titlob id-Deċiżjoni.

Fi Frar ta' l-1999, u meta ġie ppreżentat ir-rapport parzjali, l-ilmentatur fisser ix-xewqa tiegħu li jinkludi l-ispejjeż li saru minn terzi persuni sidien tal-foresti fil-*budget* tal-proġett. Il-Kummissjoni qalet li s-servizzi tagħha għamluha ċara ma' l-ilmentatur li din il-possibbiltà kienet titlob sew tibdil minn qabel tad-Deċiżjoni u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni nnifisha ta' din ir-relazzjoni ġdida. F'din l-okkażjoni l-ilmentatur kien ġie mgħarraf ukoll li bdil ta' din ix-xorta ma setax jibdel il-kundizzjonijiet finanzjarji ta' għajnuna taħt il-proġett LIFE kif definiti f'Artikoli 2 u 3 ta' Anness 2 tad-Deċiżjoni.

F'Mejju ta' l-2000, il-Kummissjoni għamlet ħlas parzjali. Il-Kummissjoni saħqet li dan il-ħlas kien marbut biss mal-ammont tan-nefqa, u li ma setgħetx tiġġudika minn qabel kemm l-ispejjeż kienu finalment eliġibbli.

Ir-rapport finali waslilha fid-19 ta' Mejju 2000. Għalkemm intlaħqu l-għanijiet tal-proġett, madankollu l-istruttura finanzjarja u l-programmi tiegħu, l-aktar fejn jidħlu l-ispejjeż li għamlu s-sidien tal-foresti, ma mxewx fuq il-kundizzjonijiet li kien hemm fid-Deċiżjoni.

Il-Kummissjoni qalet li l-ilmentatur ma setax juri li spejjeż magħmulin minn terzi persuni sidien ta' foresti (147.867 €) kienu fil-fatt intefqu, kif jitolbu Artikoli 3 (4) u 4 (1) tad-Deċiżjoni. Ma ngħatat ebda prova li kienu għaddew flus bejn CFTC u xi terza persuna oħra. Il-Kummissjoni saħqet li d-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 3 (3) tad-Deċiżjoni huma ċari u ma jagħtu lok għal ebda tibdil. Hi żiedet tgħid li s-servizzi tagħha ma setgħux iwasslu lill-ilmentatur biex jemmen li dawn id-dispożizzjonijiet legali seta' jwarrabhom.

Fil-25 ta'Ottubru 2000, il-Kummissjoni talbet għal aktar informazzjoni li ngħatat mill-ilmentatur fit-13 ta' Novembru 2000. Il-Kummissjoni dehrilha li dan it-tagħrif ġdid ma żied ebda element ġdid u għalhekk għarrfet lill-ilmentatur permezz ta' *fax* fit-30 ta' Jannar 2001 li l-ammont ta' għajnuna finanzjarja li tkopri dawn l-ispejjeż ma kinux se jitħallsu u li għaldaqstant il-parti mill-għotja ġa mħallsa (37.040 €) kellha tingħata lura. l-istituzzjoni tat ftit żmien lill-ilmentatur biex isemma' l-veduti tiegħu. Fuq il-bażi ta' l-informazzjoni li għadda l-ilmentatur fit-8 ta'Frar 2001, il-Kummissjoni naqqset it-talba għall-għoti lura ta' flus għas-somma ta' 30.429€ u ħarġet nota biex jingħataw lura dawn il-flus fis-6 ta' Marzu 2001. Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-proċedura li mxew fuqha s-servizzi tagħha f'dan il-proċess kienet skond il-kriterji mniżżlin f'Artikolu 7 ta' Anness 2 tad-Deċiżjoni.

L-ilmentatur kellu laqgħa mas-servizzi tal-Kummissjoni fl-4 ta' April 2001. Ladarba ma setax jipprovdi aktar evidenza, il-Kummissjoni kkonfermat il-pożizzjoni tagħha fis-26 ta' April 2001. It-talba finali tal-Kummissjoni biex tingħata l-flus lura ħarġet fit-30 ta' Awissu 2001 fejn għamlet referenza għall-mezzi ta' appell li kellu l-ilmentatur.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fl-osservazzjonijiet tiegħu tat-30 ta' Lulju 2002, l-ilmentatur tenna l-allegazzjonijiet li għamel fl-ilment tiegħu. Hu saħaq li r-relazzjoni mas-sidien tal-foresti kif ukoll ir-rendikont ta' l-ispejjeż relattivi kienu ġew diskussi fil-fond mas-servizzi tal-Kummissjoni.

L-ilmentatur fisser kif il-ħtieġa li s-sidien tal-foresti jiġu involuti fix-xogħol tal-proġett kienet issemmiet fi tliet taqsimiet differenti tal-proposta inizjali li saret minn CTFC, jiġifieri f'sezzjoni A13/4 (sezzjoni dwar afforestazzjoni mill-ġdid fis-sezzjoni fil-qosor tal-proġett); f'sezzjoni A14/7 (tkabbir tal-pjanti) u f'diversi sezzjonijiet dwar aspetti ekonomiċi tal-proġett (A5, A6, A9 u A11).

Hu ddeskriva n-negozjati li saru minn Lulju ta' l-1997 mas-servizzi responsabbli fil-Kummissjoni sabiex il-*budget* tal-proġett jirrifletti l-ispejjeż li jsiru mit-terzi persuni sidien tal-foresti. Kienu ġew ikkunsidrati żewġ mudelli differenti: l-ewwel wieħed fejn is-sidien tal-foresti kellhom jitħallsu huma direttament għal xogħol speċifiku li kellhom jagħmlu; il-mudell l-ieħor kien ibbażat fuq il-konklużjonijiet ta' kuntratti individwali. Bi qbil mas-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni kien ġie deċiż li jintuża t-tieni mudell fejn ebda dħul u ħruġ ta' flus ma kellu jiġi rifless. Il-*faxes* mibgħutin fit-30 ta' Ottubru 1997 u fl-4 ta' Novembru 1997 kienu jixhdu dan il-fatt. l-ilmentatur saħaq li l-istruttura finanzjarja tar-rapport parzjali, l-aktar il-mod kif kellhom jinżammu l-kontijiet li jsiru minn terzi persuni, kien inbidel wara suġġerimenti li saru mill-Kummissjoni.

Fis-16, 22, 29, 30 u 31 ta' Ottubru 2002, l-ilmentatur ressaq aktar informazzjoni dwar laqgħat li saru ma' uffiċjali tal-Kummissjoni li, fil-fehma tiegħu, kienu jsaħħu l-allegazzjonijiet tiegħu.

## AKTAR STĦARRIĠ

Fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet imressqin mill-ilmentatur, l-Ombudsman kiteb lill-Kummissjoni fil-31 ta' Ottubru 2002. Fl-ittra tiegħu, l-Ombudsman irrefera għad-dettalji fattwali li kienu deskritti fl-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur li kienu jidhru li jsaħħu l-allegazzjonijiet tiegħu, u talab lill-Kummissjoni biex tikkummenta fuq dawn il-punti.

### It-tieni opinjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni fissret li l-osservazzjonijiet magħmula mill-ilmentatur ma kienu żiedu ebda element ġdid fil-każ. l-istituzzjoni saħqet li ebda struzzjonijiet ma ngħataw mis-servizzi tagħha li kienu jfissru xi bdil fir-regoli finanazjarji li jorbtu l-kuntratt. Il-Kummissjoni spjegat li l-ilmentatur qatt ma ressaq ebda evidenza biex juri li xi uffiċjal tal-Kummissjoni kien ta struzzjonijiet relatati mal-proġett li allegatament kienu saru. Barra minn hekk ebda struzzjonijiet ta' din ix-xorta ma jidhru fil-*file* tal-Kummissjoni (la f'forma elettronika u lanqas fuq il-karta).

Il-Kummissjoni rreferiet għall-*faxes* mibgħuta mill-ilmentatur lis-servizzi tagħha fit-30 ta' Ottubru u l-4 ta' Novembru 1997 fejn ressaq tibdil fil-kuntratt finanzjarju. Il-Kummissjoni fakkret li dawn il-komunikazzjonijiet m'għandhom ebda valur kuntrattwali u li ntbagħtu biss bħala informazzjoni. Għalkemm l-ilmentatur kien infurmat bosta drabi dwar il-ħtieġa li ssir talba uffiċjali, din it-talba qatt ma tressqet quddiem il-Kummissjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kummissjoni dehrilha li l-ilmentatur ma kellu ebda għażla oħra ħlief li jirrispetta l-kuntratt mill-bidu sa l-aħħar.

L-istituzzjoni qalet li l-ilmentatur kien ġa bbenefika fl-imgħoddi mill-programm LIFE u li kien jaf sewwa r-regoli finanzjarji. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, l-ilmentatur messu kien jaf li l-verifiki finanzjarji kollha jsiru fl-aħħar stadju tal-proġett. Għalhekk hu ma kellux jassumi li l-pagament parzjali tal-Kummissjoni kien ifisser li l-bidliet finanzjarji tiegħu kienu ġew aċċettati.

Il-Kummissjoni saħqet li kienet lesta tħallas l-ispejjeż li l-ilmentatur qal li kienu saru u li twaqqaf it-talba li kienet għamlet biex tieħu lura l-flus, ladarba hu jressaq evidenza li turi li dawn l-ispejjeż tassew saru. Il-Kummissjoni qalet li bosta drabi kienet talbet prova li l-benefiċjarju tassew ħallas lill-organizzazzjonijiet li għamlu x-xogħol. Minkejja dawn it-talbiet, dan it-tagħrif ma ngħatax. Għal din ir-raġuni l-Kummissjoni qatgħetha li titlob lura s-somma ta' € 30.429 skond ma jgħid Art. 3.3c tad-Deċiżjoni dwar l-Għotja. Il-Kummissjoni żiedet tgħid li jekk l-ilmentatur ma jagħtix il-provi li kienu mitluba, il-Kummissjoni kienet sejra tkompli twettaq it-talba tagħha biex il-fondi jingħataw lura.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur fuq it-tieni opinjoni tal-Kummissjoni

Fl-osservazzjonijiet tiegħu għat-tieni opinjoni tal-Kummissjoni bid-data ta' l-20 ta' Diċembru 2002 u ta' l-10 ta' Jannar 2003, l-ilmentatur insista li l-format tal-parti finanzjarja tar-rapporti tiegħu kien sar fuq suġġerimenti mressqa mis-servizzi tal-Kummissjoni, li ma kienet esprimiet ebda nuqqas ta' qbil b'mod formali wara li dan kien sar. Għalkemm l-ilmentatur ma seta' jippreżenta ebda evidenza miktuba ta' dan, hu rrefera għal numru ta' stqarrijiet formali li saru minn għadd ta' dawk li ħadu sehem fil-proġett li kkonfermaw dak li hu kien qal. l-ilmentatur wera li kien lest jixhed quddiem l-Ombudsman jekk ikun meħtieġ.

L-ilmentatur ehmeż dokumenti differenti li juru li l-Kummissjoni kienet qablet, ta' l-inqas f'dak li għandu x'jaqsam mal-proġett LIFE 97/ENV/E/260, l-użu ta' ftehim bilaterali bejn il-benefiċjarju u diversi sotto-kuntratturi fejn ma kien sar ebda bdil ta' flus.

Fl-aħħar, l-ilmentatur stqarr li CTFC tista' tkun lesta tibdel is-sezzjoni finanzjarja tal-proġett skond kif mitlub mill-Kummissjoni, jekk dan ikun neċessarju. Hu talab lill-Ombudsman biex jissorvelja din il-proċedura, biex ikun żgur li tintlaħaq soluzzjoni ġusta u li CTFC ma tkunx penalizzata inġustament.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 L-attitudni lejn l-ilmentatur tas-servizzi tal-Kummissjoni li kienu responsabbli

1.1 L-ilmentatur jallega li s-servizzi tal-Kummissjoni mexxewh ħażin u li ma tawhx l-għajnuna neċessarja. Hu jidhirlu li r-relazzjoni mas-sidien tal-foresti kif ukoll il-mod kif inżammu l-kontijiet ta' l-ispejjeż relatati kienu ġew diskussi fit-tul mas-servizzi tal-Kummissjoni.

1.2 Il-Kummissjoni tgħid li ma kienx possibbli li s-servizzi tagħha taw lill-ilmentatur x'jifhem li seta' ma jimxix fuq ir-regolamenti tal-proġett. Il-Kummissjoni tgħid li l-ilmentatur ma ressaq ebda evidenza biex juri li l-uffiċjali tal-Kummissjoni kien tawh xi struzzjonijiet kif allega hu dwar il-proġett u li ebda struzzjonijiet bħal dawn ma jidhru fil-*file* tal-Kummissjoni.

1.3 L-Ombudsman jinnota li l-ilmentatur ressaq numru kbir ta' dokumenti bħala xhieda li juru li kien hemm kuntatti għaddejjin il-ħin kollu mas-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni. Wara li ra sew dawn id-dokumenti, jidher li l-uffiċjali responsabbli kienu jafu sew dwar ix-xogħol li l-ilmentatur kien qiegħed jagħmel, u għalhekk kellhom jafu bil-kriterji finanzjarji li kienu qed jiġu wżati biex jinżammu l-kontijiet tax-xogħol mis-sotto-kuntratturi. Madanakollu, l-Ombudsman hu tal-fehma li ma jidher li hemm ebda evidenza diretta li tista' twassal għall-konklużjoni li l-Kummissjoni kienet mexxiet ħażin lill-ilmentatur.

L-Ombudsman għalhekk jikkonkludi li ma kienx hemm każ ta' amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni f'dan l-aspett tal-każ.

### 2 Il-proċedura tal-Kummissjoni biex titħallas lura parti mill-għajnuna

2.1 L-ilmentatur jallega li l-proċedura li segwiet il-Kummissjoni fit-tmexxija tal-proġett tiegħu ma kinetx ċara u li ma mxietx mar-regoli li suppost kellha timxi fuqhom. Hu jsostni li d-drittijiet tiegħu li jiddefendi lilu nnifsu ma ġewx rispettati u li t-talba tal-Kummissjoni biex irodd lura parti mill-għajnuna ma tatx lok li jsir smigħ skond ma jitlob Art. 11(2) tar-Regolament 1973/92 tal-programm LIFE.

2.2 Il-Kummissjoni ssostni li l-proċedura li mxew fuqha s-servizzi tagħha f'dan il-proċess kienet konsistenti mar-regoli applikabbli (Art. 7 ta' Anness 2 tad-deċiżjoni li tagħti għajnuna finanzjarja lill-proġett [id-Deċiżjoni]). Ġie spjegat kif l-ewwel talba li saret mill-Kummissjoni fit-30 ta' Jannar 2001 ħalliet lill-ilmentatur isemma' il-veduti tiegħu qabel tittieħed deċiżjoni finali, u wkoll li fit-talba aħħarija tagħha tat-30 ta' Awissu 2001 kien hemm tagħrif dwar kif seta' jitressaq appell.

2.3 L-Ombudsman jaf li r-regoli dwar kif għandhom jitmexxew proġetti finanzjati mill-programm LIFE jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill 1973/92[10], kif ukoll f'kull Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għotja ta' għajnuna lil proġetti individwali.

Il-proċedura li għandha ssegwi l-Kummissjoni fil-każ ta' pagament li mhux suppost li sar tidher f'Art. 11(2) tar-Regolament 1973/92 li jgħid hekk:

"[…] jekk parti biss mill-għajnuna finanzjarja allokata hi ġustifikata mill-progress fit-twettiq ta' azzjoni, il-Kummissjoni titlob lill-benefiċjarju biex iressaq l-osservazzjonijiet tiegħu f'perjodu speċifiku. Jekk il-benefiċjarju ma jagħtix tweġiba sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tħassar l-għajnuna finanzjarja li jkun fadal u titlob li jigu mħallsa lura l-flus li jkunu ġa tħallsu."

Art 7 ta' Anness 2 tad-Deċiżjoni juri li huma meħtieġa l-istess dispożizzjonijiet proċedurali.

2.4 L-Ombudsman jinnota wkoll li l-ewwel talba li għamlet il-Kummissjoni fit-30 ta' Jannar 2001 biex jitħallsu lura il-flus, tindika fl-aħħar paragrafu tagħha li nota se tintbagħat għall-approvazzjoni minn qabel tal-kontrollur finanzjarju mhux aktar tard mid-9 ta' Frar 2001, biex l-ilmentatur ikun jista' jibgħat l-osservazzjonijiet tiegħu skond ma jitlob Art. 11(2) tar-Regolament LIFE. l-aħħar

10 Regolament tal-Kunsill (KEE) Numru 1973/92 tal-21 ta' Mejju 1992 li jwaqqaf strument finanzjarju għall-ambjent (LIFE); *OJ* L 206, 22/07/1992 p. 1.

nota ta' ħlas intbagħtet lill-ilmentatur fis-6 ta' Marzu 2001. Għalkemm f'din-nota ma ssemmewx mezzi possibbli ta' appell, il-Kummissjoni rreferiet għal dawn il-mezzi f'korrispondenza oħra ma' l-ilmentatur bid-data tat-30 ta' Awissu 2001.

2.5 Fuq il-bażi ta' dak li jidher hawn fuq, l-Ombudsman ma jidhirlux li l- Kummissjoni marret kontra d-drittijiet tad-difiża ta' l-ilmentatur meta talbet li tingħata lura parti mill-għajnuna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ombudsman hu tal-fehma li l-proċedura li mxiet fuqha l-Kummissjoni dwar it-tmexxija tal-proġett ma tidhirx li ma kinetx ċara u għaldaqstant deher li l-istituzzjoni kienet qiegħda timxi mar-regoli li kienu applikabbli. l-Ombudsman għalhekk jikkonkludi li ma jidhirx li hemm każ ta' amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni fejn jidħol dan l-aspett tal-każ.

### 3 It-talba tal-Kummissjoni biex jitħallsu lura parti mill-fondi

3.1 L-ilmentatur jgħid li l-Kummissjoni għandha twaqqaf it-talba tagħha biex il-flus jitħallsu lura, u li għandha tagħti l-aħħar pagament tal-proġett kif ukoll l-imgħax fuq dawn l-ammonti.

3.2 Fl-ewwel opinjoni tagħha, il-Kummissjoni ġġustifikat it-talba tagħha li l-flus jingħataw lura minħabba li l-ilmentatur qatt ma kien ressaq formalment talba biex ikun hemm bidla fid-Deċiżjoni sabiex ikunu jistgħu jieħdu sehem fil-proġett terzi persuni li huma s-sidien ta' l-artijiet. l-istituzzjoni nnotat li l-ilmentatur ma wasalx biex juri li fil-fatt l-ispejjeż li saru minn terzi persuni sidien tal-foresti kienu tħallsu lura lilhom.

3.3 Dwar is-sehem ta' terzi persuni sidien ta' artijiet, l-Ombudsman jinnota li d-deskrizzjoni teknika tal-proġett, li tidher fil-proposta tal-benefiċjarju, kienet issemmi din il-kooperazzjoni. Fit-30 ta' Ottubru u fl-4 ta' Novembru 1997, l-ilmentatur għarraf formalment lis-servizzi tal-Kummissjoni dwar is-sehem li kien se jkollhom terzi persuni li huma sidien tal-foresti waqt li jkun qed jitwettaq il-proġett. l-Ombudsman jinnota li l-Kummissjoni ma pprovdiet ebda evidenza li s-servizzi tagħha oġġezzjonaw għal din l-inizjattiva ta' l-ilmentatur.

Rigward iż-żamma tal-kontijiet ta' l-ispejjeż li daħlu għalihom dawn it-terzi persuni, l-Ombudsman hu tal-fehma li l-Kummissjoni ma dehritx li ma kinitx taf għal kollox dwar il-kriterji wżati mill-ilmentatur, kif jidher minn dak li hemm fil-messaġġi li hu bagħat bil-*fax* lill-istituzzjoni fit-30 ta' Ottubru u fl-4 ta' Novembru 1997[11]. l-Ombudsman jinnota l-fatt li l-mod kif inżammu l-kontijiet u li ġie wżat mill-ilmentatur fir-rapport finali tiegħu mexa ma' l-iskema wżata fir-rapport parzjali. Kif irċeviet dan ir-rapport parzjali, il-Kummissjoni mhux biss ma oġġezzjonatx għall-kontenut tiegħu imma ħarġet ukoll il-pagament ta' nofs il-proġett. Meta għamlet dan, u skond dak li hemm imniżżel f'Art. 3(2) ta' Anness 2 tad-Deċiżjoni, il-Kummissjoni dehret li kienet qed taċċetta ir-rendikont finanzjarju u r-rapport ta' nofs il-proġett li kien bagħat il-benefiċjarju[12].

3.4 Fir-risposta tagħha għal aktar mistoqsijiet min-naħa ta' l-Ombudsman, il-Kummissjoni saħqet li kienet lesta li tikkunsidra li tħallas l-ispejjeż li l-ilmentatur qal li saru, u b'hekk twaqqaf l-ordni għall-ħlas lura tal-flus, ladarba hu jagħti provi li l-ispejjeż magħmulin minn terzi persuni sidien ta' artijiet kienu saru tassew. Fl-aħħar osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur wera li hu lest li jirranġa mill-ġdid is-sezzjoni finanzjarja tal-proġett biex tiġi taqbel mat-talbiet tal-Kummissjoni u talab lill-Ombudsman biex jissorvelja din il-proċedura biex tinstab soluzzjoni ġusta. Fid-dawl ta' dan, l-Ombudsman jara li m'hemmx għalfejn isir aktar stħarriġ fuq dan l-aspett tal-każ.

3.5 L-ilmentatur talab biex l-Ombudsman jissorvelja il-proċedura. l-Ombudsman iħoss li, taħt il-proċeduri finanzjarji tal-Komunità, il-Kummissjoni hi responsabbli għall-amministrazzjoni tal-

---

11 Dak li hemm miktub fil-fax li bagħat l-ilmentatur fit-30 ta' Ottubru 1997 lill-uffiċjal tal-Kummissjoni responsabbli mill-aspetti finanzjarji tal-proġett ifisser ħafna:

"Għażiż J., Kif ftehemna f'Lulju li għadda, jekk jogħġbok hawn għandek issib »ftehim« li qed jiġi propost biex jingħata rendikont tal-kontribuzzjoni għall-proġett LIFE' 96 ENV/E/512 tas-sidien tal-foresti, kemm f'termini ta' żmien kif ukoll ta' riżorsi. Nibqa' nafhulek jekk tkun tista' tgħarrafna dwar it-tip ta' evidenza bil-miktub, jekk hemm bżonn, li għandna nżommu, u l-problemi, jekk hemm, li ta' min ikun jaf bihom . [...]"

12 "[…] pagament parzjali jsir ladarba l-Kummissjoni taċċetta l-istqarrija finanzjarja u r-rapport li għandu x'jaqsam ma' l-istqarrija li jintbagħat mill-benefiċjarju…".

kuntratt imsemmi f'dan l-ilment. l-ilmentatur għandu l-possibbiltà, madanakollu, li jagħmel ilment ġdid lill-Ombudsman fil-ġejjieni jekk iħoss li hu neċessarju li jagħmel hekk.

### 4 Konklużjoni

Fid-dawl ta' l-istħarriġ li sar mill-Ombudsman Ewropew fuq dan l-ilment, jidher li ma kien hemm ebda amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni Ewropea. Għalhekk l-Ombudsman jagħlaq il-każ.

## ANNULLAMENT TA' MISTOQSIJIET U ALLEGAT NUQQAS LI JKUN OSSERVAT DAK LI DEHER F'AVVIŻ DWAR KOMPETIZZJONI

*Deċiżjoni dwar ilment 647/2002/OV kontra l-Kummissjoni Ewropea*



### L-ILMENT

Skond l-ilmentatur, il-fatti li huma relevanti ġraw kif jidher hawn taħt:

L-ilmentatur ħa sehem f'kompetizzjoni miftuħa COM/A/6/01 imma ma għaddiex mit-test b) ta' qabel l-għażla fejn ġab biss 16.842/40. l-ilmentatur ressaq żewġ appelli lill-Bord tal-Għażla, fl-10 ta' Jannar 2002 biex jitlob li jsir mill-ġdid l-eżami ta' test b), u fil-11 ta' Frar 2002 biex jikkontesta l-metodu ta' kif saret il-korrezzjoni. Il-Bord tal-Għażla qatagħha li jħassar tliet mistoqsijiet mit-test ta' qabel l-għażla. l-ilmentatur ikkontesta dan il-pass imma l-Bord tal-Għażla wieġeb li l-mistoqsijiet kienu ġew annullati għal kulħadd u li l-prinċipju ta' ugwaljanza kien ġie rispettat. Wara l-appell, il-Bord tal-Għażla bagħat lill-ilmentatur kopja tal-lista tal-mistoqsijiet li kienu bbażati fuq għażla waħda minn bosta għażliet (*multiple choice*) bir-risposti tajbin u bit-tweġibiet ta' l-ilmentatur. l-ilmentatur ħass li 5 mir-risposti tiegħu f'test b) kienu tajbin ukoll, u li għalhekk kieku kien iġib 22,105/40 minflok 16.842/40.

Minħabba li l-Bord tal-Għażla ċaħad l-appelli ta' l-ilmentatur, hu ressaq l-ilment tiegħu quddiem l-Ombudsman fil-25 ta' Marzu 2002. Hu għamel tlett allegazzjonijiet:

1 meta annulla mistoqsijiet 9 u 37 minn test b), il-Bord tal-Għażla ma rrispettax il-prinċipju ta' ugwaljanza bejn il-kandidati;

2 il-Bord tal-Għażla ma tax raġunijiet fir-risposta tiegħu dwar dak li qal l-ilmentatur dwar li r-risposti tiegħu għal mistoqsijiet 5, 8, 11, 13 u 25 ta' test b) setgħu jirriżultaw ukoll mill-karta li ngħatat lill-kandidati;

3 l-ilmentatur jallega li l-Bord tal-Għażla ma mexix fuq il-kundizzjonijiet ta' punt VI.D ta' l-avviż dwar kompetizzjoni, għaliex hu kien kiseb informazzjoni li numru ta' kandidati li ma ġabux il-marki minimi fit-testijiet ta' qabel l-għażla xorta waħda kienu ġew inklużi fil-lista ta' 600 kandidat kif indikat fl-avviż dwar il-kompetizzjoni.

### L-ISTĦARRIĠ

#### L-opinjoni tal-Kummissjoni

B'ittra ta' l-14 ta' Diċembru 2001, it-taqsima Admin. A.2 għarrfet lill-ilmentatur bir-riżultati tat-testijiet ta' qabel l-għażla. Ladarba l-ilmentatur ġab 16,842 minn 40 punt fit-test b) dwar raġunar verbali u numeriku, u l-inqas marka meħtieġa kienet 20, il-Bord tal-Għażla ma kompliex jikkoreġi l-karta li hu kien kiteb skond ma hemm imniżżel f'punt VI.D ta' l-avviż tal-kompetizzjoni li jgħid li kull marka taħt il-marka minima tfisser l-eliminazzjoni tal-kandidat.

L-ilmentatur ġie wkoll mgħarraf li l-Bord tal-Għażla kien iddeċieda li jwarrab mistoqsija minn test a) u mistoqsijiet 9 u 37 minn test b) minħabba żbalji li nstabu wara li t-test kien ġa laħaq sar. Sabiex

jiġi żgurat li kulħadd jiġi ittrattat bl-istess mod, id-deċiżjoni li jiġu annullati dawn il-mistoqsijiet ġiet applikata għall-verżjoni li saret f'kull lingwa.

Wara talba li għamel fit-18 ta' Diċembru 2001, l-ilmentatur ingħata kopja tal-karta li kien wieġeb hu stess u li kienet ġiet ikkoreġuta permezz ta' optical reader u ngħata wkoll karta bit-tweġibiet tajbin tat-testijiet ta' qabel l-għażla.

B'ittra fl-10 ta' Jannar 2002, l-ilmentatur qajjem mistoqsijiet fuq il-kwalità ta' test b) kif ukoll dwar it-tneħħija ta' mistoqsijiet, għaliex deherlu li b'hekk kienet inħolqot inugwaljanza li kienet laqtet ħażin il-prospetti leġittimi tiegħu. Fir-risposta tal-Bord ta' l-Għażla ġie spjegat lill-ilmentatur x'kien l-għan tat-test dwar raġunar verbali u numeriku u r-raġuni li wasslet għall-annullament tal-mistoqsijiet.

Rigward l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur dwar l-annullament tal-mistoqsijiet, il-Kummissjoni rreferiet għad-deċiżjonijiet li ngħataw mill-Qorti tal-Prim Istanza[13] u mill-Qorti tal-Ġustizzja[14]. Skond dawn id-deċiżjonijiet, il-kandidati għandhom iwieġbu l-mistoqsijiet kollha u mhux iwieġbu biss dawk il-mistoqsijiet li jkunu jixtiequ jagħżlu. In-numru u l-kontenut tal-mistoqsijiet li għalihom jeħtieġ li tingħata tweġiba b'hekk huma identiċi għall-kandidati kollha. Il-prospetti tal-kandidati jibqgħu ma jinbidlux jekk f'xi ħin aktar tard jiġu eliminati għadd ta' mistoqsijiet.

Il-Kummissjoni nnutat ukoll li fil-fatt b'hekk il-mistoqsijiet ma kienux żdiedu b'xi mod differenti għax kull mistoqsija żammet l-istess ammont ta' marki.

Rigward l-allegazzjoni li l-Bord ta' l-Għażla ma kkunsidrax li r-risposti ta' l-ilmentatur għal mistoqsijiet 5, 8, 11, 13 u 25 ta' test b) setgħu joħorġu wkoll mill-kontenut tat-test, il-Kummissjoni osservat li l-Bord ta' l-Għażla kien eżamina dawn it-tweġibiet iżda xorta ma bidilx id-deċiżjoni fuqhom.

Rigward l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur li l-Bord ta' l-Għażla ma rrispettax punt VI.D ta' l-avviż tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni osservat li l-kundizzjonijiet kollha ta' dan l-avviż kienu ġew rispettati u li, wara li saret il-korrezzjoni tat-testijiet ta' qabel l-għażla, kienu ġew ikkoreġuti biss il-karti miktubin ta' dawk il-kandidati li ġabu l-marka minima f'kull test u l-aħjar marki fit-testijiet kollha. In-numru ta' kandidati li ġabu l-minimu tal-marki li kienu meħtieġa fit-test ta' qabel l-għażla f'sezzjoni 02 tal-kompetizzjoni kien aktar minn 600 kandidat kif kien indikat fl-avviż tal-kompetizzjoni.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Rigward l-annullament ta' mistoqsijiet 9 u 37 ta' test b), l-ilmentatur osserva li l-prinċipju ta' l-ugwaljanza fit-trattament kien ittiefes għax meta tħassru dawn il-mistoqsijiet, dan kien ifisser li qed jingħata vantaġġ lill-kandidati li wieġbu ħażin, waqt li l-kandidati li taw risposta tajba ġew penalizzati.

Rigward it-tieni allegazzjoni, l-ilmentatur jagħti bħala eżempju r-risposta li hu ta għal mistoqsija 13 u li, skond hu, wieħed seta' jislitha mid-dokument li ngħata lill-kandidati u li għalhekk ma kinitx ħażina. Hu għażel risposta (b), jiġifieri "en faisant attention à sa technique de respiration, il est possible de réduire sa tension artérielle". Hu għażel ir-risposta (b) fuq il-bażi ta' dan it-tagħrif li kien hemm fil-karta: "il est possible d'obtenir des résultats remarquables par la simple application de techniques respiratoires: diminution de la tension artérielle". l-ilmentatur jixtieq ikun jaf għaliex ir-risposta tiegħu ma kinitx tajba.

Rigward it-tielet allegazzjoni, l-ilmentatur irid li l-Ombudsman jiċċekkja jekk il-Bord ta' l-Għażla kienx mexa fuq punt VI.D ta' l-avviż għal-kompetizzjoni u jsaqsi lill-Kummissjoni dwar lista ta' kandidati (u r-riżultati li ġabu) li kienu għaddew mit-testijiet kollha ta' qabel l-għażla.

13 Sentenza tas-17 ta' Jannar 2001, T-189/99 Gerochristos.

14 Ordni P. Giulietti C-263/01 tat-13 ta' Diċembru 2001 (punti 35 u 36).

## AKTAR INKJESTI

Wara li qies l-opinjoni tal-Kummissjoni u l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur, kien jidher li kien hemm il-ħtieġa ta' aktar stħarriġ għax dan seta' jgħin biex tittieħed deċiżjoni dwar it-tielet allegazzjoni ta' l-ilmentatur. Skond din l-allegazzjoni, il-Bord ta' l-Għażla ma kienx qed jirrispetta l-kundizzjonijiet ta' punt VI.D ta' l-avviż tal-kompetizzjoni jekk, skond l-informazzjoni li hu kellu, numru ta' kandidati li ma kinux iġibu l-marki minimi fit-testijiet ta' qabel l-għażla fis-settur 02 xorta waħda kienu jagħmlu parti mil-lista ta' 600 kandidat li għaddew.

### L-ispezzjoni tal-*file*

L-Ombudsman għalhekk kiteb lill-Kummissjoni biex jispezzjona l-*file* tagħha, u aktar u aktar il-lista tal-kandidati li għaddew mit-testijiet ta' qabel l-għażla f'qasam 02. l-ispezzjoni tmexxiet mill-i*staff* ta' l-Ombudsman fl-24 ta' Jannar 2003 fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell (DG ADMIN).

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 L-annullament ta' mistoqsijiet fit-test ta' qabel l-għażla

1.1 L-ilmentatur jallega li meta tneħħew il-mistoqsijiet 9 u 37 ta' test b), il-Bord ta' l-Għażla ma rrispettax il-prinċipju ta' trattament simili bejn il-kandidati. Hu josserva li l-annullament ta' dawn iż-żewġ mistoqsijiet ħoloq inugwaljanza bejn dawk il-kandidati li weġbuhom tajjeb u dawk li weġbuhom ħażin.

1.2 Il-Kummissjoni tirreferi għad-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Prim Istanza u tal-Qorti tal-Ġustizzja li jgħidu li l-kandidati suppost għandhom iwieġbu l-mistoqsijiet kollha u li ċ-ċansijiet tal-kandidati jibqgħu ma jinbidlux jekk aktar tard jitneħħew xi mistoqsijiet.

1.3 F'deċiżjonijiet li ħa qabel f'każijiet 761/99/BB u 729/2000/OV li mxew fuq deċiżjonijiet stabbiliti mill-Qrati tal-Komunità, l-Ombudsman ikkunsidra li, f'każ fejn mistoqsija f'test tkun ambigwa, id-deċiżjoni li din il-mistoqsija tiġi eliminata hi raġonevoli, dejjem jekk dan isir b'mod li l-interess tal-kandidati ma jiġix affettwat b'mod negattiv. Skond l-evidenza li tressqet quddiemu, l-Ombudsman iqis li m'hemm xejn li juri li din il-kundizzjoni ma ġietx esegwita f'dan il-każ, ladarba jidher li l-Kummissjoni eliminat mistoqsijiet 9 u 37 ta' test b) għall-kandidati kollha.

1.4 Fid-dawl ta' dan kollu, ma jidhirx li kien hemm amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kummissjoni rigward din l-allegazzjoni.

### 2 L-allegazzjoni li ma ngħatawx raġunijiet fit-tweġiba għall-ilment li ressaq l-ilmentatur

2.1 L-ilmentatur jallega li l-Bord ta' l-Għażla ma tax raġunijiet fir-risposta għall-ilment tiegħu li t-tweġibiet li hu kien ta għall-mistoqsijiet 5, 8, 11, 13 u 25 ta' test b) ukoll setgħu joħorġu mill-karta li ngħatat lill-kandidati.

2.2 Il-Kummissjoni tosserva li l-Bord ta' l-Għażla eżamina r-risposti ta' l-ilmentatur imma dan ma wassalx għal xi bdil fid-deċiżjoni li kienet ittieħdet fuq il-marki.

2.3 L-Ombudsman jinnota li l-kwistjoni bejn l-ilmentatur u l-Kummissjoni hi dwar il-fatt jekk il-kontenut tal-karta li ngħatat lill-kandidati setax jiftiehem li kien possibbli li jkun hemm aktar minn risposta waħda tajba. Għalhekk il-kwistjoni hi waħda marbuta ma' l-interpretazzjoni tal-parti relevanti li dehret fil-karta. Din il-kwistjoni – li tikkonċerna l-kontenut stess tat-test – taqa' taħt id-diskrezzjoni tal-Bord ta' l-Għażla.

2.4 Jekk imbagħad wieħed jikkunsidra wkoll li, skond id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-komunikazzjoni tal-marki li kandidat iġib f'testijiet differenti fiha nnifisha tista' titqies bħala stqarrija li hi biżżejjed tar-raġunijiet li fuqhom ittieħdet id-deċiżjoni tal-bord[15], l-Ombudsman

[15] Każ C-245/95 P, il-Parlament kontra Innamorati, ECR [1996] I-3423, paragrafu 31.

jidhirlu li l-Bord ta' l-Għażla mexa fil-limitu ta' l-awtorità legali li għandu. Għaldaqstant ma nstabet ebda amministrazzjoni ħażina f'dan l-aspett tal-każ.

### 3 L-allegat ksur ta' l-avviż tal-kompetizzjoni

3.1 L-ilmentatur jallega li l-Bord ta' l-Għażla ma rrispettax il-kundizzjonijiet ta' punt VI.D ta' l-avviż tal-kompetizzjoni, għax hu kien kiseb tagħrif li numru ta' kandidati li ma ġabux il-marki minimi fit-testijiet ta' qabel l-għażla f'qasam 02 xorta kienu ddaħħlu fil-lista ta' 600 kandidat li kienet imsemmija fl-avviż tal-kompetizzjoni.

3.2 Il-Kummissjoni tgħid li n-numru ta' kandidati li ġabu l-marki minimi meħtieġa fit-testijiet ta' qabel l-għażla f'qasam 02 tal-kompetizzjoni kien akbar mill-għadd ta' 600 kandidat imsemmija fl-avviż tal-kompetizzjoni.

3.3 Rigward din l-allegazzjoni, l-uffiċċju ta' l-Ombudsman spezzjona l-*file* tal-Kummissjoni fl-24 ta' Jannar 2003. Waqt l-ispezzjoni, l-uffiċjali tal-Kummissjoni l-ewwel infurmaw lill-uffiċċju ta' l-Ombudsman li korrezzjoni għal-avviż tal-kompetizzjoni kien deher fl-*Official Journal* tas-17 ta' Ottubru 2001 (C 291 A) fejn in-numri tal-listi ta' kandidati li għaddew kienu ġew emendati. Rigward punt VI.D.1 ta' l-avviż tal-kompetizzjoni, in-numru kien ġie emendat minn 510 għal 600 kandidat li ġabu l-aħjar marki fit-tests ta' qabel l-għażla a), b), c) u d).

3.4 Mill-ispezzjoni, deher li aktar minn 600 kandidat ġabu l-marki minimi fit-tests ta' qabel l-għażla a), b), c) u d). Kien hemm l-ewwel lista ta' l-aħjar 600 kandidat li kollha ġabu l-marki minimi. Kien hemm ukoll lista oħra ta' kandidati li wkoll ġabu l-marki minimi imma li ma kinux fost l-aħjar 600 kandidat.

3.5 Fid-dawl ta' dan, l-Ombudsman jista' jikkonferma li l-informazzjoni li ngħatat mill-Kummissjoni kienet korretta. Għaldaqstant ma nstab ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina f'dan l-aspett tal-każ.

### 4 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman dwar dan l-ilment, ma jidhirx li kien hemm amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kummissjoni. Għalhekk l-Ombudsman jagħlaq il-każ.

## ALLEGATA DISKRIMINAZZJONI LINGWISTIKA

*Deċiżjoni dwar ilment 659/2002/IP kontra l-Kummissjoni Ewropea*

### L-ILMENT

F'April 2002, is-Sur C ilmenta f'isem l-Universala Esperanto-Asocio (minn issa 'l quddiem UEA), dwar diskriminazzjoni lingwistika li allegatament saret minn diversi organizzazzjonijiet Ewropej, iffinanzjati parzjalment jew għal kollox mill-Kummissjoni Ewropea, li meta joħorġu avviżi biex jintlew postijiet tax-xogħol ikunu jridu kandidati li jkollhom *English mother tongue* jew kandidati li jitkellmu bl-Ingliż mindu kienu żgħar (*English native speakers*). l-ilmentatur deherlu li minħabba dan, eluf ta' persuni jidhru li qed isofru diskriminazzjoni; għalkemm jafu l-Ingliż tajjeb, madankollu ma jkunux jistgħu jintgħażlu biex jaħdmu.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur qal li l-Kummissjoni jmissha: (i) tagħraf in-natura diskriminatorja ta' dawn l-avviżi għall-postijiet tax-xogħol li jkunu ufficjalment miftuħin għaċ-ċittadini kollha iżda li b'mod mhux uffiċjali jkunu riservati għal dawk li jitkellmu l-Ingliż mindu kienu żgħar; (ii) taċċerta li ma tiffinanzjax izjed kumpaniji jew organizzazzjonijiet li jiddiskriminaw kontra ċittadini Ewropej li ma jitkellmux bl-Ingliż mindu kienu tfal; (iii) tara kif u b'liema mod

tista' twaqqaf diskriminazzjoni minħabba l-lingwa li ssir minn xi organizzazzjonijiet li tiffinanzja parzjalment jew b'mod sħiħ.

## L-ISTĦARRIĠ

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Fl-opinjoni tagħha fuq l-ilment, il-Kummissjoni għamlet dawn il-punti fil-qosor:

Rigward l-ewwel punt ta' l-ilmentatur, kull avviż għal postijiet tax-xogħol li jkunu riservati uffiċjalment jew mhux uffiċjalment għal dawk li jitkellmu xi lingwa mindu kienu żgħar (*native speakers*) ma jistax isir taħt ir-regolamenti tal-Komunità dwar moviment ħieles tal-ħaddiema u huwa diskriminatorju. Il-kwistjoni jekk post kienx riservat b'mod mhux uffiċjali għal *native speaker* jew le trid tiġi mistħarrġa mill-qorti kompetenti f'kull każ partikolari.

Madanakollu, talba biex persuna tkun taf lingwa "b'mod perfett" ma tidhirx, fil-prinċipju, bħala xi ħaġa li tmur kontra l-liġi komunitarja[16]. F'każ bħal dan, min iħaddem ikun irid jiġġustifika l-ħtieġa ta' xi ħadd li jkun jaf tajjeb ħafna lingwa speċifika għall-post tax-xogħol indikat.

Is-servizzi tal-Kummissjoni taw din l-informazzjoni f'diversi okkażjonijiet direttament lill-UEA permezz tar-rappreżentati tagħhom (bl-ittri ta' l-14 ta'Mejju 2001, 20 ta' Lulju 2001, 5 ta' Ottubru 2001, 24 ta' Jannar 2002 u waqt laqgħa tal-11 ta' Marzu 2002). Barra minn dan, f'laqgħa fl-24 ta' Mejju 2002, il-Kummissjoni għarrfet lill-membri tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Ħieles tal-Ħaddiema dwar il-ħtieġa li tiġi evitata kull diskriminazzjoni meta jkunu qed jitħejjew avviżi dwar reklutaġġ ta' ħaddiema. Il-Kummissjoni ħeġġithom biex jinfurmaw lill-partijiet kollha konċernati, kemm fis-settur privat u fis-settur pubbliku.

Rigward it-tieni punt ta' l-ilmentatur, il-Kummissjoni qalet li r-regoli u l-prinċipji li fuqhom jingħataw l-għotjiet, li jinsabu fil-vade-mecum tal-Kummissjoni dwar kif għandhom jingħataw l-għotjiet, jidhru wkoll fir-Regolament Finanzjarju ġdid[17] li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003. Artikolu 109 jgħid li "l-għotjiet għandhom jingħataw skond prinċipji ta' trasparenza u ta' trattament ugwali. (…) ". Rigward l-iffinanzjar ta' aġenzija eżekuttiva, skond Artikolu 55 tar-Regolament Finanzjarju ġdid, il-Kummissjoni saħqet li l-impjegati ta' dawn l-aġenziji għandhom jitqiesu bħala aġenti li jaqgħu taħt ir-Regolamenti ta' l-i*Staff*. Fost ir-regoli ġenerali li japplikaw għalihom hemm dik li ma ssirx diskriminazzjoni.

Rigward it-tielet punt ta' l-ilmentatur, il-ġlieda kontra kull tip ta' diskriminazzjoni hi prijorità tat-twemmin tal-Kummissjoni. Rigward diskriminazzjoni li tista' tkun ikkawżata minn talba għal dawk li tkellmu lingwa speċifika mindu kienu żgħar (*native speakers*) f'avviżi ta' xogħol ippubblikati minn min iħaddem mis-settur privat jew assoċjazzjonijiet mhux-governattivi, il-Kummissjoni ma tistax tindaħal f'dawn il-każijiet, li għandhom jiġu evalwati każ każ minn qrati nazzjonali.

Barra minn dan, il-Kummissjoni infurmat lill-Ombudsman li, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni mibgħuta mill-UEA f'Lulju 2002 dwar lista ta' avviżi għal postijiet tax-xogħol marbuta ma' l-iStat Belġjan li kienet tidher li hi diskriminatorja, il-Kummissjoni kienet irreġistrat din l-informazzjoni bħala ilment formali u kienet se tagħmel kuntatt ma' l-awtoritajiet Belġjani fuq dan.

16 Il-Kummissjoni ġa tat l-opinjoni tagħha fuq dan is-suġġett fir-risposti li tat għal diversi mistoqsijiet bil-miktub, jiġifieri fir-risposta tal-21 ta' Frar 2002 għal mistoqsija bil-miktub E-4100/00: " Ir-regoli komunitarji dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema jipprojbixxu mhux biss diskriminazzjoni li ssir bil-miftuħ u li tkun ibbażata fuq nazzjonalità imma wkoll kull diskriminazzjoni li ssir bil-moħbi li, għalkemm tidher li qed tapplika kriterji newtrali, fil-fatt twassal għall-istess riżultat. Madanakollu, m'hemm ebda diskriminazzjoni fil-każ ta' kundizzjonijiet dwar kemm dak li jkun għandu jkun jaf lingwa minħabba n-natura tal-post tax-xogħol li jrid jintela (…)". It-tweġiba tal-Kummissjoni kienet ippubblikata fl-*OJ* C 174 E tad-19 ta' Ġunju 2001, p 233.

17 Regolament tal-Kunsill (EC/Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, OJ L 248 tas-16 ta' Settembru 2002, p. 1.

Mill-ġdid, il-Kummissjoni qalet li fejn is-servizzi tagħha saru jafu dwar avviżi għal xogħol minn organizzazzjonijiet iffinanzjati parzjalment jew għal kollox minnha li setgħu taw lok għal xi diskriminazzjoni, hi kienet interveniet u talbithom jieħdu l-passi neċessarji biex jikkoreġuhom. Direttorati Ġenerali kienu bagħtu ittri lill-organizzazzjonijiet li huma qrib ta' l-istituzzjoni fejn kienu tawhom parir bis-sħiħ biex: (i) kwalifiki lingwistiċi għal kull post tax-xogħol ikunu konsistenti mal-livell ta' tagħrif tal-lingwa li jkun tassew meħtieġ biex isir dan ix-xogħol; (ii) fejn tagħrif sħiħ ta' lingwa hi xi ħaġa meqjusa essenzjali għax-xogħol, deskrizzjonijiet bħal "kmand komplet tal-lingwa" jew "tagħrif sħiħ tal-lingwa" għandhom jintużaw minflok il-ħtiega li min jitkellem dik il-lingwa kien ilu jużaha mindu kien żgħir jew li dik hi l-lingwa ta' art twelidu; (iii) japplikaw regola ta' opportunitajiet indaqs meta jagħżlu ħaddiema ġodda mingħajr ma jiġbdu lejn xi grupp nazzjonali jew lingwistiku. Barra minn dan, il-Kummissjoni fakkret li d-Direttorat Ġenerali għall-Impjieġi u l-Affarijiet Soċjali tagħha kellu jdaħħal f'kull sejħa għall-offerti u f'kull sejħa għall-proġetti klawsola li tiġbed l-attenzjoni ta' dawk li kienu se jixħtu offerta dwar l-illegalità ta' klawsola li tirreferi għal min jitkellem "b'ilsien pajjiżu". Mill-ġdid, l-istituzzjoni ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li l-Eurostat kienet qed tikkunsidra li ddaħħal fl-ispeċifikazzjonijiet normali tagħha meta tagħmel sejħa għall-offerti klawsola li tgħid li "min jixħet offerta għandu jkun jaf li r-regoli tal-Komunità dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema ma jħallux diskriminazzjoni bbażata fuq nazzjonalità u li hu att diskriminatorju li titlob li persuna tkun taf lingwa daqs li kieku kienet il-lingwa ta' art twelidha bħala kundizzjoni biex dak li jkun jieħu l-post tax-xogħol".



### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur deherlu li l-opinjoni tal-Kummissjoni ma kenitx sodisfaċenti u baqa' jsostni l-ilment tiegħu kif kien ħareġ bih fil-bidu.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Id-diskriminazzjoni lingwistika li ġiet allegata

1.1 L-ilment kien ibbażat fuq diskriminazzjoni lingwistika li allegatament seħħet minn diversi organizzazzjonijiet Ewropej, finanzjati parzjalment jew għal kollox mill-Kummissjoni Ewropea, li fl-avviżi tagħhom biex jintlew postijiet tax-xogħol jitolbu l-Ingliż bħala l-lingwa tal-pajjiż fejn ikun twieled l-applikant (*English mother tongue*) jew applikanti li jitkellmu l-Ingliż bħala lsien arthom (*English native speakers*). l-ilmentatur qal li l-Kummissjoni għandha: (i) tagħraf in-natura diskriminatorja ta' l-avviżi ta' reklutaġġ għal postijiet uffiċjalment miftuħin għaċ-ċittadini kollha imma li huma b'mod mhux uffiċjali riservati għal min l-Ingliż hu l-ewwel lingwa tiegħu; (ii) tiżgura ruħha li ma tiffinanzjax kumpaniji u organizzazzjonijiet li jiddiskriminaw kontra ċittadini Ewropej li l-Ingliż mhux l-ewwel lingwa tagħhom; (iii) tara l-mod u ssib soluzzjonijiet li permezz tagħhom ma ssirx diskriminazzjoni lingwistika minn organizzazzjonijiet li huma ffinanzjati parzjalment jew għal kollox minnha.

1.2 Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni nnotat li l-avviżi kollha għal postijiet tax-xogħol li huma b'mod uffiċjali jew mhux uffiċjali riservati għal dawk li jitkellmu bil-lingwa tal-pajjiż fejn twieldu (*native speakers*) mhumiex aċċettabbli taħt ir-regoli komunitarji dwar il-moviment ħieles tal-ħaddiema u huma diskriminatorji. Madanakollu, il-ħtieġa li wieħed ikun jaf lingwa b'mod perfett (*perfect knowledge*) ma tidhirx, fil-prinċipju, bħala xi ħaġa li tmur kontra l-liġi Komunitarja, u min qed ifittex impjegat ikollu jiġġustifika il-ħtieġa ta' xi ħadd li jkun jaf sew xi lingwa speċifika li tkun neċessarja għal dak il-post tax-xogħol.

Dwar ir-regoli u l-prinċipji fejn għandhom x'jaqsmu l-għotjiet, il-Kummissjoni qalet li dawn jinsabu fil-vade-mecum tal-Kummissjoni fuq kif għandhom jingħataw l-għotjiet, u jinsabu wkoll fir-Regolament Finanzjarju ġdid[18] li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2003. Artikolu 109 jgħid li "l-għotjiet għandhom jingħataw skond prinċipji ta' trasparenza u ta' trattament ugwali. (…)". Dwar l-iffinanzjar

18 Regolament tal-Kunsill (EC/Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, *OJ* J 248 tas-16 ta' Settembru 2002, p. 1.

ta' aġenzija eżekuttiva, skond Artikolu 55 tar-Regolament Finanzjarju ġdid, il-Kummissjoni saħqet li l-impjegati ta' dawn l-aġenziji huma aġenti li għandhom joqogħdu għar-Regolamenti ta' l-i*Staff*. Ir-regoli li japplikaw għalihom jinkludu l-prinċipju ġenerali li ma ssirx diskriminazzjoni.

Rigward it-tielet punt imqajjem mill-ilmentatur, il-Kummissjoni tat spjegazzjoni dettaljata dwar il-miżuri li ħadet fuq dan il-punt. Kopja tad-dokumenti relevanti li juru l-passi li ħadet il-Kummissjoni kienet tagħmel parti mill-opinjoni tal-Kummissjoni.

1.3 L-Ombudsman deherlu li l-Kummissjoni kienet qieset il-punti li tressqu mill-ilmentatur u li r-risposta mogħtija mill-istituzzjoni dehret li kienet tajba. l-Ombudsman laqa' l-fatt li l-Kummissjoni kienet ħadet passi biex tevita li fil-ġejjieni joħorġu avviżi għal postijiet tax-xogħol li jiddiskriminaw fuq bażi ta' lingwa. Hu ħeġġeġ ukoll lill-istituzzjoni biex tkompli għaddejja u ssaħħaħ il-ġlieda tagħha kontra kull diskriminazzjoni fuq bażi lingwistika u kull xkiel għall-moviment ħieles tal-ħaddiema.

## 2 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ li sar mill-Ombudsman fuq dan l-ilment, ma jidhirx li kien hemm amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni Ewropea. Għalhekk l-Ombudsman jagħlaq il-każ.



# L-ISTATUS TAL-TAQSIMA TA' L-UE ("*EU PILLAR*") FI ĦDAN L-AMMINISTRAZZJONI TAL-ĠNUS MAGĦQUDA FIL-KOSOVO

*Deċiżjoni dwar ilment 1256/2002/GG (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea*

## L-ILMENT

Skond ilment ippreżentat f'Ġunju ta' l-2002, l-ilmentatur, persuna Ġermaniża, ħadmet bħala konsulent fil-Kosovo, l-ewwel għall-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (fuq bażi ta' żewġ kuntratti) u mbagħad għat-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) fil-Missjoni tal-Ġnus Magħquda fil-Kosovo.

L-ilmentatur stqarr li t-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) naqset li tipprovdilu kuntratt u li tħallas il-kont li kien bagħtilha. Din il-fattura tas-7 ta' Mejju 2002 kienet indirizzata lis-Sur Andy Bearpark, Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tal-Missjoni tal-Ġnus Magħquda fil-Kosovo u kienet ta' 55.936.16 €.

L-ewwel ilment (1010/2002/GG) ma nltaqax minħabba li l-identità ta' l-ilmentatur ma kenitx ċara biżżejjed (Artikolu 2 (3) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman).

Il-persuna imbagħad ressqet ilment ġdid (1141/2002/GG) indirizzat kemm lill-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni kif ukoll lit-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) flimkien ma' numru ta' dokumenti f'żewġ *faxes* fis-17 ta' Ġunju (dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' l-Aġenzija) u fit-18 ta' Ġunju 2002 (dokumenti li għandhom x'jaqsmu mat-Taqsima ta' l-UE) (*EU Pillar*). l-ilment intbagħat lill-Aġenzija għall-kummenti. Sa fejn kellha x'taqsam it-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*), l-ilmentatur kien infurmat li l-identità tiegħu kienet għadha mhux ċara biżżejjed.

Wara dan l-ilmentatur informa lill-Ombudsman li l-ilment tiegħu rigward it-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) kien diretta lejn il-Kummissjoni. Biex jiġu evitati komplikazzjonijiet, din l-ittra ġiet reġistrata bħala ilment ġdid taħt ir-referenza li tidher hawn fuq.

## L-ISTĦARRIĠ

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni ressqet dawn il-kummenti:

It-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) hija parti integrali mill-United Nations Interim Administration Mission in Kosovo (UNMIK) li twaqqfet mill-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda bir-Riżoluzzjoni 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999. l-UNMIK hi mmexxija minn Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju-Ġenerali tal-Ġnus Magħquda u hi magħmula minn erba' taqsimiet (*pillars*) immexxija minn entitajiet esperti internazzjonali differenti.

L-erba' taqsimiet huma:

- Taqsima I: Affarijiet Umanitarji, taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissarju Għoli tal-Ġnus Magħquda għar-Refuġjati (UNHCR). l-ewwel taqsima ġiet fi tmiemha fl-aħħar ta' Ġunju 2000 u postha ħaditu operazzjoni responsabbli mill-Ġustizzja u l-Pulizija mmexxija mill-Ġnus Magħquda.
- Taqsima II: Amministrazzjoni Ċivili, immexxija mill-Ġnus Magħquda;
- Taqsima III: Twaqqif tad-demokrazzija u ta' l-istituzzjonijiet, immexxija mill-OSCE;
- Taqsima IV: Rikostruzzjoni ekonomika, tisħiħ u żvilupp, immexxija mill-Unjoni Ewropea. Ir-raba' taqsima hi magħrufa bħala t-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*).

It-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) immexxija mis-Sur A. Bearpark, Deputy Special Representative tas-Segretarju-Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, għandha d-dmir li tieħu ħsieb il-qafas legali, istituzzjonali u politiku għar-rikostruzzjoni ekonomika, tisħiħ u żvilupp tal-Kosovo.

Id-Deputy Special Representative tas-Segretarju-Ġenerali tal-Ġnus Magħquda hu responsabbli biex iwettaq l-attivitajiet li ġew proposti għat-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) permezz ta' l-amministrazzjoni tal-*budget* li bih taħdem it-Taqsima u li hu sussidjat mill-Komunità.

Ir-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru. 1080/2000 jgħid f'Artikolu 1 li l-Komunità għandha tagħti sehem finanzjarju għat-twaqqif u għall-ħidma ta' l-UNMIK. Dan ifisser li s-sehem tal-Komunità jintuża biex minnu jitħallsu l-ispejjez ta' l-operazzjonijiet tat-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*), fosthom il-ħlas tas-salarji ta' l-i*staff* lokali u internazzjonali.

Il-Ftehim ta' l-Għotja bejn il-Kummissjoni Ewropea u t-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) ta' l-UNMIK jgħid x'ser ikun is-sehem ta' l-UE, kif ser jitwettaq u l-metodi ta' kontroll. Ftehim dwar dawn l-għotjiet kienu ffirmati kull sena sa mis-sena 2000.

Skond Artikolu 1 (3) tal-Kundizzjonijiet Speċjali ta' dawn il-Ftehim, "l-Organizzazzjoni taċċetta l-għotja u tintrabat li twettaq il-ħidma tagħha taħt ir-responsabbiltà tagħha stess. Barra minn hekk, Artikolu 1 (1) tal-Kundizzjonijiet Ġenerali applikabbli għal dawn il-Ftehim jgħid li "l-Komunità ma tagħraf ebda rabta kontrattwali bejnha nnifisha u l-imsieħba ta' l-Organizzazzjoni jew bejnha u bejn sotto-kuntrattur."

Barra minn hekk, Artikolu 3 (2) tal-Kundizzjonijiet Ġenerali jgħid li "l-Organizzazzjoni tassumi responsabbiltà unika lejn terzi persuni" u li "l-Organizzazzjoni teħles il-Komunità minn kull responsabbiltà marbuta ma' kwalunkwe talba jew azzjoni miġjuba bħala riżultat ta' xi nuqqas min-naħa ta' l-Organizzazzjoni jew ta' l-impjegati tagħha jew ta' individwi li għalihom dawk l-impjegati huma responsabbli ta' regoli u regolamenti, jew bħala riżultat ta' xi ksur tad-drittijiet ta' terzi persuni."

In vista ta' dak li jidher hawn fuq, il-Kummissjoni iddeċidiet li r-relazzjoni kuntrattwali bejn l-ilmentatur u t-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) ta' l-UNMIK ma kinitx tinvolvi s-servizzi tagħha li jikkontribwixxu għall-ispiża rikorrenti ta' wieħed mill-erba' taqsimiet ta' l-Amministrazzjoni Interim tal-Ġnus Magħquda fil-Kosovo, iżda li mhumiex responsabbli biex jitwettqu l-attivitajiet tat-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*).

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

L-ebda osservazzjonijiet ma waslu minn għand l-ilmentatur.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 L-allegat nuqqas mit-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) biex tipprovdi l-kuntratt u tħallas il-kont

1.1 L-ilmentatur, konsulent Ġermaniż, allega li t-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) naqset li tipprovdilu kuntratt u li tħallas il-kont li kien bagħtilha. Hu tal-fehma li l-Kummissjoni Ewropea għandha tinżamm responsabbli għall-aġir tat-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*).

1.2 Il-Kummissjoni tispjega li t-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*), immexxija mis-Sur A. Bearpark, Deputy Special Representative tas-Segretarju-Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, hija parti integrali mill-United Nations Interim Administration Mission fil-Kosovo (UNMIK), li twaqqfet b'riżoluzzjoni 1244 mill-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda fl-10 ta' Ġunju 1999. Il-Kummissjoni żżid li d-Deputy Special Representative tas-Segretarju-Ġenerali tal-Ġnus Magħquda hu responsabbli biex jitwettqu l-attivitajiet li kienu proposti mit-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) bil-mod kif hu juża u jonfoq il-flus allokati għall-*budget* fuq il-ħidma tat-Taqsima u li huma mogħtija mill-Komunità. Il-Kummissjoni tirreferi għall-Ftehim ta' l-Għotja ta' Flus bejn il-Kummissjoni Ewropea u t-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) ta' l-UNMIK fejn it-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) terfa' responsabbiltà unika lejn terzi persuni waqt li min-naħa l-oħra l-UE ma tagħraf ebda rabta kuntrattwali bejnha u bejn min jissieħeb mat-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) u sotto-kuntratturi. Fuq il-bażi ta' dan li jidher hawn fuq, il-Kummissjoni hi tal-fehma li r-relazzjoni kuntrattwali bejn l-ilmentatur u t-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*) ta' l-UNMIK m'għandhix tinvolvi s-servizzi tagħha li m'humix responsabbli biex jitwettqu l-attivitajiet tat-Taqsima ta' l-UE (*EU Pillar*).

1.3 l-Ombudsman jidhirlu li wara dawn l-ispjegazzjonijiet mill-Kummissjoni, il-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni tidher li hi raġonevoli.

### 2 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ mill-Ombudsman fuq dan l-ilment, jidher li ma kien hemm ebda amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni Ewropea. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

## VJAĠĠAR U SPEJJEŻ GĦALL-ĦAJJA TA' KULJUM TA' KANDIDATI F'KOMPETIZZJONIJIET BIEX JINTGĦAŻLU L-IMPJEGATI

*Deċiżjoni dwar ilment 1358/2002/IP kontra l-Kummissjoni Ewropea*

## L-ILMENT

F'Lulju 2002, is-Sinjura C. għamlet ilment lill-Ombudsman kontra l-Kummissjoni Ewropea, fejn allegat li r-regoli mħaddma mill-Kummissjoni biex tagħti lura l-flus ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar li jsiru minn kandidati f'kompetizzjonijiet miftuħa jiddiskriminaw kontra l-kandidati ta' Stati Membri mbiegħda. Skond is-sinjura li ressqet l-ilment (l-ilmentatriċi), dawn il-kandidati qegħdin fi żvantaġġ jekk wieħed iqabbilhom ma' dawk li jgħixu qrib il-post fejn issir il-kompetizzjoni, li normalment huwa Brussell. Hija stqarret li l-Kummissjoni jmissha tħaddem regoli ġodda biex tħallas lura spejjez li jsiru fuq vjaġġar biex hekk tiżgura li jkun hemm ugwaljanza ċara fl-opportunitajiet għal dawk il-kandidati li jistgħu jieħdu sehem f'dawn il-kompetizzjonijiet miftuħa.

## L-ISTĦARRIĠ

### L-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea

Il-Kummissjoni fakkret li l-ilmentatriċi ħadet sehem f'kompetizzjoni miftuħa COM/A/9/01, li saret sabiex ikun hemm lista ta' riserva ta' amministraturi fl-oqsma ta' l-ekonomija u l-istatistika. Wara li saru t-testijiet ta' qabel l-għażla, l-ilmentatriċi kienet fost l-aqwa 500 kandidat. Skond punt 1.5 tan-notifika tal-kompetizzjoni, hija ntalbet timla formola ta' applikazzjoni, li ntbagħtet lilha bil-posta. Wara li eżamina id-*dossier* ta' l-ilmentatriċi, il-Bord ta' l-Għażla għarrafha li kienet ġiet aċċettata għat-testijiet bil-kitba li kellhom isiru fid-19 ta' Lulju 2002. Din il-persuna ma ħaditx sehem f'dawn it-testijiet.

Rigward il-ħlas lura ta' spejjeż ta' l-ivvjaġġar li jkunu saru, ir-regoli relevanti jidhru fil-konklużjoni 211/95 li ġiet adottata mill-kapijiet ta' l-amministrazzjoni fuq livell bejn bosta istituzzjonijiet fit-28 ta' Marzu 1996 u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' April 1996. B'direttiva interna tal-15 t'April 1996, il-Kummissjoni Ewropea implimentat il-konklużjoni 211/95. Iż-żewġ dokumenti jsemmu l-prinċipji ġenerali għall-kontribuzzjonijiet li jsiru biex jitħallsu l-ispejjeż ta' l-ivjaġġar u l-ispejjeż għall-ħajja ta' kuljum lil kandidati minn pajjiżi oħra li jintgħażlu biex jieħdu sehem fit-testijiet bil-miktub f'kompetizzjoni għall-għażla ta' l-impjegati. Fil-każ li d-distanza bejn il-post fejn joqgħod il-kandidat u l-post tal-kompetizzjoni hija aktar minn 300 kilometru, il-kandidati jirċievu rata fissa li tkun kalkulata fuq kemm hi twila din id-distanza. Fil-każ li d-distanza hija ta' jew aktar minn 1500 kilometru, il-kandidati jirċievu 180€. F'dan l-istadju tal-kompetizzjoni, il-kontribuzzjoni finanzjarja tinħadem biss fuq rata fissa u mhux fuq ħlas lura sħiħ għax dan jingħata biss lil dawk il-kandidati li jiġu aċċettati għat-testijiet orali.

Din l-informazzjoni kollha tinsab fl-ittra li ntbagħtet lill-ilmentatriċi meta hi ġiet mistiedna għat-testijiet bil-miktub. Għaldaqstant hija kienet infurmata b'dan kollu.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi

Fl-osservazzjonijiet tagħha fuq l-opinjoni tal-Kummissjoni, il-persuna li ressqet l-ilment saħqet li l-Kummissjoni ma kienet għaddiet ebda kumment dwar l-allegazzjoni li r-regoli fuq il-ħlas lura lill-kandidati f'kompetizzjonijiet miftuħa jiddiskriminaw kontra kandidati minn pajjiżi membri mbiegħda u jagħtu vantaġġ lil dawk li joqogħdu qrib il-post tal-kompetizzjoni, li normalment huwa Brussell.

## AKTAR STĦARRIĠ

Wara konsiderazzjoni bir-reqqa ta' l-opinjoni tal-Kummissjoni u ta' l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi, deher li kien meħtieġ aktar stħarriġ. Fid-29 ta' Jannar 2003, l-Ombudsman għalhekk kiteb lill-Kummissjoni. Fl-ittra tiegħu, staqsa lill-istituzzjoni biex tikkummenta fuq l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi fejn dehrilha li l-Kummissjoni ma kenitx wieġbet l-allegazzjoni tagħha li r-regoli relevanti jiddiskriminaw kontra l-kandidati ta' pajjiżi membri mbiegħda.

### It-tieni opinjoni tal-Kummissjoni.

L-istituzzjoni stqarret li dwar kandidati li jiġu ammessi għat-testijiet bil-kitba ta' kompetizzjoni miftuħa, il-kontribuzzjoni finanzjarja li tingħata lilhom għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar hi kalkulata fuq il-bażi tad-distanza bejn il-post fejn jgħix il-kandidat u l-post fejn issir il-kompetizzjoni, sakemm din id-distanza tkun mill-inqas 300 kilometru. Il-kontribuzzjoni tikber skond id-distanza (għal distanza bejn 301 u 800 kilometru l-kandidati jirċievu 60€; meta hi bejn 801 u 1500 kilometru huma jirċievu 120€ u meta d-distanza hija ikbar minn 1500 kilometru l-kandidati jirċievu 180 €).

Dawn huma kriterji oġġettivi li japplikaw għall-kandidati kollha bl-istess mod u li huma maħduma fuq bażi waħda, jiġifieri d-distanza, mingħajr ma jiġu kkunsidrati fatturi oħra li jistgħu jinbidlu, fosthom l-għoli tal-ħajja f'pajjiżi differenti jew il-konnessjonijiet fit-trasport bejn il-post fejn joqgħod kull kandidat u l-post fejn issir il-kompetizzjoni.

Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni warrbet l-allegazzjoni ta' l-ilmentatriċi dwar in-natura diskriminatorja ta' dawn ir-regoli.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Vjaġġar u spejjeż għall-ħajja ta' kuljum ta' kandidati f'kompetizzjonijiet biex jintgħażlu l-impjegati.

1.1 L-ilmentatriċi, li ħadet sehem f'kompetizzjoni COM/A/9/01, allegat li r-regoli mħaddma mill-Kummissjoni għall-ħlas lura ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar lill-kandidati f'kompetizzjonijiet miftuħa jiddiskriminaw kontra kandidati ta' Stati Membri mbiegħda. Skond l-ilmentatriċi, dawn il-kandidati qegħdin fi żvantaġġ meta wieħed iqabbilhom ma' dawk li jgħixu viċin il-post tal-kompetizzjoni, li normalment hu Brussell.

1.2 Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni fissret li r-regoli relevanti huma mniżżla fil-konklużjoni 211/95 li ġiet adottata mill-Kapijiet ta' l-amministrazzjoni fuq livell interistituzzjonali fit-28 ta' Marzu 1996 u li bdiet isseħħ fl-1 t'April 1996. B'direttiva interna tal-15 t'April 1996, il-Kummissjoni Ewropea wettqet il-konklużjoni 211/95. Iż-żewġ dokumenti stabbilixxew il-prinċipji ġenerali għall-ħlasijiet għall-ivjaġġar u għall-ħajja ta' kuljum għall-kandidati barranin li tħallew jieħdu sehem fit-testijiet bil-kitba f'kompetizzjoni biex jintgħażlu l-impjegati. Fil-każ fejn id-distanza bejn il-post tar-residenza tal-kandidat u l-post fejn issir il-kompetizzjoni tkun aktar minn 300 kilometru, il-kandidati jingħataw rata fissa ta' kontribuzzjoni ikkalkulata fuq id-distanza nnifisha. Fil-kas fejn id-distanza hija ta' 1500 kilometru jew aktar, il-kandidati jirċievu 180€. F'dan l-istadju tal-kompetizzjoni, l-għotja finanzjarja hija kontribuzzjoni fissa u mhux ħlas b'lura sħiħ. l-ilmentatriċi suppost li kienet taf dan għax dan it-tagħrif jidher fl-ittra li kienet intbagħtitilha flimkien ma' l-stedina biex tieħu sehem fit-testijiet bil-kitba.

1.3 Fit-tieni opinjoni tagħha, il-Kummissjoni fakkret fir-regoli dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja li tingħata lill-kandidati li jersqu għat-testijiet bil-kitba f'kompetizzjonijiet miftuħa għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar. Skond il-Kummissjoni dawn huma ibbażati fuq kriterji oġġettivi li japplikaw għall-kandidati kollha bl-istess mod u l-unika bażi hi d-distanza, mingħajr ma jiġu kkunsidrati parametri oħra li jvarjaw bħall-għoli tal-ħajja f'pajjiżi differenti jew il-mezzi ta' trasport bejn il-post tar-residenza ta' kull kandidat u l-post fejn issir il-kompetizzjoni.

1.4 L-Ombudsman ma jaf b'ebda regola legali jew liġi tal-Komunità li permezz tagħha l-Kummissjoni għandha tħallas lura lill-kandidati li jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet miftuħa, għall-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u għall-ħajja ta' kuljum. Madankollu, jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tikkontribwixxi għall-ħlas ta' dawn l-ispejjeż, trid tiżgura ruħha li timxi fuq il-prinċipju li tittratta lil kulħadd bl-istess mod. Il-kriterji li mxiet fuqhom l-Kummissjoni biex tikkontribwixxi għall-ħlas ta' l-ispejjeż ta' l-ivjaġġar u tal-ħajja ta' kuljum tal-kandidati jidhru li jiġu applikati għall-kandidati kollha bl-istess mod u li huma ibbażati fuq parametru oġġettiv ta' distanza bejn il-post tar-residenza tagħhom u l-post ta' l-eżami. Is-sistema magħżula mill-Kummissjoni għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji skond ma jkun il-kas jidhru li huma raġonevoli u mhumix diskriminatorji kontra xi kandidat jew ieħor.

Fuq li jidher hawn fuq, ma jidhirx li kien hemm xi nuqqas fl-amministrazzjoni mill-Kummissjoni dwar dan l-aspett tal-każ.

### 2 Talba ta' l-ilmentatriċi

2.1 L-ilmentatriċi dehrilha li l-Kummissjoni jmissha timxi fuq regoli ġodda biex tħallas lura l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar biex tiżura li jkun hemm ugwaljanza ċara fl-opportunitajiet lil dawk li jitħajru jieħdu sehem f'dawn il-kompetizzjonijiet miftuħa.

2.2 Wara l-konklużjonijiet f'punt 1.5 ta' din id-deċiżjoni, l-Ombudsman ma deherlux li kien hemm il-ħtieġa li jikkunsidra dan il-punt.

### 3 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ mill-Ombudsman fuq dan l-ilment, ma jidhirx li hemm amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni Ewropea. Għaldaqstant l-Ombudsman jagħlaq il-każ.

## ALLEGAZZJONI TA' DISKRIMINAZZJONI FIL-GRAD LI NGĦATA SPETTUR NUKLEARI

*Deċiżjoni dwar ilment 1365/2002/OV (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea*

### L-ILMENT

Skond l-ilmentatur, il-fatti rilevanti kienu kif ġej:

L-ilmentatur ħa sehem f'kompetizzjoni miftuħa COM/B/1015 (B5/B4 spetturi nukleari għall-Euratom) organizzata fl-1996 mill-Kummissjoni għal ċittadini mill-iStati Membri ġodda. Meta nħatar f'Mejju 2000, l-ilmentatur tqiegħed fi grad B4, li kien l-ogħla grad li wieħed jista' jasal għalih f'din il-kompetizzjoni. l-ilmentatur għandu esperjenza twila ta' xogħol u ggradwa mill-università bħala inġinier, kwalifika li hi ogħla milli kien meħtieġ għal dan il-post.

Skond l-ilmentatur, meta ngħata l-grad ta' B4, kienet saret diskriminazzjoni kontrih għal dawn ir-raġunijiet:

L-ewwel, il-Kummissjoni applikat limitu ta' età aktar għoli f'din il-kompetizzjoni, minħabba li saret għal ċittadini mill-pajjiżi membri ġodda. l-ilmentatur jidhirlu li għaldaqstant kellha tiġi applikata firxa aktar wiesgħa ta' gradi (B5 - B1), minħabba l-fatt li kienet miftuħa għal persuni li għandhom esperjenza itwal ta' xogħol.

It-tieni, bejn wieħed u ieħor sena qabel kien hemm tliet kompetizzjonijiet miftuħa għal ċittadini ta' l-istati membri ġodda (bi sfond fl-ekonomija, fl-amministrazzjoni jew esperjenza prattika tal-*computers* – COM/B/951, COM/B/952 u EUR/B/72) fejn il-gradi varjaw minn B1 sa B5. Fir-rebbiegħa 2002, l-Euratom impjegat uffiċjal fil-grad B1 mil-lista COM/B/951. Li kieku l-ilmentatur ħa sehem f'din il-kompetizzjoni li kienet saret qabel, x'aktarx li kien jinħatar fi grad B1 minħabba l-esperjenza li kellu f'dan ix-xogħol.

Biex isostni t-talba tiegħu biex jikseb grad aktar għoli, l-ilmentatur jirreferi għad-deċiżjoni ta' l-Ombudsman Ewropew fil-każ 109/98/ME fejn il-Kummissjoni qablet mar-rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman f'każ simili fejn ġiet allegata diskriminazzjoni fil-gradi li ngħataw lil spetturi tas-sajd minn għadd ta' kompetizzjonijiet.

L-ilmentatur għamel ilment lill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' l-Artikolu 90 tar-Regolamenti ta' l-i*Staff*. Fil-25 ta' Mejju 2002 huwa ġie informat li l-Kummissjoni kienet ċaħdet it-talba tiegħu biex tikkonsidra l-grad tiegħu mill-ġdid. Fir-risposta tagħha l-Kummissjoni stqarret li l-Każ 109/98/ME kien dwar aġenti temporanji u li ma kien hemm l-ebda ħtieġa għal uffiċjali B3/B2 jew B1 fil-kompetizzjoni ta' l-Euratom. l-ilmentatur għalhekk ressaq dan l-ilment quddiem l-Ombudsman għax, skond hu, skond il-prinċipju ta' trattament ugwali, hu kellu jingħata grad aktar għoli.

### L-ISTĦARRIĠ

#### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni l-ewwel fakkret il-fatti ta' dan il-każ. l-ilmentatur għadda minn kompetizzjoni COM/B/1015 (*OJ* C 179 A tat-22 ta' Ġunju 1996) li kienet organizzata għal spetturi nukleari fi grad B5/4 u li kienet limitata għal ċittadini Awstrijaċi, Finlandiżi u Svediżi. Il-lista ta'

riżerva tal-kandidati li għaddew saret fis-17 ta' Lulju 1997. l-ilmentatur ġie impjegat f'Mejju 2000, wara li għalaq il-perjodu tat-tkabbir, u, fuq il-bażi ta' l-esperjenza professjonali tiegħu, kien ġie klassifikat fi grad B4 livell 3, li skond ir-regolamenti kien il-grad l-aktar għoli f'karriera ta' din ix-xorta.

Fl-ilment tiegħu, l-ilmentatur jirreferi għal kompetizzjonijiet oħra li saru waqt it-tkabbir u li ġew organizzati fil-livell ta' B1 u B3/2 u għad-deċiżjoni 109/98/ME li ġiet applikata għal tliet aġenti temporanji li ġew impjegati bħala spetturi tas-sajd. Hu jsemmi wkoll il-kompetizzjonijiet li ġew organizzati meta sar it-tkabbir bid-dħul ta' Spanja u l-Portugall.

Meta jsir tkabbir, il-Kummissjoni jkollha toħloq bilanċ bejn il-ħtiġiet tas-servizz u l-ħtieġa li timpjega ċittadini mill-iStati Membri ġodda, f'livelli differenti fl-istruttura ta' karrieri magħha. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni organizzat kompetizzjonijiet fil-livelli B1, B3/2 u B5/4 li koprew firxa aktar ġenerali (amministrazzjoni ġenerali, teknoloġija ta' l-informatika, *accountancy*, finanzi pubbliċi u verifika, u arkivji, dokumentazzjoni u libreriji). Ġeneralment kien hemm koncessjonijiet ta' limiti ta' età aktar għolja fil-każ ta' kompetizzjonijiet meta kien hemm id-dħul ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-iSvezja. Fl-organizzazzjoni ta' dawn il-kompetizzjonijiet, kien imbassar li l-maġġoranza tal-kandidati li jgħaddu jkunu fil-kompetizzjonijiet B5/4. Ma' dawn il-kompetizzjonijiet, saru kompetizzjonijiet oħrajn aktar speċjalizzati fil-livell B5/4 għal *technicians* li jaħdmu f'laboratorju, infermiera u spetturi nukleari. Ta' min jgħid li dan l-istess metodu kien ġie adottat meta kien hemm id-dħul ta' Spanja u l-Portugall.

Ix-xebħ li sar mill-ilmentatur mal-każ tat-tliet spetturi tas-sajd ma jitqiesx bħala xi ħaġa li tista' ssir. F'dan il-każ, il-Kummissjoni, għalkemm sostniet li kienet imxiet b'mod legali għall-aħħar, qablet bħala eċċezzjoni, fid-dawl tal-livelli differenti għall-għażla ta' l-ispetturi tas-sajd, mas-soluzzjoni amikevoli li kien ħareġ biha l-Ombudsman Ewropew. Barra minn dan, il-Kummissjoni qajmet il-punt li l-ilmentatur qatt ma semma' jekk huwa qatt kienx applika biex jieħu sehem f'xi waħda mill-kompetizzjonijiet ġenerali organizzati fil-livelli B1 jew B3/2. Il-Kummissjoni ħasset li l-klassifika li ngħata l-ilmentatur kienet korretta skond il-bażi li fuqha saret il-kompetizzjoni.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

L-ilmentatur stqarr li l-ħtieġa – li rreferiet għaliha l-Kummissjoni – li timpjega ċittadini mill-iStati Membri ġodda f'livelli differenti fl-istruttura tagħha ta' karrieri, hija biex tiżgura li *staff* b'esperjenza mill-iStati Membri ġodda jingħataw gradi li jippremjaw l-esperjenza li huma jkunu kisbu qabel ma' l-iStat Membru ssieħeb fl-UE u qabel ma l-individwu seta' jkollu kariga fl-UE.

L-ilmentatur osserva li l-ispjega mogħtija mill-Kummissjoni għad-deċiżjoni tagħha li tapplika din ir-regola għal tmien kompetizzjonijiet u li tillimita t-tliet kompetizzjonijiet l-oħra għall-grad B5/B4 hija li f'oqsma aktar ġenerali jkun hemm ħtieġa ta' gradi aktar wiesgħa waqt li oqsma aktar speċjalizzati, bħall-kaz ta' spettur nukleari ta' l-ilmentatur, jkollhom gradi limitati. l-ilmentatur qal li din l-ispjega mhix konsistenti u ma tippreżentax bażi relevanti u oġġettiva li fuqha wieħed jista' jiġġustifika differenza fit-trattament. Għalhekk hemm ksur fil-prinċipju ta' l-ugwaljanza.

L-ilmentatur osserva wkoll li l-"ħtiġiet tas-servizz" li semmiet il-Kummisjoni biex tillimita l-gradi għal B5/B4 għal xi kompetizzjonijiet marbutin mat-tkabbir ma jistgħux jitqiesu li huma relevanti u oġġettivi biżżejjed biex wieħed jiġġustifika xi differenza fit-trattament. l-ilmentatur semma' li l-Euratom kontinwament timpjega spetturi ta' esperjenza fi gradi B1/B2 u li s-servizzi kollha jmorru tajjeb bis-saħħa ta' impjegati b'esperjenza. Wieħed ma jistax jgħid li kien hemm ħtieġa akbar għal uffiċjali B1/B2 f'servizzi oħrajn aktar milli kien hemm fil-Euratom.

L-ilmentatur stqarr li l-Kummissjoni kienet aċċettat is-soluzzjoni amikevoli ta' l-Ombudsman fil-każ 109/98/ME u qablet li tpoġġi l-ispetturi tas-sajd fi grad ġdid għaliex huma kellhom esperjenza kbira ħafna tax-xogħol. l-ilmentatur għalhekk talab lill-Kummissjoni biex tagħmel l-istess ħaġa miegħu, għax huwa wkoll kellu esperjenza kbira ħafna tax-xogħol. Minħabba l-età relattivament kbira tiegħu, huwa tqiegħed f'pożizzjoni ħażina sew minħabba l-politika diskriminatorja tal-Kummissjoni dwar il-gradi ta' nies li jaħdmu magħha.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 It-talba għal grad ogħla minn B4

1.1 L-ilmentatur jistqarr li, skond il-prinċipju ta' trattament ugwali, hu għandu jingħata grad ogħla minn B4. Biex isaħħaħ it-talba tiegħu, l-ilmentatur josserva li l-Kummissjoni applikat limitu ogħla ta' età f'din il-kompetizzjoni, għax kienet organizzata għal ċittadini minn stati membri ġodda, u li bejn wieħed u ieħor sena qabel kienu saru tliet kompetizzjonijiet miftuħa għal ċittadini ta' stati membri ġodda (bi sfond fl-ekonomija/amministrazzjoni jew fil-qasam prattiku tal-*computers* – COM/B/951, COM/B/952 u EUR/B/72) fejn il-gradi varjaw minn B1 sa B5. l-ilmentatur jirreferi wkoll għad-deċiżjoni ta' l-Ombudsman fil-każ 109/98/ME.

1.2 Il-Kummissjoni tosserva li, fi żmien it-tkabbir, il-Kummissjoni trid toħloq bilanċ bejn il-ħtiġiet tas-servizz u l-ħtieġa li timpjega ċittadini mill-iStati Membri ġodda f'livelli differenti fl-istruttura ta' karrieri tagħha. Għal ċittadini li jiġu minn Stati Membri ġodda, il-Kummissjoni organizzat kompetizzjonijiet fil-livelli B1, B3/2 u B5/4 li koprew setturi aktar ġenerali (amministrazzjoni ġenerali, teknoloġija ta' l-informatika, *accountancy*, finanzi pubbliċi u verifika, u arkivji, dokumentazzjoni u libreriji). Minbarra dawn il-kompetizzjonijiet, il-Kummissjoni organizzat kompetizzjonijiet oħra aktar speċjalizzati fil-livelli B5/4 għal *technicians* tal-laboratorji, infermiera u spetturi nukleari. Il-Kummissjoni tinnota wkoll li x-xebħ li għamel l-ilmentatur mal-każ tat-tliet spetturi tas-sajd ma jistax jiġi kkunsidrat bħala xebħ li jista' jsir f'dan il-każ.

1.3 L-Ombudsman jinnota li l-prinċipju ta' trattament ugwali li jissemma' f'Artikolu 5(3) tar-Regolamenti ta' l-i*Staff* hu regolament ġenerali li jagħmel parti mil-liġi li tapplika għas-servizz civili tal-Komunità. Diskriminazzjoni li tmur kontra din ir-regola tinħoloq meta sitwazzjonijiet identiċi jew li jixxiebħu jiġu ttrattati mhux bl-istess mod u d-diskriminazzjoni ma tkunx ġustifikata b'mod oġġettiv.[19]

1.4 Fil-każ 109/98/ME – li jirreferi għalih l-ilmentatur - l-Ombudsman sab li kien hemm ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali, għaliex l-ispetturi tas-sajd kienu ġew impjegati fil-gradi B5/B4, waqt li a) spetturi oħra tas-sajd li kienu ġa ġew impjegati mill-Kummissjoni fuq il-bażi ta' kompetizzjonijiet li saru qabel kienu ngħataw il-gradi B3, B2 u B1, u b) kompetizzjoni ġdida li kienet għadha kif ġiet ippublikata kienet dwar ir-reklutaġġ ta' spetturi tas-sajd fil-gradi B3/B2. l-ilmentatur jgħid li dak li sab l-Ombudsman f'dan il-każ għandu jkun applikat bl-istess mod fil-każ tiegħu.

1.5 L-Ombudsman jidhirlu li l-ispjega mogħtija mill-Kummissjoni dwar id-differenza fil-gradi bejn gradi speċjalizzati u ġenerali f'kompetizzjonijiet għall-grad B tidher raġonevoli. Barra minn hekk, mill-informazzjoni li għandu l-Ombudsman, jidher li m'hemm ebda indikazzjoni li turi li spetturi nukleari minn kompetizzjonijiet differenti kienu ser jiġu trattati b'mod differenti. Ix-xebħ li għamel l-ilmentatur kien dwar, fuq naħa waħda, ir-reklutaġġ ta' spetturi nuklejari fi grad B u, fuq in-naħa l-oħra, ir-reklutaġġ ta' uffiċjali fi grad B bi sfond fl-ekonomija/l-amministrazzjoni u f'xogħol prattiku bil-*computer* (COM/B/951, COM/B/952 u EUR/B/72). Jidher li dawn is-sitwazzjonijiet ma jistgħux jitqabblu u, għalhekk, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala bażi li fuqu għandu jingħata ġudizzju dwar kemm ġie rispettat il-prinċipju ta' ugwaljanza fil-mod kif ġew ittrattati n-nies.

1.6 F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Ombudsman ma jidhirlux li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq il-grad li kiseb l-ilmentatur tikser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn bniedem u ieħor. l-Ombudsman, għalhekk, ma jsib ebda nuqqas amministrattiv mill-Kummissjoni.

### 2 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ li sar mill-Ombudsman f'dan l-ilment, jidher li ma kien hemm l-ebda nuqqas amministrattiv mill-Kummissjoni. l-Ombudsman, għalhekk, jagħlaq il-każ.

---

[19] Ara Każ T-92/96, Monaco kontra l-Parlament, [1997] ECR-SC 1A-195; II-573, paragrafu 54; Każ T-109/92, [1994] ECR-SC, II-105, paragrafu 87.

## ĊAĦDA TA' APPLIKAZZJONI TA' KONFERMA GĦAL AĊĊESS PUBBLIKU FIL-PROĊEDURA TAĦT ARTIKOLU 226

*Deċiżjoni dwar ilment 1437/2002/IJH kontra l-Kummissjoni Ewropea*

### L-ILMENT

F'Lulju tas-sena 2002, tressaq ilment quddiem l-Ombudsman dwar iċ-ċaħda mill-Kummissjoni ta' applikazzjoni ta' konferma għal aċċess pubbliku għal dokument.

L-ilmentatur kien sofra telf finanzjarju fis-suq ta' l-assigurazzjoni ta' Lloyd's fir-Renju Unit. Huwa kien ressaq ilment quddiem il-Kummissjoni kontra l-awtoritajiet Ingliżi talli naqsu milli jimplimentaw kif suppost id-Direttiva 73/239.

Il-Kummissjoni investigat l-ilment fir-rwol tagħha ta' gwardjan tat-Trattat. Fl-20 ta' Diċembru 2001, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' notifika formali lill-Gvern Ingliż skond il-proċedura f'Artikolu 226 KE.

L-ilmentatur kien applika sabiex ikun hemm aċċess pubbliku għall-ittra ta' notifika formali skond ir-Regolament 1049/2001. Il-Kummissjoni rrifjutat l-applikazzjoni għar-raġuni li, jekk il-kontenut ta' l-ittra jsir magħruf, dan seta' jdgħajjef it-tmexxija kif suppost tal-proċeduri fuq il-ksur tal-liġi skond Artikolu 226 KE.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur ħadha kontra ċ-ċaħda tal-Kummissjoni għal aċċess pubbliku għall-ittra ta' notifika formali u ħareġ bl-argument li t-Teżor tar-Renju Unit kien stqarr li ma kellu ebda oġġezzjoni li l-ittra tixxandar.

L-ilmentatur jisħaq li l-ilment tiegħu lill-Ombudsman huwa limitat għat-talba tiegħu dwar il-kwistjoni ta' aċċess pubbliku u m'għandux x'jaqsam ma' kif il-Kummissjoni mexxiet l-ilment tiegħu kontra l-awtoritajiet Ingliżi.

L-Ombudsman jaf li l-ilmentatur għamel ukoll petizzjoni lill-Parlament Ewropew dwar l-awtoritajiet Ingliżi u dwar Lloyd's.

### L-ISTĦARRIĠ

#### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Fil-qosor, fl-opinjoni tagħha l-Kummissjoni ressqet dawn il-punti:

L-ilmentatur huwa wieħed minn dawk l-investituri privati fis-suq ta' l-assigurazzjoni ta' Lloyd's ("*Names*") li sofrew telf finanzjarju qawwi sew u ressaq ilment kontra l-awtoritajiet Ingliżi għax ma mplimentawx sewwa d-Direttiva 73/239/EEC dwar l-assigurazzjoni *non-life*.

Fil-11 ta' Jannar 2002, l-ilmentatur kiteb dwar il-fatt li kien qed jikseb solliev li l-Kummissjoni kienet bdiet proċeduri formali kontra r-Renju Unit. Hu staqsa wkoll liema partijiet tad-Direttiva 73/239 kienu nvoluti u jekk l-ittra tan-notifika formali mill-Kummissjoni lill-awtoritajiet Ingliżi kenitx f'idejn il-pubbliku.

Fit-tweġiba tiegħu, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ Suq Intern bagħat lill-ilmentatur kopja ta' l-istqarrija għall-istampa li kellha x'taqsam ma' dal-każ u fisser li jekk dak li kien hemm fl-ittra tan-notifika formali jsir magħruf, dan seta' jdgħajjef il-mod kif titmexxa l-investigazzjoni fuq il-ksur tal-liġi. Din l-eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess għal dokument tidher f'Artikolu 4 (2), it-tielet inċiż, tar-Regolament 1049/2001.

Fil-5 ta' Frar 2002, l-ilmentatur ressaq applikazzjoni ta' konferma, fejn ħareġ bl-argument li kien hemm interess qawwi mill-pubbliku dwar il-kontenut ta' l-ittra. F'dan l-istadju, ma kenitx waslet

għand il-Kummissjoni t-tweġiba mill-awtoritajiet Ingliżi għall-ittra ta' notifika formali tagħha. Is-Segretarju Ġenerali sostna l-ewwel deċiżjoni.

Il-każ ta' Lloyd's huwa każ komplikat u sensittiv ħafna. l-investigazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-possibbiltà ta' ksur tal-liġi mir-Renju Unit għadu għaddej. Li kieku joħorġu dokumenti li nbidlu ma' l-awtoritajiet Ingliżi, dan kien jolqot ħażin il-mod kif titmexxa din l-investigazzjoni. Bħalissa l-Kummissjoni qiegħda teżamina legislazzjoni ġdida li daħlet bħala parti minn riforma wiesgħa tar-regolamenti finanzjarji tar-Renju Unit taħt il-*Financial Services and Markets Act 2000*. Il-Kummissjoni m'għandhiex tara biss jekk id-direttiva ddaħħlitx sew fil-liġijiet nazzjonali, iżda għandha tara wkoll jekk il-liġijiet nazzjonali hux qed jiġu applikati sew. l-għan aħħari hu li jiġi żgurat li jkun hemm konformità sħiħa mal-Liġi tal-Komunità. Dan il-proċess jeħtieġ klima ta' kunfidenza reċiproka li tista' titħassar jekk jinkixfu d-dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' din l-investigazzjoni.

L-argument ta' l-ilmentatur li t-Teżor Ingliż ma joġġezzjonax jekk tixxandar l-ittra tan-notifika formali mhux korrett. Min għamel l-ilment bagħat rapport mill-gazzetta The Mail on Sunday ta' l-10 ta' Marzu 2002, li jgħid hekk: "It-Teżor, li sejjer iwieġeb għall-akkużi tal-Kummissjoni sa l-aħħar ta' April, ċaħad li kien qed jirrifjuta li jagħti tweġiba sakemm ma tingħatax garanzija li tinżamm is-segretezza." Dan il-kliem qed jirreferi b'mod ċar għat-tweġiba ta' l-awtoritajiet Ingliżi, mhux għall-ittra tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-awtoritajiet Ingliżi sabiex ineħħu l-kunfidenzjalità fil-qafas ta' talbiet oħra għal aċċess għal dokumenti marbuta ma' dawn il-proċeduri dwar ksur tal-liġi, iżda dawn m'għamlux hekk.

F'bosta sentenzi, il-Qorti tal-Prim Istanza għarfet il-ħtieġa ta' kunfidenzjalità meta saru investigazzjonijiet dwar il-ksur tal-liġi u, għalhekk, iġġustifikat iċ-ċaħda li tagħti aċċess għal dokumenti relatati ma' investigazzjonijiet bħal dawn.[20] Għalkemm dawn is-sentenzi jirreferu għall-provvedimenti tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/90, dawn xorta waħda jibqgħu validi għax il-kliem li jidher fl-eċċezzjoni relevanti jidher ukoll fir-Regolament 1049/2001. l-unika ħaġa ġdida li hemm hija l-ħtieġa li tiġi bilanċjata l-ħsara li ssir meta joħroġ dokument kontra l-interess pubbliku li dokument bħal dak joħroġ għal għajnejn in-nies.

Il-konformità mal-liġijiet tal-Komunità hi ħaġa ta' interess pubbliku vitali li, b'mod mill-aktar ċar, tmur 'l fuq mill-interess tal-pubbliku in ġenerali li jkollu aċċess għad-dokumenti li jsiru u li jinbidlu bejn in-naħat waqt li tkun għaddejja l-investigazzjoni. Il-pubbliku jsir jaf, permezz ta' stqarrijiet għall-istampa, dwar il-fatt li l-proċeduri dwar il-ksur tal-liġi bdew u dwar il-kwistjonijiet prinċipali li jkun hemm fin-nofs.

L-interess ta' *Names* jew ta' partijiet oħra li jkunu mdaħħlin biex jiksbu aċċess għad-dokumenti relatati mal-proċeduri tal-ksur tal-liġi ma jammontax għal interess pubbliku f'li xi tagħrif joħroġ fil-pubbliku. l-ilmentatur għandu dritt li jkun infurmat dwar il-progress fuq il-proċeduri li kienu bdew bħala riżultat ta' l-ilment tiegħu, skond il-kodiċi ta' imġiba adottata mill-Kummissjoni fil-mod kif jiġu trattati l-ilmenti.[21]

Passi legali għal kumpens għat-telf li sofra l-ilmentatur u *Names* oħra jridu jittieħdu quddiem il-Qrati Ingliżi. Il-Kummissjoni tista' biss tipprova tiżgura li r-Renju Unit jimxi skond il-liġijiet tal-Komunità u, fl-aħħar, tieħu lir-Renju Unit quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Qorti tista' tgħid li r-Renju Unit aġixxa bi ksur tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat. Sentenza tal-Qorti li tiddikjara ksur bħal dan issaħħaħ il-każ ta' l-ilmentatur quddiem Qorti Ingliża. Sadanittant, il-Kummissjoni għamlitha ċara li hi lesta li tikkoopera bis-sħiħ ma' l-awtoritajiet ġudizzjarji Ingliżi jekk tkun imsejħa sabiex tixhed jew tagħti xi evidenza.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fil-qosor, l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur kienu kif ġej:

20 Każ T-105/95, WWF UK kontra l-Kummissjoni, [1997] ECR II-313, punt 63; Każ T-309/97 Bavarian Lager kontra l-Kummissjoni, [1999] ECR II-3217, punt 46; Każ T-191/99, Petrie u Oħrajn kontra l-Kummissjoni, [2001] ECR II-3677, punt 68.

21 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Ombudsman Ewropew dwar Relazzjonijiet ma' l-Ilmentatur fil-każ ta' ksur tal-Liġi tal-Komunità COM (2002) 141 finali ta' l-20 ta' Marzu 2002, 2002 *OJ* C 244/5.

Saru ħafna ilmenti lill-Kummissjoni u tressqu petizzjonijiet lill-Parlament Ewropew dwar il-possibbiltà ta' ksur tad-Direttiva 73/239. Meta tirrifjuta t-trasparenza, il-Kummissjoni żżomm lill-ilmentaturi u lil min jagħmel petizzjonijiet milli jmexxu l-każ tagħhom aktar 'il quddiem għax ma jkunux jafu l-linja ta' difiża li jkun mexa fuqha l-Gvern Ingliż u għalhekk ma jkunux jistgħu joħorġu b'argumenti oħra jew jikkoreġu dikjarazzjonijiet qarrieqa.

Bla dubju ta' xejn, it-tweġibiet lill-Kummissjoni mill-Gvern tar-Renju Unit se jkunu jiddependu ħafna fuq tagħrif mogħti minn Lloyd's. Dan jinkwieta bis-sħiħ lill-ilmentatur u lil min jagħmel petizzjoni għax Lloyd's, fl-imgħoddi, żammew milli jgħidu l-verità.

Meta l-korrispondenza tibqa' ma toħroġx, dan iwassal għas-suspett li hemm xi ħaġa ħażina jekk ikollu jaraha l-pubbliku. Jekk kien hemm xi nuqqas, kif qatt seta' kien possibbli li dan in-nuqqas baqa' jseħħ (u għadu jseħħ) għal żmien daqstant twil? Il-pubblikazzjoni tal-korrispondenza tneħħi l-impressjoni li *Names* li ntlaqtu ħażin qed jitpoġġew apposta fi żvantaġġ kbir.

Barra minn hekk, il-korrispondenza li għaddiet fl-1977/78 bejn il-Kummissjoni u l-Gvern tar-Renju Unit dwar it-traspożizzjoni ta' Direttiva 73/239 issa għandha 25 sena u ma tistax tiġi meqjusa bħala xi ħaġa sigrieta.

Fil-fehma ta' l-ilmentatur, issa mhux possibbli li jinkiseb kumpens mill-qrati nazzjonali fir-Renju Unit mingħajr sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja favur in-*Names*. Ġa tressqet fil-qrati Ingliżi allegazzjoni ta' ksur tad-Direttiva li ġiet miċħuda għax tqieset bħala irrelevanti. Din il-kwistjoni hija *res judicata*, li tfisser li ma tistax tinbidel ħlief mill-Qorti tal-Ġustizzja.

### *Ittra oħra mill-ilmentatur*

Fit-18 ta' Frar 2003, l-ilmentatur staqsa lill-Ombudsman biex jagħti kas, fil-qosor, ta' dan li ġej:

Fi smigħ mill-Kumitat tal-Petizzjonijiet, il-Kummissarju Bolkestein qal li l-Kummissjoni tinvestiga biss allegazzjonijiet dwar ksur tad-Direttiva 73/239 li jsir bħalissa u li dak li ġara fl-imgħoddi ma jiġix ikkunsidrat. Il-ħafna ilmenti u petizzjonijiet lill-Kummissjoni u lill-Parlament Ewropew minn membri ta' Lloyd's li ġarrbu telf finanzjarju għandhom x'jaqsmu ma' irregolaritajiet tal-passat. Il-membri ta' Lloyd's ma jistgħux jiksbu l-ġustizzja fil-qrati tar-Renju Unit jekk qabel ma jingħatax verdett mill-Qorti tal-Ġustizzja li l-Gvern Ingliż kellu tort.

## AKTAR STĦARRIĠ

Wara konsiderazzjoni serja ta' l-opinjoni tal-Kummissjoni u l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur, deher li kien hemm il-ħtieġa ta' aktar stħarriġ.

L-Ombudsman kiteb lill-Kummissjoni dwar l-argument li ressaq l-ilmentatur li t-tweġibiet tal-Gvern Ingliż lill-Kummissjoni kienu ta' bilfors ser ikunu bbażati fuq l-informazzjoni mogħtija minn Lloyd's. l-Ombudsman indika li l-argument ta' min għamel l-ilment, jekk kien korrett, jimplika li l-kunfidenzjalità tista' taffettwa b'mod ħażin il-mod kif titmexxa l-proċedura ta' Artikolu 226, ladarba l-informazzjoni li l-Kummissjoni tirċievi minn għand l-awtoritajiet Ingliżi ma tiġix mgħarbla b'mod kritiku.

L-Ombudsman, għalhekk, talab lill-Kummissjoni biex tagħti aktar informazzjoni dwar il-proċeduri wżati sabiex jiġi eżaminat jekk it-tagħrif li jaslilha taħt il-proċedura ta' Artikolu 226 hux ta' min joqgħod fuqu.

Permezz ta' ittra bid-data tas-6 ta' Marzu 2003, l-Ombudsman talab lill-Kummissjoni biex tirrispondi wkoll għall-ittra ta' l-ilmentatur tat-18 ta' Frar 2003.

### Ir-risposta tal-Kummissjoni

Ir-risposta tal-Kummissjoni, fil-qosor, semmiet dawn il-punti li ġejjin:

### *Il-kwistjoni ġenerali*

Fir-rigward tal-mistoqsija ġenerali dwar il-possibbiltà li l-ilmentaturi jikkummentaw fuq argumenti ta' Stati Membri, il-Kummissjoni tixtieq tfakkar li l-Qorti[22] qalet b'mod ċar li l-individwi mhumiex parti fil-proċeduri taħt Artikolu 226 KE u li, għal din ir-raġuni, m'għandhomx dritt li jinvokaw drittijiet għal smigħ ġust li jinvolvi l-applikazzjoni tal-prinċipju *audi alteram partem*.

Fil-qafas tal-proċeduri taħt Artikolu 226, informazzjoni mogħtija mill-iStati Membri tiġi eżaminata mis-servizzi tal-Kummissjoni kif ukoll minn għejjun oħra ta' informazzjoni, inklużi dawk mogħtija mill-ilmentatur, sabiex l-istituzzjoni titħalla tasal għal deċiżjoni dwar il-konformità ta' sitwazzjoni mal-liġi tal-Komunità.

Kif qalet il-Qorti fil-każ li jissemma aktar 'l fuq, l-istituzzjonijiet tal-Komunità, meta jieħdu d-deċiżjonijiet, jagħmlu użu minn dokumenti li jiġu minn għand terzi persuni, ladarba t-trasparenza fil-proċess ta' kif tittieħed deċiżjoni u r-rispett taċ-ċittadini fl-amministrazzjoni tal-Komunità tista' tiġi assigurata permezz ta' raġunar xieraq ta' dawn id-deċiżjonijet. Raġunar xieraq ifisser li, meta istituzzjoni tibbaża ruħha fuq dokument li jaslilha minn terzi persuni, l-istituzzjoni għandha tfisser il-kontenut ta' dan id-dokument f'dik id-deċiżjoni u tiġġustifika l-għażla ta' dak id-dokument bħala l-bażi ta' dik id-deċiżjoni.

Il-Kummissjoni hi tal-fehma li l-kunfidenzjalità li l-iStati Membri għandhom dritt li jistennew mill-Kummissjoni f'investigazzjonijiet ta' xi nuqqasijiet, ma tistax tkun nieqsa mis-sustanza tagħha u, għalhekk, irid jinstab l-aħjar bilanċ meta tinħareġ xi informazzjoni biex l-obbligu msemmi hawn fuq ikun jista' jintlaħaq.



### *Il-każ ta' l-ilmentatur*

Il-każ oriġinali tal-ksur tal-liġi, ma' liema każ huwa assoċjat il-każ ta' l-ilmentatur, huwa dwar l-allegat nuqqas li jiġu applikati b'mod xieraq il-kundizzjonijiet taħt Direttiva 73/239 dwar regolamentazzjoni bil-galbu u sorveljanza ta' Lloyd's, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-arranġamenti ta' verifika u dwar kjarifika ta' kemm jistgħu jitħallsu d-djun.

Każ ta' dan it-tip huwa aktar diffiċli minn dawk li jikkonċernaw it-traspożizzjoni ta' Direttiva, għax il-kwistjoni mhix sempliċiment waħda biex tara jekk dokument legali ġiex promulgat tajjeb, imma jekk il-liġi nazzjonali li timplimenta dak li titlob l-UE ġietx applikata b'mod xieraq mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Il-Kummissjoni wriet it-tħassib tagħha ma' l-awtoritajiet Ingliżi, l-aktar permezz ta' żewġ kwestjonarji dettaljati, li kienu segwiti b'ittra ta' notifika formali u ittra supplimentari ta' notifika formali maħruġa f'Jannar 2002. Għalkemm l-informazzjoni li tasal għand il-Kummissjoni toħroġ mill-awtoritajiet Ingliżi, mhux minn Lloyd's, il-Kummissjoni tifhem it-tħassib ta' l-ilmentatur li l-awtoritajiet Ingliżi jibbażaw ħafna fuq it-tagħrif mogħti minn Lloyd's.

Għalkemm m'hemm l-ebda raġuni għalfejn il-Kummissjoni għandha tiddubita mill-eżattezza ta' l-informazzjoni li taslilha mingħand l-awtoritajiet Ingliżi, il-Kummissjoni tista' tiċċekkja li dan it-tagħrif huwa korrett billi tuża dawn il-mezzi li ġejjin:

- Is-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jfittxu aktar informazzjoni u kjarifika mingħand l-ilmentatur. Dan jista' jsir permezz ta' komunikazzjoni normali, bħal per eżempji, posta, *fax*, u kif ta' spiss jiġri, bit-telefon jew *e-mail*. F'ċerti każijiet, uffiċjali tal-Kummissjoni ltaqgħu ma' l-ilmentaturi.
- Il-Kummissjoni waslulha ilmenti minn bosta partijiet. Għalkemm min għamel l-ilment ġeneralment qajjem l-istess punti, uħud mill-ilmentaturi huma nfurmati aħjar fuq ċerti punti minn oħrajn. Wara li qieset il-ħtieġa li tuża r-riżorsi limitati tagħha b'mod effiċjenti, il-Kummissjoni kemm-il darba kkonċentrat l-aktar fix-xogħol ta' kontroll u ta' kjarifika li twettaq fuq xi punti speċifiċi ma' dawk l-ilmentaturi li jkollhom l-aktar informazzjoni fuq dak il-punt. Uffiċjali tal-Kummissjoni ltaqgħu ma' ilmentaturi oħra, fosthom il-konsulenti speċjalisti

22 Każ T-191/99, Petrie u Oħrajn kontra l-Kummissjoni, [2001] ECR II-3677.

tagħhom, biex jiddiskutu aspetti speċifiċi. Tipikament, meta jfittex l-informazzjoni, uffiċjal ikun ġa kellu diskussjoni twila fuq it-telefon jew ikun ġa kkorrisponda fit-tul b'*e-mail*. Barra minn hekk, il-fatt li l-informazzjoni tkun waslet minn għadd ta' sorsi jfisser li l-Kummissjoni ta' sikwit ikollha informazzjoni aktar milli jkollu l-ilmentatur.

- Hemm aktar sorsi ta' informazzjoni biex wieħed jiċċekkja jekk l-affarijiet humiex eżatti. l-aktar sorsi importanti minn dawn huma s-sentenzi tal-Qrati Ingliżi fil-każijiet li għandhom x'jaqsmu ma' Lloyd's. Għalkemm dawn il-każijiet jikkonċernaw entitajiet differenti u kwistjonijiet differenti, is-sentenzi xorta jistgħu jipprovdu informazzjoni fattwali importanti. Ta' min isemmi wkoll il-petizzjonijiet lill-Parlament Ewropew fejn tidħol Lloyd's. Xi wħud minnhom huma estensivi ħafna: petizzjoni minnhom tieħu seba' A4 lever arch *files*.
- Il-Kummissjoni eżaminat ukoll jew għamlet referenza għal sensiela wiesa' ta' dokumenti oħrajn, fosthom Rapporti Uffiċjali li saru mill-Parlament Ingliż, Rapporti li tqabbdu mill-Gvern tar-Renju Unit dwar Lloyd's, Rapporti ppreparati f'isem Lloyd's, Rapporti fuq il-passi Dixxiplinarji ta' Lloyd's, kotba miktuba minn esperti, kif ukoll artikli f'gazzetti u rivisti.
- Il-Kummissjoni għamlet kuntatt ukoll ma' l-esperti tagħha fuq affarijiet tekniċi bħall-arranġamenti ta' verifika u kwistjonijiet legali.

Għalhekk, minkejja l-obbligu tagħha li tirrispetta l-kunfidenzjalità fil-mod kif tmexxi l-proċedimenti ta' Artikolu 226 KE u n-nuqqas ta' setgħat formali biex issejjaħ xhieda u toħroġ mandati għal dokumenti, il-Kummissjoni rnexxielha tikkonferma li l-parti l-kbira tat-tagħrif li waslilha kien korrett.

### *Il-kwistjoni ta' nuqqasijiet fl-imgħoddi*

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li t-titjib li sar fil-qafas regolatorju u ta' sorveljanza għal Lloyd's inkiseb permezz tal-*Financial Services and Markets Act 2000* li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2001.

Skond il-liġi ta' l-UE, l-għan tal-proċedimenti ta' ksur tal-liġi huwa li tiġi stabbilita jew li sseħħ mill-ġdid il-kompatibilità tal-liġijiet nazzjonali ma' dawk ta' l-UE, mhux biex taqtagħha jekk kienx hemm kompatibilità jew le fil-passat. Għalhekk, ix-xogħol ta' l-inkjesti preżenti tal-Kummissjoni għandu x'jaqsam ma' eżami u analiżi ta' kif il-qafas il-ġdid qed jiġi applikat taħt il-*Financial Services and Markets Act 2000*.

Meta deher quddiem il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet fit-22 ta' Jannar 2003, il-Kummissarju Bolkestein saħaq li azzjonijiet għad-danni jistgħu jitressqu biss fuq livell nazzjonali. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Qorti tal-Ġustizzja jikkonfermaw li l-proċeduri dwar ksur tal-liġi taħt Artikolu 226 KE għandhom biss l-għan li jġibu fi tmiemu xi nuqqas ta' konformità mal-liġi tal-Komunità minn Stat Membru, u mhux biex tinnota *in abstracto* li kien hemm xi nuqqas fil-passat.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fil-qosor, fl-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur tqajjmu l-punti li ġejjin:

Nuqqas ta' trasparenza tfisser li l-ilmentatur m'għandu ebda difiża kontra stqarrijiet mhux korretti fit-tweġibiet tal-Gvern tar-Renju Unit lill-Kummissjoni.

L-għarfien mill-Kummissjoni li l-*Financial Services and Markets Act 2000* kiseb titjib fil-qafas regolatorju u ta' sorveljanza hu, fih innifsu, stqarrija fjakka li d-Direttiva 73/239 kienet inkisret qabel ma l-Att ġie fis-seħħ.

Artikolu 226 KE juża l-kliem li hu mandatorju: "Jekk il-Kummissjoni jidhrilha li Stat Membru ma wettaqx obbligu taħt dan it-Trattat, għandha tagħti opinjoni raġunata….." Għalkemm l-ilmentatur mhux qed ifittex kumpens finanzjarju mill-Kummissjoni, jidher ċar li l-Kummissjoni naqset għax damet biex tiżgura li l-liġi tal-Komunità kienet qed tiġi osservata. Il-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni raġunata li fiha tistqarr li l-Gvern tar-Renju Unit ilu ma jikkonforma mal-liġi tal-Komunità għal perjodu ta' madwar tletin sena.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Rimarka preliminari

1.1 L-osservazzjonijiet finali ta' l-ilmentatur jagħmlu allegazzjoni ġdida li l-Kummissjoni għandha tort għax damet biex tiżgura li d-Direttiva 73/239 fir-rigward tas-suq ta' assigurazzjoni ta' Lloyd's kienet qed tiġi nfurzata. Min għamel l-ilment jitlob li l-Kummissjoni għandha toħroġ opinjoni raġunata li fiha tgħid li l-Gvern Ingliż ma mexiex fuq il-liġi tal-Komunità għal perjodu ta' kważi tletin sena.

1.2 l-Ombudsman jidhirlu li mhux xieraq li jtawwal id-deċiżjoni fuq dan il-każ biex issir investigazzjoni fuq din l-allegazzjoni u din it-talba ġdida. l-ilmentatur għandu l-possibbiltà li jagħmel ilment ġdid lill-Ombudsman.

### 2 Ċaħda għall-aċċess għall-ittra ta' notifika formali ta' l-20 ta' Diċembru 2001

2.1 L-ilmentatur applika lill-Kummissjoni dwar aċċess pubbliku għal ittra ta' notifika formali mibgħuta mill-Kummissjoni lill-Gvern Ingliż fl-20 ta' Diċembru 2001, dwar il-ksur tad-Direttiva 73/239 fir-rigward tas-suq ta' l-assigurazzjoni ta' Lloyd's. l-ilmentatur jikkontesta ċ-ċaħda tal-Kummissjoni li tippubblika l-ittra u jgħid li t-Teżor tar-Renju Unit kien qal li ma kellu l-ebda oġġezzjoni li l-ittra toħroġ fil-pubbliku.

Min għamel l-ilment iressaq l-argument ukoll li r-risposti lill-Kummissjoni mill-Gvern tar-Renju Unit ser ikunu ibbażati ħafna fuq l-informazzjoni mogħtija minn Lloyd's, li fil-passat żammet lura milli tgħid il-verità.

2.2 Skond il-Kummissjoni, jekk tintwera l-ittra ta' notifika formali dan idgħajjef il-mod ta' kif titmexxa investigazzjoni dwar l-allegat nuqqas. Għalhekk tapplika l-eċċezzjoni tad-dritt għall-aċċess li jissemma' f'Artikolu 4 (2), it-tielet inċiż, tar-Regolament 1049/2001.[23]

Skond il-Kummissjoni l-każ ta' Lloyd's huwa kkomplikat u sensittiv ħafna u l-investigazzjoni tagħha dwar il-possibbiltà ta' ksur tal-liġi mir-Renju Unit għadha għaddejja. Jekk jintwerew id-dokumenti li nbidlu ma' l-awtoritajiet Ingliżi dan jolqot ħażin it-tmexxija ta' din l-investigazzjoni. l-għan aħħari huwa li jiġi żgurat li jkun hemm konformità sħiħa mal-liġi tal-Komunità. Dan il-proċess jeħtieġ klima ta' stima reċiproka miż-żewġ naħat li tiddgħajjef jekk id-dokumenti li huma marbuta ma' din l-investigazzjoni jinkixfu. l-argument ta' l-ilmentatur li t-Teżor Ingliż ma joġġezzjonax li toħroġ l-ittra ta' notifika formali mhux korrett. Il-Kummissjoni staqsiet lill-awtoritajiet tar-Renju Unit biex iħallu li titwarrab il-kunfidenzjalità fil-qafas ta' talbiet oħra għall-aċċess għal dokumenti marbuta ma' dawn il-proċedimenti tal-ksur tal-liġi, iżda dawn m'għamlux hekk.

Il-Kummissjoni targumenta wkoll li hija ċċekkjat jekk l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet Ingliżi kienitx korretta billi wżat numru ta' sorsi esterni li qalet min kienu, kif ukoll esperti tagħha fuq affarijiet tekniċi.

2.3 L-Ombudsman jinnota li Artikolu 4 (2) tar-Regolament 1049/2001 jgħid li l-istituzzjonijiet għandhom jiċħdu aċċess għal dokument fejn il-pubblikazzjoni tiegħu jdgħajjef il-ħarsien ta' l-"għan ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifiki", sakemm ma jkunx hemm interess pubbliku għall-pubblikazzjoni tiegħu li jkun akbar. F'sentenza dwar Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/90 (li ġiet sostitwita bir-Regolament 1049/2001), il-Qorti tal-Prim Istanza kkunsidrat li sabiex jinżamm l-għan ta' riżoluzzjoni ta' ħbiberija f'tilwima bejn il-Kummissjoni u Stat Membru, tista' tkun ġustifikata ċaħda għall-aċċess għal ittri ta' notifika formali stabbiliti in konnessjoni mal-proċedimenti ta' Artikolu 226.[24] Fuq il-kwistjoni ta' interess pubbliku li jista' jkun aktar qawwi, li hija kkunsidrata fil-punt 2.5 hawn taħt, l-Ombudsman hu tal-fehma li, fid-dawl ta' kif inqatgħu l-każijiet hawn fuq imsemmija, il-Kummissjoni tista' raġonevolment tikkonkludi li kienet ġustifikata meta ċaħdet li

[23] Regolament 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 fir-rigward ta' l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, 2001 *OJ* L 145/43.

[24] Każ T-191/99, Petrie u Oħrajn kontra l-Kummissjoni, [2001] ECR II-3677, paragrafu 68.

jkun hemm aċċess pubbliku għall-ittra ta' notifika formali in kwistjoni. l-Ombudsman ifakkar iżda li l-Qorti tal-Ġustizzja hi l-ogħla awtorità fuq il-Liġi tal-Komunità.

2.4 Fir-rigward ta' l-argumenti dwar l-attitudni ta' l-awtoritajiet tar-Renju Unit, l-Ombudsman jikkonsidra li, filwaqt li hija l-Kummissjoni li għandha tapplika l-eċċezzjoni relevanti taħt ir-Regolament 1049/2001, ma jidhirx li biex jinżamm l-għan ta' riżoluzzjoni amikevoli din tista' tiġġustifika ċaħda għall-aċċess jekk l-iStat Membru konċernat kien lest li jaċċetta l-dokument jinħareġ fil-pubbliku. Minkejja dan, l-Ombudsman ma jsib l-ebda bażi sabiex jiddubita l-argument tal-Kummissjoni li l-awtoritajiet tar-Renju Unit m'humiex lesti jaċċettaw li f'dan il-każ id-dokument jinħareġ.

2.5 Fir-rigward tal-fatt li l-ilmentatur ma jistax jikkoreġi informazzjoni provduta lill-Kummissjoni li x'aktarx kienet ħażina, l-Ombudsman l-ewwel jinnota li l-Qorti tal-Prim Istanza ddikjarat li l-individwi mhumiex parti fil-proċedimenti taħt Artikolu 226 KE u, li għal din ir-raġuni, ma jistgħux jitolbu drittijiet għal smigħ ġust li jinvolvi l-applikazzjoni tal-prinċipju *audi alteram partem*.[25]

Iżda l-Ombudsman jinnota li l-eċċezzjoni relevanti taħt ir-Regolament 1049/2001 tapplika "sakemm ma jkunx hemm interess pubbliku sovrastanti għall-pubblikazzjoni". l-Ombudsman hu tal-fehma li l-ilmentatur irnexxielu jistabbilixxi interess pubbliku sinjifikanti fil-pubblikazzjoni, ħaġa li tagħmilha possibbli għall-pubbliku li jara kemm hi preċiża l-informazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni u, għalhekk, iżzid il-mod kemm hi effettiva l-proċedura ta' Artikolu 226. l-Ombudsman jikkunsidra li, fl-istat preżenti tal-liġi Komunitarja u fid-dawl ta' possibbiltajiet oħra għall-kontroll li tirreferi għalih il-Kummissjoni, f'dan il-każ il-Kummissjoni tista' raġonevolment tikkonkludi li l-interess pubbliku fil-kontenut ma kienx aktar qawwi minn kull interess ieħor. l-Ombudsman ifakkar, iżda, li l-Qorti tal-Ġustizzja hija l-ogħla awtorità fuq il-liġi Komunitarja.

2.6 Fid-dawl ta' dak li jidher hawn fuq, l-Ombudsman ma jsib l-ebda nuqqas fl-amministrazzjoni fir-rigward ta' dan l-aspett ta' l-ilment.

2.7 L-Ombudsman ifakkar li l-ilmentatur applika biss għall-aċċess pubbliku ta' l-ittra ta' notifika formali maħruġa mill-Kummissjoni fl-20 ta' Diċembru 2001 u li l-Kummissjoni spjegat li x-xogħol tal-proċedimenti kurrenti taħt Artikolu 226 għandu x'jaqsam mal-pożizzjoni ta' wara d-dħul fis-seħħ tal-*Financial Services and Markets Act 2000*.

L-Ombudsman jinnota li l-ilmentatur jista' japplika quddiem il-Kummissjoni, skond ir-Regolament 1049/2001, għall-aċċess għal dokumenti li, sakemm ikollhom x'jaqsmu mal-pożizzjoni ta' qabel ma daħal fis-seħħ il-*Financial Services and Markets Act 2000* jistgħu ma jkunux aktar relevanti mal-proċedimenti preżenti taħt Artikolu 226.

## 3 L-iskop ta' l-investigazzjoni taħt Artikolu 226 mill-Kummissjoni

3.1 F'ittra oħra mibgħuta waqt l-istħarriġ, l-ilmentatur jargumenta li l-investigazzjoni taħt Artikolu 226 mill-Kummissjoni għandha jkollha x'taqsam ma' irregolaritajiet tal-passat kif ukoll ma' allegazzjonijiet preżenti ta' ksur tad-Direttiva.

3.2 Il-Kummissjoni targumenta li l-għan tal-proċedimenti tal-ksur tal-liġi taħt Artikolu 226 KE hu sabiex jistabbilixxi jew jerġa' jdaħħal kompatibilità tal-liġi nazzjonali mal-liġi ta' l-UE, u mhux biex jiddeċiedi dwar kompatibilità jew nuqqas ta' kompatibilità fil-passat.

3.3 L-Ombudsman jinnota li, skond il-Qorti tal-Ġustizzja, l-għan tal-proċedura ta' qabel issir kawża fil-qorti taħt Artikolu 226 KE huwa li jġiegħel lil Stat Membru jikkonforma minn jeddu mal-ħtiġiet tat-Trattat jew, jekk huwa xieraq, sabiex jiġġustifika l-pożizzjoni tiegħu.[26] l-Ombudsman, għalhekk, jikkonsidra li l-Kummissjoni għandha dritt li tikkonċentra l-investigazzjoni tagħha taħt Artikolu 226 fuq jekk hemmx ksur tal-liġi Komunitarja wara d-dħul fis-seħħ tal-*Financial Services*

25 Każ T-191/99, Petrie u Oħrajn kontra l-Kummissjoni, [2001] ECR II-3677, paragrafu 70.

26 Każ C-191/95, Kummissjoni kontra l-Ġermanja [1998] ECR I-5449, paragrafu 44.

*and Markets Act 2000*. l-Ombudsman, għalhekk, ma jsib ebda nuqqas amministrattiv fir-rigward ta' dan l-aspett ta' l-ilment.

**4 Konklużjoni**

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ li għamel l-Ombudsman, jidher li m'hemm l-ebda nuqqas fl-amministrazzjoni tal-Kummissjoni. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

## ALLEGAZZJONI TA' DISKRIMINAZZJONI INDIRETTA MINĦABBA L-ETÀ F'KOMPETIZZJONI MIFTUĦA

### *Deċiżjoni dwar ilment 1536/2002/OV (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea*



L-ILMENT

Skond l-ilmentatur, il-fatti relevanti kienu kif ġej:

L-ilmentatur ried jieħu sehem f'kompetizzjoni miftuħa COM/A/2/02 organizzata mill-Kummissjoni (Direttorati Ġenerali tal-Biedja, Sajd u Ambjent) għar-reklutaġġ ta' assistenti amministrattivi (A8). l-avviż tal-kompetizzjoni kien jgħid li l-kandidati kien jeħtieġ li jkollhom il-grad universitarju li kien mitlub li jkun inkiseb wara Settembru 1997. l-ilmentatur deherlu li din tfisser diskriminazzjoni minħabba l-età, għax hu kiseb id-diploma fl-1994 u għalhekk ma setax jipparteċipa fil-kompetizzjoni.

Ghaldaqstant, huwa lmenta ma' l-Ombudsman fit-28 ta' Awissu 2002 fejn allega li l-kundizzjoni fl-avviż tal-kompetizzjoni li għad-dħul fil-kompetizzjoni wieħed irid ikollu grad universitarju miksub wara Settembru 1997, twassal għal diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' l-età.

L-ISTĦARRIĠ

**L-opinjoni tal-Kummissjoni**

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni ndikat li l-kompetizzjoni miftuħa COM/A/2/02, ippubblikata fl-*Official Journal* tal-25 ta' Lulju 2002, kienet ġiet organizzata għar-reklutaġġ ta' assistenti amministrattivi A8. Id-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet kienet is-27 ta' Settembru 2002. Punt II.2 ta' l-avviż tal-kompetizzjoni jgħid li ma kienet meħtieġa ebda esperjenza professjonali, iżda hemm il-kundizzjoni li l-kandidati jkunu akkwistaw diploma universitarja, li tagħti aċċess għall-kompetizzjoni, wara s-27 ta' Settembru 1997, jew li jkollhom diploma post-universitarja li għandha x'taqsam b'mod dirett mas-setturi ta' l-attivitajiet, miksuba wara s-27 ta' Settembru 1999.

Il-Kummissjoni osservat li, dwar l-inklużjoni tal-klawsola dwar "diplomi ġodda" għall-kompetizzjonijiet għal karriera A8, id-dispożizzjonijiet ta' l-avviż għall-kompetizzjoni preżenti huma aktar wiesa' minn dawk ta' qabel, fis-sens li d-diploma li tagħti lil dak li jkun iċ-ċans li jieħu sehem fil-kompetizzjoni (jiġifieri diploma li tingħata fit-tmiem ta' studji b'konnessjoni diretta mas-setturi ta' l-oqsma msemmija fl-avviż tal-kompetizzjoni) trid tkun inkisbet matul l-aħħar 5 snin. Qabel, din kienet 3 snin. Barra minn hekk, l-avviż tal-kompetizzjoni preżenti jinkludi kundizzjoni alternattiva li permezz tagħha kandidat seta' ġab diploma ta' speċjalizzazzjoni matul l-aħħar tlett snin. Mhux meħtieġ li din id-diploma ta' speċjalizzazzjoni tkun inkisbet wara l-ewwel diploma, iżda tista' tkun parti mill-edukazzjoni komplimentari fil-qafas tal-karriera professjonali tal-kandidat.

Il-Kummissjoni riedet tfakkar ukoll li l-kompetizzjoni in kwistjoni kellha l-għan li timpjega assistenti amministraturi A8, li hija l-karriera bażika fi grad A. Il-ħtieġa ta' diploma miksuba dan

l-aħħar hi kundizzjoni bbażata fuq in-natura tal-postijiet li jridu jintlew, kif indika l-Ombudsman fil-konklużjonijiet tiegħu f'punt 1.4 tad-deċiżjoni tiegħu fuq l-ilmenti 428/98/JMA u 464/98/JMA li ingħaqdu flimkien. Għall-gradi bażiċi, il-Kummissjoni qed tfittex lil min għandu kwalifiki reċenti jew "ġodda".

Dwar l-allegata diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' età li tirriżulta mill-kundizzjoni ta' diploma aktar "ġdida", il-Kummissjoni trid tisħaq li mhux biss żgħażagħ iżda anke dawk anqas żgħażagħ li bdew jistudjaw matul il-ħajja tagħhom jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet jekk kisbu diploma fl-aħħar ħames snin.

Barra minn hekk, minħabba li l-kompetizzjoni kienet qiegħda ssir mal-kompetizzjoni COM/A/1/02, kull persuna li ma kisbitx l-ewwel diploma tagħha fl-aħħar ħames snin jew diploma speċjalizzata fl-aħħar tlett snin, tista' tkun kandidata għall-kompetizzjoni COM/A/1/02. Il-kundizzjoni ta' esperjenza professjonali hija marbuta mal-kariga ta' amministratur li teħtieġ tlett snin ta' esperjenza professjonali. Peress li m'hemm l-ebda limitu fuq l-età, m'hemm ebda diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' l-età, iżda biss kundizzjoniiet ibbażati fuq in-natura tal-karigi.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

L-ilmentatur m'għamel l-ebda osservazzjonijiet.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 L-allegata diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' età

1.1 L-ilmentatur allega li l-kundizzjoni fin-notifika tal-kompetizzjoni li l-kandidat irid ikun kiseb grad universitarju biex jitħalla jidħol għall-kompetizzjoni wara Settembru 1997 tfisser diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' età.

1.2 L-argument tal-Kummissjoni kien li l-kompetizzjoni miftuħa COM/A/2/02 saret biex timpjega assistenti amministraturi A8. Il-Kummissjoni osservat li din il-klawsola ta' "diplomi ġodda" hija kundizzjoni marbuta man-natura tal-postijiet li riedu jintlew. Fir-rigward ta' l-allegata diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' età li tirriżulta minn din il-kundizzjoni, il-Kummissjoni osservat li mhux biss żgħażagħ iżda wkoll nies ta' età akbar li bdew l-istudji tagħhom matul ħajjithom jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet jekk huma kisbu d-diploma tagħhom matul l-aħħar 5 snin. Il-Kummissjoni qalet ukoll li persuni li ma kisbux id-diploma tagħhom fl-aħħar ħames snin jew id-diploma speċjalizzata matul l-aħħar tlett snin, xorta jistgħu jersqu għal kompetizzjoni simili COM/A/1/02 li kienet qed issir fl-istess żmien u li teħtieġ esperjenza professjonali.

1.3 Kif il-qrati tal-Komunità dejjem qalu, il-proċess ta' reklutaġġ ta' uffiċjali fil-Komunità jrid jirrispetta l-prinċipju ta' ugwaljanza bħala wieħed mill-prinċipji bażiċi ta' l-UE. Dan il-prinċipju jitlob li sitwazzjonijiet simili ma jkunux trattati b'mod differenti sakemm id-differenza ma tkunx oġġettivament ġustifikata. Għalhekk, kandidati f'sitwazzjonijiet simili ma jistgħux jiġu trattati b'mod differenti sakemm ma jkunx hemm ġustifikazzjoni ta' ħaġa bħal din.[27]

1.4 L-użu mill-Kummissjoni ta' l-allegata klawsola li hi indirettament diskriminatorja fil-kundizzjonijiet għal dħul fil-kompetizzjoni COM/A/2/02, jiġifieri d-data meta l-applikanti A8 kisbu l-grad akkademiku tagħhom jew grad speċjalizzat, irid ikun ibbażat fuq raġunijiet oġġettivi. Bis-saħħa ta' dan ir-raġunament l-Ombudsman ikollu ċans jara jekk il-Kummissjoni tkunx imxiet fil-limiti ta' l-awtorità legali tagħha meta daħħlet din it-tip ta' kundizzjoni.

1.5 Il-Kummissjoni ġġustifikat l-applikazzjoni ta' din il-klawsola fuq il-bażi tan-natura u l-funzjonijiet li jridu jagħmlu l-assistenti amministraturi. Ġaladarba uffiċjali A8 huma meqjusa li m'għandhom ebda esperjenza professjonali qabel ma huma jingħaqdu mal-Kummissjoni,

[27] Każ T-42/91, Hoyer kontra l-Kummissjoni [1994], ECR-SC II-297; Każ T-44/91, Smets kontra l-Kummissjoni [1994] ECR-SC II-319.

l-istituzzjoni għażlet data meta dawn għandhom ikunu temmew l-istudji tagħhom jew studji speċjalizzati. Il-ħtieġa ta' diploma "ġdida" tidher għalhekk kundizzjoni speċifika bbażata fuq in-natura tal-karigi li jridu jintlew.

1.6 Jidher ukoll li kandidati ta' età akbar li kisbu d-diplomi tagħhom jew id-diplomi speċjalizzati reċentement ukoll jistgħu jieħdu sehem fil-kompetizzjoni. Barra minn hekk, kandidati li ma kisbux id-diploma tagħhom jew diploma speċjalizzata fl-aħħar ħames jew tlett snin rispettivament jistgħu jipparteċipaw fil-kompetizzjoni COM/A/1/02 li tkun qed issir fl-istess żmien fejn hi meħtieġa esperjenza professjonali. l-Ombudsman għalhekk jidhirlu li l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni jidhru raġonevoli. Barra minn hekk, il-limitazzjonijiet imposti minn din il-klawsola jidhru li saru apposta b'mod biex jintlaħaq l-għan ewlieni tagħhom, jiġifieri li l-istituzzjoni tkun tista' timmira aħjar għal kandidati prospettivi A8.

1.7 Meta l-Kummissjoni daħħlet kundizzjoni bbażata fuq diplomi "ġodda" għal kandidati A8, l-Ombudsman ikkonkluda li l-Kummissjoni mxiet fil-limiti ta' l-awtorità legali tagħha. l-Ombudsman, għalhekk, isib li ma kien hemm l-ebda evidenza ta' nuqqas amministrattiv f'dan il-każ.

## 2 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman f'dan l-ilment, jidher li m'hemm l-ebda nuqqas amministrattiv mill-Kummissjoni. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.



## IĊ-ĊAĦDA TAL-KUMMISSJONI LI TAGĦTI AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI MRESSQIN MILL-ISTATI MEMBRI

### *Deċiżjoni dwar ilment 1753/2002/GG (Kunfidenzjali) kontra l-Kummissjoni Ewropea*

*Din hija d-deċiżjoni fil-qosor li ma setgħetx tiġi ppubblikata kollha kemm hi minħabba t-tul tagħha. It-test komplut tad-deċiżjoni bil-Ġermaniż u bl-Ingliż jinsab fuq il-website ta' l-Ombudsman: http://www.euro-Ombudsman.eu.int/decision/en/021753.htm*

F'Marzu 2002, l-ilmentatur, ċittadin Irlandiż, applika għand il-Kummissjoni biex jingħata aċċess għal ċerti dokumenti skond ir-Regolament (KE) Nru. 1049/2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.[28]

Id-dokumenti ġew provduti, bl-eċċezzjoni ta' żewġ ittri mibgħuta mill-Irlanda lill-Kummissjoni taħt Artikolu 27 (1) tas-Sitt Direttiva kif ukoll bl-eċċezzjoni ta' notifikazzjoni ta' l-Irlanda taħt Artiklu 27 (5) ta' l-istess direttiva. Il-Kummissjoni nformat lill-ilmentatur li ma jistax jingħata aċċess għal dawn id-dokumenti għax l-awtoritajiet tat-taxxa Irlandiżi kienu talbu li d-dokumenti ma jintwerewx.

L-ilmentatur allega li l-Kummissjoni żbaljat meta ma ħallitux jara dawn id-dokumenti, għaliex li kieku dawn id-dokumenti tħallew joħorġu dan ma kien ser jagħmel ebda ħsara lill-ebda interess stabbilit f'Regolament 1049/2001, u li l-Kummissjoni naqset milli tkun konformi mar-regoli proċedurali stabbiliti fid-Deċiżjoni 2001/937.[29] l-ilmentatur talab sabiex il-Kummissjoni għalhekk tirrevedi d-deċiżjoni tagħha.

Waqt l-inkjesta ta' l-Ombudsman, il-Kummissjoni stqarret il-fehma tagħha li hi mxiet mal-proċeduri korretti u li mhux biss kienet intitolata tiddeċiedi li tikkonsulta ma' l-awtoritajiet nazzjonali minn fejn kienu ħarġu d-dokumenti, iżda kellha wkoll l-obbligu li tagħmel hekk. Il-Kummissjoni saħqet

28 *OJ* L 145/43 tal-31 ta' Mejju 2001.

29 Deċiżjoni 2001/937/KE, ECSC, Euratom tal-5 ta' Diċembru 2001 li addottat regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament 1049/2001 mill-Kummissjoni *OJ* 2001 nru. L 345, paġna 94.

ukoll li kieku hi stess dehrilha li l-ħruġ ta' dawn id-dokumenti ikun ta' ħsara, hi lanqas biss kienet tikkonsulta ma' l-awtoritajiet Irlandiżi u kienet tiċħad l-aċċess hi stess. Id-dritt ta' Stati Membri li jirrifjutaw li jagħtu permess biex istituzzjonijiet joħorġu dokumenti li jkunu ġew minn għandhom, ma kienx intiż biex jonqos l-aċċess għal dokumenti ta' din ix-xorta iżda biex jonqos l-aċċess għal dokument bħal dan taħt ir-regoli tal-Komunità. Din ir-restrizzjoni kienet maħsuba biex tagħti kas tan-natura ta' dokument taħt il-liġi nazzjonali u skond il-pulitika u b'dan il-mod tevita diskrepanzi bejn il-Komunità u s-sistemi varji ta' trasparenza li jħaddnu bosta pajjiżi.

Fid-deċiżjoni tiegħu tal-każ, l-Ombudsman l-ewwel qies li l-ilmentatur ma rnexxilux juri li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta aċċess għad-dokumenti kienet ħażina, u sab li ma kien sar l-ebda nuqqas amministrattiv f'dan ir-rigward.

L-Ombudsman ikkonsidra wkoll li l-Kummissjoni, filwaqt li naqset li tikkonforma mar-regoli tagħha stess tal-proċeduri stabbiliti fid-Deċiżjoni 2001/937, fl-istess ħin kienet imxiet sew fir-rigward tas-sustanza tal-każ. Fil-fatt, wieħed jista' jargumenta li kieku l-Kummissjoni imxiet mar-regoli ta' proċedura tagħha stess, kienet tinstab ħatja ta' nuqqas amministrattiv. l-Ombudsman għalhekk ikkonsidra li ma kienx ikun xieraq li jsib, f'dan il-każ, li n-nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni li timxi fuq ir-regoli ta' proċedura tagħha kien ifisser nuqqas amministrattiv. Sabiex jgħin biex ma jerġgħux jinqalgħu sitwazzjonijiet simili fil-ġejjieni, l-Ombudsman għamel din ir-rimarka addizzjonali li tidher hawn taħt:

*Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ li għamel l-Ombudsman, jidher li r-regoli ta' proċedura adottati mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni tagħha 2001/937/KE, ECSC, Euratom tal-5 ta' Diċembru 2001 fejn ġew emendati r-regoli ta' proċedura u, b'mod partikolari, Artikolu 5 (4) ta' dawn ir-regoli, ma nkitbux bir-reqqa neċessarja biex jirriflettu d-dispożizzjonijiet sostantivi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru. 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 fir-rigward ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. l-Ombudsman għalhekk jikkonsidra li tkun ħaġa sewwa jekk il-Kummissjoni tirrevedi dawn id-dispożizzjonijiet. Ir-regoli li jikkorrispondu u li ġew adottati mill-Kunsill fid-Deċiżjoni tiegħu tad-29 ta' Novembru 2001 li jemendaw ir-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill*[30] *(u b'mod partikulari Artikolu 2 (1) ta' l-Anness III miżjud mar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill b'din id-Deċiżjoni) jistgħu jservu bħala gwida utli f'dan il-kuntest.*

## IL-MOD KIF IL-KUMMISSJONI EWROPEA TTRATTAT APPLIKAZZJONI GĦAL POST TA' ESPERT NAZZJONALI SSEKONDAT

### *Deċiżjoni dwar ilment 172/2003/IP kontra l-Kummissjoni Ewropea*

#### L-ILMENT

L-ilment jikkonċerna l-mod kif il-Kummissjoni ttrattat applikazzjoni għall-kariga ta' Espert Nazzjonali Issekondat.

F'Settembru 2001, id-Direttorat Ġenerali Suq Intern (li ser insibuh bħala DĠ MARKT) tal-Kummissjoni Ewropea qassam fost ir-Rappreżentanti Permanenti tal-Kummissjoni fl-iStati Membri erba' avviżi biex jintlew postijiet ta' Esperti Nazzjonali Issekondati (li hawn se jidhru bħala SNE) f'erba' setturi separati. l-ilmentatur applika għall-kariga li kien hemm f'Unit D/1, "Moviment Ħieles tal-Prodotti".

B'ittra tas-16 ta' Jannar 2002, l-ilmentatur ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu ma ntlaqgħetx. l-ittra qalet li "iċċirkulajna s-CV tiegħek fid-DĠ, imma jiddispjaċini ngħarrfek li l-applikazzjoni tiegħek ma rnexxietx. Minkejja dan, id-dettalji tiegħek ser jinżammu fil-file għal sena."

30 *OJ* L 313/40 tat-30 ta' Novembru 2001.

Fil-11 ta' Frar 2002, l-ilmentatur kiteb lill-Kummissjoni u staqsa lill-istituzzjoni: (i) biex tagħtih ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha għax m'għażlitx l-applikazzjoni tiegħu; (ii) biex tagħtih l-isem tal-kandidat magħżul u (iii) biex tagħtih aċċess għal kopja tad-dokumenti relatati.

Fit-tweġiba tagħha tat-13 ta' Marzu 2002, il-Kummissjoni stqarret li l-ittra mibgħuta fis-16 ta' Jannar 2002 kienet biex tinforma lill-applikanti li l-informazzjoni dwarhom ser tinżamm għal sena. l-istituzzjoni qalet li ma kienet saret l-ebda għażla sa dak il-mument u li minħabba ristrutturar intern tas-servizzi konċernati, ma kenitx ċerta jekk il-kariga ta' SNE kinetx ser timtela' f'qasir żmien. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stqarret li l-pubblikazzjoni ta' kariga bl-ebda mod ma torbot lill-istituzzjoni li tista' tiddeċiedi aktar tard li ma timliex din il-kariga.

Fit-2 ta' April 2002, l-ilmentatur kiteb ittra oħra lill-Kummissjoni. Huwa ġibed l-attenzjoni li l-ittra tas-16 ta' Jannar 2002 kienet tgħid ċar li l-applikazzjoni tiegħu ma kinetx irnexxiet. Fil-fehma ta' l-ilmentatur, dan ifisser li ġa kien seħħ il-proċess ta' l-għażla. Barra minn hekk, huwa kien tal-fehma li l-Kummissjoni kien imissha nfurmat lill-kandidati bi kwalunkwe deċiżjoni li kienet ittieħdet fil-qafas tal-proċedura relevanti. Fit-tweġiba tagħha tat-8 ta' Mejju 2002, il-Kummissjoni tenniet il-punti li dehru fl-ittra tagħha tat-13 ta' Marzu, 2002.

Fl-ittra tagħha ta' l-4 ta' Settembru 2002, fi tweġiba għal ittra oħra mill-ilmentatur fit-18 ta' Ġunju 2002, il-Kummissjoni qalet li: (i) għall-kariga f'Unit D/1 kienu waslu tliet applikazzjonijiet, fosthom dik ta' l-ilmentatur; (ii) wara bidla fl-istruttura interna tad-DĠ MARKT u wara kunsiderazzjoni mill-ġdid tat-tqassim tar-riżorsi umani, kien ġie deċiż li l-proċess biex jimtela l-post ta' SNE f'Unit D/1 ma jitkompliex; (iii) l-ebda SNE ma kien ġie mpjegat mid-DĠ MARKT wara li kienet ħarġet in-notifika tal-post battal in kwistjoni; (iv) minħabba li ma kien hemm ebda deċiżjoni bil-miktub dwar id-deċiżjoni biex ma jimteliex il-post, ma kienx possibbli li min għamel l-ilment jingħata aċċess għad-dokumenti mitluba minnu fl-ittra tiegħu tal-11 ta' Frar 2002. Barra minn hekk, id-DĠ MARKT iddispjaċih li l-ittra mibgħuta lill-applikanti f'Jannar 2002 kienet ittra tipika li normalment tintbagħat biex tinforma lill-kandidati li l-applikazzjoni tagħhom ġiet rifjutata. F'dan il-kas, kien ikun aħjar li kieku wieħed spjega li l-Kummissjoni kienet iddeċidiet li ma timliex il-post battal u tagħti r-raġunijiet.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni Ewropea kienet naqset li timxi fuq il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba meta bagħtitlu l-ittra tas-16 ta' Jannar 2002, għaliex l-informazzjoni li kien fiha ma kinetx korretta. Barra minn hekk, il-Kummissjoni m'aċċettatx li tagħtih aċċess għad-dokumenti relatati mad-deċiżjoni tagħha biex ma timliex il-kariga ta' SNE.

Min għamel l-ilment talab ukoll kumpens ta' 100.000 € għall-ħsara materjali u morali li allega li kien sofra.

## L-ISTĦARRIĠ

### L-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni fakkret l-isfond fattwali ta' l-ilment u għamlet dawn il-punti li ġejjin:

L-ilmentatur kien wieħed minn tliet applikanti għall-kariga ta' SNE wara li kien sar avviż dwar post battal f'Settembru 2001 mid-DĠ MARKT. Il-kandidati kollha li applikaw għal din il-kariga kienu ġew infurmati b'ittra tipika li l-kandidatura tagħhom ma rnexxietx. Il-Kummissjoni qalet li l-informazzjoni mogħtija f'din l-ittra ma kinetx eżatta għall-ilmentatur tant li dan ikkonkluda li kien ġie magħżul kandidat ieħor.

Iżda, fl-ittra tat-13 ta' Marzu 2002, fi tweġiba għall-ittra ta' l-ilmentatur tal-11 ta' Frar 2002, is-servizzi tal-Kummissjoni kienu taw lill-ilmentatur spjega dettaljata dwar id-deċiżjoni biex il-post battal ta' SNE ma jimteliex.

L-ilmentatur kiteb ittra oħra fit-2 t'April 2002 fejn qal li l-avviż għall-post tax-xogħol battal kien ħoloq stennija leġittima li jintgħażel għal dik il-kariga. Qal ukoll li huwa kien ġie nfurmat li kien

inħatar kandidat ieħor. Għalhekk, reġa' talab li jkollu aċċess għad-dokumenti relatati mad-deċiżjoni li l-post ta' SNE ma jimteliex.

Fit-8 ta' Mejju 2002, is-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni wieġbu lill-ilmentatur u kkonfermawlu il-kontenut ta' l-ittra tat-13 ta' Marzu 2002. Barra minn hekk, żiedu li l-Kummissjoni ma tkunx marbuta meta toħroġ avviż dwar post tax-xogħol battal.

Fit-18 ta' Ġunju 2002, l-ilmentatur ressaq ilment quddiem il-Kummissjoni taħt il-Kodiċi ta' Imgiba Amministrattiva Tajba; dan l-ilment kien wasal għand is-Segretarju Ġenerali u kien ġie reġistrat taħt in-numru ta' referenza A/330162. Id-Direttur Ġenerali tad-DĠ MARKT irrisponda għal dan l-ilment nhar l-4 ta' Settembru 2002. Huwa kkonferma l-informazzjoni mogħtija fl-ittra tat-13 ta' Marzu 2002 u qal li l-ebda SNE ma kien ġie mpjegat f'Unit D/1 tad-DĠ MARKT wara l-avviż għal post tax-xogħol battal ta' Settembru 2001. Id-Direttur Ġenerali reġa' skuża ruħu għall-fatt li l-ilmentatur kien irċieva biss ittra standard li qaltlu li l-applikazzjoni ma rnexxietx. Iżda hu enfasizza wkoll li l-informazzjoni li t-tagħrif fuq il-persuna kienet ser tinżamm fid-*database* tad-DĠ MARKT kienet korretta.

Permezz ta' ittra tas-7 ta' Ottubru 2002, l-ilmentatur appella kontra t-tweġiba li huwa kien ingħata għall-ilment tiegħu (A/330162) u talab li jingħata aċċess għal xi dokumenti.

Fit-tweġiba tiegħu tat-12 ta' Novembru 2002, is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni stqarr li, għalkemm huwa kien jaqbel li seħħew xi nuqqasijiet fil-mod kif kienet tmexxiet il-proċedura konċernata, dan kien ġie rranġat bl-ispjegazzjoni li aktar tard ingħatat lill-ilmentatur.

Fil-15 ta' Novembru 2002, id-DĠ MARKT ta lill-ilmentatur dawn id-dokumenti: kopja tan-nota mis-Sur M., Direttur Ġenerali tad-DĠ MARKT, lis-Sur R., Direttur Ġenerali għad-Direttorat Ġenerali ta' l-Amministrazzjoni (DĠ ADMIN), ta' l-24 ta' Ottubru 2001 dwar bidla fl-istruttura tad-DĠ MARKT li permezz tagħha ġew amalgamati Unit D/1 u Unit D/2; kopja tan-nota mid-DĠ ADMIN lid-DĠ MARKT tad-19 ta' Novembru 2001, fejn bagħat it-tliet applikazzjonijiet għall-kariga ta' SNE f'Unit D/1 u kopji bla isem ta' l-ittri mibgħuta liż-żewġ kandidati l-oħra għall-kariga ta' SNE, li kienu jaqblu ma' dik li ntbagħtet lill-ilmentatur fis-16 ta' Jannar 2002.

Bħala kumment ġenerali, il-Kummissjoni qablet li t-tweġiba mogħtija lill-ilmentatur fis-16 ta' Jannar 2002 ma tagħtux spjega sħiħa u eżatta tar-raġunijiet għaliex ma kienx ġie magħżul. Il-Kummissjoni kienet ġa skużat ruħha fl-ittra tagħha tat-13 ta' Marzu 2002. Madanakollu, il-Kummissjoni sostniet li l-ħruġ ta' avviż ta' post tax-xogħol battal ta' SNE ma jistax joħloq stennija leġittima min-naħa ta' l-applikanti li se jiġu maħtura. Il-postijiet ta' SNE huma ffinanzjati minn *Budget line* A-7003. Kull Direttorat Ġenerali jingħata pakkett finanzjarju li d-direttorat imbagħad imexxi b'mod deċentralizzat. Deċiżjonijiet dwar impjiegi ġodda jew trasferimenti ta' postijiet ta' SNE m'għandhomx bżonn ta' xi formalità partikolari. Deċiżjoni biex jiġi mpjegat SNE normalment tittieħed fuq il-bażi ta' talba mid-DĠ in kwistjoni lid-Direttorat Ġenerali għall-i*Staff* u l-Amministrazzjoni. F'dan il-kas partikolari, ladarba kien ġie deċiż li l-proċess ta' reklutaġġ ma jkomplix, talba bħal din ma saritx.

Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni qalet li, fir-rigward tan-numru ta' reġistrazzjoni fuq l-ittri mibgħuta fis-16 ta' Jannar 2002 lill-kandidati li ma ntagħżlux għall-post ta' SNE, ma setgħetx tispjega għaliex kien hemm numru ta' reġistrazzjoni li kien l-istess (238) għal tnejn minnhom. Skond il-Kummissjoni, l-aktar spjegazzjoni probabbli kienet li kienu ġew ippreżentati żewġ ittri flimkien għall-firma fl-istess file u t-tielet (bin-numru tar-reġistrazzjoni 240) f'ieħor separat.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fl-osservazzjonijiet tiegħu, fil-prinċipju l-ilmentatur sostna l-ilment tiegħu.

Barra minn hekk, hu sostna li ma kienx aċċettabbli li l-Kummissjoni ma kellhiex spjegazzjoni raġonevoli għaliex iż-żewġ ittri mibgħuta fis-16 ta' Jannar 2002 lill-kandidati li ma ntgħażlux kellhom l-istess numru ta' reġistrazzjoni waqt li t-tielet waħda kellha numru differenti. l-ilmentatur kien tal-fehma li dan jista' jiġi spjegat bil-fatt li l-kontenut ta' l-ittri ma kienx l-istess.

Hu rrepeta l-allegazzjonijiet li kien għamel fl-ilment tiegħu u baqa' jinsisti fuq it-talba tiegħu għall-kumpens.

## AKTAR STĦARRIĠ

Wara konsiderazzjoni serja ta' l-opinjoni tal-Kummissjoni u l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur, deher li kien meħtieġ aktar stħarriġ. B'ittra bid-data ta' l-10 ta' Novembru 2003, l-Ombudsman għalhekk talab lill-Kummissjoni tagħtih aċċess għall-file tagħha.

Fil-25 ta' Novembru 2003, is-servizzi ta' l-Ombudsman flew il-file tal-Kummissjoni. Dan kien fih dokumenti relevanti dwar il-bidliet fl-istruttura ta' l-organizzazzjoni tad-DĠ MARKT, dokumenti dwar il-karigi ta' SNE fid-DĠ MARKT, korrispondenza interna relatata mal-każ fost is-servizzi differenti tal-Kummissjoni u l-korrispondenza bejn il-Kummissjoni u l-ilmentatur. Għalkemm ma kinux fil-file, is-servizzi tal-Kummissjoni għaddew lis-servizzi ta' l-Ombudsman lista ta' postijiet tax-xogħol fil-kategorija SNE mis-sena 2000. Minn din il-lista, deher li ebda SNE ma kien ġie mpjegat f'Unit D/1. Is-servizzi ta' l-Ombudsman irċevew ukoll kopja ta' l-ittri kollha li ħarġu mid-DĠ MARKT fis-16 ta' Jannar 2002, bin-numri ta' reġistrazzjoni 238, 239, 240. Dwar dawn id-dokumenti li, fuq talba tal-Kummissjoni, għandhom jitqiesu bħala kunfidenzjali, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni spjegaw li jekk bosta ittri li jintbagħtu jkunu bbażati fuq l-istess ittra tipika bl-istess kliem, jintuża l-istess numru ta' reġistrazzjoni għal dawk l-ittri kollha. Jista' jiġri iżda li jkun hemm numru "nieqes" fin-numri ta' reġistrazzjoni f'korrispondenza minn taqsima waħda partikolari jew anke minn xi uffiċjal wieħed. Ir-raġuni għal dan huwa li d-DĠ kollu juża l-istess sistema ADONIS, jiġifieri l-istess sistema għar-reġistrazzjoni tan-numri. Dan ifisser li kull meta xi ħadd jirreġistra ittra mibgħuta, jittieħed in-numru li jkun jmiss.



## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Il-mod kif il-Kummissjoni mexxiet l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur

1.1 L-ilmentatur applika għall-kariga ta' Espert Nazzjonali Issekondat (Seconded National Expert) mad-DĠ MARKT, f'Unit D/1 "Moviment Ħieles tal-Prodotti" wara avviż ta' post tax-xogħol battal ippubblikat mid-DĠ MARKT u li tqassam fost ir-Rappreżentanti Permanenti tal-Kummissjoni f'Settembru 2001. Permezz ta' ittra tas-16 ta' Jannar 2002, hu ġie nfurmat li l-applikazzjoni tiegħu ma kisbitx suċċess.

Fl-ilment tiegħu, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni Ewropea ma mxietx mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba meta bagħtitlu l-ittra tas-16 ta' Jannar 2002 għax l-informazzjoni li kien hemm fiha ma kinetx preċiża.

1.2 Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni aċċettat li l-informazzjoni mogħtija fl-ittra tas-16 ta' Jannar 2002 kienet waħda li tfixkel lil dak li jkun u li din l-ittra setgħet wasslet lil min għamel l-ilment biex jaħseb li kandidat ieħor kien ntgħażel biex jimla l-kariga ta' SNE.

1.3 Skond prinċipji ta' amministrazzjoni tajba l-istituzzjonijiet għandhom jagħtu raġunijiet ċari u preċiżi għad-deċiżjonijiet tagħhom. Fil-każ preżenti, il-Kummissjoni aċċettat li l-ittra tagħha tas-16 ta' Jannar 2002 kienet tat lill-ilmentatur jifhem ħaġa b'oħra.

Iżda l-Ombudsman jinnota li fl-ittra ta' l-4 ta' Settembru 2002, u mbagħad fl-opinjoni tagħha lill-Ombudsman, il-Kummissjoni fissret lill-ilmentatur ir-raġunijiet għaliex kien ġie deċiż li l-post ta' SNE ma jimteliex u skużat ruħha għall-ittra tas-16 ta' Jannar 2002 li kienet tagħtu jifhem ħaġa b'oħra.

1.4 Minn spezzjoni tal-file tal-Kummissjoni li saret mis-servizzi ta' l-Ombudsman Ewropew, ma ħarġu ebda elementi li jistgħu jwasslu għal xi dubju fuq l-ispjegazzjonijiet li tat il-Kummissjoni.

1.5 Fuq li ntqal aktar 'il fuq, l-Ombudsman ma jħossx li hemm għalfejn isir aktar stħarriġ fuq dan l-aspett ta' dan il-każ.

### 2 It-talba ta' l-ilmentatur għall-aċċess għad-dokumenti

2.1 Fl-ilment li għamel, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni ma tagħtux aċċess għad-dokumenti relatati mad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma jimteliex il-post ta' SNE.

2.2 Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni qalet li fil-15 ta' Novembru 2002 id-DĠ MARKT ta lill-ilmentatur id-dokumenti kollha eżistenti dwar il-proċedura li kienet intużat, jiġifieri kopja tan-nota mis-Sur M., Direttur Ġenerali tad-DĠ MARKT lis-Sur R., Direttur Ġenerali fid-Direttorat Ġenerali ta' l-Amministrazjoni (DĠ ADMIN), li tikkonċerna l-bidla fl-istruttura tad-DĠ MARKT li ġabet magħha l-amalgamazzjoni ta' Unit D/1 u ta' Unit D/2, kopja ta' nota mid-DĠ ADMIN lid-DĠ MARKT tad-19 ta' Novembru 2001 li fiha kien hemm it-tliet applikazzjonijiet għall-kariga ta' SNE f'Unit D/3 u kopji bla ma jidhru l-ismijiet ta' l-ittri liż-żewġ kandidati l-oħra għall-kariga ta' SNE, identiċi għal dik mibgħuta lill-ilmentatur fis-16 ta' Jannar 2002.

2.3 Is-servizzi ta' l-Ombudsman għamlu spezzjoni tal-file tal-Kummissjoni. l-ebda deċiżjoni bil-miktub mill-Kummissjoni dwar d-deċiżjoni biex il-kariga ta' SNE ma timteliex ma nstabet fil-file. Deher ukoll li ma kien hemm ebda dokumenti oħra relatati ma' din id-deċiżjoni għajr id-dokumenti li l-Kummissjoni kienet uriet lill-ilmentatur. l-ispezzjoni wriet ukoll li l-kopji bla ma jidhru l-ismijiet ta' l-ittri li l-ilmentatur kien irċieva jablu ma' l-ittri li l-Kummissjoni kienet bagħtet liż-żewġ kandidati l-oħra.

2.4 Fuq dan il-bażi, l-Ombudsman jidhirlu li ma kien hemm ebda nuqqas amministrattiv mill-Kummissjoni f'dan l-aspett tal-każ.

### 3 It-talba ta' l-ilmentatur għal kumpens

3.1 L-ilmentatur talab kumpens ta' 100.000 € għal ħsara materjali u morali.

3.2 Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni sostniet li meta sar l-avviż ta' post battal ta' SNE dan ma setax joħloq stennija leġittima min-naħa tal-kandidati li huma kienu se jingħataw dik il-ħatra.

3.3 Fid-dawl tal-konklużjonijiet hawn fuq imsemmija dwar l-allegazzjonijiet ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman jidhirlu li min għamel l-ilment ma ressaq ebda evidenza biex jipprova d-danni li l-ittra li tagħtu jaħseb ħaġa b'oħra tas-16 ta' Jannar 2002 kienet allegatament ikkawżatlu.

### 4 Konklużjoni

Fuq l-istħarriġ ta' l-Ombudsman dwar dan l-ilment, jidher li ma kien hemm l-ebda nuqqas fl-amministrazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

## AĊĊESS GĦALL-KARTI TA' L-EŻAMI MMARKATI F'KOMPETIZZJONIJIET ORGANIZZATI MILL-KUMMISSJONI

*Deċiżjoni dwar ilment 324/2003/MF kontra l-Kummissjoni Ewropea*

### L-ILMENT

L-ilmentatur ressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew fis-7 ta' Frar 2003.

Skond l-ilmentatur, il-fatti relevanti huma kif ġej:

L-ilmentatur huwa uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea. Hu ħa sehem f'kompetizzjoni COM/C/1/01 li xxandret fl-*Official Journal* Nru. C 251A tal-11 ta' Settembru 2001 u li kienet organizzata mill-Kummissjoni Ewropea biex ikollha lista ta' riserva ta' assistenti klerikali fil-qasam ta' l-amministrazzjoni finanzjarja u *accounting*. Hu għadda mit-testijiet ta' qabel l-għażla u qagħad għat-testijiet li saru bil-miktub. F'ittra tat-13 ta' Diċembru 2002, il-Kummissjoni nfurmat lill-ilmentatur

li ma kienx intgħażel għall-eżami orali għax kien ġab biss 17 minn 40 punt fit-test d) meta l-marka minima kienet ta' 20 punt.

B'*e-mail* tat-18 ta' Diċembru 2002, l-ilmentatur talab lill-Kummissjoni kopja tal-karta ta' l-eżami tiegħu wara li kienet ġiet immarkata u l-verżjoni korretta ta' l-eżami li kien sar bil-miktub sabiex ikun jaf bl-iżbalji li kien għamel. Fl-10 ta' Jannar 2003, il-Kummissjoni bagħtet lill-ilmentatur kopja tal-karta miktuba tiegħu, mingħajr ebda korrezzjoni, flimkien mad-dokument ta' evalwazzjoni.

Permezz ta' *e-mail* tas-16 ta' Jannar 2003, l-ilmentatur informa lill-Kummissjoni li huwa kien talab għal kopja tal-karta ta' l-eżami tiegħu immarkata u li kienet waslitlu biss il-kopja tat-testijiet li hu kien kiteb mingħajr ebda korrezzjoni. B'ittra tad-29 ta' Jannar 2003, il-Kummissjoni rrispondiet li hija kienet għaddietlu l-informazzjoni kollha relatata mat-testijiet li kienu saru bil-miktub li kienet aċċessibbli għall-kandidati.

Fis-7 ta' Frar 2003, l-ilmentatur ressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew. Hu allega li l-Kummissjoni Ewropea kienet naqset li tagħtih il-karta ta' l-eżami tiegħu tal-kompetizzjoni COM/C/1/01 immarkata. Hu allega wkoll li mid-dokumenti mibgħuta mill-Kummissjoni Ewropea, jiġifieri d-dokument ta' evalwazzjoni u l-karta ta' l-eżami tiegħu mingħajr ebda korrezzjoni, hu ma setax jara x'kienu l-iżbalji li hu kien għamel.



## L-ISTĦARRIĠ

### L-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea

L-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea fuq l-ilment, fil-qosor, hija kif ġej:

Il-Kummissjoni stqarret, f'ittra mibgħuta mill-President Prodi lill-Ombudsman Ewropew fis-7 ta' Diċembru 1999, li kienet intrabtet li, lill-kandidati li jitolbuha, tagħtihom aċċess għall-karti ta' l-eżami tagħhom stess wara li jkunu ġew immarkati, f'kompetizzjonijiet li jsiru wara l-1 ta' Lulju 2000.[31] Il-Kummissjoni sostniet li l-aċċess għall-karti ta' l-eżami mmarkati kien sar biss possibbli wara li bdew jitħaddmu arranġamenti legali u amministrattivi.

Il-proċedura li tħaddmet kienet tikkonsisti fil-mili ta' *evaluation sheet* proviżorja li fiha jitniżżlu r-rimarki ta' kull eżaminatur u l-marki li kull eżaminatur jkun fi ħsiebu jagħti għal kull parti tat-testijiet. Il-Bord ta' l-Għażla mbagħad jasal għall-marka finali, iżid l-evalwazzjoni tiegħu fuq l-*evaluation sheet* u jiffirmaha. Din l-*evaluation sheet* tista' tintwera lill-kandidati, fuq talba tagħhom.

Test d) tal-kompetizzjoni COM/C/1/01 kien jikkonsisti f'*case study* li permezz tiegħu ġie eżaminat it-tagħrif speċjalizzat u l-kapaċitajiet organizzattivi u dawk amministrattivi tal-kandidati fil-qasam tat-tmexxija finanzjarja u *accounting*. Meta tlestew it-testijiet bil-miktub, il-karti kollha ġew ikkoreġuti mill-inqas minn żewġ eżaminaturi li ma kinux jafu min kienu l-kandidati skond il-kriterji li l-Bord ta' l-Għażla kien stabbilixxa minn qabel. Dan il-Bord imbagħad ra li l-kriterji kienu ġew applikati sew u ra mill-ġdid ir-rimarki u l-evalwazzjoni li saru mill-eżaminaturi. Fl-aħħar il-Bord ta' l-Għażla wasal għall-marki finali, li bihom ġew mgħarrfa il-kandidati.

Fir-rigward ta' l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur, li mid-dokumenti mibgħuta mill-Kummissjoni, jiġifieri l-*evaluation sheet* u l-karta ta' l-eżami mhux ikkoreġuta, ma setax jara l-iżbalji li hu kien għamel, wieħed irid jgħid li l-karti ta' dawk il-kandidati li qagħdu għat-testijiet bil-miktub ma kien fihom ebda rimarki. Ir-rimarki ta' l-eżaminaturi tniżżlu skond il-proċedura li ssemmiet hawn fuq, jiġifieri tniżżlu fuq l-*evaluation sheet* proviżorja. Il-Bord ta' l-Għażla seta' jikkonsulta din il-karta proviżorja ta' evalwazzjoni waqt li kien qed iħejji l-verdett tiegħu fuq il-kandidati. Iżda minħabba li l-*evaluation sheet* proviżorja ma kellhix fiha l-evalwazzjoni tal-Bord ta' l-Għażla imma kienet tifforma biss parti mill-proċedura waqt id-diskussjonijiet tal-Bord li wasslu għad-deċiżjoni, din ma ngħatatx lill-kandidati.

---

31 Stqarrija għall-istampa Nru. 16/99 ta' l-Ombudsman Ewropew tal-15 ta' Diċembru 1999.

L-*evaluation sheet* li ngħatat lill-ilmentatur kien fiha biss l-*assessment* tal-Bord ta' l-Għażla. Flimkien ma' indikazzjoni tal-marki li ngħata l-ilmentatur, il-Bord ta' l-Għażla niżżel ukoll il-kummenti tiegħu fuq din l-*evaluation sheet*. l-għan ta' dawn il-kummenti kien biex l-ilmentatur isir jaf għal liema raġunijiet il-Bord ta' l-Għażla ddeċieda li jagħtih marka li kienet anqas minn dik li kienet meħtieġa biex kandidat jgħaddi ghax b'hekk ikun qed jgħin lill-ilmentatur jekk xi darba aktar 'l quddiem jiddeċiedi li jieħu sehem f'kompetizzjoni ohra.

### Il-kummenti ta' l-ilmentatur

L-Ombudsman Ewropew bagħat l-opinjoni tal-Kummissjoni lill-ilmentatur u talbu għall-kummenti tiegħu. Ma waslet ebda risposta minn għandu.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 L-allegat nuqqas tal-Kummissjoni li turi l-karta ta' l-eżami mmarkata lill-ilmentatur

1.1 L-ilmentatur allega li l-Kummissjoni Ewropea naqset li turih il-karta tiegħu ta' l-eżami tal-kompetizzjoni COM/C/1/01 wara li din kienet ġiet ikkoreġuta.

1.2 Il-Kummissjoni Ewropea sostniet li kienet uriet l-informazzjoni kollha li kellha dwar it-testijiet bil-miktub u li setgħet turi lill-kanditati. Qalet ukoll li l-karti ta' l-eżami tal-kandidati li kienu qagħdu għat-testijiet bil-miktub ma kellhom l-ebda rimarka mniżżla fuqhom. Dawn ir-rimarki ta' l-eżaminaturi kienu tniżżlu fuq il-*provisional evaluation sheet* skond il-proċedura wżata bħalissa. Il-Bord ta' l-Għażla seta' jikkonsulta dan id-dokument proviżorju waqt li kien qed iħejji l-evalwazzjoni tiegħu fuq il-kandidati. Iżda ladarba l-*evaluation sheet* proviżorja ma kienx hemm fiha l-evalwazzjoni tal-Bord ta' l-Għażla u dan id-dokument kien jifforma biss parti mill-proċedura li permezz tiegħu l-Bord wasal għal deċiżjoni, din ma ngħatatx lill-kandidati.

1.3 Fit-18 ta' Ottubru 1999, wara stħarriġ li wettaq fuq inizjattiva tiegħu stess dwar is-segretezza fil-proċeduri li kienet tagħmel parti mis-sistema ta' reklutaġġ ta' l-impjegati mill-Kummissjoni, l-Ombudsman Ewropew bagħat Rapport Speċjali lill-Parlament Ewropew.[32] F'dan ir-Rapport Speċjali kien hemm rakkomandazzjoni formali li għal li ġej f'kompetizzjonijiet ta' impjieg il-Kummissjoni għandha tagħti lill-kandidati li jitolbuha, aċċess għall-karti ta' l-eżami tagħhom wara li jkunu ġew immarkati. Fis-7 ta' Diċembru 1999, il-President tal-Kummissjoni Ewropea kiteb lill-Ombudsman Ewropew biex jinfurmah li:

*"Il-Kummissjoni tilqa' r-rakkomandazzjonijiet li ressaqt f'dan ir-rapport u fi ħsiebha tmexxi 'l quddiem l-arranġamenti legali u organizzattivi neċessarji biex mill-1 ta' Lulju 2000 lil dawk il-kandidati li jitolbuha, jingħatalhom aċċess għall-karti ta' l-eżami tagħhom stess wara li jkunu ġew immarkati."*[33]

1.4 L-Ombudsman Ewropew osserva li l-ilmentatur kien talab lill-Kummissjoni biex tħallih jara kif kienu ġew immarkati l-karti ta' l-eżami tiegħu stess. Fl-10 ta' Jannar 2003, il-Kummissjoni bagħtet lill-ilmentatur kopji tal-karta li hu kien kiteb u kopja ta' l-*evaluation sheet*. Il-Bord ta' l-Għażla kiteb fuq din l-*evaluation sheet* il-kummenti tiegħu dwar l-evalwazzjoni li kien għamel tal-karta ta' l-eżami ta' l-ilmentatur. l-Ombudsman Ewropew ma jaf b'ebda regola li tobbliga lill-Bord ta' l-Għażla li jniżżel il-kummenti tiegħu dwar l-*assessment* ta' kandidat fuq il-karta ta' l-eżami. l-Ombudsman Ewropew għalhekk iqis il-pożizzjoni li ħadet il-Kummissjoni bħala waħda raġonevoli.

1.5 Fiċ-ċirkostanzi, l-Ombudsman Ewropew kien tal-fehma li ma kien jidher ebda nuqqas amministrattiv min-naħa tal-Kummissjoni.



32 Rapport Speċjali ta' l-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew wara inizjattiva li ħa minn jeddu dwar is-segretezza li hi parti mill-proċeduri ta' reklutaġġ tal-Kummissjoni: http://www.euro-ombudsman.eu.int/special/en/default.htm.

33 Ara stqarrija għall-istampa nru. 16/99 ta' l-Ombudsman Ewropew tal-15 ta' Diċembru 1999.

**2 L-allegazzjoni li d-dokumenti mibgħuta mill-Kummissjoni, jiġifieri l-*evaluation sheet* u l-karta ta' l-eżami mhux immarkata, ma jwasslux lill-ilmentatur biex jagħraf l-iżbalji li kien għamel.**

2.1 L-ilmentatur allega li d-dokumenti mibgħuta mill-Kummissjoni, jiġifieri l-*evaluation sheet* u l-karta ta' l-eżami mhux immarkata, ma wassluhx biex jagħraf l-iżbalji li hu kien għamel.

2.2 Il-Kummisjoni Ewropea qalet li l-evalwazzjoni tal-Bord ta' l-Għażla kienet tidher fl-*evaluation sheet* li ntbagħtet lill-ilmentatur. Fl-*evaluation sheet*, flimkien ma' indikazzjoni tal-marka li ngħatat lill-ilmentatur, il-Bord ta' l-Għażla niżżel ukoll il-kummenti tiegħu.

2.3 Mill-kopja ta' l-*evaluation sheet* li għaddietlu l-Kummissjoni, l-Ombudsman Ewropew seta' jara li dan id-dokument kien jidher li kien fih rimarki speċifiċi dwar l-evalwazzjoni tal-Bord ta' l-Għażla fuq il-karta ta' l-eżami ta' l-ilmentatur fir-rigward ta' test d) tal-kompetizzjoni. F'din l-*evaluation sheet*, il-Bord ta' l-Għażla kien ukoll immarka dak li tqiesu bħala żbalji jew nuqqasijiet fil-karta ta' l-eżami. l-Ombudsman Ewropew għalhekk iħoss li l-informazzjoni li twasslet lill-ilmentatur kienet dettaljata biżżejjed tant li setgħet twasslu biex jifhem xi żbalji kien għamel.

2.4 Minn dak li jidher hawn fuq, l-Ombudsman Ewropew ikkonkluda li jidher li ma kien hemm l-ebda nuqqas amministrattiv mill-Kummissjoni f'dan l-aspett tal-każ.



**3. Konklużjoni**

Mill-inkjesta li saret mill-Ombudsman fuq dan l-ilment, irriżulta li ma kien hemm l-ebda nuqqas amministrattiv mill-Kummissjoni Ewropea. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

## 3.1.4 Il-Bank Ċentrali Ewropew

### AĊĊESS GĦAL STATISTIKA DWAR L-AMMONT U DWAR IĊ-ĊIRKOLAZZJONI TAL-KARTI TA' L-EURO

*Deċiżjoni dwar ilment 1939/2002/IJH kontra l-Bank Ċentrali Ewropew*

L-ILMENT

F'Novembru 2002, l-ilmentatur għat-tieni darba ressaq ilment quddiem l-Ombudsman dwar iċ-ċaħda mill-Bank Ċentrali Ewropew (ECB) li jagħtih statistika dwar l-ammont u dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-karti ta' l-Euro. l-ilment li kien ressaq qabel, f'Lulju 2002, ma kienx ġie aċċettat taħt Artikolu 2 (4) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman, għax l-ilmentatur ma kienx mexa fuq il-proċeduri stabbiliti fir-regoli ta' l-ECB dwar aċċess mill-pubbliku għad-dokumenti.[34] Fil-fatt l-ilmentatur ma kienx għamel applikazzjoni ta' konferma u stenna ż-żmien stipulat għal tweġiba.

Wara dan l-ilmentatur ressaq l-applikazzjoni ta' konferma li ġiet miċħuda mill-Bord Eżekuttiv ta' l-ECB permezz ta' ittra li ġabet id-data tal-5 ta' Novembru 2002. l-ECB iġġustifika d-deċiżjoni tiegħu billi rrefera għall-eċċezzjonijiet magħmula fl-ewwel u fir-raba' inċiżi ta' Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ECB/1998/12 li permezz tagħhom jista' jinżamm aċċess għal dokument amministrattiv fejn l-għoti ta' dan it-tagħrif jista' jippreġudika:

34 Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Novembru 1998 (ECB/1998/12), dwar aċċess pubbliku għal dokumentazzjoni u l-arkivji tal-Bank Ċentrali Ewropew 1999 *OJ* L 110/30.

– il-ħarsien ta' l-interess pubbliku, b'mod partikolari s-sigurtà pubblika, relazzjonijiet internazzjonali, l-istabbilità monetarja u tar-rati tal-kambju, proċeduri l-qorti, spezzjonijiet u investigazzjonijiet.

(…)

– il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji ta' l-ECB.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur ikkontesta r-rifjut mill-ECB dwar l-applikazzjoni ta' konferma tiegħu. l-ilmentatur ġab l-argument li l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet li jinsabu f'Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ECB/1998/12 ma tapplika għall-istatistika li hu xtaq li jkollu aċċess għaliha.

## L-ISTĦARRIĠ

### L-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew

Fil-qosor, l-opinjoni ta' l-ECB kienet tikkonsisti fil-punti li ġejjin:

L-ECB kien ta lill-ilmentatur l-aktar informazzjoni reċenti dwar il-volumi totali ta' karti ta' l-Euro li kien kemm fiċ-ċirkolazzjoni kif ukoll kemm kienu ħarġu, maqsuma skond id-denominazzjoni. Barra minn hekk, il-figuri annwali ta' l-istampar tal-karti tal-flus huma ppubblikati fil-*website* ta' l-ECB. Informazzjoni ta' kull xahar dwar l-ammont ta' karti ta' l-Euro li jiġu rritornati lill-banek ċentrali nazzjonali tal-pajjizi li jagħmlu parti mill-Eurosystem tingħata lil kull min jitlobha.

Meta ċaħad parti mit-talba ta' l-ilmentatur għal tagħrif, il-Bank Ċentrali Ewropew mexa fuq Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ECB/1998/12 fis-sens li l-għotja ta' l-informazzjoni setgħet kienet ta' ħsara għall-interessi li huma msemmija f'dak l-Artikolu.

Jekk l-informazzjoni dwar kemm ħarġu karti tal-flus u dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-karti tal-flus fit-territorji ta' Stati Membri differenti li huma fiż-żona ta' l-Euro tkun aċċessibbli għall-pubbliku, ħaġa bħal din tista' tkun ta' xkiel għas-sigurtà kemm biex jinħażnu dawn il-karti tal-flus kif ukoll biex jitqassmu bejn il-banek ċentrali nazzjonali: dan iċ-ċaqliq isir biex jagħmel tajjeb għal xi nuqqasijiet li jista' jkun hemm. Barra minn hekk, l-għoti ta' tagħrif ta' din ix-xorta jista' jkun ta' xkiel għas-sigurtà tal-persuni responsabbli għal dawn il-flus u/jew involuti fit-trasport tal-karti tal-flus. Dawn ir-raġunijiet jgħoddu wkoll jekk dan it-tagħrif jingħata wara li jkun sar it-trasport għax wieħed xorta jkun jista' josserva ċerti xejriet li jkunu seħħew. Dan il-punt huwa relevanti aktar u aktar għal Stati Membri żgħar li jista' jkollhom numru limitat ta' postijiet fejn jaħżnu l-karti tal-flus.

Il-ħażna u t-trasport tal-karti tal-flus huma affarijiet fejn is-sigurtà tiġi l-ewwel għax jista' jkun hemm fin-nofs ammonti kbar. Il-Bord Eżekuttiv ta' l-ECB qies sew l-interess tal-pubbliku in ġenerali li tingħata ċerta informazzjoni kif ukoll li jitħares l-interess pubbliku f'każijiet bħal dawn u l-aktar il-kwistjoni ta' sigurtà pubblika. Minħabba dan l-aħħar punt, il-Bord Eżekuttiv qatagħha li l-informazzjoni dwar il-ħażna u t-trasport tal-karti tal-flus m'għandhiex tiġi ppubblikata. Din id-deċiżjoni tapplika wkoll għal informazzjoni dwar trasport li sar fl-imgħoddi għax tagħrif ta' dan it-tip jista' jiġbed ħafna attenzjoni mid-dinja kriminali.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet dwar sigurtà, il-banek nazzjonali ċentrali tal-pajjiżi li jinsabu fis-sistema tal-Euro, li fil-prattika jieħdu ħsieb il-ħażna u ċ-ċirkolazzjoni tal-karti ta' l-Euro, u partijiet oħra responsabbli għal u/jew involuti fil-ħażna u t-trasport (per eżempju, il-pulizija u l-forzi militari f'għadd ta' Stati Membri li adottaw l-Euro) talbu lill-ECB biex din it-tip ta' informazzjoni tinżamm kunfidenzjali.

L-ECB jagħti importanza partikolari għad-dritt taċ-ċittadini li jkollhom aċċess l-aktar wiesgħa għall-informazzjoni, u dan isir sabiex tissaħħaħ in-natura demokratika ta' l-awtoritajiet pubbliċi u l-pubbliku jkollu iżjed fiduċja fl-amministrazzjoni pubblika. Madankollu, raġuni oħra għalfejn m'għandux jingħata aċċess għall-informazzjoni dwar ħażniet u ċ-ċirkolazzjoni tal-karti tal-flus fl-iStati Membri differenti hija r-riskju li terzi persuni jistgħu jinterpretaw ħażin l-informazzjoni u b'hekk jagħmlu kalkoli ħżiena ta' ċerti denominazzjonijiet ta' karti tal-flus. Dan jista' jħajjar lill-pubbliku in ġenerali u l-bejjiegħa biex jaħżnu ċerti denominazzjonijiet ta' karti tal-flus b'mod li

DEĊIŻJONIJIET WARA LI SARET INVESTIGAZZJONI

jwassal għal nuqqas ta' dawn il-karti tal-flus (u b'hekk tinħoloq fil-fatt sitwazzjoni fejn jiġri dak li proprju jkun ġie mbassar). Dan l-argument jgħodd ukoll f'każijiet fejn l-informazzjoni dwar l-ammont maħżun f'pajjiżi speċifiċi tiġi ppubblikata żmien wara li dan it-tagħrif ikun jista' jingħata, għax ċerti xejriet xorta jkunu jistgħu jiġu identifikati. Mill-esperjenza ta' l-imgħoddi ta' banek ċentrali nazzjonali li jagħmlu parti mis-sistema ta' l-Euro, l-ECB wasal għall-konklużjoni li ċertu tagħrif jista' jwassal biex il-pubbliku jinkwieta bla bżonn u jġib ruħu b'mod bla wisq raġuni. Barra minn hekk, l-ECB jikkunsidra li informazzjoni dwar Stati Membri ndividwali saret inqas relevanti kemm minħabba l-istatus legali tal-munita waħdanija fl-iStati Membri kollha ta' l-Euro kif ukoll minħabba l-fatt li l-karti ta' l-Euro huma wżati fi transazzjonijiet bejn pajjiż u ieħor. Il-European System of Central Banks (ESCB) stabbiliet mekkaniżmi biex jagħmlu tajjeb għal nuqqasijiet reġjonali permezz ta' ħażniet żejda ta' flus aktar milli hu meħtieġ.

Fid-dawl ta' dan, il-Bord Eżekuttiv ta' l-ECB qies sew l-interess tal-pubbliku in ġenerali li jkollu aċċess għal dan it-tip ta' informazzjoni flimkien mal-ħtieġa li l-interess pubbliku jiġi mħares. Il-Bord ikkonkluda li r-riskji msemmija hawn fuq, ibbażati fuq l-esperjenza ta' l-imgħoddi, huma kbar biżżejjed biex l-informazzjoni mitluba ma tiġix ippubblikata.

## Il-kummenti ta' l-ilmentatur



Fil-qosor, il-kummenti ta' l-ilmentatur dwar l-opinjoni ta' l-ECB kienu dawn li ġejjin:

Biex jiġi evitat kull dubju, ta' min jgħid li l-informazzjoni li staqsa għaliha l-ilmentatur hija dwar ħażniet ta' karti tal-flus li jkunu qed jinżammu f'pajjiżi speċifiċi, jiġifieri, il-valur tal-karti ta' l-Euro fiċ-ċirkolazzjoni minn żmien għal żmien fit-territorju ta' kull Stat Membru li qed jieħu sehem fis-sistema, f'termini assoluti jew f'termini relattivi, bħala proporzjon tal-valur totali tal-karti ta' l-Euro li jiċċirkolaw fil-pajjiżi li qalbu għall-Euro.

L-ilmentatur mhux qed ifittex informazzjoni dwar it-trasferiment tal-karti ta' l-Euro minn Stat Membru parteċipant għal Stat ieħor. Lanqas m' hu jitlob informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet ta' l-ECB dwar dawn it-trasferimenti jew il-kriterji tal-Bank dwar dan.

Meta ċaħad l-applikazzjoni ta' konferma ta' l-ilmentatur, l-ECB ikkwota l-ewwel u r-raba' inċiżi ta' Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ECB/1998/12. Ir-raba' inċiż huwa dwar il-ħarsien ta' l-interessi finanzjarji ta' l-ECB. Jidher, iżda, mill-opinjoni ta' l-ECB li r-referenza kellha tkun mhux għar-raba' imma għall-ħames inċiż. Din titkellem dwar il-"ħarsien tal-kunfidenzjalità kif mitluba minn kwalunkwe persuna naturali jew legali li tat xi nformazzjoni li hemm fid-dokument, jew kif inhu meħtieġ mil-liġi applikabbli għal persuna bħal din."

L-opinjoni ta' l-ECB issemmi li partijiet oħra responsabbli għal jew li kellhom x'jaqsmu mal-ħażna u t-trasport (per eżempju, il-pulizija u l-forzi militari f'numru ta' Stati Membri li qalbu għall-Euro) talbu lill-ECB biex din it-tip ta' informazzjoni tinżamm kunfidenzjali. Madankollu, partijiet bħall-pulizija u l-forzi militari, ma jikkwalifikawx bħala "persuna li tat xi nformazzjoni" u għalhekk il-ħames inċiż ma japplikax għalihom.

Barra minn hekk, il-kunfidenzjalità ma titqajjimx sempliċiment għax xi ħadd jitlobha. Irid ikun hemm kunfidenzjalità fi ħdan it-tifsira ta' Artikolu 8 tar-Regolament 2533/98.[35] Għal dan il-għan, il-banek ċentrali nazzjonali (NCBs) m'humiex "reporting agents" iżda jiġbru l-informazzjoni kif inhuma obbligati taħt Artikoli 5.1 u 5.2 ta' l-iStatut ta' l-ECSB u ta' l-ECB. Għalhekk, għalkemm min-natura tagħha l-informazzjoni tħalli li jiġu identifikati l-NCBs, xorta ma tkunx kunfidenzjali.

Fir-rigward tal-kwistjoni ta' sigurtà, l-ilmentatur jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li varjazzjonijiet fl-ammont ta' kemm jinżammu karti ta' l-Euro f'pajjiżi differenti normalment ma jwasslux għal trasferiment ta' karti tal-flus bejn il-banek ċentrali nazzjonali u li Artikolu 3 (4) tad-Deċiżjoni ECB/2001/15 jagħmilha ċara li trasferimenti bħal dawn huma l-eċċezzjoni u mhux ir-regola.[36] Għalhekk,

35 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998 dwar il-ġbir ta' statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew, 1998 *OJ* L 318/8.

minn tagħrif dwar ħażniet li jżomm pajjiż jew ieħor jew bidliet f'dawn l-ammonti, ħadd ma jkun jista' jasal għal konklużjoni li saru xi trasferimenti jew li kien hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li aktar 'l quddiem jistgħu jwasslu għal trasferimenti oħra. Ukoll jekk wieħed jista' jasal għal xi konklużjonijiet ta' din ix-xorta, l-ebda xejriet ma jistgħu jiġu identifikati għax ċirkostanzi eċċezzjonali, minnhom innifishom, m'humiex marbutin ma' xejriet.

L-argument ta' l-ECB li "informazzjoni ta' din ix-xorta tista' tħasseb bla bżonn lill-pubbliku u twassal għal mġiba ta' bla raġuni" hu argument perikoluż ħafna. Li kieku argument bħal dan jiġi aċċettat, ikun jista' jiġi wżat bla rażan u jdgħajjef b'mod sostanzjali d-Dikjarazzjoni dwar id-Dritt ta' Aċċess għall-Informazzjoni li tinsab annessa ma' l-Att Finali tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Statistika dwar il-ħażna u ċ-ċirkolazzjoni tal-karti ta' l-Euro

1.1 L-ilmentatur jikkontesta ċ-ċaħda mill-Bank Ċentrali Ewropew (ECB) ta' l-applikazzjoni ta' konferma għal aċċess għal statistika dwar il-ħażna u c-ċirkolazzjoni tal- karti ta' l-Euro. l-ilmentatur jargumenta li ebda eċċezzjoni minn dawk li jidhru f'Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ECB/1998/12[37] ma tapplika għall-istatistika li għaliha qed jitlob aċċess.

1.2 L-ECB isostni li lill-ilmentatur tah l-aktar informazzjoni reċenti li kellu dwar il-volumi miġburin flimkien tal-karti ta' l-Euro li kien hemm fiċ-ċirkolazzjoni kif ukoll dawk li kienu miġburin għandu, mqassmin skond id-denominazzjonijiet. Il-ħruġ ta' statistika dwar l-ammont u ċ-ċirkolazzjoni tal-karti ta' l-Euro fid-diversi Stati Membri li qalbu għal din il-munita jista' jdgħajjef l-interessi li hemm mniżżlin f'Artikolu 4 ta' Deċiżjoni ECB/1998/12, għax jista' jpoġġi f'periklu s-sigurtà kemm tat-ħażna tal-karti tal-flus kif ukoll it-trasferiment li jsir wara ta' dawn l-istess flus bejn il-banek ċentrali nazzjonali. Barra minn hekk, l-għoti ta' din l-informazzjoni tista' tqiegħed f'periklu s-sigurtà ta' persuni li huma responsabbli biex iżommu u/jew biex iġorru dawn il-flus minn post għall-ieħor. Dan ir-raġunament japplika wkoll għal tagħrif fuq trasport li sar fl-imgħoddi għax din l-informazzjoni tista' tiġbed b'mod qawwi l-attenzjoni tal-kriminali. Fid-dawl ta' dan it-tħassib dwar is-sigurtà, il-banek ċentrali nazzjonali u korpi oħra bħall-pulizija u forzi militari talbu lill-ECB biex din l-informazzjoni tinżamm kunfidenzjali.

Barra minn hekk, skond l-ECB, l-informazzjoni dwar l-ammont u ċ-ċirkolazzjoni tal-karti tal-flus fl-iStati Membri differenti tista' tingħata interpretazzjoni ħażina u twassal għal konklużjonijiet żbaljati dwar kemm hemm karti tal-flus ta' ċerti denominazzjonijiet. Dan jista' jwassal sabiex il-pubbliku in ġenerali u l-bejjiegħa jrekknu ċerti denominazzjonijiet ta' karti tal-flus, u b'hekk iwasslu għal nuqqas ta' dawn id-denominazzjonijiet u joħolqu fil-fatt sitwazzjoni fejn jiġri dak li kien proprju tbassar. Dan l-argument jgħodd ukoll li kieku l-informazzjoni dwar l-ammont f'pajjiżi speċifiċi tkun ippubblikata wara li jkunu ġraw l-affarijiet, għaliex ċerti xejriet xorta jkunu jistgħu jiġu identifikati.

L-ECB jżid jgħid ukoll li, mill-esperjenza ta' l-imgħoddi ta' banek ċentrali nazzjonali li jinsabu fis-sistema ta' l-Euro, kienu waslu għall-konklużjoni li ċertu tagħrif jista' jwassal biex il-pubbliku jinkwieta bla bżonn u jġib ruħu b'mod mingħajr raġuni.

1.3 Fl-osservazzjonijiet li għamel dwar l-opinjoni ta' l-ECB, l-ilmentatur biex iwarrab kull dubju, spjega li hu kien talab informazzjoni dwar l-ammont f'pajjiżi speċifiċi, jiġifieri l-valur tal-karti ta' l-Euro li jkunu qed jiċċirkolaw minn żmien għal żmien fit-territorju ta' kull Stat Membru parteċipant,

---

36 Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-6 ta' Diċembru 2001 dwar il-ħruġ tal-karti ta' l-Euro (ECB/2001/15) 2001 *OJ* L 337/52: "Il-banek ċentrali nazzjonali ma jistgħux jittrasferixxu karti ta l-Euro aċċettati minnhom lil banek ċentrali nazzjonali oħrajn u għandhom ikollhom daqstant flus għall-ħruġ mill-ġdid. Bħala eċċezzjoni, u skond kwalunkwe regola stabbilita mill-Kunsill Governattiv ta' l-ECB: (…) (b) karti ta' l-Euro miżmuma minn banek ċentrali nazzjonali jistgħu, għal raġunijiet loġistiċi, jerġgħu jitqassmu f'daqqa fi ħdan is-sistema ta' l-Euro."

37 Id-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Novembru 1998 (ECB/1998/12), dwar aċċess mill-pubbliku għad-dokumentazzjoni u l-arkivji tal-Bank Ċentrali Ewropew 1999 OJ L110/30.

espressi f'termini assoluti jew f'termini relattivi, bħala proporzjon tal-valur totali tal-karti ta' l-Euro li jiċċirkolaw fil-pajjiżi li qalbu għall-Euro.

Skond l-ilmentatur, l-ECB ma jistax jistrieħ fuq l-eċċezzjoni dwar talbiet għal kunfidenzjalità li jidhru fil-ħames inċiż ta' Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ECB/1998/12. Dwar il-kwistjoni ta' sigurtà, ebda tagħrif dwar trasferimenti ta' karti ta' l-Euro ma jista' joħroġ minn tagħrif fuq l-ammont li jkun hemm, jew fuq bidliet li jkunu seħħu, f'pajjiżi speċifiċi. Jekk dan jiġi aċċettat, l-argument ta' l-ECB li nformazzjoni ta' dan it-tip tista' tħasseb bla bżonn lill-pubbliku u twassal għal mġiba bla raġuni, jherri b'mod sostanzjali d-Dikjarazzjoni dwar id-Dritt ta' Aċċess għall-Informazzjoni li hemm annessa ma' l-Att Finali tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

1.4 L-Ombudsman beda billi qabel xejn ikkummenta li l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur jiċċaraw l-informazzjoni li hu jixtieq jikseb mingħand l-ECB. Madankollu, l-Ombudsman jidhirlu li l-ECB interpretat it-talba ta' l-ilmentatur b'mod raġonevoli. Għaldaqstant id-deċiżjoni preżenti teżamina jekk l-ECB setax jirrifjuta li jagħti l-informazzjoni li hu deherlu li l-ilmentatur kien qed ifittex.

L-Ombudsman jfisser li l-ilmentatur jista' jressaq applikazzjoni ġdida lill-ECB skond Deċiżjoni ECB/1998/12 u fiha jfisser sewwa sew l-informazzjoni li hu jixtieq jikseb.

1.5 L-Ombudsman jidhirlu li r-referenza fl-opinjoni ta' l-ECB għat-talbiet biex tinżamm il-kunfidenzjalità mill-banek ċentrali nazzjonali, pulizija u forzi militari hija ntiża bħala evidenza li ssaħħaħ id-dipendenza ta' l-ECB fuq l-eċċezzjoni għas-sigurtà pubblika fl-ewwel inċiż[38] ta' Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ECB/1998/12, mhux bħala referenza għall-ħames inċiż.[39] l-Ombudsman jidhirlu li l-argumenti mressqa mill-ECB dwar is-sigurtà pubblika huma raġonevoli u jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-ECB li jiċħad l-aċċess għall-informazzjoni li deherlu li l-ilmentatur kien qed jitlob.

1.6 Dwar l-argument ta' l-ECB dwar ir-riskju li jiġri dak li jkun mistenni u jkun hemm nuqqas ta' ċerti denominazzjonijiet ta' karti tal-flus, l-Ombudsman l-ewwel jagħmel referenza għall-fatt li Artikolu 106 KE jagħti lill-ECB id-dritt esklussiv li jawtorizza l-ħruġ ta' karti tal-flus fi ħdan il-Komunità u li Artikolu 12(1) ta' l-iStatut tal-ESCB u l-ECB jistipula li l-Bord Eżekuttiv ta' l-ECB għandu jfassal il-politika monetarja skond il-linji ta' gwida u d-deċiżjonijiet li joħorġu mill-Kunsill Governattiv ta' l-ECB. l-Ombudsman japprezza li t-teorija li jseħħ dak li jkun ġie mbassar tissemma' fil-kotba dwar l-ekonomija. l-Ombudsman jidhirlu li fit-twettiq ta' dawn ir-responsabbiltajiet, l-ECB għandu dritt jikkunsidra l-analiżi ekonomika ta' l-effetti li jistgħu jseħħu permezz ta' tbassir li fil-fatt jiġri fil-qasam ta' żviluppi monetarji. l-Ombudsman għalhekk iqis li din it-tip ta' analiżi hi relevanti għall-eċċezzjoni għall-ħarsien ta' l-interess pubbliku li jissemma' fl-ewwel inċiż ta' Artikolu 4 tad-Deċiżjoni ECB/1998/12. l-Ombudsman għaldaqstant mhux lest li jaċċetta li l-ECB għandha xi dritt li tistrieħ fuq l-argument li l-informazzjoni dwar l-ammont ta' karti tal-flus li qed jinżammu f'pajjiżi speċifiċi jista' jwassal biex il-pubbliku jinkwieta bla bżonn u jġib ruħu f'mod mhux razzjonali. Skond l-Ombudsman l-ECB ma ġab ebda evidenza biex isostni dan l-argument li, barra minn hekk, ma jidhirx li għandu x'jaqsam ma' xi waħda mill-eċċezzjonijiet msemmija f'Artikolu 4 ta' Deċiżjoni ECB/1998/12.

1.7 Għar-raġuni msemmija f'punt 1.5 hawn fuq, l-Ombudsman jidhirlu li l-ECB kellu kull dritt li jirrifjuta aċċess għal tagħrif li hu deherlu li kien qed jitlob għalih l-ilmentatur. l-Ombudsman għalhekk ma jsib ebda nuqqas amministrattiv fiċ-ċaħda mill-ECB ta' l-applikazzjoni ta' konferma li saret mill-ilmentatur.

## 2 Konklużjoni

Mill-istħarriġ li għamel l-Ombudsman fuq dan l-ilment, ma jirriżulta ebda nuqqas amministrattiv min-naħa ta' l-ECB. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

38 "il-protezzjoni ta' l-interess pubbliku, b'mod partikolari s-sigurtà pubblika, relazzjonijiet internazzjonali, l-istabbilità monetarja u tar-rati tal-kambju, proċeduri fil-Qorti, ispezzjonijiet u investigazzjonijiet."

39 "il-protezzjoni tal-kunfidenzjalità kif mitluba minn kull persuna naturali jew legali li tat xi informazzjoni li tinsab fid-dokument jew kif mitlub bil-liġi applikabbli għat-tali persuna."

## 3.1.5 Il-Qorti Ewropea tal-Verifika

### IL-QORTI TAL-VERIFIKA TIKKOREĠI NUQQAS FL-APPLIKAZZJONI TA' REGOLI DWAR AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI

*Deċiżjoni dwar ilment 1117/2003/GG kontra l-Qorti Ewropea tal-Verifika*

#### L-ILMENT

F'Ġunju 2003, l-ilmentatur, ċittadin Ingliż, kiteb lis-Sur R., membru tal-Qorti tal-Verifika u talab li jkollu aċċess għal dokumenti li kellhom x'jaqsmu ma' verifika (*audit*) li saret fl-2001 fin-Niġer. l-ilmentatur semma' li t-talba tiegħu kienet ibbażata fuq "ir-regolament ta' l-UE dwar aċċess għall-informazzjoni."

Aċċess għal dokumenti miżmuma mill-Qorti hu rregolat mid-Deċiżjoni Nru 18/97 li tistabbilixxi regoli interni dwar kif għandhom jiġu ttrattati applikazzjonijiet għal aċċess għal dokumenti miżmuma mill-Qorti (*OJ* 1998 nru. C 295 paġna 1). Skond Artikolu 2 tad-Deċiżjoni, l-applikazzjonijiet kollha jintbagħtu għand id-Direttur responsabbli mid-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Esterni u s-Servizz Legali li jiddeċiedi jekk dawn l-applikazzjonijiet humiex ammissibbli jew le. Fejn jinħass il-bżonn, l-applikant jintalab jagħti aktar dettalji dwar it-talba tiegħu. Il-Qorti tista' tiċħad talba għal aċċess għal dokumenti fuq il-kriterji mniżżla f'Artikolu 4 (3) tad-Deċiżjoni. l-applikanti għandhom ikunu mgħarrfa bit-tweġiba tal-Qorti fi żmien xahar minn meta l-Qorti tkun rċeviet l-applikazzjoni.

Skond Artikolu 3 (1) tad-Deċiżjoni Nru 18/97, l-appelli kollha jitressqu quddiem il-President tal-Qorti tal-Verifika u l-applikanti jridu jiġu nfurmati bid-deċiżjoni fuq l-appell fi żmien xahrejn. Id-deċiżjoni trid tagħti r-raġunijiet għar-rifjut u tagħrif dwar il-possibiltajiet ta' appell li huma miftuħin għall-ilmentatur.

Permezz ta' *e-mail* mibgħuta mis-Sinjura L. f'isem is-Sur R. fis-17 ta' Ġunju 2003, l-ilmentatur ġie nfurmat li kien minnu li kienet saret verifika fin-Niġer f'Ġunju 2001. Iżda l-awtur ta' l-*e-mail* żied igħid li r-regoli tal-Qorti kienu jżommuh li jagħti tagħrif minn dokumenti interni dwar verifiki. F'dan il-kuntest, saret referenza għal punt numru 6 tal-Communication Policies and *Standards* li l-Qorti mxiet fuqhom fis-seduta tal-25 u s-26 ta' Settembru 2001 fejn jintqal dan li ġej: "Sabiex tiġi protetta r-relazzjoni professjonali bejn l-awdituri u min qed jiġi verifikat, il-Qorti ma tistax tipprovdi lid-dinja barranija livell ogħla ta' tagħrif speċifiku minn dak li jidher fir-rapporti li qablet dwarhom." Is-Sur R. żied jgħid li sakemm il-verifika relevanti kienet tifforma l-bażi tar-Rapport Speċjali Nru 2/2002 dwar l-implimentazzjoni tal-politika tas-sigurtà fil-qasam ta' l-ikel fil-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw, u li huma finanzjati mill-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, informazzjoni li tista' tkun ta' interess lill-ilmentatur kienet tidher fuq il-*website* tal-Qorti.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega kif ġej:

(1) Iċ-ċaħda tal-Qorti li tagħti aċċess għad-dokumenti relevanti tmur kontra r-regoli relevanti, b'mod partikolari Regolament Numru 1049/2001 u Artikolu 23 tal-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba.

(2) Kien hemm ksur ta' Artikolu 19 tal-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba għax ma kienx hemm informazzjoni dwar kif wieħed jista' jressaq appell.

## L-INVESTIGAZZJONI

### L-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Verifika

Fl-opinjoni tagħha, il-Qorti dehrilha li kien ħareġ ċar li t-talba ta' l-ilmentatur ma ġietx ittrattata skond il-proċeduri stabbiliti f'Deċiżjoni Numru 18/97. Għalhekk il-President tal-Qorti ddeċida li jaqbad mill-ġdid ma' l-ilmentatur biex jistiednu jagħti lill-Qorti dettalji iżjed preċiżi dwar aktar informazzjoni li kellu bżonn, sabiex is-servizzi tal-Qorti jikkunsidraw it-talba tiegħu skond ir-regolamenti interni ta' l-istess Qorti.

Il-Qorti ressqet kopja ta' ittra li bagħtet lill-ilmentatur fis-17 ta' Lulju 2003 li fiha kienet skużat ruħha għar-risposta li kienet tat fl-ewwel *e-mail* fis-17 ta' Ġunju 2003.

### Il-kummenti ta' l-ilmentatur

Ma waslu l-ebda kummenti mingħand l-ilmentatur.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Ic-ċaħda ta' aċċess għal dokument u nuqqas ta' tagħrif dwar kif għandu jsir appell

1.1 Fis-6 ta' Ġunju 2003, l-ilmentatur, ċittadin Ingliż, kiteb lis-Sur R., membru tal-Qorti Ewropea tal-Verifika, fejn talab aċċess għal dokumenti li kellhom x'jaqsmu ma' verifika li saret fl-2001 fin-Niġer. Permezz ta' *e-mail* mibgħuta mis-Sinjura L. f'isem is-Sur R. fis-17 ta' Ġunju 2003, l-ilmentatur ġie nfurmat li hu minnu li kienet saret verifika fin-Niġer f'Ġunju 2001 imma r-regoli tal-Qorti ma kinux jippermettu li l-Qorti tagħti aċċess għal dokumenti interni li għandhom x'jaqsmu ma' verifiki. Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li l-Qorti Ewropea tal-Verifika kienet naqset li tagħtih aċċess għad-dokument konċernat u naqset li tinfurmah kif jista' jappella mid-deċiżjoni li kienet ħadet li tiċħad l-applikazzjoni tiegħu.

1.2 Fl-opinjoni tagħha, il-Qorti Ewropea tal-Verifika qalet li rriżulta ċar li t-talba ta' l-ilmentatur ma ġietx ittrattata skond il-proċeduri stabbiliti fid-Deċiżjoni Numru 18/97 fejn hemm regoli nterni dwar kif għandhom jiġu ttrattati applikazzjonijiet għal aċċess għal dokumenti miżmuma mill-Qorti tal-Verifika[40]. Għalhekk il-President tal-Qorti kien iddeċieda li jistieden lill-ilmentatur biex jipprovdi aktar dettalji dwar l-informazzjoni li kellu bżonn, sabiex is-servizzi tal-Qorti jkunu jistgħu jikkunsidraw it-talba tiegħu fid-dawl tar-regolamenti interni ta' l-istess Qorti.

1.3 L-Ombudsman jikkonsidra li l-Qorti tal-Verifika wieġbet għall-ilment permezz ta' passi li kienu xierqa.

### 2 Konklużjoni

Mill-istħarriġ li għamel l-Ombudsman fuq dan l-ilment u wara li sar jaf bil-passi li ħadet l-istituzzjoni wara li tressaq quddiemha dan l-ilment, ma rriżulta l-ebda nuqqas amministrattiv min-naħa tal-Qorti tal-Verifika. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ. l-ilmentatur, m'hemmx għalfejn ngħidu, għandu dritt jerġa' jilmenta jekk kemm-il darba il-Qorti, wara li tkun reġgħet eżaminat it-talba tiegħu, tirrifjuta li jkollu aċċess għad-dokument relevanti.

40 *OJ* 1998 nru C 295 paġna 1.

# 3.1.6 Il-Konvenzjoni Europea

## AĊĊESS GĦALL-AĠENDA U L-MINUTI TAL-KONVENZJONI EWROPEA

*Deċiżjoni dwar il-parti ta' ilment 1795/2002/IJH sa fejn tikkonċerna l-Konvenzjoni Ewropea*

### L-ILMENT

F'Ottubru 2002, sar ilment lill-Ombudsman f'isem il-European Citizen Action Service (ECAS) kontra l-Konvenzjoni Ewropea u l-Kunsill.

Din id-deċiżjoni tittratta biss l-ilment kontra il-Konvenzjoni. l-istħarriġ li sar mill-Ombudsman fl-ilment kontra il-Kunsill ġie ttrattatat f'deċiżjoni separata (ara sezzjoni 3.1.2).

Skond l-ilmentatur, il-fatti relevanti, fil-qosor, huma kif ġej:

L-ilmentatur applika lill-Kunsill sabiex jingħata aċċess għall-aġenda u għall-minuti tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea. F'Lulju 2002, il-Kunsill wieġeb lill-ilmentatur fejn, fost affarijiet oħra, infurmah li l-Konvenzjoni Ewropea hija entità distinta mill-Kunsill u li s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill kien ressaq it-talba ta' l-applikant lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni.

L-ilmentatur imbagħad kiteb lis-Segretarju Ġenerali tal-Konvenzjoni, Sir John KERR, b'referenza għat-talba msemmija hawn fuq lill-Kunsill għal aċċess għall-aġenda u l-minuti tal-Praesidium. Is-Segretarju Ġenerali wieġeb lill-ilmentatur fit-18 ta' Settembru 2002 fejn, fost affarijiet oħra, qallu li hu kien "tassew isibha problema li jippubblika abbozz ta' dokument imħejji minn dan is-Segretarjat li l-Praesidium ma kienx, jew ma kienx għadu approvah, jew l-istruzzjonijiet lis-Segretarjat għal emendi. Il-Konvenzjoni tagħraf li sabiex jaqdi dmiru, il-Praesidium għandu jgawdi ċertu livell ta' kunfidenzjalità *ex ante*; ix-xogħol li jħejji huwa xi ħaġa għal kollox pubblika imma l-proċess preparatorju għandu jsir b'mod raġonevolment privat."

L-ilmentatur iressaq l-ilment tiegħu quddiem l-Ombudsman taħt forma ta' talbiet biex jinvestiga, jiddetermina jew jistabbilixxi ċerti materji. l-ilmentatur jispjega wkoll li r-raġuni għat-talba għal aċċess għall-aġenda u għall-minuti tal-Praesidium hi sabiex b'hekk l-għaqdiet mhux governattivi (NGOs) ikollhom tagħrif biżżejjed bil-quddiem ta' dak li se jiġri fil-Konvenzjoni.

Fil-qosor, l-ilment jidher li għandu l-allegazzjoni li ġejja kontra l-Konvenzjoni Ewropea:

Is-Segretarjat tal-Konvenzjoni Ewropea naqas li jirrispondi b'mod korrett għat-talba ta' l-ilmentatur għal aċċess għall-aġenda u għall-minuti tal-Praesidium.

### L-INVESTIGAZZJONI

L-Ombudsman beda biex ra jekk l-ilment hux ammissibbli għall-investigazzjoni. Għar-raġunijiet li jidhru hawn taħt f'sezzjoni numru 1 tad-Deċiżjoni, l-Ombudsman wasal għall-konklużjoni proviżorja li l-Konvenzjoni Ewropea hi entità tal-Komunità skond Artikolu 195 KE u għaldaqstant taqa' taħt il-mandat tiegħu u li jista' jistħarreġ allegazzjonijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tagħha.

L-Ombudsman għalhekk ressaq l-ilment lill-President tal-Konvenzjoni Ewropea, M. Valéry GISCARD D'ESTAING, għall-opinjoni tiegħu. l-Ombudsman qal li hu jilqa' l-fehmiet tal-President fuq il-kwistjoni ta' l-ammissibiltà ta' l-ilment u fisser it-tama li, fi kwalunkwe kas, hu jirrispondi għall-allegazzjoni ta' l-ilmentatur.

## L-Opinjoni tal-President tal-Konvenzoni Ewropea

Fil-qosor, il-President tal-Konvenzoni Ewropea ta l-fehma tiegħu kif ġej:

Ir-Regolament 1049/2001 dwar aċċess lill-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea ma japplikax għad-dokumenti tal-Konvenzjoni. Madanakollu, il-Konvenzjoni minn dejjem imxiet fuq il-prinċipju li tħalli kemm jista' jkun materjal (inkluż d-dokumenti uffiċjali kollha tal-Konvenzjoni) għad-dispożizzjoni tal-pubbliku in ġenerali, l-aktar permezz ta' pubblikazzjoni malajr fuq il-*website*.

Il-funzjoni tal-Praesidium hi li tħejji x-xogħol tal-Konvenzjoni. Din il-funzjoni tista' biss issir sew jekk il-Praesidium ikollu l-possibbiltà li jiddelibera fil-magħluq. Id-dokumenti kollha li joħorġu mid-diskussjoni tal-Praesidium jitqiegħu mill-ewwel biex ikunu disponibbli għal kulħadd fuq il-*website* tal-Konvenzjoni. Li kieku l-aġenda u l-minuti tal-Praesidium ukoll kellhom isiru disponibbli, jinħoloq ir-riskju li l-Praesidium innifsu jsir is-suġġett, minflok ma jservi bħala stimulu, tad-dibattiti tal-Konvenzjoni. l-esperjenza s'issa wriet li l-biċċa l-kbira tal-Membri tal-Konvenzjoni, li huma stess m'għandhomx aċċess għall-aġenda u l-minuti tal-Praesidium, jifhmu u jaċċettaw ħaġa bħal din.

L-ilmentatur jisħaq ukoll li, mingħajr aċċess għall-aġenda u l-minuti tal-Praesidium, l-għaqdiet mhux governattivi jsibuha diffiċli biex ikollhom avviż minn qabel ta' dak li jkun se jiġri fil-Konvenzjoni. Jien dan ma naċċettahx. Fl-aħħar ta' kull laqgħa plenarja, jien dejjem inħabbar is-suġġetti prinċipali tal-laqgħa li jmiss (u xi kultant ta' oħrajn warajha). Dawn jitniżżlu fin-noti fil-qosor li jħejji s-Segretarjat u jkunu ppubblikati fuq il-*website*. Barra minn hekk, l-aġenda dettaljata ta' kull laqgħa plenarja tkun pubblikata hekk kif tkun approvata mill-Praesidium. Għaldaqstant il-pubbliku hu nfurmat tajjeb biżżejjed daqs il-membri tal-Konvenzjoni dwar l-iskeda futura u l-kontenut ta' sessjonijiet plenarji.

## Il-kummenti ta' l-ilmentatur

Fil-qosor, il-kummenti ta' l-ilmentatur dwar l-opinjoni tal-President tal-Konvenzjoni kienu:

Il-Konvenzjoni Ewropea hija entità soġġetta għat-Trattat u r-Regolament 1049/2001 għandu japplika għaliha. Għalkemm Artikolu 255 KE hu limitat għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, dan l-artikolu għandu jitqies fil-kuntest storiku, jiġifieri li l-kodiċi dwar aċċess għal dokumenti infirex, bl-inkuraġġiment ta' l-Ombudsman Ewropew, mit-tliet istituzzjonijiet għall-aġenziji li twaqqfu minnhom stess. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew għalhekk ħadu ħsieb biex fil-leġislazzjoni bbażata fuq Artikolu 255 KE jwessgħu dan il-prinċipju lil hinn mit-tlett Istituzzjonijiet.

Il-paragrafu 8 tal-preambolu għal Regolament 1049/2001 jistqarr li "Sabiex jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa ta' dan ir-Regolament għall-attivitajiet kollha ta' l-Unjoni, l-aġenziji kollha stabbiliti mill-Istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-prinċipji li jidhru f'dan ir-Regolament." Din l-istqarrija tikkonferma l-intenzjoni tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew sabiex jiżguraw l-akbar aċċess possibbli għad-dokumenti meta firxu l-iskop tar-Regolament biex ikopri l-attivitajiet kollha.

Dan il-ħsieb hu msaħħah mit-tieni paragrafu tad-Dikjarazzjoni Kollettiva tat-30 ta' Mejju 2001, li jagħmilha ċara li l-għan hu li jassigura li l-istituzzjonijiet u entitajiet kollha, u għaldaqstant il-Konvenzjoni, huma koperti mir-Regolament.

Rigward il-possibbiltà li l-għaqdiet mhux governattivi jiġu avżati minn qabel dwar dak li jkun ġej fil-Konvenzjoni, l-ilmentatur jagħraf u japprezza l-fatt li l-President iħabbar is-suġġetti prinċipali tal-laqgħa li jmiss (u xi kultant ta' oħrajn warajha) fl-aħħar ta' kull laqgħa plenarja, imma xorta jista' jibqa' diffiċli ħafna biex wieħed isir jaf minn qabel dwar x'inhu ġej fil-Konvenzjoni. Avviż minn laqgħa għall-oħra mhux biżżejjed. Din il-problema għandha tiġi kkunsidrata wkoll b'referenza partikolari għal għaqdiet mhux governattivi barra minn Brussell u fil-pajjiżi kandidati. Jekk dawn l-organizzazzjonijiet jkunu jixtiequ jattendu laqgħa plenarja tal-Konvenzjoni, jeħtieġ li jingħataw avviż ferm aktar minn qabel ta' x'ikun ġej.

L-ilmentatur jifhem li l-Praesidium jista' biss iħejji x-xogħol tal-Konvenzjoni u jista' biss jaħdem b'mod effettiv jekk iżomm il-possibbiltà li jiddelibera fil-magħluq. l-ilmentatur japprezza wkoll il-bżonn li tinżamm il-kunfidenzjalità waqt l-istadju meta jkunu qed jiġu mħejjija l-abbozzi u d-dokumenti jkunu qed jiġu formulati. Iżda huwa aktar diffiċli biex wieħed jifhem kif l-aġenda tal-Praesidium tista' tkun xi ħaġa daqshekk kontroversjali tant li jekk din l-aġenda tiġi mxandra dan jista' jfixkel ix-xogħol tal-Konvenzjoni. Jista' jagħti l-każ li l-minuti jistgħu jintlaqtu aktar minn problemi ta' din ix-xorta. Madankollu, dawn il-problemi jistgħu jingħelbu jekk titħalla l-possibbiltà ta' aċċess parzjali. l-ilmentatur mhux ifittex li jsir jaf il-fehma tal-membri individwali tal-Praesidium, iżda sempliċiment li jakkwista avviż bil-quddiem ta' dak li jkun ġej.

Jidher ċar li xi wħud mill-membri tal-Konvenzjoni mhumiex sodisfatti bis-sitwazzjoni preżenti dwar aċċess għal dokumenti u dwar is-segretezza tal-Praesidium. Uħud mill-membri tal-Konvenzjoni, li l-partiti tagħhom huma l-iżgħar erba' partiti fil-Konvenzjoni u li mhumiex rappreżentati fil-Praesidium, qassmu ilment dwar aċċess għad-dokumenti tal-Praesidium.

Fid-dawl ta' dan, l-ilmentatur jitlob lill-Ombudsman Ewropew:

- li jikkunsidra li l-Konvenzjoni ma taqax barra mill-iskop tat-Trattati u jinvestiga jekk ir-Regolament 1049/2001 japplikax għaliha.
- li jilqa' kemm it-talba ta' l-ilmentatur li jingħata aċċess sħiħ għall-aġenda tal-laqgħat tal-Praesidium kif ukoll is-suġġerimenti ta' l-ilmentatur rigward aċċess għall-minuti jew għar-rapporti tal-laqgħat tal-Praesidium.
- li jikkunsidra t-talba li fl-aħħar tax-xogħol tal-Konvenzjoni f'Ġunju, jingħata aċċess sħiħ għad-dokumenti kollha li llum mhumiex aċċessibbli għall-pubbliku. Dan ikun ta' benefiċċju għal ħafna nies, l-aktar għal numru kbir ta' akkademiċi u riċerkaturi li qed isegwu x-xogħol tal-Konvenzjoni.



## AKTAR STĦARRIĠ

Wara li kkunsidra bir-reqqa l-opinjoni mogħtija mill-President tal-Konvenzjoni Ewropea u l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman deherlu li kien hemm il-ħtieġa li jagħmel aktar stħarriġ. Huwa talab lill-President tal-Konvenzjoni Ewropea jressaq il-kummenti tiegħu fuq il-punt ta' l-ilmentatur dwar id-diffikultajiet li jista' jkollhom l-għaqdiet mhux governattivi biex jiksbu tagħrif dwar dak li jkun se jsir fil-Konvenzjoni bil-quddiem biżżejjed biex jippjanaw l-attivitajiet tagħhom. l-Ombudsman talab ukoll li jiġi nfurmat jekk l-aġenda u l-minuti tal-Praesidium tal-Konvenzjoni humiex se jkunu aċċessibbli għall-pubbliku fi tmiem ix-xogħol tal-Konvenzjoni.

### It-tweġiba tal-Konvenzjoni Ewropea

Is-Segretarju Ġenerali tal-Konvenzjoni, Sir John KERR, wieġeb it-talba ta' l- Ombudsman għal aktar informazzjoni.

Fit-tweġiba tiegħu dwar il-possibbiltà li l-għaqdiet mhux governattivi jiksbu informazzjoni bil-quddiem, is-Segretarju Ġenerali qal li l-ilmentatur innifsu kien stqarr li l-President tal-Konvenzjoni kellu d-drawwa li fl-aħħar ta' kull sessjoni plenarja jħabbar is-suġġetti ewlenin tas-sessjoni jew sessjonijiet li jkun imiss. Minħabba n-natura tal-Konvenzjoni ikun diffiċli għall-Praesidium li jfassal ix-xogħol tiegħu minn żmien twil ħafna 'l quddiem b'element ta' ċertezza (jekk suġġett speċifiku mqajjem f'dokument tal-Konvenzjoni, jew minn Grupp ta' Ħidma [*Working Group*], jew imqajjem minn proposta tal-Praesidium, ikunx jeħtieġ dibattitu plenarju fit-tul jew le jiddependi mir-reazzjoni tal-Konvenzjoni għal dan is-suġġett). Madankollu, sakemm dan l-ippjanar hu possibbli li jsir, il-Konvenzjoni kienet infurmata u dan it-tagħrif kollu kien ħareġ għall-pubbliku fil-*website* tal-Konvenzjoni.

Rigward il-mistoqsija dwar jekk, fl-aħħar tax-xogħol tal-Konvenzjoni, l-aġenda u l-minuti tal-Praesidium humiex se jkunu aċċessibbli għall-pubbliku, is-Segretarju Ġenerali tal-Konvenzjoni stqarr li ma jara l-ebda raġuni għalfejn f'dak l-istadju dawn id-dokumenti m'għandhomx joħorġu fil-pubbliku. Madankollu, din hi xi ħaġa li l-Praesidium innifsu jkollu jiddeċiedi dwarha fl-aħħar

tal-Konvenzjoni, meta jiddeċiedi dwar l-aħjar mod kif jassigura li l-ħidma tal-Konvenzjoni, li s'issa kienet miftuħa ħafna kemm għall-parteċipanti kif ukoll għal dawk li interessaw rwieħhom, tibqa' aċċessibli u tiftiehem minn dawk li jsegwuna, u minn dawk li jiktbu dwar l-istorja li għad iridu jiġġudikaw kemm weġibna tajjeb għar-responsabbiltajiet li kellna fuq spallejna.

### Il-kummenti ta' l-ilmentatur

Fil-qosor l-ilmentatur għamel dawn il-punti.

L-ilmentatur jagħraf sew u japprezza ħafna l-mod miftuħ li bih taħdem il-Konvenzjoni, inkluż il-fatt li l-karti tal-Praesidium jiġu ppubblikati malajr ħafna. l-ilment hu limitat għas-segretezza li biha jinżammu l-aġenda u l-minuti tal-laqgħat tal-Praesidium.

L-ilmentatur jilqa' is-suġġeriment tas-Segretarju Ġenerali li, dejjem skond kif jaqtagħha l-Praesidium, l-aġenda u l-minuti jkunu aċċessibbli meta l-Konvenzjoni ttemm xogħolha.

L-ilmentatur jitlob lill-Ombudsman jirrakkomanda lill-Praesidium tal-Konvenzjoni li, meta l-Konvenzjoni tkun temmet ix-xogħol tagħha, id-dokumenti kollha jiġu klassifikati u organizzati b'mod li jagħmel eħfef l-aċċess mill-pubbliku. Per eżempju, il-pubbliku għandu jkun mgħarraf dwar fejn ikun jista' jikkonsulta d-dokumenti tal-Konvenzjoni li jkunu nkitbu jew li jkunu f'forma elettronika f'librerija ċentrali imniżżlin f'reġistri tad-dokumenti. l-ilmentatur juri wkoll it-tħassib tiegħu li fl-aħħar parti tan-negozjati fil-Konvenzjoni din il-kwistjoni mportanti ma tinħallx b'mod sodisfaċenti.



## ID-DEĊIŻJONI

### 1 L-ammissibilità ta' l-ilment kontra l-Konvenzjoni Ewropea

1.1 Il-każ preżenti huwa dwar ilment li sar f'isem il-European Citizen Action Service (ECAS) kontra in-nuqqas ta' aċċess pubbliku għall-aġenda u l-minuti tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea.

1.2 Meta eżamina l-ammissibilità ta' l-ilment, l-Ombudsman qal li l-Konvenzjoni Ewropea ngħatat il-ħajja permezz tad-dikjarazzjoni ta' Laeken tal-Kunsill Ewropew u li ma jidher li hemm ebda strument legali kemm taħt il-liġijiet nazzjonali kif ukoll taħt dawk internazzjonali jew Komunitarji, li jwaqqfu il-Konvenzjoni b'mod formali. Madanakollu, il-Konvenzjoni għandha l-istruttura u l-funzjonijiet tagħha stess u għalhekk għandha tiġi meqjusa bħala xi ħaġa li hi separata kemm mill-Kunsill Ewropew kif ukoll mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea. Terġa' u tgħid, jidher li l-Konvenzjoni hi finanzjata, għall-anqas b'mod indirett, mill-*budget* tal-Komunità. l-Ombudsman għalhekk wasal għall-konklużjoni proviżorja li l-Konvenzjoni hija entità tal-Komunità fis-sens ta' Artikolu 195 KE u għaldaqstant il-Konvenzjoni taqa' taħt il-mandat ta' l-Ombudsman sa fejn għandha x'taqsam amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet tagħha.

1.3 L-Ombudsman jagħraf, madankollu, li l-Konvenzjoni, bħall-Parlament Ewropew, hi mpenjata f'ħidma politika u għalhekk ilment kontra x-xogħol politiku tagħha ma jistax jitqies bħala każ fejn seta' kien hemm amministrazzjoni ħażina. Il-każ preżenti huwa dwar ir-risposta tas-Segretarjat għal talba għal aċċess għal dokumenti, li hi ħaġa amministrattiva.

1.4 L-Ombudsman għarraf lill-President tal-Konvenzjoni Ewropea bl-analiżi t'hawn fuq u stiednu jfisser fehemtu dwar l-ammissibilità ta' l-ilment. Fir-risposta l-President ma kkumentax fuq dan il-punt. l-Ombudsman għaldaqstant ma jarax li għandu jirrevedi l-konklużjoni proviżorja tiegħu li l-Konvenzjoni Ewropea hija entità tal-Komunità skond kif jgħid Artikolu 195 KE u għalhekk taqa' taħt il-mandat ta' l-Ombudsman dwar xi każ ta' amministrazzjoni ħażina li jista' jkun hemm fl-attivitajiet tagħha.

## 2 It-talba ta' l-ilmentatur għal aċċess għall-aġenda u għall-minuti tal-Praesidium tal-Konvenzjoni Ewropea

2.1 L-ilmentatur jallega li s-Segretarjat tal-Konvenzjoni Ewropea ma kienx wieġbu sew għat-talba tiegħu li jingħata aċċess għall-aġenda u għall-minuti tal-Praesidium. l-ilmentatur għamel din it-talba sabiex l-għaqdiet mhux governattivi jkollhom avviż biżżejjed minn qabel ta' x'ikun ġej fil-Konvenzjoni.

2.2 Skond l-ilmentatur id-Deċiżjoni Konġunta tat-30 ta' Mejju 2001 saret biex tiżgura li l-istituzzjonijiet u l-entitajiet kollha, u għaldaqstant il-Konvenzjoni, jaqgħu taħt ir-Regolament 1049/2001. l-ilmentatur jitlob li, meta l-Konvenzjoni ttemm xogħolha, jingħata aċċess sħiħ għad-dokumenti kollha li fil-preżent mhumiex aċċessibbli għall-pubbliku.

2.3 Skond il-President tal-Konvenzjoni, id-dokumenti tal-Konvenzjoni ma jaqgħux taħt il-mod kif ir-Regolament 1049/2001 għandu jiġi applikat. Madankollu, il-Konvenzjoni minn dejjem imxiet fuq is-sistema li kemm jista' jkun tagħmel l-akbar ammont possibbli ta' materjal aċċessibbli għall-pubbliku. Il-funzjoni tal-Praesidium hi li tħejji x-xogħol tal-Konvenzjoni. Biex din il-funzjoni jkun jista' taqdiha sew, il-Praesidium irid bilfors li jkollu l-fakultà li jiddiskuti fil-magħluq. Li kieku l-aġenda u l-minuti tal-Praesidium kellhom isiru aċċessibbli, dan joħloq ir-riskju li minflok ma jistimulaw id-dibatti tal-Konvenzjoni, dawn jibdew isiru s-suġġett tad-dibattiti tal-Konvenzjoni. Il-pubbliku in ġenerali hu nfurmat tajjeb daqs il-membri tal-Konvenzjoni dwar l-iskeda li jkun imiss u l-kontenut ta' sessjonijiet plenarji.

Rigward il-mistoqsija dwar jekk, fl-aħħar tax-xogħol tal-Konvenzjoni, l-aġenda u l-minuti tal-Praesidium humiex se jkunu aċċessibbli għall-pubbliku, is-Segretarju Ġenerali tal-Konvenzjoni jistqarr li ma jara ebda raġuni għalfejn f'dak l-istadju dawn id-dokumenti m'għandhomx isiru pubbliċi. Din hi, madanakollu, kwistjoni li l-Praesidium innifsu jkollu jiddeċiedi fl-aħħar tal-Konvenzjoni.

2.4 L-Ombudsman jidhirlu li r-Regolament 1049/2001[41] japplika għad-dokumenti miżmuma mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni u li d-dispożizzjonijiet ta' Regolament 58/2003 jgħoddu wkoll għal aġenziji eżekuttivi.[42] Il-Konvenzjoni ma tagħmilx parti mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill jew mill-Kummissjoni u lanqas hi aġenzija fis-sens tar-Regolament 58/2003. l-Ombudsman għaldaqstant jidhirlu li r-Regolament 1049/2001 kif inhu ma japplikax għad-dokumenti miżmuma mill-Konvenzjoni.

2.5 L-Ombudsman ifakkar, madankollu, li wara żewġ investigazzjonijiet li hu kien wettaq fuq inizjattiva tiegħu nnifsu, hu kien irrakkomanda lill-istituzzjonijiet u entitajiet tal-Komunità biex iħaddnu regoli dwar l-għoti ta' aċċess lill-pubbliku għal dokumenti, bħala xempju ta' amministrazzjoni tajba.[43] Kważi kollha kemm huma mxew ma' din ir-rakkomandazzjoni.[44]

2.6 L-Ombudsman josserva li l-politika dikjarata tal-Konvenzjoni hi li kemm jista' jkun tagħmel materjal disponibbli għall-pubbliku. l-Ombudsman jidhirlu li din il-politika hi skond il-għan ta' Regolament 1049/2001 sabiex jiżgura aċċess l-aktar wiesa' għad-dokumenti. F'dan il-kuntest,

41 Ir-Regolament 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess mill-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, 2001 *OJ* L 145/43.

42 Ir-Regolament tal-Kunsill 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jkunu fdati b'ċertu xogħol fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità, 2003 *OJ* L 11/1.

43 Ara r-Rapport Speċjali ta' l-Ombudsman Ewropew lill-Parlament Ewropew wara l-investigazzjoni li kien wettaq fuq inizjattiva tiegħu stess dwar aċċess pubbliku għal dokumenti, 15 ta' Diċembru 1997, kif ukoll deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Bank Ċentrali Ewropew, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq ix-Xogħol, l-Uffiċċju tal-Komunità fuq Pjanti Varji u l-Europol, wara inkjesta fuq inizjattiva personali ta' l-Ombudsman OI/1/99/IJH.

44 Per eżempju, il-Qorti tal-Verifika, 1998 OJ C 295/1; il-Bank Ċentrali Ewropew, 1999 *OJ* L 110/30; il-Bank Ewropew għall-Investiment, 1997 OJ C 243/13; il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, 1997 OJ L 339/18; u l-Kumitat tar-Reġjuni, 1997 *OJ* L 351/70.

l-Ombudsman jinnota li d-Dikjarazzjoni Konġunta tat-30 ta' Mejju 2001[45] tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ssejjaħ l-istituzzjonijiet u entitajiet biex idaħħlu regoli nterni dwar aċċess pubbliku għal dokumenti, fi ħdan il-prinċipji u limitazzjonijiet tar-Regolament 1049/2001.

Fid-dawl ta' dan, l-Ombudsman Ewropew jħoss li, biex jara jekk kienx hemm amministrazzjoni ħażina fl-implimentazzjoni tal-politika dikjarata tal-Konvenzjoni li kemm jista' jkun tagħmel materjal aċċessibbli għall-pubbliku, jkun utli li jirreferi, u li jqabbel dan kollu, ma' l-eċċezzjonijiet li hemm imniżżla fir-Regolament 1049/2001.

2.7 Skond l-ewwel paragrafu ta' Artikolu 4 (3) tar-Regolament 1049/2001, aċċess għal dokument li jkun sar minn istituzzjoni għal użu ntern li jkun dwar suġġett fejn id-deċiżjoni ma ttiħditx mill-istituzzjoni, m'għandux jitħalla jekk il-ħruġ tad-dokument idgħajjef sew il-proċess li bih l-istituzzjoni tieħu d-deċiżjonijiet, sakemm ma jkunx hemm interess pubbliku li jkun aktar qawwi biex dan id-dokument joħroġ fil-pubbliku.

L-Ombudsman hu tal-fehma li l-President tal-Konvenzjoni ta spjega raġonevoli għalfejn jekk l-aġenda u l-minuti tal-Praesidium joħorġu qabel ma l-Konvenzjoni tkun temmet ix-xogħol tagħha, dan idgħajjef serjament il-proċess li permezz tiegħu jittieħdu d-deċiżjonijiet mill-istess Konvenzjoni. Terġa' u tgħid, l-Ombudsman ma jidhirlux li l-ilmentatur ġab argumenti biżżejjed sodi li juru li hemm xi interess pubbliku daqstant importanti li jiġġustifika li dan il-materjal joħroġ fil-pubbliku. l-Ombudsman għaldaqstant ma jsib ebda amministrazzjoni ħażina fiċ-ċaħda li saret biex l-aġenda u l-minuti tal-Praesidium joħorġu għall-pubbliku qabel ma l-Konvenzjoni tkun temmet xogħolha.

L-Ombudsman jagħmilha ċara li din il-konklużjoni tgħodd biss għar-rifjut ta' aċċess mill-pubbliku għall-aġenda u għall-minuti tal-Praesidium. l-Ombudsman ma jieħu l-ebda pożizzjoni dwar kwistjonijiet rigward it-trasparenza fir-relazzjoni bejn il-Praesidium u l-Membri tal-Konvenzjoni għax dawn il-punti huma relatati max-xogħol politiku tal-Konvenzjoni.

2.8 Rigward il-punt l-ieħor dwar jekk l-aġenda u l-minuti tal-Praesidium għandhomx jinħarġu fil-pubbliku meta l-Konvenzjoni ttemm ix-xogħol tagħha, l-Ombudsman jinnota li skond it-tieni paragrafu ta' Artikolu 4 (3) tar-Regolament 1049/2001, aċċess għal dokument li fih opinjonijiet għal użu intern bħala parti mid-deliberazzjoni u konsultazzjonijiet preliminarji fi ħdan l-istituzzjoni konċernata, għandu jiġi miċħud ukoll wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni jekk bil-ħruġ tad-dokument ikun qed jiddgħajjef sew il-proċess li bih l-istituzzjoni tieħu d-deċiżjonijiet, sakemm l-interess pubbliku biex joħroġ dan id-dokument ma jkunx akbar.

Jidher diffiċli li wieħed jargumenta li jista' jiddgħajjef il-proċess ta' kif il-Konvenzjoni tasal għal deċiżjoni ladarba tkun spiċċat xogħolha. l-Ombudsman għalhekk jaqbel mas-Segretarju Ġenerali tal-Konvenzjoni li m'hemmx raġuni għalfejn id-dokumenti konċernati m'għandhomx joħorġu fil-pubbliku f'dak l-istadju.

2.9 Fil-kummenti finali tiegħu, l-ilmentatur jesprimi wkoll tħassib li fl-aħħar stadji tan-negozjati fil-Konvenzjoni, din il-kwistjoni mportanti ma tkunx solvuta b'mod sodisfaċenti.

L-Ombudsman jaf li l-Konvenzjoni mistennija tispiċċa x-xogħol tagħha sa l-aħħar ta' Ġunju 2003. Għalhekk l-Ombudsman ma jarax li tkun ħaġa sew li jħalli deċiżjoni għal aktar tard biex jitkellem dwar dan il-punt li qiegħed iħasseb lill-ilmentatur.

L-ittra li bagħat l-Ombudsman lill-President tal-Konvenzjoni sabiex jinfurmah dwar id-deċiżjoni preżenti għandha ssemmi l-ħsibijiet, msemmija fit-tieni paragrafu ta' 2.8 hawn fuq, dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Konvenzjoni ladarba l-Konvenzjoni tkun lestiet xogħolha. l-ittra se turi wkoll il-fehma ta' l-Ombudsman li skond il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba il-Konvenzjoni għandha tagħmel arranġamenti xierqa mill-aktar fis possibli biex tiżgura li jkun hemm dan l-aċċess. l-Ombudsman se jressaq ukoll quddiem il-President tal-Konvenzjoni s-suġġerimenti prattiċi li

45 Dikjarazzjoni Konġunta dwar ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (*OJ* L 145/43 tal-31.5.2001) 2001 *OJ* L 173/5.

għamel l-ilmentatur fl-osservazzjonijiet finali tiegħu dwar l-aċċess li l-pubbliku għandu jkollu fil-futur għad-dokumenti tal-Konvenzjoni.

**3 Konklużjoni**

Għar-raġunijiet mogħtija f'paragrafi 2.7 u 2.9 hawn fuq, l- Ombudsman Ewropew wasal għall-konklużjoni li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina mill-Konvenzjoni Ewropea u li m'għandux jieħu aktar konjizzjoni ta' dan l-ilment. l-Ombudsman għaldaqstant jagħlaq il-każ.

*Nota: Wara li x-xogħol tal-Konvenzjoni ġie fi tmiemu fl-10 ta' Lulju 2003, l-aġenda u tagħrif fil-qosor dwar il-ħidma tal-Praesidium tqiegħdu fil-website tal-Konvenzjoni fuq dan l-indirizz: http://european-convention.eu.int/docpraes.asp?lang=EN*

## 3.1.7 L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi

### ALLEGAZZJONI LI INKJESTA MA SARITX SEW

*Deċiżjoni dwar ilment 1625/2002/IJH kontra l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi*

#### L-ILMENT

F'Settembru 2002, ex-uffiċjal tal-Kummissjoni ressqet ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew kontra l-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi (the European Anti-Fraud Office, OLAF).

Skond l-ilment, il-fatti relevanti fil-qosor huma kif ġej:

Fit-3 ta' Novembru 2000, waqt li kienet taħdem bħala kap ta' taqsima fid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għar-Riċerka, l-ilmentatriċi ġibdet l-attenzjoni ta' l-OLAF għal xi nuqqasijiet fil-mod kif proġett kien qed jiġi ffinanzjat.

Fit-23 ta' Lulju 2001, l-ilmentatriċi kellha laqgħa ma' żewġ uffiċjali ta' l-OLAF u ffirmat il-protokoll tal-laqgħa. Hija qatt ma ġiet infurmata dwar x'irriżulta mill-istħarriġ li sar mill-OLAF. Biż-żmien saret taf li ż-żewġ uffiċjali li kienet tkellmet magħhom kienu telqu mill-OLAF, li s-*scientific manager* tal-proġett ma kienx ġie ntervistat u li l-kuntratt għall-proġett kien ġie ffirmat fil-bidu tas-sena 2002 wara li saru bidliet kbar fl-anness tekniku. l-ilmentatriċi tistaqsi jekk it-taqsima ta' l-OLAF li kellha sehem fil-konsultazzjonijiet li saru bejn is-servizzi tal-Kummissjoni dwar dan il-proġett kinitx taf bl-ilment tagħha.

L-ilmentatriċi tallega li l-OLAF naqas li ma ndagax sew dan il-każ u meta qatt ma ġiet infurmata bir-riżultat. Hi ssostni li l-OLAF għandu jgħarrafha dwar jekk saritx inkjesta, x'kien ir-riżultat u jekk it-taqsima ta' l-OLAF li kellha sehem fil-konsultazzjoniiet li saru bejn is-servizzi tal-Kummissjoni qabel ma l-proġett kien ġie approvat kinitx taf bl-ilment tagħha.

#### L-INVESTIGAZZJONI

**L-opinjoni ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi (OLAF)**

L-opinjoni li bagħat l-OLAF kien fiha, fil-qosor, dawn il-punti:

### *L-allegazzjoni li l-OLAF naqas li jwettaq inkjesta xierqa*

Skond in-nota li l-ilmentatriċi bagħtet lil OLAF fit-3 ta' Novembru 2000, l-evalwazzjoni xjentifika u teknika tal-proposta fuq dan il-proġett bid-data ta' l-24 ta' Lulju 2000 kienet negattiva.

Id-Direttur-Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għar-Riċerka (DĠ RTD) kien għarraf lill-Kap tal-Kabinett tal-Kummissarju responsabbli permezz ta' nota li ġabet id-data tal-25 ta' Ottubru 2000 li negozjati taħt l-awtorità ta' l-ilmentatriċi f'Settembru 1999 kienu taw riżultati mhux sodisfaċenti. Għalhekk iddeċieda li jitlob lis-Sur B., Konsulent tad-Direttur, biex jasal għal ftehim hu mal-koordinatur tal-proġett biex jikkonkludi l-proġett b'mod sodisfaċenti sa l-aħħar ta' Novembru 2000.

In-nota ta' l-ilmentatriċi qalet li, fid-dawl tal-kontradizzjoni bejn iż-żewġ konsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, l-ilmentatriċi kienet qed tressaq ilment taħt Artikolu 90 (2) tar-Regolamenti ta' l-i*Staff*.

Id-Direttur Ġenerali ta' l-OLAF irrikonoxxa li rċieva din l-informazzjoni b'nota li kellha d-data tal-11 ta' Diċembru 2000, u talab lill-ilmentatriċi tipprovdi kull informazzjoni li kellha dwar l-irregolaritajiet li allegatament kienu ġraw. Fit-22 ta' Jannar 2001, l-ilmentatriċi ressqet numru kbir ta' dokumenti addizzjonali li kellhom x'jaqsmu man-negozjati u d-diskussjonijiet dwar il-proġett. l-informazzjoni ma wasslet għall-ebda konklużjoni finali jekk kenux saru xi rregolaritajiet. Għalhekk, fis-27 ta' Frar 2001, l-OLAF beda investigazzjoni interna. Minn dak in-nhar nġabret din l-informazzjoni:

- Fl-24 ta' Marzu 2001, id-Direttur Ġenerali tad-DĠ RTD bagħat nota b' informazzjoni estensiva lill-OLAF;
- Fit-23 ta' Lulju 2001, investigaturi ta' l-OLAF intervistaw lill-ilmentatriċi. Hi kkonfermat li sa fejn taf hi ma kienx hemm indikazzjoni ta' frodi, imma li l-proġett tħalla jibqa' għaddej minkejja n-nuqqasijiet li kienu ħarġu mill-evalwazzjoni xjentifika;
- Fis-27 t'Awissu 2001, l-ilmentatriċi bagħtet supplement bil-miktub biex ikompli ma' dak li qalet waqt l-intervista.

Bis-saħħa ta' din l-informazzjoni, rapport finali dwar il-każ ġie adottat fl-1 ta' Frar 2002, fejn kien hemm rakkomandazzjoni li l-każ għandu jingħalaq għal kollox. Id-Direttur-Ġenerali ta' l-OLAF aċċetta din ir-rakkomandazzjoni. l-OLAF għalhekk kien mexxa investigazzjoni xierqa minn fuq s'isfel dwar l-allegazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi, u wara wasal għall-konklużjoni li ma kienu seħħew ebda rregolaritajiet u għalhekk għalaq il-każ mingħajr il-ħtieġa ta' aktar azzjoni.

### *L-allegazzjoni li OLAF ma nfurmax lill-ilmentatriċi*

Regolament 1073/1999 fih regoli dwar min għandu jkun nfurmat bir-riżultati ta' investigazzjoni li ssir mill-OLAF. Artikolu 8 jgħid li informazzjoni miksuba waqt investigazzjoni interna taqa' taħt sigriet professjonali u ma tista' tiġi kkomunikata lil ħadd ħlief persuni li huma fl-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej jew Stati Membri, u li x-xogħol tagħhom jirrikjedi li huma jiġu nfurmati. Artikolu 9 jgħid li rapport finali ta' każ, li jkun fih ġabra fil-qosor ta' l-informazzjoni miġbura waqt l-investigazzjoni, għandha tintbagħat lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' l-iStati Membri konċernati u lill-istituzzjoni, entità, uffiċċju jew aġenzija konċernata, għal xi azzjoni li tkun meħtieġa li ssir wara.

Fit-12 ta' Lulju 2002, l-ilmentatriċi bagħtet nota lill-OLAF fejn talbet li tkun infurmata bir-riżultat ta' l-investigazzjoni. Fil-5 t'Awissu 2002, l-OLAF ipprepara risposta, imma din qatt ma ntbagħtet għax l-ilmentatriċi kienet irtirat mis-servizz b'effett mill-1 ta' Awissu 2002. Fid-9 ta' Awissu 2002, l-OLAF bagħat nota lill-Kap tat-Taqsima tad-DĠ RTD, bil-konklużjonijiet ta' l-investigazzjoni.

### *Il-konsultazzjoni ta' bejn is-servizzi*

L-OLAF m'għandu xejn li jindika li ġie kkonsultat bħala parti mill-konsultazzjoni li saret bejn is-servizzi dwar dan il-proġett. Hemm, madankollu, bdil ta' ittri bejn id-Diretturi Ġenerali tad-DĠ RTD u l-OLAF fuq jekk il-finanzjament tal-proġett għandux ikompli waqt li kienet għaddejja l-investigazzjoni. Id-Direttur Ġenerali tad-DĠ RTD bagħat ittra lid-Direttur Ġenerali ta' l-OLAF fl-14 ta' Mejju 2001, fejn fisser li hu kien lest jipproponi li jsir il-finanzjament tal-proġett lill-Kummissjoni,

sakemm ma jkunx hemm parir kuntrarju. Fl-20 ta' Mejju 2001, id-Direttur Ġenerali ta' l-OLAF wieġeb li l-investigazzjoni kienet għadha għaddejja, imma li l-informazzjoni fil-pussess ta' l-OLAF sa dak iż-żmien ma kinetx tiġġustifika li wieħed jagħti parir li l-proġett ma jkomplix jiġi finanzjat.

L-OLAF ehmeż kopji tad-dokumenti relevanti ma' l-opinjoni tiegħu.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi

Fl-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi fuq l-opinjoni ta' l-OLAF kien hemm fil-qosor dawn il-punti:

L-investigatur inkarigat mill-investigazzjoni jsostni fil-konklużjonijiet tiegħu li l-ebda informazzjoni li kellha l-OLAF ma kienet tindika l-preżenza ta' irregolaritajiet li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' l-OLAF. Tliet elementi, li kienu jidhru fil-file b'evidenza li kienu jsaħħu dan kollu, ma ngħatawx attenzjoni waqt l-investigazzjoni:

(a) L-evalwazzjoni tal-proposta kienet irregolari għax:

- il-proċedura fis-seħħ ma ġietx segwita,
- dwar il-formola ta' eliġibiltà fejn hemm ċar it-talba biex il-proposta tkun anonima, żewġ esperti minn erbgħa wieġbu fin-negattiv għal kriterju wieħed sostantiv ta' eliġibiltà u l-espert mill-pajjiż benefiċjarju ma ffirmax il-formola li tiggarantixxi l-anonimità,
- l-espert mill-pajjiż benefiċjarju kien ukoll involut fiż-żewg stadji ta' l-evalwazzjoni xjentifika u reġjonali.

(b) L-istruzzjoni biex jingħalaq il-file b'mod pożittiv hija wkoll irregolari u forsi illegali.

(ċ) Hija ħaġa sorprendenti, jekk mhux irregolari, li l-għoti ta' sussidju jiddependi biss fuq aġent temporanju. Fil-fatt, aġent temporanju li kienet responabbli għall-file fi żmien l-evalwazzjoni msemmija f'(a) hawn fuq, ukoll segwiet l-file, minkejja li nbidlu d-dmirijiet tagħha fi ħdan it-taqsima għad-detriment tad-dmirijiet li qabel kienet twettaq l-ilmentatriċi bħala l-Kap tat-Taqsima. Fil-preżent, l-istess aġent temporanju reġgħet saret responsabbli għall-aspetti operazzjonali tal-proġett, għalkemm it-taqsima fejn hi allokata ma tagħmilx xogħol operazzjonali u mhux suppost tmexxi l-proġetti.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 L-allegazzjoni li l-OLAF naqas li jagħmel inkjesta xierqa

1.1 L-ilmentatriċi kienet Kap ta' Taqsima fid-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għar-Riċerka. F'Novembru 2000, hi ġibdet l-attenzjoni ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi (OLAF) għal xi irregolaritajiet fil-finanzjament ta' proġett. l-ilmentatriċi allegat li l-OLAF naqas li jagħmel inkjesta xierqa dwar il-kwistjoni u identifikat tliet elementi li, hija ssostni, ma ġewx ikkunsidrati għalkemm kienu jidhru fil-file flimkien ma' evidenza li ssaħħaħ dan kollu.

1.2 Skond l-OLAF, id-Direttur Ġenerali talab lill-ilmentatriċi tipprovdi l-informazzjoni kollha li kellha dwar l-irregolaritajiet li allegatament saru. Minħabba li l-informazzjoni li twasslet ma tatx riżultati konklussivi dwar jekk sarux irregolaritajiet jew le, l-OLAF beda investigazzjoni interna. Waqt l-investigazzjoni nġabret informazzjoni mingħand id-Direttur-Ġenerali tad-DĠ RTD u mingħand l-ilmentatriċi. Id-Direttur-Ġenerali tad-DĠ RTD bagħat nota b'informazzjoni li kienet estensiva sew. l-investigaturi ta' l-OLAF intervistaw lill-ilmentatriċi, li kkonfermat li sa fejn taf hi ma kienx hemm ebda sinjali ta' frodi, imma li l-proġett tħalla jibqa' għaddej minkejja n-nuqqasijiet li kienu ġew identifikati fl-evalwazzjoni xjentifika. l-ilmentatriċi aktar tard bagħtet aktar tagħrif bil-miktub apparti l-intervista tagħha. Bis-saħħa ta' din l-informazzjoni, fl-1 ta' Frar 2002, tlesta rapport finali dwar il-każ, li rrakkomanda l-għeluq tal-każ mingħajr il-ħtieġa li tittieħed aktar azzjoni. Id-Direttur-Ġenerali ta' l-OLAF aċċetta din ir-rakkomandazzjoni. l-OLAF ehmeż kopji tad-dokumenti relevanti ma' l-opinjoni tiegħu.

1.3 L-Ombudsman jiċċara li l-ilment preżenti huwa kontra l-OLAF. l-Ombudsman, għaldaqstant, m'għamilx investigazzjoni dwar kif il-Kummissjoni Ewropea mexxiet il-proġett. l-inkjesta ta' l-Ombudsman hija dwar il-kwistjoni jekk kienx hemm amministrazzjoni ħażina min-naħa ta' l-OLAF fl-investigazzjoni amministrattiva li kienet saret fuq l-informazzjoni li wasslet l-ilmentatriċi.

1.4 L-Ombudsman jinnota li Artikolu 1 (3) tar-Regolament 1073/1999[46] jipprovdi sabiex l-OLAF iwettaq investigazzjonijiet amministrattivi interni bl-għan li:

"- jiġġieled il-frodi, korruzzjoni u xi attività illegali oħra li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea,

- jinvestiga għal dak il-għan materji serji relatati mat-twettiq ta' dmirijiet professjonali li jistgħu b'xi mod jikkostitwixxu abbandun ta' l-obbligi ta' uffiċjali u impjegati oħra tal-Komunitajiet u li jistgħu jirriżultaw fi proċeduri dixxiplinarji, jew skond kif ikun il-każ, fi proċedimenti kriminali (…)"

1.5 L-Ombudsman jikkonsidra li l-prinċipji ta' amministrazzjoni xierqa jeħtieġu li l-investigazzjonijiet amministrattivi mill-OLAF isiru b'attenzjoni, b'mod imparzjali u b'mod oġġettiv. l-Ombudsman ma jsib xejn fix-xhieda dokumentata mogħtija mill-ilmentatriċi u mill-OLAF li tagħti wieħed x'jifhem li l-investigazzjoni ta' l-OLAF fil-każ preżenti naqset li timxi fuq il-prinċipji ta' amministrazzjoni xierqa. Aktar minn hekk, l-Ombudsman jikkunsidra li kien raġonevoli li OLAF jikkonkludi li l-informazzjoni li twasslet ma kinetx turi li saru irregolaritajiet li jaqgħu taħt il-kompetenza ta' l-OLAF. l-Ombudsman għalhekk ma jsib ebda amministrazzjoni ħażina fir-rigward ta' dan l-aspett ta' l-ilment.



## 2 L-allegazzjoni li OLAF ma nfurmax lill-ilmentatriċi

2.1 L-ilmentatriċi tallega li l-OLAF qatt ma għarrafha bir-riżultat ta' l-istħarriġ. Hi tal-fehma li l-OLAF kellu jinfurmaha jekk kien wettaq inkjesta u li jinfurmha wkoll bir-riżultat.

2.2 L-OLAF jargumenta li fir-Regolament 1073/1999 hemm regoli dwar min għandu jkun infurmat bir-riżultati ta' investigazzjoni li ssir mill-OLAF. Artikolu 8 tar-Regolament jgħid li informazzjoni miksuba waqt investigazzjoni interna taqa' taħt sigriet professjonali u ma tistax tiġi kkomunikata lil xi persuni oħra għajr dawk fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej jew Stati Membri u li minħabba x-xogħol tagħhom jeħtieġ li jkunu jafuha. Artikolu 9 jgħid li r-rapport finali dwar każ, li jkun fih ġabra fil-qosor ta' l-informazzjoni miġbura matul l-investigazzjoni, għandu jintbagħat lill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' l-iStat Membru konċernat u l-istituzzjoni, entità, uffiċċju jew aġenzija konċernata, għal aktar azzjoni. Fit-12 ta' Lulju 2002, l-ilmentatriċi bagħtet nota lill-OLAF fejn talbet li tinżamm infurmata bir-riżultat ta' l-investigazzjoni. Fil-5 ta' Awissu 2002, OLAF ipprepara risposta imma din qatt ma ntbagħtet għax l-ilmentatriċi kienet irtirat mis-servizz mill-1 ta' Awissu 2002. Fid-9 ta' Awissu 2002, OLAF bagħat nota lill-Kap tat-Taqsima tad-DĠ RTD fejn fisser il-konklużjonijiet ta' l-investigazzjoni.

2.3 L-Ombudsman jinnota li OLAF ehmeż kopja tar-rapport finali tal-każ ma' l-opinjoni tiegħu dwar l-ilment għax jaf li l-opinjoni tiegħu flimkien ma' l-annessi li jkun hemm magħha jkunu preżentati lill-ilmentatur bħala parti mill-proċeduri normali ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman. l-Ombudsman ma jistax għaldaqstant jifhem kif OLAF joħroġ bl-argument li d-dispożizzjonijiet ta' Regolament 1073/1999 żammewh milli jwassal lill-ilmentatriċi r-riżultati ta' l-investigazzjoni li kien għamel. l-Ombudsman jikkonkludi li l-OLAF kien mexa sew biex isolvi dan l-aspett ta' l-ilment meta nforma lill-ilmentatriċi bir-riżultati ta' l-investigazzjoni tiegħu waqt l-istħarriġ ta' l-Ombudsman. Għalhekk m'hemmx bżonn ta' aktar stħarriġ mill-Ombudsman.

[46] Ir-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet li jsiru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi *OJ* L 136/1 tal-31.5.1999.

### 3 It-talba biex tkun infurmata bil-konsultazzjonijiet li saru bejn is-servizzi

3.1 L-ilmentatriċi tistenna li l-OLAF għandu jinfurmaha jekk it-taqsima ta' l-OLAF li wieġbet għall-konsultazzjoni bejn is-servizzi qabel il-proġett ġie approvat fil-bidu tas-sena 2002 kinetx taf bl-ilment tagħha.

3.2 Skond l-OLAF, ma kellu xejn li jindika li kien ġie konsultat bħala parti mill-konsultazzjonijiet li saru bejn is-servizzi fuq dan il-proġett. Madankollu, id-Direttur-Ġenerali tad-DĠ RTD bagħat ittra lid-Direttur Ġenerali ta' l-OLAF fejn fisser li hu kien se jipproponi l-finanzjament tal-proġett lill-Kummissjoni, fin-nuqqas ta' parir kuntrarju. Id-Direttur Ġenerali ta' l-OLAF wieġeb li l-investigazzjoni kienet għadha għaddejja, imma li l-informazzjoni fil-pussess ta' l-OLAF sa dak iż-żmien ma kinetx tiġġustifika li jingħata parir biex ma jitkompliex l-iffinanzjar tal-proġett.

3.3 L-Ombudsman jikkunsidra li l-opinjoni li tat OLAF tipprovdi l-informazzjoni mitluba mill-ilmentatriċi u li għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa ta' aktar investigazzjonijiet mill-Ombudsman.

### 4 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman rigward dan l-ilment, ma jidher li kien hemm ebda amministrazzjoni ħażina mill-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi. l-Ombudsman għaldaqstant jagħlaq il-każ.





## 3.1.8 L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni

### XOGĦOL TA' KONSULENZA GĦALL-AĠENZIJA EWROPEA GĦAR-RIKOSTRUZZJONI

*Deċiżjoni dwar ilment 1141/2002/GG (Kunfidenzjali) kontra l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni*

### L-ILMENT

Skond l-ilment li tressaq f'Ġunju 2002, l-ilmentatur ta' nazzjonalità Ġermaniża kien ħadem bħala konsulent fil-Kosovo fuq bażi ta' żewġ kuntratti.

L-ewwel kuntratt (OBNOVA Kuntratt ta' Servizz numru 99/KOS04/03/001) kien fuq proġett li jġib l-isem "ATA għal espert fuq l-Immaniġjar ta' Proġett fuq Skart, Ilma u Sanitazzjoni". Il-kuntratt kien iffirmat mill-ilmentatur u l-Kummissjoni Ewropea fis-26 ta' Jannar 2000. Skond Artikolu 5 tal-kuntratt, l-ilmentatur kellu jitħallas remunerazzjoni sa 196.970 € għas-servizzi tiegħu. Artikolu 6 (1) tal-kuntratt fih il-kundizzjoni li l-pagamenti kellhom isiru "meta s-Servizzi jkunu saru għas-sodisfazzjon ta' l-Awtorità li tkun għamlet il-kuntratt". Artikolu 6 (2) jgħid li l-ħlas kellu jitqassam kull tliet xhur "wara s-sottomissjoni ta' fattura u l-approvazzjoni ta' l-Awtorità li għamlet il-kuntratt, tar-rapporti li kienu meħtieġa u tax-xogħol kif definit fit-*Terms of Reference*. l-aħħar pagament (il-bilanċ) għandu jitħallas fi żmien 60 ġurnata minn meta l-Awtorità li qed tagħmel il-kuntratt taċċetta l-aħħar rapport."

Skond Addendum nru. 1 ta' dan il-kuntratt li kien iffirmat aktar tard mill-ilmentatur u l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (li tidher li ħadet il-kuntratt f'idejha mingħand il-Kummisssjoni), ir-rimunerazzjoni massima telgħet għal 268.090 €.

Fit-12 ta' Lulju 2001, l-ilmentatur ressaq talba għall-pagament finali ta' 59.387 € lill-Aġenzija. Skond l-ilmentatur, kien hemm nuqqas ta' qbil dwar kif u mingħand min wieħed mill-assistenti

ta' l-ilmentatur kellu jitħallas, ħaġa li kienet tinvolvi s-somma totali ta' bejn wieħed u ieħor 5000 €. l-ilmentatur allega li għal raġunijiet mhux magħrufa minnu u li qatt ma twasslulu, l-Aġenzija kienet iddeċidiet li ġġib il-każ għall-attenzjoni ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi (OLAF) u wżat din il-proċedura sabiex iżżomm il-ħlas tal-kumplament tal-pagament dovut ta' madwar 50.000 € li fuqu ma kienx hemm nuqqas ta' qbil.

It-tieni kuntratt ("Espert ta' Bord Ta' Sorveljanza fi Pristina – 99/KOS04/03/016") kien iffirmat mill-ilmentatur u l-Aġenzija fl-1 ta' Awissu 2001. Skond Artikolu 3 tal-kuntratt, il-valur massimu tal-kuntratt kellu jkun ta' 70.500 €.

Fit-28 ta' Frar 2002, l-ilmentatur talab lill-Aġenzija tagħmel it-tieni pagament interim ta' 19.387 € u pagament finali ta' 7050 €. Skond l-ilmentatur, kien hemm argument dwar in-numru ta' jiem li hu kien ħadem li kienu jikkonċernaw is-somma ta' bejn wieħed u ieħor 8000 €.

L-ilmentatur jitlob li l-Aġenzija għandha malajr tiffinalizza l-analiżi tagħha tal-fatturi tiegħu u tħallsu l-ammonti relevanti.

## L-ISTĦARRIĠ

### L-opinjoni ta' l-Aġenzija

Fl-opinjoni tagħha, l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni għamlet il-kummenti li ġejjin:

L-Aġenzija kienet issospendiet il-pagamenti fuq iż-żewġ kuntratti minħabba xi anomaliji li kienu ġew identifikati dwar il-preżentazzjoni tal-fatturi. Sal-lum l-Aġenzija kienet għadha ma ħaditx tweġibiet sodisfaċenti mill-ilmentatur għall-mistoqsijiet li kienet għamlitlu. Għall-kuntrarju, l-Aġenzija kien waslilha tagħrif mingħand il-United Nations Interim Administration Mission in Kosovo (UNMIK), u b'mod partikolari mingħand il-Taqsima ta' l-UE fl-UNMIK (it-taqsima ta' l-amministrazzjoni tal-Ġnus Magħquda fejn kien jaħdem l-ilmentatur), li qanqal suspett li l-ilmentatur seta' kellu intenzjonijiet li jwettaq frodi. l-informazzjoni kienet dwar irregolaritajiet li minħabba n-natura tagħhom l-Aġenzija kienet iddeċidiet li tgħaddi l-każ lill-OLAF. Kopja ta' l-ittra ta' l-Aġenzija lill-OLAF tat-12 ta' Diċembru 2001 (mingħajr id-dokumenti inklużi magħha) li ġabret fil-qosor il-mistoqsijiet li jikkonċernaw l-irregolarijiet li kien hemm suspett fuqhom kienet annessa għall-opinjoni ta' l-Aġenzija.

Waqt l-investigazzjoni tagħha, l-OLAF skopra irregolaritajiet oħra li setgħu kienu relatati ma' l-attivitajiet ta' l-ilmentatur fil-Kosovo, u li dawn l-irregolaritajiet setgħu ġraw waqt li hu kien taħt kuntratt ma' l-Aġenzija. Dawn l-irregolaritajiet serji oħra kienu rigward trasferiment ta' madwar 4.500.000 € għal kont f'bank f'Ġibiltà. Dan it-trasferiment kien relatat ma' pagament imħallas għall-esportazzjoni ta' l-elettriku mill-Kosovo għas-Serbja. l-ilmentatur kien qed jieħu ħsieb imexxi il-proċeduri ta' esportazzjoni f'isem l-UNMIK.

Aktar minn hekk, kien hemm xi dubji dwar il-kwalifiki akkademiċi ta' l-ilmentatur, li issa kienu qed jiġu verifikati mill-OLAF flimkien mal-UNMIK.

Bħala riżultat ta' dan l-istess Kontrollur Finanzjarju tal-Kummissjoni Ewropea, maħtur fuq bażi *full-time* ma' l-Aġenzija, kien iddeċida fl-14 ta' Lulju[47] 2002 li jissospendi l-pagamenti fuq iż-żewġ kuntratti. Għaldaqstant l-ammonti dovuti kellhom jibqgħu miżmuma sakemm l-Aġenzija u l-Kontrollur Finanzjarju jirċievu l-konklużjonijiet ta' l-OLAF li fl-1 ta' Frar 2002 kien beda investigazzjoni esterna dwar il-kuntratti msemmija hawn fuq.

L-ilmentatur kien ġie informat, permezz ta' *e-mail* mibgħuta fit-12 ta' Ottubru 2001, li l-fattura tiegħu se tinżamm sakemm jiġu riżolti xi diffikultajiet. Fl-10 ta' Lulju 2002, hu kien ġie infurmat ukoll li l-Aġenzija kienet talbet li ssir investigazzjoni mill-OLAF.

[47] "Lulju" x'aktarx għandha tkun "Ġunju", ladarba d-dokument li tirreferi għalih l-Aġenzija f'dan il-kuntest iġib id-data ta' l-14 ta' Ġunju 2002.

### Ittra oħra mill-Aġenzija

Fis-6 ta' Diċembru 2002, l-Aġenzija ressqet stqarrija għall-istampa quddiem l-Ombudsman li kienet ippubblikata fil-5 ta' Diċembru 2002 mis-Sur Bearpark ta' l-UNMIK. Skond din l-istqarrija għall-istampa, l-ilmentatur kien ġie arrestat fil-Ġermanja fl-4 ta' Diċembru 2002 u l-proċess ġudizzjali kien beda għaddej.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Ma waslu ebda osservazzjonijiet mingħand l-ilmentatur.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Rimarka ta' introduzzjoni

1.1 L-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni żiedet ħames dokumenti oħra ma' l-opinjoni tagħha dwar dan il-każ. Aktar tard l-Aġenzija informat lill-Ombudsman li kellu jfittex l-opinjoni ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi (OLAF), li kien ħareġ id-dokumenti li jinsabu f'Annessi 3 u 4 ta' l-opinjoni, qabel jiġu żvelati dawn id-dokumenti.

1.2 L-Ombudsman għalhekk kiteb lill-Aġenzija u talabha tiċċara l-kwistjoni sat-23 ta' Novembru 2002, u indika li jekk id-dokumenti relevanti kellhom jitqiesu bħala kunfidenzjali dawn kienu jintbagħtu lura lill-Aġenzija u ma jkunx jistgħu jintużaw f'dan l-istħarriġ. Fl-20 ta' Novembru 2002, l-Aġenzija infurmat lill-Ombudsman li kienet qed tfittex konferma mingħand l-OLAF li d-dokumenti relevanti kienu ta' natura sensittiva u ma setgħux jinkixfu sakemm l-investigazzjonijiet ta' l-OLAF ikunu spiċċaw.

1.3 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ombudsman iddeċida li jirritorna d-dokumenti relevanti lura lill-Aġenzija. Dawn id-dokumenti għalhekk mhux se jkunu kkunsidrati f'dan l-istħarriġ.

### 2 In-nuqqas li jiġu pproċessati l-fatturi u li jitħallsu l-ammonti dovuti

2.1 L-ilmentatur, konsulent Ġermaniż, għamel xogħol fil-Kosovo għall-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni fuq bażi ta' żewġ kuntratti ffirmati fis-sena 2000 (Kuntratt numru 99/KOS04/03/001) u fis-sena 2001 (Kuntratt numru 99/KOS04/03/016) rispettivament. Skond l-ilmentatur, l-Aġenzija naqset li tiffinalizza l-istħarriġ tagħha tal-fatturi tiegħu (tat-12 ta' Lulju 2001 u tat-28 ta' Frar 2002) u li tħallas l-ammonti pendenti. l-ilmentatur allega li hu kien għad baqagħlu jieħu xi 80.000 € mingħand l-Aġenzija.

2.2 L-Aġenzija ġibdet l-attenzjoni li l-pagamenti fuq iż-żewġ kuntratti konċernati kienu ġew sospiżi minħabba anomaliji li kienu instabu dwar il-preżentazzjoni tal-fatturi u minħabba li sa dak iż-żmien l-ilmentatur ma kien ta ebda risposta sodisfaċenti għall-mistoqsijiet ta' l-Aġenzija. Skond l-Aġenzija, hija rċeviet ukoll informazzjoni mingħand il-United Nations Interim Administration Mission in Kosovo (UNMIK) li qanqlet suspett dwar l-intenzjonijiet ta' l-ilmentatur li seta' jwettaq xi frodi. Dejjem skond l-Aġenzija, l-informazzjoni kienet dwar irregolaritajiet li, minħabba n-natura tagħhom, kien ġie deċiż li dan il-każ jitressaq quddiem l-Uffiċċju Ewropew ta' kontra l-Frodi (OLAF). Fl-1 ta' Frar 2002, l-OLAF iddeċieda li jiftaħ investigazzjoni esterna rigward iż-żewġ kuntratti msemmija hawn fuq. l-Aġenzija ġibdet l-attenzjoni li waqt l-investigazzjoni ta' l-OLAF kienu nstabu irregolaritajiet oħrajn serji li setgħu kienu relatati ma' l-attivitajiet ta' l-ilmentatur fil-Kosovo. Dawn l-irregolaritajiet l-oħra kienu dwar trasferiment ta' xi 4.500.000 € għal kont f'bank f'Ġibiltà. Skond l-Aġenzija, il-Kontrollur Finanzjarju li kellu x'jaqsam f'dan il-każ iddeċieda li jissospendi l-pagamenti fuq iż-żewġ kuntratti sakemm joħorġu r-riżultati ta' l-investigazzjonijiet ta' l-OLAF.

2.3 Dan l-ilment jikkonċerna l-obbligi li joħorġu mill-kuntratti li kien hemm bejn l-Aġenzija[48] u l-ilmentatur.

2.4 Skond Artikolu 195 tat-Trattat tal-KE, l-Ombudsman Ewropew jista' jirċievi lmenti "li jikkonċernaw każijiet ta' amministrazzjoni ħażina fl-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet u l-entitajiet tal-Komunità". Skond l-Ombudsman, amministrazzjoni ħażina sseħħ meta entità pubblika tonqos li ġġib ruħha skond xi regola jew prinċipju li hi marbuta[49] bih. Amministrazzjoni ħażina għalhekk tista' tinstab ukoll fir-rigward tat-twettiq ta' obbligi li jirriżultaw minn kuntratti li jkunu saru mill-istituzzjonijiet jew l-entitajiet tal-Komunitajiet.

2.5 Madankollu, l-Ombudsman iqis li l-għan li jista' jintlaħaq bl-istħarriġ li hu jista' jagħmel f'każijiet bħal dawn hu minnu nnifsu limitat. B'mod partikolari, l-Ombudsman hu tal-fehma li m'għandux ifittex li jara jekk kienx hemm ksur tal-kuntratt minn xi parti jew oħra, jekk hemm kwistjoni fuq dan. Din il-kwistjoni tista' tiġi ttrattata biss b'mod effettiv minn qorti b'ġurisdizzjoni kompetenti, li jkollha l-possibbiltà li tisma' l-argumenti tal-partijiet rigward il-liġi nazzjonali relevanti u li tiżen xhieda konflinġenti fuq xi punti li fuqhom hemm nuqqas ta' qbil.

2.6 L-Ombudsman għaldaqstant huwa tal-fehma li f'każijiet li jikkonċernaw kwistjonijiet kuntrattwali hu jkun ġustifikat li jillimita l-istħarriġ tiegħu biex jara jekk l-istituzzjoni jew l-entità Komunitarja tagħtux rendikont li jagħmel sens u li hu raġonevoli tal-bażi legali ta' l-azzjonijiet tagħha u għaliex temmen li l-fehma tagħha dwar il-qagħda kontrattwali hi ġustifikata. Jekk dan huwa l-każ, l-Ombudsman jikkonkludi li fl-istħarriġ tiegħu ma sab l-ebda ħjiel ta' amministrazzjoni ħażina. Din il-konklużjoni ma tolqotx id-dritt tal-partijiet li jkollhom il-kwistjoni kuntrattwali ta' bejniethom eżaminata u deċiża b'awtorità minn qorti b'ġurisdizzjoni kompetenti.

2.7 F'dan il-każ, l-Aġenzija ressqet rendikont koerenti u raġonevoli għar-raġunijiet li minħabba fihom temmen li t-talbiet ta' l-ilmentatur ma jistgħux jintlaqgħu għalissa.

2.8 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher li m'hemmx amministrazzjoni ħażina min-naħa ta' l-Aġenzija.

## 3 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-investigazzjoni ta' l-Ombudsman dwar dan l-ilment, jidher li ma kien hemm l-ebda amministrazzjoni ħażina mill-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.



[48] L-ewwel kuntratt oriġinarjament kien konkluż mill-Kummissjoni Ewropea, imma l-kontroll fuqu wara kien ittieħed mill-Aġenzija.

[49] Ara Rapport Annwali 1997, paġni 22 u l-paġni ta' wara.

# 3.2 KAŻIJIET DEĊIŻI MILL-ISTITUZZJONI

## 3.2.1 Il-Parlament Ewropew

### L-ALLEGAT NUQQAS LI JINGĦATAW RAĠUNIJIET GĦALFEJN TWARRBU OFFERTI TA' TRADUZZJONI

*Deċiżjoni dwar ilment 2024/2002/OV kontra l-Parlament Ewropew*

L-ILMENT

F'Novembru 2002, is-Sinjura J. ressqet ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew f'isem kumpanija bbażata Brussell dwar għadd ta' offerti ta' xogħol ta' traduzzjoni li ġew imwarrba mill-Parlament Ewropew. Skond l-ilmentatriċi, il-fatti relevanti huma kif ġej:

F'April 2002, l-ilmentatriċi bagħtet 11-il offerta wara għadd ta' sejħiet li saru għal offerta mill-Parlament Ewropew. Ħafna mill-offerti ta' l-ilmentatriċi ġew imwarrba.

Rigward l-offerti għall-Isvediż u għall-Franċiż, il-Parlament informa lill-ilmentatriċi li kien hemm wisq żbalji lingwistiċi. Peress li fl-ispeċifikazzjonijet ta' l-offerti jissemma' li offerta tiġi mwarrba fil-kas ta' aktar minn ħames żbalji lingwistiċi, l-ilmentatriċi bagħtet *e-mail* fis-7 t'Awissu 2002 fejn talbet kjarifika mill-Parlament rigward l-iżbalji. Fir-risposta tat-3 ta' Ottubru 2002, il-Parlament semma' fil-qosor l-iżbalji, mingħajr ma wera liema kienu.

Rigward l-offerta għat-Taljan, din għall-ewwel twarrbet minħabba raġunijiet finanzjarji. Meta l-ilmentatriċi kitbet lura lill-Parlament, il-Parlament wieġeb fit-3 ta' Ottubru 2002 biex jgħid li kienet saret evalwazzjoni mill-ġdid ta' l-offerta imma din id-darba kienet twarrbet minħabba żbalji lingwistiċi; dawn kienu żbalji ta' ortografija, ta' grammatika u ta' punteġġjatura. Ma ngħatawx dettalji, madankollu, dwar in-natura ta' dawn l-iżbalji.

Fl-aħħar, rigward l-offerta għall-Grieg, din twarrbet mingħajr spjega ċara. Mid-dehra kien hemm ħames offerti għall-Grieg, li tlieta minnhom intgħażlu. l-ilmentatriċi kisbet informazzjoni li min kien intgħażel l-ewwel minn dawk li xeħtu l-offerta ma aċċettax. l-ilmentatriċi madankollu ma għandhiex informazzjoni fuq min qiegħed fit-tielet u fir-raba' pożizzjoni. l-ilmentatriċi kitbet lill-Parlament fis-7 ta' Ottubru 2002 u bagħtet ittra oħra fil-31 ta' Ottubru 2002, iżda baqgħet bla risposta.

Fid-19 ta' Novembru 2002, l-ilmentatriċi ressqet dan l-ilment quddiem l-Ombudsman fejn semmiet dawn it-tliet allegazzjonijiet:

1 Il-Parlament ma spjegax fid-dettall għaliex l-offerti tagħha għall-Isvediż u għall-Franċiż kienu twarrbu minħabba żbalji lingwistiċi.

2 Il-Parlament ta raġuni ġdida għalfejn twarrbet l-offerta għat-Taljan, imma ma tax dettalji dwar l-iżbalji lingwistiċi li wassluh biex iwarrab din l-offerta.

3 Il-Parlament ma tax raġuni ċara għalfejn warrab l-offerta għall-Grieg.

Fid-29 ta' Jannar 2003, l-ilmentatriċi kitbet lill-Ombudsman biex tinfurmah li, minn mindu ressqet l-ilment, il-Parlament kien taha aktar informazzjoni dwar l-iżbalji lingwistiċi fl-offerti tagħha.

Rigward l-offerti għall-Isvediż u l-Franċiż, l-ilmentatriċi aċċettat l-iżbalji li ġibdilha l-attenzjoni għalihom il-Parlament.

Rigward l-offerta għat-Taljan, l-ilmentatriċi osservat li hi setgħet taqbel ma' xi korrezzjonijiet, li wħud minnhon kienu dwar stil. Madankollu l-Parlament ta żewġ raġunijiet differenti.

Rigward l-offerta għall-Grieg, l-ilmentatriċi kienet għadha mingħajr informazzjoni għaliex kienet twarrbet l-offerta tagħha.

## L-ISTĦARRIĠ

### L-opinjoni tal-Parlament Ewropew

Rigward l-ewwel allegazzjoni, il-Parlament stqarr li kien informa lill-ilmentatriċi fit- 22 ta' Lulju 2002 li l-offerti tagħha bi tweġiba għas-sejħiet għall-offerti referenza CRE-0207-FR-EP u CRE-0211-SV-EP kienu twarrbu fl-istadju ta' l-għażla minħabba l-kwalità lingwistika fqira ta' l-offerta. Il-Parlament irrefera għal Artikolu 2.2 ta' l-Ispeċifikazzjonijiet Ġenerali li jsemmi li l-"preżentazzjoni ta' offerta li tinkludi aktar minn ħames żbalji ta' ortografija, punteġġjatura jew grammatika twassal biex l-offerta titwarrab". Wara talba għal informazzjoni aktar dettaljata dwar din id-deċiżjoni, il-Parlament informa lill-ilmentatriċi b'ittra tat-30 ta' Settembru 2002 bin-numru eżatt u t-tip ta' żbalji fiż-żewġ offerti. Wara *e-mail* mill-ilmentatriċi fid-19 ta' Novembru 2002 fejn tablet evidenza ta' l-iżbalji, il-Parlament irrisponda lura permezz ta' ittra li kien se jibgħat fotokopji ta' dawk il-paġni ta' l-offerti bl-iżbalji indikati b'mod ċar. Din il-prova intbagħtet b'ittra reġistrata fit-13 ta' Diċembru 2002 wara t-talba ta' l-ilmentatriċi. l-ittra ta' l-ilmentatriċi lill-Ombudsman ġġib id-data tad-19 ta' Novembru 2002, jiġifieri l-istess data li fiha saret t-talba għall-evidenza ta' l-iżbalji fl-offerti.

Rigward it-tieni allegazzjoni, il-Parlament qal li, wara li l-ilmentatriċi kkontestat l-esklużjoni tas-sejħiet tagħha għall-offerti referenza CRE-0205-ES-EP u CRE-0208-IT-EP minħabba nuqqas ta' xogħol biżżejjed, iż-żewġ offerti kienu eżaminati mill-ġdid.

Permezz ta' ittra tat-30 ta' Settembru 2002, il-Parlament stqarr li l-offerta tat-Taljan kienet twarrbet bi żball fl-istadju ta' l-għażla għax fil-fatt kienet ingħatat prova biżżejjed ta' xogħol. Fl-istess ittra, l-Parlament informa lill-ilmentatriċi bir-riżultat tat-tieni evalwazzjoni ta' l-offerta, fejn din l-offerta kienet twarrbet minħabba l-kwalità lingwistika fqira ta' l-offerta, b'total ta' 15-il żball ta' ortografija u ta' grammatika. l-istqarrija ta' l-ilmentatriċi li ma kienx hemm dettalji tan-natura ta' l-iżbalji hija għaldaqstant bla bażi. Il-Parlament wara dan kien offra li jagħti fotokopji ta' l-offerta għat-Taljan bl-iżbalji mmarkati. l-offerta ta' l- ilmentatriċi għat-Taljan ġiet imwarrba fl-istadju ta' l-għażla skond il-kriterji ta' l-għażla (jiġifieri Artikolu 2.2 ta' l-Ispeċifikazzjonijiet Ġenerali).

Rigward it-tielet allegazzjoni, il-Parlament stqarr li kien informa lill-ilmentatriċi b'ittra rreġistrata fit-22 t'Ottubru 2002 li l-offerta tagħha għas-sejħiet għall-offerti referenza CRE-0203-EL-EP kienet twarrbet fl-istadju ta' l-għoti għax ma kienx hemm rabta qawwija biżżejjed bejn il-kwalità tax-xogħol u l-prezz. Dawk kollha li tefgħu offerta li twarrbet kienu rċevew l-istess ittra huma wkoll tinfurmhom bir-raġunijiet għal dan. Barra minn hekk, skond il-ħtiġiet legali, il-Parlament ippubblika avviż ta' l-għoti tal-kuntratt fl-*Official Journal* J 2002/S 178-140831 u fuq il-*website* tiegħu. Minn dan l-avviż joħroġ ċar li ngħataw kuntratt ewlieni wieħed u tnejn oħra ta' riżerva. l-awtorità inkarigata mill-għoti tal-kuntratti ddeċidiet li toffri biss 2 kuntratti ta' riżerva minflok il-massimu possibbli ta' 4 kif imsemmi fl-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerta. Din id-deċiżjoni hija kompletament skond il-leġislazzjoni applikabbli, li ma timponi l-ebda obbligu li jingħataw xi kuntratt wara li jkunu saru l-proċeduri ta' offerti. Il-Parlament iddeċida, wara li ħa l-parir tas-Servizz Legali tiegħu, li ma jagħtix il-kuntratt lill-ewwel kuntrattur li ismu kien ġie propost.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi

L-ilmentatriċi m'għamlet l-ebda osservazzjoni rigward l-opinjoni tal-Parlament.

ID-DEĊIŻJONI

## 1 L-allegat nuqqas ta' spjega għalfejn twarrbu l-offerti ta' l-Isvediż u l-Franċiż

1.1 L-ilmentatriċi hi kumpanija bbażata fi Brussell, li bagħtet 11-il offerta wara sejħiet varji għal offerti għal servizz ta' traduzzjoni li nħarġu mill-Parlament Ewropew. l-ilmentatriċi allegat li l-Parlament ma spjegax fid-dettall għaliex l-offerti tagħha għall-Isvediż u għall-Franċiż ġew imwarrba minħabba żbalji lingwistiċi.

1.2 Fl-opinjoni tiegħu l-Parlament kien qal li, wara *e-mail* mingħand l-ilmentatriċi fejn talbet evidenza ta' l-iżbalji, il-Parlament kien se jibgħat fotokopji ta' dawk il-paġni ta' l-offerti bl-iżbalji mmarkati ċari. Din il-prova ntbagħtet b'ittra reġistrata fit-13 ta' Diċembru 2002 kif talbet l-ilmentatriċi, fl-istess data li għamlet ilment mal-Ombudsman.

1.3 Fl-ittra tagħha tad-29 ta' Jannar 2003, l-ilmentatriċi indikat li hija aċċettat l-iżbalji li kienu nstabu mill-Parlament. Dan l-aspett ta' l-ilment għaldaqstant jidher li ġie riżolt mill-Parlament.

## 2 L-allegat nuqqas ta' spjegazzjoni dwar l-offerta tat-Taljan

2.1 L-ilmentatriċi tallega li l-Parlament ta raġuni ġdida għalfejn kienet twarrbet l-offerta tat-Taljan, imma ma tax dettalji rigward l-iżbalji lingwistiċi li kienu l-kaġun ta' din l-azzjoni.

2.2 Bl-ittra tat-30 ta' Settembru 2002, il-Parlament spjega li jaċċetta li l-offerta tat-Taljan kienet twarrbet bi żball fl-istadju ta' l-għażla għax fil-fatt kienet ingħatat prova li sar xogħol biżżejjed. Il-Parlament fl-istess ħin informa lill-ilmentatriċi bir-riżultat ta' l-evalwazzjoni ta' l-offerta li kienet saret mill-ġdid, jiġifieri li l-offerta ma ntgħażlitx minħabba l-kwalità lingwistika fqira ta' l-offerta, li kien fiha b'kollox 15-il żball ta' ortografija u ta' grammatika. Il-Parlament wara dan offra li jipprovdi fotokopji ta' l-offerta għat-Taljan bl-iżbalji mmarkati.

2.3 L-Ombudsman jinnota minn dan t'hawn fuq li l-Parlament spjega lill-ilmentatriċi għaliex ingħatat raġuni ġdida għalfejn twarrbet l-offerta tagħha. Il-Parlament għamilha ċara ma' l-ilmentatriċi li l-offerta kienet tneħħiet bi żball fil-bidu u offra ukoll li jipprovdi informazzjoni ċara dwar l-iżbalji; u jidher li fil-fatt l-ilmentatriċi kienet waslitilha din l-informazzjoni. Fl-ittra tagħha tad-29 ta' Jannar 2003, l-ilmentatriċi osservat li setgħet taqbel ma' xi korrezzjonijiet. Ladarba il-Parlament jidher li ħa azzjoni xierqa biex isewwi l-iżball li hu stess stqarr li kien għamel, ma jidhirx li hemm bżonn ta' aktar stħarriġ f'dan ir-rigward.

## 3 L-allegat nuqqas ta' spjegazzjoni għalfejn twarrbet l-offerta tal-Grieg

3.1 L-ilmentatriċi tallega li l-Parlament ma tax raġuni eżatta għalfejn kienet twarrbet l-offerta tal-Grieg. Fl-ittra tagħha tad-29 ta' Jannar 2003, l-ilmentatriċi tosserva li kienet għadha mingħajr dettalji rigward dan ir-rifjut.

3.2 Il-Parlament josserva li kien informa lill-ilmentatriċi b'ittra rreġistrata fit-22 ta' Ottubru 2002 li l-offerta tagħha bi tweġiba għas-sejħa għall-offerti kienet ġiet imwarrba fl-istadju ta' l-għoti għax ma kienx hemm rabta qawwija biżżejjed bejn il-kwalità tax-xogħol u l-prezz. Barra minn hekk, kien ġie ppubblikat avviż ta' l-għoti ta' kuntratt fl-*Official Journal* li minnu jidher li kienu ngħataw kuntratt wieħed prinċipali u tnejn oħra ta' riżerva. Il-Parlament spjega wkoll li wara li ħa l-opinjoni tas-Servizz Legali tiegħu, kien ddeċida li ma jagħtix il-kuntratt lill-ewwel kuntrattur li ismu kien tressaq quddiemu.

3.3 Jidher minn dan kollu li l-Parlament kien ħa passi biex jinforma lill-ilmentatriċi bir-raġuni għalfejn twarrbet l-offerta. Il-Parlament ipprovda wkoll aktar informazzjoni fl-opinjoni lill-Ombudsman. Għaldaqstant ma nstab l-ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina f'dan ir-rigward.

## 4 Konklużjoni

Jidher mill-kummenti tal-Parlament u l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi li l-Parlament kien ħa passi biex jirriżolvi l-ewwel parti ta' l-ilment u b'hekk issodisfa lill-ilmentatriċi.

Ma jidhirx li hemm bżonn ta' aktar stħarriġ dwar it-tieni parti ta' l-ilment.

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman dwar it-tielet parti ta' l-ilment, ma jidhirx li kien hemm xi amministrazzjoni ħażina mill-Parlament. l-Ombudsman għaldaqstant jagħlaq il-każ.

## AĊĊESS GĦALL-KARTA TA' L-EŻAMI F'KOMPETIZZJONI MIFTUĦA

*Deċiżjoni dwar ilment 342/2003/IP kontra l-Parlament Ewropew*

Fi Frar 2003, is-sur M. ressaq ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew kontra l-Parlament Ewropew rigward il-parteċipazzjoni tiegħu f'kompetizzjoni miftuħa EUR/A/158/2000. Dan l-ilment tressaq quddiem l-Ombudsman minn membru tal-Parlament Ewropew.

L-ilmentatur ma għaddiex minn test 1.A.d) u nqala' 'l barra mill-kompetizzjoni. Hu kien ġie nfurmat bl-eliminazzjoni tiegħu b'ittra tas-17 ta' Lulju 2002 mis-servizzi tar-reklutaġġ tal-Parlament.

Fit-23 ta' Lulju 2002, hu staqsa lill-Bord ta' l-Għażla biex jeżamina mill-ġdid il-karta ta' l-eżami tiegħu. B'ittra tal-21 ta' Ottubru 2002, il-Bord ta' l-Għażla informa lill-ilmentatur li l-Bord kien reġa' eżamina t-test 1.A.d) waqt il-laqgħa li saret fil-11 ta' Ottubru u kien ikkonferma id-deċiżjoni oriġinali li ma jħallihx jersaq għall-eżamijiet li jmiss.

Fit-28 t'Ottubru 2002, l-ilmentatur kiteb ittra oħra lill-Bord ta' l-Għażla fejn talab kopja tal-karta tal-eżami li hu kien weħel fiha flimkien ma' tagħrif li seta' jiggwidah dwar kif kienet saret il-korrezzjoni. Fit-12 ta' Novembru 2002, il-Bord ta' l-Għażla wieġeb lill-ilmentatur u rrifjuta li jagħtih kopja tad-dokumenti li kien talab għalihom għax it-talba ma saritx fil-perjodu preskritt għal dak il-għan. Skond ir-risposta tal-Parlament, l-ilmentatur messu għamel din it-talba fi żmien 30 jum min-notifikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Għażla fejn hu kien tneħħa mill-kompetizzjoni.

Fid-19 ta' Novembru 2002, l-ilmentatur kiteb ittra oħra lill-Bord ta' l-Għażla li fiha kkontesta d-deċiżjoni t'hawn fuq. l-ilmentatur ġibed l-attenzjoni li fit-23 ta' Lulju 2002 hu kien staqsa lill-Bord biex isir eżami mill-ġdid tat-test li hu ma kienx għadda minnu. Talba għall-aċċess għad-dokumenti konċernati għalhekk ma kienitx ġustifikata f'dak il-waqt, għax kien għad hemm iċ-ċans li l-Bord jibdel id-deċiżjoni tiegħu. Fil-fehma ta' l-ilmentatur, il-perjodu ta' 30 jum biex hu jagħmel talba għal aċċess għad-dokumenti beda mill-21 ta' Ottubru 2002, meta l-Bord ta' l-Għażla kien ħa d-deċiżjoni finali biex jikkonferma l-esklużjoni tiegħu mill-kompetizzjoni. l-ilmentatur ma rċieva ebda risposta għall-ittra tiegħu tad-19 ta' Novembru 2002.

Fl-ittra tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li r-rifjut tal-Bord ta' l-Għażla li jagħtih aċċess għad-dokumenti mitluba kien inġust u li l-Parlament kien naqas li jirrispondi għall-ittra tiegħu tad-19 ta' Novembru 2002.

L-ilmentatur talab li għandu jkollu aċċess għat-test A.1.d), li hu ma kienx għadda minnu, u għal tagħrif dwar kif kienet saret il-korrezzjoni.

### L-ISTĦARRIĠ

#### L-opinjoni tal-Parlament Ewropew

Rigward l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur li s-servizzi tal-Parlament kienu naqsu li jirrispondu l-ittra tiegħu tad-19 ta' Novembru 2002, il-Parlament iddispjaċih ta' dan u spjega li minħabba ċirkustanzi sfortunati relatati mal-ġarr tas-servizzi tal-kompetizzjoni, kien jidher li l-ittra ta' l-ilmentatur kienet tpoġġiet xi mkien bi żball.

Rigward it-talba ta' l-ilmentatur għall-aċċess għal test 1.A.d) u għal gwida tal-mod kif kienet saret il-korrezzjoni, il-Parlament fakkar li skond ir-regoli dwar l-aċċess tal-kandidati għall-karti tal-eżami

tagħhom wara li jkunu ġew ikkoreġuti, li kienu tqassmu lill-kandidati kollha waqt l-eżami bil-kitba, il-kandidati kellhom jagħmlu t-talba relevanti bil-miktub u fi żmien xahar mindu jitħabbru r-riżultati finali. l-ilmentatur kien infurmat bir-riżultati ta' l-eżamijiet tiegħu fis-17 ta' Lulju 2002 u hu kien talab aċċess għad-dokumenti konċernati fit-28 t'Ottubru 2002. It-talba ta' l-ilmentatur għaldaqstant ma saritx skond ir-regoli relevanti f'dan il-każ. Madankollu, il-Parlament qabel li jgħaddi lill-Ombudsman d-dokumenti mitluba mill-ilmentatur.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fl-osservazzjonijiet tiegħu l-ilmentatur informa lill-Ombudsman li l-Parlament kien ġa għaddielu d-dokumenti mitluba fis-26 ta' Mejju 2003, flimkien ma' ittra li tispjega r-raġunijiet għan-nuqqas ta' risposta għall-ittra tad-19 ta' Novembru 2002. Hu esprima s-sodisfazzjon tiegħu bir-riżultat tal-każ u rringrazzja lill-Ombudsman u lill-i*staff* tiegħu għall-isforzi tagħhom biex jgħinuh f'dan il-każ.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 L-allegazzjonijiet u t-talba ta' l-ilmentatur

1.1 Fl-ilment tiegħu, l-ilmentatur, kandidat f'kompetizzjoni miftuħa EUR/A/158/2000, allega li r-rifjut tal-Bord ta' l-Għażla li jagħtih aċċess għat-test A.1.d) li hu kien għamel u għall-mod ta' kif saret il-korrezzjoni kien inġust u li l-Parlament naqas li jirrispondi għall-ittra tiegħu tad-19 ta' Novembru 2002. l-ilmentatur talab li għandu jkollu aċċess għal test A.1.d), li hu ma kienx għadda minnu, u għas-sistema ta' kif saret il-korrezzjoni.

1.2 Fl-opinjoni tiegħu, il-Parlament iddispjaċih li s-servizzi kienu naqsu li jirrispondu għall-ittra ta' l-ilmentatur tad-19 ta' Novembru 2002. Ġie spjegat li minħabba ċirkustanzi sfortunati relatati mal-ġarr tas-servizzi tal-kompetizzjoni, jidher li l-ittra ta' l-ilmentatur kienet tpoġġiet xi mkien bi żball.

Rigward it-talba ta' l-ilmentatur li jkollu aċċess għat-test 1.A.d) u għas-sistema ta' kif saret il-korrezzjoni, il-Parlament fakkar li skond ir-regoli dwar l-aċċess tal-kandidati għall-karti tal-eżamijiet tagħhom wara li jkunu ġew ikkoreġuti, li tqassmu lill-kandidati kollha waqt it-testijiet tal-kitba, il-kandidati kellhom jagħmlu t-talba relevanti bil-miktub u fi żmien xahar wara li jitħabbru r-riżultati finali. l-ilmentatur kien infurmat bir-riżultati tat-testijiet tiegħu fis-17 ta' Lulju 2002 u hu kien talab aċċess għad-dokumenti konċernati fit-28 ta' Ottubru 2002. It-talba ta' l-ilmentatur għaldaqstant ma saritx skond ir-regoli relevanti. Madankollu, il-Parlament qabel li jgħaddi d-dokumenti mitluba mill-ilmentatur quddiem l-Ombudsman.

1.3 Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur ikkonferma li l-Parlament kien ġa għaddielu fis-26 ta' Mejju 2003 id-dokumenti mitluba, flimkien ma' ittra li tispjega r-raġunijiet għan-nuqqas ta' risposta għall-ittra tad-19 ta' Novembru 2002. Hu esprima s-sodisfazzjon tiegħu bir-riżultat tal-każ u rringrazzja lill-Ombudsman u lill-i*staff* tiegħu għall-isforzi tagħhom f'dan il-każ.

### 2 Konklużjoni

Jidher mill-opinjoni tal-Parlament u l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur li l-Parlament kien ħa l-passi biex isolvi l-kwistjoni u b'dan kien issodisfa lill-ilmentatur. l-Ombudsman għaldaqstant jagħlaq il-każ.

## 3.2.2 Il-Kummissjoni Ewropea

### PAGAMENT TARD TA' GĦOTJA GĦAL PROĠETT RELATAT MA' L-AIDS
*Deċiżjoni dwar ilment 1960/2002/JMA kontra l-Kummissjoni Ewropea*

#### L-ILMENT

F'Novembru 2002, tressaq ilment quddiem l-Ombudsman, f'isem il-Colectivo de Lesbianas, Gays, Transexuales y Bisexuales de Madrid (COGAM). Skond l-ilment, il-fatti relevanti kienu kif ġej:

Bejn l-1996 u l-1997, l-ilmentatur flimkien ma' kontributuri oħra, kien ħa sehem fi proġett relatat ma' l-AIDS imsejjaħ EUROVITHA, li kien koordinat mid-Dipartiment tal-Psikoloġija ta' l-Università ta' Tuebingen fil-Ġermanja.

Fis-7 ta' Ottubru 1997, il-Kummissjoni qablet li tiffinanzja parti mill-proġett (Ftehim SOC 97 20113505F02 Evaluation of Guided Group Programmes for People with HIV/AIDS, Creation of a *Network* of Therapists in D.E.I.). Il-partijiet fil-kuntratt kienu l-Kummissjoni u d-Dipartiment tal-Psikoloġija ta' l-Università ta' Tuebingen, filwaqt li COGAM deher bħala kuntrattur assoċjat.

Minkejja l-fatt li l-kontribuzzjoni tiegħu lejn il-kuntratt kienet spiċċat fi Frar 1999, COGAM baqa' ma rċeviex il-pagament tiegħu ta' 8200 €. B'risposta għat-talbiet ta' COGAM lill-kuntrattur prinċipali tal-proġett, COGAM ġie infurmat li s-sitwazzjoni rriżultat min-nuqqas tal-Kummissjoni li tonora l-obbligi finanzjari tagħha.

L-ilmentatur kiteb lill-Kummisssjoni fis-7 ta' Ġunju 2002 jitlob informazzjoni dwar x'kien ġara mill-file, u jitlob il-pagament tal-ħlas pendenti. COGAM ma rċieva ebda risposta għall-ittra tiegħu.

Fuq il-bażi ta' dan, l-ilmentatur allega, fil-qosor, li l-Kummissjoni ma kinitx irrispondiet għat-talba għal informazzjoni ta' COGAM tas-7 ta' Ġunju 2002. Ladarba l-proġett kien tlesta sa Frar 1999, l-organizzazzjoni tablet li l-Kummissjoni kellha tħallas l-aħħar ammont, sabiex is-sotto-kuntratturi kollha jkunu jistgħu jitħallsu.

#### L-ISTĦARRIĠ

**L-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea**

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni għamlet dawn il-kummenti:

Fis-7 ta' Ottubru 1997 l-ilmentatur, bħala sotto-kuntrattur, u l-Eberhard Karls Universität, bħala l-kuntrattur prinċipali, daħlu f'kuntratt mal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni ta' proġett fuq Evaluation of Guided Group Programmes for People with AIDS/VIH. Il-proġett irċieva assistenza mill-Komunità permezz tal-programm tal-Komunità EUROVITHA għall-ġlieda kontra l-AIDS. Fil-kapaċità tiegħu bħala koordinatur tal-proġett, il-Professur H. ta' l-Eberhard Karls Universität kien responsabbli biex jagħżel sotto-kuntratturi għal partijiet speċifiċi tal-proġett, u biex jikkonkludi kuntratti individwali. Il-Kummissjoni nnutat li COGAM kien wieħed minn dawn is-sotto-kuntratturi, li magħhom l-istituzzjoni ma kellha ebda relazzjoni diretta kuntrattwali.

Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Kummissjoni kellha titħallas lill-kuntrattur prinċipali, jiġifieri Eberhard Karls Universität, wara s-sottomissjoni tar-rapporti neċessarji. l-ewwel rapporti tekniċi u finanzjarji kienu ġew ippreżentati lis-servizzi tagħha f'Ottubru 1999. Ir-rapport finali, madankollu, wasal biss tliet snin wara, f'Novembru 2002. Waqt li l-aspetti tekniċi tar-rapport finali dehru sodisfaċenti, is-settur finanzjaru tiegħu ma setax jiġi approvat mis-servizzi tal-Kummissjoni minħabba in-nuqqas ta' dokumenti li jiġġustifikawh.

Fis-27 ta' Marzu 2002, il-Kummissjoni kitbet lill-Professur H. u talbitu jissottometti r-rapport finali, sabiex l-assistenza kollha tal-Komunità tkun tista' titħallas. F'din l-ittra il-Kummissjoni tat parir li l-kuntrattur jinforma lis-sotto-kuntratturi kollha bl-istat li fih kienu jinsabu l-affarijiet. Fis-7 ta' Ġunju 2002, il-Kummissjoni waslitilha talba mingħand COGAM għall-ħlas tal-pagamenti pendenti. Minn din it-talba ħareġ li l-koordinatur tal-proġett ma kienx spjega s-sitwazzjoni lis-sotto-kuntratturi kollha tiegħu, kif kienet talbet il-Kummissjoni.

Ladarba l-Kummissjoni ma setgħetx tagħti pagament lil xi parti li magħha ma kellha ebda relazzjoni diretta kuntrattwali, b'ittra fil-15 t'Ottobru 2002 il-Kummissjoni ħeġġet lil Eberhard Karls Universität biex tissottometti d-dokumenti li kienu jiġġustifikaw il-proġett u li kienu meħtieġa biex isir il-pagament finali.

Fl-14 ta' Novembru 2002, il-Kummissjoni rċeviet rapport finali mingħand Eberhard Karls Universität. Fl-20 ta' Diċembru 2002, l-istituzzjoni ħadet passi biex tagħmel il-pagament finali lill-kuntrattur għall-ammont ta' 59.859,30 €.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fil-5 ta' Mejju 2003, l-Ombudsman waslulu l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

COGAM spjega li, fuq il-bażi ta' l-informazzjoni sottomessa fl-opinjoni tal-Kummissjoni, l-għaqda kienet għamlet kuntatt mal-koordinatur tal-proġett. Bħala riżultat l-Eberhard Karls Universität kienet ħadet passi biex tħallas lill-COGAM tas-sehem tagħha fil-proġett li kien ta' 8200 €.

L-ilmentatur ikkonkluda billi esprima l-gratitudni ta' COGAM lejn l-Ombudsman għall-assistenza tiegħu biex tinstab soluzzjoni.

## ID-DEĊIŻJONI

Jidher mill-kummenti tal-Kummissjoni u l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur li l-Kummissjoni ħadet passi biex issolvi l-kwistjoni u għaldaqstant issodisfat lill-ilmentatur. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.



# ĦLAS TA' AMMONT DOVUT SKOND IL-KUNTRATT

## *Deċiżoni fuq l-ilment 205/2003/IJH kontra l-Kummissjoni Ewropea*

## L-ILMENT

L-ilmentatur huwa l-Managing Director tal-kumpanija WWP Ltd. l-ilment huwa kontra l-Kummissjoni, DĠ Agrikoltura.

Fil-qosor, il-fatti relevanti skond l-ilmentatur huma kif ġej:

Bejn Jannar 1998 u Diċembru 2001, WWP Ltd. ipproduċiet programm televiżiv ta' kull xahar jismu "CONTACT Europe". Kull edizzjoni kien fiha erba' stejjer li kienu sponsorjati mid-Direttorati Ġenerali tal-Kummissjoni taħt kuntratti speċifiċi, imħallsa mill-iStati Membri jew permezz ta' ħlasijiet li saru minnhom flimkien. F'April 2000, WWP Ltd. ippreżentat storja dwar l-agrikoltura organika. Il-*budget* kien ta' € 25 036, li nofsu ħarġu id-DĠ Agrikoltura u n-nofs l-ieħor il-Foreign Office tar-Renju Unit. Il-Foreign Office tar-Renju Unit ħallas in-nofs tiegħu. Madankollu, kif kien jiġri ta' sikwit, il-Kummissjoni damet ħafna biex lestiet dan il-kuntratt. F'dan il-każ, il-kuntratt ma ħariġx qabel Ġunju 2000. Il-Kummissjoni ħallset 60% ta' nofs il-pagament li kien is-sehem tagħha kif ġie ffirmat il-kuntratt. Wara WWP Ltd. bagħtet il-fattura ta' l-40% li kien baqgħalha tiegħu lill-Kummissjoni u baqgħet tissikka għall-pagament matul l-2001 u l-2002. Fit-8 ta' Frar 2002, il-Kummissjoni infurmat lil WWP Ltd. li kien inkiser Regolament finanzjarju ta' l-UE għax WWP

Ltd. kienet għamlet il-programm qabel inħareġ il-kuntratt u li għalhekk l-aħħar 40% ma kinux se jitħallsu u li WWP Ltd. kellha tħallas lura s- 60% li kienet ġa tħallset.

WWP Ltd. iltaqgħet mad-DĠ Agrikoltura u tablet laqgħa mas-servizzi finanzjarji u legali relevanti biex tiddiskuti r-Regolament in kwistjoni. Id-DĠ Agrikoltura kellu jipprovdi lil WWP Ltd. b'kopja tar-Regolament u jirranġa laqgħa jekk WWP Ltd. tħoss li kien hemm bżonn li l-każ jiġi ċċarat aktar. Madankollu, minkejja ħafna talbiet li saru wara din il-laqgħa, WWP Ltd. ma ġietx infurmata bir-Regolament u l-aħħar talbiet tagħha ma kellhom l-ebda risposta.

Kienet ċara għal WWP Ltd. minn qabel il-kuntratt li kien ser ikollha tipproduċi x-xogħol waqt li l-burokrazija tkun għadha titħabat biex tlaħħaq mad-dati miftiehma. Din is-sitwazzjoni damet sejra tliet snin u kienet aċċettata mill-uffiċjali responsabbli f'diversi direttorati tal-Kummissjoni.

Fuq il-bażi ta' dan kollu, l-ilmentatur jargumenta li jew bidla fir-Regolament applikabbli ta' l-UE kienet ġiet applikata b'mod retrospettiv, jew li l-ksur tar-Regolament, jekk kien hemm xi ksur, kien sar min-naħa ta' l-uffiċjali responsabbli tal-Kummissjoni.

L-ilmentatur jinsisti li l-Kummissjoni għandha tibdel il-pożizzjoni tagħha u tħallas il-bilanċ ta' l-40% dovut bl-imgħax, kif ukoll tikkumpensa għall-ħin li kien qatta' l-ilmentatur fuq il-kwistjoni.



## L-ISTĦARRIĠ

L-Ombudsman ressaq l-ilment quddiem il-Kummissjoni għal opinjoni.

Fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' l-ilmentatur li l-Foreign and Commonwealth Office tar-Renju Unit kien ħallas nofs il-fondi li kienu s-sehem tiegħu għall-proġett fil-ħin, l-Ombudsman stieden ukoll lill-awtoritajiet tar-Renju Unit biex jipprovdu, skond Artikolu 3 (3) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman[50], xi informazzjoni li tista' tkun utli fl-istħarriġ ta' l-Ombudsman dwar dan l-ilment. Ma waslet ebda risposta.

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

F'Mejju 2003, il-Kummissjoni stqarret li wara li reġgħet eżaminat il-file fid-dawl ta' l-ilment lill-Ombudsman, id-dipartimenti kompetenti tal-Kummissjoni kienu ddeċidew li jħallsu s-somma mitluba u li se jittieħdu l-passi amministrattivi neċessarji mill-aktar fis possibli.

F'Lulju 2003, il-Kummissjoni bagħtet kopja ta' ittra li hi kienet indirizzat lill-ilmentatur tikkonferma l-pagament ta' l-ammont kontestat fil-kont tal-bank ta' l-ilmentatur.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

L-ilmentatur kellem bit-telefon lis-servizzi ta' l-Ombudsman u kkonferma li kien irċieva l-ammont dovut, bl-interessi, u li kien sodisfatt. Hu rringrazzja lill-Ombudsman għall-assistenza tiegħu. l-ilmentatur bagħat ukoll kopja ta' l-ittra li hu kien bagħat fit-2 ta' Settembru 2003 lill-kap ta' Unit AII.1 tal-Kummissjoni DĠ Agrikoltura, jirringrazzjah għall-ħlas ta' € 5 008 u l-interessi ta' € 659,83 li kienu dovuti u li fiha qallu li l-kwistjoni kienet magħluqa.

50 "L-awtoritajiet ta' l-iStati Membri għandhom l-obbligu li jipprovdu lill-Ombudsman, kull meta huwa hekk jitlob, permezz tar-Rappreżentanti Permanenti ta' l-iStati Membri fil-Komunitajiet Ewropej, kull informazzjoni li tista' tgħin fil-kjarifika ta' każijiet ta' amministrazzjoni ħażina mill-istituzzjonijiet jew entitajiet tal-Komunità sakemm din l-informazzjoni ma tkunx koperta bil-liġijiet jew regolamenti ta' segretezza jew b'dispożizzjonijiet li jżommuha li tinħareġ. Madankollu, f'dan l-aħħar każ, l-iStat Membru konċernat jista' jħalli 'l Ombudsman ikollu din l-informazzjoni basta jintrabat li ma jikxifhiex."

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 In-nuqqas li jitħallas l-ammont dovut skond kuntratt

1.1 L-ilmentatur huwa l-Managing Director ta' kumpanija li pproduċiet storja li parti mill-ħlas għaliha kellu jsir mill-Kummissjoni. Skond l-ilmentatur, il-Kummissjoni DĠ Agrikoltura infurmat lill-kumpanija li kien inkiser Regolament finanzjarju ta' l-UE għax il-kumpanija kienet għamlet l-istorja qabel inħareġ il-kuntratt relevanti, li l-aħħar 40% ma kienux se jitħallsu u li l-kumpanija kien se jkollha tħallas lura s-60% li ġa kienet irċeviet. l-ilmentatur jitlob li l-Kummissjoni għandha tibdel il-pożizzjoni tagħha u tħallas il-kumplament ta' l-40% li kien dovut bl-interessi, kif ukoll kumpens għall-ħin li l-ilmentatur kien uża fuq il-kwistjoni.

1.2 L-opinjoni tal-Kummissjoni tistqarr li, wara li reġgħet eżaminat il-file fid-dawl ta' l-ilment li sar lill-Ombudsman, id-dipartimenti kompetenti tal-Kummissjoni kienu ddeċidew li jħallsu s-somma mitluba u li kienu se jittieħdu l-passi amministrattivi neċessarji mill-aktar fis possibbli. Aktar tard il-Kummissjoni bagħtet kopja ta' ittra tikkonferma l-pagament ta' l-ammont kontestat fil-kont tal-bank ta' l-ilmentatur.

1.3 L-ilmentatur jikkonferma li hu sodisfatt bil-pagament ta' € 5 008 u interessi ta' € 659,83 li kien irċieva mill-Kummissjoni u l-kwistjoni kienet ġiet solvuta.

1.4 Fid-dawl ta' dan kollu, l-Ombudsman jikkonsidra li l-Kummissjoni ħadet passi xierqa biex tirranġa l-kwistjoni u permezz t'hekk issodisfat lill-ilmentatur.

### 2 Konklużjoni

Jidher mill-kummenti tal-Kummissjoni u mill-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur li l-Kummissjoni kienet ħadet passi xierqa biex tirranġa l-kwistjoni u permezz t'hekk issodisfat lill-ilmentatur. l-Ombudsman għaldaqstant jagħlaq il-każ.



## ALLEGAT NUQQAS LI JSIR PAGAMENT FINALI FI PROĠETT TA' RIĊERKA

*Deċiżjoni dwar ilment 1173/2003/(TN)IJH kontra l-Kummissjoni Ewropea*

F'Ġunju 2003, sar ilment lill-Ombudsman f'isem l-Università ta' Stokkolma. l-ilment kien dwar allegat nuqqas tal-Kummissjoni li tħallas pagament finali fi proġett ta' riċerka bin-numru tal-kuntratt ERBBIO 4 CTT 960158.

Skond l-ilmentatur, il-fatti relevanti, fil-qosor, huma kif ġej:

L-Università ta' Stokkolma kienet fost dawk li ħadu sehem fi proġett ta' riċerka, li kien koordinat mill-kumpanija Taljana CHIRON b'fondi mogħtija mill-Kummissjoni. Fiż–żmien li tressaq l-ilment, CHIRON kienet ilha tistenna l-aħħar pagament tal-Kummissjoni għall-proġett għal sitt xhur. Parti mill-pagament finali kien dovut lill-Università ta' Stokkolma. Is-somma totali dovuta lil CHIRON kienet ta' 196,528 €, li minnhom 60,000 € kellhom jingħataw lill-Università ta' Stokkolma.

F'Ġunju 2002, l-ilmentatur ipprova jsir jaf għaliex ma kienx sar l-aħħar pagament. F'Diċembru 2002, l-Università ta' Stokkolma kienet bagħtet dokumentazzjoni supplimentari lill-Kummissjoni li min-naħa tagħha ikkonfermat wara dan li l-pagament kellu jsir lil CHIRON fi żmien ġimgħatejn. Ma sar ebda pagament u l-ilmentatur wara dan ikkuntattja lill-Kummissjoni xi għaxar darbiet bit-telefon dwar il-kwistjoni. Il-Kummissjoni infurmatu li minħabba riorganizzazzjoni interna, kien hemm *operational verificator* nieqes u kien għalhekk li ma setax isir il-pagament. F'Mejju 2003, l-ilmentatur kiteb lill-Kummissjoni dwar il-kwistjoni, imma ma rċieva ebda risposta.

L-ilmentatur jallega li l-Kummissjoni kienet naqset li tagħmel il-pagament finali fil-proġett ta' riċerka bin-numru tal-kuntratt ERBBIO 4 CTT 960158.

L-ilmentatur jitlob li l-pagament finali għandu jsir lill-koordinatur CHIRON fl-Italja, flimkien ma' l-imgħax għad-dewmien.

## L- INVESTIGAZZJONI

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni għamlet dawn il-kummenti li ġejjin:

Il-kuntratt in kwistjoni jaqa' taħt id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka (DĠ RTD) tal-Kummissjoni. l-aspetti xjentifiċi tal-kuntratt ġew approvati fid-29 ta' Lulju 2002, u l-file imbagħad mar għand id-Direttorat nkarigat mill-*budget* relevanti. Fil-31 ta' Lulju 2002, l-uffiċjal li jieħu ħsieb l-aspett finanzjarju fi ħdan id-Direttorat qabad mal-koordinatur CHIRON, u talab li jsiru korrezzjonijiet fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji. Il-korrezzjonijiet mitluba ma waslux qabel il-5 ta' Diċembru 2002 u l-pagament kien ipproċessat fid-19 ta' Diċembru 2002, imma sadanittant il-*budget* għall-2002 kien ġa ngħalaq.

Wara li nfetaħ il-*budget* għall-2003, l-uffiċjal finanzjarju għal darb'oħra beda jmexxi l-proċeduri għall-ħlas fit-28 ta' Frar 2003. Minħabba problemi ta' organizzazzjoni fi ħdan id-DĠ RTD, il-firem neċessarji, fosthom dawk tal-verifikatur finanzjarju u l-uffiċjal li jawtorizza l-ħlasijiet, ma setgħux jinġiebu qabel il-11 ta' Lulju 2003. Il-pagament kien imbagħad trasferit għall-kont bankarju ta' CHIRON fil-21 ta' Lulju 2003.

Il-kummissjoni tagħraf li l-ħlas kellu jsir sa mill-5 ta' Diċembru 2002, u li kellu jiġi proċessat fi żmien 60 ġurnata, jiġifieri sal-5 ta' Frar 2003. Il-Kummissjoni għalhekk se tibda' taħdem il-pagament ta' l-imgħax mis-6 ta' Frar 2003 sal-21 ta' Lulju 2003 hekk kif tirċievi t-talba diretta mingħand l-ilmentatur li hi meħtieġa sabiex jiġi awtorizzat il-ħlas. l-ilmentatur ġa ġie nfurmat b'dan.

Il-Kummissjoni tagħmel apoloġija għall-pagament li ttardja u tassigura lill-Ombudsman li l-proċeduri finanzjarji issa qed jaħdmu b'mod sodisfaċenti.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

L-ilmentatur ikkonferma lis-servizzi ta' l-Ombudsman bit-telefon li l-Università ta' Stokkolma kienet irċeviet l-aħħar pagament u li l-ħlas ta' l-interessi kien qed jiġi proċessat, jekk ma kienx ġa wasal fil-kont tal-bank ta' CHIRON. l-ilmentatur għalhekk kien sodisfatt bir-riżultat tal-każ u rringrazzja lill-Ombudsman għall-assistenza tiegħu.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Nuqqas li jsir l-aħħar pagament għal proġett ta' riċerka

1.1 L-ilment jikkonċerna l-allegat nuqqas min-naħa tal-Kummissjoni li ma għaddietx l-aħħar pagament lill-koordinatur ta' proġett ta' riċerka, b'kuntratt numru ERBBIO 4 CTT 960158, li minnu tifforma parti l-Università ta' Stokkolma. l-ilmentatur, li qed jilmenta f'isem l-Università ta' Stokkolma, għaldaqstant jitlob li l-aħħar pagament għandu jingħata lill-koordinatur, flimkien ma' l-interessi li jkopru d-dewmien.

1.2 Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-pagament kien dovut sa mill-5 ta' Diċembru 2002 u li kellu jitħallas fi żmien 60 ġurnata. Madanakollu, minħabba problemi ta' organizzazzjoni fid-DĠ RTD, il-pagament ma setax jiġi trasferit fil-kont bankarju ta' CHIRON qabel il-21 ta' Lulju 2003. Il-Kummissjoni għamlet apoloġija għad-dewmien tal-pagament u assigurat lill-Ombudsman li l-proċeduri finanzjarji issa qed jaħdmu b'mod sodisfaċenti. Il-Kummissjoni ntrabtet li tibda l-proċeduri biex tħallas l-interessi dovuti mis-6 ta' Frar 2003 sal-21 ta' Lulju 2003.

1.3 L-ilmentatur jikkonferma li l-Università ta' Stokkolma rċeviet l-aħħar pagament, li l-proċess għall-ħlas ta' l-interessi jinsab għaddej u għaldaqstant hu kien sodisfatt.

1.4 Fid-dawl ta' dan kollu, l-Ombudsman jikkonsidra li l-Kummissjoni ħadet il-passi meħtieġa biex issolvi l-ilment u b'hekk l-ilmentatur kien sodisfatt.

### 2 Konklużjoni

Jidher mill-kummenti tal-Kummissjoni u mill-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur li l-Kummissjoni ħadet il-passi meħtieġa biex issolvi l-ilment u b'hekk l-ilmentatur hu sodisfatt. Għalhekk l-Ombudsman jagħlaq il-każ.

## 3.2.3 Il-Qorti Ewropea tal-Verifika

### ALLEGAT NUQQAS TA' INFORMAZZJONI DWAR ESKLUŻJONI MINN KOMPETIZZJONI TAL-QORTI TAL-VERIFIKA

*Deċiżjoni fuq ilment 207/2003/OV kontra l-Qorti tal-Verifika*

#### L-ILMENT

Skond l-ilmentatur, il-fatti relevanti kienu hekk:

L-ilmentatur huwa kandidat f'kompetizzjoni pubblika CC/A/12/02 organizzata mill-Qorti tal-Verifika għar-reklutaġġ ta' amministraturi (karriera A7/A6) fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informatika (*OJ* C 145 A tat-18 ta' Ġunju 2002).

Permezz ta' ittra tad-29 ta' Novembru 2002, is-segretarjat tal-Bord ta' l-Għażla nforma lill-ilmentatur li sfortunatament ma setax jaċċetta l-parteċipazzjoni tiegħu għaliex "wara li eżaminajna u qabbilna t-titli, l-gradi u l-esperjenza professjonali tal-kandidati kollha, ismek mhux fost l-aqwa kandidati li qed jintalbu biex jikkompetu, kif hemm imniżżel f'parti VII ta' l-avviż tal-kompetizzjoni". (traduzzjoni li saret mis-servizzi ta' l-Ombudsman).

Parti VII ta' l-avviż tal-kompetizzjoni tgħid li "wara li l-kwalifiki jingħataw il-marki, il-50 kandidat bl-ogħla marki, jiġu aċċettati għat-testijiet bil-miktub." Parti VI ta' l-avviż tal-kompetizzjoni tgħid li l-kwalifiki tal-kandidati jingħataw massimu ta' 40 marka (10 marki għal *degrees* jew diplomi iżjed milli meħtieġ biex kandidat jiġi aċċettat fil-kompetizzjoni, u 30 marka għal esperjenza professjonali itwal minn dik imsemmija f'sezzjoni III (B)(3) ta' l-avviż tal-kompetizzjoni).

Fit-8 ta' Diċembru 2002, l-ilmentatur kiteb lill-Bord ta' l-Għażla, biex jerġgħu jeżaminaw il-kandidatura tiegħu. Hu talab biex jiġi nfurmat dwar a) il-kriterji wżati għall-evalwazzjoni (immarkar) tat-titli, tad-*degrees* u ta' l-esperjenza professjonali, b) il-marka tiegħu u ċ) il-marka ta' l-aħħar kandidat li kien għadda. Hu ma rċieva l-ebda risposta.

Fid-29 ta' Jannar 2003, l-ilmentatur ressaq dan l-ilment quddiem l-Ombudsman, fejn talab:

1 li l-Qorti tal-Verifika għandha tinfurmah dwar a) il-kriterji ta' l-evalwazzjoni (immarkar) tat-titli, *degrees* u esperjenza professjonali tal-kandidati, b) il-marka tiegħu u ċ) il-marka ta' l-aħħar kandidat li kien għadda;

2 li l-kandidatura tiegħu għandha terġa' tiġi eżaminata.

Fl-14 ta' Frar 2003 l-ilmentatur bagħat aktar informazzjoni dwar l-ilment tiegħu. Hu kien irċieva risposta mingħand il-Bord ta' l-Għażla li għarrfu bil-marki li hu kien ġab (0/10 għad-*degrees* tiegħu u 14.64/30 għall-esperjenza professjonali tiegħu). Iżda l-Bord ta' l-Għażla ma għarrfu la bil-kriterji

speċifiċi wżati għall-evalwazzjoni tad-*degrees* u ta' l-esperjenza professjonali tal-kandidati, u lanqas bil-marka ta' l-aħħar kandidat li kien ġie aċċettat.

Il-Bord ta' l-Għażla qal li l-kandidati b'marki aħjar kellhom ta' l-inqas *degree* wieħed iżjed minn dawk mitluba biex kandidat ikun jista' jieħu sehem fil-kompetizzjoni. l-ilmentatur, għaldaqstant, ġibed l-attenzjoni li ż-żewġ *degrees* li huwa kellu kienu jagħtu aċċess għal studji għal dottorat u huma rilevanti għan-natura tax-xogħol.

Fir-rigward ta' l-esperjenza professjonali, l-ilmentatur qal li l-Bord ta' l-Għażla wieġeb li l-kandidati li ġew qablu kellhom madwar 10 snin esperjenza jew iżjed. Madanakollu punt III.B.3 ta' l-avviż tal-kompetizzjoni jgħid li l-esperjenza meħtieġa riedet tkun mill-inqas ta' 3 snin. l-ilmentatur kellu 7 snin esperjenza, imma kien ġab biss marka ta' 14.64/30.

L-ilmentatur fl-aħħar wera li kien jaf b'kandidat li m'għandux diploma iżjed milli kien meħtieġ u li m'għandux 10 snin esperjenza li kien ġie aċċettat għall-eżamijiet bil-miktub. Meta wieħed jikkunsidra li l-eżamijiet bil-miktub kienu se jsiru fit-28 ta' Frar 2003, l-ilmentatur talab li l-ilment tiegħu jiġi kkunsidrat kemm jista' jkun malajr.



## L-INVESTIGAZZJONI

### L-opinjoni tal-Qorti tal-Verifika

Fl-opinjoni tagħha, l-Qorti tal-Verifika osservat li, permezz ta' l-ittra tat-8 ta' Diċembru 2002, l-ilmentatur talab lill-President tal-Bord ta' l-Għażla nformazzjoni fuq a) il-kriterji ta' l-evalwazzjoni (immarkar) tat-titli, *degrees* u l-esperjenza professjonali tal-kandidati, b) il-marka tiegħu u ċ) il-marka ta' l-aħħar kandidat li kien ġie aċċettat. Permezz ta' ittra fit-30 ta' Jannar 2003, il-President tal-Bord ta' l-Għażla wieġeb it-talba ta' l-ilmentatur u tah aktar informazzjoni ġenerali flimkien mal-marka tiegħu stess.

Wara li reġgħet irrevediet il-każ, il-Qorti ddeċidiet li tagħti wkoll lill-ilmentatur l-informazzjoni li hu kien talab għaliha taħt a) u ċ). F'ittra tat-2 ta' Mejju 2003, il-President tal-Bord ta' l-Għażla spjega lill-ilmentatur il-kriterji ta' l-evalwazzjoni dettaljata tat-titli, *degrees* u l-esperjenza professjonali u nfurmah li skond din l-evalwazzjoni hu kien ġab 14.64/30 punt. l-ilmentatur ġie infurmat ukoll li l-aħħar kandidat li kien ġie aċċettat kien ġab 32 punt. Il-Qorti nkludiet ma' l-opinjoni tagħha l-korrispondenza bejn il-President tal-Bord ta' l-Għażla u l-ilmentatur.

Il-President tal-Bord ta' l-Għażla reġa' għadd il-punti li kiseb l-ilmentatur u kkonferma li ma sar ebda żball. Fid-dawl tal-fatt li l-ilmentatur ġab anqas min-nofs il-marki ta' l-aħħar kandidat aċċettat, ġiet ikkonfermata d-deċiżjoni li ma jiġix aċċettat għall-eżamijiet tal-kompetizzjoni li jsiru bil-miktub. l-ilmentatur issa rċieva l-informazzjoni kollha li hu kien talab għaliha.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

L-ilmentatur m'għamel ebda osservazzjoni fuq l-opinjoni tal-Qorti tal-Verifika.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Informazzjoni dwar il-proċedura ta' l-għażla

1.1 L-ilmentatur jitlob li l-Qorti tal-Verifika għandha tinfurmah dwar a) il-kriterji ta' l-evalwazzjoni (immarkar) tat-titli, *degrees* u l-esperjenza professjonali tal-kandidati, b) il-marka tiegħu u ċ) il-marka ta' l-aħħar kandidat aċċettat.

1.2 Fl-opinjoni tagħha, il-Qorti tal-Verifika tosserva li, permezz ta' ittra fit-30 ta' Jannar 2003, il-President tal-Bord ta' l-Għażla wieġeb għat-talba ta' l-ilmentatur meta għaddielu aktar informazzjoni ġenerali u l-marka tiegħu stess. F'ittra oħra tat-2 ta' Mejju 2003, il-President ipprovda ukoll lill-ilmentatur bl-informazzjoni mitluba f'a) u ċ), jiġifieri l-kriterji ta' l-evalwazzjoni dettaljata tat-titli,

*degrees* u l-esperjenza professjonali u l-fatt li l-ilmentatur ġab marka ta' 14.64/40 punt. l-ilmentatur kien infurmat ukoll li l-aħħar kandidat li kien aċċettat kien ġab marka ta' 32/40 punt.

1.3 Jidher minn dan kollu li l-ilmentatur ingħata l-informazzjoni kollha li talab għaliha. Dan l-aspett ta' l-ilment jidher għalhekk li ġie konkluż mill-Qorti tal-Verifika għas-sodisfazzjon ta' l-ilmentatur.

### 2 It-talba biex terġa' tiġi eżaminata l-kandidatura ta' l-ilmentatur

2.1 L-ilmentatur talab li l-kandidatura tiegħu għandha terġa' tiġi eżaminata.

2.2 Il-Qorti tal-Verifika tosserva li l-Bord ta' l-Għażla reġa' għadd il-punti miksuba mill-ilmentatur u kkonferma li ma kien hemm ebda żball. Peress li l-ilmentatur kiseb anqas min-nofs il-marki ta' l-aħħar kandidat aċċettat, id-deċiżjoni li ma jiġix aċċettat għall-eżamijiet bil-miktub tal-kompetizzjoni, ġiet ikkonfermata.

2.3 L-Ombudsman jinnota li, fl'ittra tiegħu tat-2 ta' Mejju 2003, il-Bord ta' l-Għażla l-ewwel spjega lill-ilmentatur kif kienu ġew kalkulati l-marki tiegħu, kemm għad-diploma żejda kif ukoll għall-esperjenza professjonali żejda li kellu. Dwar din ta' l-aħħar, il-Bord ta' l-Għażla spjega li għal kull perjodu ta' esperjenza professjonali, ingħatat marka ekwivalenti għan-numru ta' xhur li ġiet immultiplikata b'*coefficient* ta' relevanza skond ċerti oqsma ta' esperjenza.

2.4 L-Ombudsman jikkonsidra li l-ispjegi mogħtija lill-ilmentatur mill-Bord ta' l-Għażla jidhru li huma raġonevoli. l-Ombudsman għalhekk ma jara ebda każ ta' amministrazzjoni ħażina fir-rigward ta' dan l-aspett ta' l-ilment.

### 3 Konklużjoni

Jidher mill-kummenti tal-Qorti tal-Verifika li l-Qorti ħadet il-passi neċessarji biex tikkonkludi l-ewwel parti ta' l-ilment u b'hekk issodisfat lill-ilmentatur.

Fuq il-bażi ta' l-investigazzjoni magħmula mill-Ombudsman dwar it-tieni parti ta' dan l-ilment, jidher li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina minn naħa tal-Qorti tal-Verifika. Għalhekk l-Ombudsman jagħlaq il-każ.

## 3.2.4 Il-Kummissjoni Ewropea u l-Qorti tal-Verifika

### IL-KUMMISSJONI TAQBEL LI TAGĦMEL L-AĦĦAR PAGAMENT

*Deċiżjoni dwar ilment 1915/2002/BB kontra l-Kummissjoni Ewropea u l-Qorti tal-Verifika*

#### L-ILMENT

Il-Kummissjoni Ewropea u l-Interdisciplinary Centre for Comparative Research in the Social Sciences (minn issa 'l quddiem: "l-ICCR") bħala wieħed mill-kuntratturi prinċipali, iffirmaw kuntratt fit-22 ta' Diċembru 1999. Il-kuntratt kien imsejjaħ Thematic *Network* numru tal-kuntratt 1999-TN.10869 "TRANS-TALK" taħt il-Fifth Framework Programme. Dan il-kuntratt kien ikopri perjodu ta' 18-il xahar, minn Jannar 2000 sa l-aħħar ta' Ġunju 2001. l-ispiża totali tal-proġett kienet

stmata li tkun €601,015 u kien ġie deċiż li l-ewwel pagament bil-quddiem ikun ta' €180,305 li kellu jinqasam bejn il-ħames kuntratturi prinċipali. l-ICCR bagħat tagħrif dwar in-nefqa b'mod regolari kull sitt xhur.

Fil-31 ta'Ottubru 2001, l-ICCR ġie avżat li l-Qorti tal-Verifika kienet se tagħmel verifika tal-proġett. Il-verifika saret bejn is-16 u t-18 ta' Jannar 2002. Skond l-ilmentaturi, l-awdituri qalu li huma kienu se jgħaddu r-rapport tagħhom lill-Kummissjoni sa' l-aħħar ta' Jannar 2002.

L-ICCR ippreżenta l-aħħar tagħrif tan-nefqa lill-Kummissjoni f'Awissu 2001. Fil-11 ta' Diċembru 2001, il-Kummissjoni DĠ TREN approvat dan l-i*statement* finanzjarju. Billi l-ICCR ma sema' xejn mingħand il-Kummissjoni, il-koordinatur tal-proġett fittxet l-uffiċjal finanzjarju tal-Kummissjoni fis-26 ta' Frar 2002, permezz ta' *e-mail*, biex tistaqsi dwar f'hiex wasal l-aħħar pagament. Fit-28 ta' Frar 2002 hi ġiet infurmata permezz ta' *e-mail* li l-aħħar pagament ma setax isir qabel ma jasal ir-rapport mingħand il-Qorti tal-Verifika.

Fit-13 ta' Ġunju 2002, l-uffiċjal finanzjarju tal-Kummissjoni ressaq, b'*e-mail*, ir-rapport ta' l-awdituri flimkien ma' talba għal xi kjarifiki. Ir-rapport ta' l-awdituri kien iġib id-data tal-15 t'April 2002. l-ICCR tat lill-Kummissjoni l-informazzjoni mitluba, permezz ta' *e-mail*, fl-14 ta' Ġunju 2002. Fit-8 ta' Lulju 2002, l-ICCR bagħat, fuq inizjattiva tiegħu stess, l-opinjoni sħiħa tiegħu fuq ir-rapport tal-Qorti tal-Verifika lill-uffiċjal inkarigat mill-finanzi tal-Kummissjoni.



F'ittra indirizzata lill-Kummissjoni bid-data tat-12 ta' Lulju 2002, l-ICCR talab kjarifika formali dwar x'kien sar mill-aħħar pagament tal-kuntratt. Il-Kummissjoni bagħtet risposta mingħajr data f'Awissu 2002 fejn qalet li l-pagament se jkun sospiż skond ma jgħid Artikolu 3. 2 ta' Anness II tal-kuntratt. Fid-29 ta 'Awissu 2002, l-ICCR informa lill-Kummissjoni li hu ma setax jaċċetta Artikolu 3.2 bħala raġuni għas-sospensjoni ta' l-aħħar pagament. Skond l-ilmentaturi l-Kummissjoni ma weġbitx din l-ittra.

Fl-24 t'Ottubru 2002, l-ilmentaturi ressqu lment f'isem l-ICCR lill-Ombudsman kontra l-Kummissjoni Ewropea u kontra l-Qorti tal-Verifika. l-ilment kien dwar l-aħħar pagament li ma kienx tħallas ta' €80,671.61 għal Thematic *Network*, numru tal-kuntratt 1999-TN.10869 "TRANS-TALK" u fuq il-verifika li saret mill-Qorti.

Dwar il-Kummissjoni Ewropea, l-ilmentaturi għamlu dawn l-allegazzjonijiet:

1) Nuqqas ta' informazzjoni dwar l-istatus tal-verifika u ta' l-aħħar pagament; u

2) Nuqqas ta' ħlas ta' l-aħħar pagament ta' €80,671.61.

L-ilmentaturi talbu li jsir il-ħlas ta' l-aħħar pagament bl-interessi u li ssir magħrufa l-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea fuq il-verifika magħmula mill-Qorti tal-Verifika u fuq il-proċeduri li mxew fuqhom iż-żewġ istituzzjonijiet.

Fir-rigward tal-Qorti tal-Verifika, l-ilmentaturi allegaw li r-rapport wasal għal konklużjonijiet żbaljati u injora l-informazzjoni mogħtija mill-ICCR u li kien hemm dewmien żejjed biex tressaq ir-rapport lill-Kummissjoni.

## L-INVESTIGAZZJONI

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni għamlet dawn il-punti:

Fil-kuntest ta' l-amministrazzjoni ta' l-azzjonijiet indiretti "RTD" taħt il-Fifth Framework Programme, il-Qorti tal-Verifika wettqet il-verifika tal-kuntratt Thematic *Network* numru 1999-TN.10869 "TRANS-TALK" fl-ICCR fi Vjenna. Ir-rapport ta' l-awdituri qajjem punti serji u kumplessi li kienu jeħtieġu konsiderazzjoni dettaljata mis-servizzi finanzjarji tal-Kummissjoni.

Il-Qorti ta' l-Awdituri kkonkludiet li xi spejjeż li kienu ġew dikjarati ma kinux eliġibbli u ma kienu sostnuti mill-ebda prova. Dan kien jinkludi speċjalment: talbiet għal ħlasijiet żejda mill-benefiċjarju għal *statements* ta' nefqa; nuqqas ta' osservanza mill-benefiċjarju ta' dak li jgħid il-kuntratt dwar l-użu ta' rati skond il-*budget*; u l-fatt li konsulent marbut b'sotto kuntratt ġie dikjarat bħala impjegat permanenti.

Fid-dawl tar-rapport tal-Qorti tal-Verifika, il-Kummissjoni ddeċidiet li tissospendi il-ħlasijiet lill-benefiċjarju sakemm tagħmel l-aħħar eżami ta' dokumenti addizzjonali mogħtija mill-benefiċjarju.

Fit-28 ta' Frar 2002, il-Kummissjoni nfurmat lill-ICCR bis-sitwazzjoni rigward l-aħħar pagament u fuq l-investigazzjoni tagħha fil-kuntest ta' din il-verifika. Id-diskussjonijiet ma' l-ICCR, li għadhom għaddejjin, bdew fis-sajf tal-2002. Fl-istess ħin, id-diskussjonijiet bejn il-Kummissjoni u l-Qorti tal-Verifika ntemmu fil-ħarifa ta' l-2002. Waqt li kienet qed tagħmel dawn l-investigazzjonijiet addizzjonali, il-Kummissjoni kkonfermat lill-ICCR f'Awissu 2002 li l-pagamenti kollha kienu ġew sospiżi. Il-Kummissjoni talbet iżjed informazzjoni permezz ta' ittra bid-data tal-5 ta' Diċembru 2002. It-tweġiba mill-ICCR bid-data tal-24 ta' Jannar 2003 kienet waslet u l-Kummissjoni nfurmat lill-ICCR li din it-tweġiba kienet qed tiġi investigata biex tittieħed deċiżjoni f'qasir żmien biex jinħareġ l-aħħar pagament.

Fit-13 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni nfurmat lill-ICCR li l-aħħar pagament ta' €50,821.03 kien sar. Skond il-Kummissjoni, l-ammont ta' € 29,799.63 ma setax isir għaliex dan kien jinvolvi trasferiment bejn kategoriji differenti ta' nefqa li kienu jirrikjedu awtorizzazzjoni minn qabel.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentaturi dwar l-opinjoni tal-Kummissjoni

L-ilmentaturi għamlu, fil-qosor, dawn il-punti:

Dan il-każ iqajjem punti ġenerali dwar dewmien mill-istituzzjonijiet tal-Komunità biex jirrispondu talbiet li jsiru bosta drabi għall-informazzjoni u dwar it-tul ta' żmien li jieħdu l-proċeduri. Skond l-ilmentaturi, il-prinċipju ta' trasparenza jirrikjedi li jiġu ndirizzati dawn il-punti ġenerali.

Wara r-risposta li l-ilmentaturi taw lill-Kummissjoni fis-27 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni kienet għaddiet biex tħallas il-bqija tas-somma li kienet ta' €20,477.79.

### L-opinjoni tal-Qorti tal-Verifika

Il-Qorti tal-Verifika għamlet, fil-qosor, dawn il-punti:

Id-dokument li kien il-qalba ta' dan l-ilment mhux rapport adottat mill-Qorti tal-Verifika imma ittra dwar settur. l-għan ta' ittra dwar settur hu biex tippreżenta r-riżultati preliminari miksuba matul il-verifika lil min ikun qiegħed jiġi vverifikat, li fil-qasam tal-pulitika interna, f'dan il-każ hija l-Kummissjoni. Wara iżjed analiżi tar-reazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-informazzjoni fattwali u r-rimarki relatati li jkun hemm f'ittra dwar is-settur, dawn ir-riżultati jistgħu imbagħad jiffurmaw il-bażi ta' l-osservazzjonijiet li jiġu ppreżentati fir-rapporti tal-Qorti tal-Verifika. F'xi każijiet, ikun meħtieġ li l-Kummissjoni tikkoreġi l-azzjonijiet tagħha stess. Peress li r-riżultati u l-osservazzjonijiet huma bi tħejjija fl-istadju ta' ittra dwar settur u huma, fil-prinċipju, soġġetti għal aktar xogħol ta' verifika, huma jibqgħu ta' natura kunfidenzjali bejn il-Qorti u l-Kummissjoni.

Fil-każ preżenti, l-ittra settorali numru 740/02 li kienet qed tirrapporta r-riżultati tal-verifika li ħarġu mill-verifika tal-kuntratt "TRANS-TALK", ġiet indirizzata lill-Kummissarju responsabbli mid-DĠ Enerġija u Trasport (TREN). Kif jiġri s-soltu, il-verżjoni elettronika ta' din l-ittra settorali kienet imbagħad intbagħtet lill-*liaison officer* fid-DĠ TREN. Jidher, madanakollu, li kopja elettronika ta' l-ittra settorali kunfidenzjali intbagħtet lill-ICCR minn uffiċjal tal-Kummissjoni.

Dwar l-allegazzjonijiet ta' konklużjonijiet foloz, l-awdituri tal-Qorti jsegwu il-Court's *Audit* Policies and *Standards* (CAPS) u normi tal-verifika li huma rikonoxxuti fuq livell internazzjonali, bħal dawk ta' l-International Organization of Supreme *Audit* Institutions (INTOSAI). Il-proċeduri tal-Qorti jipprovdu wkoll kontroll estensiv minn ġewwa tal-mod kif isir ix-xogħol qabel ir-riżultati tal-

verifika u osservazzjonijiet jitressqu quddiem min ikun ġie vverifikat. Dawk l-i*standards* u proċeduri ġew imħarsa f'dan il-każ.

Dwar l-allegazzjonijiet li l-informazzjoni mogħtija mill-ICCR ġiet injorata, il-grupp li kien inkarigat mill-verifika żamm quddiem għajnejh l-informazzjoni kollha pprovduta mill-ilmentaturi sakemm din l-informazzjoni kienet meqjusa li hi relevanti għall-verifika. Ir-riżultati kollha fl-ittra settorali li kienet indirizzata lill-Kummissjoni għandhom warajhom evidenza b'saħħitha biżżejjed u addattata li ħarġet mill-verifika, ibbażata fuq informazzjoni miġbura matul u li waslet kemm waqt kif ukoll wara l-eżerċizzju tal-verifika fil-bini ta' l-ICCR, kif ukoll mingħand il-Kummissjoni.

Dwar l-allegazzjoni ta' dewmien żejjed, l-*Audit* Manual tal-Qorti jgħid li ittra settorali għandha tintbagħat fi żmien xahrejn minn tmiem il-missjoni. Madankollu, din ir-regola interna ma torbotx lill-Qorti sa fejn jidħlu l-ilmentaturi. Barra minn hekk, għalkemm f'dan il-każ l-ittra settorali ntbagħtet ftit tard, li bl-ebda mod ma jista' jitqies li kien dewmien żejjed, dan xejn ma laqat l-interessi ta' l-ilmentaturi.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentaturi dwar l-opinjoni tal-Qorti tal-Verifika

L-ilmentaturi għamlu, fil-qosor, dawn ir-rimarki:

Skond l-ilmentaturi, l-awditur tal-Qorti tal-Verifika qal lill-ICCR li hija l-Kummissjoni li trid tiddeċiedi jekk tagħtix ir-rapport lill-ICCR.

L-ilmentaturi jsostnu li l-opinjonijiet ta' l-ICCR ma ġewx ikkunsidrati mill-awdituri.

L-ilmentaturi jenfasizzaw li l-ICCR qatt ma qal li d-dewmien biex jieħdu ħsieb il-każ tagħhom kien biss tort tal-Qorti tal-Verifika, imma x'aktarx li d-dewmien kien minħabba n-nuqqas ta' proċeduri trasparenti mill-Kummissjoni u mill-Qorti tal-Verifika kif ukoll il-mod kif dawn laqtu lil xulxin. l-ilmentaturi jsostnu li d-dewmien laqat ħażin l-interessi ta' l-ICCR għax dan il-każ għadu ma ngħalaqx wara iżjed minn sena li saret il-verifika.



## IŻJED INVESTIGAZZJONIJIET

Fl-14 ta' Ottubru u l-5 ta' Novembru 2003, is-segretarjat ta' l-Ombudsman Ewropew ikkuntattja permezz tat-telefon lil wieħed mill-ilmentaturi li tkellem f'isem iż-żewġ ilmentaturi dwar l-osservazzjonijiet li kienu waslulhom fid-29 ta' Settembru 2003. l-ilmentaturi kkonfermaw li l-Kummissjoni kienet għaddiet biex tħallas l-aħħar pagament li kien għadu ma sarx. l-ilmentaturi aċċettaw l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar trasferimenti bejn kategoriji differenti ta' nfieq li kienu jirrikjedu awtorizzazzjoni minn qabel skond Artikolu 17(4) tal-Kundizzjonijiet Ġenerali. Kien għalhekk li l-ammont ta' madwar €9,000 ma setax ikun inkluż fl-aħħar pagament. l-ilmentaturi infurmaw lis-segretarjat ta' l-Ombudsman li l-ICCR ma kinetx bagħtet kummenti fuq l-ittra tal-Kummissjoni ta' l-14 ta' Lulju 2003, li fiha l-Kummissjoni offriet ftehim u nfurmathom li jekk ma tirċevix kummenti mingħandhom fi żmien xahar, il-proġett kien se jingħalaq uffiċjalment u ma jkunux jistgħu jitolbu aktar flus. l-ilmentaturi kkonfermaw li meta huma ma kkummentawx fuq il-ftehim li kienet ressqet il-Kummissjoni, l-ICCR kien qabel *de facto* li ma għandhomx jitħallsu l-interessi fuq l-aħħar pagament li kien ġie sospiż. l-ilmentaturi kienu sodisfatti bil-ħlas ta' l-aħħar pagament.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Rimarka preliminari

1.1 Fl-osservazzjonijiet tagħhom, l-ilmentaturi jargumentaw li dan il-każ iqajjem punti ġenerali dwar dewmien minn żewġ istituzzjonijiet tal-Komunità biex iwieġbu għal talbiet ripetuti għal informazzjoni u dwar it-tul ta' żmien li jieħdu l-proċeduri.

1.2 L-Ombudsman jifhem li l-ilmentaturi kienu mħassbin dwar il-kwistjoni ġenerali ta' proċeduri li jintużaw fejn żewġ istituzzjonijiet jew iżjed tal-Komunità imexxu nvestigazzjonijiet u proċeduri fl-istess ħin li jaffettwaw it-tmexxija ta' każ. l-Ombudsman jikkunsidra li dan il-punt ġenerali ma jistax jiġi solvut sew fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ. l-ilmentaturi għandhom il-possibbiltà li jippreżentaw ilment ġdid lill-Ombudsman, jekk jixtieqū jagħmlu dan.

## 2 Allegat nuqqas ta' informazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-istat li fih kienet waslet il-verifika u l-aħħar pagament.

2.1 L-ilmentaturi jallegaw nuqqas ta' informazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-istat li fih kienet waslet il-verifika u l-aħħar pagament.

2.2 Skond il-Kummissjoni, hi kienet nfurmat lill-ilmentaturi fit-28 ta' Frar 2002 dwar is-sitwazzjoni ta' l-aħħar pagament u dwar l-investigazzjoni tagħha fil-kuntest ta' dan l-eżerċizzju ta' verifika wara li l-ilmentaturi kienu bagħtu *e-mail* fit-26 ta' Frar 2002. Id-diskussjonijiet ma' l-ICCR, li kienu għadhom għaddejjin, bdew fis-sajf ta' l-2002. Fit-12 ta' Lulju 2002, l-ilmentaturi talbu informazzjoni dwar l-istat li fih kien wasal l-aħħar pagament. F'Awissu 2002, il-Kummissjoni kkonfermat lill-ilmentaturi li l-pagamenti kollha kienu sospiżi minħabba verifika mill-Qorti tal-Verifika. Fid-29 ta' Awissu 2002, l-ilmentaturi għamlu talba lill-Kummissjoni biex terġa' tikkunsidra l-każ tagħhom. Fil-5 ta' Diċembru 2002, il-Kummissjoni talbet iżjed informazzjoni mingħand l-ilmentaturi. Fil-11 ta' Frar 2003, wara li rċeviet aktar informazzjoni kif kienet talbet, il-Kummissjoni bagħtet *acknowledgement* li magħha kien hemm ittra. Fit-13 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni nfurmat lill-ilmentaturi li kienet bdiet il-proċeduri dwar l-aħħar pagament.

2.3 L-Ombudsman jikkonsidra li l-Kummissjoni kienet ipprovdiet lill-ilmentaturi b' informazzjoni dwar f'hix kien wasal l-eżerċizzju tal-verifika u dwar li l-verifika kienet laqtet il-proċeduri tal-Kummissjoni biex tagħmel l-aħħar pagament li sa dak iż-żmien kien għadu ma tħallasx. Barra minn dan, jidher li l-Kummissjoni kienet infurmat b'mod xieraq lill-ilmentaturi dwar is-sospensjoni ta' l-aħħar pagament. Għalhekk, jidher li ma kienx hemm każ ta' amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni dwar din l-allegazzjoni.

## 3 Allegat nuqqas ta' ħlas ta' l-aħħar pagament li kien għadu ma sarx flimkien ma' l-interessi u t-talba biex isir il-ħlas

3.1 L-ilmentaturi jallegaw li l-Kummissjoni m'għamlitx l-aħħar pagament ta' € 80,671.61 għal Thematic *Network* kuntratt numru 1999-TN.10869 "TRANS TALK" taħt il-Fifth Framework Programme.

3.2 Il-Kummissjoni tgħid li l-aħħar pagament ta' € 50,821.03 sar fit-13 ta' Mejju 2003. Skond il-Kummissjoni, l-ammont ta' € 29,799.63 ma setax ikun ikkunsidrat għax kien jinvolvi trasferiment bejn kategoriji differenti ta' nfieq, li jirrikjedi awtorizzazzjoni minn qabel.

3.3 Fl-osservazzjonijiet, l-ilmentaturi infurmaw lill-Ombudsman li wara r-risposta tagħhom lill-Kummissjoni bid-data tas-27 ta' Mejju 2003, il-Kummissjoni kienet għaddiet biex tħallas is-somma ta' € 20,447.79.

3.4 Is-segretarjat ta' l-Ombudsman Ewropew ikkuntattja bit-telefon lil wieħed mill-ilmentaturi li tkellem għan-nom taż-żewġ ilmentaturi dwar l-osservazzjonijiet. l-ilmentaturi aċċettaw l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni fuq it-trasferimenti bejn il-kategoriji ta' l-infieq li jirrikjedu awtorizzazzjoni minn qabel skond Artikolu 17(4) tal-Kundizzjonijiet Ġenerali. Għalhekk, l-ammont ta' madwar € 9,000 ma setax ikun inkluż ma' l-aħħar pagament. l-ilmentaturi infurmaw lill-Ombudsman li meta l-ICCR ma bagħat ebda kumment lill-Kummissjoni dwar l-offerta ta' ftehim, l-ICCR kien aċċetta *de facto* li ma jitħallsux interessi fuq l-aħħar pagament li kien ġie sospiż. l-ilmentaturi kienu sodisfatti bil-ftehim.

3.5 Fid-dawl ta' l-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea u mill-ilmentaturi, l-Ombudsman sab li l-Kummissjoni solviet il-każ u li l-ilmentaturi kienu sodisfatti.

### 4 Talba għall-pożizzjoni uffiċjali mill-Kummissjoni fuq il-verifika u l-proċeduri li ġew segwiti

4.1 L-ilmentaturi jitolbu li l-Kummissjoni għandha tieħu pożizzjoni uffiċjali fuq il-verifika u l-proċeduri li ġew segwiti.

4.2 L-Ombudsman Ewropew jikkonsidra li dan l-aspett tal-każ hu kopert mill-ftehim li jidher fit-tielet parti tad-deċiżjoni.

### 5 L-allegazzjonijiet kontra r-rapport tal-Qorti tal-Verifika

5.1 L-ilmentaturi jallegaw li r-rapport tal-Qorti tal-Verifika ġibed konklużjonijiet żbaljati u warrab informazzjoni pprovduta mill-ICCR.

5.2 Il-Qorti tal-Verifika targumenta li tat kas ta' l-informazzjoni kollha mogħtija mill-ilmentaturi sa fejn din kienet meqjusa relevanti għall-verifika u li kulma jidher fl-ittra settorali hu sostnut minn evidenza soda u f'lokha li ħarġet mill-eżerċizzju ta' verifika. Il-Qorti tal-Verifika argumentat ukoll li ma waslitx għal konklużjonijiet żbaljati.

5.3 L-Ombudsman jikkonsidra li jidher li ma kien hemm ebda evidenza li turi li l-Qorti tal-Verifika injorat il-kontribuzzjoni ta' l-ilmentatur. Barra minn dan, m'hemm xejn li juri li l-konklużjonijiet tal-Qorti kienu ħżiena u mhux xierqa. Għalhekk, jidher li m'hemmx amministrazzjoni ħażina dwar dawn l-aspetti tal-każ.



### 6 Allegat dewmien żejjed mill-Qorti tal-Verifika

6.1 L-ilmentaturi jallegaw dewmien żejjed biex ġie mogħti r-rapport tal-Qorti tal-Verifika lill-Kummissjoni. Skond l-ilmentatur, l-eżerċizzju ta' verifika kien lest fit-18 ta' Jannar 2002 u r-rapport ta' l-awditur kellu d-data tal-15 ta' April 2002.

6.2 Fl-opinjoni tagħha, il-Qorti tal-Verifika tgħid li fl-*Audit* Manual tagħha hemm li ittra settorali trid tintbagħat fi żmien xahrejn minn meta jkun tlesta x-xogħol. Il-Qorti tammetti li l-ittra settorali f'dan il-każ ġiet mibgħuta bi ftit dewmien, imma li dan id-dewmien ma jistax ikun ikkunsidrat eċċessiv.

6.3 L-Ombudsman jinnota li l-*Audit* Manual tal-Qorti tal-Verifika hu gwida interna mhux ippubblikata, li ma sarx bl-intenzjoni li jistabbilixxi xi drittijiet għal terzi persuni. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Ombudsman ma jikkunsidrax li l-ftit dewmien mill-Qorti tal-Verifika jikkostitwixxi amministrazzjoni ħażina.

6.4 L-Ombudsman għalhekk ma jsibx amministrazzjoni ħażina dwar dan l-aspett tal-każ.

### 7 Konklużjonijiet

L-Ombudsman ma jsibx amministrazzjoni ħażina dwar l-ewwel allegazzjoni mill-ilmentaturi kontra l-Kummissjoni Ewropea. Dwar it-tieni allegazzjoni mill-ilmentaturi u t-talba tagħhom, jidher minn informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni Ewropea u mill-ilmentaturi li l-ilment ġie riżolt u li dan issodisfa lill-ilmentatur. Barra minn hekk, l-Ombudsman ma jsib ebda amministrazzjoni ħażina mill-Qorti tal-Verifika. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

# 3.3 SOLUZZJONIJIET AMIKEVOLI MIKSUBA MILL-OMBUDSMAN

## NUQQAS TA' ĦLAS TA' GĦOTJA MINKEJJA ASSIGURAZZJONIJIET BIL-FOMM

### *Deċiżjoni dwar ilment 548/2002/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ILMENT

L-ilmentatur huwa d-direttur tal-Europäisches Kultur-und Informationszentrum in Thüringen, assoċjazzjoni li għandha s-sede tagħha fil-Ġermanja ("l-assoċjazzjoni").

Fil-31 ta' Mejju 1998, l-assoċjazzjoni ressqet applikazzjoni għal għotja li tammonta għal 90 000 Ecu lill-Kummissjoni Ewropea. l-attivitajiet differenti li kellhom jiġu ffinanzjati minn din l-għotja kellhom isiru f'Settembru u f'Ottubru 1998. Il-persuna responsabbli mill-proġett min-naħa tal-Kummissjoni kien is-Sur H., *Adviser* f'Direttorat-Ġenerali X (illum DĠ Edukazzjoni u Kultura).

Skond l-ilmentatur, l-assoċjazzjoni ppruvat tikseb, sa minn Lulju 1998, kjarifika jekk il-Kummissjoni kinetx se taċċetta l-applikazzjoni, peress li fin-nuqqas ta' fondi oħra l-attivitajiet li kien hemm il-ħsieb li jsiru kien ikollhom jitħassru. l-ilmentatur allega li s-Sur H. assigura diversi drabi lill-assoċjazzjoni fuq it-telefon li l-ammont mitlub kien ser jingħata. Mill-ġdid skond l-ilmentatur, is-Sur H. informa lill-assoċjazzjoni lejn l-aħħar ta' Lulju 1998 (l-aħħar data li l-attivitajiet setgħu jiġu kkanċellati) li l-applikazzjoni kienet ġiet aċċettata u li d-dokument relevanti se jkun iffirmat fl-ewwel laqgħa wara l-waqfien tas-sajf. l-ilmentatur allega li s-Sur H. kien ta parir lill-assoċjazzjoni li setgħet tibda twettaq il-proġett tagħha. Hu qal ukoll li f'Settembru 1998, is-Sur H. informa lill-assoċjazzjoni li minħabba li hemm aġenda mimlija ħafna kien għadu mhux possibbli li l-Kummissjoni tiffirma d-dokument imsemmi imma kienet se tagħmel dan fil-ġimgħatejn ta' wara. Skond l-ilmentatur, kien fid-dawl ta' dawn l-assigurazzjonijiet li l-assoċjazzjoni bdiet twettaq il-proġett tagħha.

L-ilmentatur qal li minn dak iż-żmien kien hemm kuntatt bit-telefon kważi kuljum mas-Sur H. li kull darba kien jikkonferma li l-ittra dwar l-għotja tal-flus kienet imminenti. F'Novembru 1998, l-assoċjazzjoni għamlet talba lill-bank tagħha għal self. Jidher li l-bank insista li jikseb konferma bil-miktub li l-Kummissjoni kienet se tipprovdi l-għotja. l-ilmentatur għalhekk dar fuq ir-rappreżentanza tal-Kummissjoni fil-Ġermanja. F'ittra tal-25 ta' Novembru 1998, Dr. B. (dak iż-żmien aġent-kap tar-rappreżentanza tal-Kummissjoni fil-Ġermanja) ikkonferma li l-Kummissjoni kienet approvat l-għotja ta' 90 000 Ecu u li l-formalitajiet dwar dan kienu se jiġu finalizzati qabel l-aħħar tas-sena.

Madanakollu, f'ittra bid-data tat-23 ta' Diċembru 1998 il-Kummissjoni informat lill-ilmentatur li għotja ta' 20 000 Ecu biss kienet ġiet approvata mill-Kummissjoni.

Skond l-ilmentatur, wara li ġara dan is-Sur H. ta parir lill-assoċjazzjoni biex tippreżenta applikazzjoni oħra għal għotja biex tkopri l-bilanċ ta' 70 000 Ecu fl-1999. Din l-applikazzjoni saret fi Frar 1999. Madanakollu, fid-deċiżjoni tagħha tat-28 ta' Jannar 2000 il-Kummissjoni rrifjutat l-applikazzjoni. Jidher li din id-deċiżjoni kienet ibbażata fuq il-kunsiderazzjoni li fondi pprovduti fl-1999 ma setgħux jintużaw biex jiffinanzjaw attivitajiet li saru fl-1998.

Wara dan saru diversi kuntatti bejn l-ilmentatur, il-Membru tal-Parlament Ewropew lokali tiegħu, il-membru tal-Kummissjoni nkarigat u s-servizzi tal-Kummissjoni. Fit-30 ta' Ġunju 2000, id-Direttur-Ġenerali tad-DĠ X informa lill-ilmentatur li fid-dawl ta' l-assunzjoni li l-ittra ta' Dr. B. tal-25 ta' Novembru 1998 qajmet stennija leġittima, il-Kummissjoni kienet lesta tkopri l-ispejjeż li kienu saru bejn dik id-data u l-5 ta' Jannar 1999 (id-data meta kienet waslet l-ittra tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 1998). Il-Kummissjoni dehrilha, madanakollu, li kellha tkopri biss l-ispiża fuq

kuntratti li kien fihom '*risk clause*', jiġifieri klawżola li tgħid li l-pagament għandu jitħallas biss meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li tipprovdi l-għotja tagħha. Il-Kummissjoni aċċettat ukoll li tkopri l-arretrati tas-salarji ta' l-impjegati ta' l-assoċjazzjoni, sakemm il-ħlas ikun sar fiż-żmien imsemmi. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kummissjoni kkalkulat li s-somma ta' €21.988,54 setgħet titħallas lill-ilmentatur minħabba responsabbiltajiet barra l-kuntratt li l-ittra tal-25 ta' Novembru 1998 kienet qajmet. Is-somma ta' €20.000 kellha titnaqqas minn dan l-ammont.

L-ilmentatur oġġezzjona għal din il-proposta u insista li l-bilanċ sħiħ ta' €70.000 kellu jitħallas. Il-ħafna tentattivi li saru wara dan biex il-Kummissjoni tibdel il-fehma tagħha fallew. l-ilmentatur imbagħad dar fuq Membru ieħor tal-Parlament Ewropew li ressaq l-ilment quddiem l-Ombudsman.

Fl-ilment tiegħu mressaq quddiem l-Ombudsman f'Marzu 2002, l-ilmentatur saħaq li l-għotjiet kollha li kienu rċieva mill-UE sa issa kienu kollha bbażati fuq fiduċja sħiħa. l-ilmentatur allega li meta l-assoċjazzjoni kienet applikat għal għotja għall-proġett fl-1995, hi kienet ġiet infurmata verbalment li l-flus kienu ngħataw u li l-assoċjazzjoni kienet bdiet twettaq l-obbligi li kienu jirriżultaw waqt li l-konferma bil-miktub waslet xhur wara li l-proġett kien ilu li tlesta. Skond l-ilmentatur, reġgħet ġrat l-istess ħaġa meta aktar tard saru applikazzjonijiet oħra għal għotjiet.

L-ilmentatur għalhekk qal li l-Kummissjoni naqset li tħallas il-bilanċ ta' għotja li fil-fehma tiegħu l-Kummissjoni kienet aċċettat li tipprovdi lill-assoċjazzjoni. Hu bażikament allega li l-assoċjazzjoni kienet intitolata li toqgħod fuq l-assikurazzjoni li skond hu kienet ġiet magħmula mis-Sur H. tas-servizzi tal-Kummissjoni.

L-ilmentatur żied li l-assoċjazzjoni ma kellhiex aktar flus u li jekk ma tinstabx soluzzjoni, kien se jkollha twaqqaf l-attivitajiet tagħha.



## L-INVESTIGAZZJONI

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni tat deskrizzjoni dettaljata ta' kif ġraw l-affarijiet u ta' dak li sar, b'mod partikolari dak li jikkonċerna l-perjodu wara li ntbagħtet l-ittra tat-23 ta' Diċembru 1998. Dwar l-allegazzjoni magħmula mill-ilmentatur, il-Kummissjoni għamlet dawn il-kummenti:

Fil-31 ta' Mejju 1998, l-assoċjazzjoni kienet applikat għal għotja ta' € 90.000 taħt il-linja A-3024 tal-*budget*. Il-proġett ġie magħżul minn qabel għal għotja ta' € 20.000 minn kumitat ta' l-għażla kompetenti fil-ħarifa ta' l-1998. Matul dak il-perjodu, l-ilmentatur ċempel ta' sikwit lill-uffiċjal inkarigat minn dik il-parti tal-*budget*, is-Sur H. Skond l-ilmentatur, is-Sur H. wiegħdu fuq it-telefon li l-għotja ta' €90.000 kienet sejra tingħata. Peress li s-Sur H. miet f'Novembru 1999, ma kienx possibbli li jiġi vverifikat dak li fil-fatt intqal. Fil-file tad-DĠ X madanakollu ma kien hemm ebda ħjiel ta' dawn il-wegħdiet.

Wara li kkonsulta lis-Servizz Legali tal-Kummissjoni, id-DĠ Edukazzjoni u Kultura kien ħa l-pożizzjoni li barra l-ammont ta' € 20.000 li kien ġa tħallas, il-Kummissjoni kienet obbligata legalment li tkopri biss dawk l-obbligi finanzjarji li daħlet fihom l-assoċjazzjoni bejn il-25 ta' Novembru 1998 u l-5 ta' Jannar 1999. Fit-22 ta Ġunju 2000, id-Direttur-Ġenerali tad-DĠ Edukazzjoni u Kultura laqa' lill-ilmentatur u spjega li d-DĠ kien se jkopri l-ispejjeż li saru bejn il-25 ta' Novembru 1998 u l-5 ta' Jannar 1999. F'ittra tat-30 ta' Ġunju 2000, id-Direttur-Ġenerali kien spjega li s-somma li setgħet tingħata kienet tammonta għal €1988,54.

## IŻJED INVESTIGAZZJONIJIET

### Spezzjoni tal-file tal-Kummissjoni

Fid-dawl ta' l-opinjoni tal-Kummissjoni, l-Ombudsman deherlu li hu kellu bżonn iżjed informazzjoni biex jikkunsidra l-ilment. Hu għalhekk kiteb lill-Kummissjoni fil-15 ta' Lulju 2002 biex jitlob aċċess

għall-file tal-Kummissjoni. Fid-19 ta' Settembru 2002, is-servizzi ta' l-Ombudsman raw il-file tad-DĠ X kif ukoll il-file tar-rappreżentanza tal-Kummissjoni fil-Ġermanja.

Irriżulta li fil-file tad-DĠ X ma kien hemm ebda dokumenti oriġinali għall-perjodu sat-23 ta' Diċembru 1998. Fil-fatt l-uniku dokument li kien hemm ta' dan il-perjodu kienet kopja ta' applikazzjoni tal-31 ta' Mejju 1998.

Il-file tar-rappreżentanza tal-Kummissjoni fil-Ġermanja deher li kien f'kundizzjoni tajba u li kien komplut. Fih kien hemm il-korrispondenza bejn ir-rappreżentanza u l-ilmentatur, inkluż ittra mingħand l-ilmentatur bid-data tat-2 ta' Lulju 1998 u kopja ta' l-ittra tal-25 ta' Novembru 1998. Din il-kopja kien fiha nota miktuba bl-idejn fejn min kitibha kien niżżel li l-kliem ta' l-ittra kien "miftiehem mas-Sur [H.]" ("mit H.[H.] abgestimmt").

### Talba għal iżjed informazzjoni

F'ittra mibgħuta fis-26 ta' Settembru 2002, l-Ombudsman informa lill-Kummissjoni li l-file tad-DĠ X deher li ma kienx komplut. Hu għalhekk talab lill-Kummissjoni biex tiżgura li jitpoġġew f'posthom il-partijiet li kienu nieqsa tal-file u biex ittih permess li jkollu aċċess għall-file kollu. Fil-każ li l-Kummissjoni ma jirnexxiliex issib il-partijiet nieqsa tal-file, l-Ombudsman staqsa għal konferma bil-miktub li partijiet mill-file ma nstabux.

Fit-8 ta' Novembru 2002, il-Kummissjoni infurmat lill-Ombudsman li kien jiddispjaċiha li ma kinetx sabet dokumenti oħra li kellhom x'jaqsmu ma' l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur. Il-Kummissjoni talbet lill-Ombudsman biex iħares lejn din is-sitwazzjoni li kienet ta' min jistmerrha b'mod mhux wisq iebes.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar l-opinjoni tal-Kummissjoni u l-ittra tagħha tat-8 ta' Novembru 2002, l-ilmentatur sostna l-ilment tiegħu u *inter alia* għamel dawn il-kummenti:

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni l-ewwel innutat li d-DĠ Edukazzjoni u Kultura kien ħa l-pożizzjoni li kien legalment obbligat ikopri biss dawk l-obbligi finanzjarji li kienet daħlet għalihom l-assoċjazzjoni bejn il-25 ta' Novembru 1998 u l-5 ta' Jannar 1999. Wara kien ġie kkonfermat, madankollu, li d-Direttur-Ġenerali tad-DĠ Edukazzjoni u Kultura kien informa lill-ilmentatur li d-DĠ kien se jkopri l-ispejjeż li saru bejn il-25 ta' Novembru 1998 u l-5 ta' Jannar 1999. Dawn l-istqarrijiet kienu kontra xulxin. Ir-riżultat tad-diskussjoni mad-Direttur-Ġenerali fit-22 ta' Ġunju 2000 kien tabilħaqq li dan ta' l-aħħar aċċetta li l-Kummissjoni għandha tieħu ħsieb l-ispejjeż li saru bejn il-25 ta' Novembru 1998 u l-5 ta' Jannar 1999.

Fl-1998, l-assoċjazzjoni applikat biex isservi bħala punt minn fejn titqassam l-informazzjoni fuq il-Kummissjoni. Fl-20 ta' Frar 1998, kienet ippreżentat dikjarazzjoni u skond din l-istqarrija hi kellha timxi skond l-obbligi kuntrattwali, minkejja l-fatt li f'dak iż-żmien kien hemm biss ftehim bil-fomm u ma kien hemm ebda kuntratt bil-miktub. l-assoċjazzjoni għalhekk kienet baqgħet fuq assigurazzjoni verbali li dan il-kuntratt kien se jiġi ffirmat. Fis-26 ta' Ġunju 1998, l-assoċjazzjoni ġiet infurmata mill-Kummissjoni li l-file fi Brussell kien meqjus li ntilef u kien għalhekk li l-applikazzjoni ma ġietx ipproċessata għal xi żmien. Peress li dawn il-ġrajjiet poġġew lill-assoċjazzjoni f'dilemma, bħal dan il-każ ta' issa, l-assoċjazzjoni talbet lis-servizz tal-Kummissjoni inkarigat mill-postijiet minn fejn titqassam l-informazzjoni dwar il-Kummissjoni biex tipprovdi konferma bil-quddiem tal-kuntratt li kien se jiġi finalizzat. Din il-konferma ingħatat fis-17 ta' Settembru 1998. Il-kuntratt kien iffirmat fis-16 ta' Settembru 1998 u mgħoddi formalment lill-assoċjazzjoni fil-5 ta' Ottubru 1998. l-assoċjazzjoni għalhekk qatt ma kellha raġuni biex tiddubita mill-assigurazzjonijiet li ngħataw lilha fiż-żewġ każijiet.

## L-ISFORZI TA' L-OMBUDSMAN BIEX TINSTAB SOLUZZJONI AMIKEVOLI

Wara kunsiderazzjonijiet bir-reqqa ta' l-opinjonijet u l-osservazzjonijiet, l-Ombudsman ma kienx sodisfatt li l-Kummissjoni kienet irrispondiet b'mod xieraq għall-allegazzjonijiet ta' l-ilmentatur.

### Il-proposta għal soluzzjoni amikevoli

Skond Artikolu 3 (5) ta' l-iStatut tiegħu, l-Ombudsman għaldaqstant għamel din il-proposta lill-Kummissjoni biex tinstab soluzzjoni amikevoli:

*Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkunsidra li tirrevedi d-deċiżjoni tagħha li tirrifjuta li tħallas lill-Europäisches Kultur- und Informationszentrum in Thüringen is-somma sħiħa ta' € 90.000.*

Din il-proposta kienet ibbażata fuq dawn il-konsiderazzjonijiet:

1 L-ilmentatur kien id-direttur ta' assoċjazzjoni Ġermaniża li kienet applikat għand il-Kummissjoni għal għotja ta' € 90.000. Fl-aħħar, l-ammont ta' € 21.988,54 biss kien ingħata. l-ilmentatur qal li l-Kummissjoni naqset li tħallas il-bilanċ ta' l-għotja li fil-fehma tiegħu l-Kummissjoni kienet aċċettat li tipprovdi lill-assoċjazzjoni. Hu bażikament allega li l-assoċjazzjoni kellha raġun toqgħod fuq l-assigurazzjoni li kienet saret mis-Sur H. tas-servizzi tal-Kummissjoni u li skond dik l-assigurazzjoni s-somma kollha ta' € 90.000 kellha tingħata. l-ilmentatur saħaq li kien fid-dawl ta' dan kollu li l-assoċjazzjoni bdiet twettaq il-proġett tagħha u għamlet l-ispejjeż jew daħlet għal impenji finanzjarji.

2 Il-Kummissjoni aċċettat li l-ilmentatur kien ċempel bosta drabi lis-Sur H. matul dan il-perjodu. Madanakollu, kienet tal-fehma li peress li s-Sur H. miet f' Novembru 1999, ma kienx aktar possibbli li tivverifika dak li fil-fatt intqal. Il-Kummissjoni żiedet li l-file tad-DĠ X ma kien fih ebda ħjiel tal-wegħdiet li għalihom irrefera l-ilmentatur.

3 L-Ombudsman innota li l-ilmentatur kien argumenta li l-Kummissjoni kienet irrifjutat li tipprovdi lill-assoċjazzjoni l-ammont sħiħ li talbet ta' €90.000, għalkemm l-assoċjazzjoni għamlet nefqa jew daħlet għal obbligi finanzjarji fid-dawl ta' assigurazzjonijiet li dan l-ammont kien se jingħata. l-ilmentatur żamm f'rasu għaldaqstant il-prinċipju li għandhom jitħarsu l-aspettattivi leġittimi ta' dak li jkun. Skond sentenzi li ngħataw mill-qrati tal-Komunità, madanakollu, ksur ta' dan il-prinċipju ma jistax jiġi nvokat sakemm l-amministrazzjoni ma tkunx tat assigurazzjonijiet preċiżi lill-persuna konċernata[51]. F'dan il-każ, l-ilmentatur qal li min imexxi l-każijiet tal-Kummissjoni kien assigurah li l-Kummissjoni kellha tagħti l-ammont sħiħ ta' €90.000 li l-assoċjazzjoni kienet talbet. Din kienet tidher bħala assigurazzjoni preċiża. Madankollu, hawn ta' min jgħid li l-Ombudsman ma setax jivverifika din l-allegazzjoni bil-mezzi li l-iStatut ta' l-Ombudsman[52] ipoġġi għad-dispożizzjoni tiegħu. Il-file tal-Kummissjoni li ġie eżaminat mis-servizzi ta' l-Ombudsman ma kien fih ebda ħjiel ta' assigurazzjonijiet bħal dawn. l-unika persuna li probabbilment setgħet titfa' xaqq dawl fuq dan il-fatt u li seta' jinstema' bħala xhud mill-Ombudsman, jiġifieri s-Sur H. innfisu, kien laħaq miet.

4 L-Ombudsman ikkunsidra, madanakollu, li dan in-nuqqas ta' evidenza li kienet tikkonferma dak li kien intqal ma setax jinżamm kontra l-ilmentatur f'dan il-każ. Il-Kummissjoni aċċettat li kien hemm ħafna kuntatti bit-telefon bejn l-ilmentatur u s-Sur H. Għalhekk kien ikun xieraq għall-uffiċjal konċernat li jżomm nota ta' dawn il-konversazzjonijiet jew ta' l-anqas nota ta' l-iktar punti importanti li ġew diskussi waqt dawn it-telefonati. l-Ombudsman ikkunsidra li fin-nuqqas ta' dawn in-noti riedu jagħfsu anqas fuq il-ħtieġa li l-ilmentatur jistabbilixxi l-allegazzjoni tiegħu.

5 L-Ombudsman ikkunsidra li kien hemm ta' l-inqas tlett elementi li kienu jidhru li kienu jsaħħu l-każ ta' l-ilmentatur. l-ewwel, peress li l-proġett suppost kellu jibda f'Settembru 1998, l-assoċjazzjoni ovvjament kellha interess qawwi li tkun taf fi żmien xieraq (u mhux aktar tard mill-bidu ta' Settembru 1998) jekk il-Kummissjoni kinetx se tipprovdi l-għotja li talbet. Dan kien ikkonfermat permezz ta' l-ittra tat-2 ta' Lulju 1998 li l-ilmentatur bagħat lir-rappreżentanza tal-Kummissjoni fil-Ġermanja. l-ilmentatur qal li fil-każ ta' risposta negattiva, l-assoċjazzjoni kien se jkollha tikkanċella l-proġett għax ma setgħetx tikseb minn sorsi oħra dawk il-fondi li ma kienux ser jingħatawlha. Peress li l-proġett ma kienx ikkanċellat imma tkompla, l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur li kien kiseb

51 Ara per eżempju Każ T-72/99 Meyer kontra l-Kummissjoni [ECR] 2000, II-2521 paragrafu 53.

52 Deċiżjoni 94/262 tad-9 ta' Marzu 1994 tal-Parlament Ewropew fuq ir-Regolamenti u l-Kundizzjonijiet Ġenerali dwar it-Twettiq tad-Dmirijiet ta' l-Ombudsman, 1994 *OJ* L 113/15.

assigurazzjonijiet sodisfaċenti mingħand is-Sur H. dehru li kienu ta' min joqgħod fuqhom. It-tieni, l-ilmentatur spjega li ġa fil-passat l-assoċjazzjoni kienet wettqet (u kellha twettaq) proġetti fuq assigurazzjonijiet verbali biss. l-Ombudsman innota li l-Kummissjoni m'għamlet ebda kummenti fuq dan l-aspett tal-każ. It-tielet, il-fatt li l-ilmentatur kiseb u qagħad fuq l-assigurazzjonijiet tas-Sur H. ingħata iżjed kredibilità minħabba l-fatt li uffiċjali oħra stess tal-Kummissjoni kienu mxew fuq il-kelma ta' din il-persuna wkoll. l-ittra tal-25 ta' Novembru 1998 mibgħuta mir-rappreżentanza tal-Kummissjoni fil-Ġermanja kienet ibbażata fuq l-informazzjoni mogħtija mis-Sur H. bħal ma kien intwera minn spezzjoni tal-file.

6 L-Ombudsman qal li l-Kummissjoni ma ressqet ebda argumenti biex tistabbilixxi għaliex l-ilmentatur ma kellux joqgħod fuq l-assigurazzjonijiet minn min hu nkarigat li jmexxi l-każijiet f'isem il-Kummissjoni.

7 Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ombudsman ikkunsidra li ċ-ċaħda tal-Kummissjoni li tħallas lill-assoċjazzjoni l-ammont sħiħ ta' €90.000 li kienet applikat għalihom fil-31 ta' Mejju 1998 seta' kien każ ta' amministrazzjoni ħażina.

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni li l-konklużjonijiet ta' l-Ombudsman ma kinux ibbażati fuq fatti li kienu ġew stabbiliti permezz ta' evidenza ċara imma l-Ombudsman sempliċiment assuma u wasal għal ċerti konklużjonijiet billi qabbel din is-sitwazzjoni ma' sitwazzjonijiet oħra. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li l-pożizzjoni li żammet sa dak il-ħin kienet tirrifletti biss l-obbligu li kellha li timxi fuq prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja soda. F'dan il-kuntest, kien ta' min itenni li l-Kummissjoni tista' tkun marbuta biss li tipprovdi assistenza finanzjarja permezz ta' ftehim bil-miktub li jkun sar skond ir-regolamenti relevanti ma' min ikun se jibbenefika.

Il-Kummissjoni żiedet li biex tħares ir-reputazzjoni ta' l-istituzzjonijiet Ewropej f'għajnejn iċ-ċittadin u biex tevita ħsara lill-benefiċjarju f'dan il-każ, kienet b'eċċezzjoni lesta li taċċetta l-proposta ta' l-Ombudsman.

Il-Kummissjoni għalhekk kellha tara sew il-kontijiet ta' l-ispejjeż marbuta mal-proġett relevanti malajr kemm jista' jkun biex tiżgura ruħha li l-ispejjeż kienu eliġibbli u, għaldaqstant, li l-bilanċ dovut lill-benefiċjarju huwa korrett. Il-Kummissjoni żiedet tgħid li l-ilmentatur kellu ikun jaf bil-fatt li l-ammont finali tas-sussidju ma kienx bilfors se jaqbel mas-somma ta' €90,000 li ġiet mitluba.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fl-20 ta' Marzu 2003, l-ilmentatur informa lis-servizzi ta' l-Ombudsman permezz tat-telefon li hu kien jidhirlu li kienu waslu għal soluzzjoni amikevoli.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Nuqqas ta' ħlas tal-bilanċ ta' għotja

1.1 L-ilmentatur kien id-direttur ta' assoċjazzjoni Ġermaniża li applikat għal għotja ta' €90,000 mingħand il-Kummissjoni. Fl-aħħar, ammont ta' €21,988,54 biss kien ġie mogħti. l-ilmentatur qal li l-Kummissjoni kienet naqset li tħallas il-bilanċ ta' l-għotja li fil-fehma tiegħu kienet aċċettat li tipprovdi lill-assoċjazzjoni. Hu allega bażikament li l-assoċjazzjoni kellha raġun toqgħod fuq l-assigurazzjonijiet li skond hu saru mis-Sur H. mis-servizzi tal-Kummissjoni u li skond dawn l-assigurazzjonijiet l-ammont sħiħ ta' l-għotja kellu jkun ta' €90,000.

1.2 Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni bażikament dehrilha li ma kien hemm ebda prova li ssostni t-talba ta' l-ilmentatur.

1.3 Wara eżami bir-reqqa tal-fatti u ta' l-argumenti kollha relevanti, l-Ombudsman ressaq proposta għal soluzzjoni amikevoli lill-Kummissjoni biex permezz tagħha terġa' tara d-deċiżjoni li tirrifjuta li tħallas is-somma sħiħa ta' €90,000.

1.4 Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni informat lill-Ombudsman li kienet se tagħmel eċċezzjoni f'dan il-każ u taċċetta l-proposta ta' l-Ombudsman. Għalhekk hi kellha tara malajr kemm jista' jkun jekk l-ispejjeż iddikjarati mill-ilmentatur kinux eliġibbli. Il-Kummissjoni qalet ukoll, madankollu, li l-ilmentatur kellu jkun infurmat bil-fatt li l-ammont finali tal-għotja mhux bilfors kien se jaqbel mas-somma ta' € 90,000 li kienet intalbet.

## 2 Konklużjoni

Wara l-inizjattiva ta' l-Ombudsman, jidher li ntlaħqet soluzzjoni amikevoli għall-ilment bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-ilmentatur. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

# IL-KUMMISSJONI TAĊĊETTA LI TĦALLAS KUMPENS LIL MIN KIEN ĦADEM BĦALA AUXILIARY AGENT (AĠENT AWŻILJARJU)

*Deċiżjoni ta' l-Ombudsman Ewropew dwar ilment 1166/2002/(SM)IJH kontra l-Kummissjoni Ewropea*



## L-ILMENT

L-ilment sar minn ex-aġent tal-Kummissjoni. Mill-1 ta' Mejju 1995 sat-30 ta' April 1998, hi ħadmet bħala aġent awżiljarju. Mill-15 ta' Mejju 1998 sal-15 ta' Mejju 2001, hi ħadmet bħala aġent temporanju. Matul il-perjodu bħala aġent awżiljarju, l-ilmentatriċi rċeviet *allowance* ta' segretarja skond Artikolu 4a ta' Anness VII tar-Regolamenti ta' l-i*Staff* u skond Artikolu 21 tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' Impjegati Oħra tal-Komunitajiet Ewropej. Fil-bidu tal-kuntratt temporanju tagħha, il-Kummissjoni ma komplietx tħallas l-*allowance* ta' segretarja. l-ilmentatriċi ma ndunatx b'dan in-nuqqas.

Madwar xahar qabel it-tmiem tal-kuntratt temporanju tagħha, l-ilmentatriċi rċeviet nota uffiċjali li nfurmatha li hi suppost irċeviet l-*allowance* ta' segretarja matul il-kuntratt temporanju tagħha. Madanakollu, l-*allowance* ta' segretarja fil-fatt ingħatat lilha mill-1 ta' Jannar 2001 sal-15 ta' Mejju 2001 biss.

L-ilmentatriċi għamlet appell skond Artikolu 90 tar-Regolamenti ta' l-i*Staff* kontra d-deċiżjoni li hi titħallas l-*allowance* ta' segretarja mill-1 ta' Jannar 2001 biss u mhux mill-bidu tal-kuntratt temporanju tagħha, jiġifieri mill-15 ta' Mejju 1998. Bi tweġiba għall-appell li għamlet l-ilmentatriċi, il-Kummissjoni qablet li tħallasha nofs l-*allowance* ta' segretarja għall-perjodu mill-15 ta' Mejju 1998 sal-31 ta' Diċembru 2000.

Fis-17 ta' Ġunju 2002, l-ilmentatriċi lmentat ma' l-Ombudsman kontra ċ-ċaħda tal-Kummissjoni li tħallasha l-ammont kollu ta' l-*allowance* ta' segretarja li hi kienet intitolata għaliha mill-15 ta' Mejju 1998 sal-31 ta' Diċembru 2000. Hi talbet li l-Kummissjoni tħallasha dan l-ammont b'lura.

## L-INVESTIGAZZJONI

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni għamlet, fil-qosor, dawn il-punti:

Ix-xogħol ta' l-ilmentatriċi fil-perjodu 1995-2001 baqa' ma nbidilx. Hi rċeviet l-*allowance* ta' segretarja bħala aġent awżiljarju (1995-2001) iżda mhux bħala aġent temporanju (1998-2000). F'April 2001, id-Direttorat Ġenerali tagħha għamel talba biex hi titħallas l-*allowance* u din ġiet mħallsa għas-sena 2001.

Iż-żmien biex tiġi kontestata d-deċiżjoni skada u l-ilmentatriċi kienet mgħarrfa b'dan permezz ta' dokument li hi ffirmat f'Mejju 1998, li hi ma titħallasx l-*allowance* ta' segretarja meta hi ssir aġent

temporanju. Barra minn hekk, l-irċevuti tal-paga tagħha (*payslips*) minn wara Ġunju 1998 huma differenti mill-*payslip* tagħha ta' April 1998.

Barra minn dan, f'termini ta' responsabbiltà personali u ħtija ta' traskuraġni meta naqset li tinnota x'kien jgħid id-dokument dwar id-drittijiet tagħha li hi ffirmat f'Mejju 1998, meta naqset li tinnota il-bidla li kienet saret fil-*payslip* tagħha u t-tnaqqis fil-qliegħ tagħha u bħala persuna raġonevoli u prudenti, l-ilmentatriċi kellha sehem fin-nuqqas li hi titħallas l-ammonti li kienu dovuti lilha dak iż-żmien.

Madanakollu, fid-deċiżjoni mibgħuta lilha fid-29 ta' April 2002 bi tweġiba għall-ilment tagħha, hi kienet ingħatat nofs il-valur ta' l-*allowance* għax għalkemm, f'termini ta' talba bbażata fuq traskuraġni, hi kellha parti mill-ħtija ta' dak li kienet tilfet, is-servizzi tal-Kummissjoni wkoll għandhom parti mir-responsabbiltà meta naqsu li jħallsuha l-*allowance* dak iż-żmien.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi

Fl-osservazzjoniet tagħha, l-ilmentatriċi għamlet dawn il-punti:

Fl-ewwel kuntratt li hi kellha, kollox kien sar sew biex hi tibbenefika mill-*allowances* li kien ħaqqha. Għalhekk hi ma kellha ebda raġuni għalfejn tiddubita li l-informazzjoni fuqha ma ddaħħlitx sew meta hi kienet iffirmat il-kuntratt temporanju. Hi ħasbet tassew li l-informazzjoni kollha li kienet tat lill-uffiċjal responsabbli kienet se tiġi kkunsidrata, aktar u aktar il-fatt li hi kienet se tagħmel l-istess xogħol bħal qabel, li kienet se tkompli taħdem fl-istess taqsima u li kien hemm biss bidla fil-kuntratt.

## L-ISFORZI TA' L-OMBUDSMAN BIEX TINTLAĦAQ SOLUZZJONI AMIKEVOLI

Wara li qies bir-reqqa l-opinjoni tal-Kummissjoni u l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi, l-Ombudsman ma deherlux li l-Kummissjoni kienet wieġbet b'mod xieraq għat-talba ta' l-ilmentatriċi. Skond Artikolu 3(5) ta' l-iStatut[53], l-Ombudsman għalhekk kiteb lill-President tal-Kummissjoni biex jipproponi soluzzjoni amikevoli skond l-analiżi li tidher hawn taħt fuq il-punti fejn kien hemm nuqqas ta' qbil bejn l-ilmentatriċi u l-Kummissjoni.

### 1 It-talba għall-pagament b'lura ta' l-*allowance* ta' segretarja

1.1 L-ilmentatriċi tallega li l-Kummissjoni naqset li tħallasha l-ammont sħiħ ta' *allowance* ta' segretarja li kienet intitolata għaliha mill-15 ta' Mejju 1998 sal-31 ta' Diċembru 2000. Hi titlob li l-Kummissjoni għandha tħallasha dan l-ammont b'lura.

1.2 Il-Kummissjoni tagħraf li x-xogħol ta' l-ilmentatriċi baqa' ma nbidilx meta l-kuntratt inbidel minn post awżiljarju għal post temporanju. Il-Kummissjoni targumenta li kien għadda ż-żmien li fih l-ilmentatriċi setgħet tikkontesta d-deċiżjoni li ma titħallasx l-*allowance* ta' segretarja bħala aġent temporanju u li, f'każ li seta' kien hemm traskuraġni, hi tat sehemha għal dan in-nuqqas għaliex hi kienet iffirmat dokument fejn kien hemm konferma li l-*allowance* ta' segretarja mhux se titħallas. Hi kienet irċeviet ukoll *payslips* li ma semmewx l-*allowance* ta' segretarja. Madanakollu billi s-servizzi tal-Kummissjoni refgħu wkoll parti mir-responsabbiltà, il-Kummissjoni offriet lill-ilmentatriċi nofs l-*allowance*.

1.3 L-Ombudsman jinnota li l-Kummissjoni taċċetta li l-ilmentatriċi kienet intitolata li titlob l-*allowance* ta' segretarja matul il-perjodu kollu in kwistjoni u li l-Kummissjoni m'argumentatx li hemm xi regola jew xi prinċipju li jżommuha milli tħallas b'lura l-*allowance* kollha li l-ilmentatriċi kienet intitolata għaliha.

53 "Sa fejn hu possibbli, l-Ombudsman għandu jfittex soluzzjoni ma' l-istituzzjoni jew entità li jkunu konċernati biex jiġi eliminat il-każ ta' amministrazzjoni ħażina u jiġi sodisfatt l-ilmentatur."

1.4 L-Ombudsman jinnota wkoll l-argument tal-Kummissjoni li l-ilmentatriċi kienet ħatja ta' traskuraġni li ġabet dan fuqha. Il-Kummissjoni ma qalitx madankollu li l-ilmentatriċi ma wettqitx xi parti mid-dmirijiet tagħha bħala aġent awżiljarju jew bħala aġent temporanju jew li ma mxietx ma' l-obbligi tagħha skond ir-Regolamenti ta' l-i*Staff*. Mill-evidenza li nġabret, jidher li kienet il-Kummissjoni li ħadet l-ewwel passi biex tibdel l-istatus ta' l-ilmentatriċi minn aġent awżiljarju għal aġent temporanju. Finalment, l-Ombudsman jinnota li l-ilmentatriċi ma talbitx il-ħlas ta' l-interessi. Għalhekk, ukoll jekk il-Kummissjoni tħallas l-*allowance* kollha, kif talbet l-ilmentatriċi, hi xorta se tbati telf finanzjarju minħabba li ma ħaditx l-opportunitajiet li kellha qabel biex jissewwa l-iżball tal-Kummissjoni.

1.5 Fid-dawl ta' dan kollu, il-konklużjoni preliminari ta' l-Ombudsman kienet li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħti biss lill-ilmentatriċi nofs l-*allowance* hi arbitrarja u mhux ġusta u li l-Kummissjoni għandha għalhekk terġa' teżamina bir-reqqa l-pożizzjoni tagħha fiċ-ċirkustanzi partikulari ta' dan il-każ.

### Il-proposta għal soluzzjoni amikevoli

L-Ombudsman Ewropew issuġġerixxa li l-Kummissjoni għandha tieħu azzjoni biex tevita li tidher li qed tkun arbitrarja jew li timxi b'mod li mhux mhux korrett u tikkunsidra, fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ, jekk għandhiex tħallas l-ammont sħiħ ta' l-*allowance* ta' segretarja għall-perjodu in kwistjoni.

### Ir-risposta tal-Kummissjoni

B'risposta għall-proposta ta' l-Ombudsman, il-Kummissjoni rrimarkat li ma għandha l-ebda obbligu legali lejn l-ilmentatriċi, li ma kkontestatx id-deċiżjonijiet fiż-żmien li kellha sabiex tagħmel hekk. Il-Kummissjoni tikkonsidra, madanakollu, li fid-dawl tal-punti mressqa mill-Ombudsman Ewropew, dan il-każ m'huwiex bħall-oħrajn u jiġġustifika l-għotja ta' kumpens *ex gratia* żejjed.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi

Fit-2 ta' Ġunju 2003, l-ilmentatriċi infurmat lis-servizzi ta' l-Ombudsman bit-telefon li hi tqis li kienet intlaħqet soluzzjoni amikevoli.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 It-talba għall-pagament b'lura ta' *allowance* ta' segretarja

1.1 L-ilmentatriċi tallega li l-Kummissjoni naqset li tħallasha l-ammont sħiħ ta' *allowance* ta' segretarja li kienet intitolata għaliha. Hi titlob li l-Kummissjoni għandha tħallasha dan l-ammont b'lura.

1.2 Wara kunsiderazzjoni bir-reqqa ta' l-opinjoni tal-Kummissjoni u ta' l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi, l-Ombudsman kiteb lill-President tal-Kummissjoni biex jipproponi soluzzjoni amikevoli skond Artikolu 3(5) ta' l-iStatut.

1.3 Għall-proposta ta' l-Ombudsman, il-Kummissjoni wieġbet li ma kellha l-ebda obbligu legali lejn l-ilmentatriċi, li ma kkontestatx id-deċiżjonijiet fiż-żmien li fih dan seta' jsir. Madanakollu, il-Kummissjoni ikkunsidrat, li fid-dawl tal-punti li għamel l-Ombudsman Ewropew, dan il-każ huwa eċċezzjoni u jiġġustifika l-għoti ta' kumpens żejjed *ex gratia*.

1.4 L-ilmentatriċi infurmat lill-Ombudsman li hi jidhrilha li kienet intlaħqet soluzzjoni amikevoli.

### 2 Konklużjoni

Wara l-inizjattiva ta' l-Ombudsman, jidher li ntlaħqet soluzzjoni amikevoli għall-ilment bejn il-Kummissjoni u l-ilmentatriċi. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

# IL-KUMMISSJONI TAQBEL LI TAGĦTI INFORMAZZJONI LIL ĠURNALIST WARA PROPOSTA TA' L-OMBUDSMAN GĦAL SOLUZZJONI AMIKEVOLI

*Deċiżjoni dwar ilment 1402/2002/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*



## L-ILMENT

L-ilmentatur hu l-korrispondent fi Brussell ta' "Stern", rivista Ġermaniża li toħroġ kull ġimgħa. Minn Frar 2002, din ir-rivista kitbet dwar numru ta' allegati irregolaritajiet finanzjarji li jikkonċernaw il-Kummissjoni Ewropea, partikolarment il-Eurostat, l-Uffiċċju ta' l-iStatistika tal-Komunitajiet Ewropej (wieħed mid-Direttorati-Ġenerali tal-Kummissjoni). l-ilmentatur issottometta kopji ta' mistoqsijiet miktubin u ittri li hu kien bagħat lill-Kummissjoni fit-12 ta' Marzu 2002, 26 ta' Marzu 2002, 28 ta' Marzu 2002, 5 ta' April 2002, 8 ta' Lulju 2002, 22 ta' Lulju 2002, 26 ta' Lulju 2002 u s-7 ta' Awissu 2002 kif ukoll xi tweġibiet mill-Kummissjoni. Ħafna minn dawn il-mistoqsijiet kienu dwar kuntratti li kumpanija jisimha Eurogramme kienet ikkonkludiet mal-Eurostat.

L-ilmentatur allega li għal aktar minn darba l-Kummissjoni rrifjutat li tagħtih l-informazzjoni minħabba li l-mistoqsijiet relevanti kellhom x'jaqsmu ma' investigazzjoni li kienet għaddejja mill-OLAF, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi. Skond l-ilmentatur, il-Kummissjoni f'diversi okkażjonijiet irrifjutat ukoll li tagħti informazzjoni bażika bħal liema kuntratti kienet għamlet il-Kummissjoni ma' kumpanija partikulari. Skond l-ilmentatur l-imġieba tal-Kummissjoni ma kienitx korretta u fixklet lir-rivista fl-isforzi tagħha li tinforma lill-pubbliku dwar suġġetti li kienu relevanti.

L-ilmentatur ressaq numru ta' argumenti biex isostni l-każ tiegħu. l-ewwel, hu kien tal-fehma li l-Kummissjoni ma tat ebda spjega dwar kif jekk tagħtih l-informazzjoni mitluba, dan seta' jaffettwa l-investigazzjonijiet mill-OLAF. Fil-fehma tiegħu, pubblikazzjonijiet fl-istampa kienu, għall-kuntrarju, x'aktarx jidhru li qed jgħinu biex iħaffu dawn l-investigazzjonijiet. It-tieni, skond l-ilmentatur ma kienx hemm evidenza li turi li l-OLAF kienet talbet lill-Kummissjoni biex iżżomm l-informazzjoni relevanti milli toħroġ. It-tielet, l-ilmentatur qal li kultant l-investigazzjonijiet mill-OLAF ħadu wisq fit-tul. Skond hu, uhud mill-allegazzjonijiet dwar il-Eurostat kienu ilhom jiġu investigati mill-1998. l-ilmentatur saħaq li b'hekk il-Kummissjoni tista' iżżomm informazzjoni bażika għal snin, biex ma nsemmgħux investigazzjonijiet kriminali jew amministrattivi li jsiru wara li jistgħu jiġu wżati wkoll bħala raġuni biex ma toħroġx l-informazzjoni. Ir-raba', l-ilmentatur argumenta li l-Kummissjoni ġabet ruħha b'mod arbitrarju għax waqt li f'xi okkażjonijiet kienet wieġbet mistoqsijiet dwar suġġetti li kienu qed jiġu investigati mill-OLAF, f'okkażjonijiet oħra rrifjutat li tagħmel dan. Fl-aħħar nett, l-ilmentatur semma li l-Kummissjoni kultant arbitrarjament bidlet ir-raġunijiet li tagħti biex tirrifjuta li tagħti t-tagħrif mitlub. Skond l-ilmentatur, f'każ minnhom il-Kummissjoni l-ewwel informatu li l-punti relevanti kienu qed jiġu vverifikati imbagħad kitbitlu biex tgħidlu li l-mistoqsijiet relevanti ma setgħux iwieġbuhom "fil-preżent" biex imbagħad fl-aħħar infurmatu li ma setgħetx tagħtih l-informazzjoni relevanti "għax parti minnha għandha x'taqsam ma' investigazzjoni mill-OLAF li għadha għaddejja".

L-ilmentatur talab li l-Kummissjoni għandha twieġeb għall-mistoqsijiet li hu kien bagħtilha u li baqa' bla tweġiba għalihom sa minn Marzu 2002.

## L-INVESTIGAZZJONI

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni għamlet dawn il-kummenti:

Il-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba tal-Kummissjoni tapplika sew għal talbiet għal informazzjoni miċ-ċittadini kif ukoll għal talbiet għal informazzjoni mill-*media*. Taħt il-Kodiċi tal-lum il-*media* (jiġifieri l-ġurnalisti) ma kienu intitolati għall-ebda drittijiet partikulari u/jew drittijiet iżjed minn dak li tgħid il-Kodiċi meta ssemmi kif għandhom jintlaqgħu mistoqsijiet mill-pubbliku in ġenerali.

Il-Press and Communication Service kienu osservaw bir-reqqa li jżommu mad-dati stipulati, jiġifieri, li tweġiba trid tintbagħat fi żmien ħmistax-il jum ta' xogħol minn meta tasal it-talba għal xi tagħrif. Madanakollu, il-Kummissjoni ammettiet li ma ngħatat l-ebda tweġiba lill-ilmentatur għall-messaġġ tiegħu tal-5 ta' April 2002 u talbet skuża għal dan in-nuqqas.

Il-Kummissjoni dehret li ħadet pożizzjoni arbitrarja fid-deċiżjonijiet tagħha dwar talbiet għal informazzjoni sensittiva minħabba l-fatt li kull każ kellu jiġi trattat wieħed wieħed. Il-Kummissjoni kienet wieġbet b'mod xieraq it-talbiet ta' l-ilmentatur għal informazzjoni dwar fatti. Madanakollu, ħafna mill-mistoqsijiet imsemmija fl-ilment ma kellhomx x'jaqsmu ma' xi informazzjoni eżistenti ċara iżda kienu jeħtieġu li l-Kummissjoni fit-tweġiba tagħha tieħu pożizzjonijiet formali fuq argumenti speċifiċi. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni kellha l-poter li tuża diskrezzjoni fuq il-pożizzjoni li riedet tieħu u meta għandha toħodha u għalhekk setgħet iżżomm id-dritt li ma tagħmilx dikjarazzjonijiet dwar xi argument.

Dwar l-allegazzjoni li l-Kummissjoni rrifjutat li twieġeb mistoqsijiet minħabba li l-informazzjoni kellha x'taqsam ma' investigazzjoni mill-OLAF, il-Kummissjoni xtaqet tinnota li mistoqsijiet dwar każi taħt investigazzjoni simili għandhom ikunu indirizzati lill-OLAF.

It-talbiet kollha għal dokumenti kienu jaqgħu taħt Regolament numru 1049/2001 li jittratta dwar aċċess għal dokumenti. Il-Kummissjoni kienet ta' l-opinjoni li t-talba speċifika ta' l-ilmentatur – fejn talab lista tal-kuntratti kollha eżistenti li ġew konklużi ma' kumpanija speċifika – kienet taqa' taħt dan ir-regolament. Ma kien hemm l-ebda *database* li tipprovdi l-lista sħiħa ta' kuntratti. Madanakollu kienet teżisti lista ta' "*commitments*" lill-kumpaniji msejjħa "Eurogramme", u din intużat biex tinġabar il-lista ta' kuntratti bl-idejn, b'kooperazzjoni ma' Direttorati-Ġenerali differenti. Il-Kummissjoni dehrilha li f'dan il-każ speċifiku, il-lista mitluba ma kinetx dokument li jaqa' taħt waħda mill-eċċezzjonijiet provduti skond ir-regolament u għalhekk setgħet tingħata lill-ilmentatur.

Kopja tal-lista tal-kuntratti ma' l-Eurogramme kienet mehmuża ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur sostna l-ilment tiegħu u żied dawn il-kummenti:

Id-dmir ta' l-awtoritajiet pubbliċi li jipprovdu informazzjoni kien stabbilit fil-liġi ta' l-istampa ta' l-iStati Membri u kellu s-sisien tiegħu wkoll fil-prinċipju tal-libertà ta' l-istampa li hu rikonoxxut kullimkien fl-Unjoni. Iċ-*Charter* tad-Drittijiet Fondamentali ssemmi wkoll id-dritt tal-"libertà ta' l-informazzjoni".

Il-Kummissjoni kienet naturalment libera li tiddeċiedi kif u meta hi kellha tieħu pożizzjoni. Il-mistoqsijiet magħmula lill-Kummissjoni madanakollu ma kienu jikkonċernaw ebda espressjoni ta' opinjoni mill-Kummissjoni imma kienu qed jindirizzaw fatti bħal deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, atti amministrativi u allegazzjonijiet li kienu saru fil-pubbliku jew f'dokumenti fejn kienet ntalbet konferma jew ċaħda. Il-mistoqsija dwar x'konklużjonijiet waslet għalihom il-Kummissjoni mill-każijiet ta' użu ħażin tal-fondi tal-Komunità ma kenitx mistoqsija dwar espressjoni ta' opinjoni imma kellha l-intenzjoni li ssib dak li fil-fatt kienet għamlet il-Kummissjoni. Jekk il-Kummissjoni suppost li ma għamlet xejn, dan ukoll kien fatt li l-pubbliku kellu dritt isir jaf dwaru.

Is-suġġeriment tal-Kummissjoni li mistoqsijiet setgħu jitressqu direttament lill-OLAF kien ifixkel l-imħuħ. OLAF prattikament dejjem irrifjutat li tipprovdi informazzjoni dwar investigazzjonijiet pendenti. Barra minn hekk il-mistoqsijiet relevanti ma kinux jikkonċernaw investigazzjonijiet mill-OLAF iżda fatti li kienu jaqgħu taħt il-ħidma tal-Kummissjoni.

Kien ukoll skorrett li wieħed jallega li l-Kummissjoni kienet, għajr eċċezzjoni waħda, dejjem imxiet skond il-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba. Fil-fatt, il-Kummissjoni ta' sikwit ħalliet mistoqsijiet dwar argumenti sensittivi (bħas-sistema kif il-Kummissjoni żżomm il-kontijiet jew l-elementi li dwarhom hemm argumenti legali fuq ir-rimunerazzjoni tal-membri tal-Kummissjoni) bla tweġiba. Dan japplika għat-talbiet tas-7 ta' Ġunju 2002, 16 ta' Ġunju 2002 u t-22 ta' Lulju 2002 (dwar is-sottomissjoni ta' rapport) kollha kemm huma u għal parti mit-talba tat-2 ta' Ġunju 2002.

L-ilmentatur talab li l-Kummissjoni għandha tibdel il-prattika amministrativa tagħha u twieġeb il-mistoqsijiet tiegħu.

Kopji tal-mistoqsijiet tat-2 ta' Ġunju 2002, 7 ta' Ġunju 2002, 16 ta' Ġunju 2002 u 22 ta' Lulju 2002[54] kienu mehmuża ma' l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur.

## AKTAR INVESTIGAZZJONIJIET

Wara kunsiderazzjoni bir-reqqa ta' l-opinjoni tal-Kummissjoni u ta' l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur, deher li kienu meħtieġa iżjed investigazzjonijiet. l-Ombudsman għalhekk talab lill-Kummissjoni biex tikkummenta fuq l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur.

### It-tieni opinjoni tal-Kummissjoni

Fit-tieni opinjoni tagħha, il-Kummissjoni għamlet dawn il-kummenti:

L-ilmentatur ma speċifikax għal liema artikolu taċ-*Charter* kien qed jirreferi meta semma' d-dritt tal-"libertà ta' l-informazzjoni". Madankollu, l-Kummissjoni ħaditha li l-ilmentatur kien qed jirreferi għal Artikolu 11 ("libertà ta' l-espressjoni u ta' l-informazzjoni") u Artikolu 42 ("id-dritt ta' aċċess għad-dokumenti") taċ-*Charter*.

Artikolu 42 taċ-*Charter* kellu eżattament l-istess kliem ta' Artikolu 255 tat-Trattat tal-KE. Il-prinċipji u l-limitu fuq id-dritt tal-pubbliku għal aċċess għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni iddaħħlu f'Regolament Nru. 1049/2001.

Fil-Kodiċi ta' Imġiba Amministrativa Tajba tal-Kummissjoni hemm ir-rabta li l-mistoqsijiet jingħataw tweġiba bl-aħjar mod u fl-iqsar żmien possibbli. Il-Kodiċi ma tobbligax l-i*staff* tal-Kummissjoni li jipprovdi l-informazzjoni kollha mitluba. Skond il-Kodiċi, membru tal-i*staff* jista' jikkunsidra li ma kienx fl-interess tal-Komunità li joħroġ din l-informazzjoni. F'dan il-każ, in-nuqqas li tipprovdi l-informazzjoni għandu jkun ġustifikat.

Dwar l-allegat nuqqas ta' raġuni wara ċ-ċaħda li tingħata informazzjoni, il-Kummissjoni kienet ta' l-opinjoni li l-fatt li kienu għaddejjin l-investigazzjonijiet sew mill-OLAF kif ukoll internament mill-Kummissjoni kien fih innifsu raġuni biżżejjed għal dan in-nuqqas.

It-talbiet kollha ta' l-ilmentatur għal informazzjoni strettament dwar fatti kienu ngħataw tweġiba kif jixraq jew kienu meqjusa li kienu taħt investigazzjoni li kienet għaddejja u, għalhekk, il-Kummissjoni ma setgħetx twieġeb f'dak il-ħin partikulari.

Mistoqsijiet marbuta ma' suġġetti li kienu taħt investigazzjoni mill-OLAF għandhom jiġu ndirizzati lill-OLAF. Madanakollu għandu jingħad li kienet il-proċedura ta' l-OLAF li qatt ma tikkummenta fuq investigazzjonijiet li jkunu għadhom għaddejjin. Iżda l-Kummissjoni wkoll dehrilha li ma kienx xieraq li tipprovdi informazzjoni li setgħet tippreġudika t-tmexxija xierqa ta' l-investigazzjonijiet. Barra minn hekk, il-protezzjoni tar-raġuni għalfejn kienet qed issir investigazzjoni kienet eċċezzjoni speċifika għad-dritt ta' aċċess għal dokumenti skond Regolament Nru. 1049/2001.

Dwar it-talbiet tat-2 ta' Ġunju 2002, 7 ta' Ġunju 2002, 16 ta' Ġunju 2002 u 22 ta' Lulju 2002, l-ewwel minn dawn kienet ingħatat tweġiba bil-miktub fil-5 ta' Ġunju 2002. Il-mistoqsijiet li dehru fin-noti tas-7 ta' Ġunju u tat-22 ta' Lulju 2002 ġew imwieġba bil-fomm permezz ta' telefonata. Dwar in-nota tas-16 ta' Ġunju 2002, l-ilmentatur ġie mitlub biex jindirizza l-mistoqsijiet dwar koeffiċjenzi korrettivi lis-Sur M., il-kelliem responsabbli. Is-Sur M. ma kienx irċieva l-mistoqsijiet u personalment ma kienx jaf bihom. Din kienet ir-raġuni għaliex ma kienet intbagħtet l-ebda risposta. Il-Kummissjoni nnutat, madanakollu, li l-mistoqsijiet ta' l-ilmentatur kienu kważi kelma b'kelma wħud mill-mistoqsijiet li qajjmet is-Sinjura Gabriele Stauner Membru tal-Parlament Ewropew fil-mistoqsijiet P-1805/02 u E-2807/02.

54 Ta' min jinnota li din il-mistoqsija mhix identika għall-mistoqsija ta' l-istess data li hi msemmija fl-ilment.

Siltiet mit-tweġiba tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet tas-Sinjura Stauner ġew mehmuża mat-tieni opinjoni tal-Kummissjoni.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar it-tieni opinjoni tal-Kummissjoni, l-ilmentatur għamel dawn il-kummenti:

Jekk il-Kummissjoni tkun ta' l-opinjoni li fuq livell Ewropew ma kien hemm l-ebda dmir li tipprovdi informazzjoni lill-ġurnalisti, dan kien ifisser nuqqas kbir fil-liġi tal-Komunità u l-Kummissjoni tkun trid tressaq proposta leġislattiva biex tneħħi dak in-nuqqas. Min-naħa l-oħra, ħaġa bħal din ma tkunx qed teħles il-Kummissjoni mill-obbligu tagħha li timxi fuq il-bażi ta' prinċipji ċari u koerenti meta fil-fatt tagħti l-informazzjoni.

Madanakollu, għalissa ma kienx qed jiġri hekk. Il-Kummissjoni wżat ir-referenza għall-investigazzjonijiet mill-OLAF b'mod arbitrarju. F'ċerti okkażjonijiet, il-Kummissjoni tat l-informazzjoni, f'okkażjonijiet oħrajn dan ma għamlitux. Dan ma sarx minħabba investigazzjonijiet li kienu għadhom għaddejjin mill-OLAF imma għal raġunijiet li ma ġewx spjegati.

Bla dubju l-Kummissjoni kellha dritt tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni f'ċerti każijiet li kienu definiti b'mod ċar (per eżempju, proċeduri dixxiplinarji) sabiex tipproteġi per eżempju id-drittijiet ta' dak li jkun. Madanakollu, raġunijiet dettaljati għandhom jingħataw għal ċaħdiet bħal dawn minflok ma tingħata biss referenza għal investigazzjoni mill-OLAF.

Kien ta' sodisfazzjoni li wieħed jinnota li waħda mill-mistoqsijiet – dik dwar il-Eurogramme – kienet ingħatat tweġiba. Ħaġa bħal din kienet tagħti raġun li tqum il-kritika li kellu jsir ilment quddiem l-Ombudsman biex wasal dan ir-riżultat.

La l-mistoqsijiet tas-7 ta' Ġunju 2002 u lanqas dawk tat-22 ta' Lulju 2002 ma kienu ngħataw tweġiba, la bil-kitba u lanqas bil-fomm. Kien jagħti x'jifhem il-fatt li l-Kummissjoni la kienet ressqet xi evidenza biex tipprova li kienet wieġbet dawn il-mistoqsijiet u lanqas ma semmiet il-persuna li kienet weġbithom jew il-ġurnata meta dan ġara. Fin-nota tiegħu tat-22 ta' Lulju 2002, hu kien irrefera għall-fatt li t-talba tas-7 ta' Ġunju 2002 kienet għadha ma ngħatatx tweġiba. F'dak iż-żmien, il-Kummissjoni dan ma ċaħditux.

Dwar it-talba tas-16 ta' Ġunju 2002, l-ilmentatur assuma li l-mistoqsijiet relevanti kienu se jgħadduhom għand is-Sur M.

Għat-talba tat-2 ta' Ġunju 2002 kienet waslet tweġiba. Madankollu, it-tweġiba ma rrisponditx il-biċċa l-kbira tal-mistoqsijiet. Hu ġibed l-attenzjoni għal dan fil-messaġġi tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2002 u tat-22 ta' Lulju 2002.

L-ilmentatur ikkonkluda li għandhom jingħataw tweġibiet bil-miktub għall-mistoqsijiet relevanti.

## L-ISFORZI TA' L-OMBUDSMAN BIEX JIKSEB SOLUZZJONI AMIKEVOLI

Wara konsiderazzjoni bir-reqqa ta' l-opinjonijiet u l-osservazzjonijiet, l-Ombudsman ma kienx sodisfatt li l-Kummissjoni kienet wieġbet b'mod xieraq għal kull allegazzjoni li għamel l-ilmentatur.

### Il-proposta għal soluzzjoni amikevoli

L-Artikolu 3 (5) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman[55] jitlob lill-Ombudsman sabiex ifittex, sa fejn huwa possibbli, soluzzjoni ma' l-istituzzjoni konċernata li telimina dak li wassal għal amministrazzjoni ħażina u tissodisfa lil min għamel l-ilment. Il-konklużjoni proviżorja ta' l-Ombudsman kienet li

[55] Deċiżjoni 94/262 tad-9 ta' Marzu 1994 tal-Parlament Ewropew fuq ir-Regolamenti u l-Kundizzjonijiet Ġenerali dwar it-Twettiq tad-Dmirijiet ta' l-Ombudsman, *OJ* 1994 L 113/15.

n-nuqqas tal-Kummissjoni li twieġeb il-mistoqsijiet ta' l-ilmentatur, sa fejn dan ta' l-aħħar talab lill-Kummissjoni li tipprovdilu informazzjoni, jista' jkun att ta' amministrazzjoni ħażina.

L-Ombudsman għalhekk għamel din il-proposta lill-Kummissjoni għal soluzzjoni amikevoli:

*Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkunsidra li tipprovdi l-informazzjoni mitluba mill-ilmentatur, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet validi biex ma tagħmilx dan.*

Din il-proposta kienet ibbażata fuq dawn il-konsiderazzjonijiet:

1 Fuq il-bażi tal-kummenti ta' l-ilmentatur u ta' l-opinjonijiet tal-Kummissjoni, l-Ombudsman jassumi li l-ilmentatur għadu jixtieq li jirċievi tweġiba għall-mistoqsijiet numru 6 sa 9 tat-talba tiegħu tat-12 ta' Marzu 2002, mistoqsijiet numru 1 sa 8 u 10 tat-talba tas-26 ta' Marzu 2002, mistoqsijiet numru 1 sa 4 tat-talba tat-28 ta' Marzu 2002, mistoqsijiet numru 2 sa 8 tat-talba tat-2 ta' Ġunju 2002, għat-talba tas-7 ta' Ġunju 2002 u għat-talba (li tikkonċerna s-sottomissjoni ta' rapport) tat-22 ta' Lulju 2002.

2 L-Ombudsman jikkunsidra li hija prattika amministrativa tajba li min imexxi jipprovdi informazzjoni għat-talbiet li jsiru miċ-ċittadini, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet validi biex jirrifjuta li jagħmel dan. Jidher li tkun ħaġa utli li wieħed jiftakar li Artikolu 1 tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea jgħid li d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod miftuħ kemm jista' jkun u qrib kemm jista' jkun taċ-ċittadin. l-Ombudsman huwa tal-fehma li amministrazzjoni trasparenti u li tkun attenta li tagħti servizz tajjeb biss tkun tista' twettaq ħtieġa bħal din. Barra minn dan għandha tingħata kunsiderazzjoni wkoll f'dan il-kuntest lir-rwol vitali tal-*media* li tinforma ċ-ċittadini dwar ix-xogħol ta' l-UE, u b'hekk tara li ċ-ċittadini jkollhom dritt li jżommu l-istituzzjonijiet u l-entitajiet ta' l-UE responsabbli ta' għemilhom.



3 L-Ombudsman jikkunsidra li għandha ssir distinzjoni f'dan il-kuntest bejn talba għal informazzjoni u talba biex tittieħed pożizzjoni fuq ċertu suġġett. Ladarba l-ilmentatur jaċċetta li l-Kummissjoni hi libera li tiddeċiedi kif u meta għandha tieħu pożizzjoni fuq punt speċifiku, huwa biss l-allegat nuqqas tal-Kummissjoni li tirrispondi għat-talbiet għal informazzjoni li huwa l-qofol li hemm bżonn li jiġi diskuss hawn. Il-Kummissjoni targumenta li ħafna mill-mistoqsijiet ma kellhomx x'jaqsmu ma' informazzjoni eżistenti ċara imma kienu jġegħluha tieħu pożizzjoni fuq argumenti speċifiċi ħafna. Eżami tad-dokumenti mressqa mill-ilmentatur juru li dan l-argument huwa validu. Madanakollu, l-Ombudsman jinnota li hemm ukoll diversi mistoqsijiet li qed jistaqsu għal informazzjoni ċara, bħal per eżempju mistoqsija numru 10 tat-talba tas-26 ta' Marzu 2002 (li fiha l-ilmentatur staqsa jekk kienx veru li xogħol li qabel kien sar minn ċerta kumpanija għal €1.5 miljun fis-sena issa kien ġie fdat lil kumpanija oħra għal €500.000 fis-sena) jew mistoqsija numru 3 tat-talba tat-28 ta' Marzu 2002 (li tistaqsi x'għamlet il-Kummissjoni biex tiġbor flus li għandha tieħu minn ċerta kumpanija).

4 Jekk ċittadin jistaqsi għal informazzjoni li l-amministrazzjoni jidhrilha li ma tistax tingħata lilu, hija prattika amministrativa tajba li tinforma lill-applikant bir-raġunijiet għaliex l-informazzjoni li hu talab ma tistax tkun mogħtija lilu. Fil-każ preżenti, il-Kummissjoni llimitat ruħha li tiddikjara li l-informazzjoni relevanti ma tistax tkun mogħtija għaliex kellha x'taqsam ma' każ taħt investigazzjoni mill-OLAF.

5 L-Ombudsman jikkunsidra li huwa leġittimu għal amministrazzjoni li tirrifjuta li tipprovdi informazzjoni li tista' tippreġudika t-tmexxija xierqa ta' l-investigazzjonijiet, sew jekk isiru mill-OLAF kif ukoll mill-Kummissjoni nnifisha. Madanakollu, l-Ombudsman mhux konvint li l-Kummissjoni wriet li kienet intitolata li tirrifjuta li tipprovdi l-informazzjoni kollha mitluba mill-ilmentatur fuq il-bażi ta' din il-kunsiderazzjoni. Biex isemmi eżempju wieħed biss ma' dawk li ġa ssemmew f'paragrafu 1.5 hawn fuq, mistoqsija numru 8 tat-talba tat-2 ta' Ġunju 2002 tistaqsi lill-Kummissjoni biex tispeċifika kemm persuni huma awtorizzati li jħaddmu s-sistema Sincom u x'jisimhom. Ma kienx spjegat kif billi twieġeb mistoqsijiet bħal dawn il-Kummissjoni tista' tkun qed tippreġudika l-mod kif titmexxa investigazzjoni b'mod xieraq mill-OLAF. l-Ombudsman jaċċetta li jista' jkun hemm każijiet fejn l-amministrazzjoni ma tistax tipprovdi raġunijiet aktar dettaljati għaliex jekk tagħmel dan tkun ġa qed tpoġġi fil-periklu l-għan li jiġġustifika ċ-ċaħda ta'

l-informazzjoni. Ma jidhirx, madanakollu, li dan huwa il-każ fit-talbiet kollha għal informazzjoni mibgħuta mill-ilmentatur.

6 Fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar it-tieni opinjoni tal-Kummissjoni, l-ilmentatur aċċetta li jista' jkun hemm raġunijiet oħra li jistgħu jiġġustifikaw ċaħda li tipprovdi l-informazzjoni. Madanakollu, l-Ombudsman jinnota li l-Kummissjoni ma qagħditx fuq xi raġunijiet oħra biex tiġġustifika ċ-ċaħda tagħha li tipprovdi l-informazzjoni li kienet ntalbet.

### It-tweġiba tal-Kummissjoni

Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni qalet li hi apprezzat il-proposta għal soluzzjoni amikevoli. Il-Kummissjoni nnutat li hi kienet reġgħet rat il-mistoqsijiet kollha li ġew indirizzati lilha mill-ilmentatur u għaldaqstant kienet qed tehmeż lista kompluta tat-tweġibiet tagħha.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur qal li hu kien jisgħobbih għall-fatt li ħafna mill-mistoqsijiet tiegħu kienet waslet twieġba għalihom issa wara ħafna żmien. l-ilmentatur saħaq li dan kien fixkel sew ix-xogħol tiegħu bħala ġurnalist. Hu elenka wkoll numru ta' mistoqsijiet li fil-fehma tiegħu kienu għadhom ma ngħatawx tweġiba.



## IŻJED INVESTIGAZZJONIJIET

Wara kunsiderazzjoni bir-reqqa ta' l-opinjoni tal-Kummissjoni u ta' l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur, deher li kienu neċessarji aktar investigazzjonijiet. l-Ombudsman għalhekk talab lill-Kummissjoni biex tikkummenta fuq dak li qal l-ilmentatur li xi mistoqsijiet kienu baqgħu mingħajr tweġiba.

### Ir-risposta tal-Kummissjoni

Bi tweġiba għall-ittra ta' l-Ombudsman, il-Kummissjoni ssottomettiet lista emendata tat-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet ta' l-ilmentatur.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

L-ilmentatur ma bagħat l-ebda kumment bil-miktub fuq din it-tweġiba. F'konversazzjoni bit-telefon ma' l-uffiċċju ta' l-Ombudsman fis-17 ta' Novembru 2003, l-ilmentatur saħaq li hu jiddispjaċih li kellu jirrikorri għall-Ombudsman biex jikseb l-informazzjoni relevanti. Madanakollu, l-ilmentatur ikkonferma li kienu waslu għal soluzzjoni amikevoli.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Nuqqas li tipprovdi tagħrif mitlub mill-ilmentatur

1.1 L-ilmentatur, il-korrispondent fi Brussell ta' Stern, rivista Ġermaniża li toħroġ kull ġimgħa, allega li l-Kummissjoni kienet irrifjutat li tipprovdi informazzjoni li hu kien talab f'numru ta' okkażjonijiet għar-raġuni li l-mistoqsijiet relevanti kienu dwar investigazzjonijiet li kienu għadhom għaddejjin mill-OLAF, l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi. Fl-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-opinjoni tal-Kummissjoni, l-ilmentatur aktar 'il quddiem allega li għal xi mistoqsijiet ma kien irċieva l-ebda tweġiba.

1.2 Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li hija kienet mxiet mal-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba tagħha u li l-Press and Communication Service tagħha, li kien responsabbli għall-kuntatti mal-*media*, kien mexa eżatt maż-żmien stipulat biex ta tweġiba, jiġifieri fi żmien ħmistax-il ġurnata ta' xogħol minn meta waslet it-talba. Madanakollu, il-Kummissjoni ammettiet, li ma kienet tat l-ebda tweġiba għall-messaġġ li bagħat l-ilmentatur fil-5 ta' April 2002 u talbet skuża għal dan in-nuqqas. Il-Kummissjoni ipprovdiet ukoll lill-ilmentatur lista ta' kuntratti li hi kienet għamlet ma' kumpanija bl-isem ta' Eurogramme kif kien talab l-ilmentatur.

1.3 L-Ombudsman ikkonkluda li n-nuqqas tal-Kummissjoni li twieġeb il-mistoqsijiet ta' l-ilmentatur, fis-sens li dan ta' l-aħħar kien talab li l-Kummissjoni tipprovdilu informazzjoni, seta' kien każ ta' amministrazzjoni ħażina. Fil-21 ta' Mejju 2003, hu għalhekk issottometta proposta ta' soluzzjoni amikevoli lill-Kummissjoni, fejn din ta' l-aħħar kellha tikkunsidra li tipprovdi l-informazzjoni mitluba mill-ilmentatur, ħlief meta kien hemm raġunijiet validi biex ma tagħmilx dan.

1.4 Fir-risposta tagħha għal din il-proposta u għat-talba li saret wara biex tagħti aktar informazzjoni, il-Kummissjoni ressqet lista emendata tat-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet ta' l-ilmentatur.

1.5 F'konversazzjoni bit-telefon ma' l-uffiċċju ta' l-Ombudsman fis-17 ta' Novembru 2003, l-ilmentatur enfasizza li hu kien isibha ħaġa ta' stmerrija li kellu jirrikorri għand l-Ombudsman biex jikseb l-informazzjoni relevanti. Madanakollu, l-ilmentatur ikkonferma li kienet nstabet soluzzjoni amikevoli.

### 2 Konklużjoni

Wara l-inizjattiva ta' l-Ombudsman, jidher li kienet intlaħqet soluzzjoni amikevoli għall-ilment bejn il-Kummissjoni u l-ilmentatur. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.



# 3.4 KAŻIJIET MAGĦLUQA B'RIMARKA KRITIKA MILL-OMBUDSMAN

## 3.4.1 Il-Parlament Ewropew

### NUQQAS TAD-DMIR TA' IMĠIBA TAJBA

*Deċiżjoni dwar ilment 1565/2002/GG kontra l-Parlament Ewropew*

#### L-ILMENT

Fil-bidu ta' l-2002, il-Parlament Ewropew ippubblika sejħa għall-offerti (CRE-0203-EL-EP) għal traduzzjoni ta' rapporti kelma b'kelma tas-seduti tal-Parlament Ewropew ("CRE") għall-Grieg. l-istess sejħiet għall-offerti kienu ippubblikati wkoll għal għaxar lingwi uffiċjali oħra. Tmien kandidati wieġbu għal din is-sejħa. Ħamsa minn dawn kienu membri ta' l-ilmentatur, assoċjazzjoni ta' kumpaniji tat-traduzzjoni għall-Grieg.

Fit-2 ta' Lulju 2002, dawk li tefgħu l-offerti kienu infurmati permezz ta' *e-mail* mingħand is-Sinjura T., uffiċjal tal-Parlament Ewropew, li s-sejħa għall-offerti ġiet ikkanċellata "minħabba raġunijiet tekniċi" u li kienet se terġa' tiġi ppublikata. l-ebda data jew żmien meta kien se jsir dan ma kien indikat.

Wara dan xi membri ta' l-ilmentatur kitbu lill-Parlament biex jistaqsu għal kjarifiki. Fit-3 ta' Lulju 2002, din ir-risposta bl'*e-mail* ntbagħtet f'isem it-Translation Planning Division tal-Parlament: "M'aħniex se noqogħdu nelaboraw fuq ir-raġunijiet għalfejn kellna nikkanċellaw għax m'hemmx għalfejn noqogħdu nagħmlu hekk."

F'*e-mail* oħra mibgħuta fil-5 ta' Lulju 2002, is-Sinjura T. infurmat lil dawk li kienu tefgħu l-offerti li r-riżultati uffiċjali għal disgħa mis-sejħiet għall-offerti se jkunu ppubblikati fl-*Official Journal* il-ġimgħa ta' wara. Qalet ukoll li s-sejħa għall-offerti għat-traduzzjoni kelma b'kelma tas-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew għall-Ġermaniż (CRE-0202-DE-EP) kienu ġew ikkanċellati minħabba diskrepanzi fil-kriterji ta' kif tingħata offerta bejn l-avviż ippubblikat fl-*Official Journal* u l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerta li dehru fuq il-*website* tal-Parlament Ewropew. Finalment, is-Sinjura T. ġibdet l-attenzjoni li s-sejħa għall-offerti CRE-0203-EL-EP kienet ġiet kanċellata "minħabba problemi tekniċi".

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman li għamel fil-bidu ta' Settembru 2002, l-ilmentatur kien tal-fehma li l-fatt li s-sejħa għal offerti kienet ġiet kanċellata kien każ serju. Hu ġibed l-attenzjoni li dawk li għamlu l-offerti kien qattgħu numru konsiderevoli ta' siegħat ta' ħidma biex jippreparaw l-applikazzjonijiet tagħhom. l-ilmentatur ġibed l-attenzjoni ukoll għall-fatt li kien importanti ħafna li jkunu jafu meta s-sejħa għall-offerti kienet ġiet kanċellata, jiġifieri jekk hux qabel jew wara l-evalwazzjoni ta' l-offerti, minħabba l-fatt li jekk dan ġara wara, il-prezz ta' l-offerti kien ġa magħruf min-numru ta' nies. Mill-banda l-oħra dan kien ifisser li l-kunfidenzjalità ta' dawn l-offerti issa ma kinetx għadha valida u li kien hemm ir-riskju li s-sejħa għall-offerti setgħet tiġi kontestata.

Għalhekk l-ilmentatur kien tal-fehma li l-Parlament għandu jinfurma sew lilu kif ukoll lill-parteċipanti l-oħrajn kollha bir-raġunijiet għaliex l-offerta kienet ġiet kanċellata u jwieġeb il-mistoqsijiet kollha li jinqalgħu.

L-ilmentatur kien ta' l-opinjoni ukoll li t-ton tat-tweġiba mill-kap tat-Translation Planning Division tal-Parlament Ewropew ma kienx addattat u kien ta l-impressjoni ta' imġiba arroganti.

Għalhekk fis-sustanza l-ilmentatur għamel dawn l-allegazzjonijiet:

1 Il-Parlament Ewropew naqas li jispjega r-raġunijiet għaliex kien ikkanċella din is-sejħa għall-offerti.

2 It-ton ta' l'*e-mail* mingħand il-kap tat-Translation Planning Division tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Lulju 2002 ma kienx addattat u ta l-impressjoni ta' imġiba arroganti.

## L-INVESTIGAZZJONI

### L-opinjoni tal-Parlament Ewropew

Fl-opinjoni tiegħu, il-Parlament Ewropew għamel dawn il-kummenti:

Fit-2 ta' Lulju 2002, dawk li tefgħu l-offerti tagħhom għas-sejħa relevanti kienu ġew infurmati bi żball permezz ta' *e-mail* li s-sejħa għall-offerti kienet ġiet kanċellata għal raġunijiet tekniċi. Din l'*e-mail* ma ntbagħtitx minn wieħed mill-uffiċjali responsabbli għas-sejħa għall-offerti imma minn membru tal-i*staff* tagħhom li kien aġixxa daqsxejn b'għaġġla żejda. Fil-fatt, sadanittant, konsultazzjonijiet li saru mas-Servizz Legali rriżultaw fid-deċiżjoni li ma kienx hemm għalfejn tiġi kanċellata s-sejħa għall-offerti. Dawk li tefgħu l-offerti qatt ma kienu ġew uffiċjalment infurmati li kienu ġew kanċellati u l-ebda avviż li jindika dan ma kien ġie ppubblikat.

Il-konsultazzjoni tas-Servizz Legali kienet għadha għaddejja meta ntbgħatet *e-mail* b'talba għar-raġunijiet dwar l-kanċellazzjoni. Il-kap tat-Translation Planning Division tal-Parlament kien ta struzzjonijiet li ma kellha tingħata ebda informazzjoni. Wara dan meta ġie ppubblikat l-avviż ta' l-għotja, apoloġija uffiċjali għall-*e-mail* li ħarġet bi żball fit-2 ta' Lulju 2002 kienet intbagħtet lil kull min kien ħa sehem fis-sejħa għall-offerti mill-uffiċjal responsabbli.

Dwar it-ton ta' l-*e-mail* li ntbagħtet fit-3 ta' Lulju 2002, il-kap tat-Translation Planning Division tal-Parlament kien għas-seduta plenarja ta' Strasbourg meta membru tal-i*staff* tiegħu staqsih kif kellu jirrispondi għall-*e-mail* li kienet waslet. Il-mistoqsija saritlu fil-kwarta ta' wara nofs in-nhar, ħin fejn kien partikolarment imħabbat għax il-ħin li fih kien jagħlaq iż-żmien biex jitpoġġew fuq il-mejda riżoluzzjonijiet urġenti kien is-siegħa ta' wara nofs in-nhar. l-istruzzjonijiet tal-kap tat-Translation

Planning Division tal-Parlament kienu għaldaqstant pjuttost xotti. l-*e-mail* li ħarġet ma kinetx nkitbet minnu imma saret fuq interpretazzjoni ta' l-istruzzjonijiet tiegħu li kienu nqalbu għall-Ingliż minn xi ħadd li ma kienx jitkellem l-Ingliż bħala l-lingwa tiegħu. Ma kien hemm l-ebda intenzjoni ta' offiża jew ta' arroganza.

IL-Parlament Ewropew ehmeż kopja ta' l-*e-mail* tas-26 ta' Settembru 2002 li fiha dawk li tefgħu l-offerta tagħhom għas-sejħa relevanti kienu ġew infurmati li l-avviż ta' l-għoti tal-kuntratti kien ġie ppubblikat fit-13 ta' Settembru 2002 u fejn twasslet l-iskuża tal-Parlament Ewropew għal xi inkonvenjenza li setgħet ikkawżat l-*e-mail* li ntbagħtet bi żball fit-2 ta' Lulju 2002.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur esprima l-fehma li kienet inaċċettabbli għal servizz ta' l-UE li "jinforma ħażin" liċ-ċittadini. l-ilmentatur żied li l-membru tal-i*staff* li skond il-Parlament ma kinetx waħda mill-"uffiċjali responsabbli" kienet l-istess persuna li dejjem infurmat lill-parteċipanti dwar affarijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' sejħiet għall-offerti. l-ilmentatur deherlu wkoll li kienet ħaġa straordinarja li l-istruzzjonijiet li ta l-kap tat-Translation Planning Division tal-Parlament ġew interpretati ħażin u li s-servizz ta' l-UE responsabbli għat-traduzzjonijiet ma kienx kapaċi jiżgura l-kwalità lingwistika ta' tweġibiet miktuba li ntbagħtu lil min kien tefa' l-offerti.

L-ilmentatur innota li l-kritika tiegħu dwar it-ton ta' l-*e-mail* tat-2 ta' Lulju 2002 ma kinetx indirizzata personalment lejn il-kap tat-Translation Planning Division tal-Parlament. Hu ġibed l-attenzjoni li ittri oħra b' ton simili kienu ntbagħtu mill-i*staff* ta' dan ta' l-aħħar. l-ilmentatur għamel enfasi li hu jixtieq li jiġi assigurat mill-Parlament li fil-futur kienet se tingħata aktar attenzjoni meta jkun hemm fin-nofs affarijiet daqshekk sensittivi u meta jsiru komunikazzjonijiet ma' kollaboraturi esterni li l-Parlament kien jiddependi fuqhom.

L-ilmentatur finalment innota li hu xtaq ikun infurmat dwar in-natura tal-problemi "tekniċi" li kienu tfaċċaw u l-opinjoni relevanti tas-Servizz Legali. Hu ġibed l-attenzjoni li wieħed mill-membri tiegħu li kien twarrab mill-offerta msemmija, kien staqsa biex ikun infurmat dwar ir-raġunijiet għaliex kien tħalla barra imma kien għadu ma rċeva ebda tweġiba kif kienu wegħduh is-Servizz Legali. Fil-fehma ta' l-ilmentatur, dan id-dewmien qajjem dubji dwar it-trasparenza tal-proċeduri biex jingħataw l-offerti.

## IŻJED INVESTIGAZZJONIJIET

### Talba għal iżjed informazzjoni

Fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman deherlu li kien jeħtieġ iżjed informazzjoni biex seta' jittratta l-ilment. Hu għalhekk ressaq kopja ta' l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur lill-Parlament sabiex il-Parlament ikun jista' jagħmel il-kummenti tiegħu. l-Ombudsman staqsa wkoll lill-Parlament biex jispjega għaliex informazzjoni ħażina li kien hemm fl-*e-mail* tat-2 ta' Lulju 2002 ma ġietx ikkoreġuta malli l-uffiċjali responsabbli saru jafu bl-iżball.

### It-tweġiba tal-Parlament

Fit-tweġiba tiegħu, il-Parlament għadda dawn il-kummenti:

Meta l-*e-mail* in kwistjoni ntbgħatet fit-2 ta' Lulju 2002, il-konsultazzjoni tas-Servizz Legali kienet għadha għaddejja. Peress li għall-ewwel l-uffiċjali responsabbli kienu ġew avżati (b'mod informali) li s-sejħa għall-offerti x'aktarx kienet se tkun kanċellata u li mbagħad wara ġew infurmati (mill-ġdid b'mod informali) li dan jista' fil-fatt ma jkunx il-każ, jidher li r-riżultat ta' din il-konsultazzjoni ma kienx xi ħaġa li wieħed seta' jbassar minn qabel. Għalhekk huma kienu ħadu d-deċiżjoni li, minħabba l-fatt li l-*e-mail* ma kellha ebda saħħa legali, huma kienu se jistennew ir-riżultat tal-konsultazzjoni uffiċjali tas-Servizz Legali flok jieħdu r-riskju li jinfurmaw lil dawk li tefgħu l-offerti li l-*e-mail* tat-2 ta' Lulju 2002 kienet żbaljata u li l-proċeduri tas-sejħa għall-offerti kienu fil-fatt għadhom għaddejja, biex imbagħad xi ġimgħat wara jerġa' jkollhom jinfurmawhom li wara kollox

l-proċeduri dwar l-offerti kienu fil-fatt ġew kanċellati. Kien biss fit-12 ta' Awissu 2002 li l-kwistjoni kienet ġiet solvuta.

L-uffiċjali responsabbli għas-sejħa għall-offerti kienu ssemmew fl-ittra ta' l-istedina għall-offerti/ l-ispeċifikazzjoni ta' l-offerta skond kif jgħidu r-regoli. Barra minn hekk, fl-ispeċifikazzjonijiet ta' l-offerta kien imniżżel b'mod ċar li l-kuntatti setgħu jsiru biss mas-Sinjura W. l-uffiċjal li kienet bagħtet l-*e-mail* bi żball kienet impjegata fit-taqsima *freelance* tas-segretarjat u regolarment tibgħat u tirċievi *e-mails* mingħand il-kuntratturi. Madanakollu isimha ma kienx imsemmi fid-dokumentazzjoni ta' l-offerta.

Filwaqt li s-servizz tat-traduzzjonijiet tal-Parlament kien biċ-ċar responsabbli għall-komunikazzjonijiet bil-miktub ta' l-istituzzjoni, din l-*e-mail* bl-ebda mod ma kienet dokument uffiċjali. It-taqsima *freelance* tal-Planning Division kienet biss servizz amministrattiv. l-i*staff* tagħha, il-biċċa l-kbira minnhom ta' grad C, kienu jibagħtu u jirċievu medja ta' ħamsin *e-mail* kuljum mingħand il-kuntratturi. Biex wieħed jiżgura reviżjoni lingwistika ta' dawn il-komunikazzjonijiet ta' natura purament amministrativa f'dawk it-taqsimiet li jagħtu servizz ikun meħtieġ grupp ta' mill-inqas żewġ tradutturi ta' esperjenza għal kull waħda mill-11-il lingwa uffiċjali li dalwaqt isiru 20.

Il-Parlament jagħti kuntratti permezz ta' offerta pubblika, proċedura formali ħafna li l-leġislazzjoni dwarha fiha regoli ċari dwar it-tip ta' komunikazzjoni li huma possibbli. Kienet ħasra li l-ilmentatur iqis din il-formalità bħala xi ħaġa li qed tħalli impatt negattiv iżda l-uffiċjali konċernati kienu taħt l-obbligu li jimxu fuq il-leġislazzjoni attwali u li jirrispettawha.

L-opinjoni relevanti tas-Servizz Legali kienet ġiet komunikata lis-Segretarju-Ġenerali u kienet immarkata bħala kunfidenzjali u li ma ssirx pubblika, kif kienet l-prattika normali fejn kellhom x'jaqsmu l-opinjonijiet tas-Servizz Legali tal-Parlament. Taħt ir-regoli ta' xiri pubbliku, il-Parlament jista' barra minn dan ma jagħtix informazzjoni dwar offerta lil xi parti oħra ħlief lil dak stess li jkun tefa' l-offerta.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fl-opinjoni tiegħu, l-ilmentatur irringrazzja lill-Ombudsman għas-sehem tiegħu biex jiċċara l-problema u nnota li hu kien ressaq l-opinjoni tal-Parlament lill-membri tiegħu, fejn inkoraġġihom biex jistaqsu personalment għal informazzjoni dwar l-offerta. Skond l-ilmentatur, wieħed mill-membri tiegħu li kien ġa talab ghall-informazzjoni imma ma rċieva l-ebda tweġiba kellu l-ħsieb li jissottometti l-każ lill-Ombudsman. l-ilmentatur żied li żgur kien hemm problemi ta' komunikazzjoni u ta' trasparenza li kienu moħbija mill-burokrazija u mill-"formalitajiet".

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Nuqqas li jiġu spjegati r-raġunijiet għax is-sejħa għall-offerti ġiet kanċellata

1.1 Fil-bidu ta' l-2002, il-Parlament Ewropew ippubblika sejħa għall-offerti għat-traduzzjoni ta' rapporti kelma b'kelma tas-sessjonijiet tal-Parlament għall-Grieg. Ħamsa minn dawk li wieġbu għal din is-sejħa u tefgħu l-offerti kienu membri ta' l-ilmentatur, assoċjazzjoni ta' kumpaniji Griegi tat-traduzzjonijiet. Fit-2 ta' Lulju 2002, dawk li tefgħu l-offerti kienu infurmati mill-Parlament li s-sejħa għall-offerti kienet ġiet kanċellata "minħabba raġunijiet tekniċi". Fl-ilment imressaq fil-bidu ta' Settembru 2002, l-ilmentatur allega li l-Parlament naqas li jinfurmah dwar ir-raġunijiet għaliex is-sejħa għall-offerti kienet tħassret.

1.2 Fl-opinjoni tiegħu, il-Parlament Ewropew spjega li l-informazzjoni li kien hemm fl-*e-mail* tat-2 ta' Lulju 2002 kienet żbaljata u li s-sejħa għall-offerti fil-fatt ma kinetx ġiet kanċellata. Il-Parlament kien infurma lil dawk li tefgħu l-offerti għas-sejħa relevanti fis-26 ta' Settembru 2002 li l-avviż ta' l-għoti tal-kuntratt kien ġie ppubblikat fit-13 ta' Settembru 2002 u skuża ruħu għal xi inkonvenjent li l-*e-mail* żbaljata tat-2 ta' Lulju 2002 setgħet ikkawżat.

1.3 L-Ombudsman innota li l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur kienet ibbażata fuq il-fatt li hu assuma li s-sejħa għall-offerti kienet ġiet kanċellata. Minħabba li din l-offerta ma ġietx fil-fatt kanċellata, din l-allegazzjoni għaldaqstant ma fadlilhiex aktar skop u m'hemmx bżonn ta' aktar investigazzjoni.

## 2 Ton ta' korrispondenza mhux adattat u arroganti

2.1 L-ilmentatur jikkunsidra li t-ton ta' l-*e-mail* li biha wieġeb il-Parlament Ewropew fit-3 ta' Ġunju 2002 għal mistoqsijiet minn xi membri tiegħu dwar ir-raġunijiet li wasslu biex suppost tħassret is-sejħa għall-offerti ma kienx adattat u kien ta l-impressjoni ta' imġiba arroganti.

2.2 Il-Parlament fisser li l-kap tat-Translation Planning Division tiegħu kien għas-seduta plenarja fi Strasbourg meta membru tal-i*staff* tiegħu staqsih kif kellu jwieġeb lill-ilmentatur. Il-mistoqsija saritlu f'ħin meta hu kellu ħafna x'jagħmel u l-istruzzjonijiet tiegħu kienu għalhekk pjuttost xotti. l-*e-mail* li ntbagħtet bħala riżultat ma kinetx miktuba minnu iżda kienet interpretazzjoni ta' l-istruzzjonijiet tiegħu maqluba għall-Ingliż minn xi ħadd li din il-lingwa mhux ilsienu. Ma kien hemm l-ebda intenzjoni ta' offiża jew ta' arroganza.

2.3 Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur jiġbed l-attenzjoni li kien hemm ittri oħra b'ton simili li kienu ntbagħtu mill-i*staff* tal-kap tat-Translation Planning Division tal-Parlament Ewropew. Madanakollu, l-Ombudsman jinnota li dawn l-ittri ma ġewx sottomessi lilu. l-investigazzjoni tiegħu hija għalhekk limitata għall-*e-mail* tat-3 ta' Lulju 2002.

2.4 Hija prattika amministrativa tajba li uffiċjali għandhom iġibu ruħhom sew fir- relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku[56]. l-*e-mail* tat-3 ta' Lulju 2002 tgħid hekk: "M'aħniex se noqogħdu nelaboraw fuq ir-raġunijiet għalfejn kellna nikkanċellaw għax m'hemmx għalfejn nagħmlu hekk". Dan il-messaġġ li ntbagħat bħala risposta għat-talbiet ta' kjarifika minn xi membri ta' l-ilmentatur jagħti l-impressjoni li min bagħtu jidhirlu li l-Parlament ma kellu ebda obbligu li jagħti l-informazzjoni li kienet intalbet. Madanakollu, ma ngħataw ebda raġunijiet għal din il-pożizzjoni u t-tweġiba hi limitata għal sentenza waħda fqira u qasira. l-Ombudsman jidhirlu għalhekk li hi ħaġa li wieħed jifhimha li l-ilmentatur u l-membri tiegħu ħassewhom offiżi b'din l-*e-mail*. l-Ombudsman jinnota li l-messaġġ kien intbagħat f'isem il-kap tat-Translation Planning Division tal-Parlament u kemm dan ta' l-aħħar kif ukoll is-Sinjura W. jidher li kienet waslitilhom kopja ta' dan il-messaġġ. Jekk tassew ma kien hemm, kif jisħaq il-Parlament fl-opinjoni tiegħu, ebda intenzjoni ta' offiża jew ta' arroganza min-naħa ta' l-uffiċjal konċernat, wara kien hemm żmien biżżejjed biex tiġi ċċarata l-impressjoni li messaġġ bħal dan żgur kien se joħloq. Madanakollu, ma jidher li saret l-ebda korrezzjoni simili u li ma kien hemm l-ebda attentat biex issir ħaġa bħal din.

2.5 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ombudsman jidhirlu li meta ntbagħat il-messaġġ żbaljat permezz ta' *e-mail* fit-3 ta' Lulju 2002 u dan l-iżball ma ssewwiex, il-Parlament naqas li jimxi ma' l-obbligu li wieħed għandu jġib ruħu sew fir-relazzjonijiet mal-pubbliku. Dan hu każ ta' amministrazzjoni ħażina u se tinħareġ rimarka kritika dwar dan.

## 3 Iktar argumenti

3.1 Fl-osservazzjonijiet li ressaq dwar l-opinjoni tal-Parlament, l-ilmentatur argumenta li hu xtaq li jkun infurmat dwar in-natura tal-problema "teknika" li feġġet u l-opinjoni relevanti tas-Servizz Legali. l-ilmentatur argumenta wkoll li wieħed mill-membri tiegħu li ġie eskluż mill-offerta msemmija kien talab li jkun infurmat dwar ir-raġunijiet għaliex kien twarrab imma kien għadu ma rċeviex it-tweġiba li s-Servizz Legali kien wiegħdu. Fil-fehma ta' l-ilmentatur, dan id-dewmien qajjem dubji dwar it-trasparenza tal-proċeduri tas-sejħa għall-offerti.

3.2 Wara dan l-Ombudsman ressaq l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur lill-Parlament li, fit-tweġiba tiegħu, ipprovda iktar informazzjoni dwar il-każ. Fl-osservazzjonijiet tiegħu dwar din it-tweġiba,

[56] Ara Artikolu 12 (1) tal-Kodiċi Ewropew ta' Imġiba Amministrativa Tajba li tressaq mill-Ombudsman Ewropew u li ġie approvat mill-Parlament Ewropew. Il-Kodiċi jinstab fuq il-website ta' l-Ombudsman (http://www.euro-ombudsman.eu.int).

l-ilmentatur irringrazzja lill-Ombudsman għas-sehem tiegħu biex jiċċara l-problema u nnota li hu kien ressaq l-opinjoni tal-Parlament lill-membri tiegħu fejn kien ħeġġiġhom biex huma jistaqsu personalment għal informazzjoni dwar l-offerta. Skond l-ilmentatur, wieħed mill-membri tiegħu kien ġa talab għall-informazzjoni iżda baqa' ma rċeviex tweġiba u għalhekk kellu l-ħsieb li jressaq l-każ lill-Ombudsman.

3.3 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ombudsman jikkunsidra li m'hemmx bżonn li jkompli jidħol f'dan il-każ fil-punti l-oħra imqajjma mill-ilmentatur fl-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-opinjoni tal-Parlament.

### 4 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-investigazzjoni li saret mill-Ombudsman fuq dan l-ilment, tinħass il-bżonn li ssir din ir-rimarka kritika:

*Hija prattika amministrativa tajba li uffiċjali għandhom ikunu edukati f'relazzjonijiet mal-pubbliku*[57]*. l-Ombudsman jidhirlu li meta bagħat u naqas li jikkoreġi l-messaġġ bl'e-mail tat-3 ta' Lulju 2002, il-Parlament naqas li josserva dan l-obbligu. Dan huwa każ ta' amministrazzjoni ħażina.*

Peress li dan l-aspett tal-każ huwa dwar proċeduri relatati ma' fatti li ġraw fl-imgħoddi, m'hemmx lok li wieħed ifittex ftehim amikevoli fuq din il-kwistjoni. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.





## 3.4.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

### AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI

*Deċiżjoni dwar ilment 648/2002/IJH kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.*

### L-ILMENT

Fit-28 ta' Jannar 2002, l-ilmentatriċi għamlet applikazzjoni ta' konferma lill-Kunsill skond ir-Regolament 1049/2001[58], għal aċċess għal numru ta' dokumenti b'rabta ma' l-immodernizzar tal-proċeduri ta' kompetizzjoni ta' l-UE. Fit-18 ta' Marzu 2002, il-Kunsill wieġeb l-applikazzjoni ta' konferma, fejn ta biss aċċess limitat.

Il-Kunsill iġġustifika d-deċiżjoni tiegħu li jirrifjuta aċċess għal ċerti partijiet tad-dokumenti b'referenza għall-ewwel paragrafu ta' Artikolu 4(3) tar-Regolament 1049/2001[59]. Skond il-Kunsill, l-interess li jiġi mħares il-proċess tiegħu ta' kif jittieħdu d-deċiżjonijiet jegħleb, meta wieħed iqabblu, l-interess tal-pubbliku li d-dokument joħroġ u juri l-pożizzjoni li jkunu ħadu d-delegazzjonijiet skond kif jidher fid-dokumenti. Il-Kunsill irraġuna b'dan il-mod:

57 Ara Artikolu 12 (1) tal-Kodiċi Ewropew ta' Imġiba Amministrattiva Tajba li tressaq mill-Ombudsman Ewropew u li kien approvat mill-Parlament Ewropew. Il-Kodiċi jinsab fuq il-*website* ta' l-Ombudsman (http://www.euro-ombudsman. eu.int).

58 Ir-Regolament 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, 2001 *OJ* L 145/43.

59 "Aċċess għal dokument, li sar minn istituzzjoni għal użu intern jew li wasal għand istituzzjoni, li hu dwar suġġett fejn id-deċiżjoni ma ttieħditx mill-istituzzjoni, għandu jiġi miċħud jekk il-ħruġ tad-dokument ikun se jherri serjament il-proċess ta' kif l-istituzzjoni tieħdu d-deċiżjonijiet, għajr meta hemm interess pubbliku iktar qawwi biex dan id-dokument jinħareġ."

*"Fil-kuntest ta' diskussjonijiet preliminari u negozjati fl-istrutturi preparatorji tal-Kunsill, il-possibbiltà għal delegazzjonijiet li jesprimu l-fehmiet tagħhom b'mod ħieles ukoll fuq argumenti politikament sensittivi hija fiha nnifisha kundizzjoni minn qabel li hi essenzjali għall-ħila tal-Kunsill li jsib soluzzjonijiet ta' kompromess u li jikseb progress fuq mistoqsijiet diffiċli. Li toħroġ, f'dan l-istadju, dawk il-partijiet tad-dokumenti li jagħmluha possibbli li tagħraf il-pożizzjonijiet ta' delegazzjonijiet individwali fuq suġġetti partikulari li għadhom qed jiġu diskussi tkun qed tpoġġi f'periklu din il-ħila, għax b'hekk tkun qed tnaqqas sew il-flessibilità tad-delegazzjonijiet li jerġgħu jikkunsidraw il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom fid-dawl ta' l-argumenti mressqa fid-dibattitu. Fil-fehma tal-Kunsill, dan jista' serjament ikun ta' tfixkil fil-proċess tiegħu ta' kif jieħu d-deċiżjonijiet."*

Il-Kunsill qal li aċċess limitat jawtorizza lill-applikant li jsir jaf bil-parti l-kbira ta' l-argumenti mressqa matul id-diskussjonijiet fuq proposta leġislattiva li bħalissa qed tiġi eżaminata fil-Kunsill.

Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, l-ilmentatriċi aċċettat ir-raġuni li ta l-Kunsill li ma jurix l-identità tad-delegazzjonijiet, mingħajr preġudizzju għall-argument li jista' jitressaq fil-futur li l-identità tad-delegazzjonijiet, kif ukoll l-argumenti tagħhom, għandhom ikunu magħrufa. Madanakollu, skond l-ilmentatriċi, il-Kunsill f'ħafna mill-każijiet, ħassar għal kollox kull pożizzjoni li ttieħdet minn xi delegazzjoni li setgħet tkun identifikata. l-ilmentatriċi targumenta li dak li tħassar mid-dokumenti mill-Kunsill huwa eċċessiv u tellef mit-tifsira ta' uħud mid-dokumenti. B'mod partikolari, bil-maqlub ta' dak li ntqal fit-tweġiba tal-Kunsill, huma jonqsu li jinfurmaw lill-qarrej bil-maġġoranza ta' l-argumenti mressqa matul id-diskussjonijiet. Skond l-ilmentatriċi, il-Kunsill għandu jħalli joħorġu l-argumenti, l-ideat u l-proposti kollha li kien fihom dawn id-dokumenti, bl-isem tad-delegazzjoni relevanti mħassar jekk hemm bżonn.

Barra minn hekk, l-ilmentatriċi tiġbed l-attenzjoni li tnejn mid-dokumenti li għalihom hi ngħatat aċċess limitat huma *working documents* tal-Kummissjoni, mibgħuta lill-Council Working Party on Competition, dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill fuq l-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni. Skond l-ilmentatriċi, il-partijiet ta' l-għeluq taż-żewġ dokumenti tħassru għal kollox. l-ilmentatriċi targumenta li kieku l-Kummissjoni ppreparat dawn id-dokumenti bħala sfond ġenerali għall-proposta, il-kunfidenzjalità tad-diskussjonijiet tal-Kunsill ma jista' jkollha ebda relevanza jekk dawn id-dokumenti joħorġu kollha kemm huma. Min-naħa l-oħra, jekk id-dokumenti kienu ppreparati wara li bdew id-diskussjonijiet tal-Kunsill u fihom ir-risposti għall-pożizzjonijiet meħuda minn delegazzjoni waħda jew iktar min delegazzjoni waħda, xorta l-kontenut tagħhom għandu jkun magħruf.

Skond l-ilmentatriċi, formalità leġislattiva suffiċjenti li tkun marbuta ma' proposta tal-Kummissjoni li tkun pubblikata tagħti s-setgħa biex joħorġu fil-beraħ ir-raġunijiet li jkun hemm wara xi djalogu bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni. Ladarba l-pubbliku jsir jaf bil-kontenut tal-proposta, huwa importanti li wieħed jifhem id-diffikultajiet sakemm din tiġi biex titwettaq. Jekk joħroġ dokument mill-Kunsill li fih ikun hemm bidliet ta' ċerta importanza li ma jkunux spjegati, il-kunfidenza tal-pubbliku fil-prodott finali tonqos u jinxteħet suspett fuq il-metodi użati mill-Kunsill.

Fl-aħħar nett, l-ilmentatriċi tallega li r-reġistru *online* tad-dokumenti tal-Kunsill m'għandux id-dettall meħtieġ li juri jekk dokument partikolari jistax ikun ta' interess u dan iwassal għal talbiet żejda għal tagħrif u ħela ta' ħin kemm għall-Kunsill kif ukoll għall-applikant. Bħala eżempju, l-ilmentatriċi ssemmi li r-rapporti tal-grupp ta' ħidma f'dan il-każ juru biss it-titlu tal-proposta tal-Kummissjoni.

Fil-qosor, għalhekk, l-ilmentatriċi tallega li:

(i) Meta ta biss aċċess limitat, il-Kunsill ħassar aktar materjal milli jista' jiġi ġustifikat mill-mod li bih irraġuna l-Kunsill dwar il-ħtieġa li tinżamm il-kunfidenzjalità tal-pożizzjonijiet li ħadu delegazzjonijiet individwali fuq suġġetti partikolari li għadhom qed jiġu diskussi;

(ii) Ir-raġunijiet tal-Kunsill ma jiġġustifikawx il-fatt li tħassar materjal minn ċerti dokumenti tax-xogħol tal-Kummissjoni;

(iii) Ir-reġistru online tad-dokumenti tal-Kunsill ma fihx biżżejjed informazzjoni.

L-ilmentatriċi talbet aċċess sħiħ, jew aċċess akbar, għal 13-il dokument: 12241/00, 10022/01, 13798/00, 13563/01, 5158/01, 12290/00, 12856/00, 13385/00, 5843/01, 6024/01, 6622/01, 6834/01, 7692/01.

## L-INVESTIGAZZJONI

### L-opinjoni tal-Kunsill

Fil-qosor, l-opinjoni tal-Kunsill għamlet dawn il-punti li ġejjin:

Dwar l-ewwel allegazzjoni, il-Kunsill jaqbel fil-prinċipju li dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' diskussjonijiet li għadhom għaddejin fuq abbozzi ta' atti leġislattivi għandhom ikunu aċċessibbli b'mod mill-aktar estensiv u mod wieħed kif dan l-iskop jista' jintlaħaq huwa li toħroġ l-parti l-kbira jew l-argumenti kollha li tressqu matul id-diskussjonijiet, filwaqt li żżomm biss dawk il-partijiet tad-dokumenti li jikxfu l-identità tad-delegazzjonijiet li żammew dawn il-pożizzjonijiet. Dan jagħti lid-delegazzjonijiet konċernati l-flessibilità neċessarja biex jibdlu l-pożizzjonijiet tagħhom fid-dawl tad-diskussjoni li tkun għaddejja, u din hija ħaġa li fiha nnifisha hi kundizzjoni bil-quddiem li twassal għall-progress fuq mistoqsijiet diffiċli. Il-Kunsill mexa fuq din il-prattika f'numru ta' okkażjonijiet minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament 1049/2001.

Iżda, iċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' dan il-każ jiġġustifikaw metodu aktar kawt. Il-proposta in kwistjoni tqajjem numru ta' punti li huma ferm delikati u kontroversjali li għadhom is-suġġett ta' negozjati diffiċli fil-Kunsill fuq livell politiku. F'dawk iċ-ċirkustanzi, jekk joħroġ minn qabel il-kontenut ta' pożizzjonijiet preliminari li jkunu ħadu d-delegati tal-membri tal-Kunsill u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni fil-laqgħat u li bniedem espert ikun jista' faċilment jagħraf ukoll fin-nuqqas ta' identifikazzjoni ċara, ħaġa bħal din tista' tkun ta' ħsara għall-ħila ta' l-istituzzjoni li ssib soluzzjonijiet ta' kompromess fuq dawk is-suġġetti u b'hekk tfixkel l-isforzi tagħha biex tasal għal qbil ġenerali fuq xi document leġislattiv importanti.

Id-dokument 13563/01 għandu fih dokument ta' kompromess tal-Presidenza fuq ir-Regolament propost. Partijiet minn dan id-dokument ta' kompromess inħarġu imma partijiet oħra li jikkonċernaw kwistjonijiet li jqajjmu polemika u li huma partikolarment kontroversjali nżammu għal raġunijiet simili bħal dawk li diġa rreferejna għalihom hawn fuq. Proposta ta' kompromess għandha ċans li tiġi aċċettata biss jekk kull delegazzjoni hija lesta li tagħmel tibdiliet mill-pożizzjonijiet li tkun ħadet fil-bidu. Meta toħroġ fil-beraħ proposta ta' kompromess fuq suġġetti li jkunu partikolarment delikati waqt li din tkun għadha qed tiġi eżaminata mill-membri tal-Kunsill u d-delegati tagħhom u mill-Kummissjoni, iwassal biex jintilef l-għan tal-proposta.

Dwar it-tieni allegazzjoni, il-Kunsill argumenta li dawn id-dokumenti tal-Kummissjoni huma *non-papers* ippreparati mis-servizzi tal-Kummissjoni għad-diskussjoni fil-gruppi ta' ħidma fi ħdan l-Kunsill, imfassla biex jiċċaraw ċerti punti li għandhom x'jaqsmu mal-proposta tal-Kummissjoni, li la kienu approvati mill-Kummissjoni fil-livell tal-Kulleġġ tal-Kummissarji u lanqas kienu intenzjonati li jorbtuha. Il-fatt li tħassru ċerti partijiet minn dawn id-dokumenti huwa ġustifikat bl-istess raġuni li ngħatat dwar id-dokumenti relattivi tal-Kunsill.

Dwar it-tielet allegazzjoni, il-Kunsill argumenta li jekk min ikun qed juża l-*computer*, jagħfas il-kliem "document information" fir-reġistru pubbliku tad-dokumenti fuq l-*internet*, ikun jista' jikseb aċċess għall-informazzjoni kollha li tidher fil-parti ta' fuq tad-dokument, li tinkludi l-awtur, lil min kien indirizzat id-dokument u d-deskrizzjoni tal-kategorija tad-dokument kif ukoll is-suġġett. Madanakollu l-Kunsill lest li jeżamina l-possibbiltà li jżid l-aċċessibiltà tar-reġistru pubbliku.

Il-Kunsill ipprovda wkoll lill-Ombudsman kopja tad-dokumenti li kien ta lill-ilmentatriċi.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi

Dwar l-ewwel allegazzjoni, l-ilmentatriċi argumentat li l-opinjoni tal-Kunsill titratta l-approvazzjoni tal-leġislazzjoni ta' l-UE bl-istess mod kif titratta n-negozjati ta' xi trattat internazzjonali fejn il-konċessjonijiet huma nnegozjati fuq punti ta' interess nazzjonali. Skond l-ilmentatriċi, dan il-metodu mhux addattat għall-approvazzjoni tal-leġislazzjoni li torbot b'mod dirett lill-pubbliku.

Barra minn hekk, id-dibattitu tal-Kunsill mhux l-istess ħaġa bħal laqgħa ministerjali jew laqgħa tal-kabinett fejn individwi jistgħu jressqu idejat mhux tas-soltu u li x'aktarx m'hemmx ċans li jiġu aċċettati. Sakemm proposta tasal għand il-Kunsill, il-Kummissjoni tkun ġa ħarġet il-proposta għall-pubbliku u l-Kunsill jagħmilha ta' leġislatur. Li dak li jgħidu l-liġijiet li ġeneralment jorbtu jinżamm sigriet sakemm dak li hemm fihom jiġi determinat jidher bħala rimedju estrem għal problema li tista' tinħall jekk jitneħħew l-ismijiet tad-delegazzjonijiet.

Dwar it-tieni allegazzjoni, l-ilmentatriċi qalet li hi lesta taċċetta li dokumenti ta' ħidma tal-Kummissjoni li jkunu ppreparati bħala kontribuzzjonijiet għad-dibattitu tal-Kunsill għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħad-dokumenti tal-Kunsill.

Dwar it-tielet allegazzjoni, l-ilmentatriċi qalet li r-rimarki tagħha kienu intiżi biex ikunu ta' għajnuna u li hi ma xtaqitx tkompli għaddejja bil-kwistjoni. Hi għamlet ukoll numru ta' suġġerimenti biex jitjieb dak li hi rreferiet għalih bħala "sors ta' valur mill-aqwa għall-informazzjoni".

## AKTAR INVESTIGAZZJONI

Wara kunsiderazzjoni xierqa ta' l-opinjoni tal-Kunsill u l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi, l-Ombudsman ikkunsidra li huwa neċessarju li jeżamina d-dokumenti konċernati biex ikun jista' jevalwa l-livell u n-natura ta' dak li kien se jitħassar.

### L-istħarriġ

L-istħarriġ sar mis-servizzi ta' l-Ombudsman fid-9 ta' Ottubru 2002. Wara li kien sar, l-Ombudsman kiteb lill-Kunsill biex jirringrazzjah tal-kooperazzjoni waqt l-istħarriġ u biex jinfurmah b'dak li kien sab l-Ombudsman.

L-Ombudsman l-ewwel reġa' fakkar il-pożizzjonijiet tal-Kunsill u ta' l-ilmentatriċi kif intqal fl-opinjoni tal-Kunsill u fl-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi. l-Ombudsman innota li l-Kunsill iġġustifika li jħassar partijiet mid-dokumenti għax deherlu li jekk dawn il-partijiet ma jitħassrux u joħorġu, dan ikun jista' jgħin lil xi ħadd, x'aktarx xi espert, biex jagħraf il-pożizzjonijiet li jkunu ħadu d-delegazzjonijiet, jew ir-rappreżentant tal-Kummissjoni, fuq suġġetti li jkunu għadhom qed jiġu diskussi fil-Kunsill. l-ilmentatriċi taċċetta li l-Kunsill jista' jżomm l-ismijiet tad-delegazzjonijiet kunfidenzjali u li d-dokumenti ta' ħidma tal-Kummissjoni li huma ppreparati bħala kontribuzzjonijiet għad-dibattitu fil-Kunsill għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod. l-Ombudsman b'hekk fittex li jivverifika mill-ispezzjoni tad-dokumenti jekk il-materjal li tħassar mill-Kunsill jistax iħalli lil xi ħadd, possibilment xi espert, li jidentifika l-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet, jew tar-rappreżentant tal-Kummissjoni, fuq suġġetti li għadhom qed jiġu diskussi fil-Kunsill.

Wara, l-Ombudsman ħabbar ir-riżultati ta' l-istħarriġ tiegħu, kif ġej:

#### *Referenzi għall-ismijiet tad-delegazzjonijiet jew tar-rappreżentant tal-Kummissjoni*

Fid-dokumenti li ġew spezzjonati, referenzi għall-ismijiet tad-delegazzjonijiet jew tar-rappreżentant tal-Kummissjoni normalment jieħdu waħda minn tliet forom: (i) nota fil-qiegħ tal-paġna (ii) referenza f'parentesi fid-dokument jew (iii) frażi ta' introduzzjoni bħal "Id-delegazzjoni (xx) esprimiet il-fehma tagħha…", jew "Id-delegazzjoni (xx) ikkunsidrat li…".

Ir-referenzi fil-qiegħ ta' paġna għall-ismijiet tad-delegazzjonijiet kollha jidhru li tħassru waqt li f'ħafna każijiet ħareġ il-kliem tad-dokument li jikkorrispondi ma' dawn ir-referenzi. B'mod ġenerali, in-noti fil-qiegħ tal-paġna li tħassru ma fihom l-ebda informazzjoni ħlief l-identità tad-delegazzjoni u l-fatt li hi pproponiet, qablet jew ma qablitx, jew għamlet xi riserva li tikkonċerna l-pożizzjoni ddikjarata fid-dokument. l-unika eċċezzjoni hija n-nota fil-qiegħ ta' paġna 3 tad-dokument 12241/01. Ħlief għal dan il-każ waħdieni, in-noti fil-qiegħ tal-paġni li tħassru mill-Kunsill jidher li huwa l-minimu neċessarju li seta' jsir biex ma jidhrux l-identitajiet tad-delegazzjonijiet.

F'ħafna każi fejn ir-referenzi għall-ismijiet tad-delegazzjonijiet huma taħt il-forma (ii) jew (iii), il-paragrafu kollu kemm hu tħassar. Għall-kuntrarju, l-paragrafi numru 19, 33, 44, 50-51, 69 tad-

dokument 13385/00 ħarġu sħaħ mingħajr ma tħassru r-referenzi għall-ismijiet tad-delegazzjonijiet u/jew ir-rappreżentant tal-Kummissjoni. Iżda ma jidher li hemm ebda każ fejn il-Kunsill ħassar biss ir-referenza għall-isem tad-delegazzjoni u/jew għar-rappreżentant tal-Kummissjoni u ħareġ il-kumplament tad-dokument.

Hemm każ wieħed biss fejn l-Ombudsman jista' jikkonferma li l-kumplament tad-dokument li jikkonċerna paragrafu f'din il-kategorija li tħassar, jista' jwassal biex l-identità tad-delegazzjoni konċernata tingħaraf: dan hu paragrafu 36 tad-dokument 13385/00.

### *Materjal imħassar li ma fihx referenzi għall-ismijiet tad-delegazzjonijiet jew għar-rappreżentant tal-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħassar ċerti sezzjonijiet ta' dokumenti, paragrafi u partijiet minn paragrafi li ma fihomx referenza għall-ismijiet tad-delegazzjonijiet jew tar-rappreżentant tal-Kummissjoni. Ftit, iżda mhux kollha, minn dawn il-paragrafi fihom frażijiet bħal "xi delegazzjonijiet esprimew l-fehma…" jew "delegazzjonijiet kienu tal-fehma ….." F'ċerti każijiet oħra, il-materjal imħassar jikkonsisti fi proposti ta' kompromess tal-Presidenza.

L-Ombudsman ma jistax jikkonferma li xi materjal li tħassar f'din il-kategorija jista' jwassal biex tiġi identifikata l-fehma ta' xi delegazzjoni jew ta' xi delegazzjonijiet speċifiċi, jew tar-rappreżentant tal-Kummissjoni. Għalkemm il-Kunsill jirreferi għall-possibbiltà li xi espert jista' jagħmel identifikazzjoni bħal din, ħaġa hekk tidher li mhix probabbli minħabba n-natura tal-materjal li tħassar.

### *Konklużjonijiet*

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ, l-Ombudsman jikkunsidra li meta tħassar mill-anqas il-materjal li ġej, dan ma jidhirx li huwa ġustifikat għar-raġuni li jekk joħroġ dan il-materjal dan jista' jgħin lil xi ħadd, possibilment xi espert, biex jidentifika l-pożizzjonijiet li ħadu xi delegazzjonijiet jew ir-rappreżentant tal-Kummissjoni, fuq suġġetti li qed jiġu diskussi fil-Kunsill:

Dokument 12241/01: footnote f'paġna 3 (ħlief għall-isem tad-delegazzjoni); paragrafi numru 17-21, 23-27.

Dokument 10022/01: paġni 29-36 (tabelli li fihom paraguni fattwali ta' l-aktar proviżjonijiet importanti fil-liġi dwar il-kompetizzjoni fl-iStati Membri ma' Artikoli 81-82 KE).

Dokument 13798/00: paragrafi 5-8, 9-10 (partijiet minnhom imħassrin).

Dokument 12856/00: paragrafi 2, 3 (tneħħija ta' parti mill-paragrafu)

Dokument 13385/00: paragrafu 2.

Dokument 5843/01: paragrafi 4, 5.

Dokument 6024/01: paragrafi 4, 5.

Dokument 6622/01: paragrafi 3, 10, 11.

Dokument 7692/01: paragrafi 12-18 u l-anness.

Dokument 6834/01: paragrafi 3 (tħassir ta' parti mill-paragrafu), 6, 8, 10.

Dokument 13563/01: jinqasam f'żewġ partijiet: rapport dwar il-progress u l-Annessi. Mill-investigazzjoni, l-Ombudsman jidhirlu li l-paragrafi 6, 8, 10-12, 19-20 u 22 jistgħu joħorġu għall-pubbliku mingħajr ma jwasslu biex xi ħadd jagħraf il-fehmiet ta' xi delegazzjoni jew delegazzjonijiet speċifiċi, jew tar-rappreżentant tal-Kummissjoni. F'Anness II ta' Dokument 13563/01 (id-dokument ta' kompromess tal-Presidenza għal Regolament), ma jidher li hemm ebda bażi biex tiddistingwi bejn dawk il-partijiet tad-dokument (jekk wieħed iħalli barra n-noti fil-qiegħ tal-paġni) li nħarġu u dawk il-partijiet li ġew imħassra, barra mill-fatt li dawn ta' l-aħħar għandhom x'jaqsmu ma' suġġetti li huma meqjusa politikament aktar delikati. Il-ħruġ għall-pubbliku tad-dokument b'partijiet imħassra (jekk wieħed jeskludi n-noti f'qiegħ il-paġna) ma jistax, skond il-fehma ta'

l-Ombudsman, iwassal biex xi ħadd, ukoll jekk ikun espert, jidentifika l-fehmiet ta' xi delegazzjoni jew delegazzjonijiet speċifiċi, jew tar-rappreżentant tal-Kummissjoni. l-istess analiżi tgħodd wkoll għall-partijiet li tneħħew f'Dokument 5158/01, li fih il-proposta li dehret qabel dwar x'kien jgħid ir-Regolament.

### It-talba għal iktar informazzjoni

Wara li kkunsidra dan ta' hawn fuq, l-Ombudsman ġentilment talab lill-Kunsill biex jerġa' jeżamina l-pożizzjoni tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-materjal li tħalla barra u li jissemma' hawn fuq u biex jinfurmah jekk ikunx lest li jurih lill-ilmentatriċi.

### Ir-risposta tal-Kunsill

Fir-risposta, il-Kunsill iddikjara li fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Novembru 2002 kien intlaħaq qbil politiku fuq l-abbozz tar-Regolament konċernat. Fid-dawl ta' dan il-progress, il-Kunsill ħass li l-ilmentatriċi issa tista' tingħata aċċess għad-dokumenti konċernati kollha kemm huma.

### Il-kummenti ta' l-ilmentatriċi

Fil-kummenti tagħha, l-ilmentatriċi ddikjarat li l-Kunsill jidher li neħħa l-bażi ta' l-ilment billi taha aċċess għad-dokumenti relatati iżda wriet id-dispjaċir tagħha li ma kinetx tħalliet tarahom qabel ma r-Regolament ġie adottat. l-ilmentatriċi rringrazzjat lill-Ombudsman li f'isimha kien ħa il-każ f'idejh.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Ir-rifjut għal aċċess sħiħ għal ċerti dokumenti

1.1 Il-Kunsill kien ta biss lill-ilmentatriċi aċċess parzjali għal ċerti dokumenti dwar il-modernizzazzjoni tal-proċeduri ta' l-UE dwar il-kompetizzjoni. l-ilmentatriċi allegat li l-Kunsill kien ħassar iktar materjal milli kien ġustifikat jagħmel għax kien irraġuna li kien hemm il-ħtieġa li jżomm il-kunfidenzjalità dwar il-pożizzjonijiet ta' delegazzjonijiet individwali fuq suġġetti partikolari li kienu għadhom qegħdin jiġu diskussi. l-ilmentatriċi qablet li l-Kunsill jista' jżomm l-ismijiet tad-delegazzjonijiet kunfidenzjali, imma argumentat li l-kontenut tal-pożizzjonijiet li kienu adottati għandhom jinħarġu, flimkien ma' partijiet oħra tad-dokumenti konċernati.

1.2 Il-Kunsill iġġustifika id-deċiżjoni tiegħu li ma jagħtix aċċess għal ċerti partijiet tad-dokumenti b'referenza għall-ewwel paragrafu ta' Artikolu 4 (3) tar-Regolament 1049/2001.[60] Skond il-Kunsill, il-proposta in kwistjoni tqajjem numru ta' kwistjonijiet li huma delikati għall-aħħar kif ukoll kontroversjali, li, f'dak iż-żmien, kienu għadhom suġġetti għal negozjati diffiċli fi ħdan il-Kunsill fuq livell politiku. F'dawk iċ-ċirkostanzi, il-ħruġ qabel żmienu tal-kontenut tal-pożizzjonijiet preliminari li kienu ħadu d-delegati tal-membri tal-Kunsill u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni waqt il-laqgħat u li xi espert jista' faċilment jagħraf ta' min huma wkoll fin-nuqqas ta' identifikazzjoni ċara, jista' jkun ta' detriment għall-ħila ta' l-istituzzjoni li ssib soluzzjonijiet ta' kompromess u b'hekk jitfixklu l-isforzi tagħha li jintlaħaq qbil ġenerali fuq dokument legislattiv importanti.

1.3 Billi l-ilmentatriċi aċċettat li l-Kunsill jista' jżomm l-ismijiet tad-delegazzjonijiet kunfidenzjali, l-Ombudsman ikkonċentra l-istħarriġ tiegħu fuq il-kwistjoni jekk għal dan il-għan il-Kunsill ħassarx aktar materjal milli kien neċessarju.

1.4 Wara studju bir-reqqa tad-dokumenti konċernati, l-Ombudsman kien tal-fehma li ċerti partijiet li tħassru mill-Kunsill ma kinux ġustifikati. l-Ombudsman informa lill-Kunsill bl-istħarriġ dettaljat tiegħu u talab li l-Kunsill jeżamina mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu.

60 "Aċċess għal dokument, li sar minn istituzzjoni għal użu intern jew li wasal għand istituzzjoni, li hu dwar suġġett fejn id-deċiżjoni ma ttieħditx mill-istituzzjoni, għandu jiġi miċħud jekk il-ħruġ tad-dokument ikun se jherri serjament il-proċess ta' kif l-istituzzjoni tieħu d-deċiżjonijiet, għajr meta hemm interess pubbliku aktar qawwi biex dan id-dokument jinħareġ."

1.5 Fir-risposta tiegħu, il-Kunsill stqarr li fil-laqgħa tas-26 ta' Novembru 2002, kien intlaħaq qbil politiku fuq l-abbozz tar-Regolament[61] relevanti. Għaldaqstant fid-dawl ta' dan il-progress il-Kunsill ikkunsidra li l-ilmentatriċi issa setgħet tingħata aċċess għad-dokumenti kkonċernati kollha kemm huma.

1.6 Fl-osservazzjonijiet tagħha fuq ir-risposta tal-Kunsill, l-ilmentatriċi esprimiet l-għadab tagħha għall-fatt li ma ngħatatx aċċess qabel ma r-Regolament ġie adottat. l-Ombudsman għalhekk jikkonsidra li hu neċessarju li jagħmel stħarriġ fuq l-allegazzjoni ta' l-ilmentatriċi kontra l-Kunsill dwar amministrazzjoni ħażina.

1.7 L-Ombudsman ivverifika d-dokumenti li l-Kunsill kien ta b'aċċess parzjali biss lill-ilmentatriċi. l-Ombudsman jikkunsidra li r-raġunament tal-Kunsill li l-ħruġ tal-materjal li kien tħassar jista' jwassal biex xi ħadd jidentifika l-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet, jew tar-rappreżentant tal-Kummissjoni, fuq suġġetti li kienu qed jiġu diskussi fil-Kunsill ma jiġġustifikax ħafna mit-tħassir li sar. Dan kien każ ta' amministrazzjoni ħażina u bħala riżultat, l-Ombudsman għamel il-kritika tiegħu.

1.8 L-Ombudsman jikkunsidra li ma kienx neċessarju għalih li jieħu aktar azzjoni minħabba li l-Kunsill, wara l-qbil tiegħu fuq l-abbozz tar-Regolament ikkonċernat fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Novembru 2002, kien issa ta lill-ilmentatriċi aċċess għad-dokumenti kkonċernati kollha kemm huma.

## 2 Aċċess għad-dokumenti ta' ħidma tal-Kummissjoni

2.1 L-ilmentatriċi allegat li r-raġunament tal-Kunsill ma jiġġustifikax it-tħassir ta' materjal minn ċerti dokumenti ta' ħidma tal-Kummissjoni. l-Ombudsman ifakkar li hu kien ressaq kumment kritiku dwar l-ammont ta' tħassir li sar mid-dokumenti kkonċernati. Dan l-aspett ta' l-ilment għalhekk jikkonċerna biss jekk ir-raġunament tal-Kunsill setax jiġi applikat għad-dokumenti ta' ħidma tal-Kummissjoni.

2.2 Il-Kunsill argumenta li d-dokumenti relevanti tal-Kummissjoni huma *non-papers* ippreparati għad-diskussjoni fil-grupp ta' ħidma tal-Kunsill, li la kienu ġew approvati mill-Kummissjoni fuq il-livell tal-kulleġġ tal-Kummissarji u li lanqas ma kien hemm il-ħsieb li jorbtu lill-Kunsill.

2.3 Fil-kummenti tagħha, l-ilmentatriċi stqarret li hi lesta taċċetta li d-dokumenti ta' ħidma tal-Kummissjoni, li jiġu ppreparati bħala kontribuzzjonijiet għad-dibattitu tal-Kunsill, għandhom jiġu trattati bl-istess mod bħad-dokumenti tal-Kunsill. l-ilmentatriċi b'hekk tidher li waqqgħet dan l-aspett ta' l-ilment.

## 3 Ir-reġistru online tad-dokumenti tal-Kunsill

3.1 L-ilmentatriċi allegat li r-reġistru *online* tad-dokumenti tal-Kunsill fih informazzjoni li mhix sħiħa.

3.2 Il-Kunsill stqarr li l-informazzjoni dwar l-awtur u dwar lil min kien indirizzat kull dokument u deskrizzjoni tal-kategorija li jaqa' taħtha jista' jinġieb faċilment mir-reġistru *online* tad-dokumenti. Il-Kunsill huwa ppreparat li jeżamina l-possibbiltà li r-reġistru pubbliku jkun aktar faċli biex wieħed jużah.

3.3 Fl-kummenti tagħha, l-ilmentatriċi stqarret li r-rimarki tagħha kienu ntiżi biex jgħinu lil dak li jkun u li hi ma xtaqitx li tkompli għaddejja b'din il-kwistjoni. Hi għamlet ukoll numru ta' suġġerimenti biex ittejjeb dak li hi sejħet "sors ta' valur mill-aqwa għall-informazzjoni." l-Ombudsman informa lill-Kunsill b'dawn is-suġġerimenti ta' l-ilmentatriċi.

61 Il-Kunsill adotta r-Regolament fis-16 ta' Diċembru 2002: Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni li jidhru f'Artikoli 81 u 82 tat-Trattat, 2003 *OJ* L1/1.

3.4 Għaldaqstant l-Ombudsman jikkunsidra li ma hemm l-ebda amministrazzjoni ħażina f'dak li għandu x'jaqsam ma' dan l-aspett ta' l-ilment.

## 4 Konklużjoni

Mill-investigazzjonijiet ta' l-Ombudsman dwar dan l-ilment, huwa neċessarju li issir din ir-rimarka kritika:

*L-Ombudsman studja bir-reqqa d-dokumenti li l-Kunsill kien għadda b'aċċess parzjali biss lill-ilmentatriċi. l-Ombudsman jikkunsidra li r-raġunament tal-Kunsill li jekk joħroġ għall-pubbliku materjal li jkun tħassar dan jista' jwassal biex xi ħadd jidentifika l-pożizzjonijiet li ħadu d-delegazzjonijiet, jew ir-rappreżentant tal-Kummissjoni, fuq suġġetti li għadhom qed jiġu diskussi fil-Kunsill, ma jiġġustifikax ħafna mit-tħassir li sar. Dan kien każ ta' amministrazzjoni ħażina.*

L-Ombudsman jikkunsidra li ma kienx neċessarju li hu jieħu aktar azzjoni billi l-Kunsill issa ta aċċess lill-ilmentatriċi għad-dokumenti relevanti kollha kemm huma wara li sar ftehim fil-laqgħa tal-Kunsill fis-26 ta' Novembru 2002 fuq l-abbozz tar-Regolament konċernat. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.



## ID-DMIR TAL-KUNSILL BIEX JIŻGURA LI L-MISSJONI TAL-PULIZIJA TA' L-UNJONI EWROPEA F'SARAJEVO TIRRISPETTA D-DRITTIJIET FONDAMENTALI

### *Deċiżjoni dwar ilment 1200/2003/OV (kunfidenzjali) kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

### L-ILMENT

Skond l-ilmentatur, il-fatti relevanti kienu kif ġejjin:

L-amministrazzjoni tal-Planning Team of the European Union Police Mission (EUPM) f'Sarajevo waqqfet il-kuntratt ta' mpjieg ta' l-ilmentatur, mingħajr ma tat raġunijiet u fuq il-bażi ta' allegazzjonijiet li ma kinux sostanzjati. Dan sar bi ksur tad-drittijiet ta' difiża ta' l-ilmentatur.

L-ilmentatur oġġezzjona għall-proċedura li kienet segwita b'ittra lill-Planning Team li ġġib id-data tad-19 ta' Novembru 2002. Fit-tweġiba tiegħu tas-26 ta' Novembru 2002, il-Kap tal-EUPM Planning Team indika li l-kuntratt ta' impjieg ta' l-ilmentatur kien ġie terminat minħabba mġiba mhix xierqa u minħabba li hu kien tefa' dell ikreħ u mexa kontra n-normi ta' imġiba mill-Planning Team ta' l-EUPM waqt li ma kienx mexa fuq ir-responsabbiltajiet tiegħu bħala membru professjonali tal-missjoni.

Fis-17 ta' Diċembru 2002, l-ilmentatur ressaq ilment ma' l-Ombudsman Ewropew (ref. 2188/2002/OV). Iżda dan l-ilment ma setax jintlaqa' għax l-ilmentatur ma kienx għamel kuntatti amministrattivi minn qabel mal-Kunsill dwar l-ilment tiegħu. l-Ombudsman ta parir lill-ilmentatur biex jikteb lill-Kunsill. Skond l-ilmentatur, hu mbagħad kien bagħat żewġ ittri rreġistrati lill-Kunsill imma ma rċieva l-ebda risposta.

Fis-26 ta' Ġunju 2003, l-ilmentatur ressaq dan l-ilment quddiem l-Ombudsman. l-ilmentatur allega li l-kuntratt li hu kellu ma' l-EUPM kien ġie terminat mingħajr raġunijiet u fuq bażi ta' allegazzjonijiet li ma kienux ippruvati u li l-Kunsill ma weġibx għaż-żewġ ittri rreġistrati tiegħu fuq dan is-suġġett. Hu jidhirlu li l-Kunsill għandu jeħilsu mill-allegazzjonijiet li saru kontra tiegħu u li hu għandu jirċievi s-salarju tiegħu għax-xahar kollu ta' Diċembru 2002.

## L-ISTĦARRIĠ

### L-opinjoni tal-Kunsill

Fl-opinjoni qasira tiegħu l-Kunsill argumenta li s-Segretarjat Ġenerali tiegħu la kien daħal fil-ħatra ta' l-ilmentatur u lanqas fit-tkeċċija tiegħu. l-ilmentatur kien impjegat direttament mill-EUPM Planning Team konformi mal-poteri li ngħataw lill-missjoni mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill fil-11 ta' Marzu 2002 fuq il-Missjoni tal-Pulizija Ewropea[62]. Hu kien tkeċċa għal raġunijiet li s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ma kienx jaf bihom.

Artikolu 2(1) ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill jgħid li "il-Planning Team jikkonsisti fil-Kap tal-Pulizija tal-Missjoni/Kap tal-Planning Team u l-i*staff* neċessarju biex iwettqu l-funzjonijiet relatati mal-ħtiġiet tal-Missjoni". l-EUPM tista' tqabbad *staff* ċivili internazzjonali fuq bażi ta' kuntratt skond il-bżonnijiet tagħha[63]. Iżda huwa d-dmir tal-Kap tal-Missjoni/Kummissarju tal-Pulizija li jeżerċita it-tmexxija ta' l-operazzjonijiet ta' l-EUPM, li jieħu ħsieb it-tmexxija tax-xogħol ta' kuljum[64] u li jeżerċita l-poteri li joħorġu minn dawn id-dmirijiet. Dawn il-poteri jinkludu neċessarjament ir-reklutaġġ u t-tkeċċija li tista' tinqala' ta' *staff* li jkun taħt kuntratt, kif kien il-każ ta' l-ilmentatur.

Minn dan ta' hawn fuq jidher li mhux f'idejn is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li jirrekluta (u eventwalment ikeċċi) *staff* kontrattwali mal-EUPM.

### Il-kummenti ta' l-ilmentatur

L-ilmentatur baqa' jsostni l-ilment tiegħu. Hu stqarr li kien ġa beda jikteb ittri lill-avukati fi Brussell.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Sa fejn jasal l-istħarriġ ta' l-Ombudsman

1.1 Meta jiġi biex jieħu ħsieb ilmenti ta' relazzjoni kontrattwali ma' xi istituzzjoni jew korp tal-Komunità, l-Ombudsman jillimita l-istħarriġ tiegħu billi jfittex jekk l-istituzzjoni jew korp tal-Komunità kinux għaddewlu rendikont koerenti u raġonevoli tal-bażi legali għall-azzjonijiet tagħhom u għaliex jemmnu li l-fehma tagħhom rigward il-pożizzjoni kontrattwali hija ġustifikata. Jekk dak ikun il-każ, l-Ombudsman ikun jista' jikkonkludi li l-inkjesta tiegħu ma żvelatx każ ta' amministrazzjoni ħażina.

1.2 Id-deċiżjoni ta' l-Ombudsman fuq xi każ kontrattwali ma taffettwax id-dritt tal-partijiet li aktar tard iressqu l-kwistjoni tagħhom biex tiġi eżaminata u konkluża b'mod awtoritattiv minn qorti li jkollha l-ġurisdizzjoni kompetenti.

### 2 It-tmiem tal-kuntratt mingħajr raġuni u fuq allegazzjonijiet mhux sostanzjati

2.1 L-ilmentatur allega li l-kuntratt tiegħu mal-European Union Police Mission (EUPM) f'Sarajevo ġie terminat mingħajr l-ebda raġuni u fuq il-bażi ta' allegazzjonijiet mhux sostanzjati. Skond l-ilmentatur, id-drittijiet tiegħu ta' difiża kienu ġew miksura.

2.2 Il-Kunsill argumenta li s-Segretarjat Ġenerali tiegħu ma kellu ebda sehem la fil-ħatra ta' l-ilmentatur u lanqas fit-tkeċċija tiegħu. l-ilmentatur kien impjegat direttament mill-EUPM Planning Team skond il-poteri mogħtija lill-missjoni mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 fuq il-European Police Mission. Hu kien tkeċċa minħabba raġunijiet li s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ma kienx jaf bihom.

62 *OJ* 70/1 tat-13 ta' Marzu 2002.

63 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 fuq il-*European Police Mission*, artikolu 5(3).

64 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 fuq il-*European Police Mission*, artikolu 4(1) u 7, it-tielet inċiż

2.3 L-Ombudsman jinnota li l-European Union Police Mission twaqqfet mill-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill fil-11 ta' Marzu 2002[65]. Artikolu 4.1 ta' l-Azzjoni Konġunta jgħid li l-Kap tal-Missjoni/il-Kummissarju tal-Pulizija, maħtur mill-Kunsill, għandu jeżerċita kmand fuq l-operazzjonijiet ta' l-EUPM u jieħu f'idejh it-tmexxija ta' kuljum ta' l-operazzjonijiet ta' l-EUPM. Artikolu 4.4 ikompli jgħid li l-Kap tal-Missjoni/il-Kummissarju tal-Pulizija hu responsabbli biex iżomm id-dixxiplina fuq l-impjegati. Artikolu 3.2 tal-ftehim bejn l-UE u l-Bosnia u Ħerżegovina (BuĦ) fuq l-attivitajiet ta' l-EUPM fil-BuĦ[66] jgħid li l-Kap tal-Missjoni/il-Kummissarju tal-Pulizija għandu jirrapporta lis-Segretarju-Ġenerali/il-High Representative for the Common Foreign and Security *Policy* permezz tar-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea fil-BuĦ.

2.4 Għaldaqstant, l-Ombudsman jikkunsidra li l-Kunsill huwa responsabbli biex jiżgura li l-azzjonijiet ta' l-EUPM jirrispettaw il-prinċipju tad-dritt tal-liġi u d-drittijiet fondamentali rikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea.

2.5 L-Ombudsman studja bir-reqqa d-dokumenti li ngħataw lilu mill-ilmentatur u mill-Kunsill. Minn din l-evidenza, il-fatti tal-każ jidhru li huma kif ġej:

(i) Il-kuntratt ta' mpjieg ta' l-ilmentatur kien iffirmat fis-26 ta' Ġunju 2002 mal-Planning Team ta' l-EUPM skond Artikolu 5.3 ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 fuq l-EUPM li jgħid li "staff pajżan internazzjonali u staff lokali għandu jiġi reklutat fuq bażi kontrattwali mill-EUPM skond ma jkun meħtieġ". Il-kuntratt kellu jdum mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2002.

(ii) It-tmiem tal-kuntratt ta' l-ilmentatur kien ġie deċiż bħala miżura dixxiplinarja. Fid-dokumentazzjoni li ntbagħtet mill-ilmentatur kien hemm nota tat-12 ta' Novembru 2002 mill-Konsulent Legali tal-Planning Team ta' l-EUPM intitolata "Rakkomandazzjoni fuq każ dixxiplinarju". Din in-nota ssemmi li rapport investigattiv intern kien tħejja mill-Viċi Kummissarju tal-Pulizija fuq l-allegata kondotta ħażina mill-ilmentatur. l-allegata kondotta ħażina kienet tikkonsisti fir-relazzjoni li l-ilmentatur suppost li kellu ma' mara mill-Moldavja li kienet qed toqgħod fil-Bosnia-Ħerżegovina illegalment u li kienet qed taħdem bħala żeffiena f'żewġt iħwienet tax-xorb tal-lokal u li l-ilmentatur kien suppost li ħallasha għal "servizzi" li hi tagħtu. In-nota, li tirreferi wkoll għal "xiri sesswali kummerċjali" tikkonkludi li "(..) minħabba li hu membru tal-Planning Team tal-EUPM u b'hekk għandu l-obbligu li ma jinkoraġġix attivitajiet illegali, [l-ilmentatur] kellu joqgħod aktar lura milli jistabbilixxi kull xorta ta' relazzjoni emozzjonali/romantika ma' Ms X. Minħabba li warrab kull sens ta' imġiba diċenti u riservata f'dan ir-rigward, [l-ilmentatur] poġġa f'periklu r-reputazzjoni tal-Planning Team tal-EUPM."

(iii) Il-konklużjoni tal-Konsulent Legali u r-rakkomandazzjoni kienu li "l-imġiba ta' [l-ilmentatur] kienet inkonsistenti sew ma' l-obbligazzjonijiet li daħal għalihom fil-kuntratt ta' mpieg tiegħu. [L-ilmentatur] qiegħed f'periklu serju r-reputazzjoni tal-Planning Team ta' l-EUPM. l-azzjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward jikkostitwixxu mġiba ħażina ħafna. Il-PT Commissioner tal-EUPM qed jingħata parir biex jittermina l-kuntratt ta' [l-ilmentatur] b'effett immedjat". Bħala l-bażi legali tat-tmiem tal-kuntratt, il-Konsulent Legali rrefera għal paragrafu 15 tal-kuntratt li jgħid li "f'każ ta' imġiba ħażina ħafna, min iħaddem jirriżerva d-dritt li jtemm il-kuntratt ta' l-impjegat mingħajr ebda avviż bil-miktub bil-quddiem." Il-Kap tal-Pulizija tal-Missjoni ddeċieda li jtemm il-kuntratt ta' l-ilmentatur mit-8 ta' Diċembru 2002.

2.6 Artikolu 41 taċ-*Charter* tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea (id-dritt għal amministrazzjoni tajba) jinkludi d-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel tittieħed xi miżura individwali li tolqot b'mod ħażin lil din il-persuna. Fuq l-evidenza li tressqet quddiem l-Ombudsman, jidher li l-ilmentatur qatt ma ngħata l-opportunità li jesprimi l-fehma tiegħu ta' kif suppost ġraw il-fatti li kienu l-bażi ta' l-azzjoni dixxiplinarja li ttieħdet kontrih. Dan jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina. Meta wieħed jikkunsidra li l-kuntratt ta' l-ilmentatur ġie terminat

65 *OJ* L 70/1 tat-13 ta' Marzu 2002.

66 *OJ* Ls 293/2 tad-29 ta' Ottubru 2002.

aktar minn sena ilu, ma jkunx pass tajjeb li wieħed jissuġġerixxi soluzzjoni amikevoli. l-Ombudsman għalhekk jagħmel il-kumment kritiku tiegħu kif jidher hawn taħt.

## 3 It-talbiet ta' l-ilmentatur

3.1 L-ilmentatur jitlob li l-Kunsill għandu jiddikjarah bla ħtija mill-allegazzjonijiet miġjuba kontrih u li għandu jirċievi s-salarju tiegħu tax-xahar kollu ta' Diċembru 2002.

3.2 L-Ombudsman jissuġġerixxi li l-aħjar mod ikun li l-ilmentatur jagħmel dawn it-talbiet direttament lill-Kunsill li jkun jista' jikkunsidrahom fid-dawl ta' dak li sab u tal-konklużjonijiet ta' l-Ombudsman skond paragrafu 2.6 ta' hawn fuq. F'każ ta' risposta mhux sodisfaċenti mill-Kunsill, l-ilmentatur imbagħad ikollu l-possibbiltà li jew jieħu l-każ quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kompetenti jew li jressaq ilment ġdid quddiem l-Ombudsman Ewropew.

## 4 Nuqqas li tingħata tweġiba

4.1 L-ilmentatur jallega li l-Kunsill ma weġibx għaż-żewġ ittri rreġistrati li hu bagħat rigward it-tkeċċija tiegħu. Il-Kunsill ma kkummentax fuq dan il-punt imma qal biss li hu ma daħalx fir-reklutaġġ jew fit-tkeċċija ta' l-ilmentatur.

4.2 L-uffiċċju ta' l-Ombudsman talab lill-ilmentatur kopja taż-żewġ ittri rreġistrati li l-ilmentatur kien bagħat lill-Kunsill. l-ilmentatur ma kellux kopja ta' waħda mill-ittri rreġistrati. Fir-rigward ta' l-ittra l-oħra, bid-data tat-18 ta' Marzu 2003, jidher li kienet intbagħtet bil-posta rreġistrata fid-19 ta' Marzu 2003 lill-Kap ta' Taqsima fid-DĠ A (*Personnel* and Administration) tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

4.3 Il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jitolbu li l-istituzzjonijiet jirrispondu għall-ittri mibgħuta miċ-ċittadini[67]. F'dan il-każ jidher li l-Kunsill la wieġeb għall-ittra ta' l-ilmentatur u lanqas ta raġuni għax naqas li jirrispondi. Dan jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina u l-Ombudsman jagħmel ir-rimarka kritika li tidher hawn taħt.

## 5 Konklużjoni

Skond l-istħarriġ ta' l-Ombudsman f'partijiet 2 u 4 ta' dan l-ilment, huwa neċessarju li jsiru dawn ir-rimarki kritiċi:

*Artikolu 41 taċ-Charter tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea (id-dritt għal amministrazzjoni tajba) jinkludi d-dritt ta' kull persuna li tinstema' qabel ma tittieħed xi miżura individwali li tolqot lil din il-persuna b'mod ħażin. Mill-evidenza li kellu quddiemu l-Ombudsman, jidher li l-ilmentatur qatt ma ngħata l-opportunità li jesprimi ruħhu fuq is-suppost fatti li ffurmaw il-bażi ta' l-azzjoni dixxiplinarja li ttieħdet kontrih. Dan jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina.*

*Il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jitolbu li l-istituzzjonijiet jirrispondu għall-ittri taċ-ċittadini*[68]*. F'dan il-każ jidher li l-Kunsill la rrisponda għall-ittra ta' l-ilmentatur u lanqas spjega r-raġunijiet għan-nuqqas tiegħu li jirrispondi. Dan jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina.*

Meta wieħed jikkunsidra li l-aspetti ta' dan il-każ jikkonċernaw proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' avvenimenti speċifiċi li ġraw fl-imgħoddi, mhux f'loku li wieħed jipprova jsib ftehim amikevoli fuq din il-kwistjoni. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

67 Artikolu 13 tal-Kodiċi Ewropew ta' Imġiba Amministrattiva Tajba.

68 Artikolu 13 tal-Kodiċi Ewropew ta' Imġiba Amministrattiva Tajba.

## 3.4.3 Il-Kummissjoni Ewropea

### INFORMAZZJONI ŻBALJATA FIL-PROĊEDURI GĦAL SEJĦA GĦALL-OFFERTI

*Deċiżjoni dwar ilment 1351/2001/(ME)(MF)BB kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ILMENT

Skond l-ilment imressaq f'Settembru 2001, l-ilmentatur kien il-Project Director ta' Integration GmbH *Consortium* li rrefera għas-sejħa għall-offerti EuropeAid/112404/ C/SV (l-ewwel lot) biex jiġi ssorveljat it-twettiq tal-proġetti (Tacis u Balkans). Hu lmenta f'isem il-*Consortium*.

Fil-5 ta' Ġunju 2001 il-Kummissjoni Ewropea ħarġet sejħa għall-offerti, flimkien ma' sejħa għal erba' lottijiet oħra ta' offerti, biex tiġi sorveljata l-implimentazzjoni tal-proġetti (Tacis u Balkans) permezz ta' kuntratt ta' servizz. Fid-9 ta' Lulju 2001, Integration GmbH *Consortium* xeħtet offerta taħt is-sejħa għall-offerti Numru Europeaid.112404/C/SV (l-ewwel lot) lil EuropeAid Co-operation Office tal-Kummissjoni.

Fit-18 ta' Ġunju 2001, qabel issottometta l-offerta, l-ilmentatur flimkien ma' nies oħra li kienu ser jitfgħu l-offerti tagħhom, talbu għal kjarifika mill-Kummissjoni fuq xi punti fit-*terms of reference*. Waħda mill-mistoqsijiet mill-ilmentatur lill-Kummissjoni kienet dwar l-evalwazzjoni finanzjarja. l-ilmentatur staqsa jekk din kinetx ibbażata fuq il-prezz ta' kull oġġett (*unit price*s) jew inkella fuq il-prezz globali. Fl-20 ta' Ġunju 2001, il-Kummissjoni rrispondiet lill-ilmentatur li "l-evalwazzjoni ta' l-offerta finanzjarja se ssir fuq il-bażi tal-prezz ta' kull oġġett/prezzijiet fissi u fuq il-ħlasijiet" (punt B fl-ittra ta' kjarifika bl-isem Cost breakdown and financial offer). l-ilmentatur konsegwentement ibbaża l-proposta tiegħu fuq l-ipotesi li l-evalwazzjoni finanzjarja kienet se ssir skond il-prezz ta' kull oġġett. Il-proposta ta' l-ilmentatur kien fiha numru kbir ta' "ġranet tax-xogħol minn espert" minħabba li kien jaf li numru akbar ta' ġranet tax-xogħol minn espert mhux awtomatikament ta' detriment għal min ikun qed jitfa' offerta li tkun ibbażata fuq il-prezz ta' kull oġġett.

Fis-7 ta' Settembru 2001, l-ilmentatur sema' xniegħat li hu x'aktarx tilef l-offerta fuq il-bażi tal-prezz globali u li persuna oħra li tefgħet offerta kienet ingħatat il-kuntratt minħabba li l-proposta tiegħu kien fiha ammont ferm inqas ta' "ġranet ta' xogħol minn espert". l-ilmentatur imbagħad kiteb lill-Kummissjoni fil-11 ta' Settembru 2001 biex isaqsi għal kjarifika tal-metodu ta' kif kien ġie evalwat il-prezz. Meta l-ilmentatur kellem lill-Kummissjoni, qalulu li mhux ser jinghata risposta għal din it-tieni ittra. Il-kuntratt ingħata lil persuna oħra li tefgħet l-offerta għall-perjodu ta' sitt xhur.

Fl-ilment tiegħu lill-Ombudsman, l-ilmentatur allega li seta' kien hemm irregolaritajiet fil-mod kif kienet ġiet ipproċessata s-sejħa għall-offerti.

Fil-qosor, it-talbiet ta' l-ilmentatur jidhru fil-punti prinċipali li ġejjin:

(i) L-ilmentatur irid ikun infurmat jekk l-evalwazzjoni kinetx fil-verità ibbażata fuq il-prezz ta' kull oġġett.

(ii) Jekk l-evalwazzjoni finanzjarja saret fuq il-prezz globali, il-Kummissjoni għandha tissospendi l-proċedura u tara mill-ġdid jekk l-użu ta' dan il-metodu ħażin kif kienet saret l-evalwazzjoni wassalx għal klassifika żbaljata ta' l-offerti. Jekk dan kien il-każ, l-offerti kellhom jerġgħu jiġu evalwati fuq il-prezz ta' kull oġġett.

L-ISTĦARRIĠ

## L-opinjoni tal-Kummissjoni

Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni Ewropea, fil-qosor, għamlet dawn il-punti li ġejjin:

L-ilmentatur ikkuntattja lid-dipartimenti tal-Kummissjoni kemm-il darba waqt li kienu għaddejjin il-proċeduri dwar l-offerti. Il-Kummissjoni dehrilha li l-imġiba ta' l-ilmentatur setgħet tiġi meqjusa bħala tentattiv biex jikseb informazzjoni kunfidenzjali fuq il-proċeduri dwar l-offerti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni esprimiet "id-diżapprovazzjoni qawwija tagħha tal-mod kif l-ilmentatur uża proċedura ta' arbitraġġ (…) l-ilment jidher li kien sar biss biex jinfluwenza d-dipartimenti tal-Kummissjoni waqt il-proċeduri dwar l-offerta".

Il-kuntratt intrebaħ skond ir-regoli proċedurali li kien hemm fis-seħħ, b'mod partikulari Taqsima 4 tal-Manual of Procedures. l-offerta ta' l-ilmentatur kienet twarrbet għax kienet l-inqas li kienet effettiva f'termini ta' prezz.

Dwar il-kriterji biex jingħata l-kuntratt, is-sejħa għall-offerti tgħid li "l-offerta finanzjarja trid turi dan li ġej: il-*budget* kollu tas-servizzi li jissemmew fit-*terms of reference* l-ewwel, għall-ewwel sena. Dan il-*budget* ikun il-bażi tal-mod kif tiġi evalwata l-offerta." Taqsima 11.10.02 tal-Manual of Procedures tfisser ir-regoli tal-mod kif issir l-evalwazzjoni finanzjarja ta' l-offerti.

Punt B ta' l-ittra ta' kjarifika li ntbagħtet lill-ilmentatur fl-20 ta' Ġunju 2001 m'għandhiex tintuża barra mill-kuntest tagħha u barra mid-dispożizzjonijiet tas-sejħa għall-offerti u tad-dokumentazzjoni fuq l-offerta. Għalkemm ittra ta' kjarifika kienet intbagħtet lil kull min tefa' offerta, l-ilmentatur kien l-uniku wieħed li uża dan il-punt biex iqajjem dubju fuq il-proċedura dwar l-offerti u dan juri n-nuqqas ta' loġika fl-interpretazzjoni tiegħu ta' din il-proċedura.

Għal kuntratti li jaraw kif ikunu qed jitwettqu l-proġetti, l-evalwazzjoni finanzjarja dejjem issir fuq il-bażi tal-prezz globali. Din il-kwistjoni qatt qabel ma tqajjmet f'sejħiet oħra għall-offerti li kienu saru qabel. Meta wieħed jikkunsidra li l-ilmentatur kien rebaħ sejħiet għall-offerti għas-sistema ta' qabel għal kontroll fuq il-mod kif jitwettqu l-proġetti, hu suppost li kellu jkun infurmat sew fuq ir-regoli dwar sejħiet għall-offerti.

L-Advisory Committee on Procurement and Contracts (minn issa 'l quddiem l-ACPC) tal-Kummissjoni Ewropea kien ta opinjoni favorevoli fuq l-għażla tal-Kummissjoni fid-19 ta' Settembru 2001. Din l-opinjoni ċċertifikat li l-evalwazzjoni teknika u finanzjarja ta' l-offerti kienet saret skond l-informazzjoni li tidher fil-Manual of Procedures, id-dispożizzjonijiet ta' l-offerti u l-ittra ta' kjarifika lil min kien għamel l-offerti.

## Id-dikjarazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fil-qosor fid-dikjarazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur għamel dawn il-punti li ġejjin:

Meta ressaq l-ilment lill-Ombudsman, l-ilmentatur deherlu li hu kien għażel il-proċedura t-tajba.

L-ilmentatur ikkuntattja d-dipartimenti tal-Kummissjoni bosta drabi waqt li kienu għaddejjin il-proċeduri dwar l-offerti. Hu kellu f'rasu li jwissi lill-Kummissjoni fuq il-possibbiltà ta' amministrazzjoni ħażina bbażata fuq *terms of reference* li ma kinux ċari, fuq ittra ta' kjarifika li kienet żbaljata u fuq ksur tal-metodi Tacis ta' monitoraġġ li qed jintużaw fil-mument. l-ilmentatur ma kien ħa ebda inizjattiva biex jikkuntattja lill-Kummissjoni biex jikseb aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali. Għall-kuntrarju, informazzjoni fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni lill-ACPC kienet ingħatat lill-*consortium* minn diversi sorsi oħra.

Kienet sewwa sew l-esperjenza tal-ħames kumpaniji tal-*consortium* li ressaq l-offerta li wasslithom biex isaqsu għal ittra ta' kjarifika. Kien il-fatt li huma jafu sewwa id-differenzi fondamentali bejn il-metodu Tacis ta' monitoragg u l-metodu Global li wassalhom biex jiftħu għajn il-Kummissjoni. l-ilmentatur kien jaf li għall-metodu Global ta' monitoraġġ (lottijiet 2-5), iż-żjarat annwali ta' monitoraġġ kienu definiti b'mod preċiż u li l-evalwazzjoni finanzjarja kellha tkun ibbażata fuq

il-prezzijiet globali. Għall-kuntrarju, għall-monitoraġġ bil-metodu Tacis (lot 1), l-ammont ta' monitoraġġ li kien meħtieġ kien definit biss b'mod vag fit-*terms of reference* ("l-ammont ta' żjarat ta' monitoraġġ ta' kull sena ikun stabbilit ….. wara li jkunu magħrufa l-ħtiġiet individwali tal-*Project managers* …..”). Kien għax l-ilmentatur jaf li f'każijiet bħal dawn l-evalwazzjoni finanzjarja tkun ibbażata fuq il-prezz ta' kull oġġett, skond ir-Rapport Speċjali numru 16/2000 tal-Qorti tal-Verifika, li l-ilmentatur talab lill-Kummissjoni għal kjarifika.

Barra minn hekk, l-ilmentatur iddikjara li s-sentenza "l-evalwazzjoni ta' l-offerta finanzjarja se ssir fuq il-bażi tal-prezz ta' kull oġġett/prezzijiet fissi" li tidher fl-ittra ta' kjarifika mibgħuta mill-Kummissjoni ma kienet tinstab f'ebda dokumentazzjoni oħra li hu kellu. Għalhekk l-ilmentatur bena l-proposti tiegħu skond l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Verifika dwar il-metodu li għandu jiġi wżat f'każijiet li ma jkunux ċari.

L-ilmentatur qabel mija fil-mija mal-Kummissjoni li din is-sentenza fl-ittra ta' kjarifika għandha tiftiehem fil-kuntest tad-dokumentazzjoni kollha li tinkludi s-sejħa għall-offerti u d-*dossier* tas-sejħa għall-offerti. Madankollu, l-għan ta' l-ilmentatur ma kienx limitat għall-ittra ta' kjarifika imma kien jirreferi wkoll għal għadd ta' paragrafi fit-*terms of reference*.

Fl-opinjoni tagħha fuq l-ilment, il-Kummissjoni kkwotat definizzjoni differenti tar-regoli dwar il-proċeduri ta' evalwazzjoni finanzjarja minn dik li ssemmiet fl-ittra ta' kjarifika. Id-dokumentazzjoni li hija aċċessibbli għall-kumpaniji li jieħdu sehem f'sejħa għall-offerti, kif tidher fil-*website* ta' l-Europeaid tal-Kummissjoni, ma tinkludix Manual of Procedures bħal dan. l-ilmentatur ibbaża l-proposta tiegħu fuq id-dokument imsejjaħ Practical Guide to EC external aid contract procedures li jġib id-data ta' Jannar 2001 fejn is-sezzjoni 11.10.02 ma teżistix. Skond l-ilmentatur, din il-gwida hija bbażata fuq dokument li kien ġie adottat fl-10 ta' Novembru 1999 mill-Common Service for External Relations imsejjaħ Manual of Instructions. l-ilmentatur assuma li l-Kummisjoni kienet jew qed tikkwota dokument intern jew verżjoni preċedenti ta' dan il-Manual of Instructions.

Fl-aħħarnett l-ilmentatur ikkonkluda li hu xtaq li f'dan il-każ tinstab "soluzzjoni amikevoli bejniethom minn ġewwa".

### Aktar dikjarazzjonijiet mill-ilmentatur

Fit-30 ta' Mejju 2002, l-ilmentatur bagħat aktar dikjarazzjonijiet lill-Ombudsman Ewropew. Hu wera l-urġenza ta' l-ilment tiegħu għax il-Kummissjoni kienet tat dan il-kuntratt kontroversjali għal sitt xhur li kienu jagħlqu fil-15 ta' Ġunju 2002. Hu saħaq ukoll li hu jixtieq li din il-kwistjoni tingħalaq b'mod paċifiku.

## L-ISFORZI TA' L-OMBUDSMAN BIEX TINSTAB SOLUZZJONI AMIKEVOLI

### Il-possibbiltà ta' soluzzjoni amikevoli

Wara konsiderazzjoni bir-reqqa ta' l-opinjoni tal-Kummissjoni u tad-dikjarazzjonijiet ta' l-ilmentatur, il-konklużjoni proviżorja ta' l-Ombudsman kienet li seta' kien hemm każ ta' amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni. Ir-raġunijiet għal din il-konklużjoni fil-qosor kienu kif ġej:

L-Ombudsman Ewropew innota li fl-ittra ta' kjarifika tal-Kummissjoni u li ntbagħtet lil kull min wieġeb għas-sejħa għall-offerti, il-Kummissjoni ddikjarat li l-evalwazzjoni finanzjarja se ssir fuq il-bażi tal-prezz ta' kull oġġett. Skond ir-regoli tal-proċedura ta' sejħa għall-offerti, ittra ta' kjarifika, li tkun intbagħtet lil kull min ikun wieġeb għas-sejħa għall-offerti, torbot lill-Kummissjoni. Iżda, wara, fl-opinjoni tagħha il-Kummissjoni ddikjarat li f'kuntratti ta' monitoraġġ, li huwa t-tip ta' kuntratt f'dan il-każ, l-evalwazzjoni ssir dejjem fuq il-bażi tal-prezz globali. l-Ombudsman deherlu li meta ddikjarat li kienet se tapplika l-prezz ta' kull oġġett u meta mbagħad applikat il-metodu tal-prezz ġenerali totali, il-Kummissjoni naqset li timxi mar-regoli li jirregolaw il-proċeduri għal sejħa għall-offerti.

Fil-15 ta' Lulju 2002, l-Ombudsman għalhekk għamel proposta lill-Kummissjoni għal soluzzjoni amikevoli skond Artikolu 3 (5) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman. Fl-ittra, l-Ombudsman stieden lill-

Kummissjoni biex tikkunsidra li tieħu passi biex tissodisfa lill-ilmentatur u b'hekk tilħaq soluzzjoni amikevoli li telimina dan l-eżempju possibbli ta' amministrazzjoni ħażina.

### Ir-risposta tal-Kummissjoni

Fir-risposta tagħha tat-18 ta' Novembru 2002, il-Kummissjoni nfurmat lill-Ombudsman li ma kinetx f'pożizzjoni li taċċetta s-soluzzjoni proposta mill-Ombudsman Ewropew. Il-Kummissjoni formalment ma qablitx mal-konklużjonijiet ta' l-ilmentatur u ma aċċettatx li s-servizzi tagħha jiġu meqjusa responsabbli għall-interpretazzjoni ħażina tiegħu. Il-Kummissjoni kkunsidrat li s-servizzi tagħha kkonformaw mar-regoli u l-prinċipji li jirregolaw il-proċedura ta' sejħa għall-offerti.

Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni li fid-dikjarazzjonijiet tiegħu lill-Ombudsman Ewropew, l-ilmentatur iddikjara li kien bena l-proposta tiegħu fuq il-Practical Guide to EC external aid contract procedures. Iżda, kontra ta' dak li l-ilmentatur implika, il-Practical Guide isemmi li l-Kummissjoni tista' tikkonkludi biss żewġ tipi ta' kuntratt ta' servizzi u tuża żewġ evalwazzjonijiet finanzjarji differenti.

L-ewwel waħda hija msejħa kuntratt ta' prezz globali fejn l-offerta finanzjarja tkun tikkonsisti f'karta waħda li trid tiddikjara l-prezz globali ta' min jitfa' l-offerta biex jipprovdi s-servizzi skond l-offerta teknika tiegħu.

Għat-tieni waħda, kuntratt ibbażat fuq il-ħlasijiet, l-evalwazzjoni ssir fuq il-bażi ta' l-ammont totali li jirriżulta mill-multiplikazzjoni tar-rata tal-pagament man-numru li jikkorrispondi mal-ġranet ta' xogħol. l-offerta finanzjarja trid tinkludi l-*budget* maqsum f'ammonti iżgħar u stima ta' kif se jkun id-dħul u l-ħruġ tal-flus. Ir-rati tal-ħlasijiet li għandhom isiru lill-esperti li l-Konsulent jipprovdi biex jagħmlu s-servizzi, flimkien ma' l-ammont tan-nefqa inċidentali, jridu jidhru fil-mod kif ikun maqsum il-*budget*.

Minkejja li kien bena l-proposta tiegħu fuq il-Practical Guide, l-ilmentatur deherlu li s-servizzi tal-Kummissjoni kellhom jużaw it-tielet metodu li jipparaguna l-medja tal-prezz ta' kull oġġett (average *unit price*), ħaġa li mhix prevista fil-Practical Guide. Il-Kummissjoni enfasizzat li r-rapport numru 16/2000 tal-Qorti tal-Verifika, li l-ilmentatur semma biex jiġġustifika l-interpretazzjoni tiegħu, ifisser li l-metodu tal-medja tal-prezz ta' kull oġġett waqt il-proċeduri ta' evalwazzjoni ġie mwarrab.

Skond il-Kummissjoni, fil-kuntest tal-metodi li jissemmew fil-Practical Guide u wara li kkunsidrat li l-kuntratt ma kienx kuntratt ibbażat fuq il-prezz totali, il-kjarifika li ngħatat mis-servizzi enfasiżżat li bejn iż-żewġ metodi ta' evalwazzjoni, l-evalwazzjoni kienet se ssir fuq il-metodu li jipparaguna l-prezz ta' kull oġġett/prezzijiet fissi u l-ħlasijiet u ma kinetx se ssir bil-metodu tal-prezz globali. Għalhekk, il-Kummissjoni dehrilha li l-kjarifika lil min kien tefa' l-offerta kienet dwar il-metodu previst u li l-evalwazzjoni finanzjarja kienet konformi mar-regoli dwar il-proċedura għal sejħa għall-offerti.

Il-Kummissjoni enfasiżżat li l-ilmentatur kien l-uniku wieħed minn total ta' 26 li tefgħu offerta u li rċevew l-istess kjarifika, li kien nterpreta ħażin din il-kjarifika. Skond il-Kummissjoni, il-kjarifika li ngħatat mis-servizzi fuq il-proċedura ta' l-għotja ntużat fuq il-lottijiet kollha, u l-ilmentatur kien ippreżenta offerta għal erba' lottijiet oħra mingħajr ma kkontesta l-evalwazzjoni finanzjarja tagħhom.

### Il-kummenti ta' l-ilmentatur fuq ir-risposta tal-Kummissjoni

Fil-kummenti tiegħu fuq din l-opinjoni, fil-qosor, l-ilmentatur għamel dawn il-punti li ġejjin:

L-argumenti tal-Kummissjoni juru l-istat ta' konfużjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-metodu ta' evalwazzjoni. Fir-risposta tagħha il-Kummissjoni rreferiet għal dokumenti li ma ssemmewx fid-dokumenti li ħarġet dwar is-sejħa għall-offerti. Jekk il-Kummissjoni kienet bi ħsiebha timxi fuq kuntratt ibbażat fuq il-ħlasijiet, f'dan il-każ ma kkonformatx mar-regoli tagħha stess li kienet ikkwotat għal aktar minn darba.

L-ittra ta' kjarifika kienet torbot lill-Kummissjoni skond ir-regoli ta' proċedura għal sejħa għall-offerti. Iżda, il-"kjarifika" mogħtija mill-Kummissjoni kienet tagħti informazzjoni ħażina u ma kinetx ibbażata fuq l-istruzzjonijiet tal-Kummissjoni. l-ilmentatur kkontesta l-argument li l-metodu tal-prezz ta' kull oġġett kien ġie abbandunat.

Skond l-ilmentatur, il-Kummissjoni ppruvat tiskredita lill-ilmentatur u tħassar il-kredibilità u l-integrità ta' l-ilmentatur meta semmiet li l-*consortium* kien l-uniku wieħed li lmenta fost is-26 li tefgħu offerta. Għall-kuntrarju, żewġ proposti biss għall-ewwel lott kienu ġew evalwati. Kien ovvju li l-konsorzju li rebaħ ma kellu l-ebda raġuni biex jilmenta.

In-nuqqas ta' azzjoni mill-Kummissjoni wassal għal ħsara diretta jew indiretta kif ġej -

(a) Telf finanzjarju

- Telf ta' kuntratt ta' servizz għal 3 snin;
- Kumpens u "honoraria li tkopri ċertu żmien" li tħallas lill-istaff prinċipali biex iżżommhom magħha f'każ li l-kwistjoni tissolva malajr;
- Telf ta' disa' membri ewlenin mill-istaff ta' monitoraġġ li kellu kwalifiki mill-aqwa li ssieħbu mal-konsorzju rebbieħ;
- Il-kont tal-pariri legali u ż-żmien sostanzjali biex twieġbu d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni.

(b) Ħsara mhux finanzjarja

Ħsara lir-reputazzjoni u l-integrità ta' l-ilmentatur minħabba allegazzjonijiet ta' natura kważi personali min-naħa tal-Kummissjoni.

L-ilmentatur ikkonkluda l-osservazzjonijiet tiegħu billi nsista għal soluzzjoni amikevoli mingħajr dewmien biex tiġi evitata tilwima legali fit-tul.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Il-kritika tal-Kummissjoni għax l-ilmentatur ħa passi quddiem l-Ombudsman

1.1 Fl-opinjoni tagħha dwar l-ilment, il-Kummissjoni kienet fissret "id-diżapprovazzjoni qawwija tagħha għall-mod kif l-ilmentatur kien uża l-proċedura ta' arbitraġġ. l-ilment jidher li tressaq biss biex jinfluwenza id-dipartimenti tal-Kummissjoni waqt li kienet miexja l-proċedura dwar is-sejħa għall-offerti". l-Ombudsman Ewropew fehem li din il-kritika kienet qed tirreferi għall-fatt li l-ilmentatur ilmenta ma' l-Ombudsman Ewropew qabel ma ntemm il-proċess biex tingħata l-offerta.

L-Ombudsman ħass li hu neċessarju li jagħmel dawn il-kummenti li ġejjin fuq dan l-aspett ta' l-opinjoni tal-Kummissjoni.

1.2 Id-dritt li persuna tilmenta ma' l-Ombudsman Ewropew huwa garantit mit-Trattat tal-KE u miċ-*Charter* tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea. l-Ombudsman ma jħossx li kien f'loku li istituzzjoni li jkun hemm ilment kontra tagħha tagħżel li tispekula fuq ir-raġunijiet li persuna tagħżel li teżerċita d-dritt fondamentali tagħha li tagħmel ilment.

1.3 L-Ombudsman ġibed l-attenzjoni fuq il-fatt li stħarriġ mill-Ombudsman m'għandux il-forza li jwassal għal sospensjoni ta' proċeduri amministrattivi, u lanqas ma jista' l-Ombudsman iwarrab deċiżjoni biex jingħata kuntratt. Ilment lill-Ombdsman għalhekk mhux xi proċedura tat-tip prevista mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ Alcatel fejn min jitfa' sejħa għall-offerti jista' jfittex li tiġi mistħarrġa d-deċiżjoni ta' min qed jagħti l-kuntratt qabel ma fil-fatt il-kuntratt jingħata. Madankollu, persuna li titfa' offerta u li tixtieq tuża rimedju mhux ġudizzjarju għandha l-possibbiltà li tressaq ilment quddiem l-Ombudsman dwar amministrazzjoni ħażina fil-proċeduri biex jingħata kuntratt.

1.4 F'dan il-kuntest, l-Ombudsman ħass li jkun utli li jsemmi li dan il-każ ifforma parti mill-isfond għall-istħarriġ li wettaq fuq inizjattiva personali tiegħu stess l-Ombudsman (OI/2/2002/IJH) fuq ir-rimedji li jeżistu għal persuni li jkunu tefgħu offerti fi proċeduri għal sejħa ta' offerti li tkun organiżżata mill-Kummissjoni. l-istħarriġ fuq inizjattiva personali, li għadu għaddej, m'għandux x'jaqsam mas-suġġett ta' dan il-każ.

## 2 L-allegati irregolaritajiet fil-proċedura tas-sejħa għall-offerti

2.1 L-ilmentatur allega li seta' kien hemm irregolaritajiet fil-mod kif tmexxew il-proċeduri tas-sejħa għall-offerti. l-ilmentatur irid li jsir jaf jekk hux tassew li l-evalwazzjoni kienet ibbażata fuq il-prezzijiet ta' kull oġġett.

2.2 Il-Kummissjoni argumentat li l-kuntratt ingħata skond ir-regoli proċedurali fis-seħħ u li l-Advisory Committee on Procurement and Contracts kien ta opinjoni favorevoli.

2.3 Dwar il-bażi ta' l-evalwazzjoni, l-opinjoni tal-Kummissjoni kienet li, għall-kuntratti ta' monitoraġġ, l-evalwazzjoni dejjem issir fuq il-bażi tal-prezz globali. l-Ombudsman għalhekk ħass li t-talba ta' l-ilmentatur biex ikun infurmat kienet ġiet milqugħa.

2.4 L-Ombudsman deherlu li fir-risposta tagħha għall-proposta ta' l-Ombudsman għal soluzzjoni amikevoli, il-Kummissjoni għarfet li fir-risposta tagħha għat-talba ta' l-ilmentatur għal kjarifika dwar is-sejħa għall-offerti, kienet iddikjarat li l-metodu tal-prezz globali ma kienx se jintuża. Minħabba li l-opinjoni tal-Kummissjoni sostniet li l-metodu ta' prezz globali huwa dejjem użat għall-kuntratti ta' monitoraġġ, jidher li l-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni żbaljata f'risposta għal talba mill-ilmentatur għal kjarifika dwar is-sejħa għall-offerti u b'hekk naqset li tikkonforma mar-regoli dwar il-proċeduri li għandhom jintużaw biex jingħata kuntratt. Ħaġa bħal din tikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina u l-Ombudsman għadda r-rimarka kritika li tidher hawn taħt.



## 3 Id-dikjarazzjonijiet ta' l-ilmentatur

3.1 Id-dikjarazzjoni oriġinali ta' l-ilmentatur kienet li, jekk l-evalwazzjoni finanzjarja saret fuq il-bażi tal-prezz globali, il-Kummissjoni kellha twaqqaf il-proċeduri u terġa' tqis jekk l-użu ta' dan il-metodu ħażin ta' evalwazzjoni rriżultax fi klassifika li ma kinetx korretta ta' l-offerti li daħlu. Jekk dan huwa l-każ, il-proposti għandhom jerġgħu jiġu evalwati fuq il-bażi tal-prezzijiet ta' kull oġġett.

Fil-kummenti tiegħu dwar ir-risposta tal-Kummissjoni għall-proposta ta' l-Ombudsman għal soluzzjoni amikevoli, l-ilmentatur ressaq talba ġdida għad-danni.

3.2 Dwar id-dikjarazzjoni oriġinali ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman fakkar li, kif inhu msemmi f'punt 1.3 hawn fuq, ilment lill-Ombudsman m'għandux forza li jwassal għal sospensjoni fuq proċeduri amministrattivi, kif lanqas ma jista' l-Ombudsman iwarrab deċiżjoni li jingħata kuntratt. Barra minn hekk, l-Ombudsman osserva li l-proċeduri dwar is-sejħa għall-offerti in kwistjoni wasslet biex jingħata kuntratt, li skada fil-15 ta' Ġunju 2002. Għalhekk, l-Ombudsman ikkonkluda li mhux aktar possibli li jilqa' t-talba ta' l-ilmentatur biex titwaqqaf u terġa' issir l-evalwazzjoni.

3.3 F'dak li għandu x'jaqsam mat-talba ġdida ta' l-ilmentatur għad-danni, l-Ombudsman innota li l-ilmentatur insista għal soluzzjoni amikevoli malajr tal-każ. Madankollu l-Ombudsman ħass li f'dan il-każ, ma kienx possibbli għalih li jasal għal soluzzjoni amikevoli minħabba li l-Kummissjoni kienet ġa ma laqgħetx il-proposta ta' l-Ombudsman għal soluzzjoni amikevoli. l-Ombudsman għalhekk deherlu li kienet ħaġa xierqa li jagħlaq il-każ b'rimarka kritika dwar il-każ ta' amministrazzjoni ħażina identifikata f'paragrafu 2.4 hawn fuq u biex l-ilmentatur jindirizza t-talba ġdida tiegħu għad-danni direttament lill-Kummissjoni. l-Ombudsman innota li l-ilmentatur kien jaf li seta' jibda proċeduri legali biex isostni t-talba tiegħu.

## 4 Konklużjoni

Mill-istħarriġ ta' l-Ombudsman fuq dan l-ilment, huwa neċessarju li ssir din il-kritika li ġejja:

*L-Ombudsman innota li fir-risposta tagħha għall-proposta ta' l-Ombudsman għal soluzzjoni amikevoli, il-Kummissjoni għarfet li fir-risposta tagħha għat-talba ta' l-ilmentatur għal kjarifika għas-sejħa ta' l-offerti kien hemm li l-metodu ta' prezz globali ma kienx se jintuża. Minħabba li fl-opinjoni tagħha l-Kummissjoni ddikjarat li l-metodu ta' prezz globali huwa dejjem użat fil-kuntratti ta' monitoraġġ, deher li l-Kummissjoni kienet ipprovdiet informazzjoni mhux korretta f'risposta għal kjarifika dwar sejħa għall-offerti u b'hekk naqset li tikkonforma mar-regoli ta' kif għandhom jitmexxew il-proċeduri għall-għażla ta' l-offerti. Dan jikkostitwixxi każ ta' amministrazzjoni ħażina.*

Għar-raġunijiet indikati f'punt 3.3 tad-deċiżjoni, l-Ombudsman ikkunsidra li ma kienx possibbli għalih li jasal għal soluzzjoni amikevoli f'dan il-każ. Meta wieħed jikkunsidra li l-kritika tikkonċerna proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' każijiet speċifiċi tal-passat, mhux xieraq li l-każ ikompli jiġi segwit. Għalhekk l-Ombudsman jagħlaq il-każ.

## IT-TĦADDIM TAL-PROGRAMM IST

### *Deċiżjoni dwar ilment 221/2002/ME kontra l-Kummissjoni Ewropea*

Fi Frar 2002, tressaq ilment quddiem l-Ombudsman f'isem MRA Consultants Limited kontra l-Kummissjoni Ewropea rigward it-tħaddim tal-Programm IST taħt il-Fifth Framework Programme. Fil-qosor, l-ilmentatur allega li l-Programm IST ma kienx qed jitħaddem sew waqt li kienu ntużaw kriterji ta' evalwazzjoni żbaljati fis-sena 2000. l-ilmentatur ġibed attenzjoni l-aktar li l-evalwazzjoni fis-sena 2000 kienet ibbażata fuq il-finanzjament għal kull sieħeb minflok finanzjament għal kull min jagħmel użu mill-Programm kif hemm imniżżel fil-Guide for Proposers ta' l-IST. l-ilmentatur talab li jkun hemm tmexxija aħjar u aktar effettiva tal-Programm IST u li jintużaw kriterji ta' evalwazzjoni li jkunu korretti.

Il-Kummissjoni qalet li kienet ħadet l-allegazzjonijiet ta' l-ilmentatur b'mod serju ħafna, iċċekkjat l-evalwazzjoni li kienet saret u spjegat lill-ilmentatur f'diversi okkażjonijiet il-pożizzjoni tagħha. l-evalwazzjoni kienet ibbażata fuq dak li kienet tgħid is-sejħa għall-proposti, il-programm ta' xogħol u l-Evaluation Manual u għaldaqstant kienu ntużaw kriterji ta' evalwazzjoni tajbin. Skond il-Kummissjoni, it-termini "sieħeb" fil-Programm u "min jagħmel użu" mill-Programm kienu kliem li setgħu jinbidlu.

L-Ombudsman sab li, skond l-Evaluation Summary Report, l-aħjar proposta ma laħqitx il-livell li kien stabbilit ta' tlieta minn ħames kriterji li kienu applikabbli. Dawn il-ħames kriterji kienu l-istess bħal dawk ta' l-Evaluation Manual li kienu applikabbli għas-sejħa. Barra dan, l-Ombudsman innota li fis-sejħa għall-proposti ma kienx hemm imsemmi li l-Guide for Proposers kellu jitqies bħala dokument li jorbot u li l-Guide for Proposers innifsu ddikjara li ma kienx qed jieħu post ir-regoli u l-kundizzjonijiet relevanti. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ombudsman ma ħassx li kien ġie ippruvat li l-Kummissjoni kienet applikat kriterji ta' evalwazzjoni ħżiena.

Madankollu l-Ombudsman sab li kien neċessarju li jagħmel rimarka kritika dwar l-użu mill-Kummissjoni tal-kliem "min jagħmel użu" u "sieħeb". l-Ombudsman fakkar li l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jirrikjedu li l-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni preċiża liċ-ċittadini. Il-Kummissjoni għalhekk għandha tevita li tippreżenta informazzjoni b'mod li jista' jfixkel jew li jkun kumplikat meta ma jkunx hemm għalfejn. l-Ombudsman innota li, fi kliem li jintuża kuljum, il-kliem min jagħmel użu u sieħeb ma jfissrux l-istess ħaġa. l-Ombudsman innota wkoll li l-programm imsemmi kien jitmexxa skond numru kbir ta' dokumenti, ta' natura legali li tvarja u b'ħafna annotazzjonijiet varji. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ombudsman deherlu li l-użu tal-kliem min jagħmel użu u sieħeb mill-Kummissjoni b'mod li jistgħu jinbidlu ma' xulxin kien ostaklu żejjed u ta' tfixkil biex issir komunikazzjoni ċara maċ-ċittadini.

## L-ALLEGAT FALLIMENT BIEX TITTIEĦED DEĊIŻJONI F'ILMENT TA' KSUR TAL-LIĠI (ARTIKOLU 226 KE)

*Deċiżjoni dwar ilment 1237/2002/(PB)OV kontra l-Kummissjoni Ewropea*

### L-ILMENT

L-oriġini ta' dan l-ilment kien ilment preċedenti li tressaq quddiem l-Ombudsman (801/2000/(ME)PB) li sar mill-ilmentatur rigward l-istess suġġett u li kien ingħalaq fit-8 ta' Ġunju 2001. F'dak l-ilment preċedenti, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni Ewropea ma kinetx imxiet sew fuq l-ilment tiegħu ta' ksur tal-liġi mid-Danimarka. Dan l-ilment fuq ksur tal-liġi kien tressaq lill-Kummissjoni u rreġistrat mis-Segretarjat Ġenerali tagħha f'Jannar tas-sena 1998. l-ilment li għamel l-ilmentatur kontra l-awtoritajiet Daniżi kien, fil-qosor, li t-taxxa li huma jagħmlu fuq karozzi wżati mpurtati minn Stati Membri oħra ta' l-UE tmur kontra r-regoli tal-KE fuq moviment ħieles. Fir-risposta tagħha għal din l-allegazzjoni, il-Kummissjoni qalet li r-raġuni għad-dewmien biex tieħu pożizzjoni finali rigward dan l-ilment dwar ksur tal-liġi kienet minħabba każ fil-qorti li għadu għaddej u li xtaqet tistenna r-riżultat tiegħu. l-Ombudsman aċċetta l-pożizzjoni tal-Kummissjoni u nnota wkoll li l-Kummissjoni intrabtet li tieħu deċiżjoni fuq l-ilment ta' ksur tal-liġi f'Ottubru 2001, b'liema deċiżjoni l-ilmentatur u l-Ombudsman kellhom jiġu infurmati.

Fil-15 ta' Frar 2002, l-ilmentatur informa lill-Ombudsman li hu ma kien irċieva l-ebda informazzjoni mill-Kummissjoni rigward l-ilment tiegħu. l-Ombudsman talab lill-Kummissjoni tikkummenta fuq din l-istqarrija. Il-Kummissjoni wieġbet li d-dewmien kien minħabba każijiet ġodda fil-qorti u n-nuqqas minn xi Stati Membri li jirrispondu għal talba għall-opinjonijiet. Il-Kummissjoni tenniet l-intenzjoni tagħha li tinforma lill-ilmentatur bir-riżultat ta' l-ilment tiegħu dwar ksur tal-liġi, imma din d-darba l-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda żmien li fih kellha tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

F'Ġunju 2002, l-ilmentatur xorta waħda kien għadu ma rċieva ebda informazzjoni fuq xi deċiżjoni li ttieħdet mill-Kummissjoni rigward l-ilment tiegħu dwar ksur tal-liġi. Hu għalhekk ressaq dan it-tieni lment kontra l-Kummissjoni lill-Ombudsman.

Fl-ilment tiegħu, imressaq f'Ġunju 2002, l-ilmentatur allega li l-Kummissjoni kienet marret kontra amministrazzjoni tajba meta naqset li tieħu pożizzjoni fuq kwistjonijiet li hu qajjem fl-ilment tiegħu dwar ksur tal-liġi. l-ilmentatur iddikjara li l-Kummissjoni għandha tieħu pożizzjoni minnufih fuq il-kwistjonijiet mqajjma fl-ilment tiegħu dwar ksur tal-liġi.

### L-INKJESTA

#### L-opinjoni tal-Kummissjoni

L-opinjoni tal-Kummissjoni tagħraf il-fatt li t-tliet kwistjonijiet mressqa mill-ilmentatur għad iridu jiġu mwieġba.

1 L-ewwel kwistjoni tikkonċerna l-kiri għal żmien fit-tul minn fruntiera għall-oħra ta' vetturi li huma reġistrati l-Ġermanja imma bil-ħsieb li jintużaw fid-Danimarka. Il-Kummissjoni nfurmat lill-ilmentatur li xtaqet tistenna l-verdett tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każ C-451/99 Cura Anlagen GmbH qabel tieħu xi inizjattiva oħra rigward ir-regoli li jikkonċernaw il-kera ta' vetturi għal żmien fit-tul minn fruntiera għall-oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja tat il-verdett tagħha fil-21 ta' Marzu 2002. Il-Kummissjoni fi żmien qasir se ddur fuq l-iStati Membri kollha u tistaqsihom jekk ir-regoli u r-regolamenti tagħhom jaqblux ma' dan il-verdett.

2 It-tieni kwistjoni tikkonċerna t-taxxa Daniża fuq karozzi wżati li jiġu importati fid-Danimarka minn pajjiż ieħor ta' l-UE. Il-Kummissjoni nfurmat lill-ilmentatur bl-għan tagħha li tistenna d-deċiżjoni tal-Qorti f'Każ C-393/98 Gomes Valente. Flimkien ma' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistenna wkoll ir-riżultat ta' Każ C-101/00 Antti Siilin. Il-verdett f'dan l-aħħar każ ingħata biss ftit taż-żmien ilu, fid-19 ta' Settembru 2002. Barra minn hekk, fl-1 ta' Ġunju 2001, il-Kummissjoni

indirizzat Komunikazzjoni lill-iStati Membri kollha biex tgħarrafhom bil-konsegwenzi tad-deċiżjoni tal-Qorti fil-każ ta' Gomes Valente. Fir-risposta għal dik il-Komunikazzjoni, id-Danimarka assigurat lill-Kummissjoni li r-regoli tagħha huma konformi mar-riżultat tal-każ Gomes Valente. Madankollu xi wħud mill-iStati Membri għadhom ma bagħtux risposta għal din il-Komunikazzjoni. Minħabba li l-Kummissjoni tħoss li din hija kwistjoni li trid tiġi ttrattata bħala parti minn strateġija ġenerali, il-Kummissjoni għadha ma waslitx f'qagħda li tieħu deċiżjoni fir-rigward ta' l-ilment ta' ksur tal-liġi li ressaq l-ilmentatur.

3 It-tielet kwistjoni tikkonċerna l-kwalifiki ta' persuni li jagħtu stima tal-vetturi wżati u mpurtati fid-Danimarka. Din l-istima hija importanti ħafna għall-ammont ta' taxxa ta' reġistrazzjoni Daniża li trid titħallas fuq vettura wżata li tiġi importata. l-ilmentatur m'għamilhiex ċara jekk il-persuni humiex persuni privati jew uffiċjali. Il-Kummissjoni għandha tikteb lill-ilmentatur biex tiċċara dan il-punt. Barra minn hekk, il-Kummissjoni saret taf biss b'dan minn dokumenti li l-ilmentatur bagħat lill-Ombudsman. Kieku l-ilmentatur ikkomunika direttament mal-Kummissjoni kien ikun possibbli li l-Kummissjoni tieħu ħsieb din il-kwistjoni aktar kmieni.

Fi ftit kliem, fl-opinjoni tagħha l-Kummissjoni tikkonkludi li hi ma naqsitx li twettaq l-obbligi tagħha lejn l-ilmentatur. l-ilmentatur se jkun infurmat personalment fuq il-mod kif il-Kummissjoni fi ħsiebha tkompli taħdem fuq l-ilment tiegħu. Iżda il-pjan ta' azzjoni li ntgħażel għandu jsolvi l-problema fl-istess ħin fl-iStati Membri kollha permezz ta' kooperazzjoni u bil-ħruġ ta' Komunikazzjoni miktuba fi kliem ċar u sempliċi.

Il-Kummissjoni tiġbed wkoll l-attenzjoni li minħabba nuqqas ta' *staff* hija għandha tikkonċentra fuq kwistjonijiet b'implikazzjonijiet finanzjarji u legali importanti. Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni wkoll għall-fatt li l-kwistjonijiet li hemm fin-nofs huma kwistjonijiet kumplessi ħafna u jappartjenu għal qasam tal-liġi li s'issa għadha ma ġietx armonizzata, fejn id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja huma l-unika referenza legali li teżisti.



### Il-kummenti ta' l-ilmentatur

L-ilmentatur intalab biex iressaq il-kummenti tiegħu fuq l-opinjoni tal-Kummissjoni. Fit-tweġiba, l-ilmentatur bagħat ittra ta' tliet paġni u dokumenti sekondarji, u fil-qosor għamel dawn il-punti li ġejjin:

1 F'dak li għandu x'jaqsam mar-regoli tat-taxxa Daniżi fuq il-kiri ta' vetturi għal żmien fit-tul bejn fruntiera u oħra, hemm sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja u huwa l-obbligu tal-Kummissjoni biex tara li d-Danimarka timxi fuq din is-sentenza.

2 Fir-rigward tat-tassazzjoni Daniża fuq karozzi wżati u mpurtati fid-Danimarka minn pajjiż ieħor ta' l-UE, issa tant hemm sentenzi mill-Qorti tal-Ġustizzja li l-Kummissjoni ma tistax tibqa' ma tagħmel xejn biex iġġiegħel lid-Danimarka timxi mar-regoli. Kif jiġri issa, id-Danimarka ma toqgħodx mar-regoli. Meta karozza wżata tiġi mportata fid-Danimarka, il-valur tagħha jkun dejjem għoli ħafna, u dan iwassal għall-piż ta' taxxa aktar għolja fuq karozzi wżati u li huma mpurtati milli fuq karozzi wżati li xi darba nbiegħu bħala karozzi ġodda fid-Danimarka.

3 Dwar il-kwalifiki ta' persuni li jagħmlu l-istima ta' vetturi wżati u li jiġu importati fid-Danimarka, l-ilmentatur kemm-il darba fittex lill-Kummissjoni direttament fuq dan.

Fl-aħħarnett, l-ilmentatur isaqsi għaliex il-Kummissjoni m'għandhiex tieħu l-ilment tiegħu bis-serjetà meta l-awtoritajiet Daniżi jidhru li ħaduh b'mod serju billi eżentawh milli jħallas it-taxxa in kwistjoni sa l-aħħar tas-sena 2003.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 L-allegat falliment li tieħu pożizzjoni fuq l-ilment ta' ksur tal-liġi

1.1 L-ilmentatur allega li l-Kummissjoni mxiet kontra amministrazzjoni tajba meta naqset li tieħu pożizzjoni fuq kwistjonijiet li hu qajjem fl-ilment tiegħu dwar ksur tal-liġi. l-ilmentatur isostni li

l-Kummissjoni għandha tieħu pożizzjoni malajr fuq il-kwistjonijiet li hu qajjem fl-ilment tiegħu dwar ksur tal-liġi.

1.2 Il-Kummissjoni tgħid li ma naqsitx li twettaq l-obbligi tagħha lejn l-ilmentatur. Ladarba l-pjan ta' azzjoni li għażlet il-Kummissjoni huwa li ssolvi l-problemi li għandhom x'jaqsmu mat-tassazzjoni tal-karozzi fl-iStati Membri kollha fl-istess ħin, s'issa għadha ma setgħetx tasal għal deċiżjoni dwar l-ilment fuq ksur tal-liġi mressaq mill-ilmentatur. Iżda l-ilmentatur se jkun infurmat personalment fuq ix-xogħol li se twettaq il-Kummissjoni fuq l-ilment tiegħu. Il-Kummissjoni tiġbed ukoll l-attenzjoni li l-kwistjoni li hemm fin-nofs hi kumplessa ħafna u għandha x'taqsam ma' qasam tal-liġi li għadu ma ġiex armonizzat.

1.3 L-Ombudsman jinnota li l-ilment ta' ksur tal-liġi ta' l-ilmentatur lill-Kummissjoni kien ġie reġistrat mis-Segretarjat Ġenerali f'Jannar 1998. Fil-qafas ta' l-istħarriġ li sar fuq inizjattiva personali mill-Ombudsman fuq il-proċeduri amministrattivi dwar kif jitmexxew l-ilmenti dwar il-ksur tal-liġi tal-Komunità mill-Istati Membri (referenza 303/97/PD)[69], il-Kummissjoni intrabtet li tieħu deċiżjoni jew li tagħlaq il-file jew li tibda azzjoni uffiċjali fuq il-ksur tal-liġi sa perjodu massimu ta' sena mid-data li l-ilment kien reġistrat ħlief f'każijiet speċjali meta r-raġunijiet għax isir hekk għandhom ikunu dikjarati[70].



1.4 Fid-deċiżjoni tiegħu fuq l-ilment li l-ilmentatur kellu qabel (801/2000/(ME)PB) li kien jittratta nuqqas ta' tweġiba mill-Kummissjoni dwar ilment ta' ksur tal-liġi, l-Ombudsman ma sab ebda amministrazzjoni ħażina minħabba li huwa aċċetta li l-Kummissjoni kienet qed tistenna r-riżultat tal-każijiet pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja qabel ma toħroġ tweġiba finali lill-ilmentatur. Huwa nnota wkoll li l-Kummissjoni intrabtet li tiddeċiedi fuq l-ilment ta' ksur tal-liġi li kien ressaq l-ilmentatur f'Ottubru 2001 u li tinforma lill-ilmentatur b'dan.

1.5 Jidher li l-Qorti tal-Ġustizzja issa tat is-sentenza fuq dawk il-każijiet li l-Kummissjoni kienet qed tistenna. Minkejja dan, il-Kummissjoni għadha ma ħaditx deċiżjoni dwar l-allegat ksur tal-liġi, għalkemm intrabtet li tagħmel dan f'Ottubru 2001. Il-Kummissjoni spjegat in-nuqqas tagħha li twettaq dak li kienet intrabtet li tagħmel billi ddikjarat li kienet tippreferi li timxi fuq linja waħda ġenerali għall-problemi li għandhom x'jaqsmu mat-taxxa fuq il-karozzi u li l-għan tagħha huwa li ssolvi dawn il-problemi b'mod uniformi fl-iStati Membri kollha, l-aktar permezz ta' kooperazzjoni u permezz ta' Komunikazzjoni miktuba bi kliem ċar u sempliċi. Il-Kummissjoni kompliet tgħid li l-kwistjoni li kien hemm fin-nofs tagħmel parti minn qasam tal-liġi li għadu ma ġiex armonizzat.

1.6 Hija prattika amministrattiva tajba li wieħed jirrispetta l-istennija leġittima u raġonevoli tal-membri tal-pubbliku fid-dawl ta' kif l-istituzzjoni mxiet fl-imgħoddi.[71] l-Ombudsman iqis li l-ispjega tal-Kummissjoni għax ma laħqitx waslet għal deċiżjoni sa Ottubru 2001, minkejja li kienet intrabtet li tagħmel dan, mhix mingħajr raġuni. Iżda l-ilmentatur jista' bir-raġun jistenna li l-Kummissjoni tinfurmah sa Ottubru 2001 li ma kienx se jirnexxilha twettaq dak li kienet intrabtet li sejra tagħmel u tagħtih ir-raġunijiet. Il-fatt li l-Kummisjoni naqset li tagħmel dan huwa eżempju ta' amministrazzjoni ħażina. l-Ombudsman għalhekk jagħmel ir-rimarka kritika ta' hawn taħt.

1.7 L-Ombudsman jisħaq ukoll li l-ilmentatur jista' jressaq ilment ġdid quddiem l-Ombudsman fil-futur jekk ikun hemm aktar dewmien mill-Kummissjoni biex tasal għal deċiżjoni fuq l-ilment ta' ksur tal-liġi.

---

69 Ara r-Rapport Annwali ta' l-Ombudsman għas-sena 1997, paġna 270.

70 L-Ombudsman jinnota li din ir-regola ta' sena kienet tniżżlet formalment f'punt 8 ta' l-Anness tad-dokument imsejjaħ *Commission communication to the European Parliament and the European Ombudsman on relations with the complainant in respect of infringements of Community law* (COM(2002)141final), 2002 OJ C 244/5.

71 Ara Artikolu 10 (2) tal-Kodiċi Ewropew dwar Imġiba Amministrattiva Tajba li ġie adottat mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu C5-0438/2000 tas-6 ta' Settembru 2001 (aċċessibli mill-website ta' l-Ombudsman: http://www.euro-ombudsman.eu.int).

## 2 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman fuq dan l-ilment, jeħtieġ li ssir din ir-rimarka kritika li ġejja:

*Hija prattika amministrattiva tajba li jintwera rispett lejn l-istennija leġittima u raġonevoli tal-membri tal-pubbliku fid-dawl ta' kif l-istituzzjoni mxiet fil-passat.[72] l-Ombudsman iqis li l-ispjega tal-Kummissjoni għax ma waslitx għal deċiżjoni sa Ottubru 2001, minkejja li hi ntrabtet li tagħmel dan, mhix mingħajr raġuni. Iżda, l-ilmentatur seta' bir-raġun jistenna li l-Kummissjoni tinfurmah sa Ottubru 2001 dwar il-fatt li mhux se jirnexxilha twettaq dak li kienet intrabtet li se tagħmel u r-raġunijiet ta' dan. Il-fatt li l-Kummissjoni naqset li tagħmel dan jirriżulta f'każ ta' amministrazzjoni ħażina.*

Meta tikkunsidra l-ispjega li l-Kummissjoni tat għad-dewmien fl-investigazzjoni ta' l-ilment li ressaq l-ilmentatur u l-wegħda ġdida tagħha li tinforma lill-ilmentatur bir-riżultat, m'hemmx lok li wieħed ifittex ftehim amikevoli għall-kwistjoni. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

# KLAWSOLA DISKRIMINATORJA F'AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI

*Deċiżjoni dwar ilment 1523/2002/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*



## L-ILMENT

Fis-sajf tal-2002, il-Kummissjoni ppublikat żewġ kompetizzjonijiet miftuħa, waħda għall-amministraturi (COM/A/1/02) u l-oħra għall-assistenti amministraturi (COM/A/2/02), fl-oqsma ta' l-agrikoltura, is-sajd u l-ambjent[73].

Skond l-avviż tat-tieni kompetizzjoni, il-kandidati ried ikollhom *degree* universitarju imma ebda esperjenza professjonali. Madankollu, l-avviż kien fih dan li ġej (punt A.II.2.b): "Int titħalla tieħu sehem fil-kompetizzjoni jekk tkun ksibt id-*degree* mill-università li hu meħtieġ għad-dħul wara s-27 ta' Settembru 1997."

Fl-ilment li ressaq lill-Ombudsman f'Awissu 2002, l-ilmentatur (uffiċjal tal-Kummissjoni) allega li l-kundizzjoni mniżżla f'punt A.II.2.b ta' l-avviż tal-kompetizzjoni ħolqot każ ċar ta' diskriminazzjoni fuq bażi ta' età. Hu kien tal-fehma li din il-kwistjoni ġa kienet ġiet solvuta.

B'hekk jidher li l-ilmentatur irrefera b'mod indirett għad-deċiżjoni li ħa l-Ombudsman fis-27 ta'Ġunju 2002 f'OI/2/2001/(BB)/OV. F'din id-deċiżjoni, l-Ombudsman qal li l-President tal-Kummissjoni kien infurmah bid-deċiżjoni li l-Kummissjoni adottat fl-10 ta' April 2002 "biex jitneħħew il-limiti fuq l-età fil-kompetizzjonijiet kollha organizzati mill-Kummissjoni b'effett immedjat".

## L-INVESTIGAZZJONI

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Il-kummenti prinċipali tal-Kummissjoni kienu dawn li ġejjin:

Kompetizzjoni COM/A/1/02 għall-amministraturi u kompetizzjoni COM/A/2/02 għall-assistenti amministraturi għandhom jiġu kkunsidrati flimkien. Għall-kompetizzjoni kkonċernata (kompetizzjoni COM/A/2/02), ma kien hemm il-ħtieġa ta' ebda esperjenza professjonali imma

72 Ara Artikolu 10 (2) tal-Kodiċi Ewropew dwar Imġiba Amministrattiva Tajba li ġie adottat mill-Parlament Ewropew fir-riżoluzzjoni tiegħu C5-0438/2000 tas-6 ta' Settembru 2001 (aċċessibli mill-website ta' l-Ombudsman: http://www.euro-ombudsman.eu.int).

73 OJ C 177A/13 tal-25 ta' Lulju 2002.

l-kandidati riedu jkunu kisbu d-*degree* universitarju meħtieġ wara s-27 ta' Settembru 1997 jew kisbu kwalifika *post-graduate* li tkun direttament relevanti għall-oqsma ta' attività kkonċernati wara s-27 ta' Settembru 1999. Għall-kompetizzjoni COM/A/1/02, id-data tad-*degree* ma kinetx importanti u l-unika kundizzjoni meħtieġa kienet li sas-27 ta' Settembru 2002 (id-data ta' l-għeluq biex jinxteħtu l-applikazzjonijiet) il-kandidati ried ikollhom mill-inqas tliet snin esperjenza professjonali li jkollha x'taqsam mad-dmirijiet konċernati.

Il-klawsola ta' "*degree* reċenti" li kienet tapplika għall-kompetizzjoni konċernata kienet aktar miftuħa mill-kompetizzjonijiet ta' qabel, fis-sens li d-*degree* meħtieġ għad-dħul fil-kompetizzjoni kellu jinkiseb anqas minn ħames snin qabel id-data ta' l-għeluq biex jinxteħtu l-applikazzjonijiet (minflok tliet snin kif kien qabel). It-tieni, l-avviż preżenti tal-kompetizzjoni joffri kundizzjoni alternattiva ta' eliġibilità jiġifieri kwalifika *post-graduate* li tkun inkisbet inqas minn tliet snin qabel. Ma kienx meħtieġ li din il-kwalifika tkun inkisbet immedjatament wara l-ewwel *degree*, iżda setgħet tkun inkisbet bħala riżultat ta' aktar taħriġ waqt il-karriera professjonali tal-kandidat (ukoll 5, 10 jew 15-il sena wara li l-kandidat ikun beda jaħdem).

Il-kompetizzjoni in kwistjoni kienet għal karrieri fis-sezzjoni A8 (assistent amministratur), li hija l-karriera bażika li taqa' taħt il-grad A. Il-ħtieġa ta' *degree* li jkun inkiseb mhux żmien twil qabel kienet kundizzjoni bbażata fuq in-natura tal-postijiet li riedu jimtlew, kif iddikjara l-Ombudsman f'punt 1.4 tad-deċiżjoni tiegħu fuq ilmenti 428/98/JMA u 464/98/JMA[74] li kienu tressqu flimkien. Fil-każ tar-reklutaġġ fis-sezzjoni tal-karriera bażika, il-Kummissjoni kellha bżonn tagħrif reċenti jew "frisk".

L-argument li l-klawsola ta' "*degree* reċenti" irriżultat f'diskriminazzjoni fuq bażi ta' età sar għax kien hemm min assuma li nies żgħar fl-età biss jistudjaw. Iżda nies li ma kinux żgħar u li studjaw waqt li kienu qed jaħdmu jissodisfaw l-kundizzjoni meħtieġa bl-istess mod bħal nies żgħar fl-età.

Għaldaqstant minħabba li l-kompetizzjoni msemmija kienet qed issir fl-istess żmien ma' kompetizzjoni COM/A/1/02, kull min kiseb l-ewwel *degree* iktar minn ħames snin qabel seta' japplika għal din il-kompetizzjoni.

L-awtorità li tagħżel l-impjegati, fl-interess tas-servizz u wara li ħarset lejn il-postijiet li għalihom saret il-kompetizzjoni in kwistjoni, setgħet b'hekk timponi b'mod legali u leġittimu l-kundizzjoni msemmija.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur sostna l-ilment tiegħu. Hu staqsa kif kandidat li kiseb id-*degree* tiegħu erba' snin u nofs qabel jista' jiġi kkunsidrat li għandu "*degree* friska" waqt li wieħed li kiseb il-*degree* ħames snin u nofs qabel ma setax jieħu sehem fil-kompetizzjoni. l-ilmentatur żied jgħid li fid-dawl ta' l-iżvilupp mgħaġġel fit-teknoloġija u x-xjenza, il-perjodu minn meta presuna tikseb "*degree* reċenti" għandu jitnaqqas minflok ma jitwal. Skond il-fehma ta' l-ilmentatur, il-kundizzjoni għandha titneħħa għal kollox u t-"tagħrif frisk" ta' dak li jkun għandu jiġi ttestjat waqt il-kompetizzjoni nnifisha.

Skond l-ilmentatur, mhux biss, iżda huma l-persuni ta' età żgħira li l-aktar jistudjaw. Bħala riżultat, kundizzjoni bħal din f'dan il-każ eskludiet l-aktar persuni ta' età akbar, u b'hekk, skond l-ilmentatur, inħolqot diskriminazzjoni fuq bażi ta' età.

74 Punt 1.4 ta' din id-deċiżjoni (adottata fil-21 ta' Lulju 2000) jgħid hekk: "Il-Kummissjoni ġġustifikat l-applikazzjoni ta' din il-klawsola fuq il-bażi tan-natura u l-funzjonijiet ta' l-assistenti amministraturi. Minħabba li uffiċjali A8 mhux meqjusa li jkollhom xi esperjenza professjonali relevanti qabel ma dawn jingħaqdu mal-Kummissjoni, l-istituzzjoni għażlet data – ġeneralment mhux iktar minn 2 jew 3 snin qabel il-kompetizzjoni – biex ikunu lestew l-istudju tagħhom. Il-ħtieġa ta' diploma »friska« b'hekk tidher bħala kundizzjoni speċifika bbażata fuq in-natura tal-postijiet li jridu jintlew." Punt 1.5 jgħid hekk: "Fid-dawl tan-natura tax-xogħol li jiġi fdat f'idejn l-assistent amministratur, u wkoll meta tieħu in konsiderazzjoni li r-reklutaġġ tagħhom sar tradizzjonalment minn fost studenti universitarji li ggradwaw dan l-aħħar, l-Ombudsman jikkonsidra li l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni jidhru raġonevoli. Barra minn hekk, il-limitazzjonijiet imposti minn din il-klawsola jidhru li jaqblu u li jagħmlu sens meta jitqabblu ma' l-għan ewlieni tagħhom jiġifieri dak li jgħin lill-istituzzjoni biex tagħżel aħjar kandidati prospettivi A8."

L-ilmentatur żied li l-fatt li l-kompetizzjoni relevanti kienet qed issir b'mod parallel ma' kompetizzjoni COM/A/1/02 ma bidel xejn u dan minħabba li l-kompetizzjoni kienet teħtieġ tliet snin esperjenza professjonali u b'hekk eskludiet ħafna kategoriji ta' gradwati.

Skond il-fehma ta' l-ilmentatur, din il-kundizzjoni ddiskriminat ukoll fuq il-bażi ta' sess. Hu ġibed l-attenzjoni li mara li kisbet il-*degree* tagħha sitt snin jew iktar qabel id-data relevanti, u li wara kellha t-tfal, kienet ikkastigata billi eskludewha mill-kompetizzjoni. l-ilmentatur sostna li f'kompetizzjoni preċedenti (kompetizzjoni COM/LA/9/99), il-Kummissjoni kienet ħarset kategoriji ta' nies bħal dawn.

## IKTAR STĦARRIĠ

Wara kunsiderazzjoni bir-reqqa ta' l-opinjoni tal-Kummissjoni flimkien ma' l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur, deher li kien meħtieġ aktar stħarriġ. l-Ombudsman għalhekk għadda kopja ta' l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur lill-Kummissjoni u staqsiha tagħti l-opinjoni tagħha fuq l-allegazzjoni l-ġdida ta' l-ilmentatur li kienet tgħid li din il-kundizzjoni ħolqot ukoll diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess.

### It-tieni opinjoni tal-Kummissjoni

Fit-tieni opinjoni tagħha, il-Kummissjoni għamlet dawn il-kummenti li ġejjin:

L-għan tal-Kummissjoni li torganizza l-kompetizzjoni COM/A/1/02 għall-amministraturi u l-kompetizzjoni COM/A/2/02 għall-assistenti amministraturi kien biex tassigura li jkun hemm bilanċ bejn l-ingaġġ ta' uffiċjali (irġiel u nisa) li jkollhom ċertu ammont ta' esperjenza professjonali konfermata u ta' uffiċjali (irġiel u nisa) li jkollhom tagħlim miksub aktar reċentement. Huwa fatt li xi nies (irġiel u nisa) ma kisbux id-*degree* tagħhom wara d-data stipulata fl-avviż ta' kompetizzjoni jew ma kellhomx l-esperjenza professjonali meħtieġa. Dan, iżda, ma jfissirx diskriminazzjoni, la fuq il-bażi ta' età u lanqas bejn irġiel u nisa. Il-kompetizzjonijiet ma kinux miftuħa għal dawk il-kandidati kollha li kisbu d-*degree* tagħhom minn meta ġiet organizzata l-aħħar kompetizzjoni ġenerali. Il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra fasslu l-kompetizzjonijiet tagħhom biex jirreklutaw uffiċjali skond il-bżonnijiet tas-servizzi tagħhom. Għal dan l-għan, huma kellhom diskrezzjoni qawwija, sakemm qagħdu mal-kundizzjonijiet ġenerali ta' l-i*Staff* Regulations. Għalhekk kienet sitwazzjoni normali li l-avviżi ta' kompetizzjoni jvarjaw skond il-profili ta' l-uffiċċjali li l-Kummissjoni xtaqet tirrekluta.

L-avviż tal-kompetizzjoni COM/LA/9/99 li kien ippublikat fl-1999 kien jgħid li d-derogi mill-aħħar data biex tinkiseb *degree* relevanti kienu possibbli għal dawk il-kandidati li kienu spiċċaw s-servizz militari obbligatorju, li kellhom waqfien bla interruzzjoni mill-impjieg bi ħlas għall-anqas ta' sena biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb xi tifel jew tifla dipendenti (dan kien x'aktarx dak li kellu f'moħħu l-ilmentatur) jew li kellu diżabilità fiżika. Waqt li huwa vera li dawn il-klawsoli ta' deroga ma kinux aktar inklużi f'avviżi ta' kompetizzjoni ppublikati mill-Kummissjoni, il-kriterji ta' eliġibiltà kienu nbidlu wkoll meta mqabbla ma' avviżi ta' kompetizzjonijiet preċedenti. Bħala eżempju, il-kompetizzjoni li rrefera għaliha l-ilmentatur kienet għadha tinkludi limitu ta' età (45 sena).

Differenzi bejn avviżi ta' kompetizzjoni ma joħolqux diskriminazzjoni jew nuqqas ta' konformità mal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs. Il-kriterji u l-kundizzjonijiet fl-avviż tal-kompetizzjoni COM/A/2/02 japplikaw l-istess għall-kandidati kollha li kienu fl-istess pożizzjoni, mingħajr ma ngħata każ jekk kinux rġiel jew nisa.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

L-ebda osservazzjoni ma waslet mingħand l-ilmentatur.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Allegata diskriminazzjoni fil-kompetizzjoni COM/A/2/02 fuq bażi ta' età

1.1 Fis-sajf ta' l-2002, il-Kummissjoni ppublikat kompetizzjoni għal assistenti amministraturi (COM/A/2/02) fl-oqsma ta' l-agrikoltura, is-sajd u l-ambjent. Il-kandidati ried ikollhom *degree* mill-università imma l-ebda esperjenza professjonali. Iżda l-avviż tal-kompetizzjoni kien jgħid hekk (punt A.II.2.b): "Int titħalla tieħu sehem fil-kompetizzjoni jekk tkun ksibt id-*degree* mill-università li hu meħtieġ għad-dħul wara s-27 ta' Settembru 1997." l-ilmentatur, uffiċjal tal-Kummissjoni, deherlu li din il-kundizzjoni toħloq diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' età.

1.2 Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni li l-kandidati kienu wkoll eliġibbli kemm il-darba kisbu kwalifika post-gradutate li għandha x'taqsam direttament ma' l-oqsma ta' l-attività kkonċernata wara s-27 ta' Settembru 1999. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, il-kompetizzjoni msemmija u l-kompetizzjoni COM/A/1/02 għall-amministraturi li kienet ippublikata ma' din il-kompetizzjoni għandhom jiġu ttrattati flimkien. Għall-kompetizzjoni COM/A/1/02, id-data tad-*degree* ma kinetx importanti, u l-unika rekwiżit meħtieġ kien li sas-27 ta' Settembru 2002 (id-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet) il-kandidati ried ikollhom ta' l-inqas tliet snin esperjenza professjonali relatata mad-dmirijiet tagħhom. Minħabba li l-kompetizzjoni kkonċernata kienet qed issir fl-istess ħin ma' kompetizzjoni COM/A/1/02, kull min kiseb l-ewwel *degree* iktar minn ħames snin qabel seta' japplika għal din il-kompetizzjoni. Skond il-Kummissjoni, li kandidat ikun kiseb *degree* riċenti kienet kundizzjoni bbażata fuq in-natura tal-postijiet li kellhom jimtlew, u fil-każ ta' reklutaġġ fil-kategorija ta' karriera bażika, il-Kummissjoni talbet għal tagħlim reċenti jew "frisk". Il-Kummissjoni semmiet ukoll li l-klawsola ta "*degree* reċenti" li kienet fis-seħħ għall-kompetizzjoni konċernata kienet iktar miftuħa minn f'kompetizzjonijiet preċedenti, fis-sens li d-*degree* meħtieġ għad-dħul fil-kompetizzjoni kellu jinkiseb inqas minn ħames snin qabel id-data ta' l-għeluq għall-applikazzjonijiet (minflok tliet snin kif kien qabel).

1.3 L-Ombudsman jinnota li l-kompetizzjoni relevanti kienet għall-kategorija ta' karriera A8 (assistent amministratur), li hija l-kategorija ta' karriera bażika ta' grad A fejn ebda esperjenza professjonali ma tkun meħtieġa. Hu jgħid ukoll li l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-UE jorganizzaw il-kompetizzjonijiet tagħhom b'mod li jiġu impjegati uffiċjali li jissodisfaw il-bżonnijiet tas-servizzi tagħhom, u li huma għandhom diskrezzjoni ragonevoli biex jagħmlu dan filwaqt li joqogħdu fuq l-i*Staff* Regulations u regoli legali oħra li huma marbutin bihom. l-Ombudsman huwa ta' l-opinjoni li billi l-kandidati għall-postijiet A8 jintalbu jiksbu *degree* universitarja fil-passat reċenti, il-Kummissjoni b'hekk tkun aġġixxiet fil-limiti ta' l-awtorità legali tagħha.[75] l-istess konklużjoni tgħodd għad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tfassal perjodu li fih id-*degree* jrid jinkiseb ħames snin qabel id-data ta' l-għeluq.

1.4 L-Ombudsman jinnota wkoll li l-klawsola tad-"*degree* reċenti" użata fil-kompetizzjoni kkonċernata kienet iktar miftuħa minn klawsoli simili applikati f'kompetizzjonijiet preċedenti u li l-Kummissjoni organizzat kompetizzjoni COM/A/1/02 għall-amministraturi fl-istess żmien tal-kompetizzjoni konċernata. Kandidati li kienu kisbu l-*degree* universitarja tagħhom fis-27 ta' Settembru 1997 jew qabel din id-data iżda li kellhom tliet snin ta' esperjenza professjonali li taqbel mad-dmirijiet konċernati setgħu għalhekk jieħdu sehem f'kompetizzjoni COM/A/1/02.

1.5 L-Ombudsman għalhekk jikkunsidra li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina min-naħa tal-Kummissjoni sa fejn għandha x'taqsam l-allegazzjoni oriġinali ta' l-ilmentatur.

### 2 Allegata diskriminazzjoni bejn nisa u rġiel f'kompetizzjoni COM/A/2/02

2.1 Fl-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-opinjoni tal-Kummissjoni, l-ilmentatur kien tal-fehma li l-klawsola relevanti fl-avviż tal-kompetizzjoni COM/A/2/02 ikkawżat ukoll diskriminazzjoni

[75] Ara d-deċiżjoni ta' l-Ombudsman tal-21 ta' Lulju 2000 fuq ilmenti 428/98/JMA u 464/98/JMA u d-deċiżjoni tiegħu tat-28 ta' Marzu 2003 fuq ilment 1536/2002/OV (li wkoll kellu x'jaqsam mal- kompetizzjoni COM/A/2/02).

fuq bażi ta' sess.[76] Fil-fehma tiegħu, mara li kisbet id-*degree* tagħha sitt snin jew aktar qabel id-data relevanti, u li wara kellha t-tfal, kienet ikkastigata billi ġiet imwarrba mill-kompetizzjoni. l-ilmentatur ġibed l-attenzjoni li f'kompetizzjoni preċedenti (kompetizzjoni COM/LA/9/99), il-Kummissjoni għamlet eċċezzjonijiet f'każijiet bħal dawn.

2.2 Il-Kummissjoni ammettiet li l-avviż tal-kompetizzjoni COM/LA/9/99 kien għamilha possibbli li jkun hemm derogi mill-aħħar data biex kandidat seta' jikseb id-*degree* li kien meħtieġ, l-aktar għall-kandidati li kellhom waqfien bla interruzzjoni mill-impjieg bi ħlas mill-inqas ta' sena biex ikunu jistgħu jieħdu ħsieb tifel jew tifla dipendenti, u li l-avviż tal-kompetizzjoni COM/A/2/02 ma kellux klawsola bħal din. Il-Kummissjoni kienet tal-fehma iżda, li differenzi bejn avviżi ta' kompetizzjoni ma jwasslux għal diskriminazzjoni jew nuqqas ta' qbil mal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs. Il-Kummissjoni kompliet tiġbed l-attenzjoni li l-kriterji ta' eliġibiltà nbidlu wkoll u li l-kompetizzjoni li għaliha rrefera l-ilmentatur per eżempju kellha limitu ta' età (45 sena) waqt li l-avviż tal-kompetizzjoni msemmija ma kienx fih klawsola bħal din.

2.3 Hija prattika amministrattiva tajba li tiżgura li jkun hemm opportunitajiet indaqs bejn nisa u rġiel meta jiġu deċiżi l-kundizzjonijiet li l-kandidati jridu joqogħdu għalihom f'kompetizzjonijiet organizzati mill-istituzzjonijiet jew korpi tal-Komunità. Meta tqis li għadhom l-aktar in-nisa li jieħdu ħsieb tfal dipendenti, dawn il-kundizzjonijiet għandhom għalhekk jikkonsidraw l-problemi speċjali li jistgħu jinħolqu minħabba dan il-fatt. l-Ombudsman jagħraf li kien hemm differenza kbira f'dan is-sens bejn il-kompetizzjoni li hi s-suġġett ta' l-ilment preżenti u kompetizzjoni preċedenti organizzata mill-Kummissjoni. l-avviż tal-kompetizzjoni COM/LA/9/99 kien jgħid li f'każijiet bħal dawn l-aħħar data (jiġifieri id-data minn meta d-*degree* universitarju li hu meħtieġ kellu jinkiseb) setgħet tittawwal billi jingħadd ż-żmien li qattgħet barra l-impjieg għall-perjodu sa sentejn għal kull wild, b'massimu ta' ħames snin b'kollox. Waqt li hu veru li differenzi żgħar bejn l-avviżi ta' kompetizzjoni ma jfissrux każ ta' diskriminazzjoni, il-fatt jibqa' li l-Kummissjoni ma tidhirx li ħadet xi prekawzjoni biex tgħin nisa li kienu f'sitwazzjoni simili. B'riżultat ta' dan, mara li kisbet id-*degree* tagħha fis-27 ta' Settembru 1997 jew ftit qabel u li wara qattgħet xi żmien 'l bogħod mix-xogħol biex trabbi lil uliedha x'aktarx li kienet issib lilha nnifisha fi żvantaġġ meta tiġi mqabbla ma' kandidati rġiel, minħabba li hi la kienet tkun tista' tieħu sehem fil-kompetizzjoni msemmija u lanqas ma setgħet tieħu sehem f'kompetizzjoni COM/A/1/02 (sakemm ma kinetx akkwistat xorta tliet snin ta' esperjenza professjonali).

2.4 L-Ombudsman jikkunsidra li l-Kummisjoni ma tatx spjegazzjoni sodisfaċenti għalfejn ma ttieħdet l-ebda konsiderazzjoni dwar dawn il-problemi speċifiċi fil-kompetizzjoni msemmija, meta skond l-avviż ta' kompetizzjoni COM/LA/9/99, il-Kummissjoni kienet taf bihom. Il-fatt li l-kompetizzjoni in kwistjoni hija differenti minn dawk ta' qabilha fis-sens li m'għandhiex aktar limitu ta' età, għalkemm din il-bidla fiha nnfisha hi ta' min ifaħħarha, ma ssolvix dan in-nuqqas.

2.5 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ombudsman hu tal-fehma li waqt it-tfassil ta' l-avviż tal- kompetizzjoni COM/A/1/02 l-Kummissjoni naqset li tiżgura opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel meta ma ħaditx ħsieb is-sitwazzjoni ta' nisa li jrabbu t-tfal. Dan huwa każ ta' amministrazzjoni ħażina u għalhekk se ssir rimarka kritika.

## 3 Konklużjoni

Skond l-istħarriġ ta' l-Ombudsman fuq dan l-ilment, huwa meħtieġ li ssir din ir-rimarka kritika li ġejja:

*Hija prattika amministrattiva tajba li tiżgura li jkun hemm opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel meta jkunu qed jiġu deċiżi il-kundizzjonijiet li l-kandidati għandhom joqogħdu għalihom f'kompetizzjonijiet organizzati mill-istituzzjonijiet jew korpi tal-Komunità. F'dan il-każ, l-Ombudsman huwa tal-fehma li l-Kummissjoni naqset li tiżgura opportunitajiet indaqs bejn in-nisa u l-irġiel meta naqset li tieħu ħsieb is-*

[76] Ta' min jinnota li ebda allegazzjoni bħal din ma saret f'ilmenti 428/98/JMA, 464/98/JMA jew 1536/2002/OV (ara n-nota ta' qabel).

*sitwazzjoni tan-nisa li jrabbu t-tfal waqt li kien qed jitfassal l-avviż tal-kompetizzjoni COM/A/1/02. Dan huwa każ ta' amministrazzjoni ħażina.*

Meta tqis li dan l-aspett tal-każ jittratta proċeduri li għandhom x'jaqsmu ma' episodji speċifiċi fil-passat, m'hemmx lok li jintlaħaq ftehim amikevoli għall-kwistjoni. Meta tqis li x'aktarx li għal li ġej ħafna mill-kompetizzjonijiet se jkunu organizzati mill-European *Personnel* Selection Office minflok mill-Kummissjoni, l-Ombudsman iqis li lanqas ma hemm lok li jsir abbozz ta' rakkomandazzjoni. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

## TRATTAMENT INKONSISTENTI MILL-KUMMISSJONI DWAR STUDJU FUQ FOKI (SEALS)

### *Deċiżjoni dwar ilment 754/2003/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*



L-ILMENT

**L-isfond ta' l-ilment**

L-ilment preżenti jorbot ma' żewġ ilmenti preċedenti (836/2002/GG u 1574/2002/GG) li tressqu fl-2002.

Il-fatti li ssemmew f'dawn l-ilmenti preċedenti kienu kif ġej:

L-ilmentatur kien jaħdem ma' l-Irish Sea Fisheries Board (il-"Bord"), awtorità Irlandiża. Il-Bord kien għamel kuntratt (numru ta' referenza PEM/93/06) mad-Direttorat-Ġenerali (DĠ) XIV (Sajd) tal-Kummissjoni Ewropea li bih kien intrabat li jagħmel riċerka dwar The Physical Interaction between Grey Seals and Fishing Gear. l-ilmentatur kien ix-xjenzat responsabbli minn dan il-kuntratt ta' riċerka.

Skond Artikolu 3 (Reports and documents) tal-kuntratt, ix-xogħol li sar mill-kuntrattur fuq dan il-kuntratt kellu jkun is-suġġett ta' rapporti li kellhom isiru skond Anness III. Dan l-Anness kien ifisser bir-reqqa kif ir-rapport finali kellu jitqassam u kien jgħid li l-abbozz (finali) tar-rapport kellu jasal għand il-Kummissjoni sa ċerta data. Anness III kien jgħid ukoll: "Il-Kummissjoni imbagħad jew tgħarraf lill-Kuntrattur li tkun aċċettat ir-rapport jew tibgħatlu il-kummenti tagħha. Fi żmien xahar minn meta jirċievi xi kummenti mill-Kummissjoni, il-Kuntrattur jibgħat ir-rapport finali lill-Kummissjoni, li jew tieħu nota ta' dawn il-kummenti jew tressaq suġġerimenti oħra minflokhom. (…)"

L-abbozz finali tar-rapport ġie aċċettat mill-Kummissjoni f'April 1997. Skond l-ilmentatur, ftit ġimgħat wara, il-Bord irċieva struzzjonijiet mill-awtorità fis-servizz ċivili li kienet taqa' taħtha, id-Department of the Marine & Natural Resources, biex jagħmel għadd sew ta' tibdiliet fl-abbozz. Minħabba li l-ilmentatur ma xtaqx jagħmilhom, huwa ħass li l-pożizzjoni tiegħu fil-Bord kienet barra minn postha u għalhekk irriżenja mill-Bord.

Madwar sena wara, ir-rapport ġie ppubblikat. Skond l-ilmentatur, kienu saru tibdiliet kbar fir-rapport. Ir-riżultati prinċipali fl-abbozz finali tar-rapport kienu tneħħew, ġew miċħuda jew tnaqqsitilhom l-importanza tagħhom. l-ilmentatur qal li skond il-kuntratt dan it-tibdil ma setax isir. Huwa saħaq ukoll li kienet baqgħet ma ngħatat ebda spjegazzjoni dwar dak li ġara.

Fit-8 ta' Mejju 2002, l-ilmentatur dar fuq l-Ombudsman (ilment 836/2002/GG). Fid-deċiżjoni tiegħu tas-27 ta' Mejju 2002, l-Ombudsman għarraf lill-ilmentatur li ma setax jikkunsidra dan l-ilment ladarba l-ilmentatur ma kienx ressaq il-veduti tiegħu minn qabel lill-Kummissjoni kif suppost.

L-ilmentatur imbagħad kiteb lid-Direttur-Ġenerali ta' DĠ Sajd fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea fit-13 ta' Ġunju 2002 fejn talab għal spjegazzjoni. Sal-ġurnata li ddeċieda li jġedded l-ilment tiegħu

quddiem l-Ombudsman f'Settembru 2002, l-ilmentatur la kien għadu rċieva tweġiba u lanqas nota li kienet tgħarrfu li l-ittra waslet għand il-Kummissjoni.

Fl-ilment il-ġdid tiegħu (1574/2002/GG), l-ilmentatur ikkritika b'mod partikolari (1) il-fatt li l-Kummissjoni ħalliet lill-Bord jagħmel tibdil sostanzjali fir-rapport meta wieħed iqabblu ma' l-abbozz tar-rapport li kien ġie aċċettat mill-Kummissjoni u (2) in-nuqqas tal-Kummissjoni li twieġeb l-ittra tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2002 li fiha talab spjegazzjoni għalfejn dan it-tibdil kien ġie aċċettat.

L-opinjoni tal-Kummissjoni fuq dan l-ilment kienet li ma kinetx ħaġa komuni imma li ma kinetx l-ewwel darba li rapport finali jkun differenti mill-abbozz tar-rapport finali, għalkemm dan l-abbozz kien ġie aċċettat mill-Kummissjoni. Skond il-Kummissjoni, wara kollox kienet ir-responsabbiltà u d-dmir tal-kuntrattur (jiġifieri l-Bord) li joħroġ ir-rapport finali fil-forma li hu jqis bħala l-aktar waħda addattata. Il-Kummissjoni ma xtaqitx tidħol fi proċess bħal dan.

Fid-deċiżjoni tiegħu dwar ilment 1574/2002/GG, l-Ombudsman wasal għall-konklużjoni li l-opinjoni tal-Kummissjoni li tgħid li kienet ir-responsabbiltà u d-dmir tal-kuntrattur li joħroġ ir-rapport finali fil-forma li hu jqis bħala l-aktar addattata dehret raġonevoli u b'hekk ma sab l-ebda nuqqas dwar dan l-aspett ta' l-ilment. l-Ombudsman madankollu għamel rimarka kritika dwar in-nuqqas tal-Kummissjoni li twieġeb għall-ittra li kien bagħat l-ilmentatur.



### *L-ilment il-ġdid*

F'ittra li bagħat f'April 2003, l-ilmentatur talab lill-Ombudsman biex jerġa' jikkonsidra d-deċiżjoni tiegħu fuq l-ilment 1574/2002/GG sa fejn kellha x'taqsam il-kwistjoni prinċipali. l-ittra ta' l-ilmentatur kienet għalhekk meqjusa bħala ilment ġdid.

F'dan l-ilment il-ġdid, l-ilmentatur qal li r-rapport finali kien verżjoni ċensurata ta' l-abbozz finali tar-rapport. Biex isostni l-punt tiegħu, l-ilmentatur ilmenta b'mod partikolari li l-abbozz tar-rapport finali kien kkonkluda li 17-il tunnellata ħut li kienet saret il-ħsara fuqha mill-foki kienu ttieħdu bħala kampjun filwaqt li l-istess konklużjoni tar-rapport finali kienet semmiet biss li l-ħsara lill-ħut setgħet saret minn predaturi kbar bħal foki jew sallur magħruf bħala *conger eels*. Skond l-ilmentatur, ma kien hemm l-ebda evidenza xjentifika li tgħid li seta' kien hemm xi speċi ieħor jekk mhux il-foki li setgħu għamlu din il-ħsara u l-evidenza li kienu l-foki li kienu kkawżaw din il-ħsara kienet aktar minn raġonevoli. l-ilmentatur saħaq li l-messaġġ fl-abbozz tar-rapport finali kien iqajjem kontroversja, u din kienet ir-raġuni għalfejn il-konklużjonijiet tiegħu kienu nbidlu fir-rapport finali.

L-ilmentatur bagħat numru sew ta' dokumenti biex isaħħaħ il-każ tiegħu. Xi wħud minn dawn id-dokumenti ġodda nkisbu mill-Kummissjoni wara talba għall-aċċess għall-kopji kollha tal-korrispondenza li saret bejn il-Kummissjoni u l-Bord dwar il-kuntratt bejn April 1997 u d-data meta l-Kummissjoni aċċettat ir-rapport finali fl-1998. Għall-ewwel darba, l-ilmentatur ipprovda wkoll kopji ta' l-abbozz tar-rapport finali u r-rapport finali innifishom.

Minn dawn id-dokumenti, ħarġu l-fatti li ġejjin:

F'ittra lill-Kummissjoni bid-data ta' 2 ta' Ġunju 1993 dwar l-istudju li kellu jsir, l-ilmentatur kiteb: "Li jkun hemm interpretazzjoni ħażina ta' din l-informazzjoni minn gruppi ta' protezzjonisti, kif huma jagħmlu s-soltu, hija ħaġa li tista' tiġri." Il-programm tal-Bord għall-istudju wera t-tama "li jinqabdu l-aġenti li jikkawżaw il-ħsara lill-ħut fix-xbieki li l-ħut jeħel magħhom mill-garġi (*gillnets*) u xbieki oħra."

Fit-28 ta' Marzu 1994, il-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u l-Iżvilupp Rurali ħareġ rapport fuq l-impatt bejn il-foki u s-sajd (A3-0186/94). Il-mozzjoni li tressqet fuq dan ir-rapport talbet li ssir riċerka fuq l-impatt operazzjonali bejn *marine mammals* u s-sajd, talbet "li titwaqqaf struttura indipendenti, ħielsa minn kull pressjoni minn gruppi li jkollhom interess minn ġewwa, biex tfassal pjan xjentifiku biex teżamina l-impatt bejn *marine mammals* u s-sajd f'ibħra

Ewropej" u ferħet lill-Kummissjoni għax dak iż-żmien kienet approvat il-proġett ta' riċerka li jissemma' f'dan l-ilment. Il-Parlament Ewropew għadda din ir-riżoluzzjoni fis-6 ta' Mejju 1994.[77]

L-ispjega li tissemma f'dan ir-rapport fiha dawn il-punti li ġejjin: "Hemm evidenza li tissuġġerixxi li l-fehmiet ta' gruppi protezzjonisti li huma għaqdiet mhux governattivi influwenzaw ir-riċerka xjentifika fil-qasam ta' l-impatt bejn *marine mammals* u s-sajd fl-aħħar għoxrin sena. (…) Il-każ tas-sajd ġie mwarrab sew u fir-riċerka li saret ingħatat tista' tgħid l-importanza kollha lill-effetti tas-sajd fuq il-*marine mammals*, minflok bil-kontra. Dan effettivament ifisser forma ta' ċensura xjentifika. (…) Imkien aktar din iċ-ċensura ma dehret b'mod daqshekk qawwi bħal ma ntweriet fil-qasam ta' l-impatt bejn il-foki u s-sajd. (…)".

Fis-16 ta' Diċembru 1996, l-ilmentatur talab estensjoni taż-żmien biex jagħti r-rapport finali mill-aħħar ta' l-1996 sa l-aħħar ta' Frar 1997. Fit-tweġiba tagħha ta' l-14 ta' Jannar 1997, il-Kummissjoni qalet li kienet laqgħet din it-talba u li l-abbozz tar-rapport finali kellu jingħata "sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Frar 1997".

Meta għadda l-abbozz finali tar-rapport lill-Kummissjoni fl-4 ta' Marzu 1997, l-ilmentatur kiteb li għad jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' "xi tibdiliet żgħar". F'*fax* li l-ilmentatur bagħat fil-21 ta' Mejju 1997, hu spjega li kien hemm "numru ta' żbalji fit-tipografija u fil-grammatika" fl-abbozz tar-rapport finali u li hu xtaq li jirranġa fir-rapport finali. F'ittra ta' l-20 ta' Awissu 1997, l-ilmentatur informa lill-Kummissjoni li huwa "issa ma kien se jagħmel ebda tibdil fl-Abbozz tar-Rapport Finali, li kien ġie aċċettat mill-Kummissjoni ħames xhur qabel".

F'ittra tal-15 ta' Diċembru 1997 indirizzata lill-Bord, il-Kummissjoni indikat li l-abbozz tar-rapport finali kien ġie approvat u aċċettat mill-Kummissjoni bħala dokument sodisfaċenti. Il-Kummissjoni qalet, iżda, li kienet għadha qiegħda tistenna d-dikjarazzjoni tan-nefqa finali li kien hemm bżonn biex tkun tista' tagħmel il-ħlas finali u biex tagħlaq il-file dwar il-finanzi tal-proġett.

Fis-7 ta' Jannar 1998, il-Bord qal bi tweġiba li jittama li jlesti d-dikjarazzjoni tan-nefqa finali sa nofs Frar. Il-Bord żied jgħid li kien qed jagħmel "il-korrezzjonijiet fir-rapport finali msemmija fil-*fax* tagħna tal-21 ta' Mejju li għadda".

Fit-tweġiba tagħha tad-9 ta' Jannar 1998, il-Kummissjoni ħadet nota ta' dak li qal il-Bord illi d-dikjarazzjoni tan-nefqa finali tal-proġett kienet se tintbagħat ix-xahar li jmiss.

Fl-ewwel t'April 1998, il-Bord għadda d-dikjarazzjoni tan-nefqa finali lill-Kummissjoni.

Fit-28 ta' April 1998, il-Bord bagħat "ir-rapport finali definittiv" dwar il-proġett lill-Kummissjoni.

L-ilmentatur ta ukoll dokument imsemmi Certificat de dépôt et attestation de service fait d'une étude ou enquête effectuée pour la Commission. F'dan id-dokument kien hemm tagħrif amministrattiv marbut ma' l-istudju ppreparat mill-Bord. It-timbru u l-firma tas-servizz tal-Kummissjoni li kellu x'jaqsam (Bureau Enregistrement des Etudes) għandhom id-data tas-17 ta' Ġunju 1997. Taqsima G tad-dokument hija dwar il-mistoqsija jekk ir-riżultati ta' l-istudju jistgħux jitqassmu barra l-Kummissjoni. It-tweġiba hija indikata bħala "iva" (oui).

Fl-ilment ġdid tiegħu, l-ilmentatur fil-fatt allega li (1) l-Kummissjoni kienet traskurata meta ma talbitx raġunijiet jew spjegazzjonijiet għat-tibdil li sar mill-Bord u li (2) it-tibdil li sar mhux suppost li tħalla jsir.

L-ilmentatur wera t-tama li jirċievi skuża għal dak li ġara u assigurazzjoni li jsiru sforzi biex dak li ġara ma jerġax iseħħ.

[77] *OJ* C 205/553 tal-25 ta' Lulju 1994.

## L-INVESTIGAZZJONI

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Fl-opinjoni tagħa l-Kummissjoni għaddiet dawn il-kummenti:

Filwaqt li wieħed jista' jgħid li l-Kummissjoni missha ma aċċettatx konklużjoni xjentifika mhux ippruvata u ġustifikata, dan ma jistax jitqies daqs li kieku kien xi nuqqas amministrattiv.

Kif kien spjegat fit-tweġiba tal-Kummissjoni għal ilment 1574/2002/GG, il-mezz ewlieni tal-Kummissjoni li bih setgħet taċċetta jew tirrifjuta rapport sew jekk ikun abbozz jew dokument finali, kien jekk ġewx rispettati il-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Kien dan li ġara dwar il-kuntratt preżenti. Kull fejn il-Kummissjoni sabet nuqqasijiet fl-analiżi xjentifika tar-riżultati tax-xogħol li sar taħt il-kuntratt, kienet tagħmel kummenti xierqa u titlob li jsir tibdil min-naħa tal-kuntrattur. Madankollu, dan ma seħħx f'dan il-kuntratt kemm fl-abbozz tar-rapport kif ukoll fir-rapport finali. Jekk il-kuntrattur xtaq jibdel il-konklużjonijiet li ħarġu mill-analiżi xjentifika fir-rapport finali għandu jkollu kull dritt u fil-fatt kellu kull dritt li jagħmel hekk.

Dwar aspetti kuntrattwali, qari ta' kopja tal-kuntratt u annessi miżjuda ma wrewx li l-Kummissjoni setgħet "tevita li jiġri dak li ġara"[78]. Dwar dak li għandu x'jaqsam ma' aspetti proċedurali, ma kinetx ħaġa komuni imma lanqas ma kienet ħaġa mhux tas-soltu li rapport finali jkun differenti minn abbozz tar-rapport finali dwar is-suġġett, ukoll meta r-rapport finali kien ġie aċċettat mill-Kummissjoni. Kienet wara kollox ir-responsabbiltà u d-dmir tal-kuntrattur li jgħaddi r-rapport finali fil-forma li hu deherlu li kienet l-aktar xierqa. Il-Kummissjoni ma xtaqitx tindaħal f'dan il-proċess.

Il-Kummissjoni ma setgħetx tirrifjuta r-rapport finali għax dehrilha li kien xjentifikament żbaljat jew għal xi raġuni oħra ħlief li dan ir-rapport ma mexiex skond il-kundizzjonijiet tal-kuntratt.

Min-naħa l-oħra, id-dokumenti twal dwar is-suġġett li pprovda l-ilmentatur kienu dwar kuntatti li seta' kien hemm jew li suppost li kien hemm bejn għaqdiet amministrattivi jew governattivi fl-Irlanda li fuqhom il-Kummissjoni ma kellha ebda influwenza, kif ukoll dwar l-interpretazzjoni differenti ta' l-informazzjoni bejn l-ilmentatur u l-persuna li għamlet l-aħħar rapport finali u r-rapport tal-Parlament Ewropew, liema riżoluzzjonijiet ma kienux jorbtu lill-Kummissjoni.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur sostna l-ilment tiegħu u żied aktar kummenti kif ġej:

L-uffiċjal tal-Kummissjoni inkarigat mill-proġett ġie infurmat kemm-il darba permezz tat-telefon bejn Mejju 1997 u Settembru 1997 dwar kif il-proġett kien ġie mibdul. F'ittra li ntbagħtet lil dan l-uffiċjal fit-3 ta' Novembru 1997,[79] l-ilmentatur kien qal li hu sar jaf li l-Ministeru "xtaq jagħmel kontroll editorjali fuq ir-rapport finali qabel ma jiġi ppubblikat".

Fl-ittra tiegħu tal-11 ta' Awissu 2003, l-ilmentatur għalaq billi qal li fil-bidu huwa kien talab għal skuża u fittex assigurazzjoni li dak li ġara ma jirrepetix ruħu, iżda li hu issa xtaq jara l-abbozz oriġinali tar-rapport finali ppubblikat bi spjegazzjoni uffiċjali għaliex kien qed jiġri hekk. l-inqas ħaġa li hu kien qed ifittex kienet li jinħeles minn kull ħtija għax ma kienx ried li jkollu x'jaqsam ma' ċensura xjentifika u li jerġa' jikseb r-reputazzjoni li kellu qabel.

Fl-ittra li bagħat wara bid-data tas-17 ta' Awissu 2003, iżda, l-ilmentatur spjega li wara li qagħad jirrifletti, xtaq li l-ewwel jistenna r-riżultat ta' l-investigazzjoni ta' l-Ombudsman.

78 Ir-referenza hawn hija għal dak li kien hemm imniżżel fl-ilment 1574/2002/GG.

79 Kopja ta' din l-ittra, li l-ilmentatur ġab mill-Kummissjoni wara talba għal aċċess għad-dokumenti, ingħatat lil Ombudsman.

## STĦARRIĠ IEĦOR

Wara konsiderazzjoni bir-reqqa ta' l-opinjoni tal-Kummissjoni u l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur, deher li kien hemm il-ħtieġa li jsir aktar stħarriġ. Fl-ittra tiegħu tat-8 ta' Settembru 2003, l-Ombudsman għalhekk talab lill-Kummissjoni biex ittih permess jara l-file tagħha.

Fit-8 ta' Ottubru 2003, is-servizzi ta' l-Ombudsman eżaminaw il-file tal-Kummissjoni. l-uffiċjali tal-Kummissjoni responsabbli mill-file spjegaw li meta file dwar studju jingħalaq, ma jinżammux id-dokumenti kollha. Dik kienet ir-raġuni għaliex il-file ma kienx fih l-abbozz tar-rapport finali li kien ħadlu postu r-rapport finali. l-uffiċjali tal-Kummissjoni wrew ukoll il-fehma tagħhom li seta' kien hemm konverżazzjonijiet bit-telefon bejn il-Kummissjoni u l-kuntrattur fejn il-Kummissjoni kienet talbet biex jintbagħat ir-rapport finali. Madankollu fil-file ma kien hemm ebda nota li kienet tgħid li kienet saret konverżazzjoni simili bit-telefon.

Il-file tal-Kummissjoni li kien ġie eżaminat mis-servizzi ta' l-Ombudsman kien fih nota miktuba bl-idejn bid-data tat- "18 ta' Marzu" u li dehret li saret mis-Sur O., li dak iż-żmien kien jaħdem fid-DĠ Sajd. Għalkemm din in-nota ma tindikax b'mod ċar x'kien is-suġġett tagħha, jidher li dak li kien hemm miktub fiha kien qed jirreferi għall-abbozz tar-rapport finali.[80] Din in-nota tagħti l-impressjoni li min kitibha deherlu li r-riżultati tar-rapport imsemmi kienu kontroversjali.



## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Rimarka preliminari

1.1 Dan l-ilment jittratta kuntratt (numru ta' referenza PEM/93/06) bejn l-Irish Sea Fisheries Board (awtorità Irlandiża) u d-Direttorat Ġenerali (DĠ) XIV (Sajd) tal-Kummissjoni Ewropea fejn il-Kummissjoni ntrabtet li tħallas parti min-nefqa tar-riċerka dwar The Physical Interaction between Grey Seals and Fishing Gear. l-ilmentatur, li dak iż-żmien kien jaħdem mal-Bord u li kien ix-xjenzat responsabbli f'dan il-kuntratt ta' riċerka, jallega illi l-abbozz tar-rapport finali sarulu bosta tibdiliet wara indħil li sar minn awtorità Irlandiża oħra, li dak iż-żmien kien jisimha Department of the Marine & Natural Resources, wara li kien aċċettat mill-Kummissjoni.

1.2 L-Ombudsman Ewropew m'għandux kompetenza li jittratta ilmenti li jkunu diretti lejn istituzzjonijiet jew korpi li ma jkunux istituzzjonijiet jew korpi fi ħdan il-Komunità Ewropea. Għalhekk l-Ombudsman ma jkunx jista' jinvestiga lmenti kontra l-awtoritajiet Irlandiżi. Dan l-ilment, madankollu, hu indirizzat lejn il-Kummissjoni, u għalhekk id-deċiżjoni li tittieħed f'dan il-każ tkun biss dwar dawk l-allegazzjonijiet kontra l-Kummissjoni Ewropea.

### 2 L-allegazzjoni li l-Kummissjoni ma kellhiex tippermetti t-tibdil li sar mill-Bord

2.1 L-ilmentatur jallega li l-Kummissjoni ma messhix ħalliet li jsir t-tibdil li kien sar mill-Bord. Skond hu, ir-riżultati ewlenin ta' l-abbozz tar-rapport finali li tressaq f'Marzu 1997 kienu jew tħassru, jew ġew miċħuda jew tnaqqsitilhom l-importanza tagħhom fir-rapport finali li l-Bord ħareġ f'April 1998.

2.2 Skond il-Kummissjoni hija r-responsabbiltà tal-kuntrattur li jħejji r-rapport finali fil-forma li hu jidhirlu li tkun l-aktar xierqa u l-Kummissjoni ma tixtieqx li tindaħal fi proċess bħal dan. Filwaqt li jista' jingħad li l-Kummissjoni ma kellhiex taċċetta konklużjoni xjentifika żbaljata u li mhix ġustifikata, dan ma jistax jiġi meqjus bħala nuqqas amministrattiv. Skond il-Kummissjoni, jekk wieħed jaqra sew il-kuntratt kien isib li ma kienx hemm ħtieġa bħal dik li allega l-ilmentatur.

2.3 L-Ombudsman jgħid li l-Kummissjoni ma tiċħadx l-allegazzjoni ta' l-ilmentatur li sar tibdil sostanzjali fl-abbozz tar-rapport finali li kien ġie aċċettat mill-Kummissjoni.

80 In-nota tirreferi għall-«emblema ta' l-UE fuq il-qoxra«. l-abbozz tar-rapport finali li ġie ppreżentat fl-4 ta' Marzu 1997 għandu tabilħaqq l-emblema ta' l-UE fuq il-qoxra tiegħu.

2.4 Madankollu, l-Ombudsman jidhirlu li kif qal fid-deċiżjoni tiegħu fuq ilment 1574/2002/GG, l-opinjoni tal-Kummissjoni li l-kuntrattur kellu r-responsabbiltà u d-dmir li jagħti r-rapport finali fil-forma li hu kien jara l-aktar xierqa, tidher li kienet raġonevoli.

2.5 F'dawn ċ-ċirkustanzi, ma jidhirx li hemm nuqqas amministrattiv min-naħa tal-Kummissjoni sa fejn kellha x'taqsam din l-allegazzjoni.

### 3 Allegata traskuraġni min-naħa tal-Kummissjoni meta ma talbitx għal raġunijiet jew spjegazzjonijiet għal tibdil li sar mill-Bord

3.1 L-ilmentatur jallega illi l-Kummissjoni kienet traskurata meta ma talbitx raġunijiet jew spjegazzjonijiet għat-tibdil li sar mill-Bord.

3.2 Il-Kummissjoni tgħid li l-kejl ewlieni tagħha li jwassal biex rapport jiġi aċċettat jew jiġi mwarrab, sew jekk ikun abbozz u sew jekk ikun id-dokument finali, huwa jekk il-kundizzjonijiet tal-kuntratt kinux osservati. Dan kien il-każ tal-kuntratt preżenti. Meta l-Kummissjoni tara nuqqasijiet fl-analiżi xjentifika tar-riżultati tax-xogħol li jkun sar taħt il-kuntratt, il-Kummissjoni tikkummenta u titlob li jsir tibdil min-naħa tal-kuntrattur. Madankollu, dan ma ġarax fil-każ ta' dan il-kuntratt kemm fl-abbozz tar-rapport kif ukoll fir-rapport finali. Jekk il-kuntrattur xtaq jibdel il-konklużjonijiet li ħarġu fl-analiżi xjentifika fir-rapport finali tiegħu għandu jitħalla u għandu kull dritt li jagħmel dan.

3.3 L-Ombudsman jidhirlu li hi prattika amministrattiva tajba li dak li jkun jimxi b'mod konsistenti.[81]

3.4 F'dan il-każ, il-Kummissjoni eżaminat u aċċettat l-abbozz tar-rapport finali f'April 1997. Fid-dawl ta' dak li hemm imniżżel fil-kuntratt imsemmi, dan kien ifisser li l-Bord ma kellux għalfejn iwettaq aktar xogħol fuq dan l-istudju ħlief biex jiddikjara n-nefqa finali.

3.5 L-Ombudsman iqis li fejn jidħol d-dmir tal-Kummissjoni li timxi b'mod konsistenti jeżistu żewġ aspetti differenti.

3.6 L-ewwel, jekk il-Kummissjoni dehrilha li l-kuntrattur xorta kellu jagħti r-rapport finali, wieħed kien jistenna li l-Kummissjoni tibgħat tfakkar lill-Bord biex dan jagħti r-rapport finali. Madankollu, meta l-Kummissjoni fakkret lill-Bord, dan għamlitu biss dwar id-dikjarazzjoni tan-nefqa finali u mhux dwar ir-rapport. Dan għandu jissemma iżjed u iżjed meta d-data ta' l-għeluq (li kienet estiża) sa meta kellu jiġi ppreżentat ir-rapport finali (fl-aħħar ta' Frar 1997), kienet ilha li skadiet. Ukoll jekk seta' kien hemm konverżazzjonijiet bit-telefon (mhux irrekordjati) bejn il-Kummissjoni u l-kuntrattur, l-Ombudsman isibha bi tqila biex jemmen li l-Kummissjoni naqset li tibgħat nota bil-miktub biex tfakkar iżda li sempliċiment stenniet sakemm ir-rapport finali ġie ppreżentat f'April 1998, iktar minn sena wara li kienet aċċettat l-abbozz tar-rapport finali.

3.7 It-tieni, il-Kummissjoni tisħaq li fejn tara nuqqasijiet fl-analiżi xjentifika tar-riżultati tax-xogħol li sar taħt il-kuntratt, hi tiġbed l-attenzjoni dwarhom lill-kuntrattur. Dan ifisser li l-Kummissjoni teżamina r-rapport biex tiżgura ruħha jekk hemmx nuqqasijiet minn dawn u mhux sempliċement tagħti daqqa ta' timbru lir-rapport mogħti lilha. Mill-evidenza li tressqet quddiem l-Ombudsman joħroġ ukoll li l-Kummissjoni kienet taf bil-fatt (a) li dak li kien hemm fl-abbozz ta' l-istudju finali seta' kien kontroversjali, (b) li l-Ministeru Irlandiż xtaq li jkollu kontroll editorjali fuq ir-rapport finali qabel ma dan jiġi ppubblikat, (ċ) li r-rapport finali ngħata iktar minn sena wara li l-Kummissjoni approvat l-abbozz tar-rapport finali u (d) li dan ir-rapport finali kien fih tibdil sostanzjali meta mqabbel ma' l-abbozz tar-rapport finali. Fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkustanzi, wieħed jistenna li l-Kummissjoni kellha teżamina b'mod dettaljat ir-rapport finali. Madankollu, m'hemm xejn li juri li l-Kummissjoni eżaminat dan ir-rapport finali wara li kien wasal għandha f'April 1998.

81 Ara Artikolu 10 (1) tal-Kodiċi Ewropew ta' Imġiba Amministrattiva Tajba li tinsab fuq il-website ta' l-Ombudsman (http://www.euro-ombudsman.eu.int).

3.8 F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-Ombudsman hu tal-fehma li l-Kummissjoni kellha teżamina il-bidliet sostanzjali li saru fir-rapport finali li ntbagħat lilha f'April 1998, aktar minn sena wara li hi kienet aċċettat l-abbozz tar-rapport finali. Meta ttraskurat li tagħmel dan, il-Kummissjoni naqset li tħares il-kundizzjoni li tkun konsistenti. Dan kien każ ta' amministrazzjoni ħażina u l-Ombudsman jagħmel ir-rimarka kritika li ġejja.

## 4 It-talbiet ta' l-ilmentatur

4.1 Fl-ilment tiegħu, l-ilmentatur wera x-xewqa li jirċievi skuża għal dak li ġara u assigurazzjoni li ser isir sforz biex jiżgura li dak li ġara ma jerġax isir. Fl-ittra tiegħu tal-11 ta' Awissu 2003, l-ilmentatur għalaq billi qal li għall-ewwel huwa kien fittex skuża u garanzija li dak li ġara ma jirrepetix ruħu, iżda hu issa xtaq jara l-abbozz oriġinali tar-rapport finali ppubblikat bi spjegazzjoni uffiċjali għaliex kienet qed issir din il-ħaġa. l-inqas ħaġa li hu kien qed ifittex kienet li hu jiġi eżonerat minn xi ħtija għax ma riedx li jkollu x'jaqsam ma' ċensura xjentifika u li jikseb lura r-reputazzjoni li kellu qabel.

4.2 F'ittra li bagħat fis-17 ta' Awissu 2003, madankollu, l-ilmentatur spjega li wara li qagħad jaħseb hu xtaq li l-ewwel jistenna r-riżultat ta' l-investigazzjoni ta' l-Ombudsman.

4.3 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ombudsman iqis li m'hemmx bżonn li jittratta t-talbiet oriġinali li ressaq l-ilmentatur.

## 5 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman fuq dan l-ilment, tinħass il-ħtieġa li ssir din l-osservazzjoni kritika:

*L-Ombudsman jidhirlu li l-Kummissjoni kellha teżamina r-rapport finali li kien ġie mibdul sew u li kien intbagħat lilha f'April 1998, aktar minn sena wara li l-Kummissjoni kienet aċċettat l-abbozz tar-rapport finali. Meta naqset li tagħmel dan, il-Kummissjoni naqset li timxi mal-ħtieġa li għandha tkun konsistenti. Dan kien każ ta' amministrazzjoni ħażina.*

Minħabba li dawn l-aspetti tal-każ għandhom x'jaqsmu ma' proċeduri dwar ġrajjiet speċifiċi tal-passat, ma hemmx lok li wieħed ifittex li jasal għal ftehim amikevoli fuq il-kwistjoni. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

## ALLEGAT NUQQAS LI JINGĦATAW TWEĠIBIET GĦAL MISTOQSIJIET DWAR SPEĊIFIKAZZJONIJIET TA' STEDINA GĦALL-OFFERTI

### *Deċiżjoni dwar ilment 949/2003/IJH kontra l-Kummissjoni Ewropea*

F'Mejju 2003, sar ilment lill-Ombudsman f'isem kumpanija dwar sejħa għall-offerti li saret mill-Kummissjoni għal xogħol ta' traduzzjoni (AO2003) li kienet pubblikata fis-17 ta' April 2003.

Skond l-ilmentatur, il-fatti relevanti fil-qosor huma dawn li ġejjin:

L-ilmentatur sab li l-ispeċifikazzjonijiet ta' sejħa għall-offerti ma kinux ċari biżżejjed, l-aktar fejn kienu jidħlu d-dokumenti li kellhom jitressqu flimkien ma' l-offerta, u t-tweġibiet fil-*website* tal-Kummissjoni fit-taqsima FAQ[82] ħolqu biss aktar taħwid. Għalhekk, huwa bagħat diversi *e-mails* lill-persuna maħtura apposta mill-Kummissjoni fejn talab għal spjegazzjoni. Huwa iżda baqa' ma rċieva ebda tweġiba sodisfaċenti.

L-ilmentatur ehmeż ma' l-ilment tiegħu kopji ta' l-*e-mails* li hu bagħat lill-Kummissjoni fejn talab għal spjega. Minn dawn l-*e-mails* jidher li l-konfużjoni allegata bejn l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa

82 Din hija web page li tagħti tweġibiet għal mistoqsijiet li jsiru ta' sikwit (*Frequently Asked Questions – FAQ*).

għall-offerti u l-*website* FAQ hija l-aktar dwar liema mill-kopji tad-dokumenti relevanti kellhom ikunu ċċertifikati.

Is-sustanza ta' l-allegazzjonijiet ta' l-ilmentatur huma:

(i) l-FAQ tal-website tal-Kummissjoni kien fiha informazzjoni li ma kinetx ċara u li x'aktarx li ma kinetx taqbel ma' l-ispeċifikazzjonijiet li dehru fis-sejħa għall-offerti; u

(ii) il-Kummissjoni naqset li twieġeb il-mistoqsijiet tiegħu dwar l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti.

## L-INVESTIGAZZJONI

### L-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea

Il-kummenti tal-Kummissjoni kienu dawn li ġejjin:

F'waħda mill-*e-mails* li bagħat lill-Kummissjoni, l-ilmentatur kien staqsa l-mistoqsijiet li ġejjin dwar is-sotto-kuntratturi: "Għall-għanijiet tas-sejħa għall-offerti aħna obbligati nibagħtu dettalji li jkunu ċċertifikati jew iffirmati minn nutar dwar kull traduttur li nistgħu nużaw fi proġett partikolari? Aħna lesti, bħal m'hemm fl-applikazzjoni tagħna, li ninfurmaw ruħna dwar il-proċeduri tagħna biex nagħżlu tradutturi li jkunu xierqa, u lesti li nieħdu ġurament uffiċjali dwar dan, u nistgħu wkoll niżguraw li t-tradutturi kollha li jaħdmu fuq kull proġett jilħqu l-kwalifiki minimi kollha meħtieġa minnkom. Dan ikun biżżejjed? Aħna nistgħu nibagħtu wkoll tagħrif illustrat fuq tradutturi li x'aktarx nużaw, iżda hemm bżonn li dawn ikunu kollha ċċertifikati?" l-ilmentatur staqsa wkoll dwar l-irbit legali li jorbot is-sotto-kuntratturi tal-kumpanija tiegħu mal-Kummissjoni. Skond l-ilmentatur, dan kollu ma ħariġx ċar mill-informazzjoni li ngħatat.

L-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti, u b'mod partikolari paragrafu 2.3.3.2., kienu mill-aktar ċari f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-affarijiet li setgħu kienu meħtieġa. Ma kien hemm bżonn ta' ebda informazzjoni ċċertifikata fuq l-impjegati jew fuq is-sotto-kunttratturi. Dan il-fatt kien ikkonfermat fil-*website* ta' l-FAQ fejn kien hemm it-tweġibiet għall-mistoqsijiet li ġejjin: "Il-fotokopji taċ-ċertifikati tad-*degree* għandhom ikunu ċċertifikati wkoll? Iż-żewġ kopji tas-sejħa għall-offerti għandhom ikunu ċċertifikati wkoll? Min għandu jiċċertifikahom il-kopji?" It-tweġiba, fost affarijiet oħrajn, semmiet li "bil-maqlub ta' dokumenti relevanti oħra, il-kopji taċ-ċertifikati tad-*degree* m'hemmx għalfejn ikunu ċċertifikati". Aktar minn hekk, paragrafu 2.3.3.2. jgħid li "fi kwalunkwe każ, il-kuntrattur ewlieni huwa l-uniku persuna responsabbli sabiex jitwettaq il-kuntratt".

L-ilmentatur ikkummenta wkoll dwar il-ħtieġa ta' kopji ċċertifikati b'mod ġenerali u b'mod partikulari għat-tweġiba għal mistoqsija li dehret fil-FAQ li kienet tgħid li "bil-maqlub ta' dak li jiġri f'dokumenti relevanti oħra, il-kopji taċ-ċertifikati tad-*degree* m'hemmx għalfejn ikunu ccertifikati. Għandha tintbagħat offerta oriġinali waħda, li tinkludi ċ-ċertifikati oriġinali jew kopji veri taċ-ċertifikati li jkunu awtentikati. Iż-żewġ kopji jistgħu jkunu sempliċement fotokopji ta' l-offerta oriġinali, flimkien ma' l-annessi. Dawn id-dokumenti jeħtieġ li jiġu awtentikati minn awtorità xierqa bħal, per eżempju, avukat jew nutar. Dokument li jkun ġie awtentikat mill-istess persuna li tkun qed tibgħathom mhumiex aċċettabbli." l-ilmentatur qies li din kienet tweġiba ambigwa, li ħallietu jsaqsi lilu nnifsu liema kienu dawk id-dokumenti ċċertifikati jew oriġinali li kellu jibgħat kemm il-darba l-kopji tad-*degrees* ma kellhomx ikunu ċċertifikati.

L-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti kienu ċari. Paragrafu 2.1.1. semma sitt raġunijiet li setgħu jwasslu biex dak li jkun jitneħħa milli jieħu sehem. It-tweġiba għall-mistoqsija fl-FAQ kienet tirreferi b'mod ċar għal dan il-paragrafu ta' l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti, fejn bla dubbju ta' xejn kien hemm lista tad-dokumenti fejn kellu jingħata ċ-ċertifikat oriġinali jew kopja vera li tkun awtentikata.

L-ilmentatur kompla staqsa jekk dikjarazzjoni taħt ġurament quddiem nutar tkunx biżżejjed biex tikkonferma li l-kumpanija tiegħu ma kinetx falluta jew suġġetta għal proċeduri ta' falliment, minħabba li ma kienx possibbli li jikseb Certificate of Good Conduct fil-Gran Brittanja.

It-tweġiba għal din il-mistoqsija kienet tidher fl-aħħar sentenza ta' paragrafu 2.1.1. fl-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti, li kienet tgħid li "fejn ċertifikat bħal dan ma joħroġx fil-pajjiż konċernat, postu jista' jittieħed minn dokument li jsir taħt ġurament jew dikjarazzjoni solenni li ssir minn min ikun qed jibgħat l-offerta quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva jew nutar fil-pajjiż fejn ikun imwaqqaf".

Bħala kumment ġenerali dwar l-allegat nuqqas li twieġeb il-mistoqsijiet, il-Kummissjoni żżid tgħid li l-*policy* tagħha dwar kuntatti bejn min jixħet offerta u l-awtoritajiet li jagħżlu r-rebbieħ kienet tidher f'taqsima 1.12 ta' l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti[83]. Barra minn hekk, ladarba t-tweġibiet għall-mistoqsijiet ta' l-ilmentatur kienu kollha mniżżla fl-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti, flimkien ma' xi dettalji oħra li kienu jidhru fil-mistoqsijiet fl-FAQ tal-*website*, u peress li ebda kuntrattur ieħor li xeħet offerta ma kien ressaq mistoqsijiet bħal dawk ta' l-ilmentatur, ma kienet ittieħdet ebda azzjoni. Dan sar sabiex il-Kummissjoni timxi mal-prinċipju li għandu jkun hemm l-istess trattament għal dawk kollha li jixħtu offerta u biex dan il-prinċipju jirbaħ fuq il-prinċipju li l-Kummissjoni għandha twieġeb għat-talbiet kollha għat-tagħrif.

## L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Il-punti li ġejjin huma l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur fil-qosor:

Il-fatt li f'paragrafu 2.3.3.2 ta' l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti ma tissemmiex il-ħtieġa li jkun hemm informazzjoni ċċertifikata fuq l-impjegati jew is-sotto kuntratturi mhux bilfors ifisser li m'hemmx il-bżonn ta' ebda informazzjoni ċċertifikata jekk kemm il-darba rekwiżit simili jidher x'imkien ieħor. Fi tweġiba għal FAQ partikulari, intqal li "bil-maqblub ta' dokumenti relevanti oħra, il-kopji taċ-ċertifikati tad-*degree* m'hemmx għalfejn ikunu ċċertifikati. Għandha tintbagħat offerta oriġinali waħda, flimkien ma' l-oriġinali jew kopji awtentikati". Interpretazzjoni waħda ta' din l-istqarrija kuntrastanti , li għaliha tista' bir-raġun tintalab kjarifika, hi li fejn jidħlu ċ-ċertifikati tad-*degree*, kopji ċċertifikati m'humiex meħtieġa, l-oriġinali biss.

Barra minn hekk, paragrafu 2.1.1. fl-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti xejn ma kien ċar għax l-aħħar sentenza rreferiet b'mod ċar lura għas-sentenza ta' qabel liema sentenza rreferiet għas-sotto paragrafu (d) waħdu: "min jixħet offerta għandu jipprova wkoll li huwa ssodisfa l-obbligi msemmija permezz ta' ċertifikat reċenti". Xejn ma kien ċar li dan il-metodu alternattiv u li jipprovdi evidenza kien japplika wkoll għas-sotto paragrafi (a), (b) u (e) u t-tweġiba għall-mistoqsija ta' l-ilmentatur mhux bilfors li setgħet tittieħed mill-kliem tal-paragrafu. Barra minn hekk, fi proċedura ta' sejħa għall-offerti li ħarġet aktar tard, il-Kummissjoni fil-fatt spjegat liema kienu dawk is-sotto paragrafi f'paragrafu 2.1.1. li kienu jaqgħu taħt l-aħħar sentenza ta' dak il-paragrafu.

Fl-aħħar nett, il-ġustifikazzjoni li tressqet mill-Kummissjoni dwar il-fatt li ma weġbitx għall-mistoqsijiet ta' l-ilmentatur, jiġifieri li ebda kuntrattur li xeħet offerta ma kien staqsa mistoqsijiet simili u li din il-*policy* kienet taqbel mal-prinċipji li għandu jkun hemm l-istess trattament għal kulħadd, hija assurda. Ma seta' jirriżulta ebda vantaġġ fuq kuntratturi oħra għax jiġu pubblikati l-kjarifiki. Kull min xeħet offerta seta' jiggwadanja bl-istess mod minn spjegazzjonijiet oħra.

[83] L-Ombudsman jifhem li din ir-referenza għal sezzjoni 1.12 hija parti minn dik is-sezzjoni li tgħid: »Mhux permess li jsir kuntatt bejn min jixħet offerta u l-awtoritajiet li jagħżlu r-rebbieħ dwar din is-sejħa għall-offerti, ħlief taħt ċirkustanzi eċċezzjonali u taħt iċ-ċirkustanzi li ġejjin: (a) qabel ma tagħlaq id-data biex jinxteħtu l-offerti:- fuq talba minn dawk li jitfgħu offerta: il-Kummissjoni tista' twassal informazzjoni addizzjonali lill-partijiet interessati biss biex tiċċara n-natura tal-kuntratt biss. /.../ Dawk li fi ħsiebhom jixħtu offerta huma mitluba li jibagħtu l-mistoqsijiet permezz ta' *e-mail* biss lill-persuna [li tkun ġiet maħtura]. Il-mistoqsijiet għandhom ikunu ċari u qosra u jirreferu direttament għall-punt relevanti fl-ispeċifikazzjoni. Għandhom ikunu bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil-Ġermaniż, u t-tweġibiet jidhru fuq il-*website* /.../ f'dawn it-tliet lingwi. /.../"

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 L-allegat nuqqas ta' ċarezza u ta' inkonsistenza fuq l-FAQ tal-website ma' l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti

1.1 L-ilment huwa dwar is-sejħa għall-offerti għal servizzi ta' traduzzjoni (AO2003). l-ilmentatur jallega li l-FAQ tal-*website*, meta wieħed jaqrah flimkien ma' l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti, ma tagħmilhiex ċara jekk kellhiex tintbagħat informazzjoni ċċertifikata dwar is-sotto-kuntratturi. Ħafna drabi lanqas ma kien ċar liema kopji tad-dokumenti relevanti riedu jiġu ċċertifikati, b'mod partikolari jekk kopji tad-diplomi kellhomx ikunu ccertifikati.

1.2 Il-Kummissjoni tisħaq li l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti kienu ċari fejn kienu jikkonċernaw il-ħtieġa ta' informazzjoni li tkun iċċertifikata u tal-kopji. Barra minn hekk, it-tweġiba għal FAQ li ssemmiet ikkonfermat biss dak li kien ġa ċar mill-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti. Minħabba f'hekk, kopji ta' *degrees* u diplomi ma kellhomx għalfejn ikunu ċċertifikati, waqt li, per eżempju, kopji ta' evidenza mitluba f'paragrafu 2.1.1. ta' l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti riedu jiġu ċċertifikati.

1.3 L-Ombudsman jħoss li informazzjoni dwar dokumenti li kellhom jitressqu ma' l-offerti għandha tkun ċara u mhux ambigwa, l-aktar għaliex offerta li ma tkunx imtliet kif suppost, ħafna drabi ma tkunx tista' tiġi rranġata wara d-data ta' l-għeluq biex jinxteħtu l-offerti. Madankollu minħabba li l-kliem li kienu jidhru fil-FAQ, fejn l-informazzjoni li kienet tingħata kienet fiha nnifisha tweġiba, l-Ombudsman ma deherlux li l-informazzjoni fl-FAQ tal-*website* ma kinetx ċara jew inkonsistenti ma' l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti. l-Ombudsman għalhekk ma jsib l-ebda nuqqas amministrattiv mill-Kummissjoni f'dak li għandu x'jaqsam ma' din il-parti ta' l-ilment.

### 2 L-allegat nuqqas tal-Kummissjoni li twieġeb il-mistoqsijiet ta' l-ilmentatur

2.1 L-ilmentatur jallega li l-Kummissjoni ma weġbitx il-mistoqsijiet tiegħu dwar l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti.

2.2 Il-Kummissjoni tgħid li ma ttieħdet ebda azzjoni għax it-tweġibiet għall-mistoqsijiet ta' l-ilmentatur kienu jinsabu kollha fl-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti flimkien mad-dettalji l-oħra li kienu jidhru fuq l-FAQ tal-*website*. Il-Kummissjoni tkompli tisħaq li ħadd minn dawk li xeħtu offerta ma ressaq mistoqsijiet bħal dawk ta' l-ilmentatur u li ħalliet il-prinċipju li għandu jkun hemm l-istess trattament għal dawk kollha li jixħtu offerta jirbaħ fuq il-pulitika tagħha li twieġeb kull talba għall-informazzjoni.

2.3 L-Ombudsman l-ewwel jgħid li dak li sab hu f'1.3 hawn fuq (jiġifieri li ċerta informazzjoni dwar is-sejħa għall-offerti in kwistjoni, fil-kuntest speċifiku tagħha, ma tistax tiġi kkunsidrata li hi inkonsistenti jew mhux ċara) ma jfissirx li ma jista' jkun hemm ebda raġuni valida għal dawk li jitħajjru jixħtu offerta li jistaqsu għal aktar kjarifiki. Huwa minnu li l-mod kif kienet miktuba taqsima 1.12 ta' l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti[84] tista' raġonevolment twassal lil dawk li jixħtu offerta li jistennew li l-Kummissjoni twieġeb kull mistoqsija li taqa' taħt il-kriterji li jidhru hemmhekk u li trattament ugwali lil kulħadd jingħata permezz tal-pubblikazzjoni tar-risposti fuq il-*website* fit-taqsima tal-FAQ.

2.4 Dwar il-mistoqsijiet li ressaq l-ilmentatur, l-Ombudsman jaf li l-Kummissjoni bagħtet *e-mail* lill-ilmentatur fejn għarrfitu li l-informazzjoni li kien talab kienet tinsab ġa fl-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti u fil-*website* fit-taqsima tal-FAQ. Fl-opinjoni ta' l-Ombudsman, din kienet tweġiba adegwata għall-mistoqsija ta' l-ilmentatur dwar ir-relazzjoni legali bejn is-sotto-kuntratturi tal-kumpanija tiegħu u l-Kummissjoni, peress li din l-informazzjoni setgħet faċilment tinstab fid-dokumenti msemmija mill-Kummissjoni. Barra min hekk, dwar l-interpretazzjoni ta' paragrafu 2.1.1.

84 Ara n-nota li tiġi qabel. "L-Ombudsman jifhem ........"

ta' l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti, l-ilmentatur jidher li kien staqsa lill-Kummissjoni jekk dikjarazzjoni taħt ġurament kinetx biżżejjed biex turi li l-kumpanija tiegħu ma kinetx falluta. Kien biss matul din l-investigazzjoni li l-ilmentatur wessa l-mistoqsija tiegħu dwar il-mod ta' kif kellu jinterpreta l-aħħar sentenza ta' paragrafu 2.1.1. b'relazzjoni mas-sotto paragrafi. l-Ombudsman jidhirlu li t-tweġiba tal-Kummissjoni għall-mistoqsija oriġinali ta' l-ilmentatur hi raġonevoli, jiġifieri li t-tweġiba setgħet tinstab b'mod pjuttost sempliċi f'paragrafu 2.1.1 u li għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li tippubblika tweġiba oħra fil-*website* fit-taqsima tal-FAQ.

2.5 Il-mistoqsijiet ta' l-ilmentatur fuq dettalji dwar is-sotto-kuntratturi ma kinetx, madankollu, tikkonċerna biss il-htiega li seta' kien hemm ta' kopji iċċertifikati ta' diplomi, li kienet is-suġġett tat-tweġiba fuq il-*website* fit-taqsima tal-FAQ li rreferiet għaliha l-Kummissjoni. l-ilmentatur staqsa wkoll, fil-qosor, jekk kinetx meħtieġa informazzjoni dwar kull traduttur/sotto-kuntrattur li seta' jkun qed jieħu sehem, jew jekk kienx biżżejjed li ssir spjega tal-proċedura li intużat biex jintgħażlu dawk it-tradutturi. l-Ombudsman ma jidhirlux li t-tweġiba għal din il-mistoqsija wieħed jista' faċilment isibha fl-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti u fil-FAQ. Barra minn hekk, f'dak li għandu x'jaqsam mal-mistoqsija ta' l-ilmentatur dwar liema dokumenti ċċertifikati jew oriġinali kellhom jiġu mogħtija jekk il-kopji tad-*degrees* ma kellhomx għalfejn ikunu ċċertifikati, l-Ombudsman ma jqisx li hu ġustifikat l-argument tal-Kummissjoni li l-*website* fit-taqsima FAQ tagħha wieġbet din il-mistoqsija.[85]

2.6 Minħabba dan ta'hawn fuq, l-Ombudsman jidhirlu li, skond sezzjoni 1.12 ta' l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti[86], l-ilmentatur seta' raġonevolment jistenna li l-Kummissjoni tippubblika t-tweġibiet għal tnejn mill-mistoqsijiet tiegħu fil-*website* fit-taqsima FAQ. Hija amministrazzjoni tajba li taġixxi skond it-tamiet li jkunu nħolqu b'mod raġonevoli mill-imġieba ta' l-Istituzzjoni.[87] In-nuqqas tal-Kummissjoni li tipprovdi u li tippubblika dawn it-tweġibiet kien għalhekk nuqqas amministrattiv u l-Ombudsman se jagħmel rimarka kritika f'dan ir-rigward.



### 3 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-inkjesti ta' l-Ombudsman dwar dan l-ilment, huwa neċessarju li ssir ir-rimarka kritika li ġejja:

*Skond sezzjoni 1.12 ta' l-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għall-offerti, l-ilmentatur seta' b'mod raġonevoli jistenna li l-Kummissjoni tippubblika t-tweġibiet għal tnejn mill-mistoqsijiet tiegħu fil-website fit-taqsima FAQ. Hija amministrazzjoni tajba li taġixxi skond it-tamiet li jkunu nħolqu b'mod raġonevoli mill-imġiba ta' l-Istituzzjoni.*[88] *In-nuqqas tal-Kummissjoni li tagħti u li tippubblika dawn it-tweġibiet kien għalhekk nuqqas amministrattiv.*

Minħabba li dan l-aspett tal-każ jikkonċerna proċeduri relatati ma' avvenimenti partikulari tal-passat, mhux il-każ li wieħed ifittex ftehim amikevoli ta' din il-kwistjoni. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

85 It-tweġiba tgħid li: »Bid-differenza ta' dokumenti oħra relevanti, il-kopji taċ-ċertifikati tad-*degrees* m'hemmx għalfejn ikunu ċċertifikati. Għandha titressaq offerta oriġinali waħda, li tinkludi l-oriġinali jew kopji veri li jkunu awtentikati. Iż-żewġ kopji għandhom ikunu sempliċement fotokopji ta' l-offerta oriġinali, flimkien ma' l-annessi. Id-dokumenti għandhom jiġu awtentikati minn awtorità xierqa, per eżempju, avukat jew nutar. Ċertifikazzjoni magħmula mill-persuna nnifisha ma tintlaqax.«

86 Ara n-nota 83 ta' qabel. "L-Ombudsman jifhem ........"

87 Artikolu 10 tal-Kodiċi Ewropew ta' Imġiba Amministrattiva Tajba adottat mill-Parlament Ewropew fil-mozzjoni tiegħu C5-0438/2000 tas-6 ta' Settembru 2001 (aċċessibbli fuq il-*website* ta' l-Ombudsman: http://www.euro-ombudsman.eu.int).

88 Artikolu 10 tal-Kodiċi Ewropew ta' Imġiba Amministrattiva Tajba adottat mill-Parlament Ewropew fil-mozzjoni tiegħu C5-0438/2000 tas-6 ta' Settembru 2001 (aċċessibbli fuq il-*website* ta' l-Ombudsman: http://www.euro-ombudsman.eu.int).

## 3.4.4 Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

### ALLEGAZZJONI LI L-ILMENTATUR GĦADDA "INFORMAZZJONI FALZA" FIL-KUNTEST TA' IMPIEG ĠDID

*Deċiżjoni dwar ilment 852/2003/OV kontra l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali*

L-ILMENT

Il-kuntest ta' l-ilment preżenti huwa dan li ġej:

Fl-14 u t-22 ta' Mejju 2002, l-ilmentatur għamel ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew (ref. 906/2002/OV) kontra l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (minn hawn 'il quddiem "ECOSOC") talli temm il-proċedura biex hu jingħata mpieg.

L-ilmentatur kien ħa sehem fil-kompetizzjoni tal-Parlament Ewropew PE/86/A għal Assistenti Amministraturi fil-lingwa Ingliża. Huwa ġie nfurmat permezz ta' ittra bid-data tad-29 ta' Lulju 1999 mill-kap tas-servizz tal-kompetizzjoni tal-Parlament li ismu ma kienx inkluż fil-lista ta' riserva. Madankollu, l-ilmentatur fehem li l-ittra kienet tfisser li hu kien għadda mill-kompetizzjoni. F'Jannar ta' l-2002, huwa għalhekk applika ma' l-ECOSOC għall-post ta' uffiċjal. Fi Frar 2002, saritlu offerta ta' xogħol mill-ECOSOC u l-ilmentatur għamel it-test mediku. Madankollu, f'Marzu 2002, l-ECOSOC infurmat lill-ilmentatur li ma setgħux jimpjegawh peress li ma kienx għadda mill-kompetizzjoni tal-Parlament Ewropew u ma kienx tqiegħed fil-lista ta' riserva. F'Mejju 2002, l-ilmentatur ilmenta quddiem l-Ombudsman u allega li l-ECOSOC kienet waqqfet il-procedura ta' l-impjieg tiegħu mingħajr ġustifikazzjoni.

Fis-16 ta' Diċembru 2002, l-Ombudsman għalaq l-istħarriġ tiegħu u wasal għall-konklużjoni li ma kien hemm l-ebda nuqqas fl-amministrazzjoni mill-ECOSOC. Peress li l-ilmentatur għamel allegazzjonijiet ġodda fl-osservazzjonijiet tiegħu tat-30 ta' Novembru 2002, l-Ombudsman informa lill-ilmentatur li huwa seta' jressaq ilment ġdid.

Fit-30 ta'April 2003, l-ilmentatur kiteb lura lill-Ombudsman u għamel ilment ġdid, li fil-qosor kien dan li ġej:

Fl-opinjoni tagħha fuq ilment 906/2002/OV, l-ECOSOC qalet li l-proċedura għall-impjieg ta' l-ilmentatur kienet inbdiet fuq il-bażi ta' "informazzjoni falza li ngħatat mill-ilmentatur". Li xi ħadd jagħti informazzjoni falza hi offiża serja, għax tfisser ħabi volontarju jew alterazzjoni tal-fatti bl-għan li dak li jkun iqarraq. l-ilmentatur iqis li l-allegazzjoni li saret kontrih ma hix ġustifikata, għax hu aġixxa b'intenzjoni tajba u minn jeddu ta l-informazzjoni relevanti kollha li hu kellu lil ECOSOC. Barra minn hekk, meta għamlet din l-allegazzjoni, l-ECOSOC kisret Artikolu 12 ("kortesija") tal-Kodiċi Ewropew ta' Imġiba Amministrattiva Tajba. l-ECOSOC setgħet uriet lill-ilmentatur b'mod pulit li l-azzjonijiet tiegħu kienu bbażati fuq nuqqas ta' ftehim li ġara b'mod sfortunat, u setgħet talbet skuża għan-nuqqas tagħha li tagħraf li kien hemm fin-nofs dan in-nuqqas ta' ftehim.

Fil-qosor, l-ilmentatur jallega li d-dikjarazzjoni tal-ECOSOC li huwa kien għadda informazzjoni żbaljata hija bla bażi u b'hekk tikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni ħażina. Huwa jitlob li ssir stqarrija sħiħa bil-miktub, fejn tiġi irtirata d-dikjarazzjoni u li jingħata apoloġija, wkoll bil-miktub, talli b'mod żbaljat tqajjmu dubji dwar l-onestà u l-integrità personali tiegħu.

## L-INKJESTA

### L-opinjoni tal-Kumitat Economiku u Soċjali

L-ECOSOC l-ewwel innotat li, fid-deċiżjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2002, l-Ombudsman ikkonkluda li ma kien hemm l-ebda nuqqas amministrattiv min-naħa ta' l-ECOSOC, għax l-ilmentatur ma tpoġġiex fil-lista ta' riserva.

L-ECOSOC imbagħad iddikjarat li ma kien hemm ebda inkonsistenza ġenerali, jew malafama jew akkuża li wieħed seta' jiġbed mill-kliem li kien hemm fl-istqarrijiet meta ħarġet l-opinjoni tagħha dwar il-każ 906/2002/OV. Dawn id-dikjarazzjonijiet bl-ebda mod ma kienu libellużi.

L-ilmentatur uża x-xebħ li jista' jkun hemm bejn "tgħaddi minn kompetizzjoni" u "issir kandidat li jkun irnexxa" għal kariga bħala l-pern ta' l-istrateġija kollha ta' difiża tiegħu għaż-żewġ ilmenti li kien ressaq quddiem l-Ombudsman. Din l-istrateġija tmur kontra Artikoli 28d u 30, u Anness III ta' l-i*Staff* Regulations. l-ilmentatur ma kienx qal is-sewwa kollha dwar l-uffiċjali ta' l-ECOSOC li kienu kkuntattjawh l-ewwel biex jibdew il-proċedura tal-ħatra. Huwa lagħab fuq il-possibbiltà ta' xebħ f'kunċetti bħal "tgħaddi minn kompetizzjoni" u "issir kandidat li jkun irnexxa", u l-persuni responsabbli għall-impjieg tiegħu kienu fehmu li ismu kien żdied mal-lista ta' riserva. Kien l-ilmentatur innifsu li kien għadda informazzjoni nieqsa lill-ECOSOC u li għandu jbati l-konsegwenzi loġiċi ta' l-azzjoni żleali tiegħu. l-ECOSOC bl-ebda mod ma fittxet li tiskredita lill-ilmentatur, lanqas ma wettqet xi malafama kontrih.

L-ECOSOC osservat ukoll li, mill-punto di vista proċedurali, l-ilment m'għandux jiġi aċċettat għax a) l-ilmentatur ressaq l-ilment tiegħu bħala tweġiba għad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-ECOSOC waqt li kienet qed teżercita d-dritt tagħha għal smigħ ġust, u l-mistoqsija li tqum hawn hija problema ta' natura proċedurali li trid tiġi solvuta bħala parti mill-istess proċeduri li jintużaw biex tintlaħaq deċizjoni fuq l-ilment tal-bidu, u b) l-ilmentatur ma kien għamel ebda kuntatt amministrattiv minn qabel dwar dan l-ilment ġdid.

Il-ECOSOC temmet tgħid li l-ilment għandu għalhekk ikun dikjarat mhux ammissibbli jew inkella għandu jiġi rifjutat.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

L-ilmentatur sostna l-ilment tiegħu u għamel disa' paġni ta' osservazzjonijiet li jistgħu jitqassru kif ġej: Huwa ddispjaċih li l-ECOSOC ma wriet ebda ħajra li tilqa' t-talba tiegħu li tirtira bil-miktub l-allegazzjoni tagħha li hu kien għadda informazzjoni falza u li tagħmillu apoloġija bil-miktub. Hu tenna t-talba tiegħu u kien lest għal soluzzjoni amikevoli. l-ilmentatur ittama li l-Ombudsman jinnota l-arroganza u n-nuqqas ta' rispett li wriet l-ECOSOC li komplew jaggravaw sitwazzjoni diġà serja.

Fir-rigward ta' l-ammissibilità, l-ilmentatur osserva li d-deċiżjoni ta' l-Ombudsman li jilqa' dan l-ilment taqbel perfettament ma' l-interpretazzjoni ta' l-Ombudsman tal-proċeduri tiegħu fejn, f'każ ta xi dubju dwar jekk sarux minn qabel kuntatti amministrativi, dubju bħal dan għandu jmur favur l-ilmentatur. Barra minn hekk, il-fatti li kien hemm wara dan l-ilment kienu magħrufin sew mill-ECOSOC minn ilment 906/2002/OV.

L-ilmentatur tenna li l-fehma tiegħu li hu kien għadda mill-kompetizzjoni miftuħa PE/86/A kienet ġusta u kienet b'intenżjoni tajba fuq bażi tal-fatti li kienu disponibbli dak iż-żmien. Huwa kien għalhekk qed jaġixxi b'intenzjoni tajba meta fl-ittri tiegħu lill-ECOSOC iddikjara li hu kien għadda.

L-ECOSOC f'ebda mument ma ġibdet lura l-allegazzjoni li l-ilmentatur kien għaddielha informazzjoni falza, u lanqas ma ġabet xi fatti li jsaħħu din l-allegazzjoni. Minflok, l-ECOSOC aggravat is-sitwazzjoni meta ddikjarat li l-ilmentatur ma kienx għal kollox sinċier lejn l-uffiċjali ta' l-ECOSOC, li hu kien lagħab fuq l-ambigwità li tista' tinqala' bejn il-kunċetti, li kien huwa nnifsu l-għajn ta' informazzjoni mhux kompluta li ngħatat lill-ECOSOC, u li hu għandu jbati l-konsegwenzi ta' l-azzjoni żleali tiegħu. Dawn l-allegazzjonijiet addizzjonali huma bla bażi u mingħajr ebda provi

daqs l-allegazzjoni li dwarha kien qam l-ilment preżenti. l-ECOSOC kienet għal darb'oħra qed taġixxi deliberatament biex tnaqqas l-unur ta' l-ilmentatur billi tagħmel allegazzjonijiet libellużi kontrih.

Jekk uffiċjali speċjalizzati fi kwistjonijiet dwar l-impjegati jkunu jistgħu, fuq il-bażi ta' kopji ta' ittri tal-Parlament Ewropew dwar il-kandidatura tiegħu, jaslu għall-konklużjoni li l-ilmentatur kien eliġibbli għal impjieg ta' uffiċjal, mela żgur li ċittadin Ewropew li ma jkunx jaf id-dettalji tal-proċeduri li bihom istituzzjoni timpjega n-nies jista' jiġi skużat jekk jasal għall-istess konklużjoni b'intenzjoni tajba. Ir-responsabbiltà li jkun hemm għarfien tal-proċeduri ta' kif jiġu impjegati n-nies tinsab f'idejn l-istituzzjonijiet tal-Komunità u mhux f'idejn iċ-ċittadin. l-ilmentatur ħeles lilu nnifsu minn kull responsabbiltà personali billi għadda lill-ECOSOC l-informazzjoni relevanti kollha, inkluż l-evidenza dokumentata.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 L-ammissibilità ta' l-ilment

1.1 Fl-opinjoni tagħha, l-ECOSOC qanqlet dubju dwar l-ammissibilità ta' l-ilment fuq żewġ raġunijiet: a) il-mistoqsija li tqum hija problema ta' natura proċedurali li għandha tiġi solvuta bħala parti ta' l-istess provvedimenti wżati biex tintlaħaq deċiżjoni dwar l-ilment inizjali, u b) l-ilmentatur ma kienx għamel kuntatti amministrattivi minn qabel dwar dan l-ilment ġdid.

1.2 Artikolu 2.4 ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman Ewropew[89] jgħid li "qabel ilment (…) għandu jkunu saru kuntatti amministrattivi xierqa ma' l-istituzzjonijiet u gruppi konċernati". Fir-Rapport Annwali tiegħu għas-sena 1995, l-Ombudsman iddikjara, rigward l-interpretazzjoni tal-kriterji ta' ammissibilità, li "avviċinament li jkun tekniku jew legalistiku ż-żejjed dwar l-ammissibilità ta' ilmenti dwar każijiet possibbli ta' nuqqas amministrattiv mill-istituzzjonijiet jew entitajiet Komunitarji mhux ħaġa xierqa. Jekk hemm xi dubju, per eżempju, dwar jekk qabel kienx hemm kuntatt suffiċjenti (…), dan id-dubju normalment għandu jmur favur l-ilmentatur. Jekk ilment b'mod żbaljat jiġi meqjus bħala wieħed li mhux ammissibbli, id-drittijiet taċ-ċittadin ikunu qed jiġu pperikolati".[90]

1.3 L-Ombudsman jinnota li l-allegazzjoni li dwarha qam l-ilment preżenti hija marbuta mill-qrib mal-fatt li kien ġie eżaminat fil-kuntest ta' l-istħarriġ dwar ilment 906/2002/OV. l-ilmentatur għall-ewwel darba ilmenta dwar din l-allegazzjoni fid-dawl ta' l-ilment ta' qabel, jiġifieri fl-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-opinjoni ta' l-ECOSOC. l-ECOSOC ġiet infurmata dwar dan, għax l-Ombudsman bagħat kopja tad-deċiżjoni tiegħu tas-16 ta' Diċembru 2002 lill-ECOSOC, u d-deċiżjoni semmiet l-allegazzjoni li dwarha qam dan l-ilment.

1.4 Skond dak li ntqal hawn fuq, l-Ombudsman jidhirlu li l-kundizzjoni ta' kuntatti amministrattivi li jsiru qabel u li jkunu "xierqa" qiegħda tintlaħaq f'dan il-każ. Li wieħed kellu jitlob li l-ilmentatur jerġa' jagħmel kuntatt ma' l-ECOSOC qabel iressaq ilment quddiem l-Ombudsman kienet tkun ħaġa barra minn lokha u legalistika bla bżonn. l-ilment għalhekk huwa ammissibbli.

### 2 Id-dikjarazzjoni li l-ilmentatur għadda "informazzjoni falza" u t-talba li din id-dikjarazzjoni tiġi rtirata

2.1 L-ilmentatur jallega li d-dikjarazzjoni ta' l-ECOSOC fl-opinjoni tagħha fuq ilment 906/2002/OV li hu għadda informazzjoni falza hi bla bażi u tikkostitwixxi att ta' nuqqas amministrattiv. Huwa jitlob li l-ECOSOC għandha tirtira din l-istqarrija kollha kemm hi bil-miktub, u li tagħmel skuża, ukoll bil-miktub, talli b'mod żbaljat kienet qajjmet dubji dwar l-onestà u l-integrità personali tiegħu. Skond l-ilmentatur hu kien mexa b'intenzjoni tajba.

89 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew fuq ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-ħidma tad-dmirijiet ta' l-Ombudsman , *OJ* L 113/15 ta' l-4 ta' Mejju 1994.

90 Rapport Annwali ta' l-Ombudsman 1995, paġni 20-21.

2.2 L-ECOSOC targumenta li l-ilment għandu jitwarrab għax ma kien hemm ebda inkonsistenza ġenerali, lanqas xi malafama jew akkuża li setgħet toħroġ minn dak li kien jidher fl-istqarrijiet li kien hemm fl-opinjoni tagħha dwar il-każ 906/2002/OV. l-ECOSOC bl-ebda mod ma fittxet li tnaqqas l-unur ta' l-ilmentatur. l-ilmentatur lagħab fuq l-ambigwità li tista' tqum bejn il-kunċetti, kien hu stess l-għajn ta' informazzjoni mhux sħiħa li ngħatat lill-ECOSOC u għandu jbati hu nnifsu l-konsegwenzi loġiċi ta' l-azzjoni żleali tiegħu.

2.3 L-Ombudsman fakkar li l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur għall-impjieg fl-ECOSOC kienet ibbażata fuq dak li kien hemm miktub fl-ittra tas-servizz dwar il-kompetizzjonijiet tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Lulju 1999 dwar is-sehem ta' l-ilmentatur f'kompetizzjoni miftuħa PE/86/A u li kienet tgħid hekk: "Jiddispjaċini ninfurmak li ma kienx possibbli li ninkludu ismek fil-lista ta' kandidati addattati għax, għalkemm inti ġibt il-marka meħtieġa biex wieħed jgħaddi minn eżami f'kull test u ġibt is-60% tal-marki li hu meħtieġ fit-testijiet kollha tal-kitba u orali, inti m'intix fost l-aqwa tlettax-il kandidat li għalihom kienet ristretta l-lista tal-kandidati addattati." Kif intqal fid-deċiżjoni ta' l-Ombudsman fis-16 ta' Diċembru 2002 fuq ilment 0906/2002/OV, jidher ċar minn din il-frażi – li tibda b' "Jiddispjaċini ninfurmak" – li l-ilmentatur ma kienx għadda mill-kompetizzjoni. Il-fehma ta' l-ilmentatur li hu għadda mill-kompetizzjoni u li seta' japplika għal impjieg fl-ECOSOC kienet għalhekk żbaljata.



2.4 Fl-opinjoni tagħha fuq ilment 906/2002/OV, l-ECOSOC iddikjarat li l-ilmentatur kien għadda informazzjoni "falza". l-Ombudsman jinnota li waħda mit-tifsiriet normali tal-kelma falza hija "deliberatament mhux veru". Fl-opinjoni tagħha fuq dan l-ilment, l-ECOSOC ma pprovdiet ebda evidenza biex turi li l-ilmentatur għadda informazzjoni mhux vera deliberatament. l-ECOSOC setgħet, fl-opinjoni tagħha fuq dan l-ilment, tirtira u tagħmel apoloġija għal xi suġġeriment li l-ilmentatur ma kienx mexa b'intenzjoni tajba. Minflok, l-ECOSOC għamlet aktar insinwazzjonijiet ta' intenzjonijiet ħżiena, bla ma ppruvathom, billi ddikjarat li l-ilmentatur "uża x-xebħ li jista' jkun hemm bejn dawn iż-żewġ kunċetti bħala bażi għall-istrateġija ta' difiża sħiħa tiegħu", "lagħab bl-ambigwità li jista' jkun hemm bejn il-kunċetti" u "għandu issa jbati l-konsegwenzi loġiċi ta' l-azzjoni żleali tiegħu."

2.5 Meta istituzzjoni jew korp Komunitarju jidhirlu li aġixxa korrettament u li ma jistax ikun akkużat b'xi nuqqas amministrattiv, imbagħad tkun ħaġa xierqa li l-istituzzjoni jew il-korp jispjega l-azzjonijiet tiegħu u jagħti r-raġunijiet għalihom. Normalment ħaġa bħal din iġġib magħha li n-nies jifhmu aktar l-azzjonijiet ta' l-amministrazzjoni. Meta l-kliem ma jkunx kif suppost dan iġib biss u jkompli jsaħħaħ impressjoni negattiva ta' l-istituzzjoni konċernata u ta' l-amministrazzjoni Komunitarja in ġenerali[91]. Il-kliem li jidhru hawn fuq fl-opinjoni ta' l-ECOSOC juru li fit-tweġiba ntuża kliem differenti minn dik li s-soltu jintuża mill-istituzzjonijiet Komunitarji u agenziji fl-opinjonijiet tagħhom lill-Ombudsman.

2.6 Prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jitolbu li l-istituzzjonijiet ikunu korretti u puliti fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku. Jekk isir xi żball, li jolqot b'mod negattiv id-drittijiet jew l-interessi ta' xi membru tal-pubbliku, l-istituzzjoni għandha tiskuża ruħha għalih u tħabrek biex issewwi l-effetti ħżiena li joħorġu minn dan l-iżball[92]. Fil-każ preżenti, l-ECOSOC naqset li tkun konformi mad-dover tagħha li timxi b'mod edukat. Dan jikkostitwixxi eżempju ta' nuqqas amministrattiv u għalhekk l-Ombudsman jagħmel ir-rimarka kritika ta' hawn taħt.

## 3 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ li sar mill-Ombudsman fuq dan l-ilment, huwa neċessarju li ssir ir-rimarka kritika li ġejja:

*Prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jitolbu li istituzzjonijiet ikunu korretti u ġentili fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku. Jekk isir xi żball, li jolqot ħażin id-drittijiet jew l-interessi ta' xi membru tal-pubbliku,*

91 Ara d-deċiżjoni ta' l-Ombudsman tat-13 ta' Marzu 2002 fl-istħarriġ li wettaq minn jeddu OI/1/2002/OV dwar CEDEFOP, Rapport Annwali ta' l-Ombudsman 2002, p. 204. Ara wkoll f'http://www.euro-ombudsman.eu.int/decision/en/02oi1.htm.

92 Artikolu 12.1 u 12.3 tal-Kodiċi Ewropew ta' Imġiba Amministrattiva Tajba.

*l-istituzzjoni għandha titlob skuża għal dan l-iżball u tħabrek biex issewwi l-effetti negattivi li joħorġu minn dan l-iżball*[93]*. Fil-każ preżenti, l-ECOSOC naqset li timxi fuq id-dover li għandha li taġixxi b'mod edukat. Dan jikkostitwixxi eżempju ta' nuqqas amministrattiv.*

Minħabba li dan l-aspett tal-każ hu dwar proċeduri marbuta ma' avvenimenti partikulari tal-passat, u meta wieħed jikkunsidra l-pożizzjoni li ħadet l-ECOSOC fl-opinjonijiet tagħha fuq dan il-każ u fuq każ 906/2002/OV, m'hemmx lok li wieħed ikompli jmexxi 'l quddiem ftehim amikevoli dwar is-suġġett. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ

## 3.4.5 L-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi

### ALLEGAZZJONIJIET MHUX FONDATI TA' KORRUZZJONI KONTRA ĠURNALIST

### *Deċiżjoni dwar ilment 1840/2002/GG kontra l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi*

*Dan li ġej hu ġabra fil-qosor tad-deċiżjoni li ma tistax tkun ippubblikata sħiħa minħabba t-tul tagħha. Din il-ġabra fil-qosor tittratta aspett wieħed biss tal-każ, li nvolva wkoll allegazzjonijiet oħra. Id-dokument kollu bid-deċiżjoni bil-Ġermaniż u bl-Ingliż jinsab fil-website ta' l-Ombudsman : http://www.euro-Ombudsman.eu.int/decision/en/021840.htm*

L-ilmentatur huwa l-korrispondent fi Brussell ta' Stern, rivista Ġermaniża ta' kull ġimgħa. Stern ippubblikat żewġ artikoli dwar allegati irregolaritajiet li kienu tqajjmu minn uffiċjal ta' l-UE, is-Sur Paul van Buitenen, u l-inkjesti dwar dan li kienu saru mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF). Dawn l-artikoli kienu bbażati fuq dokumenti kunfidenzjali miksuba mill-ilmentatur. Żmien wara l-OLAF ippubblikat stqarrija uffiċjali li kienet tgħid li "xi" ġurnalist kien kiseb numru ta' dokumenti relatati ma' din l-inkjesta u li kien ġie deċiż li tinfetaħ inkjesta interna dwar, fost affarijiet oħra, l-allegazzjoni li d-dokumenti relevanti kienu inkisbu "billi sar ħlas lil impjegat fis-servizz ċivili." Fl-4 ta' April 2002, il-gazzetta European Voice ikkwotat kelliem għall-OLAF li kien qal li l-OLAF "kienet ingħatat evidenza *prima facie* li seta' sar xi ħlas".

L-ilmentatur deherlu li l-OLAF kienet żbaljata meta ħarġet fil-pubbliku fi stqarrija għall-istampa u fil-kummenti tagħha fuq il-European Voice allegazzjonijiet ta' korruzzjoni li kellhom jiftiehmu bħala li kienu diretti lejh u lejn il-gazzetta tiegħu.

Waqt l-istħarrig li sar mill-Ombudsman, l-OLAF qalet li d-deċiżjoni li tħabbar li kienet infetħet investigazzjoni interna kienet ittieħdet wara li kienet ġiet eżaminata sew. Minħabba implikazzjonijiet serji li seta' kien uffiċjal ta' l-OLAF li kien responsabbli biex inkixfu b'mod illegali informazzjoni kunfidenzjali u tagħrif personali, id-Direttur ta' l-OLAF iddeċieda li jħabbar pubblikament u bl-aktar mod trasparenti possibbli li l-OLAF kienet qiegħda tinvestiga dawn in-nuqqasijiet biex tidentifika lil dawk responsabbli, u biex 'il quddiem tevita li jsiru vjolazzjonijiet simili. Barra minn hekk, fuq il-bażi ta' informazzjoni speċifika li kienet waslet għand l-OLAF, kien hemm raġunijiet għaliex l-OLAF kellha għalfejn temmen li, mill-inqas f'okkażjoni waħda, kien sar ħlas lil uffiċjal ta' l-OLAF jew uffiċjal ieħor ta' l-UE biex jinkisbu dokumenti kunfidenzjali. Inkjesti dwar jekk dan kienx tassew ġara kienu għadhom għaddejja. l-OLAF argumenta wkoll illi r-referenza tagħha għal "xi" ġurnalist kienet newtrali u ma kienet timplika ebda individwu speċifiku.

Wara li kkunsidra l-opinjoni ta' l-OLAF u l-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur, l-Ombudsman iddikjara li hi prattika amministrattiva tajba li jiġi żgurat, meta jkunu qed jittieħdu d-deċiżjonijiet, li jkun hemm proporzjon bejn il-miżuri adottati u l-għan li jkun hemm wara dawn id-deċiżjonijiet. B'mod partikulari, l-amministrazzjoni għandha tevita li tillimita d-drittijiet taċ-ċittadini meta

[93] Artikolu 12.1 u 12.3 tal-Kodiċi Ewropew ta' Imġiba Amministrattiva Tajba.

m'hemmx proporzjon raġonevoli bejn dawk il-limitazzjonijiet u l-għan għalfejn tkun ittieħdet dik l-azzjoni.[94] Dawn in-normi għandhom japplikaw mhux biss għal deċiżjonijiet, iżda għall-attività ta' l-amministrazzjoni in ġenerali. Huma għalhekk relevanti wkoll għall-mod kif għandha tingħata l-informazzjoni.

L-Ombudsman laqa' fil-prinċipju l-fatt li l-OLAF kienet qatgħetha li timxi bl-"aktar mod trasparenti possibbli". Trattament bħal dan huwa konformi ma' l-obbligazzjoni ta' l-istituzzjonijiet u korpi ta' l-UE li kemm jista' jkun jieħdu deċiżjonijiet b'mod miftuħ (Artikolu 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea). Madankollu, insinwazzjoni ta' korruzzjoni hija allegazzjoni serja li tista' ttebba' ir-reputazzjoni ta' ġurnalist. Insinwazzjonijiet bħal dawn m'għandhomx għalhekk isiru fil-pubbliku mingħajr bażi li tkun soda biżżejjed li tkun tista' tiġi eżaminata pubblikament. l-Ombudsman ikkunsidra li l-OLAF ma ppruvatx li dik il-pubblikazzjoni dwar suspett ta' korruzzjoni kienet neċessarja għall-iskop tax-xogħol tagħha u li kien hemm proporzjon xieraq ma' l-għan li kellha f'moħħha. l-Ombudsman għalhekk għamel l-abbozz tar-rakkommandazzjoni li jidher hawn taħt lill-OLAF, skond Artikolu 3 (6) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman:

*L-OLAF għandha tikkunsidra li tirtira l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni li kienu ppubblikati u li setgħu jiġu interpretati bħala li kienu diretti lejn l-ilmentatur.*

L-OLAF informat lill-Ombudsman li kienet qablet ma' l-abbozz tar-rakkomandazzjoni u li kienet imxiet fuqha meta ħarġitha fi stqarrija għall-istampa. Is-silta relevanti fl-istqarrija għall-istampa kienet tgħid dan li ġej: "L-inkjesti ta' l-OLAF għadhom mhumiex lesti, iżda sa issa, l-OLAF għadha ma kisbitx prova li kien sar ħlas ta' din ix-xorta."

L-Ombudsman qabel mal-fehma ta' l-ilmentatur li din l-istqarrija għall-istampa ma mxietx biżżejjed fuq l-abbozz tar-rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman. Minflok irtirat l-allegazzjonijiet ta' korruzzjoni, l-OLAF sempliċiment iddikjarat li "sa issa" kienet għadha ma sabitx evidenza suffiċjenti li ssostni dawn l-allegazzjonijiet. F'dawn iċ-ċirkostanzi, l-azzjoni li ttieħdet mill-OLAF kienet tidher b'mod ċar li ma kinetx biżżejjed biex tirmedja dan il-każ ta' nuqqas amministrattiv.

L-Ombudsman ikkunsidra li rimarka kritika tista' tkun biżżejjed għall-ilmentatur u li għalhekk ma kienx xieraq li jibgħat rapport speċjali lill-Parlament Ewropew.

L-Ombudman għalhekk għalaq il-każ bir-rimarka kritika li ġejja:

*Meta għaddiet biex tagħmel allegazzjonijiet ta' korruzzjoni mingħajr bażi fattwali li hija suffiċjenti kif ukoll li tista' titqiegħed taħt l-iskrutinju tal-pubbliku, l-OLAF marret 'l hinn minn xi ħaġa li hija fi proporzjon għall-għan li minħabba fih ittieħdet l-azzjoni tagħha. Dan jikkostitwixxi eżempju ta' nuqqas amministrattiv.*

94 Ara Artiklu 6 tal-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba, li tidher fuq il-*website* ta' l-Ombudsman Ewropew (http://www.euro-ombudsman.eu.int).

# 3.5 ABBOZZI TA' RAKKOMANDAZZJONIJIET AĊĊETTATI MILL-ISTITUZZJONI



## 3.5.1 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

### IL-KUNSILL JAGĦTI AĊĊESS PARZJALI GĦAR-RAPPORT ANNWALI TAL-GRUPP DWAR KODIĊI TA' IMĠIBA

*Deċiżjoni dwar ilment 573/2001/IJH (Kunfidenzjali) kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

L-ILMENT

L-ilment sar minn *chartered accountant*. Dan kien klassifikat bħala lment kunfidenzjali, skond ma talab l-ilmentatur, kif jgħid Artikolu 2 (3) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman.

L-ilmentatur ikkontesta ċ-ċaħda tal-Kunsill, skond d-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/731, biex jingħata aċċess għad-dokument tal-Kunsill 13563/00, li huwa t-tieni rapport annwali dwar il-progress mill-Grupp dwar Kodiċi ta' Imġiba (it-tassazzjoni tan-negozju) lill-Kunsill ECOFIN. Il-Kunsill kien irrifjuta li jingħata aċċess għad-dokument b'referenza għall-Artikolu 4 (2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/731, biex jipproteġi il-kunfidenzjalità fil-mod kif il-Kunsill iwettaq ix-xogħol tiegħu.

L-Ombudsman deherlu li d-deċiżjoni tal-Kunsill li jirrifjuta aċċess kienet imċappsa b'nuqqas amministrattiv għax:

(i) ir-raġunament tal-Kunsill ma kienx biżżejjed biex jispjega l-interess tiegħu li tinżamm il-kunfidenzjalità fil-mod kif twettaq ix-xogħol tagħha f'dak li għandu x'jaqsam mad-dokument imsemmi, jew biex juri li jekk jinħareg dan id-dokument ħaġa bħal din serjament iddgħajjef il-proċess li bih il-Kunsill jasal għad-deċiżjonijiet. l-Ombudsman innota li l-Kunsill ma spjegax b'liema mod it-tieni rapport annwali tal-Grupp dwar Kodiċi ta' Imġiba huwa differenti fil-bixra mill-ewwel rapport li kien ippubblikat.

(ii) il-Kunsill naqas li jindirizza l-kwistjoni ta' aċċess parzjali. Skond is-sentenzi f'każijiet li tressqu quddiem il-Qorti, il-Kunsill huwa obbligat, meta japplika Deċiżjoni 93/731, li jeżamina jekk għandux jingħata aċċess parzjali għal informazzjoni li ma tkunx koperta mill-eċċezzjonijiet.[95] Aċċess parzjali hija xi ħaġa li hi prevista minn Artikolu 4 (6) tar-Regolament 1049/2001.

B'deċiżjoni tas-17 ta' Ġunju 2002, l-Ombudsman għalhekk bagħat abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kunsill skond Artikolu 3(6) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman Ewropew, biex jerġa' jikkunsidra l-applikazzjoni skond Regolament 1049/2001[96], li ħa post id-Deċizjoni tal-Kunsill 93/731.

L-Ombudsman deherlu wkoll li d-dokument in kwistjoni jista' jorbot ma' l-attivitajiet leġislattivi tal-Kunsill u li l-Kunsill għandu jagħti każ ta' dan il-punt.

[95] Każ C-353/99 P, Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea kontra Heidi Hautala, [2001] ECR I-9565, para. 87.

[96] Regolament 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, 2001 *OJ* L 145/43.

Fl-opinjoni dettaljata tiegħu fuq l-abbozz tar-rakkomandazzjoni, il-Kunsill ikkonkluda li l-paragrafi l-4, 13, 14 u 24 ta' dokument 13563/00 u punti 1-8 u 14-16 ta' Anness I tiegħu m'humiex koperti bl-ebda eċċezzjoni u jistgħu jixxandru. Rigward il-kumplament tad-dokument, il-Kunsill iddeċieda li jirrifjuta l-aċċess fuq il-bażi ta' Artikolu 4 (3), l-ewwel sotto paragrafu tar-Regolament 1049/2001.

Il-Kunsill ta wkoll spjega dettaljata dwar kif it-tieni rapport tal-Grupp dwar Kodiċi ta' Imġiba huwa differenti sew fil-kontenut u fin-natura tiegħu mill-ewwel rapport.

L-Ombudsman ikkunsidra li l-opinjoni dettaljata tal-Kunsill indirizzat adegwatament il-punti li ssemmew fl-abbozz tar-rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman u li, fl-istat preżenti tal-liġi tal-Komunità, ir-raġunament tal-Kunsill jista' jiġġustifika b'mod xieraq li ma jinkixifx id-dokument ukoll jekk id-dokument in kwistjoni hu dokument leġislattiv.

L-Ombudsman għalhekk għalaq il-każ, fuq il-bażi li l-Kunsill kien ħa passi xierqa biex jissodisfa l-abbozz tar-rakkommandazzjoni.

*L-abbozz sħiħ tar-rakkomandazzjoni jinstab fuq: http://www.euro-ombudsman.eu.int/ recommen/en/ 010573.htm.*



## IL-KUNSILL JAGĦTI AĊĊESS GĦALL-KARTI TA' L-EŻAMI KKOREĠUTI TAL-KANDIDATI

*Deċiżjonijiet dwar ilmenti 2097/2002/GG u 2059/2002/IP kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

### *Ilment 2097/2002/GG*

#### L-ILMENT

L-ilmentatriċi, ċittadina Ġermaniża, ħadet sehem f'kompetizzjoni tal-Kunsill/C/412 għal assistenti klerikali (kategorija Ċ5) tal-lingwa Ġermaniża. Il-kompetizzjoni kienet tikkonsisti f'erba' partijiet: żewġ testijiet ta' għażla multipla (*multiple choice*) (A u B), eżami bil-miktub li għalih kellu jintuża *computer* personali (Ċ) u eżami orali (D). l-eżami bil-miktub kien maqsum fi tliet testijiet. Fit-tieni ta' dawn it-testijiet (test b), il-kandidati kellhom jipproduċu dokument mingħajr żbalji minn, u tqassim f'paġna ta', xi 45 linja li kienu miktubin b'*typewriter* u li kellhom korrezzjonijiet miktubin bl-id u referenzi kif ukoll żbalji fit-*typing* u żbalji grammatikali. Dan id-dokument ikkoreġut kellu jingħata minn 0 sa 40 punt. l-inqas marka biex wieħed jgħaddi mill-eżami kienet ta' 24 punt.

Fit-12 ta' Novembru 2002, il-Kunsill infurmat lill-ilmentatriċi li hija kienet ġabet biss 18-il punt f'test Ċ.b u li għalhekk ma ġietx ammessa għall-eżami orali.

F'ittra ta' l-20 ta' Novembru 2002, l-ilmentatriċi għarrfet lill-Kunsill li hija qatt qabel ma kienet għamlet test ta' dan it-tip u żiedet li, billi hija kienet għadha interessata li taħdem f'istituzzjonijiet Ewropej, ikun ta' għajnuna kbira għaliha li tkun taf ir-raġunijiet għaliex hija ma ġabitx il-marka li biha kienet tgħaddi mill-eżami. l-ilmentatriċi għalhekk talbet li tingħata aċċess għat-test in kwistjoni biex tara kif kienu ngħataw il-marki.

Fit-tweġiba tiegħu tas-27 ta' Novembru 2002, il-Kunsill infurma lill-ilmentatriċi li l-Bord ta' l-Għażla kien ra mill-ġdid il-karta tagħha u ddeċieda li jikkonferma l-marka li ġabet fil-bidu. Il-Kunsill żied li sfortunatament ma kienx possibbli li jagħti lill-ilmentatriċi aċċess għall-karta ta' l-eżami tagħha.

Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, l-ilmentatriċi saħqet li ma kienx aċċettabbli r-rifjut tal-Kunsill li jagħtiha aċċess għall-karta ta' l-eżami tagħha wara li ġiet ikkoreġuta. Hija indikat li ma ngħatat ebda raġunijiet għal dan ir-rifjut. l-ilmentatriċi żiedet li dan ir-rifjut għamilha impossibbli għaliha biex tifhem għaliex hija ma għaddietx mit-test relevanti.

## L-INKJESTA

### L-opinjoni tal-Kunsill

Fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill għamel il-kummenti li ġejjin:

Skond Artikolu 6 ta' Anness III ta' l-i*Staff* Regulations, il-mod kif imexxi x-xogħol tiegħu l-Bord ta' l-Għażla għandu jkun sigriet. Kif ġa iddikjarat il-Qorti tal-Ġustizzja, din is-segretezza iddaħħlet bil-għan li tiġi żgurata l-indipendenza tal-Bordijiet ta' l-Għażla u l-mod oġġettiv ta' kif għandhom jaħdmu, billi tħarishom minn kull indħil u pressjoni esterna. Bħala riżultat ta' dan, l-osservanza ta' din is-segretezza ħadmet kontra li jintwerew l-attitudnijiet ta' membri individwali tal-Bordijiet ta' l-Għażla kif ukoll li jixxandru l-fatturi kollha relatati ma' l-eżami li jsir fuq bażi individwali jew komparattiv tal-kandidati.[97] Din is-segretezza li tinsab minnha nnifisha fil-mod ta' kif jaħdem Bord ta' l-Għażla eskludiet ukoll li joħroġ it-tagħrif dwar il-kriterji li ntużaw biex jiġu kkoreġuti l-karti tal-kompetizzjoni, liema kriterji kienu jiffurmaw parti integrali mill-mod kif saret l-evalwazzjoni komparattiva mill-Bord ta' l-Għażla tal-merti rispettivi ta' kandidat.[98]

L-obbligu li tiġi mħarsa s-segretezza fil-mod kif jaħdem Bord ta' l-Għażla żammu li jagħti aċċess lil kandidat li jara l-karta ta' l-eżami tiegħu jew tagħha wara li tkun ikkoreġuta, għax karta ikkoreġuta tikxef l-attitudni li tkun ġiet adottata mill-membri individwali biex jevalwaw il-kandidati.

Meta ngħatat tagħrif dwar il-marki li kienet ġabet fit-testijiet varji, dan fih innifsu kien stqarrija li kienet tispjega biżżejjed r-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata d-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Għażla.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi

Ma waslu ebda osservazzjonijiet mill-ilmentatriċi.

## L-ABBOZZ TAR-RAKKOMANDAZZJONI

Fis-16 t'April 2003, l-Ombudsman indirizza l-abbozz tar-rakkommandazzjoni li ġej lill-Kunsill skond Artikolu 3 (6) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman:

*Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għandu jagħti lill-ilmentatriċi aċċess għall-karta ta' l-eżami kkoreġuta tagħha.*

Dan l-abbozz tar-rakkommandazzjoni kien ibbażat fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

1 L-ilmentatriċi, ċittadin Ġermaniża, ħadet sehem f'kompetizzjoni tal-Kunsill/C/412 għal assistenti klerikali (kategorija C5) tal-lingwa Ġermaniża. Meta ġiet infurmata li hija ma ġabitx l-inqas marka biex wieħed jgħaddi mill-eżami f'wieħed mit-testijiet bil-miktub ta' din il-kompetizzjoni, hija talbet li tara l-karta ta' l-eżami tagħha ikkoreġuta. Il-Kunsill irrifjuta din it-talba. Fl-ilment tagħha lill-Ombudsman, l-ilmentatriċi qalet li dan ir-rifjut ma kienx aċċettabbli.

2 Fl-opinjoni tiegħu, il-Kunsill wera li skond Artikolu 6 ta' Anness III ta' l-i*Staff* Regulations, il-mod kif jaħdem Bord ta' l-Għażla għandu jkun sigriet u li din is-segretezza kienet iddaħħlet bl-iskop li sservi bħala garanzija ta' l-indipendenza tal-Bord ta' l-Għażla u ta' l-oġġettività fil-mod kif jaħdem il-Bord. Fil-fehma tal-Kunsill, l-obbligu li jħares is-segretezza tal-mod kif jaħdem il-Bord ta' l-Għażla żammitu milli jagħti lill-kandidat aċċess għall-karta ta' l-eżami tiegħu jew tagħha wara li tkun ġiet ikkoreġuta għax b'hekk ikun qed jikxef l-attitudni li ġiet adottata mill-membri individwali fl-evalwazzjoni tal-kandidati.

---

97 Każ 89/79 Bonu kontra l-Kunsill [1980] ECR 553, paragrafu 5.

98 Każ C-254/95 P Parlament Ewropew kontra Innamorati [1996] ECR I-3423, paragrafu 29.

3 L-Ombudsman Ewropew ġa kellu jittratta l-kwistjoni ta' aċċess għall-karti ta' l-eżamijiet ikkoreġuti tal-kandidati f'każijiet marbutin mal-Kummissjoni Ewropea[99] u l-Parlament Ewropew.[100]

4 Fuq il-bażi ta' l-inkjesti tiegħu dwar il-proċeduri kif jintgħażlu impjegati mal-Kummissjoni, l-Ombudsman fit-18 ta' Ottubru 1999 kien fassal rapport speċjali lill-Parlament Ewropew[101] li jinkludi l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

*"L-Ombudsman m'hu konxju ta' ebda klawsola tal-liġi tal-Komunità jew ġurisprudenza tal-Qrati tal-Komunità li jistgħu jżommu lill-Kummissjoni milli tħalli kandidat f'eżami bil-miktub li jara jew tara l-karta kkoreġuta tiegħu jew tagħha. Artikolu 6 ta' Anness III ta' l-iStaff Regulations jgħid li "l-mod kif iwettaq ix-xogħol tiegħu il-Bord ta' l-Għażla" għandu jkun sigriet. Id-deliberazzjonijiet tal-Bord ta' l-Għażla għandhom għalhekk jibqgħu sigrieti, iżda dan mhux bilfors ifisser li kandidat m'għandux jitħalla jara jew tara l-karta ta' l-eżami kkoreġuta tiegħu jew tagħha.*

*L-argument ewlieni li l-Kummissjoni tressaq biex tiġġustifika r-rifjut tagħha jikkonċerna n-natura tal-proċedura biex jintgħażlu l-impjegati. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-Bord ta' l-Għażla jevalwa kull kandidat billi jqabbel il-mod kif ikun mar jew kif tkun marret mal-mod kif ikunu marru l-kandidati l-oħrajn kollha fl-istess kompetizzjoni. Minn dan kollu l-Kummissjoni tikkonkludi li jekk turi l-karti ta' l-eżami kkoreġuti, dan ma jservi għall-ebda għan, minħabba li dan juri biss l-evalwazzjoni li tkun saret minn persuna li ma tkunx evalwat il-kandidati l-oħra kollha.*

*Madankollu, jekk kandidat ikun jista' jara l-karta ta' l-eżami tiegħu stess wara li tkun ikkoreġuta, dan iġib miegħu bosta benefiċċji għall-kandidat. l-ewwel, il-kandidat jikseb l-opportunità li jara l-iżbalji tiegħu u b'hekk itejjeb il-mod kif ikun jista' jmur f'eżami ieħor fil-futur. It-tieni, il-fiduċja tal-kandidat fil-mod kif timxi l-amministrazzjoni tissaħħaħ. Din hi ħaġa importanti għax jidher li bosta nies jemmnu li t-testijiet mhux dejjem jiġu evalwati kif jixraq mill-Kummissjoni u saħansitra li kultant lanqas biss jiġu evalwati. It-tielet, jekk kandidat iħoss li hu kien evalwat b'mod żbaljat, hu jkun jista' jitkellem b'mod aktar preciz ladarba jkun ra l-karta ta' l-ezami kkoreġuta. Hu x'inhu, għandu jkun iċ-ċittadin li jitlob għall-informazzjoni li għandu jiġġudika jekk din hix bżonnjuża, u mhux l-amministrazzjoni.*

*Il-Kummissjoni tirreferi wkoll għall-piż amministrattiv u finanzjarju li tkun trid tidħol għalih jekk il-karti ta' l-eżami jibdew jintwerew. l-Ombudsman huwa fiduċjuż li s-servizzi tal-Kummissjoni jistgħu jorganizzaw il-proċess biex jintwerew il-karti b'mod li jnaqqas in-nefqa tal-flus minħabba li x'aktarx li mhux kull kandidat ikun jixtieq jara l-karta ta' l-eżami kkoreġuta tiegħu jew tagħha.*

*(…)*

*Il-Kummissjoni għandha wkoll raġun li turi li l-attività tal-Bordijiet ta' l-Għażla hija soġġetta għal azzjoni ġudizzjarja mill-Qrati tal-Komunità. Madankollu, dan ifisser li kwistjonijiet li setgħu jkunu solvuti faċilment kieku l-kandidat kellu ċans li jara l-karti ta' l-eżami kkoreġuti jista' jkun li jkollhom jiġu ttrattati mill-qrati. l-Ombudsman jemmen li din mhix ħaġa tajba għall-kandidati. Jekk jingħata aċċess għall-karti kkoreġuti ta' l-eżami, min-naħa l-oħra, dan jista' jsolvi ħafna kwistjonijiet bl-inqas sforz u fl-inqas ħin.*

*(…)*

*Kif ikkonfermat mit-Trattat ta' Amsterdam, l-obbligu li jittieħdu deċiżjonijiet kemm jista' jkun bil-miftuħ jirrappreżenta wieħed mill-prinċipji fondamentali tal-liġi amministrattiva tal-Komunitajiet Ewropej. Barra minn hekk, huwa importanti li jkun żgurat li ċ-ċittadini jieħdu impressjoni pożittiva meta jiltaqgħu għall-ewwel darba ma' l-istituzzjonijiet tal-Komunità. Ċittadini li jixtiequ jaħdmu mal-Komunitajiet jieħdu impressjoni ħażina ħafna jekk jitħallew fid-dubju dwar jekk kinux evalwati b'mod ġust u korrett. Biex dubju bħal dan jixxejjen huwa essenzjali li kull kandidat ikollu l-possibbiltà li jara b'għajnejh il-kopja tal-karta ta' l-eżami tiegħu kkoreġuta jew li jara l-karta ta' l-eżami tiegħu stess. Din il-possibbiltà bl-ebda mod ma*

99 Stħarriġ fuq inizjattiva personali 1004/97/(PD)/GG.

100 Ilmenti 457/99/IP, 610/99/IP, 1000/99/IP u 25/2000/IP.

101 *OJ* C 371/12, tat-22 ta' Diċembru 1999.

*ġġib konflitt mal-ħtieġa li l-mod kif jaħdmu l-Bordijiet ta' l-Għażla għandu jkun sigriet, billi ma jolqotx id-deliberazzjonijiet mill-Bordijiet ta' l-Għażla fejn jiġu evalwati l-merti relattivi ta' kull kandidat. Għal dawn ir-raġunijiet, in-nuqqas tal-Kummissjoni li tibdel il-proċeduri amministrattivi tagħha biex b'hekk tagħti lil kull kandidat il-possibbiltà li jkollu aċċess għall-karta ta' l-eżami tiegħu jew tagħha wara li tkun ġiet ikkoreġuta, jidher li jikkostitwixxi eżempju ta' nuqqas amministrattiv."*

5 Fuq il-bażi ta' dawn il-fehmiet, l-Ombudsman għamel rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni biex fil-kompetizzjonijiet li jsiru fil-futur biex timpjega nies ġodda, u mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2000, il-Kummissjoni tagħti lill-kandidati aċċess għall-karti ta' l-eżami tagħhom stess jekk jitolbu ħaġa bħal din. Bl-ittra tas-7 ta' Diċembru 1999, il-President tal-Kummissjoni Ewropea informa lill-Ombudsman li l-Kummissjoni kienet laqgħet din ir-rakkomandazzjoni.

6 Fis-17 ta' Novembru 2000, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni[102] fejn approva r-rapport speċjali ta' l-Ombudsman u feraħ lill-Kummissjoni għat-tweġiba pożittiva tagħha għar-rakkomandazzjoni li kienet saret mill-Ombudsman. Il-Parlament wera wkoll it-tama "li l-korpi u l-istituzzjonijiet oħrajn kollha Ewropej jimxu fuq l-eżempju li tat il-Kummissjoni".

7 Fis-17 ta' Lulju 2000, l-Ombudsman bagħat abbozzi ta' rakkomandazzjoni lill-Parlament Ewropew fejn issuġġerixxa li l-Parlament għandu jagħti lil dawk li jilmentaw aċċess għall-karti ta' l-eżami tagħhom wara li jkunu ġew ikkoreġuti. Fis-27 ta' Novembru 2000, il-Parlament informa lill-Ombudsman li kien aċċetta l-prinċipju li l-kandidati għandhom jitħallew jiksbu kopja tal-karti ta' l-eżami kkoreġuti tagħhom stess u fisser kif kien se jitwettqu l-abbozzi tar-rakkomandazzjonijiet ta' l-Ombudsman.[103]

8 L-argumenti mressqa mill-Kunsill fil-każ preżenti ma jirreferu għall-ebda karatteristika speċjali ta' kompetizzjonijiet organizzati mill-Kunsill li jistgħu jagħrfuhom minn kompetizzjonijiet li jiġu organizzati mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni. l-Ombudsman għalhekk huwa tal-fehma li l-kunsiderazzjonijiet li joħorġu mir-rapport speċjali tiegħu dwar il-proċeduri ta' impjieg ġdid mill-Kummissjoni jgħoddu wkoll (*mutatis mutandis*) għall-kompetizzjonijiet li jkunu organizzati mill-Kunsill.

9 Fid-dawl ta' dak li ntqal fuq, l-Ombudsman jidhirlu li r-rifjut tal-Kunsill li jagħti aċċess lill-ilmentatriċi għall-karta ta' l-eżami tagħha stess wara li kienet ikkoreġuta hu eżempju ta' nuqqas amministrattiv.

### L-opinjoni dettaljata tal-Kunsill

Fl-opinjoni dettaljata tiegħu, il-Kunsill għarraf lill-Ombudsman li kien qabel li jaċċetta l-abbozz tar-rakkomandazzjoni u li jagħti lill-ilmentatriċi aċċess għall-karta ta' l-eżami kkoreġuta tagħha. Kopja tal-karta ta' l-eżami ta' l-ilmentatriċi flimkien ma' l-evalwazzjoni ta' din il-karta mill-Bord ta' l-Għażla kellha tintbagħat lill-ilmentatriċi f'dik l-istess ġurnata.

Il-Kunsill innota li in vista ta' l-i*Staff* Regulations u s-sentenza reċenti tal-Qorti tal-Prim Istanza f'Każ T-72/01[104], li jingħataw dawn id-dokumenti ma jistax jitqies li jkun qed jikser il-prinċipju ta' segretezza li fih innifsu jagħmel parti mill-mod kif jaħdem il-Bord ta' l-Għażla.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatriċi

Ma waslu ebda osservazzjonijiet mingħand l-ilmentatriċi fuq l-opinjoni dettaljata tal-Kunsill.

---

102 *OJ* C 223/352 u 368 tat-8 ta' Awissu 2001.

103 Ara d-deċiżjonijiet ta' l-Ombudsman tal-11 ta' Mejju 2001 fuq ilmenti 457/99/IP, 610/99/IP, 1000/99/IP u 25/2000/IP li jinsabu fuq il-*website* ta' l-Ombudsman (http://www.euro-ombudsman.eu.int).

104 Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2003 fil-Każ T-72/01 Pyres kontra l-Kummissjoni.

ID-DEĊIŻJONI

**1 Rifjut li jingħata aċċess għal karta ta' l-eżami kkoreġuta**

1.1 L-ilment kien dwar ir-rifjut tal-Kunsill li jagħti aċċess lill-ilmentatriċi għall-karta ta' l-eżami kkoreġuta tagħha fil-kompetizzjoni tal-Kunsill/C/412 għal assistenti klerikali (kategorija Ċ5) tal-lingwa Ġermaniża.

1.2 Fis-16 t'April 2003, l-Ombudsman bagħat, skond Artikolu 3 (6) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman, abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kunsill li permezz tagħha l-Kunsill għandu jagħti aċċess lill-ilmentatriċi għall-karta ta' l-eżami kkoreġuta tagħha.

1.3 Fl-opinjoni dettaljata tiegħu, il-Kunsill informa lill-Ombudsman li kien iddeċieda li jaċċetta l-abbozz tar-rakkomandazzjoni u li jħalli lill-ilmentatriċi jkollha aċċess għall-karta ta' l-eżami kkoreġuta tagħha.

**2 Konklużjoni**

2.1 Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ tiegħu, l-Ombudsman jikkonkludi li l-Kunsill kien aċċetta l-abbozz tar-rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman u li l-miżuri meħuda mill-Kunsill huma sodisfaċenti.

2.2 L-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.



## *Ilment 2059/2002/IP*

L-Ombudsman Ewropew għamel l-istess abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea f'każ 2059/2002/IP. l-opinjoni dettaljata tal-Kunsill u d-deċiżjoni huma kif ġej:

### L-opinjoni dettaljata tal-Kunsill

Fl-opinjoni dettaljata tiegħu, il-Kunsill saħaq li, minbarra l-abbozz tar-rakkomandazzjoni li kienet saret mill-Ombudsman f'każ simili preċedenti (ilment 2097/2002/GG), is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill kien, fis-17 ta' Settembru 2003, waqqaf regoli ġodda dwar kif kellhom jingħataw il-kopji ta' karti kkoreġuti lill-kandidati. Dawn ir-regoli kellhom japplikaw għall-kompetizzjonijiet esterni u interni kollha li jiġu organizzati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Kandidati li jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet ippubblikati mill-1 ta' Settembru 2003 għandhom jitħallew jiksbu kopja tal-karta ta' l-eżami tagħhom u, għal testijiet bil-miktub, tal-karta li fuqha jkun hemm l-evalwazzjoni li tkun saret mill-Bord ta' l-Għażla. Fil-każ ta' kompetizzjonijiet organizzati qabel l-1 ta' Settembru 2003, ir-regoli relevanti jgħidu li l-kandidati li talbu ħaġa bħal din kellhom jingħataw kopja tal-karta ta' l-eżami kkoreġuta tagħhom kif ukoll il-karta li fuqha kien hemm l-evalwazzjoni, fejn il-Bord ta' l-Għażla ikun ħareġ karta bħal din.

Rigward il-każ preżenti, il-Kunsill kien iddeċieda li jħalli lill-ilmentatur ikollu aċċess għall-karta ta' l-eżami tiegħu. Rigward il-mod kif kellu jsir jaf dwar il-kriterji ta' evalwazzjoni, il-Kunsill saħaq li dawn kienu ġew indikati f'punt VI.A.d) ta' l-avviż ta' kompetizzjoni u li l-Bord ta' l-Għażla ma kienx mela folja ta' evalwazzjoni. Skond il-Kunsill, kopja tal-karta ta' l-eżami ta' l-ilmentatur, flimkien ma' kopja ta' l-avviż tal-kompetizzjoni, kellhom jintbagħtu lill-ilmentatur dak in-nhar stess.

### L-osservazzjonijiet ta' l-ilmentatur

Fil-5 ta' Novembru 2003, is-servizzi ta' l-Ombudsman ikkuntattjaw lill-ilmentatur bit-telefon biex jinfurmah bit-tweġiba tal-Kunsill u biex jaraw jekk hu kienx iqis it-tweġiba bħala waħda sodisfaċenti. l-ilmentatur feraħ lill-Ombudsman għar-riżultat ta' l-istħarriġ tiegħu u għar-riżultati li kien kiseb.

ID-DEĊIŻJONI

## 1 Rifjut li jingħata aċċess għal karta ta' l-eżami kkoreġuta u li jingħata tagħrif dwar kriterji ta' evalwazzjoni

1.1 L-ilmentatur talab li jkollu aċċess għall-kopja tal-karta ta' l-eżami tiegħu fil-kompetizzjoni Council/A/394 wara li kienet ikkoreġuta u li jkun infurmat dwar il-kriterji li mexa fuqhom il-Bord ta' l-Għażla fl-evalwazzjoni tat-testijiet. Il-Kunsill irrifjuta li jimxi fuq dawn it-talbiet. Għalhekk l-ilmentatur ilmenta ma' l-Ombudsman.

1.2 Fit-8 ta' Lulju 2003, l-Ombudsman bagħat, skond Artikolu 3 (6) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman, abbozz tar-rakkomandazzjoni lill-Kunsill li permezz tagħha l-Kunsill għandu jħalli lill-ilmentatur jkollu aċċess għall-karta ta' l-eżami kkoreġuta tiegħu stess u għandu jinfurmah dwar il-kriterji ta' evalwazzjoni li mexa fuqhom il-Bord ta' l-Għażla.

1.3 Fl-opinjoni dettaljata tiegħu, il-Kunsill informa lill-Ombudsman li kien iddeċieda li jaċċetta l-abbozz tar-rakkomandazzjoni tiegħu.

Il-Kunsill qal li fis-17 ta' Settembru 2003 is-Segretarjat Ġenerali tiegħu kien waqqaf regoli ġodda dwar kif kellhom jingħataw il-kopji ta' karti kkoreġuti lill-kandidati. Dawn ir-regoli japplikaw għall-kompetizzjonijiet esterni u interni kollha li jkunu organizzati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Kandidati li jieħdu sehem f'kompetizzjonijiet ippubblikati wara l-1 ta' Settembru 2003 se jitħallew jiksbu kopja tal-karta ta' l-eżami tagħhom stess u, fil-każ ta' testijiet bil-miktub, tal-folja ta' l-evalwazzjoni li tkun saret mill-Bord ta' l-Għażla. Fil-każ ta' kompetizzjonijiet organizzati qabel l-1 ta' September 2003, ir-regoli relevanti kienu jgħidu li kandidati li jressqu talba kienu ser jitħallew jiksbu kemm kopja tal-karta ta' l-eżami tagħhom stess kif ukoll kopja tal-folja ta' evalwazzjoni li tkun saret mill-Bord ta' l-Għażla fejn folja bħal din tkun saret.

1.4 Rigward il-każ ta' l-ilmentatur, il-Kunsill informa lill-Ombudsman li kopja tal-karta ta' l-eżami ta' l-ilmentatur u ta' l-avviż ta' kompetizzjoni kienu se jintbagħtu lill-ilmentatur dak in-nhar stess. Il-Kunsill spjega li minħabba li l-kriterji ta' l-evalwazzjoni li kien mexa fuqhom il-Bord ta' l-Għażla kienu jidhru f'punt VI.A.d) ta' l-avviż ta' kompetizzjoni, il-Bord ta' l-Għażla ma kienx mela folja ta' evalwazzjoni.

## 2 Konklużjoni

2.1 Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ tiegħu, l-Ombudsman jikkonkludi li l-Kunsill kien aċċetta l-abbozz tar-rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman u li l-miżuri li ttieħdu mill-Kunsill biex iwettaqha huma sodisfaċenti.

2.2 L-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

## 3.5.2 Il-Kummissjoni Ewropea

### KUMMISSJONI BIEX IĠĠIB 'L QUDDIEM AMMINISTRAZZJONI TAJBA FL-ISKEJJEL EWROPEJ

*Deċiżjoni dwar ilment 845/2002/IJH kontra l-Kummissjoni Ewropea*

L-ILMENT

F'Mejju 2002, is-Sinjura L. ilmentat lill-Ombudsman f'isimha u f'isem grupp ta' madwar 50 ġenitur ta' tfal fl-iskejjel Ewropej fi Brussell. l-ilment jikkonċerna l-allokazzjoni ta' postijiet fl-iskejjel fis-sena akkademika 2002-3, l-appelli li tressqu wara u l-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni bejn l-Iskejjel.

Fil-qosor, l-ilmentaturi għamlu dawn il-punti:

Il-postijiet disponibbli fis-sezzjoni primarja ġdida f'Ixelles ġew allokati għal studenti li f'dak il-waqt kienu qed jattendu ż-żewġ sezzjonijiet primarji fuq il-bażi ta' żewġ tipi ta' kriterji differenti, li kienu determinati u applikati unilateralment u b'mod mhux trasparenti mill-iskola ta' oriġini. Tressqu aktar minn 200 ilment, li wħud minnhom baqgħu ma ġewx ikkunsidrati sad-data ta' l-ilment.

Il-mekkaniżmi għall-koordinazzjoni bejn l-iskejjel ta' Brussell m'humix tajbin saħansitra f'oqsma bażiċi bħal vaganzi li jittieħdu fl-istess żmien u l-ġranet meta ma jkunx hemm lezzjonijiet fit-tlett skejjel.

L-azzjoni ta' l-iskejjel f'dan ir-rigward tmur kontra l-prinċipji bażiċi ta' amministrazzjoni tajba u għaldaqstant tikser Artikolu 41 taċ-*Charter* tad-Drittijiet Fondamentali. Hemm ukoll il-ksur ta' Artikolu 24 (2) taċ-*Charter* li tiddikjara li "F'kull azzjoni marbuta mat-tfal, kemm jekk tittieħed mill-awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interessi tat-tfal iridu jiġu l-ewwel." l-ewwel kriterju li fuqu tqassmu t-tfal bejn skola u oħra kien kemm jesgħu tfal dawn it-tliet skejjel, ħaġa li kienet stabbilita minn qabel, mingħajr referenza għall-bżonnijiet tat-tfal jew ix-xewqat tal-ġenituri tagħhom.

L-ilmentaturi kkuntattjaw lill-Kummissjoni li hija membru tal-Board of Governors u li għandha d-dmir li tħares id-drittijiet u l-interessi ta' l-impjegati tagħha. l-ilmentaturi qatt ma kellhom tweġiba jew spjegazzjoni sħiħa la mit-tmexxija ta' l-Iskejjel Ewropej, la mill-Board of Governors u lanqas mill-Kummissjoni.

L-ilmentaturi jibżgħu minn taħwid akbar meta fil-futur titwaqqaf ir-raba' skola Ewropea fi Brussell.

Fil-qosor, l-ilmentaturi jallegaw li l-azzjoni ta' l-Iskejjel Ewropej tmur kontra Artikoli 24 (2) u 41 taċ-*Charter* tad-Drittijiet Fondamentali u li l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejn l-iskejjel ma jaħdmux sew.

L-ilmentaturi jitolbu biex l-Ombudsman jagħmel ħiltu kollha sabiex jassigura li:

- tinstab soluzzjoni urġenti li tirrispetta l-aħjar interessi tat-tfal involuti;
- il-kwistjoni tkun investigata bis-sħiħ fl-ogħla livell;
- ikun hemm reviżjoni sħiħa ta' l-amministrazzjoni ta' l-Iskejjel Ewropej biex ikun żgurat li fil-futur dawn joperaw fuq l-istess livell ta' awtorità u ta' prattika amministrattiva tajba li japplikaw għal istituzzjonijiet oħra ta' l-UE u li, skond Artikolu 24 (2) taċ-*Charter*, l-aħjar interessi tat-tfal ikunu l-ewwel konsiderazzjoni fl-azzjonijiet kollha li jolqtuhom;

- l-appelli kollha jkunu aċċettati anke jekk din is-soluzzjoni titlob li xi klassijiet ikollhom jinqasmu fi tnejn;
- ikun hemm reviżjoni tat-tqassim tar-riżorsi bejn l-iskejjel;
- tinħoloq sistema ċara u trasparenti biex ikunu allokati t-tfal bejn l-Iskejjel, sabiex fil-futur ma jkunx hemm it-trasferiment ta' tfal f'kundizzjoni simili.

## L-ISTĦARRIĠ

Meta fil-passat ittratta ilmenti kontra l-Iskejjel Ewropej, l-Ombudsman kien tal-fehma li l-Iskejjel m'humiex istituzzjoni jew korp tal-Komunità imma li l-Kummissjoni għandha ċerta responsabbiltà fuq it-tmexxija tagħhom minħabba li hi rappreżentata fil-Board of Governors u tagħti sehem qawwi għall-iffinanzjar tagħhom. l-Ombudsman jidhirlu li r-responsabbiltà tal-Kummissjoni ma testendix sa kwistjonijiet dwar it-tmexxija interna ta' l-Iskejjel.

L-Ombudsman għalhekk staqsa lill-Kummissjoni għal opinjoni fuq l-ilment preżenti.

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Fil-qosor, fl-opinjoni tal-Kummissjoni ħarġu dawn il-punti li ġejjin:

It-tqassim mill-ġdid ta' ċertu numru ta' tfal bejn l-Iskejjel Ewropej fi Brussell kien il-konsegwenza inevitabbli ta' żewġ fatturi. l-ewwel, id-deċiżjoni tal-Board of Governors li tinfetaħ it-tielet Skola f'Ixelles, sabiex tnaqqas il-pressjoni fuq l-Iskejjel ta' Uccle u ta' Woluwe fejn kien hemm aktar studenti milli kienu jesgħu dak iż-żmien, u t-tieni, il-bżonn li jitmexxew għal xi żmien numru ta' tfal mill-iskola ta' Uccle għall-iskola ta' Woluwe minħabba xogħol kbir ta' tiswija u ta' bini mill-ġdid.

Fid-deċiżjoni biex jitqassmu mill-ġdid is-sezzjonijiet tal-lingwi bejn it-tliet skejjel, il-Board of Governors ipprova jiżgura li ż-żewġ prinċipji ta' bilanċ ġeografiku u ta' użu tajjeb tar-riżorsi jkunu rispettati. Fl-ebda waqt id-deċiżjoni tal-Kapijiet ma kienet tfisser li t-tfal kellhom jitqassmu mill-ġdid waqt it-term.

Biex jitmexxa aħjar dan iċ-ċaqliq, ir-Rappreżentant tal-Board of Governors waqqaf grupp ta' tmexxija koordinat għat-tliet skejjel fi Brussell, li fih kienu rappreżentati l-Kapijiet, l-għalliema u l-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri.

Skond l-informazzjoni li ngħatat lill-Kummissjoni, l-għażla tal-ġenituri ngħatat prijorità, iżda l-limiti mposti mill-istruttura ta' l-organizzazzjoni ta' l-iskola u l-bżonn li jintużaw ir-riżorsi li kien hemm bl-aħjar mod għamluha impossibbli li jintlaħaq dak li kienu qed jistennew u dak li kienu jeħtieġu l-familji kollha. Skond l-Iskejjel, kien ikun diffiċli li tiġġustifika li taqsam sezzjonijiet jew klassijiet fi skola waħda meta s-sezzjonijiet u l-klassijiet li kienu jaqblu magħhom fi skola oħra kienu kważi v*oj*ta.

L-Iskejjel iqajjmu l-punt li, meta ikkunsidraw każijiet individwali, huma żammew f'moħħhom il-kriterji ta' preżenza ta' aħwa, il-viċinanza tad-dar tal-familja u l-ħolqien ta' klassijiet bilanċjati fit-tliet skejjel. Id-deċiżjonijiet tal-Kapijiet dwar fejn jitpoġġew it-tfal kienu bbażati fuq l-informazzjoni li taw il-ġenituri lill-iskola dwar l-edukazzjoni tat-tfal tagħhom u fejn kienet qiegħda d-dar tal-familja.

Il-Kummissjoni taf sew li kien hemm numru kbir ta' ilmenti. Dawn l-ilmenti kienu ttrattati individwalment minn kumitati f'kull Skola, li kienu jinkludu membri tal-Bord Amministrattiv u rappreżentati tal-ġenituri. Numru kbir ta' lmenti kienu milqugħa.

Fir- risposta għat-talbiet ta' l-ilmentaturi, il-Kummissjoni għamlet dawn il-punti:

1 Il-proċedura segwita u l-kriterji wżati mill-Iskejjel għat-trasferiment tat-tfal, flimkien mal-possibbiltà ta' appell, juru li l-aħjar interessi tat-tfal kienu konsiderazzjoni ewlenija li, sa fejn kien possibbli, ġiet meqjusa.

2 Waqt il-laqgħa li saret bejn il-21 u t-23 ta' Mejju 2002, il-Board of Governors eżamina r-Rapport mħejji mir-Rappreżentant tiegħu li kien jismu Distribution of pupils from pre-school, primary and secondary cycles between the Brussels I, II and III Schools. Il-Kummissjoni ma kinetx saret taf b'xi rregolaritajiet f'dan ir-rigward.

3 Il-prinċipji stabbiliti fiċ-*Charter* dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, b'mod partikolari Artikoli 24 (2) u 41 tagħha, japplikaw għall-iSkejjel Ewropej u jorbtuhom b'mod sħiħ. Dawn il-prinċipji japplikaw ukoll għal riformi ta' l-Iskejjel li għad isiru 'l quddiem.

4 Skond l-informazzjoni li ngħatat lill-Kummissjoni, l-Iskejjel għamlu mill-aħjar li setgħu biex jagħtu prijorità ewlenija lill-għażliet tal-ġenituri. Fil-fatt, saru sforzi biex jiġi rranġat il-mod kif tqassmu l-klassijiet minn Settembru 2002, bit-trasferiment tal-postijiet li rriżulta bħala konsegwenza, kif ukoll biex ikun hemm deroga mir-regolamenti dwar kif għandhom jingħaqdu l-klassijiet primarji matul is-sena 2002/2003 għal ċerti sezzjonijiet. Minkejja dawn l-isforzi, ma setgħux jiġu mwarrba ċerti limiti li kienu imposti mill-istruttura ta' l-organizzazzjoni ta' l-iskejjel u l-ħtiega li r-riżorsi li kien hemm jintużaw bl-aħjar mod. Li wieħed jaqsam sezzjonijiet jew klassijiet fi Skola waħda meta sezzjonijiet u klassijiet simili fi Skola oħra kienu kważi vojta, ma kinitx tkun prattika amministrattiva tajba.

5 Il-Board of Governors għandu l-awtorità li jiddeċiedi waħdu dwar it-tqassim tar-riżorsi bejn l-Iskejjel Ewropej differenti. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jiġu mnebbħa mill-prinċipji ta' bilanċ ġeografiku u ta' l-aħjar użu tar-riżorsi disponibbli.

6 Is-sehem ta' l-għaqdiet tal-ġenituri, l-ewwel fil-grupp ta' tmexxija koordinata tat-tliet Skejjel ta' Brussell, li twaqqaf biex imexxi aħjar it-trasferiment tat-tfal ta' l-iskola, u wara dan fil-kumitati responsabbli biex jistħarrġu l-ilmenti, hu xhieda tat-trasparenza fis-sistema. Din it-trasparenza għandha tinżamm f'kull trasferiment ta' tfal ta' l-iskola li għad isir aktar 'il quddiem.



### Il-kummenti ta' l-ilmentatur

Dawn huma, fil-qosor, il-punti li għamel l-ilmentatur fil-kummenti tiegħu:

L-ilmentatur għadda lill-Kummissjoni informazzjoni u talabha tintervjeni mal-Board of Governors f'isem it-tfal u l-familji tagħhom. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni, għaldaqstant, kellu jkun jaf bis-sitwazzjoni meta ltaqa' l-Board of Governors bejn il-21 u t-23 ta' Mejju 2002. It-tqassim tar-riżorsi fl-iskejjel mingħajr evalwazzjoni sħiħa tal-bżonnijiet tat-tfal huwa eżempju ta' l-agħar prattika amministrattiva.

Skond il-Kummissjoni, il-Board of Governors waħdu għandu l-awtorità li jieħu deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-Iskejjel. Dan juri li l-Kummissjoni ma ħaditx il-lezzjoni u qiegħda tirrifjuta r-responsabbiltajiet tagħha. Il-Kummissjoni tipprovdi l-biċċa l-kbira tal-flus għall-iskejjel u għandha tpoġġi l-ewwel il-bżonnijiet u l-interessi tat-tfal.

## L-ABBOZZ TAR-RAKKOMANDAZZJONI

Fl-10 ta' Diċembru 2002, l-Ombudsman ressaq abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni skond Artikolu 3 (6) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman. Il-bażi ta' l-abbozz tar-rakkomandazzjoni kienet kif jidher hawn taħt:

### 1 Allokazzjoni ta' postijiet fl-iskejjel Ewropej

### *Il-każ ta' l-ilmentatur*

1.1 F'Mejju 2002, is-Sinjura L. kemm f'isimha kif ukoll f'isem madwar 50 ġenitur ieħor ta' tfal li jattendu l-Iskejjel Ewropej fi Brussell, ilmentat dwar l-allokazzjoni ta' postijiet għas-sena akkademika 2002-3, dwar l-appelli li kienu saru wara l-allokazzjoni u dwar il-mekkaniżmu għall-koordinazzjoni bejn l-Iskejjel.

Fil-qosor, l-ilmentaturi jallegaw li l-azzjoni ta' l-Iskejjel Ewropej tmur kontra Artikoli 24 (2) u 41 taċ-*Charter* tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem. Jallegaw ukoll li l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni

bejn l-iskejjel m'humiex adegwati. Huma jitolbu lill-Ombudsman biex jagħmel dak kollu li jista' biex jassigura li:

- tinstab soluzzjoni kemm jista' jkun malajr li tħares l-aħjar interessi tat-tfal involuti;
- il-kwistjoni tkun investigata mill-bidu sa l-aħħar fl-ogħla livell;
- issir reviżjoni sħiħa ta' l-amministrazzjoni ta' l-Iskejjel Ewropej, biex jiġi żgurat li 'l quddiem dawn jimxu skond l-istess prinċipji ta' tmexxija tajba u ta' prattika amministrattiva tajba li ġa jħaddnu istituzzjonijiet oħra ta' l-UE u li, skond Artikolu 24 (2) taċ-*Charter*, l-aħjar interessi tat-tfal jkunu l-ewwel kunsiderazzjoni f'kull azzjoni li tittieħed u li tkun tolqothom;
- l-appelli kollha jiġu aċċettati ukoll jekk din is-soluzzjoni titlob li xi klassijiet jinqasmu fi tnejn;
- isir studju dwar it-tqassim tar-riżorsi bejn l-iskejjel;
- tiġi stabbilita sistema ċara u trasparenti għall-allokazzjoni tat-tfal fl-Iskejjel, sabiex ikun evitat għal li ġej it-trasferiment ta' tfal taħt kundizzjonijiet simili.

### *L-argumenti tal-Kummissjoni*

1.2 Il-Kummissjoni stqarret li taf li sar għadd konsiderevoli ta' ilmenti. Dawn ġew ittrattati ndividwalment u ħafna minnhom intlaqgħu. Il-proċedura segwita u l-kriterji wżati mill-Iskejjel għat-trasferiment tat-tfal, flimkien mal-possibbiltà ta' appell, jagħtu wieħed x'jifhem li l-aħjar interessi tat-tfal kienu konsiderazzjoni ewlenija li, sa fejn kien possibbli, kienet ġiet meqjusa.

Il-Board of Governors għandu l-awtorità li jiddeċiedi waħdu dwar it-tqassim tar-riżorsi bejn l-Iskejjel Ewropej differenti. Dawn id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu skond il- prinċipji ta' bilanċ ġeografiku u ta' l-aħjar użu tar-riżorsi disponibbli. Il-Board of Governors eżamina Rapport fuq din il-kwistjoni u l-Kummissjoni ma taf li saru ebda irregolaritajiet f'dan ir-rigward.

l-Iskejjel għamlu kull sforz biex iżommu quddiem għajnejhom l-għażliet tal-ġenituri bħala fattur ewlieni. Saret ħidma biex isir aħjar it-tqassim tal-klassijiet, iżda li taqsam sezzjonijiet jew klassijiet fi Skola meta sezzjonijiet u klassijiet simili fi Skola oħra kienu kważi v*oj*ta, ma tkunx prattika amministrattiva tajba.

Il-prinċipji stabbiliti fiċ-*Charter* dwar id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, u b'mod partikolari Artikoli 24 (2) u 41 tagħha, japplikaw bis-sħiħ għall-iSkejjel Ewropej u jorbtuhom. Dawn il-prinċipji japplikaw ukoll għal riformi ta' l-Iskejjel li jsiru 'l quddiem.

Is-sehem ta' l-għaqdiet tal-ġenituri, l-ewwel fil-grupp tat-tmexxija koordinata tat-tliet Skejjel ta' Brussell, li twaqqaf biex imexxi aħjar it-trasferiment tat-tfal ta' l-iskola, u wara dan fil-kumitati responsabbli biex jiġu mistħarrġa l-ilmenti, hu xhieda tat-trasparenza li hemm fis-sistema. Din it-trasparenza għandha tibqa' tinżamm f'kull trasferiment ta' tfal ta' l-iskola li jsir 'il quddiem.

### *X'sab l-Ombudsman*

1.3 L-Ombudsman qal li l-Iskejjel Ewropej kienu twaqqfu fil-bidu mill-iStati Membri li ffirmaw l-iStatut ta' l-Iskejjel Ewropej fl-1957. Fl-1994 l-iStati Membri u l-Komunitajiet Ewropej iffirmaw Konvenzjoni[105] li tħassar u tibdel l-iStatut ta' l-1957. Din il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2002.

1.4 L-Ombudsman dejjem sostna li l-Iskejjel Ewropej m'humiex korp jew istituzzjoni Komunitarja, iżda li l-Kummissjoni għandha ċerta responsabbiltà għat-tmexxija tagħhom peress li hi rappreżentata fil-Board of Governors u tikkontribwixxi b'mod qawwi fl-iffinanzjar tagħhom. Skond l-Ombudsman ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni ma tinkludix kwistjonijiet dwar it-tmexxija nterna ta' l-Iskejjel.

[105] *OJ* L 212/3 tas-17 ta' Awissu 1994.

### L-appelli

1.5 Dwar l-appelli fuq il-mod kif tqassmu t-tfal bejn l-Iskejjel, l-Ombudsman hu tal-fehma li deċiżjonijiet dwar appelli individwali ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni u għaldaqstant jaqgħu barra mill-istħarriġ tiegħu. l-Ombudsman ikkummenta li l-Kummissjoni stqarret li għadd kbir ta' appelli ntlaqgħu.

### Iċ-*Charter* tad-Drittijiet Fondamentali

1.6 F'dak li jikkonċerna l-allegati nuqqasijiet taċ-*Charter* tad-Drittijiet Fondamentali, l-Ombudsman jilqa' l-għarfien min-naħa tal-Kummissjoni li d-dritt għal amministrazzjoni tajba (Art. 41) u d-drittijiet tat-tfal (b'mod partikolari Art. 24 (2)[106]) jorbtu lill-Iskejjel Ewropej u japplikaw ukoll għar-riforma tagħhom li għad issir 'l quddiem. Bħala prinċipju ġenerali, l-Ombudsman hu tal-fehma li r-rispett lejn dawn id-drittijiet huwa konsistenti mal-ħidma favur effiċjenza fl-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-Iskejjel. Fil-każ preżenti, l-Ombudsman ma jqisx li mill-istħarriġ tiegħu irriżultat xi evidenza li nkisru d-drittijiet tat-tfal kif imħarsa f'Artikolu 24 (2) taċ-*Charter*, speċjalment meta wieħed iqis li l-allokazzjoni oriġinali ta' tfal bejn l-Iskejjel tidher li tbiddlet permezz ta' l-għadd kbir ta' appelli mirbuħa.

Id-dritt għal amministrazzjoni tajba hu kkunsidrat iżjed 'l isfel.

### Koordinazzjoni u amministrazzjoni tajba

1.7 Rigward l-allegazzjoni li l-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni bejn l-iskejjel m'humix tajbin, l-Ombudsman ifakkar li kien hemm għadd kbir ta' appelli u li, skond il-Kummissjoni, ħafna minnhom intlaqgħu. l-Ombudsman iqis dan bħala xhieda li s-sistema li permezz tagħha l-ilmenti jiġu kkunsidrati hija effettiva u tilħaq mal-ħtiġiet li jinqalgħu.

1.8 L-Ombudsman fl-istess ħin jirrimarka li meta qasam partikulari ta' amministrazzjoni jiġġenera għadd ta' appelli jew ilmenti ferm akbar mis-soltu, tajjeb li wieħed jara jekk hemmx xi problema intrinsika u, jekk huwa hekk, jittieħdu miżuri li jieħdu ħsieb il-problema biex 'il quddiem ma terġax titfaċċa. Dan għandu jsir aktar u aktar meta jidher li proporzjon kbir ta' l-appelli jew ta' l-ilmenti huma ġustifikati.

1.9 L-Ombudsman jgħaddi biex igħid ukoll li l-Kummissjoni hija r-rappreżentatriċi tal-Komunitajiet Ewropej, li jipprovdu parti kbira sew mill-finanzi ta' l-Iskejjel Ewropej u li huma firmatarji tal-Konvenzjoni ta' l-1994 dwar l-iStatut ta' l-Iskejjel. l-Ombudsman hu tal-fehma li r-responsabbiltà tal-Kummissjoni tinkludi l-promozzjoni ta' amministrazzjoni tajba fl-Iskejjel Ewropej. Skond l-Ombudsman, il-mod kif wieġbet il-Kummissjoni għaċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ilment preżenti juri li l-Kummissjoni m' għarfitx għal kollox din ir-responsabbiltà. Dan hu eżempju ta' amministrazzjoni ħażina.

## 2 Konklużjoni

2.1 Għar-raġunijiet li ġew spjegati aktar 'il fuq, l-Ombudsman hu tal-fehma li t-tweġiba tal-Kummissjoni għaċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ilment preżenti, jindika li l-Kummissjoni m'għarfitx għal kollox ir-responsabbiltà tagħha li tmexxi 'l quddiem amministrazzjoni tajba fl-Iskejjel Ewropej.

2.2 Ir-riżultat ta' din l-investigazzjoni jqajjem kwistjoni ta' importanza ġenerali, li mhux lakemm tinstab soluzzjoni bonarja għaliha. l-Ombudsman għaldaqstant iressaq dan l-abbozz ta' rakkomandazzjoni quddiem il-Kummissjoni skond Artikolu 3 (6) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman.

[106] "F'kull azzjoni fejn jidħlu t-tfal, kemm jekk tittieħed minn awtoritajiet pubbliċi jew minn istituzzjonijiet privati, l-aħjar interessi tat-tfal għandhom jiġu l-ewwel u qabel kollox."

## L-ABBOZZ TAR-RAKKOMANDAZZJONI

*Il-Kummissjoni għandha tagħraf ir-responsabbiltà tagħha li ġġib 'il quddiem amministrazzjoni tajba fl-Iskejjel Ewropej u tfassal miżuri konkreti li permezz tagħhom fil-ġejjieni twettaq din ir- responsabbiltà.*

### L-opinjoni dettaljata tal-Kummissjoni

L-opinjoni dettaljata tal-Kummissjoni fil-qosor kienet li:

Id-deċiżjoni li tinfetaħ skola ġdida fi Brussell (B-III) u li jitqassmu mill-ġdid it-taqsimiet tal-lingwi (kemm is-sezzjonijiet ġodda li twaqqfu kif ukoll dawk li kienu ġa jeżistu) bejn it-tliet skejjel (B-I, B-II u B-III) ittieħdet mill-Board of Governors fil-laqgħa li saret bejn it-28 u d-29 ta' April 1998 fejn ġew ikkunsidrati l-prinċipji ta' bilanċ ġeografiku u l-aħjar użu tar-riżorsi disponibbli.

Il-Board of Governors alloka sitt taqsimiet lil BI (Daniż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Spanjol u Franċiż), tmienja lil B-II (Ġermaniż, Ingliż, Finlandiż, Franċiż, Taljan, Olandiż, Svediż u Portugiż) u sitta lil B-III (Ġermaniż, Ingliż, Spanjol, Franċiż, Taljan u Olandiż).

Il-Kummissjoni, bħala membru tal-Board of Governors, approvat din id-deċiżjoni mingħajr riżervi u tassumi b'mod sħiħ ir-responsabbiltà tagħha.

It-trasferiment tat-tfal ta' l-iskola b'konsegwenza tat-tqassim mill-ġdid tat-taqsimiet tal-lingwa u x-xogħol li qed isir f'B-I mhix xi ħaġa li jidħol fiha l-Board of Governors imma dawk li normalment huma responsabbli mit-tmexxija interna tas-sistema.

Għalkemm is-setgħat tal-Kummissjoni ma jestendux għal kwistjonijiet ta' tmexxija nterna ta' l-Iskejjel, il-Kummissjoni segwiet mill-qrib l-iżviluppi f'din il-kwistjoni. Fil-laqgħat tal-Bordijiet Amministrattivi ta' l-iskejjel konċernati, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-kapijiet ta' l-iskejjel għall-kobor tal-problema u talbithom jagħmlu kull sforz biex isibu soluzzjoni. Kienet ukoll fuq talba tal-Kummissjoni li l-Board of Governors eżamina l-proċedura segwita mill-iskejjel u sab li kienet tajba.

Il-Kummissjoni se terġa' tiġbed l-attenzjoni tas-Segretarju-Ġenerali ta' l-Iskejjel Ewropej għall-fatt li 'l quddiem, aktar u aktar meta tiftaħ ir-raba' skola ta' Brussell, għandhom jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li t-trasferiment tat-tfal ta' l-iskola jsir taħt l-aħjar kundizzjonijiet.

### Il-kummenti ta' l-ilmentatur dwar l-opinjoni dettaljata

Fil-qosor, l-ilmentatur qajjem dawn il-punti:

Il-ġenituri huma ferm inkwetati dwar il-ħidma li bħalissa tinsab għaddejja biex tinstab ir-raba' skola Ewropea fi Brussell. Hemm il-possibbiltà li l-interessi tat-tfal għal darb'oħra mhux qegħdin jitqiesu fid-diskussjonijiet ma' l-awtoritajiet responsabbli Belġjani. Il-Kummissjoni jmissha tintervjeni biex tiddefendi l-interessi tat-tfal u ta' l-impjegati tagħha.

Waqt li kienu mixjin il-proċeduri biex jiġi trattat dan l-ilment, irriżulta biċ-ċar li kull darba li tqum kwistjoni li tikkonċerna r-responsabbiltà diretta ta' l-Iskola, il-ġenituri m'għandhomx mezz kif jikkuntestaw id-deċiżjonijiet. Huwa inkwetanti l-fatt li strutturi li jieħdu ħsieb it-tfal ma jagħtu rendikont lil ħadd. Il-ġenituri jixtiequ jieħdu parir dwar kif jistgħu jittrattaw din il-kwistjoni.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 L-evalwazzjoni ta' l-Ombudsman ta' l-opinjoni dettaljata tal-Kummissjoni

1.1 L-Ombudsman investiga lment dwar it-tqassim ta' postijiet fl-Iskejjel Ewropej fi Brussell. Minħabba r-raġuni li l-Kummissjoni hija r-rappreżentanta tal-Komunitajiet Ewropej, li jipprovdu l-biċċa l-kbira tal-finanzi ta' l-Iskejjel Ewropej u li huma firmatarji tal-Konvenzjoni ta' l-1994 dwar l-iStatut tagħhom, l-Ombudsman kien tal-fehma li r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni jinkludu li ġġib 'il quddiem l-amministrazzjoni tajba fl-Iskejjel Ewropej. Skond l-Ombudsman, il-mod kif

wieġbet il-Kummissjoni għaċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ilment preżenti indikat li l-Kummissjoni m'għarfitx għal kollox din ir-responsabbiltà. l-Ombudsman għalhekk ressaq dan l-abbozz ta' rakkomandazzjoni:

Il-Kummissjoni għandha tagħraf ir-responsabbiltà tagħha li tmexxi 'l quddiem amministrazzjoni tajba fl-Iskejjel Ewropej u tfassal miżuri konkreti li permezz tagħhom fil-ġejjieni twettaq din ir-responsabbiltà.

1.2 Fl-opinjoni dettaljata tagħha dwar dan l-abbozz ta' rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni intrabtet li tiġbed l-attenzjoni tas-Segretarju-Ġenerali ta' l-Iskejjel Ewropej għall-fatt li, 'l quddiem, aktar u aktar meta tiftaħ ir-raba' skola ta' Brussell, għandhom jittieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex ikun żgurat li t-trasferiment tat-tfal ta' l-iskola jsir taħt l-aħjar kundizzjonijiet.

1.3 L-Ombudsman hu tal-fehma li fir-rigward ta' l-ilment preżenti, l-Kummissjoni wieġbet b'mod pożittiv għall-abbozz tar-rakkomandazzjoni u b'hekk ħadet passi xierqa biex timxi fuqha.

1.4 L-Ombudsman ħa nota tat-tħassib ġenerali ta' l-ilmentatur dwar it-tmexxija u dwar min hu responsabbli għall-Iskejjel Ewropej. l-Ombudsman irid jikkonsidra jekk imexxix stħarriġ fuq inizjattiva tiegħu stess dwar ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tmexxi 'l quddiem l-amministrazzjoni tajba fihom skond iċ-*Charter* tad-Drittijiet Fondamentali. Rimarka oħra ta' dan it-tip tidher aktar 'l isfel.



## 2 Konklużjoni

Fil-fehma ta' l-Ombudsman il-Kummissjoni ħadet passi xierqa biex timxi fuq l-abbozz tar-rakkomandazzjoni. l-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

### RIMARKA OĦRA

L-Ombudsman għandu jikkonsidra jekk imexxix stħarriġ fuq inizjattiva tiegħu stess dwar ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni li ġġib 'il quddiem amministrazzjoni tajba fl-Iskejjel Ewropej skond iċ-*Charter* tad-Drittijiet Fondamentali.

## DISKRIMINAZZJONI FUQ BAŻI TA' NAZZJONALITÀ MINN KUMPANIJA TAT-TELEKOMUNIKAZZJONI U L-LIĠI TAL-KOMPETIZZJONI TA' L-UE

*Deċiżjoni dwar ilment 1045/2002/GG kontra l-Kummissjoni Ewropea*

### L-ILMENT

L-ilmentatur, ta' nazzjonalità Ġermaniża, studja l-Isvezja. Biex jabbona għal servizz tat-telefon ma' Telia, kumpanija tat-telekomunikazzjoni Svediża, kellu jagħmel depożitu ta' 5000 SEK (jew iġib dikjarazzjoni minn ċittadin Svediż li jiggarantixxi din is-somma). Jidher li depożitu bħal dan kien jintalab mill-barranin kollha li ma kellhomx numru tas-sigurtà soċjali Svediża. l-ilmentatur qies li dan kien att ta' diskriminazzjoni li jmur kontra Artikolu 12 tat-Trattat ta' l-Kommunità Ewropea, ladarba persuni ta' nazzjonalità Svediża ma kellhomx għalfejn jagħmlu dan id-depożitu.

Fil-25 ta' Novembru 1998, l-ilmentatur ilmenta formalment mar-rappreżentanza tal-Kummissjoni fl-Isvezja. Din ta' l-aħħar informat lill-ilmentatur fit-2 ta' Diċembru 1998 li l-ilment kien intbagħat lis-Segretarjat-Ġenerali fi Brussell.

Fit-3 ta' Settembru 1999, u wara *reminder* mill-ilmentatur bid-data ta' l-20 ta' Awissu 1999, is-Segretarjat-Ġenerali tal-Kummissjoni informa lill-ilmentatur li l-każ kien reġistrat u ngħata r-referenza 99/4916 SG (99) A/9472/2.

Fl-ilment li għamel lill-Ombudsman f'Ġunju 2002, l-ilmentatur allega li minkejja numru ta' *reminders* (12 ta' Lulju 2000, 18 ta' Ottubru 2000 u 18 ta' Novembru 2001) il-Kummissjoni la kienet infurmatu dwar fejn waslu l-proċeduri u lanqas dwar jekk kellhiex l-intenzjoni li tibda proċeduri ta' ksur ta' liġi kontra l-Isvezja.

## L-ISTĦARRIĠ

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għamlet dawn il-kummenti:

Il-Kummissjoni l-ewwel kienet ikkonsultat xi Direttorati-Ġenerali tagħha (Suq Intern, Ġustizzja u Intern, Soċjetà ta' l-Informatika) sabiex tara jekk l-imġiba li dwarha kienet qed tqum kienitx l-akkuża ġejja, b'mod dirett jew indirett, minn xi liġi Svediża li kien hemm fis-seħħ. Din il-verifika damet sas-sajf ta' l-2000. Minnha ħareġ li Telia kienet imponiet dan l-obbligu minn jeddha.

Għaldaqstant ladarba l-kwistjoni kienet dwar l-imġiba ta' kumpanija, id-Direttorat-Ġenerali (DĠ) Kompetizzjoni tal-Kummissjoni wara ra jekk kienx inkiser Artikolu 82 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea. Fil-25 ta' Awissu 2000, id-DĠ Kompetizzjoni talab lil Telia biex tagħti spjegazzjoni. Fir-risposta tagħha tal-25 ta' Settembru 2000, Telia spjegat li l-ammont ta' 5000 SEK kien iservi biex jiżgura d-djun ta' abbonati li, mingħajr numru tas-sigurtà socjali Svediż, mhux lakemm issibhom jekk jitilqu minn fejn joqogħdu. Il-Kummissjoni kkonkludiet li din l-ispjegazzjoni tiġġustifika d-differenza fit-trattament bejn persuni li għandhom numru tas-sigurtà soċjali Svediż u persuni li ma kellhomx numru bħal dan. B'hekk iddeċidiet li ma tagħmilx iktar stħarriġ.

Fid-dawl ta' dan ir-riżultat, il-kwistjoni ngħatat prijorità iċken, l-iżjed peress li d-DĠ Kompetizzjoni kellu jittratta għadd kbir ta' każijiet oħra li kellhom x'jaqsmu mas-settur tat-telekomunikazzjoni.

Iċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija wasslu, b'dispjaċir għall-Kummissjoni, għal ċertu dewmien biex l-ilmentatur jiġi infurmat kemm dwar l-ewwel konklużjonijiet ta' l-istħarriġ li kien sar fuq l-ilment tiegħu kif ukoll dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħlaq il-każ.

Fit-8 ta' Awissu 2002, il-Kummissjoni bagħtet lill-ilmentatur risposta bil-miktub dwar l-ilment tiegħu. Fil-5 ta' Settembru 2002, il-Kummissjoni kienet ċemplitlu wkoll, sabiex tiżgura li kienet waslitlu r-risposta.

### Il-kummenti ta' l-ilmentatur

L-ilmentatur ikkonferma li kien irċieva l-ittra tal-Kummissjoni tat-8 ta' Awissu 2002 u nnota li l-iskop ewlieni ta' l-ilment tiegħu kien intlaħaq. Madankollu l-ilmentatur wera li baqa' b'togħma ħażina għax minkejja r-*reminders* kollha tiegħu, l-Kummissjoni ma ħassitx il-ħtieġa li tinfurmah qabel. Fl-opinjoni tiegħu, dan kien każ ta' aktar minn "ċertu dewmien" li ma setax jiġi ġġustifikat minħabba n-nuqqas ta' impjegati. l-ilmentatur madankollu innota d-dispjaċir tal-Kummissjoni u aċċetta l-iskuża minn għandha.

Dwar is-sustanza tal-każ, l-ilmentatur deherlu li r-raġunijiet li tat il-Kummissjoni għax kienet għalqet l-inkjesta ma kinux għal kollox konvinċenti. Fil-fehma ta' l-ilmentatur, kien hemm ksur ta' Artikolu 82 tat-Trattat tal-Komunità Ewropea. l-ilmentatur deherlu li l-ispjega li offriet Telia għall-imġieba tagħha ma kinetx konvinċenti ladarba jiġri x'jiġri Telia kienet kapaċi ssegwi ukoll barra l-pajjiż min kellu jagħtiha xi flus. l-ilmentatur qabel li dan jista' jkun aktar diffiċli milli tiġri wara min kellu jħallasha fl-Isvezja stess. Hu ħass, madankollu, li dan ma setax iservi bħala ġustifikazzjoni għal diskriminazzjoni. Jekk il-Kummissjoni kellha taqbel ma' l-argumenti li ġabet Telia dan kien imur kontra l-ħsieb wara l-isforzi ta' l-Unjoni Ewropea biex tissimplifika l-infurzar ta' talbiet fi stati membri oħra.

Fil-fehma ta' l-ilmentatur, Telia tista' tinqeda b'mezzi oħra biex tħares lilha nnifisha, ngħidu aħna, billi titlob persuni ċittadini ta' l-UE li ma għandhomx nazzjonalità Svediża, biex jipprovdu kopja tal-karta ta' l-identità tagħhom jew tal-passaport. Fil-fehma tiegħu din l-informazzjoni tista' tgħin

biex "jinstabu" dawk li jkollhom jagħtuha l-flus. l-ilmentatur staqsa wkoll jekk il-fatt sempliċi li jkollok numru tas-sigurtà soċjali Svediż jagħmilhiex eħfef biex jinstab bniedem li għandu jagħti l-flus f'każijiet fejn dan imur joqgħod barra mill-pajjiż.

L-ilmentatur talab l-appoġġ ta' l-Ombudsman fuq l-ilment tiegħu u talbu wkoll jipprova jikkonvinċi lill-Kummissjoni biex tkompli l-istħarriġ tagħha.

## L-ISFORZI TA' L-OMBUDSMAN BIEX JASAL GĦAL SOLUZZJONI BONARJA

Wara li qies bir-reqqa l-opinjonijiet u l-osservazzjonijiet li ġabu l-partijiet, l-Ombudsman ma kienx sodisfatt li l-Kummissjoni kienet wieġbet b'mod xieraq għall-allegazzjonijiet kollha ta' l-ilmentatur.

### Il-proposta għal soluzzjoni amikevoli

Skond Artikolu 3 (5) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman,[107] dan għandu jfittex, sa fejn hu possibbli, soluzzjoni ma' l-istituzzjoni konċernata sabiex jitneħħa l-każ ta' amministrazzjoni ħażina u l-ilmentatur ikun sodisfatt. Il-konklużjoni provviżorja ta' l-Ombudsman kienet li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni biex tagħlaq il-każ għax l-imġiba ta' Telia dehret li kienet iġġustifikata, seta' kien każ ta' amministrazzjoni ħażina.

L-Ombudsman għalhekk għamel il-proposta li ġejja lill-Kummissjoni għal soluzzjoni bonarja:

*Il-Kummissjoni Ewropea għandha terġa' tikkonsidra l-ilment li bagħtilha l-ilmentatur.*

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

Fl-opinjoni li bagħtet lill-Ombudsman, il-Kummissjoni għamlet dawn il-kummenti:

Il-Kummissjoni, skond il-proposta ta' l-Ombudsman, kienet reġgħet ikkunsidrat il-każ fid-dawl ta' l-argumenti ġodda mressqa mill-ilmentatur. l-imġiba ta' Telia kellha l-għan li tiżgura li l-klijent tagħha seta' jħallas dak in-nhar li daħlet f'kuntratt ta' abbonament miegħu. Dan seta' jsir bi tlett modi - billi l-klijent jipprovdi n-numru tas-sigurtà soċjali, jew jagħmel depożitu jew permezz ta' prova ta' akkwist ta' dar jew appartament fl-Isvezja.

In-numru ta' sigurtà soċjali Svediż (personnummer) jingħata lil kull ċittadin Svediż u lil kull barrani li jkun ilu joqgħod l-Isvezja għal aktar minn sena. Dan in-numru jikkonsisti f'sensiela ta' numri li minnhom wieħed jista' jsir jaf l-età tal-persuna u fejn twieled. Permezz ta' dan in-numru, persuna tista' tiġi identifikata għal skopijiet amministrattivi. Dan in-numru kien jintuża għal skopijiet ta' sigurtà soċjali iżda kien iservi għal skopijiet oħra wkoll. It-traduzzjoni ta' "numru tas-sigurtà soċjali" m'għandux joskura l-fatt li dan in-numru jservi għal skopijiet oħra apparti s-sigurtà soċjali.

In-numru kien jintuża minn awtoritajiet tat-taxxa u entitajiet privati biex iwaqqfu *databases* finanzjarji. Permezz ta' konsultazzjoni ma' dan id-*database*, jkun jista' jiġi verifikat jekk individwu kellux djun mhux imħallsa. Meta persuna li jkollha personnummer xtaqet tapplika għas-servizzi ta' Telia, il-kumpanija ikkonsultat *database* biex tivverifika jekk l-applikant kellux djun mhux imħallsin. Naturalment tagħrif finanzjarju jkun jidher biss fuq din id-*database* jekk il-persuna kienet imfittxa minn korpi amministrattivi jew privati fl-Isvezja.

Is-sistema ta' Telia li titlob in-numru tas-sigurtà soċjali, depożitu jew evidenza ta' l-akkwist ta' dar jew appartament fl-Isvezja ma kellha x'taqsam xejn man-nazzjonalità ta' l-individwu. Barrani li jaħdem u jgħix fl-Isvezja għandu personnummer. Barra minn hekk, persuna ta' nazzjonalità Svediża li ma tgħix l-Isvezja tista' wkoll tintalab tagħmel depożitu jekk tiġi l-Isvezja għal żmien qasir bħala student. Għalkemm din il-persuna kellha personnummer, l-ebda informazzjoni finanzjarja dwar din il-persuna ma kienet tidher fuq id-*database* ladarba ma kinitx tgħix l-Isvezja.



[107] Deċiżjoni 94/262 tad-9 ta' Marzu 1994 tal-Parlament Ewropew fuq ir-Regolamenti u l-Kundizzjonijiet Ġenerali dwar kif għandhom jitwettqu d-dmirijiet ta' l-Ombudsman, 1994 *OJ* L 113/15.

Bħal kull operatur ieħor fil-qasam tat-telekomunikazzjoni, Telia riedet, meta taċċetta abbonat ġdid, li jkollha tagħrif relevanti dwar din il-persuna u mezz kif tkun tista' issibu fil-każ li ma jħallasx il-kontijiet. Ħafna operaturi fil-qasam tat-telekomunikazzjoni fl-Unjoni Ewropea jkopru dan ir-riskju billi jitolbu kopja tal-karta ta' l-identità ta' l-abbonat. Ħaġa bħal din kienet tintalab l-aktar minn aġenziji ta' operaturi li kienu jippreferu l-bejgħ ta' abbonamenti fil-preżenza fiżika ta' l-abbonat. Madankollu, is-sitwazzjoni ta' Telia kienet differenti. Min-naħa waħda, il-kumpanija ta' spiss biegħet abbonamenti bit-telefon. Mill-banda l-oħra, xtaqet li b'mod leġittimu tiżgura ruħha li l-klijent ma kienx persuna falluta dak il-ħin li kien qed jiġi konkluż il-kuntratt. Telia għalhekk ma kinetx titlob kopja tal-karta ta' l-identità. Sabiex tiżgura ruħha li l-klijent ma kienx fallut, il-kumpanija kienet titlob il-personnummer ta' dawk il-klijenti li jkollhom wieħed. Fejn ma jkunx hemm la informazzjoni finanzjarja li tkun ċertifikata minn terza persuna u lanqas ma jkun hemm evidenza ta' akkwist ta' propjetà, kien jintalab depożitu. Fil-fatt Telia kienet tagħti l-użu ta' linja tat-telefon bla ebda limiti lill-klijenti tagħha bejn kont u ieħor, jiġifieri f'perjodu ta' tliet xhur. Il-kumpanija għalhekk kellha tliet modi kif setgħet tkopri r-riskju li kont jibqa' ma jitħallasx.

Is-sistema mħaddma minn operaturi tat-telekomunikazzjoni fl-Ewropa dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' linja, il-kundizzjonijiet tal-ħlas, u l-perjodu li fih il-linja tingħata u tkun tista' tintuża fejn il-klijent ikun naqas li jħallas il-kontijiet, kienet tvarja ħafna. Operaturi oħra bħal British Telecom jew France Telecom ukoll raw li depożiti bħal dawk mitluba minn Telia kienu neċessarji f'ċertu każijiet.

Skond is-sistema ta' Telia, użu sħiħ u bla ebda limitu ta' linja tat-telefon kien possibbli għal ħames xhur bejn id-data meta jitħallas l-aħħar kont u d-data meta l-linja tkun effettivament imblokkata għax ma jkunx sar il-ħlas. Operaturi oħra jillimitaw dan il-perjodu għal tliet xhur u wħud minnhom jimblokkaw l-użu tal-linja għal sejħiet internazzjonali kif jindunaw li xi kont ma tħallasx.

Telia kienet naqqset is-sistema tagħha ta' depożiti li issa jammontaw għal 3000 SEK jew 333 € minflok 5000 SEK kif kienet fiż-żmien meta l-ilmentatur kien kiteb lill-Kummissjoni. Dan l-ammont deher li kien xieraq biex jintlaħaq l-għan li kien mixtieq (333 € bħala depożitu għal perjodu ta' ħames xhur użu tal-linja bla ħlas).

Ir-raġuni ewlenija wara l-obbligu li dak li jkun jagħti l-personnummer (jew depożitu jew evidenza ta' li dak li jkun hu sid ta' xi propjetà) ma kinetx biex jiġi evitat ir-riskju li l-kumpanija jista' jkollha tfittex il-ħlas dovut lilha fi stati membri oħra.

Fin-nuqqas ta' diskriminazzjoni jew ta' prattika mhux ġustifikata, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm bażi biex tipproċedi għall-ksur ta' Artiklu 82 tat-Trattat tal-KE.

### Il-kummenti ta' l-ilmentatur

Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur baqa' jinsisti fuq l-ilment tiegħu. Hu sostna li l-mod kif timxi Telia jwassal għal diskriminazzjoni ndiretta kontra ċittadini mhux Svediżi, peress li dawn jistgħu jakkwistaw personnummer biss wara sena. Skond l-ilmentatur, il-kundizzjonijiet ġenerali ta' negozju ta' Telia kienu jgħidu li kien hemm il-ħtieġa ta' depożitu meta jkun hemm raġuni għax wieħed jaħseb li l-klijent ma jkunx se jħallas il-kontijiet. l-ilmentatur irraġuna li meta Telia tassumi li dan hu l-każ fejn ma jkunx hemm personnummer, fil-prattika ċittadini ta' stati membri oħra kienu qegħdin jiġu żvantaġġjati minn Telia.

Fl-opinjoni ta' l-ilmentatur kien hemm differenza sostanzjali bejn li titlob il-personnummer u li titlob depożitu. Fl-ewwel każ prova li l-klijent jista' jħallas kienet biżżejjed waqt li fit-tieni każ il-klijent kellu jagħti l-flus lil Telia mingħajr ma jirċievi l-interessi.

L-ilmentatur żied li l-paragun mal-British Telecom u ma' France Telecom ma kinux konvinċenti, peress li l-kundizzjonijiet ta' dawn il-kumpaniji kienu jittrattaw bl-istess mod il-każijiet fejn kien meħtieġ li jitħallas depożitu. Kien hemm operaturi oħra tat-telekomunikazzjoni li ma jitolbu ebda depożitu (bħal Deutsche Telekom) jew fejn jitolbu depożitu biss wara li jinqalgħu l-problemi (bħal Telekom Austria).

DEĊIŻJONIJIET WARA LI SARET INVESTIGAZZJONI

## L-ABBOZZ TAR-RAKKOMANDAZZJONI

Fuq l-evidenza mogħtija lilu, l-Ombudsman ikkonkluda li soluzzjoni amikevoli ma kinetx possibbli. l-Ombudsman għalhekk ressaq dan l-abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni skond Artikolu 3 (6) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman:

*Il-Kummissjoni Ewropea għandha tikkunsidra mill-ġdid l-ilment li bagħtilha l-ilmentatur.*

### L-opinjoni dettaljata tal-Kummissjoni

Fl-opinjoni dettaljata tagħha, il-Kummissjoni ikkummentat li:

Rigward is-sustanza ta' l-ilment li l-ilmentatur kien bagħat lill-Kummissjoni, kien għad hemm nuqqas ta' qbil bejn l-ilmentatur, l-Ombudsman u l-Kummissjoni. Min kien l-aktar ikkonċernat, jiġifieri Telia, ma kinitx involuta fil-korrispondenza li kienet għaddiet. Kien għad irid jiġi ċċarat jekk is-sistema ta' Telia kinetx tikkostitwixxi abbuż ta' pożizzjoni dominanti kif imfisser f'Artikolu 86 tat-Trattat tal-KE. Għalhekk il-Kummissjoni kienet iddeċidiet formalment li teżamina din il-kwistjoni taħt Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE. B'hekk il-partijiet ikkonċernati (l-ilmentatur u Telia) jingħataw ċans jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar l-aspetti kollha ta' dan il-każ. Wara dan l-istħarriġ, il-Kummissjoni tkun f'pożizzjoni li tikkunsidra mill-ġdid l-aspetti kollha tal-każ preżenti, qabel ma tieħu deċiżjoni definittiva dwar is-sustanza tal-każ. Din l-attitudni ġdida m'għandhiex tiftiehem daqs li kieku l-Kummissjoni kienet qed taqbel mal-kummenti ta' l-Ombudsman dwar is-sustanza tal-każ.

Biex jitħaffef il-proċess, l-ilment taħt Artiklu 82 tat-Trattat kellu jintbagħat lil Telia fi żmien qasir.

Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li din il-proposta ġdida kienet tqarreb sew mar-rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman biex tikkunsidra mill-ġdid l-ilment li kien bagħtilha l-ilmentatur.

### Il-kummenti ta' l-ilmentatur

Fl-1 ta' Lulju 2003, l-ilmentatur permezz ta' telefonata nforma lill-Ombudsman li kien sodisfatt bir-riżultat ta' dan il-każ.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Nuqqas ta' informazzjoni dwar ilment mibgħut lill-Kummissjoni

1.1 L-ilmentatur, persuna ta' nazzjonalità Ġermaniża, studja l-Isvezja. Biex jabbona għal servizz tat-telefon ma' Telia, kumpanija tat-telekomunikazzjoni Svediża, hu kellu jagħmel depożitu ta' 5000 SEK. Jidher li depożitu bħal dan kien jintalab mill-barranin kollha li ma jkollhomx numru tas-sigurtà soċjali Svediża. l-ilmentatur qies lil din il-ħaġa bħala att ta' diskriminazzjoni li jmur kontra Artiklu 12 tat-Trattat ta' l-KE ladarba persuni ta' nazzjonalità Svediża ma kellhomx għalfejn jagħmlu dan id-depożitu. Fil-25 ta' Novembru 1998, l-ilmentatur għalhekk ilmenta formalment mal-Kummissjoni. Fl-ilment li bagħat lill-Ombudsman f'Ġunju 2002 l-ilmentatur allega li minkejja diversi *reminders* il-Kummissjoni la kienet infurmatu dwar fejn waslu l-proċeduri u lanqas dwar jekk kellhiex l-intenzjoni li tibda proċeduri ta' ksur tal-liġi kontra l-Isvezja.

1.2 Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni spjegat kif kienet ittrattat l-ilment u wriet dispjaċir għal ċertu dewmien li kien hemm biex tinforma lill-ilmentatur. Skond il-Kummissjoni, l-ilmentatur fl-aħħar kien ġie nfurmat permezz ta' ittra mibgħuta fit-8 ta' Awissu 2002.

1.3 Hija prattika amministrattiva tajba li l-ilmentaturi jinżammu nfurmati dwar l-istadju u r-riżultat ta' l-ilmenti li huma jkunu bagħtu lill-Kummissjoni. Fil-każ preżenti, kellhom jgħaddu disa' xhur u kellha tirċievi *reminder* mingħand l-ilmentatur qabel ma nfurmatu f'Settembru 1999 li l-ilment tiegħu kien ġie reġistrat formalment. Jidher li l-Kummissjoni qatt ma rrispondiet għall-ebda waħda mit-tliet *reminders* li bagħtilha l-ilmentatur. Kien biss f'Awissu 2002, wara li ġiet infurmata li l-ilmentatur kien kiteb lill-Ombudsman, li l-Kummissjoni fl-aħħar infurmatu dwar ir-riżultat ta' l-ilment tiegħu. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Ombudsman jidhirlu li l-mod kif imxiet il-Kummissjoni fil-

każ preżenti huwa każ ċar ta' amministrazzjoni ħażina. Madanakollu, peress li l-ilmentatur informa lill-Ombudsman li aċċetta l-apoloġiji tal-Kummissjoni, l-Ombudsman iqis li m'hemmx bażi biex ikompli jinvestiga dan l-aspett ta' l-ilment.

## 2 Nuqqas li jkompli jiġi nvestigat l-ilment lill-Kummissjoni

2.1 Fl-ittra tagħha lill-ilmentatur u fl-opinjoni li bagħtet lill-Ombudsman, il-Kummissjoni wriet li waqt l-investigazzjoni tagħha dwar il-possibbiltà ta' ksur ta' Artiklu 82 tat-Trattat tal-KE, kienet talbet lil Telia biex tagħti l-kummenti tagħha dwar il-kwistjoni. Telia kienet spjegat li d-depożitu li kienet talbet kien iservi biex jiżgura l-ħlas ta' djun minn abbonati li, fin-nuqqas ta' numru tas-sigurtà socjali Svediża, Telia kienet titlef fejn qegħdin jekk jitilqu minn fejn joqogħdu. Il-Kummissjoni qalet li qieset li din l-ispjega tiġġustifika d-differenza fit-trattament bejn persuni li għandhom numru tas-sigurtà soċjali Svediża u persuni li m'għandhomx dan in-numru. Għalhekk kienet iddeċidiet li ma tibqax tinvestiga l-ilment.

2.2 Fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-ilmentatur ikkritika din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni. l-ilmentatur sostna li kien hemm ksur ta' Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE ladarba Telia kienet iddiskriminat bejn persuni ta' nazzjonalità Svediża u ċittadini oħra ta' l-Unjoni Ewropea. Hu kompla li l-iskop ta' Telia li tħares lilha nnifisha kontra r-riskju li titlef kull aħbar dwar fejn jinsabu dawk li għandhom jagħtuha l-flus ma kienx jiġġustifika din id-diskriminazzjoni.

2.3 L-Ombudsman deherlu li b'hekk l-ilmentatur kien ressaq allegazzjoni separata. Minħabba r-rabta mill-qrib bejn l-ilment oriġinali u din l-allegazzjoni l-oħra, l-Ombudsman kien tal-fehma li għandu jittratta din l-aħħar allegazzjoni fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ. Il-Kummissjoni ngħatat l-opportunità li tikkummenta dwar din l-allegazzjoni l-ġdida fl-opinjoni tagħha għall-proposta ta' l-Ombudsman biex tinstab soluzzjoni amikevoli.

2.4 L-Ombudsman jaf li l-Kummissjoni tgawdi setgħat diskrezzjonali fejn jidħlu ilmenti li jallegaw li nkisret il-liġi tal-kompetizzjoni ta' l-UE. Il-Kummissjoni għalhekk tista' tiddeċiedi li tagħlaq każ jekk tasal għall-konklużjoni li m'hemm ebda ksur ta' dan it-tip jew fejn tikkunsidra li mhux fl-interess tal-Komunità li tkompli ssegwih għaliex il-qrati jew awtoritajiet nazzjonali jkunu f'qagħda aħjar biex jieħdu ħsieb il-każ. l-Ombudsman jinnota li fil-każ preżenti, il-Kummissjoni għalqet il-każ għax ikkunsidrat li, fin-nuqqas ta' diskriminazzjoni jew ta' prattika mhux ġustifikata, ma kienx hemm bażi biex jinbdew proċeduri fuq il-ksur ta' Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE. Dan hu r-raġunament li għandu jiġi eżaminat hawnhekk.

2.5 Meta tittratta ma' abbonati prospettivi, Telia tiddistingwi bejn dawk il-persuni li għandhom numru tas-sigurtà soċjali Svediża (personnummer) u dawk li m'għandhomx dan in-numru u li lanqas m'għandhom dar jew appartament fl-Isvezja. Kif spjega sewwa l-ilmentatur, din id-distinzjoni għandha riperkussjonijiet importanti: waqt li fl-ewwel każ hu biżżejjed li persuna tagħti l-personnummer, fit-tieni każ il-klijent irid jipprovdi l-flus lil Telia. Bil-maqlub ta' dak li tallega l-Kummissjoni, din id-distinzjoni tirriżulta f'diskriminazzjoni indiretta fuq il-bażi ta' nazzjonalità. Il-Kummissjoni nnifisha nfurmat li personnummer jingħata lil kull ċittadin Svediż u lil kull barrani li jkun ilu jgħix l-Isvezja għal aktar minn sena. Dan ifisser li ċittadini ta' stati membri oħra ta' l-UE li ma jkunux residenti l-Isvezja għal aktar minn sena (bħal, per eżempju, studenti) ma jakkwistawx personnummer. Meta tillimita l-vantaġġ li ma jkollhomx għalfejn jipprovdu depożitu lil dawk il-persuni li għandhom personnummer, Telia neċessarjament tqiegħed fi żvantaġġ liċ-ċittadini ta' l-iStati l-membri l-oħra li ma jkollhomx numru bħal dan. Il-fatt li persuni ta' nazzjonalita' Svediża li mhumiex residenti fil-pajjiż jistgħu wkoll jintalbu jipprovdu depożitu meta jiġu l-Isvezja għal żmien qasir bħala studenti ma jaffettwax (jekk ħaġa bħal din tkun stabbilita) din il-konklużjoni. Sabiex titqies bħala diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' nazzjonalità, il-miżura relevanti m'hemmx għalfejn li jibbenefikaw minnha ċ-ċittadini kollha ta' l-istat membru konċernat.[108]

108 Ara Każ C-281/98 Angonese [2000] ECR I-4139 paragrafu 41 u Każ C-274/96 Bickel u Franz [1998] ECR I-7637 paragrafu 25. Ara wkoll Każ C-43/95 Data Delecta kontra MSL [1996] ECR I-4661 u Każ C-323/95 Hayes kontra Kronberger [1997] ECR I-1711.

2.6 Fl-opinjoni ta' l-Ombudsman l-ebda wieħed mill-argumenti mressqa mill-Kummissjoni ma jista' jiġi meqjus li fih innifsu jiġġustifika din id-differenza fit-trattament. l-ewwelnett, mhix konvinċenti l-ispjega tal-Kummissjoni għaliex Telia ma titlobx mill-klijenti prospettivi tagħha sempliċement kopja tal-karta ta' l-identità tagħhom. Jekk is-suppost preferenza ta' Telia li tbiegħ l-abbonamenti minn fuq it-telefon tagħmilha ħaġa mhux prattika li tingħata kopja ta' dan id-dokument, hu diffiċli biex wieħed jifhem kif evidenza tax-xiri ta' dar jew appartament fl-Isvezja madankollu xorta waħda hi aċċettata. It-tieni, l-istrateġija kummerċjali individwali ta' Telia (b'perjodi itwal bejn kont u ieħor minn kif isir minn kumpaniji oħra) b'mod ċar ma tistax tiġġustifika li ċittadini ta' stati membri oħra jiġu żvantaġġjati. It-tielet, it-tnaqqis tad-depożitu minn 5000 SEK għal 3000 SEK inaqqas l-iżvantaġġ li jħossu ċittadini minn stati membri oħra iżda ma jwarrbuhx għal kollox. Ir-raba' punt, u l-aktar importanti, hu li Telia ċertament li għandha dritt li tħares lilha nnifisha kontra r-riskju li l-klijenti ma jħallsux il-kontijiet tagħhom. Dan madankollu ma jiġġustifikax sistema li tqiegħed fi żvantaġġ liċ-ċittadini ta' stati membri oħra. Fl-opinjoni ta' l-Ombudsman jeżistu possibbiltajiet oħra kif il-kumpanija tista' tipproteġi l-interessi leġittimi tagħha mingħajr ma tirrikorri għal miżuri diskriminatorji. F'dan il-kuntest, hu interessanti wkoll li wieħed jinnota li l-Kummissjoni ma kinetx kapaċi ssemmi operatur ieħor bħalha fil-qasam tat-telekomunikazzjoni fl-UE li jimxi fuq sistema bħal dik ta' Telia. Kif josserva tajjeb l-ilmentatur, la l-kundizzjonijiet tal-British Telecom u lanqas ta' France Telecom li semmiet il-Kummissjoni ma jidhru li jorbtu, direttament jew indirettament, man-nazzjonalità tal-klijent l-obbligu li jitħallas depożitu.



### 3 Konklużjoni

3.1 Fuq dak li rriżulta mill-investigazzjonijiet, l-Ombudsman ressaq abbozz ta' rakkomandazzjoni fejn ħareġ bis-suġġeriment li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra mill-ġdid l-ilment li bagħtilha l-ilmentatur. Fl-opinjoni dettaljata tagħha, il-Kummissjoni infurmat lill-Ombudsman li kienet iddeċidiet li tiftaħ investigazzjoni formali taħt Artikolu 82 tat-Trattat tal-KE. l-ilmentatur wara xi żmien informa lill-Ombudsman li hu kien sodisfatt bir-riżultat ta' dan il-każ.

3.2 L-Ombudsman iħoss li b'dan il-mod il-Kummissjoni qablet ma' l-abbozz tar-rakkomandazzjoni tiegħu u li l-miżuri li ttieħdu jew li se jittieħdu mill-Kummissjoni jidhru li huma sodisfaċjenti.

3.3 L-Ombudsman għalhekk jagħlaq il-każ.

# 3.6 KAŻJIET MAGĦLUQA WARA RAPPORT SPEĊJALI

## 3.6.1 Il-Parlament Ewropew

### IL-PARLAMENT EWROPEW JAĊĊETTA LI JIPPUBBLIKA L-ISMIJIET TA' KANDIDATI LI JGĦADDU MINN KOMPETIZZJONIJIET TA' REKLUTAĠĠ

*Deċiżjoni dwar ilment 341/2001/(BB)IJH kontra l-Parlament Ewropew*

L-ilment kien dwar ir-rifjut tal-Parlament Ewropew li jinforma lill-ilmentatur, li ħa sehem f'kompetizzjoni miftuħa, bl-ismijiet u l-marki tal-kandidati li għaddew mill-kompetizzjoni.

L-Ombudsman ressaq abbozz ta' rakkomandazzjoni li, f'kompetizzjonijiet li jsiru fil-ġejjieni, il-Parlament għandu jinforma lill-kandidati fl-avviżi tal-kompetizzjoni li l-ismijiet tal-kandidati li jgħaddu mill-kompetizzjoni se jkunu ppubblikati.

L-opinjoni dettaljata tal-Parlament m'għamlithiex ċara li l-abbozz tar-rakkomandazzjoni kienet ġiet accettata. l-opinjoni dettaljata lanqas ma ndikat li azzjonijiet futuri tal-Parlament kienu se jittrattaw il-kandidati b'mod ġust u b'hekk jiġi żgurat li jkun hemm konsistenza mal-wegħda ta' trasparenza fil-proċess ta' reklutaġġ ta' impjegati ġodda. l-Ombudsman għalhekk ħass li hu dmiru li jħejji Rapport Speċjali dwar il-kwistjoni.

Permezz ta' l-ittra tal-25 ta' Frar 2003, il-President tal-Parlament Ewropew informa lill-Ombudsman li l-Parlament kien aċċetta r-rakkomandazzjoni li jibda jippubblika l-listi tal-kandidati li jgħaddu mill-kompetizzjonijiet u li jindika dan fl-avviżi kollha dwar kompetizzjonijiet.

Fid-dawl ta' dan, l-Ombudsman għalaq il-każ.

Ir-Rapport Speċjali li sar mill-Ombudsman jinsab kollu kemm hu fuq il-*website* ta' l-Ombudsman: http://www.euro-Ombudsman.eu.int/special/pdf/en/010341.pdf





## 3.6.2 Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

### AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI TAL-KUNSILL FOSTHOM OPINJONIJIET TAS-SERVIZZ LEGALI

*Tagħrif fil-qosor dwar deċiżoni fuq ilment 1015/2002/(PB)IJH u nota dwar ilment 1542/2000/(PB)(SM)IJH kontra l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea*

### *Ilment 1015/2002/(PB)IJH*

#### L-ILMENT

F'Mejju 2002, Membru Daniż tal-Parlament Ewropew ilmenta kontra l-Kunsill dwar applikazzjoni biex jingħata aċċess għal dokumenti li saret fit-3 ta' Diċembru 2001 taħt ir-Regolament 1049/2001.[109] l-ilmentatur talab seba' tipi ta' dokumenti, li tlieta minnhom kienu l-kawża ta' l-ilment quddiem l-Ombudsman. l-ilmentatur iddeskrivihom kif ġej:

1 lista sħiħa tal-kumitati kollha u gruppi ta' xogħol (*working parties*) fl-istituzzjonijiet Ewropej li fihom jieħdu sehem rappreżentanti tal-Kunsill u/jew Stati Membri, kif ukoll lista tal-membri tagħhom;

2 listi ta' dawk li, fis-sena 2000, irċevew l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u/jew *daily allowances* mill-Kunsill jew l-iStati Membri talli attendew laqgħat fl-istituzzjonijiet Ewropej;

3 lista sħiħa tal-laqgħat kollha tal-Kunsill tal-Ministri kif ukoll tal-laqgħat tal-gruppi ta' xogħol tal-Kunsill dwar trasparenza fil-Kunsill tal-Ministri, flimkien ma' *working papers* u rapporti, għall-perjodu li matulu ġie diskuss l-abbozz ta' Regolament 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti.

109 Regolament (KE) 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, *OJ* 2001 L 145 p. 43.

Fis-17 ta' Jannar 2002, il-Kunsill wieġeb għall-applikazzjoni ta' l-ilmentatur. It-tweġiba bdiet bl-istqarrija li r-Regolament 1049/2001 japplika biss għad-dokumenti eżistenti.

Dwar l-ewwel tip ta' dokument, il-Kunsill informa lill-ilmentatur li jista' jikseb lista tal-membri li jattendu kull laqgħa tal-Kunsill mill-istqarrijiet lill-istampa li joħorġu immedjatament wara kull laqgħa. Il-Kunsill bagħat ukoll dokument bl-isem Extract from the Interinstitutional Directory – who's who in the European Union. Dan id-dokument fih informazzjoni dwar il-Kunsill innifsu u l-aħħar lista ta' kumitati u *working parties* involuti fix-xogħol preparatorju tal-Kunsill.

Dwar it-tieni tip ta' dokument, il-Kunsill informa lill-ilmentatur li ma jinżammux listi ta' din ix-xorta; li l-Kunsill fil-fatt ma jħallasx *daily allowances* lid-delegati; u li l-Kunsill jirrifondi l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar biss fuq il-bażi ta' nfiq li tassew isir u fuq il-produzzjoni ta' irċevuti li jikkonfermaw dawn l-ispejjeż.

Dwar it-tielet tip ta' dokument, il-Kunsill bagħat li ġej:

– lista ta' laqgħat tal-Kunsill u tal-korpi preparatorji tiegħu (f'dan il-każ COREPER II u l-Working Party on Information) li saru mit-28 ta' Jannar 2000, li kienet id-data meta l-Kummissjoni ressqet il-proposta tagħha dwar Regolament fuq aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni;

– il-working papers u r-rapporti tal-laqgħat tal-Working Party on Information, COREPER II u l-Kunsill għall-perjodu kollu li fih saru n-negozjati dwar ir-Regolament 1049/2001, bl-eċċezzjoni ta' l-opinjonijiet msemmijin hawn taħt tas-Servizz Legali tal-Kunsill:

– dokument 7594/00 dwar l-effett, il-forma u l-iskop ta' l-att;

– dokument 7184/01 dwar it-trattament ta' dokumenti sensittivi;

– dokument 8002/01, li fih rimarki dwar kif għandhom jinkitbu l-liġijiet.

Bħala raġuni għax inżammu dawn l-opinjonijiet legali, il-Kunsill qal li jekk joħorġu dawn id-dokumenti tkun qed tixxellef il-protezzjoni ta' parir legali intern lill-Kunsill skond ma jgħid Artikolu 4 (2) tar-Regolament 1049/2001 u li, fin-nuqqas ta' xi raġunijiet speċifiċi li juru li hemm interess pubbliku partikolari mill-aktar qawwi biex id-dokumenti joħorġu, il-Kunsill kien wasal għal deċiżjoni li kollox ma' kollox, l-interess li jiġi mħares il-parir legali intern kien aktar qawwi mill-interess pubbliku li dawn id-dokumenti joħorġu.

Il-Kunsill żied li, minbarra n-numru tad-dokument u s-suġġett ta' dawn l-opinjonijiet legali, l-eċċezzjoni tapplika għall-kontenut sħiħ tagħhom. Għalhekk ma kienx possibbli li jingħata aċċess parzjali skond Artikolu 4 (6) tar-Regolament 1049/2001.

Fis-7 ta' Frar 2002, l-ilmentatur għamel applikazzjoni ta' konferma (*confirmatory application*). Dwar il-listi ta' kumitati u gruppi ta' ħidma, hu qal li t-tagħrif li kien wasallu mingħand il-Kunsill ma kienx komprensiv jew strutturat b'mod li minnu seta' jidentifika l-kumitati kollha jew il-gruppi kollha ta' ħidma u l-membri tagħhom. l-ilmentatur tenna t-talba tiegħu għal lista ta' dawk li fis-sena 2000 kienu rċevew l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u/jew *daily allowances* mill-Kunsill jew mill-iStati Membri talli attendew laqgħat fl-istituzzjonijiet Ewropej. Dwar it-tliet opinjonijiet legali, l-ilmentatur talab ir-raġunijiet speċifiċi għar-rifjut ta' aċċess.

Il-Kunsill wieġeb fit-8 ta' April 2002. Il-Kunsill għal darb' oħra qal li l-listi ta' kumitati u gruppi ta' xogħol mitluba mill-ilmentatur ma jeżistux. Kienet ħaġa impossibbli jew diffiċli ħafna li jinħolqu listi ta' dan it-tipi, l-iżjed minħabba li l-kompożizzjoni tal-kumitati u gruppi ta' xogħol tinbidel ta' sikwit.

Lanqas ma jeżistu listi ta' min jirċievi *allowances*. Il-Kunsill saħaq li regoli ta' tmexxija finanzjarja soda huma osservati, u li l-ħlas ta' l-*allowances* huwa suġġett għall-iskrutinju tal-Qorti tal-Verifika.

Dwar it-tliet opinjonijiet legali, il-Kunsill tenna li skond Artikolu 4 (2) tar-Regolament 1049/2001 parir mogħti mis-Servizz Legali tal-Kunsill għandu jibqa' sigriet sakemm, meta tqis kollox, l-istituzzjoni ma tkunx sodisfatta li hemm interess pubbliku daqstant qawwi li d-dokument għandu joħroġ. Il-Kunsill stqarr li interess pubbliku daqstant qawwi li jirbaħ fuq kollox ma joħroġx mill-fatt li l-opinjonijiet legali, bħal f'dan il-każ, huma dwar il-preparazzjoni ta' leġizlazzjoni. Il-Kunsill saħħaħ il-pożizzjoni tiegħu billi rrefera għal sentenzi li ngħataw qabel taħt ir-regoli preċedenti dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti.

Fuq il-bażi ta' dan li jidher hawn fuq, l-ilmentatur dar lejn l-Ombudsman u ressaq dawn l-allegazzjonijiet kontra l-Kunsill:

1 Hija ħaġa li tmur kontra amministrazzjoni tajba li l-Kunsill ma jżommx lista tal-kumitati u l-gruppi tax-xogħol kollha fl-istituzzjonijiet Ewropej fejn rappreżentanti tal-Kunsill u ta' l-iStati Membri jieħdu sehem. Il-lista għandha tinkludi l-ismijiet tal-membri ta' dawk il-kumitati u gruppi ta' ħidma;

2 Hija ħaġa li tmur kontra amministrazzjoni tajba li l-Kunsill ma żammx lista jew identifika lista ta' dawk il-persuni kollha li fis-sena 2000 irċevew *allowances* ta' l-ivvjaġġar u/jew *daily allowances* mill-Kunsill jew mill-iStati Membri għal laqgħat fl-istituzzjonijiet Ewropej;

3 Il-Kunsill għamel ħażin meta ċaħad aċċess għall-opinjonijiet legali li talab l-ilmentatur. Meta għamel hekk il-Kunsill kiser l-aktar ir-regoli dwar aċċess pubbliku għal dokumenti meta ċaħad aċċess għall-opinjonijiet legali bħala xi ħaġa li hi meqjusa bħala prinċipju ġenerali, fil-waqt li skond ir-regoli jeħtieġ li jkun hemm evalwazzjoni individwali għal kull talba li titressaq.



## L-INVESTIGAZZJONI

### L-opinjoni tal-Kunsill

L-opinjoni tal-Kunsill, fil-qosor, kien fiha dawn il-punti:

#### *Lista ta' kumitati u gruppi ta' xogħol*

Ir-Regolament 1049/2001 jgħodd biss għal dokumenti eżistenti. Fejn l-istituzzjoni kkonċernata tgħid li dokument ma jeżistix, wieħed għandu jassumi li stqarrija bħal din hija korretta.[110] Assunzjoni bħal din tista' tiġi miċħuda permezz ta' xhieda relevanti u konsistenti, li f'dan il-każ ma tressqitx.

L-ilmentatur ma jġibx argumenti għalfejn, skond il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba, il-Kunsill għandu jżomm il-listi mitluba. Fil-fatt il-Kunsill iżomm lista tal-gruppi preparatorji tiegħu stess. Din il-lista hija aċċessibbli għall-pubbliku fuq l-*Internet* u ntbagħtet lill-ilmentatur. Hija lista li hi tajba u suffiċjenti għal raġunijiet amministrattivi min-naħa tal-Kunsill, u tipprovdi lill-pubbliku bi stampa ċara u sħiħa tal-kumitati u l-gruppi ta' ħidma li huma involuti fil-preparazzjoni tax-xogħol tal-Kunsill. Din il-lista, flimkien mar-reġistru pubbliku tad-dokumenti, hija ta' għajnuna u tgħin liċ-ċittadini li jagħmlu talbiet speċifiċi għal dokumenti li jingħataw lil dawk il-kumitati u gruppi ta' xogħol. Il-Kunsill ma jarax il-ħtieġa li jżomm listi ta' kumitati u gruppi ta' xogħol oħra li m'għandhom x'jaqsmu xejn max-xogħol tiegħu u li fihom jipparteċipaw rappreżentanti ta' l-iStati Membri.

Dwar l-ismijiet tad-delegati li jieħdu sehem fil-kumitati preparatorji tal-Kunsill, il-kompożizzjoni tal-gruppi ta' xogħol tinbidel kontinwament minn laqgħa għall-oħra, u xi kultant anke matul l-istess laqgħa, għaliex l-iStati Membri huma liberi li jibagħtu d-delegati li jagħżlu huma. Għalhekk li jinżammu listi sħaħ u li jkollhom dejjem l-aħħar informazzjoni tkun ħaġa li ġġib piż amministrattiv kbir. Dawn il-listi m'humiex neċessarji għall-għanijiet interni tas-Segretarjat Ġenerali u lanqas ma qatt deher li hemm xi interess pubbliku qawwi fihom.

110 Kawża T-311/00, British American Tobacco kontra l-Kummissjoni, deċiża fil-25 ta' Ġunju 2002, paragrafu 35, u Kawża T-123/99, JT's Corporation kontra l-Kummissjoni [2000] ECR II-3269, paragrafu 58.

### *Listi ta' persuni li jieħdu allowances*

Il-Kunsill tenna dak li kien qal qabel lill-ilmentatur. Skond il-Kunsill, l-interessi finanzjarji tal-Komunità huma mħarsa biżżejjed bid-dispożizzjonijiet u bil-korpi ta' kontroll li ġa qegħdin f'posthom. Għalhekk m'hemmx il-ħtieġa li l-Kunsill iżomm il-listi mitluba mill-ilmentatur biex iħares l-interessi ta' amministrazzjoni tajba.

### *Aċċess għall-opinjonijiet legali*

Il-Kunsill ikkonferma l-pożizzjoni li ħa meta kien wieġeb għall-applikazzjoni ta' konferma ta' l-ilmentatur. Din il-pożizzjoni ma tfissirx li ma jsirx skrutinju individwali ta' kull dokument sabiex ikun determinat jekk il-ħruġ għall-pubbliku ta' dak id-dokument jistax iservi ta' ħsara lil xi wieħed mill-interessi li jkunu protetti mill-eċċezzjonijiet mniżżla fil-liġi ukoll jekk wieħed iżomm quddiem għajnejh li jista' jingħata aċċess parzjali. Meta eżamina mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu, il-Kunsill iddeċieda li jagħti aċċess għall-punti 1 sa 10 tad-dokument 7184/01 kif ukoll aċċess għall-introduzzjoni u għall-punti 1 u 2 tad-dokument 7594/00.

Dwar il-bqija tad-dokumenti, il-Kunsill ikkonferma r-rifjut li ta meta kien irrisponda għall-applikazzjoni ta' konferma ta' l-ilmentatur.

L-opinjoni tal-Kunsill tressqet lill-ilmentatur flimkien ma' stedina biex, jekk irid, jibgħat xi osservazzjonijiet. Ma waslu ebda kummenti.

## L-abbozz tar-rakkomandazzjoni

B'deċiżjoni tas-27 ta' Marzu 2003, l-Ombudsman bagħat abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kunsill dwar it-tielet allegazzjoni ta' l-ilmentatur. Il-bażi ta' l-abbozz tar-rakkomandazzjoni, li sar skond Artikolu 3 (6) ta' l-iStatut ta' l-Ombudsman Ewropew, kien jgħid hekk:

1 L-ilmentatur jallega li l-Kunsill għamel ħażin meta ma tahx aċċess għall-opinjonijiet tas-Servizz Legali tal-Kunsill. Skond hu, il-Kunsill ċaħad l-aċċess għall-opinjonijiet legali fuq dak li jqis bħala prinċipju ġenerali meta r-regoli jitolbu li kull talba għandha tiġi kkunsidrata ndividwalment.

2 Il-Kunsill qal li skond Artikolu 4 (2) tar-Regolament 1049/2001, parir mogħti mis-Servizz Legali tal-Kunsill għandu jibqa' sigriet sakemm, meta tqis kollox, l-istituzzjoni tkun sodisfatta li hemm interess pubbliku li jirbaħ fuq kollox li dak il-parir għandu joħroġ fil-pubbliku. Meta l-Kunsill wieġeb għall-applikazzjoni u l-applikazzjoni ta' konferma ta' l-ilmentatur, il-Kunsill esprima l-fehma tiegħu li l-eċċezzjoni tapplika għall-kontenut sħiħ tat-tliet opinjonijiet legali in kwistjoni: dokumenti 7594/00, 7184/01 u 8002/01. Fl-opinjoni tiegħu dwar l-ilment preżenti, il-Kunsill stqarr li l-pożizzjoni ġenerali tiegħu ma tagħmilx ħsara lill-proċess ta' skrutinju individwali ta' kull dokument u li, wara li ra kollox mill-ġdid, il-Kunsill iddeċieda li jagħti aċċess parzjali għad-dokumenti 7594/00 u 7184/01.

3 L-Ombudsman jinnota li r-rifjut ta' talba għal aċċess pubbliku għad-dokument 7594/00 huwa s-suġġett ta' ilment ieħor li tressaq quddiem l-Ombudsman kontra l-Kunsill: 1542/2000/(PB)(SM)IJH. F'dak il-każ, l-Ombudsman kien ressaq abbozz ta' rakkomandazzjoni lill-Kunsill u fit-12 ta' Diċembru 2002 kien ippreżenta Rapport Speċjali lill-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew għadu ma ħax pożizzjoni dwar ir-Rapport Speċjali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ombudsman jidhirlu li ma hemmx ġustifikazzjoni li jkompli jagħmel aktar stħarriġ fil-kuntest ta' dan l-ilment. l-Ombudsman madankollu se jinforma lill-Parlament Ewropew li l-Kunsill qabel li jagħti lill-ilmentatur fil-każ preżenti aċċess parzjali għal dokument 7594/00.

4 Dwar iż-żewġ dokumenti l-oħra, l-Ombudsman ifakkar li l-abbozz tar-rakkomandazzjoni li jissemma' hawn fuq u r-Rapport Speċjali huma bbażati fuq il-fehma li għandha ssir distinzjoni bejn tipi differenti ta' opinjonijiet legali. Opinjonijiet mogħtija in konnessjoni ma' sitwazzjonijiet li 'l quddiem jistgħu jispiċċaw il-qorti għandhom jitqiesu bħala komunikazzjoni bejn avukat u klijent. Dawn normalment ikunu eżentati minn joħorġu għall-pubbliku taħt Artikolu 4 (2) tar-Regolament 1049/2001. B'kuntrast, opinjonijiet dwar abbozzi ta' liġijiet għandhom normalment joħorġu għall-pubbliku meta l-proċess leġislattiv jiġi fi tmiemu. Dawn ta' l-aħħar għandhom ikunu eżentati biss

jekk l-istituzzjoni tkun tista' turi, skond Artikolu 4 (3) tar-Regolament 1049/2001, li jekk joħorġu fil-pubbliku dan jherri serjament il-proċess li bih jittieħdu d-deċiżjonijiet u li m'hemmx interess pubbliku mill-aktar qawwi biex joħorġu għall-pubbliku.

5 Jekk wieħed japplika d-distinzjoni ta' hawn fuq għal dan il-każ, jidher li dokumenti 7184/01 u 8002/01 huma opinjonijiet dwar abbozzi ta' liġi u li l-proċess leġislattiv ġie fi tmiemu. Għalhekk l-Ombudsman għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni li tixbaħ dik li saret qabel fil-każ 1542/2000/(PB)(SM)IJH, li l-Kunsill għandu jikkunsidra mill-ġdid l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur u jagħti aċċess għad-dokumenti 7184/01 u 8002/01, sakemm ma tapplikax eċċezzjoni waħda jew aktar barra minn Artikolu 4 (2), it-tieni inċiż tar-Regolament 1049/2001.

### L-opinjoni dettaljata tal-Kunsill

Fl-opinjoni dettaljata tiegħu l-Kunsill informa lill-Ombudsman li l-kwistjoni ta' jekk u taħt liema kundizzjonijiet l-opinjonijiet tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar abbozzi ta' atti leġislattivi huma koperti mill-eċċezzjonijiet stabbiliti fir-Regolament 1049/2001, hija bħalissa s-suġġett ta' proċeduri legali quddiem il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza (Każ T-84/03, Maurizio Turco kontra l-Kunsill). Il-Kunsill għalhekk astjena milli jikkummenta dwar is-sustanza ta' l-abbozz tar-rakkomandazzjoni.

L-opinjoni dettaljata tal-Kunsill tressqet lill-ilmentatur flimkien ma' stedina biex, jekk irid, jibgħat il-kummenti tiegħu. Ma waslu ebda kummenti.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Lista ta' kumitati u gruppi ta' xogħol

1.1 L-ilmentatur jallega li l-fatt li l-Kunsill ma żammx lista tal-kumitati u tal-gruppi ta' xogħol fl-istituzzjonijiet Ewropej fejn jipparteċipaw rappreżentanti tal-Kunsill u ta' l-iStati Membri, mhix amministrazzjoni tajba. Il-lista għandha tinkludi l-ismijiet tal-membri ta' dawk il-kumitati u gruppi ta' xogħol.

1.2 Skond il-Kunsill, m'hemmx bżonn li jinżammu listi ta' kumitati u gruppi ta' xogħol li ma għandhom x'jaqsmu xejn max-xogħol tiegħu. Il-Kunsill iżomm lista tal-gruppi preparatorji tiegħu, li taqdi sew il-ħtiġiet amministrattivi tiegħu. Din il-lista tipprovdi lill-pubbliku tagħrif sħiħ tal-kumitati u tal-gruppi ta' xogħol li huma involuti fit-tħejjija tax-xogħol tal-Kunsill, u flimkien mar-reġistru pubbliku tad-dokumenti, jagħmluha possibbli li ċ-ċittadini jagħmlu talbiet għal dokumenti speċifiċi. Dwar l-inklużjoni ta' l-ismijiet ta' delegati, l-Kunsill isostni li tkun biċċa xogħol twila għalih li jżomm listi sħaħ u aġġornati minħabba l-fatt li l-kompożizzjoni tal-gruppi ta' xogħol tinbidel ta' spiss. Listi bħal dawn la huma bżonnjużi għall-ħtiġiet interni tas-Segretarjat-Ġenerali, u lanqas ma jidher li hemm interess kbir mill-pubbliku li jkollu din l-informazzjoni.

1.3 L-Ombudsman ifakkar li skond il-prinċipju ġenerali ta' amministrazzjoni tajba, iċ-ċittadini għandhom jingħataw l-informazzjoni li jitolbu.[111] l-Ombudsman jinnota li l-Kunsill jipprovdi parti mill-informazzjoni mitluba mill-ilmentatur taħt il-forma ta' lista aċċessibbli għall-pubbliku, tal-gruppi preparatorji tiegħu. Fil-fehma ta' l-Ombudsman, l-ispjega li ta l-Kunsill dwar ir-raġuni li għaliha ma jżommx il-listi l-oħra mitluba mill-ilmentatur tidher raġonevoli. l-Ombudsman għalhekk ma jara ebda amministrazzjoni ħażina dwar dan l-aspett ta' l-ilment.

### 2 Listi ta' dawk li jirċievu *allowances*

2.1 L-ilmentatur jallega li l-fatt li l-Kunsill ma żammx jew ma identifikax lista tal-persuni kollha li rċevew *allowances* għall-ivvjaġġar u/jew *allowances* għal kull ġurnata mill-Kunsill jew mill-iStati Membri fis-sena 2000 għal-laqgħat fl-istituzzjonijiet Ewropej, imur kontra dak li hu kkunsidrat bħala amministrazzjoni tajba.

111 Ara Artikolu 22 tal-Kodiċi Ewropew ta' Imġiba Amministrattiva Tajba, li tidher fuq il-*website* ta' l-Ombudsman: http://www.euro-ombudsman.eu.int.

2.2 Skond il-Kunsill, il-Kunsill ma jħallasx *allowances* għal kull ġurnata lid-delegati u ma teżisti l-ebda lista ta' dawk li jirċievu l-*allowances*. Il-Kunsill isostni li l-interessi finanzjarji tal-Komunità huma protetti b'mod xieraq bid-dispożizzjonijiet u mill-korpi ta' kontroll li ġa jeżistu, u għalhekk mhux neċessarju li fl-interess ta' amministrazzjoni tajba, jinżammu l-listi mitluba mill-ilmentatur.

2.3 L-Ombudsman jinnota li l-ilment jirreferi għal *allowances* għall-ivvjaġġar u għal *allowances* għal kull ġurnata li jitħallsu mill-Kunsill jew mill-iStati Membri. Dwar l-*allowances* ta' safar u *allowances* ta' kull ġurnata mħallsa mill-iStati Membri, l-Ombudsman ma jaf b'ebda regola jew prinċipju li jorbot lill-Kunsill li jżomm listi ta' min jirċievi għotjiet bħal dawn.

2.4 Dwar *allowances* għall-ivvjaġġar imħallsa mill-Kunsill, l-Ombudsman jinnota li l-Kunsill jiċħad li teżisti lista ta' persuni li rċevewhom. l-Ombudsman jirrikonoxxi li jekk titħejja lista bħal din u li jekk il-pubbliku jkun jista' jaraha, ħaġa bħal din tgħin biex ikun hawn aktar responsabbiltà għax tippermetti li ċ-ċittadini jkunu jistgħu josservaw b'mod ġenwin u effiċjenti kif qed jitħaddem il-poter mogħti lill-istituzzjonijiet tal-Komunità, u b'hekk jiżdied ir-rispett lejn l-amministrazzjoni. B'danakollu l-Ombudsman ma jaf b'ebda regola jew prinċipju li jorbot lill-Kunsill u li jista' jiġġustifika li fin-nuqqas li tinżamm din il-lista, dan ifisser li jkun hemm amministrazzjoni ħażina. Għaldaqstant, l-Ombudsman ma jsib l-ebda amministrazzjoni ħażina f'dan l-aspett ta' l-ilment.



### 3 Aċċess għal opinjonijiet legali

3.1 L-ilmentatur jallega li l-Kunsill għamel ħażin li ma aċċettax l-applikazzjoni tiegħu għal aċċess għall-opinjonijiet tas-Servizz Legali tal-Kunsill.

3.2 Minħabba raġunijiet spjegati iktar 'il fuq, l-Ombudsman għamel abbozz ta' rakkomandazzjoni li l-Kunsill għandu jikkunsidra mill-ġdid l-applikazzjoni ta' l-ilmentatur u jagħtih aċċess għad-dokumenti 7184/01 u 8002/01, sakemm ma tapplikax xi waħda jew aktar mill-eċċezzjonijiet għajr għall-Artikolu 4 (2) it-tieni inċiż, tar-Regolament 1049/2001.

3.3 Il-Kunsill astjena milli jikkummenta fuq is-sustanza ta' l-abbozz tar- rakkomandazzjoni ta' l-Ombudsman minħabba l-fatt li kien hemm każ pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza (Kawża T-84/03, Maurizio Turco kontra l-Kunsill) li jqajjem l-istess kwistjoni ta' interpretazzjoni tar-Regolament 1049/2001. l-Ombudsman għalhekk irid jikkonsidra jekk jagħmilx Rapport Speċjali lill-Parlament Ewropew.

L-Ombudsman ifakkar li l-Parlament Ewropew ġa huwa infurmat dwar il-fehmiet ta' l-Ombudsman dwar il-kwistjonijiet involuti permezz tar-Rapport Speċjali ppreżentat fit-12 ta' Diċembru 2002 fil-każ 1542/2000/(PB)(SM)IJH. Barra minn hekk, l-Ombudsman jifhem li minħabba l-proċeduri legali fil-każ T-84/03, il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew iddeċieda li ma jagħmilx rapport dwar dak ir-Rapport Speċjali.

F'dan l-isfond, l-Ombudsman ma jikkonsidrax li hemm lok li jagħmel Rapport Speċjali ieħor u li għaldaqstant, m'hemmx ġustifikazzjoni għal aktar stħarriġ dwar il-każ preżenti.

### 4 Konklużjoni

Fuq il-bażi ta' l-istħarriġ ta' l-Ombudsman fuq dan l-ilment, ma jidhirx li hemm amministrazzjoni ħażina mill-Kunsill dwar l-ewwel żewġ allegazzjonijiet ta' l-ilmentatur waqt li dwar it-tielet allegazzjoni, l-ebda stħarriġ ieħor ma jidher li hu ġustifikat. l-Ombudsman b'hekk jagħlaq il-każ.

## *Nota: ilment 1542/2000/(PB)(SM)IJH*

Kif imsemmi fir-rapport fil-qosor iktar 'il fuq, fit-12 ta' Diċembru 2002 l-Ombudsman ressaq rapport speċjali lill-Parlament Ewropew dwar l-ilment 1542/2000/(PB)(SM)IJH, li kien jirrigwarda wkoll ir-rifjut tal-Kunsill li jagħti aċċess għall-opinjonijiet tas-Servizz Legali tal-Kunsill.

Fl-10 ta' Ġunju 2003, l-Ombudsman Ewropew informa lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew dwar il-fatt li kienu tressqu proċeduri quddiem il-Qorti ta' l-Ewwel Istanza (kawża T-84/03, Maurizio Turco kontra l-Kunsill) li jqajjmu l-istess kwistjoni ta' prinċipju legali bħal

dawk tar-rapport speċjali: jiġifieri, l-interpretazzjoni korretta tar-Regolament 1049/2001 dwar dak li għandu x'jaqsam ma' l-opinjonijiet tas-Servizz Legali fuq l-abbozzi ta' leġiżlazzjoni.

Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet iddeċieda li ma jagħmilx rapport dwar ir-rapport speċjali ta' l-Ombudsman.

Skond l-iStatut ta' l-Ombudsman is-sottomissjoni ta' rapport lill-Parlament Ewropew hu l-aħħar pass fl-investigazzjoni ta' l-Ombudsman. l-Ombudsman għalhekk għalaq il-każ.

# 3.7 INVESTIGAZZJONIJIET FUQ INIZJATTIVA PERSONALI TA' L-OMBUDSMAN

## RIMEDJI LI JISTGĦU JINTALBU FI PROĊEDURI DWAR TFIGĦ TA' OFFERTI

*Deċiżjoni fi stħarriġ fuq inizjattiva personali OI/2/2002/IJH dwar il-Kummissjoni Ewropea*



### IR-RAĠUNIJIET GĦALL-INVESTIGAZZJONI

Waqt li kien qed jittratta lment li tressaq minn persuna li ma rebħitx il-kuntratt fil-proċedura ta' tfigħ ta' offerti organizzata mill-Kummissjoni,[112] l-Ombudsman beda jitħasseb jekk ir-rimedji li jeżistu għal dawn il-persuni kinux adegwati.

Meta beda l-investigazzjoni fuq inizjattiva personali tiegħu, l-Ombudsman innota li skond is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Alcatel:

*…l-iStati Membri għandhom l-obbligu li jassiguraw li d-deċiżjoni ta' l-awtorità responsabbli għall-għotja qabel ma jingħata l-kuntratt lil xi wieħed li jkun ħa sehem fis-sejħa għall-offerti tkun, fil-każijiet kollha, miftuħa għal reviżjoni permezz ta' proċeduri fejn l-applikant jista' jkollu dik id-deċiżjoni mwarrba jekk il-kondizzjonijiet relevanti jkunu milħuqa, minkejja l-possibbiltà, ladarba l-kuntratt ikun ingħata, li jikseb kumpens għad-danni.*[113]

L-Ombudsman innota wkoll li Artikolu 56 tar-Regolament Finanzjarju (li wara ġie mibdul) kien jgħid hekk:

*Meta jiġu konklużi kuntratti fejn l-ammont involut huwa daqs jew akbar mil-limitu li hu stabbilit mid-direttivi tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri biex jingħataw kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti ta' provvista kif ukoll kuntratti ta' servizzi, kull istituzzjoni għandha tintrabat bl-istess obbligi bħal dawk imposti fuq korpi fl-iStati Membri b'dawk id-direttivi.*

*Il-miżuri implimentattivi li jidhru f'Artikolu 139 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet xierqa għal dak il-għan.*

F'dan id-dawl, l-Ombudsman kien imħasseb dwar il-possibbiltà li l-Kummissjoni tonqos li tipprovdi aċċess għal proċeduri ta' reviżjoni tat-tip msemmi fis-sentenza Alcatel lil min jitfa' offerti fil-proċeduri tagħha dwar sejħa għall-offerti, u jekk dan jammontax għal amministrazzjoni ħażina.

112 1351/2001/(ME)MF, magħluq b'deċiżjoni li ġġib id-data tas-17 ta' Frar 2003.

113 Każ C-81/98, Alcatel Austria kontra Bundesministerium für Wissenschaft und Verkehr, [1999] ECR I- 7671, paragrafu 43.

l-Ombudsman għalhekk talab lill-Kummissjoni biex tinfurmah jekk teżistix proċedura ta' reviżjoni u, f'każ li ma teżistix, jekk il-Kummissjoni hix lesta li tintroduċi proċedura bħal din malajr.

## L-INVESTIGAZZJONI

### L-opinjoni tal-Kummissjoni

L-opinjoni tal-Kummissjoni, fil-qosor, kienet din:

Fid-dawl tal-ġudizzju Alcatel, il-Kummissjoni taqbel li, qabel ma jkun iffirmat il-kuntratt, uffiċjali li jawtorizzaw ħaġa bħal din għandhom jinfurmaw mingħajr dewmien lil dawk kollha li tefgħu offerta jew lill-kandidati bid-deċiżjoni dwar min rebaħ skond il-proċeduri ta' xiri pubbliku li jaqgħu taħt Artikolu 56 tar-Regolment Finanzjarju kif eżistenti u taħt Artikolu 105 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid, u għandhom jaraw li jkun hemm dewmien raġonevoli qabel ma jkun iffirmat il-kuntratt sabiex jippermetti lil min tefa' l-offerti u lill-kandidati li jistaqsu dwar ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tar-rebħ tal-kuntratt, u jekk ikun il-każ, iressqu rikors ġudizzjarju kontra din id-deċiżjoni.

Il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lill-aspetti prattiċi u organizzattivi ta' din il-proċedura sabiex tiżgura t-tmexxija effiċjenti ta' l-attivitajiet tagħha meta tikkunsidra l-volum kbir ta' xiri pubbliku tal-Kummissjoni li jsir kull sena (diversi mijiet) u t-tul ta' żmien li jieħdu l-proċeduri tax-xiri pubbliku. F'dan id-dawl, il-Kummissjoni għandha l-intenzjoni li tfassal arranġamenti prattiċi sabiex il-proċedura tkun f'postha mill-bidu tas-sena 2003 u tiġi kkunsidrata fl-ippjanar tal-proċeduri l-ġodda ta' xiri pubbliku li jkunu se jibdew jitħaddmu sa dak iż-żmien.



### It-talba ta' l-Ombudsman għal aktar informazzjoni

L-Ombudsman laqa' r-reazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni għall-investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu stess u talab lill-Kummissjoni tipprovdi dettalji ta' l-arranġamenti prattiċi u tal-proċedura msemmija fl-opinjoni tagħha.

L-Ombudsman stieden ukoll lill-Kummissjoni tindika jekk għandhiex xi pjanijiet biex tipprovdi rimedju mhux ġudizzjarju li dawk li jitfgħu l-offerti jkunu jistgħu jirrikorru għalihom, jekk ikunu jixtiequ, bħala alternattiva għal rikors ġudizzjarju.

### It-tweġiba tal-Kummissjoni

Wara li bagħtet it-tweġibiet temporanji tagħha fl-1 u fl-14 ta' April 2003, il-Kummissjoni bagħtet ukoll il-kummenti li ġejjin fit-3 ta' Lulju 2003:

Il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni[114] li twaqqaf proċedura biex tinforma lill kull min jitfa' offerta jew lill-kandidati bid-deċiżjoni ta' rebħ tal-kuntratt fil-proċeduri ta' xiri pubbliku li jaqgħu taħt Artikolu 105 tar-Regolament Finanzjarju l-ġdid[115]. Din il-Komunikazzjoni tagħti lok għal dewmien raġonevoli qabel ma jkun iffirmat il-kuntratt sabiex tippermetti lil dawk li jkunu tefgħu l-offerti biex jitolbu r-raġunijiet dettaljati għad-deċiżjoni tar-rebħ tal-kuntratt u, fejn hu neċessarju, jfittxu rimedju ġudizzjarju kontra din id-deċiżjoni. (Il-Kummissjoni inkludiet kopja tal-Komunikazzjoni ma' l-opinjoni tagħha).

Il-Kummissjoni ma tħossx li hu neċessarju li tipprovdi rimedju mhux ġudizzjarju lil dawk li jitfgħu l-offerti, għar-raġunijiet li ġejjin:

---

114 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni. COM(2003)395 finali (03.07.03). Proċedura biex ikunu infurmati kandidati u dawk li jitfgħu l-offerti, wara li kuntratt ikun intrebaħ u qabel ma l-kuntratt attwali jkun iffirmat, fejn jidħlu kuntratti ta' xiri pubbliku mogħtija mill-Kummissjoni skond Artikolu 105 tar-Regolament Finanzjarju.

115 Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej 2002 OJ L 248/1.

- il-proċedura stabbilita fil-Komunikazzjoni se tippermetti lil dawk li jitfgħu l-offerti jfittxu rimedju ġudizzjarju effettiv kontra d-deċiżjoni ta' l-awtorità li tagħżel ir-rebbieħ;

- minħabba n-numru żgħir ta' ilmenti li s'issa tressqu quddiem il-Qorti, il-ħtieġa li jkun hemm rimedju mhux ġudizzjarju ma tidhirx li hi ġustifikata;

- fl-aħħarnett, il-Kummissjoni m'għandhiex ir-riżorsi umani u materjali li hemm bżonn biex twettaq ix-xogħol mhux ġudizzjarju dwar ir-rimedji, li fil-futur jista' jkollhom dimensjoni inter-istituzzjonali.

## ID-DEĊIŻJONI

### 1 Proċeduri ta' reviżjoni aċċessibbli għal min jikkompeti fi proċeduri ta' tfigħ ta' offerti

1.1 L-Ombudsman kien imħasseb li l-possibbiltà li l-Kummissjoni tonqos milli tipprovdi, lil min jikkompeti fil-proċeduri tagħha ta' tfigħ t'offerti, proċedura ta' reviżjoni tat-tip li hemm fil-ġudizzju Alcatel[116] tista' tammonta għal amministrazzjoni ħażina. l-Ombudsman għalhekk beda investigazzjoni fuq inizjattiva personali, u talab lill-Kummissjoni biex tinfurmah jekk kinetx teżisti proċedura ta' reviżjoni u, jekk le, jekk il-Kummissjoni hix lesta li tintroduċi proċedura bħal din mill-aktar fis.

1.2 Il-Kummissjoni qablet li, fid-dawl tal-ġudizzju msemmi iktar 'il fuq, għandha tara li jkun hemm dewmien raġonevoli qabel il-firma tal-kuntratt sabiex tippermetti lil min ikun tefa' offerta u lill-kandidati li jitolbu r-raġunijiet tad-deċiżjoni ta' rebħ tal-kuntratt u possibbilment jikkontestaw id-deċiżjoni bi proceduri ġudizzjarji. Il-Kummissjoni stqarret l-intenzjoni tagħha li tħejji l-arranġamenti prattiċi biex din il-proċedura tkun tista' titħaddem sa mill-bidu ta' l-2003.

1.3 L-Ombudsman laqa' r-reazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni u talab dettalji ta' dawn l-arranġamenti prattiċi u tal-proċedura. Hu stieden ukoll lill-Kummissjoni biex tindika jekk għandhiex pjanijiet biex tipprovdi rimedju mhux ġudizzjarju li dawk li jitfgħu l-offerti jistgħu, jekk jixtiequ, jirrikorru għalihom, bħala alternattiva għal rikors ġudizzjarju.

It-tweġiba tal-Kummissjoni hi analizzata fil-partijiet li ġejjin tad-deċizjoni.

### 2 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Lulju 2003

2.1 Il-Kummissjoni infurmat lill-Ombudsman li fit-3 ta' Lulju 2003, kienet adottat, Komunikazzjoni[117] bħala risposta għall-investigazzjoni fuq inizjattiva personali tiegħu.

L-Ombudsman eżamina bir-reqqa l-Komunikazzjoni li tistabbilixxi proċedura biex, qabel ma jkun iffirmat il-kuntratt relevanti, tingħata informazzjoni mill-aktar fis lil dawk li tefgħu l-offerti u lill-kandidati li ma rnexxewx, biex dawn ikollhom l-opportunità li jibdew proċeduri ġudizzjarji sabiex jikkontestaw id-deċiżjoni dwar l-għoti tal-kuntratt. Il-proċedura tapplika għal rebħ ta' kuntratti li jaqgħu taħt Artikolu 105 tar-Regolament Finanzjarju.[118]

2.2 L-Ombudsman jinnota li l-elementi prinċipali tal-proċedura huma dawn li ġejjin:

---

116 Kawża C-81/98, Alcatel Austria kontra Bundesministerium für Wissenschaft und Verkehr, [1999] ECR I- 7671.

117 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni. COM(2003)395 finali (03.07.03). Proċedura biex ikunu infurmati kandidati u dawk li jitfgħu l-offerti, wara li kuntratt ikun intrebaħ u qabel ma l-kuntratt attwali jkun iffirmat, fejn jidħlu kuntratti ta' xiri pubbliku mogħtija mill-Kummissjoni taħt Artikolu 105 tar-Regolament Finanzjarju.

118 Dan l-Artikolu jipprovdi għad-Direttivi fuq provvisti pubbliċi, servizzi u kuntratti ta' xogħlijiet li jistabbilixxu l-limiti li jiddeterminaw l-arranġamenti ta' pubblikazzjoni, għażla ta' proċeduri u limiti ta' ħin dwar dan taħt ir-Regolament Finanzjarju. l-Ombudsman għalhekk jifhem li l-proċedura stabbilita mill-Komunikazzjoni tapplika għall-għoti tal-kuntratti kollha li jaqgħu fil-limiti tad-Direttivi.

Kemm jista' jkun malajr wara d-deċiżjoni ta' l-għoti tal-kuntratt u sa mhux iktar tard mill-ġimgħa ta' wara, l-awtorità li tagħti l-kuntratt għandha tavża fl-istess ħin lil dawk li jitfgħu l-offerti u kandidati li ma rnexxewx, bil-posta, *fax* jew *e-mail*, li l-offerta jew l-applikazzjoni tagħhom ma kinitx aċċettata. Kull min tefa' offerta jew kandidat ikun notifikat individwalment u f'kull każ, jingħataw ir-raġunijiet li għalihom l-offerta jew l-applikazzjoni ma kinetx aċċettata; ngħidu aħna, billi tagħti fil-qosor iżda b'mod ċar id-dettalji li jidhru fid-deċiżjoni ta' l-għotja.

L-awtorità li tagħti kuntratt tinforma wkoll lil dawk li tefgħu l-offerti u ma rnexxewx jew kandidati, li hi mhix ser tiffirma l-kuntratt mal-kuntrattur rebbieħ qabel ma jgħaddu ġimgħatejn sħaħ mill-ġurnata wara li jkunu ntbagħtu flimkien l-avviżi ta' notifika. In-notifika tgħid ukoll li informazzjoni addizzjonali dwar ir-raġunijiet tar-rifjut ta' offerta jew l-applikazzjoni jistgħu jingħataw jekk issir talba għal dan il-għan bil-miktub, bil-posta, b'*fax* jew b'*e-mail*. Għal dawk kollha li tefgħu offerta ammissibbli, din l-informazzjoni tista' tinkludi l-karatteristiċi u l-vantaġġi relattivi ta' l-offerta aċċettata u l-isem tar-rebbieħ ta' l-offerta. Fl-aħħarnett ikun hemm miżjud li jekk il-kuntratt ma jkunx jista' jiġi konkluż mar-rebbieħ jew jekk il-kuntrattur li jkun rebaħ l-offerta jirtira, l-awtorità li tagħti l-kuntratt tkun tista' tirrevedi d-deċiżjoni tar-rebħ tal-kuntratt u trebbaħ il-kuntratt lil xi ħadd ieħor li tefa' l-offerta, tagħlaq il-proċess, jew tiddeċiedi li ma tagħtix il-kuntratt.

L-awtorità li tagħti l-kuntratt tinforma wkoll lir-rebbieħ ta' l-offerta bin-notifika li tkun intbagħtet lil dawk li jkunu tefgħu offerta u li ma rnexxewx jew kuntratturi u li l-kuntratt ma jistax jiġi ffirmat sakemm jgħaddu ġimagħtejn sħaħ mill-ġurnata ta' wara d-data li fiha tkun intbagħtet in-notifika. Jiġi wkoll indikat li l-awtorità li tagħti l-kuntratt ikollha d-dritt:

- sakemm il-kuntratt ikun iffirmat, jew li tabbanduna x-xiri jew tikkanċella l-proċess ta' l-għotja tal-kuntratt, mingħajr ma l-kandidati jew dawk li tefgħu l-offerti jkunu intitolati li jitolbu xi kumpens;

- tissospendi l-firma tal-kuntratt sabiex isiru aktar studji, jekk dawn ikunu ġustifikati minn talbiet jew kummenti magħmula minn dawk li ma rebħux l-offerti matul il-ġimgħatejn sħaħ imsemmija hawn fuq, jew minn xi informazzjoni relevanti oħra li tasal matul dak il-perijodu.



2.3 L-Ombudsman hu tal-fehma li l-proċedura deskritta fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tidher li tagħti lil dawk li tefgħu l-offerti u fallew u lill-kandidati l-opportunità li jirrikorru għal proċeduri ġudizzjarji biex jikkontestaw deċiżjoni dwar l-għotja u li dik id-deċiżjoni titpoġġa fil-ġenb qabel ma jkun iffirmat il-kuntratt relevanti[119]. l-Ombudsman għalhekk jikkonsidra li l-Kummissjoni ħadet passi biex tipprovdi lil min jieħu sehem fil-proċeduri tagħha għal tfigħ ta' offerti, l-aċċess għal proċedura ta' reviżjoni bħal dik li dehret fis-sentenza Alcatel u għalhekk ma tara ebda amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni.

2.4 L-Ombudsman jinnota li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma tgħidx espressament li dawk li tefgħu l-offerti u ma rnexxilhomx jirbħu u kandidati għandhom ikunu informati dwar il-possibbiltà li jirrikorru għal proċeduri legali biex jikkontestaw deċiżjoni dwar l-għoti ta' kuntratt u biex dik id-deċiżjoni titwarrab qabel ma jkun iffirmat il-kuntratt relevanti. l-Ombudsman jgħid li, skond il-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba għal *staff* tal-Kummissjoni Ewropea fir-relazzjoni tagħhom mal-pubbliku,[120] id-deċiżjonijiet għandhom, sa fejn jixraq, jirreferu għall-possibbiltà li jinbdew proċeduri ġudizzjarji skond Artikolu 230 tal-KE. l-Ombudsman jidhirlu li jkun konformi mal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba l-fatt li tingħata informazzjoni bħal din lil dawk li tefgħu l-offerti u ma rebħux u lill-kandidati. Għalhekk aktar 'l isfel qed issir rimarka addizzjonali.

2.5 L-Ombudsman jikkonsidra li l-bażi legali għall-proċedura l-ġdida taqa' barra mill-iskop ta' din l-investigazzjoni. Madanakollu, l-Ombudsman jinnota li l-Kummissjoni tirreferi għal Artikoli

119 L-Ombudsman jinnota f'dan il-kuntest li r-Regoli ta' Proċedura tal-Qorti ta' l-Ewwel Istanza (li jinsabu online fuq <http://www.curia.eu.int>) jagħtu l-possibbiltà kemm ta' miżuri temporanji kif ukoll ta' proċedura mgħaġġla u li dawn il-proċeduri kienu invokati minn wieħed li tefa' offerta, li aktar tard irnexxielu jikseb ġudizzju li jħassar deċiżjoni tal-Kummissjoni li rrifjutat din l-offerta: Każ T-211/02, Tideland Signal Ltd kontra l-Kummissjoni, [2002] ECR II-3781.

120 Il-kodiċi tal-Kummissjoni jinsab anness mar-regoli ta' proċedura tagħha: 2000 OJ L 308/26. Jinstab ukoll *online* fuq http://www.europa.eu.int/comm/secretariat_general/code/index_en.htm.

100 (2) u 101 tar-Regolament Finanzjarju[121] u għal Artikolu 149 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni[122] bħala l-bażi legali.

## 3 Possibbiltà ta' proċedura ta' reviżjoni addizzjonali mhux ġudizzjarja

3.1 L-Ombudsman stieden lill-Kummissjoni biex tindika jekk għandhiex il-ħsieb li tipprovdi rimedju mhux ġudizzjarju li dawk li jitfgħu l-offerti jistgħu, jekk iridu, jirrikorru għalih, bħala alternattiva għal rikors ġudizzjarju.

3.2 Il-Kummissjoni wieġbet li hi ma tħossx li hemm il-ħtieġa li tipprovdi rimedju mhux ġudizzjarju lil dawk li jitfgħu l-offerti, għax fost raġunijiet oħra, il-proċedura stabbilita fil-Komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Lulju 2003 għandha tippermetti lil dawk li jitfgħu l-offerti li jfittxu rimedju ġudizzjarju effettiv kontra d-deċiżjoni ta' għotja ta' kuntratt mill-awtorità li tagħtih.

3.3 L-Ombudsman jinnota li l-ġudizzju relevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja jitlob "proċedura fejn l-applikant jista' jkollu deċiżjoni [dwar l-għotja ta' kuntratt] imwarrba jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet relevanti kollha". l-Ombudsman jerġa' jsemmi dak li sab u li jidher f'paragrafu 2.3 aktar 'il fuq, li l-proċedura deskritta fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tidher li tipprovdi lil dawk li jitfgħu l-offerti u li ma jirbħux u lill-kandidati l-opportunità li jibdew proċeduri ġudizzjarji biex jikkontestaw deċiżjoni ta' l-għotja ta' kuntratt u biex dik id-deċiżjoni titpoġġa fil-ġenb qabel ma jkun iffirmat il-kuntratt relevanti. l-Ombudsman hu tal-fehma li l-Kummissjoni mhix obbligata li tistabbilixxi wkoll rimedju mhux ġudizzjarju u għalhekk ma jsibx amministrazzjoni ħażina fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tagħmilx hekk.

3.4 Biex ma jkunx hemm dubju, l-Ombudsman Ewropew hu tal-fehma li investigazzjoni ta' l-Ombudsman m'għandhiex l-effett li tissospendi proċeduri amministrattivi, kif lanqas ma jista' l-Ombudsman ipoġġi fil-ġenb deċiżjoni dwar l-għoti ta' kuntratt. Għalhekk, lment li jitressaq quddiem l-Ombudsman Ewropew mhux proċedura ta' reviżjoni tat-tip li jissemma fis-sentenza Alcatel.

## 4 Konklużjoni

Il-Kummissjoni ħadet passi biex tipprovdi lil dawk li jieħdu sehem fil-proċeduri tagħha għall-ħruġ ta' offerti, aċċess għal proċedura ta' reviżjoni bħal dik li tissemma fis-sentenza Alcatel[123]. l-Ombudsman għalhekk ma jara l-ebda amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni u jagħlaq l-investigazzjoni li kien beda fuq inizjattiva personali tiegħu.

## KUMMENT IEĦOR

L-Ombudsman jinnota li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ma tgħidx espressament li dawk li jitfgħu l-offerti u ma jirbħux u kandidati għandhom ikunu informati bil-possibbiltà li jużaw proċeduri ġudizzjarji biex jikkontestaw deċiżjoni ta' għotja ta kuntratt, u biex dik id-deċiżjoni titqiegħed fil-ġenb qabel ma jkun iffirmat il-kuntratt relevanti. l-Ombudsman jinnota li, skond il-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba għal *staff* tal-Kummissjoni Ewropea fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku li ħarġet il-Kummissjoni, id-deċiżjonijiet għandhom, fejn ikun xieraq, jirreferu għall-possibbiltà li jinbdew proċeduri ġudizzjarji skond Artikolu 230 tal- KE. l-Ombudsman jidhirlu li jkun qed isir skond ma jgħidu l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba jekk tingħata din l-informazzjoni lil dawk li jkunu tefgħu l-offerti u ma jirbħux u lill-kandidati.

---

121 Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, 2002 *OJ* L 248/1.

122 Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 Regolament Finanzjarju applikabbli għall-*budget* ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej, 2002 OJ L 357/1.

123 Każ C-81/98, Alcatel Austria kontra Bundesministerium für Wissenschaft und Verkehr, [1999] ECR I- 7671.

# REĠISTRAZZJONI ELETTRONIKA F'KOMPETIZZJONI TA' REKLUTAĠĠ – ILMENTATUR MINN STAT LI SE JISSIEĦEB FL-UE

*Deċiżjoni f'investigazzjoni fuq inizjattiva personali ta' l-Ombudsman OI/4/2003/ADB dwar il-European Personnel Selection Office*

## L-INVESTIGAZZJONI

### Ir-raġunijiet għall-investigazzjoni

Fit-2 ta' Novembru 2003, l-ilmentatur, ċittadin ta' pajjiż li ser jissieħeb fl-UE, irrikorra għand l-Ombudsman Ewropew u ilmenta dwar iċ-ċirkostanzi tar-reġistrazzjoni għall-kompetizzjoni miftuħa EPSO/A/XX/03 organizzata mill-European *Personnel* Selection Office (EPSO) biex ikollha riżerva ta' assistenti amministraturi. l-uniku mod kif tirreġistra għal din il-kompetizzjoni kien permezz ta' l-*internet*. Id-data ta' l-għeluq għar-reġistrazzjoni kienet l-24 ta' Ġunju 2003 "fi 12.00 ħin ta' Brussell". l-ilmentatur allegatament ipprova jagħmel ir-reġistrazzjoni elettronika fl-24 ta' Ġunju 2003. Madanakollu, minħabba problemi tekniċi li kellu s-*server* ta' EPSO hu ma setax jirreġistra. Għaldaqstant, fil-11.34 ta' filgħodu ta' l-24 ta' Ġunju 2003, l-ilmentatur ikkuntattja s-servizzi ta' l-EPSO permezz ta' *e-mail*. Skond l-ilmentatur, it-tweġiba mill-EPSO f'12.41 ta' wara nofsinhar kienet li reġistrazzjoni permezz ta' *e-mail* ma setgħetx tiġi kkunsidrata u li kien hemm diffikultajiet fis-*server* ta' l-EPSO. l-EPSO infurmat lill-ilmentatur li dawn id-diffikultajiet kienu se jissewwew malajr u avżat lill-ilmentatur biex "jerġa' jipprova qabel 12.00."

L-ilmentatur ma kienx sodisfatt b'din it-tweġiba u għalhekk ikkuntattja 'l EPSO mill-ġdid. EPSO ikkonfermat t-tweġiba li kien tat qabel. B'mod partikolari enfasizzat li l-applikanti kellhom biżżejjed żmien biex jirreġistraw u, li minħabba l-possibbiltà ta' diffikultajiet tekniċi, kienu gew espressament imwissija biex ma jistennewx sa l-aħħar ftit ġranet qabel id-data ta' l-għeluq. Għalhekk l-ilmentatur ressaq ilment lill-Ombudsman Ewropew.

L-ilmentatur allega li għall-kompetizzjoni EPSO/A/XX/03, l-EPSO kienet naqset li tiżgura li l-applikanti setgħu jagħmlu r-reġistrazzjoni elettronika tagħhom li kienet obbligatorja sal-ħin preċiż ta' l-għeluq li kien previst fl-avviż tal-kompetizzjoni. l-ilmentatur sostna li minħabba l-problema teknika li ltaqa' magħha, l'*e-mail* tiegħu lill- EPSO għandu jiġi meqjus daqs li kieku kienet reġistrazzjoni.

It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jgħid li l-Ombudsman Ewropew jista' jirċievi lmenti minn "kull ċittadin ta' l-Unjoni jew kull persuna naturali jew legali li tgħix jew li għandha l-uffiċċju rreġistrat fi Stat Membru ta' l-Unjoni".

Minħabba li l-ilmentatur ma kienx jaqa' f'ebda waħda minn dawn il-kategoriji, l-Ombudsman infurmah li ma kellu ebda setgħa li jittratta l-ilment tiegħu.

Madanakollu, minħabba s-serjetà tal-kwistjonijiet li tqajjmu mill-ilmentatur, l-Ombudsman kien tal-fehma li dawn għandhom ikunu eżaminati. Għalhekk iddeċieda li jiftaħ investigazzjoni fuq inizjattiva personali dwar dan is-suġġett.

### L-informazzjoni mitluba fl-investigazzjoni

Fis-27 ta' Novembru 2003, l-EPSO intalbet tagħti opinjoni dwar l-allegazzjoni u t-talba li kien hemm fl-ilment.

### L-opinjoni ta' EPSO

EPSO bagħtet l-opinjoni tagħha dwar l-ilment fl-4 ta' Diċembru 2003. Id-Direttur ta' EPSO informa lill-Ombudsman li l-każ kien ġie rivedut u li l-ilmentatur kien ġie mistieden għat-testijiet ta' qabel l-għażla li kellhom isiru fil-11 u t-12 ta' Diċembru 2003.

**Il-kummenti ta' l-ilmentatur**

Fl-10 ta' Diċembru 2003, is-servizzi ta' l-Ombudsman ikkuntattjaw lill-ilmentatur bit-telefon. l-ilmentatur irringrazzja lill-Ombudsman għall-ħidma tiegħu u deherlu li l-EPSO kienet solviet il-problema għas-sodisfazzjon sħiħ tiegħu.

### ID-DEĊIŻJONI

1 Fis-27 ta' Novembru 2003, l-Ombudsman Ewropew beda investigazzjoni fuq inizjattiva personali dwar kif l-EPSO kienet ittrattat ir-reġistrazzjoni ta' kandidat li ma kienx irnexxielu juża l-proċedura obbligatorja ta' reġistrazzjoni elettronika biex ikun jista' jieħu sehem f'kompetizzjoni miftuħa għal ċittadini ta' pajjiżi ġodda li kienu ser jidħlu fl-UE. Skond il-kandidat, hu ma setax jirreġistra qabel id-data ta' l-għeluq minħabba problemi tekniċi fis-*server* ta' EPSO. Il-parteċipazzjoni tal-kandidat fil-kompetizzjoni ma ntlaqgħetx minkejja l-fatt li, qabel id-data ta' l-għeluq, huwa kien informa lill-EPSO li ma kienx possibbli għalih li jirreġistra b'mod elettroniku u kien talab biex minflok tkun ikkunsidrata r-reġistrazzjoni tiegħu bl'*e-mail*.

2 Fl-opinjoni tagħha, l-EPSO stqarret li wara l-investigazzjoni fuq inizjattiva personali ta' l-Ombudsman, il-kandidat kien ġie mistieden biex jipparteċipa fil-kompetizzjoni miftuħa.

3 Il-kandidat kien ikkuntattjat bit-telefon mis-servizzi ta' l-Ombudsman. Hu kkonferma li l-EPSO kienet ħadet passi biex issolvi l-kwistjoni għas-sodisfazzjon sħiħ tiegħu u rringrazzja lill-Ombudsman għal dak li kien għamel.

4 L-Ombudsman jikkonsidra li l-EPSO ħadet il-passi neċessarji biex issolvi l-kwistjoni u għalhekk għalaq il-każ.



## 3.8 MISTOQSIJA MINN OMBUDSMAN REĠJONALI

### LEĠISLAZZJONI TAL-KOMUNITÀ FIL-QASAM TAR-RIABILITAZZJONI TA' PERSUNI LI JBATU MINN MULTIPLE SCLEROSIS

*Deċiżjoni fuq mistoqsija Q1/2003/IP*

Fid-19 ta' Mejju 2003, is-Sur F., Ombudsman reġjonali fir-reġjun tat-Toscana, fl-Italja, indirizza mistoqsija lill-Ombudsman Ewropew skond il-proċedura li kien sar qbil fuqha fis-*seminar* għall-Ombudsmen nazzjonali u korpi simili li kien sar fi Strasbourg f'Settembru 1996. Il-mistoqsija kienet dwar talba għal informazzjoni li l-Ombudsman reġjonali rċeva mill-Professur B., President ta' l-Assoċjazzjoni Nazzjonali Taljana tal-Multiple Sclerosis. Il-Professur B. xtaq li jkun infurmat dwar il-leġislazzjoni eżistenti tal-Komunità fil-qasam tar-riabilitazzjoni ta' persuni li jsofru minn din il-marda. l-Ombudsman reġjonali bagħat din it-talba lill-Ombudsman Ewropew.

Fit-23 ta' Lulju 2003, l-Ombudsman Ewropew bagħat kopja tal-mistoqsija lill-Kummissjoni u talabha biex tinfurmah dwar il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Komunità f'dan il-qasam.

Fit-tweġiba tagħha, l-Kummissjoni stqarret li skond Artikolu 152 tat-Trattat, l-Unjoni Ewropea għandha mandat li tassigura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa billi tmexxi 'l quddiem il-politika nazzjonali bl-għan li ttejjeb is-saħħa pubblika permezz tal-ħarsien tal-bniedem minn kull mard. Madanakollu, skond paragrafu 5 ta' Artikolu 152, ir-responsabbiltà ewlenija rigward il-kura ta' saħħa, inklużi aspetti ta' riabilitazzjoni, tibqa' ta' l-iStati Membri. Fid-dawl ta' dan, m'hemmx

leġislazzjoni tal-Komunità fil-qasam tar-riabilitazzjoni ta' persuni li jbatu minn multiple sclerosis u m'hemmx leġislazzjoni tal-Komunità li qed titħejja f'dan il-qasam.

L-Ombudsman Ewropew bagħat ir-risposta tal-Kummissjoni lill-Ombudsman reġjonali u stiednu biex, jekk jixtieq, jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu. Waqt konversazzjoni bit-telefon fis-17 ta' Ottubru 2003, is-servizzi tiegħu infurmaw lis-servizzi ta' l-Ombudsman Ewropew li l-Ombudsman reġjonali kien ħa nota tat-tweġiba tal-Kummissjoni u irringrazzja lill-Ombudsman Ewropew ta' l-għajnuna tiegħu f'din il-kwistjoni. l-Ombudsman b'hekk għalaq il- każ.

Ġabra fil-qosor

1 Introduzzjoni

2 Ilmenti lill-Ombudsman

3 Deċiżjonijiet wara li saret investigazzjoni

4 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea

5 Relazzjonijiet ma' Ombudsmen u korpi simili

6 Relazzjonijiet pubbliċi

Annessi

# 4.1 IL-PARLAMENT EWROPEW

Fis-27 ta' Frar, is-Sur SÖDERMAN, akkumpanjat mis-Sur Oliver VERHEECKE, kellu laqgħa ma' l-Earl of STOCKTON MPE, *rapporteur* tar-Rapport Annwali fuq l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew għas-sena 2002. Fost is-suġġetti li ġew diskussi kien hemm il-proċedura skond Artikolu 226 tal-KE, is-sitwazzjoni ta' l-Ombudsmen fl-iStati Membri u fil-pajjiżi applikanti, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-Ombudsman u l-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet.

Fit-3 ta' Marzu, fil-kuntest taż-żjara tiegħu fi Stokkolma, is-Sur SÖDERMAN żar l-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni tal-Parlament Ewropew u ltaqa' mas-Sur Christian ANDERSSON, Kap ta' l-Uffiċċju.

Fl-24 ta' Marzu, is-Sur SÖDERMAN ippreżenta r-Rapport Annwali tiegħu għas-sena 2002 lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet fi Brussell. Fid-diskors tiegħu lill-Kumitat, l-Ombudsman wera s-sodisfazzjon tiegħu għall-kooperazzjoni li l-istituzzjonijiet kollha kienu wrew fir-relazzjonijiet tagħhom ma' l-uffiċċju tiegħu. Is-Sur SÖDERMAN ta wkoll rendikont tas-suċċessi ewlenin li kien wettaq f'isem iċ-ċittadini u semma l-oqsma fejn, fil-fehma tiegħu, kien hemm bżonn ta' aktar ħidma jew titjib.




Is-Sur Vitaliano Gemelli, Chairman tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, is-Sur Söderman u s-Sur Roy Perry, Vice Chairman tal-Kumitat, fl-okkażjoni tal-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali ta' l-2002 lill-Kumitat. Brussell, il-Belġju, 24 ta' Marzu 2003.

Iċ-Chairman u l-Viċe Chairman tal-Kumitat, is-Sur GEMELLI u s-Sur PERRY rispettivament, kif ukoll l-Earl of STOCKTON, *rapporteur* għar-rapport ta' l-2002 ta' l-Ombudsman, taw ġieh lis-Sur SÖDERMAN għax-xogħol tiegħu u għal dak li rnexxielu jwettaq bħala l-ewwel Ombudsman Ewropew.

Fil-25 ta' Marzu, il-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Pat COX ta riċeviment għall-Ombudsman u l-i*staff* tiegħu. l-okkażjoni kienet sabiex jiġi mfakkar ix-xogħol tas-Sur SÖDERMAN. Attendew għalih madwar tletin ruħ, fosthom iċ-Chairman tal-gruppi politiċi u ċ-Chairman u

l-membri tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet. Is-Sur COX faħħar ix-xogħol ta' l-Ombudsman favur it-trasparenza, il-promozzjoni ta' relazzjonijiet tajba ta' xogħol mal-Kumitat Parlamentari dwar il-Petizzjonijiet u favur li l-Unjoni tersaq aktar qrib taċ-ċittadini.

Iċ-Chairman tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, is-Sur GEMELLI, ta ikla fil-25 ta' Marzu fi Brussell ad unur is-Sur SÖDERMAN. Membri tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet li attendew għall-ikla kienu jinkludu, fost oħrajn, is-Sur Roy PERRY, Vice Chairman tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet u l-Earl of STOCKTON, *rapporteur* għar-Rapport Annwali ta' l-Ombudsman għas-sena 2002. Is-Sur SÖDERMAN kien akkumpanjat mis-Sur Joao SANT'ANNA. Il-membri kollha tal-Parlament li kienu preżenti rringrazzjaw lis-Sur SÖDERMAN għall-kwalità għolja tax-xogħol li hu kien wettaq bħala l-ewwel Ombudsman Ewropew.

© Il-Parlament Ewropew



Is-Sur Pat Cox, President tal-Parlament Ewropew u s-Sur Söderman, waqt ir-riċeviment biex jitfakkru l-kisbiet tas-Sur Söderman bħala Ombudsman Ewropew. Brussell, il-Belġju, 25 ta' Marzu 2003.

Fit-2 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew, is-Sur Julian PRIESTLEY. Matul id-diskussjoni, is-Sur PRIESTLEY wera r-rieda tal-Parlament Ewropew li jaħdem b'mod effettiv ma' l-Ombudsman Ewropew u li jagħti appoġġ biex bejn l-istituzzjonijiet tiġi adottata Kodiċi li jkun hemm fiha l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba. Kienu wkoll preżenti għal-laqgħa is-Sur Costantin STRATIGAKIS, kap tal-kabinett tas-Segretarju Ġenerali u s-Sur Ian HARDEN, kap tad-dipartiment legali ta' l-Ombudsman.

Fl-10 ta' Ġunju, is-Sur DIAMANDOUROS ressaq il-prijoritajiet tiegħu bħala Ombudsman lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet fi Brussell. Fid-diskors tiegħu lill-Kumitat, l-Ombudsman evalwa b'mod pożittiv ir-riżultati li kienu nkisbu taħt il-predeċessur tiegħu, għamel enfasi fuq il-preparamenti għat-tkabbir u l-konsegwenzi tagħhom fuq il-*budget*, u saħaq fuq ir-rwol proattiv ta' l-Ombudsman biex jilħaq iċ-ċittadini u jinfurmahom dwar id-drittitjiet tagħhom u dwar kif jistgħu jeżerċitawhom.

Iċ-Chairman tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet, is-Sur Vitaliano GEMELLI, irringrazzja lis-Sur DIAMANDOUROS għall-preżentazzjoni tiegħu. Imbagħad tkellmu dawn il-membri: l-Earl of STOCKTON, *rapporteur* għar-rapport ta' l-Ombudsman tas-sena 2002, is-Sur Rainer WIELAND, is-Sur Eurig WYN, is-Sur Roy PERRY u s-Sur GEMELLI. Wara dan, ir-rapport ta' l-EARL of STOCKTON ġie approvat unanimament. Is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mis-Sur Ian HARDEN, kap tad-dipartiment legali u mis-Sur Nicholas CATEPHORES, l-assistent tiegħu.

Fit-12 ta' Ġunju, is-Sur Ian HARDEN ħa sehem f'laqgħa pubblika organizzata mill-Kumitat dwar il-libertajiet u d-drittijiet taċ-ċittadini, il-ġustizzja u affarijiet interni tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament 1049/2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti. Kelliema oħra fil-laqgħa kienu s-Sinjura Hanja MAIJ-WEGGEN MPE, is-Sur Hans BRUNMAYR, Direttur-Ġenerali, DĠ Press tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, is-Sur Harald RØMER, Deputat Segretarju-Ġenerali tal-Parlament Ewropew u s-Sur Michael CASHMAN MPE, ir-*rapporteur* tal-Kumitat.

Fit-8 ta' Lulju, is-Sur DIAMANDOUROS żar numru ta' istituzzjonijiet ta' l-UE fil-Lussemburgu. Hu ltaqa' mas-Sur Gregorio GARZON CLARIANA, Jurisconsult tal-Parlament Ewropew, kif ukoll membri anzjani tas-servizz legali tal-Parlament Ewropew, li kienu jinkludu s-Sur Johann SCHOO u s-Sur Christian PENNERA. Is-Sur DIAMANDOUROS fisser il-prijoritajiet tiegħu bħala Ombudsman u sar bdil ta' fehmiet dwar suġġetti li jinteressaw lill-partijiet, inkluż il-ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-Ombudsman u l-Parlament Ewropew. Is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mis-Sur Ian HARDEN, kap tad-dipartiment legali.

Fil-11 ta' Lulju, is-Sur DIAMANDOUROS ltaqa' mal-President tal-Parlament Ewropew, is-Sur Pat COX, fl-Uffiċċju Informazzjoni tal-Parlament f'Dublin. Huma ddiskutew diversi temi, fosthom il-Konferenza Intergovernattiva (IGC) li kellha issir fi ftit żmien.

Wara l-laqgħa, is-Sur DIAMANDOUROS kellu *working lunch* ma' l-Assoċjazzjoni tal-Ġurnalisti Ewropej, organizzat mill-Uffiċċju Informazzjoni ta' Dublin fil-bini tagħha. Il-laqgħa tmexxiet mis-Sur James O'BRIEN, Kap ta' l-Uffiċċju Informazzjoni tal-Parlament. Is-Sur Peter DOYLE, Kap tar-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fl-Irlanda, kien ukoll preżenti.

Fl-24 ta' Settembru, is-Sur George KASSIMATIS, Kap ta' l-Uffiċċju Informazzjoni tal-Parlament Ewropew f'Ateni żar lis-Sur DIAMANDOUROS. Huma iddiskutew diversi suġġetti, fosthom il-promozzjoni ta' l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew fil-Greċja.

Fil-25 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS ippreżenta r-Rapport Annwali ta' l-Ombudsman Ewropew għas-sena 2002 lis-Sessjoni Plenarja tal-Parlament Ewropew. Id-dibattitu tmexxa mis-Sur Renzo IMBENI, Vice President tal-Parlament Ewropew. Fid-diskors tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS faħħar fil-ħafna kisbiet f'isem iċ-ċittadini li kien wettaq il-predeċessur tiegħu, is-Sur Jacob SÖDERMAN (li kien preżenti għad-dibattitu), semma l-progress li qed isir fit-trattament ta' l-ilmenti u t-talbiet taċ-ċittadini u nnota l-preparazzjonijiet li qed isiru għat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea. Wara, s-Sur DIAMANDOUROS spjega l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew fir-rigward ta' l-Abbozz tal-Kostituzzjoni għall-Ewropa u rringrazzja lill-Parlament Ewropew għall-appoġġ li ta lill-proposti tiegħu. Imbagħad tkellmu dawn li ġejjin: l-EARL of STOCKTON, *rapporteur* għar-Rapport ta' l-Ombudsman għas-sena 2002, is-Sinjura Loyola DE PALACIO, il-Kummissarju responsabbli mir-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman Ewropew, is-Sur Vitaliano GEMELLI, Chairman tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet, is-Sinjura Astrid THORS MPE u s-Sur Jan DHAENE MPE (ara wkoll Taqsima 6.1 aktar 'l isfel).

Fil-21 ta' Ottubru, is-Sur Enrico BOARETTO, Kap tas-Segretarjat tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet li kien wasal biex jirtira, żar lis-Sur DIAMANDOUROS biex jintroduċi s-suċċessur tiegħu, is-Sur Josephus COOLEGEM.

## 4.2 IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Fl-20 ta' Jannar, is-Sur SÖDERMAN ippreżenta x-xogħol li kien wettaq f'laqgħa tal-Kapijiet tar-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-iStati Membri. Il-laqgħa saret fi Brussell u tmexxiet mis-Sur Jonathan FAULL, Direttur Ġenerali tad-DĠ Press and Communication tal-Kummissjoni. Is-Sur SÖDERMAN kien akkumpanjat mis-Sur Ben HAGARD, l-*Internet* Communications Officer u

minn Ms Rosita AGNEW, l-Uffiċjal għall-Istampa ta' l-uffiċċju tiegħu. Is-Sur Ben HAGARD ta dimostrazzjoni tal-*website* ta' l-Ombudsman u Ms Rosita AGNEW spjegat l-istrateġija ta' komunikazzjoni ta' l-Ombudsman. Is-Sur SÖDERMAN imbagħad wieġeb mistoqsijiet dwar ix-xogħol tiegħu u dwar l-esperjenza tiegħu bħala l-ewwel Ombudsman ta' l-Unjoni.

Fit-2 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-Kulleġġ tal-Kummissarji. Is-Sur Romano PRODI, President tal-Kummissjoni Ewropea, laqa' lill-Ombudsman il-ġdid u saħaq dwar l-impenn tal-Kummissjoni favur it-trasparenza u l-importanza tax-xogħol ta' l-Ombudsman f'dan ir-rigward. Il-Kummissarju responsabbli mir-relazzjonijiet ma' l-Ombudsman Ewropew, is-Sinjura Loyola DE PALACIO, fissret l-importanza li l-Kummissjoni tagħti lix-xogħol u r-rakkomandazzjonijiet ta' l-Ombudsman kemm dwar ilmenti kif ukoll dwar suġġetti aktar ġenerali li tqanqlu fi stħarriġ li sar mill-Ombudsman fuq inizjattiva tiegħu. Is-Sinjura DE PALACIO faħħret ukoll ix-xogħol ta' l-ewwel Ombudsman Ewropew, is-Sur Jacob SÖDERMAN. Is-Sur DIAMANDOUROS wara ppreżenta l-prijoritajiet tiegħu bħala Ombudsman Ewropew, fosthom il-preparamenti għat-tkabbir ta' l-Unjoni u l-ħidma biex jersaq lejn iċ-ċittadini u jinfurmahom dwar id-drittijiet tagħhom u dwar kif jużawhom. Fil-bdil ta' veduti li sar wara kien hemm kontribuzzjonijiet u mistoqsijiet mill-Kummissarji BOLKESTEIN, REDING, SCHREYER, VERHEUGEN u WALLSTRÖM. Bħala konklużjoni, is-Sur DIAMANDOUROS irringrazzja lill-Membri tal-Kulleġġ għall-ħeġġa li wrew biex tkompli tinbena l-kooperazzjoni tajba li teżisti bejn l-Ombudsman u l-Kummissjoni.

Fit-23 ta' Settembru, is-Sur David O'SULLIVAN, Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, żar is-Sur DIAMANDOUROS fl-uffiċċju tiegħu fi Strasbourg. Huma iddiskutew ir-relazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet u s-Sur O'SULLIVAN stieden lis-Sur DIAMANDOUROS biex jagħmel preżentazzjoni fil-laqgħa li kien imiss tad-Diretturi Ġenerali u l-Kapijiet tas-Servizzi tal-Kummissjoni.



Fil-21 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sinjura Margot WALLSTRÖM, Kummissarju għall-Ambjent, għal bdil ta' veduti bejniethom. Is-suġġetti prinċipali tal-laqgħa kienu l-mekkaniżmi li għandhom iċ-ċittadini li jixtiequ jilmentaw dwar in-nuqqas ta' l-iStati Membri li jinforzaw il-liġijiet ambjentali Ewropej, speċjalment ir-rimedji mhux ġudizzjarji.

Fil-21 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Horst REICHENBACH, Direttur Ġenerali tal-*Personnel* and Administration. Is-Sur REICHENBACH għarraf lis-Sur DIAMANDOUROS dwar il-progress li qiegħed isir fil-pjan ta' riforma tal-Kummissjoni dwar ir-regolamenti ta' l-i*staff* għall-uffiċjali u aġenti oħra ta' l-UE.

Fl-20 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS kellu bdil ta' veduti mad-Diretturi Ġenerali u l-Kapijiet tas-Servizzi tal-Kummissjoni Ewropea fi Brussell; din il-laqgħa tmexxiet mis-Segretarju-Ġenerali tal-Kummissjoni, is-Sur David O'SULLIVAN. Is-Sur DIAMANDOUROS semma l-prijoritajiet tiegħu għax-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew: li tinżamm u tikber il-ħila ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman biex jgħin liċ-ċittadini, li jġib 'il quddiem id-dritt tal-liġi, amministrazzjoni tajba u rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem, u li jersaq aktar lejn iċ-ċittadini kollha biex jinfurmahom kif jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom. Is-Sur DIAMANDOUROS semma' wkoll numru ta' temi li huma marbuta b'mod speċifiku mal-ksur tal-proċeduri, is-soluzzjonijiet amikevoli u l-liġi amministrattiva ta' l-Unjoni Ewropea. Wara kien hemm dibattitu wiesgħa fuq dawn is-suġġetti. Wara din il-laqgħa, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' darba oħra u ddiskuta dawn is-suġġetti mas-Sur Enzo MOAVERO MILANESI, Deputat Segretarju-Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea. Is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat f'dawn il-laqgħat mis-Sur Ian HARDEN, Kap tad-dipartiment legali tiegħu, u mis-Sur Nicholas CATEPHORES, l-Assistent tiegħu.

## 4.3 IL-KONVENZJONI EWROPEA

Il-Konvenzjoni Ewropea ġiet stabbilita wara l-Kunsill Ewropew ta' Laeken f'Diċembru 2001 biex twitti t-triq għall-Konferenza Intergovernattiva li kien imiss. Ix-xogħol tal-Konvenzjoni kien li tikkunsidra l-punti ewlenin mqajjma mid-Dikjarazzjoni ta' Laeken għall-iżvilupp futur ta' l-Unjoni Ewropea u biex tagħraf il-pożizzjonijiet varji li setgħu jittieħdu.

Il-Konvenzjoni laqqgħet flimkien rappreżentanti minn gvernijiet u parlamenti nazzjonali ta' l-iStati Membri u l-iStati Kandidati, mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni Ewropea. Kif ġara wkoll fil-Konvenzjoni ta' qabel li kienet ħarġet bl-abbozz taċ-Charter tad-Drittijiet Fondamentali ta' l-Unjoni Ewropea, l-Ombudsman Ewropew kellu l-istatus ta' osservatur fil-Konvenzjoni l-ġdida.

Is-Sur SÖDERMAN ħa sehem fis-sessjonijiet plenarji tal-Konvenzjoni fl-20 u l-21 ta' Jannar, 27 u 28 ta' Frar, 5 ta' Marzu u s-17 u t-18 ta' Marzu.

Fit-23 ta' Jannar, is-Sur SÖDERMAN ressaq quddiem il-Konvenzjoni kontribuzzjoni fuq "Kif jiffunzjonaw l-Istituzzjonijiet" (CONV 505/03).

Fis-27 ta' Frar, is-Sur SÖDERMAN kellem lis-sessjoni plenarja tal-Konvenzjoni dwar it-trasparenza, id-dritt għal amministrazzjoni tajba u l-ħtieġa li l-Unjoni Ewropea tkun tista' taqbel ma' ftehim internazzjonali li jħarsu u jmexxu 'l quddiem id-drittijiet tal-bniedem.

Is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem fis-sessjonijiet plenarji tal-Konvenzjoni fit-3 u l-4 ta' April, l-24 u l-25 ta' April u l-15 u s-16 ta' Mejju.

Fl-24 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS indirizza s-sessjoni plenarja tal-Konvenzjoni dwar "Il-ħajja demokratika ta' l-Unjoni".

Fit-28 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS għadda lill-Konvenzjoni kontribuzzjoni li kienet imsemmija Resolution adopted by the national ombudsmen and similar bodies of the Member States of the EU, meeting at their fourth *seminar*, held in Athens 7-8 April 2003 (CONV 699/03) (ara taqsima 6.1).

Il-Konvenzjoni lestiet ix-xogħol tagħha fl-10 ta' Lulju 2003. Id-diskorsi ta' l-Ombudsman Ewropew u l-proposti tiegħu jinsabu fuq il-*website* tiegħu kif ukoll dik tal-Konvenzjoni.



## 4.4 IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Fl-20 ta' Marzu, is-Sur SÖDERMAN żar lill-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, is-Sur Gil Carlos RODRIGUEZ IGLESIAS, biex isellimlu fl-okkażjoni ta' meta kien se jirtira mill-kariga tiegħu bħala Ombudsman Ewropew fl-aħħar ta' Marzu 2003. Il-President tal-Qorti ippreżenta lis-Sur SÖDERMAN il-midalja tal-ħamsin anniversarju tal-Qorti b'ismu mnaqqax fuqha. Is-Sur RODRIQUEZ stqarr li meta kien twaqqaf l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew kienet saret ħaġa eċċellenti.

Fil-kuntest taż-żjarat tiegħu lil diversi istituzzjonijiet ta' l-UE fil-Lussemburgu fit-8 ta' Lulju s-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Gil Carlos RODRGUEZ IGLESIAS, President tal-Qorti tal-Ġustizzja u mas-Sur Vassilos SKOURIS, Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja. Is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mis-Sur Ian HARDEN, Kap tad-dipartiment legali tiegħu.

## 4.5 IL-QORTI TAL-PRIM ISTANZA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Fid-19 ta' Marzu, is-Sur SÖDERMAN żar lill-President tal-Qorti tal-Prim Istanza, is-Sur Bo VESTERDORF, biex jagħtih l-aħħar tislima għax kien wasal biex jirtira mill-kariga ta' l-ewwel Ombudsman Ewropew fl-aħħar ta' Marzu 2003.

## 4.6 IL-QORTI TAL-VERIFIKA

Fid-19 ta' Marzu, is-Sur SÖDERMAN żar lill-President tal-Qorti tal-Verifika, is-Sur Juan Manuel FABRA VALLÉS, biex jagħtih l-aħħar tislima għax kien wasal biex jirtira mill-kariga ta' l-ewwel Ombudsman Ewropew fl-aħħar ta' Marzu 2003.

Fil-kuntest taż-żjarat tiegħu lil diversi istituzzjonijiet Ewropej fil-Lussemburgu fit-8 ta' Lulju, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Juan Manuel FABBRA VALLÉS, President tal-Qorti tal-Verifika u mas-Sur Ioannis SARMAS, Membru tal-Qorti, biex jibdlu l-veduti fuq għadd ta' suġġetti, fosthom it-tħejjijiet għat-tkabbir ta' l-Unjoni. Is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mis-Sur Ian HARDEN, Kap tad-dipartiment legali tiegħu.



## 4.7 IL-BANK EWROPEW GĦALL-INVESTIMENT

Fit-8 ta' Lulju, fil-kuntest taż-żjarat tiegħu lil diversi istituzzjonijiet ta' l-UE fil-Lussemburgu, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-President tal-Bank Ewropew għall-Investiment, is-Sur Philippe MAYSTADT, li kien talab informazzjoni dwar jekk l-Ombudsman jistax jittratta ilmenti dwar l-attivitajiet tal-Bank barra l-Unjoni Ewropea. Is-Sur MAYSTADT għarraf lill-Ombudsman bit-tħassib li ssemma' fil-Parlament Ewropew dwar in-nuqqas ta' mekkaniżmu biex jittratta dawn l-ilmenti meta dawn isiru minn persuni li ma jkunux residenti jew ċittadini tal-UE. l-Ombudsman spjega l-poter li għandu li jiftaħ investigazzjoni fuq inizjattiva tiegħu, liema poter ġa kien intuża f'każ bħal dan. Hu fisser ukoll il-kompetenza tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew dwar il-Petizzjonijiet. Is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mis-Sur Ian HARDEN, Kap tad-dipartiment legali tiegħu.

## 4.8 L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Fit-22 ta' Ottubru, l-Ombudsman Ewropew iltaqa' mad-Direttur-Ġenerali ta' l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, is-Sur Thomas CRANFIELD u ffirma qafas ta' ftehim fil-livell tas-servizzi, li jkopri r-relazzjonijiet bejn l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet u l-Ombudsman, fosthom dispożizzjonijiet speċifiċi fuq il-kontroll tal-kwalità (*quality control*), id-drittijiet ta' l-awtur u ż-żmien li fih għandu jitlesta x-xogħol u evalwazzjoni. Kemm is-Sur

DIAMANDOUROS kif ukoll is-Sur CRANFIELD qablu fuq il-valur li jkun hemm aktar kooperazzjoni bejn iż-żewġ uffiċċji biex iċ-ċittadini jinqdew aħjar. Is-Sur Serge BRACK, Kap tat-Taqsima ta' l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, akkompanja lis-Sur CRANFIELD. Is-Sur Joao SANT'ANNA, is-Sur Ben HAGARD, Ms Murielle RICHARDSON, is-Sur Nicholas CATEPHORES u Ms Rosita AGNEW attendew ukoll għaċ-ċerimonja ta' l-iffirmar tal-ftehim.



Is-Sur Diamandouros u s-Sur Thomas Cranfield, Direttur-Ġenerali fl-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunità Ewropea, jiffirmaw il-qafas ta' ftehim fuq il-livell tas-servizzi. Strasbourg, Franza, 22 ta' Ottubru 2003.

Ġabra fil-qosor

1 Introduzzjoni

2 Ilmenti lill-Ombudsman

3 Deċiżjonijiet wara li saret investigazzjoni

4 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea

5 Relazzjonijiet ma' Ombudsmen u korpi simili

6 Relazzjonijiet pubbliċi

Annessi

# 5.1 RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN NAZZJONALI, REĠJONALI U LOKALI TA' L-UE

## SVEZJA

Fit-3 ta' Marzu, fil-qafas taż-żjara tiegħu fi Stokkolma, is-Sur SÖDERMAN żar l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Svediż fejn għamel preżentazzjoni bil-*powerpoint* għall-i*staff* ta' l-istituzzjoni fil-preżenza ta' l-Ombudsman Svediż, is-Sur Claes EKLUNDH, is-Sinjura Kerstin ANDRÉ, is-Sur Jan PENNLÖV u s-Sur Nils-Olof BERGGREN. l-attività kienet koordinata mil-*Liaison Officer* Ms Marianne VON DER ESCH. l-Ombudsman Ewropew kien akkumpanjat mill-assistent tiegħu, is-Sur Juan MALLEA.

## IR-RABA' SEMINAR GĦALL-OMBUDSMEN NAZZJONALI U KORPI SIMILI FL-UE, ATENI, GREĊJA

Ir-raba' *Seminar* għall-Ombudsmen Nazzjonali u Korpi Simili fl-UE imsejjaħ Ombudsmen and the Protection of Rights in the European Union organizzat mill-Ombudsman Ewropew flimkien ma' l-Ombudsman Nazzjonali Grieg, sar f'Ateni bejn is-7 u t-8 ta' April (ara sezzjoni 6.1).

© l-Ombudsman Grieg



Il-parteċipanti fir-Raba' Seminar għall-Ombudsmen Nazzjonali u korpi simili ta' l-UE.
Ateni, il-Greċja, 7 ta' April 2003.

Bejn it-30 u l-31 ta' Ottubru, l-Ombudsman Nazzjonali tal-Greċja, is-Sur Yorgos KAMINIS żar lis-Sur DIAMANDOUROS fi Strasbourg u attenda sensiela ta' laqgħat ma' l-i*staff* ta' l-Ombudsman Ewropew. Il-laqgħat kienu dwar il-proċessi u l-proċeduri dwar kif jiġu kkunsidrati l-ilmenti u l-mistoqsijiet taċ-ċittadini, l-istampa u l-komunikazzjonijiet mill-uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew. Is-Sur KAMINIS kien akkumpanjat mis-Sinjura Kalliopi SPANOU u mis-Sur Andreas TAKIS, tnejn mid-Deputati Ombudsman tiegħu.

## IR-RABA' LAQGĦA TA' L-OMBUDSMEN REĠJONALI TA' L-UE, VALENCIA, SPANJA

Bejn id-9 u l-11 ta' April, saret ir-raba' Laqgħa ta' l-Ombudsmen Reġjonali ta' l-UE u korpi simili f'Valencia taħt il-patrunaġġ tas-Sindic de Greuges de Valencia (Ombudsman reġjonali). Is-*seminars* ta' qabel kienu saru f'Barcelona (1997), Firenze (1999) u Brussell (2001). l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew kien rappreżentat mis-Sur João SANT'ANNA u mis-Sur José MARTINEZ ARAGÓN.

Aktar minn 80 parteċipant ħadu sehem fil-konferenza, fosthom ombudsmen reġjonali kif ukoll membri tal-Kumitati dwar il-Petizzjonijiet mill-Awstrija, Belġju, Ġermanja, Italja, Spanja u r-Renju Unit.

Is-Sinjura MIRÓ PÉREZ, President tal-Parlament Reġjonali ta' Valencia għamlet id-diskors tal-ftuħ. Fl-indirizz ta' merħba, is-Sur Bernardo DEL ROSAL, Sindic de Greuges ta' Valencia, irrifera għat-triq lejn Ewropa akbar, u saħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn ombudsmen reġjonali. Is-Sur SANT'ANNA, f'isem l-Ombudsman Ewropew, is-Sur Diamandouros, irringrazzja lill-ombudsmen reġjonali kollha u lir-rappreżentanti tal-Kumitati dwar il-Petizzjonijiet, li għal darb'oħra għamluha possibbli li ssir din il-laqgħa li tat riżultati tajbin.

© l-Ombudsman ta' Valencia



Il-parteċipanti fir-Raba' Laqgħa ta' l-Ombudsmen Reġjonali ta' l-UE u korpi simili.
Valencia, Spanja, 10 ta' April 2003.

Fl-10 u l-11 ta' April, il-working sessions kienu dwar i) il-futur ta' l-Ewropa ii) l-immigrazzjoni u l-għoti ta' kenn iii) il-ħarsien ta' l-ambjent u iv) aċċess għal dokumenti konnessi ma' l-ambjent.

Is-Sur SANT'ANNA ħa sehem fir-*Round Table* dwar "Il-futur ta' l-Ewropa" mas-Sur Bar CÉNDON, Professur tal-Liġi Kostituzzjonali fl-Università ta' Valencia u s-Sur Antón CAÑELLAS, Ombudsman ta' Katalonja. Is-Sur MARTÍNEZ ARAGON tkellem fir-*Round Table* dwar "Il-ħarsien ta' l-ambjent fl-UE u s-sehem ta' l-ombudsmen reġjonali" flimkien mas-Sur Miguel Angel LANES CLIMENT, konsulent legali dwar materji konnessi ma' l-ambjent fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsman ta' Valencia u s-Sinjura Maria Grazia VACCHINA, Ombudsman tar-reġjun tal-Val d'Aosta fl-Italja.

## FRANZA

### *Pariġi*

Fl-14 ta' Mejju, is-Sur Diamandouros iltaqa' ma' l-Ombudsman Franċiż is-Sur Bernard STASI u ħa sehem f'konferenza stampa li għamlu flimkien u li saret fl-okkażjoni tal-preżentazzjoni tar-Rapport Annwali tal-Médiateur de la République.

### *Strasbourg*

Fit-2 ta' Settembru, fuq stedina tas-Sur Bernard STASI, Ombudsman Franċiż, is-Sur DIAMANDOUROS attenda laqgħa tal-grupp ta' l-Ombudsmen tal-Grande Région (kooperazzjoni li taqsam il-fruntieri u li tgħaqqad ċerti reġjuni li huma qrib ta' xulxin fi Franza, il-Ġermanja, il-Belġju u l-Lussemburgu). Dawk li ħadu sehem fil-laqgħa kienu l-mistiedna tal-Prefett tal-Bas-Rhin fil-Prefettura ta' Strasbourg.

## ITALJA

Fil-qafas taż-żjara tiegħu ġewwa Firenze mit-12 sas-16 ta' Ġunju, l-Ombudsman Ewropew kellu sensiela ta' laqgħat ma' l-Ombudsman Reġjonali tat-Toscana u l-koordinatur ta' l-Ombudsmen reġjonali Taljani, is-Sur FANTAPPIÉ, flimkien ma' bosta ombudsmen oħra reġjonali u lokali mill-Italja (ara taqsima 6.2).

## L-IRLANDA

Fil-11 ta' Lulju, is-Sur DIAMANDOUROS, akkumpanjat mis-Sur Olivier VERHEECKE u minn Ms Rosita AGNEW, għamel żjara lill-Ombudsman Nazzjonali ta' l-Irlanda, is-Sinjura Emily O'REILLY. Is-Sur DIAMANDOUROS u s-Sinjura O'REILLY iddiskutew diversi suġġetti bħal ma huma ċ-Charter tad-Drittijiet Fondamentali, id-drittijiet ta' l-inkapaċitati, rimedji u kumpens, u dwar kuntatti ta' koordinazzjoni.

Waqt ikla li għaliha kien il-mistieden tas-Sinjura O'REILLY, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' wkoll mas-Sur Kevin MURPHY, li qabel kien Ombudsman Nazzjonali ta' l-Irlanda, kif ukoll mas-Sur Pat WHELAN, Direttur Ġenerali ta' l-Uffiċċju u s-Sur Michael BROPHY, Senior Investigator. Is-Sur DIAMANDOUROS irringrazzja lis-Sur MURPHY ta' l-għajnuna siewja li kien tah biex twaqqaf l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Grieg.

## LAQGĦA TA' "CHAIRMEN" U "DEPUTY CHAIRMEN" TAL-KUMITATI DWAR IL-PETIZZJONIJIET FIL-ĠERMANJA U TA' L-OMBUDSMEN MILL-ĠERMANJA U MINN PAJJIŻI LI JITKELLMU L-ĠERMANIŻ F'KIEL

Fl-14 u l-15 ta' Settembru, l-Ombudsman Ewropew attenda l-laqgħa regolari taċ-Chairmen u Deputy Chairmen tal-Kumitati dwar il-Petizzjonijiet fil-Ġermanja u ta' ombudsmen mill-Ġermanja u minn pajjiżi li jitkellmu l-Ġermaniż li ssir kull sentejn. Din is-sena l-laqgħa saret fil-Landtag ta' Schleswig-Holstein fi Kiel. Il-laqgħa kienet immexxija mis-Sinjura Marita SEHN, il-president tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Bundestag Ġermaniż. Is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mis-Sur Gerhard GRILL u mis-Sur Ben HAGARD mill-uffiċċju tiegħu.

Fost il-parteċipanti kien hemm iċ-chairmen u deputy chairmen tal-kumitati kollha dwar il-petizzjonijiet fil-Ġermanja (inkluż dak tan-Niedersachsen li twaqqaf dis-sena), l-erba' ombudsmen reġjonali tal-Ġermanja kif ukoll ombudsmen mill-Awstrija, l-Italja (in-nofsinhar tat-Tyrol) u l-Isvizzera. Is-Sinjura KESSLER, MPE mill-Kumitat tal- Parlament Ewropew dwar il-Petizzjonijiet u rappreżentanti tal-kumitat dwar il-petizzjonijiet mil-Lussemburgu kienu wkoll preżenti.

© Landtag ta' Schleswig-Holstein



Il-parteċipanti fil-laqgħa għaċ-chairmen u deputy chairmen tal-kumitati dwar il-petizzjonijiet fil-Ġermanja u għall-ombudsmen mill-Ġermanja u minn pajjiżi li jitkellmu l-Ġermaniż.
Kiel, il-Ġermanja, 15 ta' Settembru 2003.

## IT-TMIEN "ROUND TABLE" TA' L-OMBUDSMEN EWROPEJ F'OSLO

Fit-3 u l-4 ta' Novembru, l-Ombudsman Ewropew ħa sehem fit-Tmien *Round Table* ta' l-Ombudsmen Ewropej li kienet organizzata f'Oslo bejn il-Commissioner for Human Rights tal-Kunsill ta' l-Ewropa, is-Sur Álvaro GIL-ROBLES u l-Ombudsman Norveġiż, is-Sur Arne FLIFLET. Din il-laqgħa ġabet flimkien ombudsmen tal-Pajjiżi Membri fil-Kunsill ta' l-Ewropa kif ukoll istituzzjonijiet oħrajn involuti fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem biex jiddiskutu suġġetti ta' interess komuni. Is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mis-Sur HARDEN, Kap tad-dipartiment legali ta' l-Ombudsman u s-Sur MARTÍNEZ ARAGÓN, Principal Legal Advisor.

Il-konferenza nfetħet formalment mis-sinjuri FLIFLET u GIL-ROBLES fil-preżenza tal-Majestà Tiegħu r-Re tan-Norveġja, HARALD V. Is-Sur DIAMANDOUROS mexxa l-ewwel parti tas-sessjoni plenarja li fiha ġew preżentati s-suġġetti ġenerali tal-laqgħa tar-*Round Table* ta' din is-sena. Is-suġġetti kienu jinkludu l-aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali, il-ħarsien tal-minoranzi, l-istatus legali tad-detenuti, u l-poteri rispettivi ta' l-Ombudsmen u tal-qrati.

Matul iż-żjara tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS kellu l-opportunità jiltaqa' mas-Sur Álvaro GIL-ROBLES, il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Id-diskussjoni kienet l-aktar fuq kif tista' tiżdied il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ istituzzjonijiet, skond ir-Rakkomandazzjoni reċenti 1615 (2003) tal-Kunsill ta' l-Ewropa fuq l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman. Is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' wkoll mas-Sur FLIFLET, l-Ombudsman Norveġiż, biex jitkellmu fuq ħwejjeġ ta' interess komuni.

## DANIMARKA

Waqt iż-żjara uffiċjali tiegħu fid-Danimarka mill-5 sas-7 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' ma' l-Ombudsman Parlamentari Daniż u l-i*staff* tiegħu (ara taqsima 6.2).

### IR-RENJU UNIT

Fil-qafas taż-żjara uffiċjali tiegħu f'Londra fit-23 u l-24 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS kellu laqgħa ma' l-Ombudsman Parlamentari u tas-Saħħa, id-Deputat tiegħu, u ċ-Chairman u l-Kap Eżekuttiv tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni Lokali (Ingilterra) u l-Ombudsman għall-Gvern Lokali (ara taqsima 6.2).

## 5.2 IL-LIAISON NETWORK

F'Settembru 1996, l-Ombudsman Ewropew kien waqqaf sistema ta' kuntatti bejn ombudsmen u korpi simili fl-Ewropa minn fejn ikun jista' jinxtered it-tagħrif dwar il-liġijiet tal-Komunità u biex ikun possibbli li l-ilmenti jitressqu quddiem dik l-istituzzjoni li tkun l-aktar addatata biex tittrattahom. In-*network* issa tikkonsisti f'90 uffiċċju fi 30 pajjiż Ewropew. Tinkludi l-ombudsmen u korpi simili fil-livelli Ewropej, nazzjonali u reġjonali fi ħdan l-UE u l-ombudsmen u korpi simili fuq livell nazzjonali fin-Norveġja, l-Islanda u l-pajjiżi applikanti għal sħubija fl-UE.

Fl-1996 kull ombudsman nazzjonali u korpi simili fl-iStati Membri ta' l-UE kienu ġa appuntaw *liaison officer* biex iservi bħala l-punt ta' kuntatt mal-membri l-oħra tan-*network*. F'Mejju 2003, wara r-riżoluzzjoni li għaddiet fir-raba' *Seminar* ta' Ombudsmen Nazzjonali f'Ateni x-xahar ta' qabel, l-Ombudsman Ewropew talab lill-ombudsmen nazzjonali fl-għaxar pajjiżi applikanti biex jaħtru *liaison officer*. l-għaxar uffiċċji kollha wieġbu b'ħeġġa għal din it-talba.

Biż-żmien in-*network* żviluppat f'għodda kollaborattiva effettiva għall-ombudsmen u l-i*staff* tagħhom. l-esperjenzi tagħhom u l-aħjar metodi u sistemi ta' xogħol qed jinxterdu bejniethom permezz ta' *newsletter* regolari, *forum* elettroniku u laqgħat.

### *Newsletter*

Fil-passat, l-Ombusman Ewropew kien joħroġ regolarment Liaison Letter biex membri tan-*network* ikunu jistgħu jibdlu u jaqsmu l-informazzjoni bejniethom. F'Lulju 2003, l-Ombudsman Ewropew u r-reġjun Ewropew ta' l-International Ombudsman Institute rappreżentat minn Dr Herman WUYTS, Viċi-President tar-Reġjun Ewropew ta' l-IOI, iffirmaw ftehim biex il-Liaison Letter ta' l-Ombudsman Ewropew tingħaqad man-*newsletter* tar-reġjun Ewropew ta' l-IOI. Il-pubblikazzjoni l-ġdida, imsejħa European Ombudsmen - *Newsletter*, tittratta x-xogħol li jsir mill-membri tan-*network* ta' l-Ombudsman Ewropew u l-membri tar-reġjun aktar wiesgħa ta' l-IOI. In-*newsletter* li toħroġ bl-Ingliż, Franċiż, Ġermaniż, Taljan u Spanjol, tilħaq lil aktar minn 400 uffiċċju fuq livell Ewropew nazzjonali, reġjonali u lokali. l-ewwel edizzjoni tan-Newslettter kienet ippubblikata f'Ottubru 2003 u tqassmet fil-Laqgħa Annwali tal-Membri ta' l-IOI tar-Reġjun Ewropew li għandhom il-Vot li saret f'Nicosia, Ċipru.

### *Internet*

Lejn tmiem l-2000, bdiet toħroġ il-verżjoni *online* tan-*network* ta' *liaison officers*, bl-isem EUOMB, sabiex tkompli tħaffef il-komunikazzjoni bejn il-membri tan-*network*. l-EUOMB tikkonsisti f'*website* u *Internet* Summit fejn jistgħu jsiru diskussjonijiet interattivi u jinbidlu d-dokumenti. Mija u tmenin ruħ, l-aktar Ombudsmen u *liaison officers*, jagħmlu użu minn din il-*website*.

F'Novembru 2001, twaqqfet sezzjoni ġdida fl-*Internet* Summit, imsejħa Ombudsman's Daily News. Bis-saħħa ta' din il-gazzetta virtwali sar possibbli li l-membri jsiru jafu dwar l-attivitajiet ta' l-ombudsmen u korpi simili fil-UE u lil hinn minnha. Fl-2003, l-Ombudsman Daily News kienet ippubblikata f'kull ġurnata tax-xogħol, u offriet aktar minn elf storja b'aħbarijiet ġodda lill-qarrejja. Ħafna mill-*liaison officers* tan-*network* issa jikkonsultaw id-Daily News fuq bażi regolari u b'hekk iżommu ruħhom informati dwar kif korpi oħra jittrattaw suġġetti li jkunu jixbħu lil dawk li jkunu qed jittrattaw huma stess.

## *Laqgħat*

Sabiex membri tan-*network* ta' *liaison officers* ikunu jistgħu jiddiskutu x-xogħol tagħhom b'mod aktar intensiv, isiru laqgħat bejniethom kull sentejn. Saru erba' laqgħat minn kemm ilha li twaqqfet in-*network* fl-1996 (fi Brussell fl-1997 u l-1998 u fi Strasbourg fl-2000 u l-2003).

Ir-raba' laqgħa bl-isem European Information, Advice and Justice for all saret bejn l-1 u t-2 ta' Diċembru fil-Parlament Ewropew fi Strasbourg. l-għan tal-laqgħa kien biex jiżdied l-għarfien fost il-*liaison officers* dwar il-firxa ta' servizzi relevanti li jeżistu fuq il-livell ta' l-UE li jistgħu jgħinu biex jiġu ttrattati lmenti minn ċittadini dwar il-liġijiet ta' l-Unjoni. Għal din il-laqgħa attendew sebgħa u għoxrin *liaison officer*, fosthom għaxra mill-pajjiżi applikanti.

L-Ombudsman Ewropew fetaħ il-laqgħa billi ta merħba lill-*liaison officers* fi Strasbourg u fisser x'inhuma l-pjani tiegħu għan-*network*. Imbagħad kien hemm l-ewwel sessjoni bl-isem "Minn fejn nista' nikseb tagħrif għaċ-ċittadini dwar l-UE?". Ms Gisela GAUGGEL-ROBINSON u Ms Anna FINI mill-Kummissjoni Ewropea spjegaw il-firxa wiesgħa ta' sorsi ta' informazzjoni relevanti li jeżistu fuq il-livell ta' l-UE. It-tieni sessjoni kienet dwar "Min jagħti pariri liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom taħt il-liġi Ewropea?" u kienet tinkludi preżentazzjoni mis-Sur Tony VENABLES, Direttur tal-European Citizen Action Service. Is-Sur Ian HARDEN, Kap tad-dipartiment legali ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombdsman Ewropew imbagħad tkellem dwar ir-rimedji ġudizzjarji u rimedji mhux ġudizzjarji fit-tielet sessjoni bis-suġġett "Kif jistgħu ċ-ċittadini jiksbu l-ġustizzja fl-UE?". Kull waħda minn dawn il-preżentazzjonijiet kienet segwita minn spjegazzjoni minn *liaison officer* dwar każ li serva bħala studju fejn fisser il-problemi li jiltaqgħu magħhom iċ-ċittadini huma u jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom taħt il-liġi Ewropea. l-aħħar preżentazzjoni fl-ewwel ġurnata saret mis-Sur Nicholas LEAPMAN mill-Kummissjoni Ewropea li fisser is-SOLVIT *Network* tad-Direttorat Ġenerali Suq Intern.



Il-parteċipanti fir-raba' Liaison Meeting. Strasbourg, Franza, l-1 ta' Diċembru 2003.

It-tieni ġurnata tal-laqgħa kkonċentrat fuq kif qed taħdem in-*network* ta' *liaison officers* u kif din is-sistema tista' titjieb. Wara sessjoni ta' bdil ta' idejat, numru ta' *liaison officers* taw eżempji ta' l-aħjar prattika segwita fl-uffiċċji tagħhom f'dawn l-oqsma: "L-aħjar użu tal-*media*"; "L-isfida tal-multilingwiżmu" u "Kif jiġu nklużi gruppi emarġinati". Dawn l-eżempji ġodda dwar kif jistgħu jintlaħqu ċ-ċittadin kienu ta' interess kbir għall-membri tan-*network*.

Matul il-laqgħa, kien hemm numru ta' opportunitajiet fejn il-*liaison officers* setgħu jiddiskutu x-xogħol tagħhom ma' xulxin. Il-ħarġa organizzata mill-Ombudsman Ewropew u l-ikliet li kien hemm offrew ħin biżżejjed lill-uffiċjali biex jiddiskutu x-xogħol tagħhom b'mod informali ma' xulxin.

# 5.3 RELAZZJONIJIET MA' OMBUDSMEN NAZZJONALI FI STATI APPLIKANTI

## *Il-Konferenza dwar "Ombudsman and the Law of the European Union"*

Fid-29 u t-30 ta' Mejju, l-Ombudsman Ewropew, il-Professur P. Nikiforos DIAMANDOUROS attenda l-konferenza dwar "L-Ombudsman u l-Liġijiet ta' l-Unjoni Ewropea" organizzata mill-Ombudsman tal-Polonja, il-Professur Andrzej ZOLL ġewwa Varsavja. Ħadu sehem l-Ombudsmen jew rappreżentanti tagħhom minn sebgħa mill-għaxar pajjiżi applikanti (Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Litwanja, Malta u l-Polonja) kif ukoll mill-Ażerbaijan, l-Olanda u r-Rumanija. Iċ-Ċentru għall-Istudji fuq id-Demokrazija fil-Bulgarija u l-Kummissjoni għal istħarriġ dwar id-drittijiet tal-bniedem mit-Turkija kienu preżenti wkoll. Parteċipanti oħra kienu jinkludu rappreżentanti mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa, l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għar-Refuġjati tan-Nazzjonijiet Uniti (UNHCR), l-Uffiċċju tal-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP), l-Uffiċċju ta' l-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR), l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSCE), u d-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fil-Polonja. Il-Professur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mis-Sur Gerhard GRILL u mis-Sur Ben HAGARD mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew.



Is-Sur Roel Fernhout, Ombudsman Nazzjonali ta' l-Olanda, Ms Zita Zamžickiene, Ombudsman Seimas tal-Litwanja, il-Professoressa Elmira Suleymanova, Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-Azerbaijan, Ms Rimante Šalaševiciute, Ombudsman Seimas tal-Litwanja u s-Sur Diamandouros fil-konferenza Ombudsman and the Law of the European Union. Warsaw, il-Polonja, 30 ta' Mejju 2003.

Il-konferenza nfetħet minn Dr Marek BOROWSKI, l-iSpeaker tas-Seym (il-Parlament Pollakk) u mill-Professur Longin PASTUSIAK, l-Ispeaker tas-Senat Pollakk. Fl-ewwel sessjoni tal-konferenza, l-Ombudsman tal-Polonja, il-Professur ZOLL, għamel diskors dwar "id-Drittijiet tal-Barranin b'Referenza Speċjali għad-Dħul, Residenza, Permessi ta' Xogħol u Kenn". Wara dan id-diskors kien hemm preżentazzjoni fuq "Aċċess għall-Informazzjoni Pubblika bħala Dritt Ċivili Fundamentali – Limitazzjonijiet u Kontroversji" minn Ms Tereza SAMANOVA mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ċek. Fit-tielet sessjoni, l-Ombudsman Ewropew għamel diskors dwar "Ir-Rwol ta' l-Ombudsman biex jiżgura d-Dritt tal-Liġi u l-Ħarsien tad-Drittijiet Fondamentali fid-dawl tax-Xogħol tal-Konvenzjoni fuq Abbozz ta' Kostituzzjoni Ewropea". Fl-aħħar, is-Sur Jerzy ŚWIĄTKIEWICZ, Deputat Ombusman tal-Polonja, tkellem dwar "L-Għan ta' l-Ombudsman li jħares id-Drittijiet u l-Libertajiet tal-Bniedem – Il-Preżent u l-Futur".

Ġabra fil-qosor

1 Introduzzjoni

2 Ilmenti lill-Ombudsman

3 Deċiżjonijiet wara li saret investigazzjoni

4 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħra ta' l-Unjoni Ewropea

5 Relazzjonijiet ma' Ombudsmen u korpi simili

6 Relazzjonijiet pubbliċi

Annessi

# 6.1 L-AVVENIMENTI L-AKTAR IMPORTANTI MATUL IS-SENA

## ELEZZJONI

Fil-15 ta' Jannar, il-Parlament Ewropew eleġġa lill-Professur P. Nikiforos DIAMANDOUROS bħala Ombudsman Ewropew wara Jacob SÖDERMAN, li kien ilu fil-kariga mill-1995 u li ddeċieda li jirtira. Il-Professur DIAMANDOUROS li kien serva bħala l-ewwel Ombudsman Grieg beda d-dmirijiet ġodda tiegħu fl-1 ta' April 2003.

© Il-Parlament Ewropew



Is-Sur Diamandouros fil-jum li fih ġie elett. Strasbourg, Franza, 15 ta' Jannar 2003.

## L-GĦOTI TAL-ĠURAMENT

Fl-1 ta' April, is-Sur P. Nikiforos DIAMANDOUROS assuma d-dmirijiet bħala Ombudsman Ewropew billi ħa ġurament solenni fil-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea. Il-President tal-Qorti, Gil Carlos RODRÍGUEZ IGLESIAS, laqa' lill-Ombudsman il-ġdid u faħħar ix-xogħol tiegħu fil-qasam akkademiku, amministrattiv u bħala Ombudsman.

## L-OMBUDSMAN EWROPEW WAQT LI QED JIEĦU ĠURAMENT SOLENNI QUDDIEM IL-QORTI EWROPEA TAL-ĠUSTIZZJA





Is-Sur Diamandouros fil-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Il-Lussemburgu, l-1 ta' April 2003.

© Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunità Ewropea



Is-Sur Jean-Pierre Puissochet, is-Sur Gil Carlos Rodríguez Iglesias u s-Sur Romain Schintgen, fl-okkażjoni meta l-Ombudsman Ewropew ħa ġurament solenni quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Il-Lussemburgu, l-1 ta' April 2003.

Fid-diskors li ta lill-mistiednin distinti, is-Sur DIAMANDOUROS saħaq fuq tliet a mir-responsabbiltajiet tiegħu bħala Ombudsman Ewropew: li jżomm il-livell għoli milħuq mill-predeċessur tiegħu l-ewwel Ombudsman Ewropew Jacob SÖDERMAN; li jmexxi l-istituzzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew fi żmien ta' importanza storika qawwija, jiġifieri t-tkabbir tal-UE; li jilħaq iċ-ċittadini biex ifissrilhom dwar id-drittijiet tagħhom u kif jistgħu jużawhom.

Fost l-udjenza għaċ-ċerimonja kien hemm is-Sur Roy PERRY MPE, Viċi-President tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, is-Sur Christos ROZAKIS, Viċi-President tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, is-Sur Bernard STASI, l-Ombudsman Franċiż, is-Sur Enrique MÚGICA HERZOG, l-Ombudsman Spanjol, is-Sur Roel FERNHOUT, l-Ombudsman Olandiż, is-Sinjura Kerstin ANDRÉ, l-Ombudsman Svediża, is-Sur Pierre-Yves MONETTE, l-Ombudsman Federali tal-Belġju u s-Sur Paavo NIKULA, Kanċillier tal-Ġustizzja tal-Finlandja. Dawn il-membri ta' l-i*staff* ta' l-Ombudsman Ewropew ukoll attendew iċ-ċerimonja: is-Sur Ian HARDEN, is-Sur João SANT'ANNA, is-Sur Gerhard GRILL, Ms Rosita AGNEW u s-Sur Ben HAGARD.

## IR-RABA' SEMINAR TA' L-OMBUDSMEN NAZZJONALI U KORPI SIMILI TA' L-UE

Il-Professur P. Nikiforos DIAMANDOUROS ħa sehem fir-raba' *Seminar* ta' l-Ombudsmen Nazzjonali u Korpi Simili ta' l-UE li sar f'Ateni (Vouliagmeni) fis-7 u t-8 ta' April. Is-*seminar*, bl-isem Ombudsman and the Protection of Rights in the European Union kien organizzat bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Ombudsman Grieg. Is-*seminars* ta' qabel kienu saru fi Strasbourg (1996), Pariġi (1999) u Brussell (2001). Is-Sur HARDEN, is-Sur HAGARD u s-Sur VERHEECKE mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew attendew ukoll.

© l-Ombudsman Grieg




Is-Sur Vitaliano Gemelli, Chairman tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, is-Sur Kevin Murphy, Ombudsman Nazzjonali ta' l-Irlanda, il-Professur Yorgos Kamanis, Ombudsman Nazzjonali tal-Greċja u Ms Anna Diamantopoulou, Kummissarju Ewropew għax-Xogħol u Affarijiet Soċjali, fir-Raba' Seminar ta' l-Ombudsmen Nazzjonali u korpi simili ta' l-UE. Ateni, il-Greċja, 7 ta' April 2003.

Iċ-ċerimonja tal-ftuħ saret mill-President tal-Parlament Grieg, is-Sur Apostolos KAKLAMANIS, u wara kien hemm taħdidiet mid-Deputat Ministru għall-Intern, Amministrazzjoni Pubblika u Deċentralizzazzjoni, is-Sur Stavros BENOS, u l-President tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, is-Sur Vitaliano GEMELLI.

Fis-sessjoni ta' filgħodu tas-7 ta' April, li kienet immexxija mill-Ombudsman Grieg il-ġdid li kien għadu kif ġie elett, il-Professur Yorgos KAMINIS, il-Kummissarju Ewropew għall-Impjiegi u Affarijiet Soċjali, Ms Anna DIAMANTOPOULOU, għamlet diskors dwar *Social Rights in the EU,*

*wtih Special Reference to the Free Movement of EU Citizens and Third-Country Nationals*. Ir-*rapporteur* kien l-Ombudsman Nazzjonali ta' l-Irlanda, is-Sur Kevin MURPHY.

Il-Prim Ministru tal-Greċja, is-Sur Costas SIMITIS, tkellem fl-ikla uffiċjali li segwiet. F'din l-okkażjoni kienet mistiedna l-*media* Griega.



© l-Ombudsman Grieg

Is-Sur Costas Simitis, Prim Ministru tal-Greċja u s-Sur Diamandouros, fir-Raba' Seminar għall-Ombudsmen Nazzjonali u korpi simili ta' l-UE. Ateni, il-Greċja, 7 ta' April 2003.

Is-sessjoni ta' wara nofsinhar, immexxija mill-Ombudsman Nazzjonali tad-Danimarka, is-Sur Hans GAMMELTOFT-HANSEN, kienet dwar The Rights of Foreigners with Special Reference to Entry, Residence, Working Permits and Asylum. Il-kelliemi ewlieni kien l-Ombudsman Nazzjonali tal-Polonja, il-Professur Andrzej ZOLL, u r-*rapporteur* kienet l-Ombudsman Parlamentari tal-Finlandja, Ms Riitta-Leena PAUNIO.




Is-Sur Yorgos Kaminis, Ombudsman Nazzjonali tal-Greċja, is-Sinjura Riitta-Leena Paunio, Ombudsman Parlamentari tal-Finlandja, is-Sur Hans Gammeltoft-Hansen, Ombudsman Nazzjonali tad-Dannimarka u l-Prof. Andzej Zoll, Ombudsman Nazzjonali tal-Polonja, fir-Raba' Seminar għall-Ombudsmen Nazzjonali u korpi simili ta' l-UE. Ateni, il-Greċja, 7 ta' April 2003.

Id-dibattitu tal-ġurnata ta' wara kien dwar Human and Minority Rights. Id-diskussjoni nbdiet mill-Médiateur Franċiż, is-Sur Bernard STASI. Il-kelliemi ewlieni kien il-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa, is-Sur Alvaro GIL-ROBLES, li tkellem dwar id-drittijiet tal-minoranzi Roma (żingari) fl-iStati Membri u l-iStati Applikanti. Kien hemm dibattitu twil wara din il-preżentazzjoni. Ir-*rapporteur* kien l-Ombudsman Nazzjonali ta' l-Olanda, is-Sur Roel FERNHOUT.

Wara d-dibattiti għaddiet Riżoluzzjoni mill-Ombudsmen Nazzjonali u Korpi Simili. l-Ombudsman Ewropew il-ġdid, il-Professur DIAMANDOUROS u l-Ombudsman Grieg imbagħad taw konferenza stampa flimkien.

Is-*seminar* intemm b'sessjoni ta' Konklużjonijiet Ġenerali immexxija mill-Ombudsman Ewropew fejn ir-*rapporteurs* tad-diversi sessjonijiet ippreżentaw ir-rapporti tagħhom.

## ĠRANET MIFTUĦA GĦALL-PUBBLIKU

### *Brussell*

Fit-3 ta' Mejju, l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman ħa sehem f'ġurnata miftuħa għall-pubbliku organizzata mill-istituzzjonijiet Ewropej fi Brussell. l-istand ta' l-Ombudsman kien fil-Parlament Ewropew u matul il-ġurnata kien immexxi mill-i*staff* ta' l-uffiċċju ta' l-Ombudsman. Tagħrif dwar l-uffiċċju ta' l-Ombudsman seta' jinkiseb f'24 lingwa. Kompetizzjoni li kienet tinvolvi li min jieħu sehem jagħraf "l-Ombudsman Ewropew" f'sitt lingwi differenti kienet organizzata fl-istand. Matul il-ġurnata 12000 ruħ għaddew iżuru l-Parlament.





Ċittadini jżuru l-istand ta' l-Ombudsman waqt l-Open Days fi Brussell, il-Belġju (3 ta' Mejju 2003) u fi Strasbourg, Franza (8 ta' Mejju 2003).

### *Strasbourg*

Fit-8 u d-9 ta' Mejju, l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman ħa sehem fi ġranet miftuħa għall-pubbliku li kienu organizzati mill-Parlament Ewropew fi Strasbourg. Is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem f'video-conference pubblika mas-Sur Pat COX, President tal-Parlament Ewropew u s-Sinjura Pervenche BERES, MPE. Materjal dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman tqassam lill-viżitaturi f'24 lingwa. Ġiet organizzata kompetizzjoni f'sitt lingwi differenti li kienet tinvolvi li dak li jkun jagħraf "l-Ombudsman Ewropew" fl-istand. Membri ta' l-i*staff* kienu preżenti matul il-ġurnata biex iwieġbu l-mistoqsijiet. 15 000 ruħ żaru l-Parlament matul dawn il-ġranet meta kien għall-pubbliku.



## RAPPORT ANNWALI GĦAS-SENA 2002

Ir-Rapport Annwali ta' l-Ombudsman Ewropew għas-sena 2002 kien ippreżentat lill-Parlament Ewropew fis-sessjoni plenarja fi Strasbourg fil-25 ta' Settembru 2003. Qabel ċeda l-kelma lis-Sur

DIAMANDOUROS, il-mexxej tas-sessjoni li kien il-Viċi-President Renzo IMBENI laqa' lis-Sur Jacob SÖDERMAN, l-Ombudsman Ewropew preċedenti, li kien ħa postu fil-gallarija uffiċjali.

Fid-diskors tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS ta ġieħ lis-Sur SÖDERMAN talli waqqaf istituzzjoni li hi effettiva u magħrufa sewwa. Hu saħaq ukoll fuq il-ħafna kisbiet li saru bis-saħħa tiegħu għaċ-ċittadini Ewropej u fuq ix-xogħol importanti li kien għamel kemm fil-Konvenzjoni li għamlet l-abbozz taċ-Charter tad-Drittijiet Fondamentali kif ukoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Is-Sur DIAMANDOUROS wiegħed li hu kien se jkompli jibni fuq ix-xogħol tal-predeċessur tiegħu u li jikkoopera bis-sħiħ ma' ombudsmen nazzjonali u reġjonali kemm ta' l-iStati Membri kif ukoll ta' l-iStati Applikanti. Hu temm id-diskors tiegħu billi rringrazzja lil Earl of STOCKTON għar-rapport tiegħu u lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet kollu kemm hu għall-appoġġ u l-inkuraġġiment li kien tah. Hu wera wkoll l-apprezzament tiegħu għall-attitudni pożittiva li kien wera l-President tal-Parlament Ewropew u l-Kummissarju DE PALACIO.

Waqt li tkellem f'isem il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet, l-Earl of STOCKTON introduċa r-rapport tiegħu fuq ir-rapport annwali ta' l-Ombudsman u feraħ lill-Ombudsman u lill-i*staff* tiegħu għax-xogħol li kienu wettqu matul l-2002. Kelliema oħrajn kienu l-MPE Vitaliano GEMELLI, f'isem il-Grupp EPP-ED, l-MPE Astrid THORS, f'isem il-Grupp ELDR, l-MPE Jan DHAENE, f'isem il-Grupp Green/ALE u s-Sinjura Loyola DE PALACIO, li taw ġieħ lill-Ombudsman għax-xogħol tiegħu u għall-kisbiet li kien għamel.

## 6.2 KONFERENZI U LAQGĦAT

### IL-BELĠJU

*Brussell*

Fit-28 ta' Jannar, is-Sur Olivier VERHEECKE ipparteċipa f'laqgħa bl-isem "Mudelli ta' kooperazzjoni f'UE akbar" li kienet organizzata min-National Bank of Belgium u r-Royal Institute for International Relations (RIIR). Il-konferenza, li kienet taħt il-presidenza ta' Viscount Etienne DAVIGNON, President tar-RIIR, infetħet mis-Sur Louis MICHEL, Deputat Prim Ministru Belġjan u Ministru ta' l-Affarijiet Barranin. Il-kelliema fl-ewwel parti tal-konferenza bl-isem Cooperation in the second and third *pillars* of the EU kienu l-Professur Koen LENAERTS, Imħallef fil-Qorti tal-Prim Istanza tal-KE, is-Sur Antonio VITORINO, Membru tal-Kummissjoni Ewropea u s-Sur Alain LAMASSOURE, MPE u Rappreżentant tal-Parlament Ewropew fil-Konvenzjoni.

It-tieni parti tal-konferenza kienet dwar Economic and social governance within a larger EMU b'kontribuzzjonijiet li saru mill-Professur Franklin DEHOUSSE, is-Sur Didier REYNDERS, Ministru għall-Finanzi tal-Belġju, is-Sur Frank VANDENBROUCKE, Ministru Belġjan għall-Affarijiet Soċjali u Pensjonijiet, is-Sur Klaus HÄNSCH, MPE u Membru tal-Presidium tal-Konvenzjoni Ewropea u s-Sur Jean-Luc DEHAENE, li qabel kien serva bħala Prim Ministru tal-Belġju u Viċe-chairman tal-Konvenzjoni. Id-diskors ta' l-għeluq sar mis-Sur Guy VERHOFSTADT, Prim Ministru tal-Belġju.

Fil-21 ta' Jannar, is-Sur SÖDERMAN ta *lecture* bl-isem Will there be a Citizen's Europe? fir-Rappreżentanza ta' l-Istat tas-Sassonja t'Isfel għall-Unjoni Ewropea. Għamel l-introduzzjoni s-Segretarju ta' l-Istat Dr. Rainer LITTEN mill-Ministeru tal-Ġustizzja ta' l-Istat tas-Sassonja t'Isfel. Is-Sur SÖDERMAN kien akkumpanjat minn Ms Vicky KLOPPENBURG, Ms Rosita AGNEW u s-Sur Ben HAGARD.

Fil-21 ta' Frar, is-Sur Olivier VERHEECKE ta *lecture* bl-isem The role of the Ombudsman in an enlarged Union fis-*seminar* għal taħriġ avanzat li sar flimkien minn Team Europe, Info Point Europe u Carrefours. Is-*seminar*, bl-isem Enlargement after Copenhagen: from 15 to 25 and beyond, kien organizzat minn DĠ Press and Communication tal-Kummissjoni.

Fil-25 ta' Frar, is-Sur SÖDERMAN ipparteċipa f'*seminar* intitolat The Convention and the EU Charter of Fundamental Rights organizzat mill-European *Policy* Centre fir-Residence Palace fi Brussell. Id-diskussjonijiet ikkonċentraw l-aktar dwar il-possibbiltajiet li jiddaħħal iċ-Charter tad-Drittijiet Fondamentali fit-Trattat tal-Kostituzzjoni tal-ġejjieni.

Is-*seminar* tmexxa mis-Sur Hywel Ceri JONES, Chairman tal-Bord Eżekuttiv tal-European *Policy* Centre li fetaħ id-dibattitu. Is-Sur Jacob SÖDERMAN ta diskors dwar The Convention, the Charter and the remedies fejn saħaq fuq l-importanza li fit-Trattat tal-Kostituzzjoni jissemmew il-mezzi differenti li għandhom iċ-ċittadini biex jingħataw rimedju fil-każ li jintlaqtu d-drittijiet tagħhom taħt il-liġijiet tal-Komunità. Il-kelliema l-oħrajn kienu s-Sinjura Jacqueline DUTHEIL DE LA ROCHÈRE, Direttriċi tas-Centre de Droit Européen fl-Université Panthéon Assas-Paris II u s-Sur Antonio VITORINO, Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni u Chairman tal-grupp li ħadem fuq iċ-Charter tal-Konvenzjoni fuq il-Futur ta' l-Ewropa.

Fis-6 ta' Marzu, is-Sur Gerhard GRILL ħa sehem f'simposju Auf dem Weg zu einem europäischen Verwaltungsraum (Lejn spazju amministrattiv Ewropew) organizzat mid- Deutsche Hochschule für Verwaltungswissenschaften Speyer bil-kooperazzjoni tar-rappreżentanza tar-Rhineland-Palatinate fi Brussell. Is-simposju sar fl-uffiċċju ta' dawn ta' l-aħħar fi Brussell. Is-Sur GRILL tkellem dwar id-dritt għal amministrazzjoni tajba u l-Kodiċi Ewropew għal Imġiba Amministrattiva Tajba. Kelliema oħrajn kienu jinkludu l-Professur Dr. Hermann HILL, rettur tad-Deutsche Hochschule für Verwaltungswissenschaften u l-Professur Dr. Karl-Peter SOMMERMANN, professur tad-Deutsche Hochschule für Verwaltungswissenschaften. Attendew madwar 70 parteċipant għal din l-attività.

### *Nifhmu l-Ewropa – id-dritt taċ-ċittadin ta' l-UE li jkun jaf*

Fit-3 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS tkellem f'konferenza organizzata mill-Friends of Europe, il-European Citizens Action Service, il-Kummisjoni Ewropea u l-Parlament Ewropew. Madwar 250 ruħ attendew din il-konferenza fosthom uffiċjali minn istituzzjonijiet ta' l-UE u rappreżentanti mis-settur pubbliku u s-settur privat ta' l-iStati Membri. Is-Sur Ian HARDEN u Ms Rosita AGNEW mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman kienu wkoll preżenti. Is-*seminar* kien maqsum fi tliet sessjonijiet, jiġifieri Finding a balance between information overload and the communications deficit, Could more information on EU policies tackle the democratic deficit? u Dos and Don'ts of EU information campaigns. Is-Sur DIAMANDOUROS intervjena fl-ewwel sessjoni u saħaq fuq il-bżonn li tingħata informazzjoni konkreta liċ-ċittadini, bħal, per eżempju, informazzjoni dwar x'inhuma id-drittijiet tagħhom u kif jużawhom. Hu rrimarka li l-Ombudsman Ewropew għandu rwol importanti x'jaqdi f'dan il-qasam u għandu jaħdem ma' sħabu l-ombudsmen nazzjonali, għaqdiet mhux governativi u l-*media* biex titqajjem kuxjenza dwar dawn id-drittijiet.

### *Konferenza Annwali tal-European Environmental Bureau*

Is-Sur Ian HARDEN ipparteċipa f'laqgħa ta' diskussjoni dwar l-abbozz tal-kostituzzjoni għall-Ewropa fil-Konferenza Annwali tal-European Environmental Bureau li saret fi Brussell fis-16 ta' Ottubru. Il-kelliema ewlenija kienet il-Kummissarju Margot WALLSTRÖM. Kelliema oħra fuq il-panel kienu s-Sur Andrew DUFF MEP u s-Sur Krister NILSSON, Segretarju ta' l-iStat fil-Ministeru ta' l-Ambjent fl-iSvezja.

### *Kumitat ta' l-Unjoni Ewropea tal-British Chamber of Commerce*

Fit-2 ta' Diċembru, is-Sur DIAMANDOUROS tkellem dwar The Ombudsman in the 21st century – aims and aspirations f'laqgħa waqt ikla organizzata mill-Kumitat ta' l-Unjoni Ewropea tal-British Chamber of Commerce fil-Belġju. l-attività attendew għaliha madwar 15-il membru ta' kumpaniji legali, kumpaniji ta' konsulenza dwar suġġetti li huma marbuta ma' l-Unjoni Ewropea, servizzi li jagħtu informazzjoni fl-Ewropa, u kumpaniji u assoċjazzjonijiet dwar strateġiji politiċi. Is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat minn Ms Elodie BELFY.

### *Forum Ewropew tas-Citizens Advice Services*

Fil-5 ta' Diċembru, l-Ombudsman Ewropew kien il-kelliemi ewlieni fil-*Forum* Ewropew tas-Citizens Advice Services fi Brussell. Is-Sur DIAMANDOUROS tkellem fuq Citizens' rights, means of redress and the Ombudsman fejn semma' id-drittijiet u r-rimedji li għandhom iċ-ċittadini ta' l-Unjoni. Imbagħad l-Ombudsman wieġeb mistoqsijiet li saru mill-parteċipanti dwar suġġetti li varjaw mill-

implikazzjonijiet ta' Charter tad-Drittijiet Fondamentali li jorbot legalment sal-mod kif se tiżviluppa l-istituzzjoni fiż-żmien li ġej. Is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mill-Press Officer tiegħu, Ms Rosita AGNEW li attendiet il-*forum* li dam jumejn.

## IL-ĠERMANJA

### *Baden Württemberg*

Fil-11 u t-12 ta' Frar, is-Sur SÖDERMAN żar Baden-Württemberg. Hu kien akkumpanjat mis-Sur Gerhard GRILL, Principal Legal Officer fl-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew.

Wara nofsinhar tal-11 ta' Frar, il-Professur Dr Martin NETTESHEIM, id-Dekan tal-Fakultà tal-Liġi, il-Professur Dr Hans-Ludwig GÜNTHER u r-rettur ta' l-Università, il-Professur Dr Eberhard SCHAICH laqgħu lill-Ombudsman fl-Università ta' Tübingen. l-Ombudsman imbagħad tkellem fuq ix-xogħol tiegħu mal-professuri, studenti u riċerkaturi fl-Università ta' Tübingen. Kien hemm diskussjoni ħajja sew.

Fit-12 ta' Frar, l-Ombudsman Ewropew ippreżenta x-xogħol tiegħu lill-membri tal-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet tal-Landtag ta' Baden-Württemberg fi Stuttgart fil-laqgħa regolari tagħhom u wieġeb mistoqsijiet mill-membri tal-kumitat. Dr Jörg DÖPPER, iċ- Chairman tal-kumitat, imbagħad wassal lill-Ombudsman biex jiltaqa' mas-Sinjura Christa VOSSSCHULTE, Deputat Speaker tal-Landtag. Il-Landtag ħareġ komunikat għall-istampa (10/2002 tat-12 ta' Frar 2003) biex titfakkar iż-żjara ta' l-Ombudsman Ewropew.

Wara nofsinhar, l-Ombudsman żar l-Europa-Zentrum Baden-Württemberg fi Stuttgart fejn intlaqa' mis-Sur Niels BUNJES li kien organizza ż-żjara. l-Ombudsman ta intervista lil Stuttgarter Zeitung u mbagħad ippreżenta x-xogħol tiegħu lill-ġemgħa ta' esperti u persuni interessati fis-suġġett minn istituzzjonijiet, gruppi u assoċjazzjonijiet fl-Europa-Zentrum. Il-*lecture* kellu daħla mill-Professur Dr Hans TÜMMERS mill-Institute of Management and Technology ta' Stuttgart. Wara diskussjoni ħajja li segwiet il-*lecture*, l-Ombudsman mar lura Strasbourg.

### *Speyer*

Fil-31 ta' Marzu, is-Sur Gerhard GRILL ta l-ewwel *lecture* fuq id-dritt għal amministrazzjoni tajba minn perspettiva Ewropea fl-ewwel ġurnata tar-raba' Europa-*Forum* Speyer. Is-Sinjura Paulina TALLROTH, il-Professur Dr David CAPITANT u l-Professur Dr Ricardo GARCIA MACHO tkellmu dwar l-istess suġġett mill-perspettiva ta' pajjiżhom (il-Finlandja, Franza u Spanja). Il-*forum* kien organizzat mill-Professur Dr Siegfried MAGIERA u l-Professur Dr Karl-Peter SOMMERMANN tad-Deutsche Hochschule für Verwaltungswissenschaften fi Speyer. Madwar 60 ħaddiem taċ-ċivil u uffiċjali oħra mill-Ġermanja kollha pparteċipaw f'din l-attività.

## FRANZA

### *Strasbourg*

Fit-13 ta' Frar, is-Sur SÖDERMAN attenda ikla mogħtija mis-Sindku ta' Strasbourg, is-Sinjura Fabienne KELLER, biex issellimlu qabel jirtira f'April 2003 u wkoll biex tagħti merħba lill-Ombudsman Ewropew li kien elett minfloku, is-Sur Nikiforos DIAMANDOUROS, li kien fi Strasbourg fuq xogħol.

Fis-27 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS saritlu żjara minn Ms Lucie LAVOIE, Deputat Ombudsman ta' Quebec, il-Kanada. Huma ddiskutew il-preparazzjonijiet għat-tmien Konferenza ta' International Ombudsman Institute li se ssir f'Quebec City f'Settembru 2004.

Fit-22 ta' Settembru, l-Ambaxxatur Oguz DEMILRAP, Rappreżentant Permanenti tat-Turkija fl-Unjoni Ewropea, żar lis-Sur DIAMANDOUROS fl-uffiċċju tiegħu fi Strasbourg. Ġew diskussi numru ta' suġġetti fosthom il-prospetti li titwaqqaf istituzzjoni ta' l-ombudsman fit-Turkija.

Fil-21 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS għamel diskors f'laqgħa waqt ikla tal-Kangaroo Group tal-Parlament Ewropew. Is-Sur DIAMANDOUROS kien mistieden mill-President tal-Kangaroo Group (il-Grupp Interparlamentari għal Moviment Ħieles), Karl VON WOGAU MPE.

Il-mexxej tal-laqgħa, l-EARL of STOCKTON introduċa lis-Sur DIAMANDOUROS li tkellem dwar ir-rwol ta' l-Ombudsman biex jiddefendi d-drittijiet taċ-ċittadini f'pajjiżi demokratiċi. 'Il fuq minn 50 membru tal-Parlament Ewropew, uffiċjali Ewropej, ġurnalisti u rappreżentanti ta' l-industrija u tal-kummerċ attendew il-laqgħa.

Fit-18 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS ta *lecture* lill-Assoċjazzjoni ta' l-iStudenti ta' l-Institut d'Etudes Politiques de Strasbourg fuq ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew fid-difiża tad-drittijiet taċ-ċittadini.

*Kunsill ta' l-Ewropa – Seminar ta' Taħriġ għall-Media*

Fit-12 u t-13 ta' Mejju, Ms Rosita AGNEW attendiet *seminar* ta' taħriġ għal dawk li jaħdmu fil-*media* li kien organizzat mill-Kunsill ta' l-Ewropa fi Strasbourg.

Madwar ħmistax-il ruħ mill-Kunsill ħadu sehem fis-*seminar* li sar minn żewġ membri ta' l-iSpokesperson and Press Division tal-Kunsill – is-Sur Alun DRAKE, li qabel ħadem bħala ġurnalist mal-BBC u Ms Cathy BURTON, li qabel kienet ġurnalista għall-istampa u r-radju fir-Renju Unit. Is-*seminar* kellu l-għan li jħarreġ lill-membri tad-Direttorju ta' Esperti tal-Kunsill, li bħala parti mix-xogħol tagħhom se jsibu li se jkollhom jitkellmu aktar ta' spiss mal-ġurnalisti. l-għanijiet tal-kors kienu biex titqajjem kuxjenza ta' kif taħdem il-*media* u biex jiġu mgħallma l-ħiliet li huma meħtieġa fir-relazzjonijiet mal-*media*. Il-parteċipanti għamlu intervisti għar-radju u t-televiżjoni u ngħataw pariri dwar kif jistgħu jtejjbu ix-xogħol tagħhom.

*Il-Kunsill ta' l-Ewropa – Laqgħa ma' ambaxxaturi ta' pajjiżi msieħba fl-Unjoni Ewropea u ta' Pajjiżi Applikanti*

Fit-28 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mar-Rappreżentanti Permanenti ta' pajjiżi msieħba fl-Unjoni Ewropea u ta' Pajjiżi Applikanti għall-Kunsill ta' l-Ewropa. Hu ġie mistieden jindirizza l-laqgħa mill-Ambaxxatur Athanassios THEODORACOPOULOS, Rappreżentant Permanenti tal-Greċja fil-Kunsill ta' l-Ewropa.

Fid-diskors tiegħu, is-Sur DIAMANDOUROS tkellem dwar numru ta' suġġetti fosthom id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, il-Konvenzjoni Ewropea u r-rwol ta' l-Ombudsman. Kien hemm diskussjoni ħajja u interessanti wara dan l-intervent, li matulha tqajjmu suġġetti bħat-trasparenza, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem.

*Pariġi*

Fil-5 ta' Ġunju, is-Sur HARDEN għamel preżentazzjoni dwar ir-responsabbiltajiet ta' l-Ombudsmen fl-kuntest tad-drittijiet tal-bniedem f'laqgħa fuq "L-Istituzzjoni ta' l-Ombudsman" li kienet organizzata f'Pariġi mill-Kumitat dwar Affarijiet Legali u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

*Epernay*

Fil-25 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni fl-Entretiens européens d'Epernay. Is-Sur DIAMANDOUROS kien mistieden jitkellem fil-konferenza mis-Sur Bernard STASI, il-Médiateur Franċiż u President ta' l-Entretiens européens d'Epernay. Is-Sur DIAMANDOUROS tkellem dwar "l-Ombudsman Ewropew u ċ-ċittadini fl-Ewropa ta' għada" (Le Médiateur européen et les citoyens dans l'Europe de demain).



## SVEZJA

*Stokkolma*

Fit-3 u l-4 ta' Marzu, is-Sur SÖDERMAN żar Stokkolma. Hu kien akkumpanjat mill-assistent tiegħu, is-Sur Juan MALLEA.

Fit-3 ta' Marzu, is-Sur SÖDERMAN kien mistieden għal laqgħa fil-Kanċellerija tal-Gvern bil-parteċipazzjoni tas-Sur Olle ABRAHAMSSON, is-Sur Carl Henrik EHRENKRONA, is-Sur Bosse HEDBERG, is-Sur Henrik JERMSTEN, Ms Helena JÄDERBLOM, Ms Kristina SVAHN STARRSJÖ u s-Sur Kenneth NORDLANDER. Kien hemm ukoll preżenti s-Sur Christian ANDERSSON, Kap ta' l-uffiċċju informazzjoni tal-Parlament Ewropew u s-Sur Hans ALLDÉN, Kap ta' l-uffiċċju tal-Kummissjoni fi Stokkolma.

Fl-4 ta' Marzu filgħodu, is-Sur SÖDERMAN, akkumpanjat mis-Sur Hans ALLDÉN, kellu laqgħa mas-Segretarju ta' l-Istat is-Sur Dan ELAISSON fil-Ministeru tal-Ġustizzja Svediż.

Wara l-laqgħa hu ta preżentazzjoni dwar l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew lill-membri tat-tliet Kumitati Parlamentari Svediżi: il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, immexxi mis-Sur Gunnar HÖKMARK; il-Kumitat għall-Affarijiet ta' l-UE, immexxi minn Ms Inger SEGELSTRÖM; u l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, immexxi mis-Sur Berndt EKHOLM. Il-laqgħa saret fil-bini nofs tond tal-Parlament Svediż.

Wara nofsinhar ta' l-4 ta' Marzu, is-Sur SÖDERMAN ipparteċipa f'simposju fl-Aula Magna ta' l-Università ta' Stokkolma, bl-isem "Ewropa għaċ-Ċittadini jew għall-Politiċi?" Parteċipanti oħra kienu l-Professur Tommy MÖLLER, is-Sur Göran MAGNUSSON, is-Sur Göran LENNMARKER u s-Sur Kenneth KVIST. Organizzat mill-Uffiċċju Informazzjoni tal-Parlament Ewropew flimkien ma' l-iStockholm Institute for European *Policy* Studies (SIEPS), l-avveniment kellu lill-ġurnalista Ms Ylva NILSSON bħala mderatur. Wara l-*lecture* ta' l-Ombudsman Ewropew saru mistoqsijiet mill-istudenti.

## ITALJA

### *Firenze*

Mit-12 sas-16 ta' Ġunju, l-Ombudsman Ewropew kellu sensiela ta' laqgħat f'Firenze. is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat fil-laqgħat kollha minn Ms Ida PALUMBO mill-Uffiċċju tiegħu.

Fit-12 ta' Ġunju, is-Sur DIAMANDOUROS ġie milqugħ ġewwa Firenze mill-Ombudsman reġjonali tat-Toscana u koordinatur għall-ombudsmen reġjonali Taljani, is-Sur Romano FANTAPPIÈ. Filgħaxija, is-Sur FANTAPPIÈ ta' ikla f'ġieħ is-Sur DIAMANDOUROS li għaliha attenda wkoll il-kap ta' l-uffiċċju tas-Sur FANTAPPIÈ u xi membri ta' l-is*taff* tiegħu.

Filgħodu tat-13 ta' Ġunju, l-Ombudsman Ewropew kellu sensiela ta' laqgħat ma' awtoritajiet lokali u reġjonali. Hu ltaqa' mal-President tal-Kunsill tal-Belt, Dr Alberto BRASCA, ma' l-Ombudsman ta' Firenze, Dr Francesco LOCOCCIOLO, u mal-President tal-Kunsill reġjonali, is-Sur Riccardo NENCINI.

Is-Sur DIAMANDOUROS imbagħad attenda laqgħa għal għadd ta' Ombudsmen reġjonali Taljani u xi ombudsmen lokali. Is-Sur DIAMANDOUROS fisser kif jaħdem l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew u semma l-prijoritajiet tiegħu. Wara d-diskors tiegħu kien hemm sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet.

Wara nofsinhar, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-parteċipanti fil-126 laqgħa tal-Bergedorf *Round Table* li kienet organizzata mill-Fondazzjoni Körber. Filgħaxija hu kien mistieden għal ikla mill-Fondazzjoni.

Fl-14 u l-15 ta' Ġunju, l-Ombudsman attenda r-*Round Table* fil-Villa la Fonte f'San Domenico di Fiesole. Is-suġġett tar-*Round Table*, immexxija minn Dr Richard von WEIZSÄCKER kien "Il-futur tad-Demokrazija fl-Ewropa". Kien ġie ppjanat li jsiru tliet sessjonijiet ta' diskussjoni. l-ewwel sessjoni ħarset lejn l-iżvilupp politiku u storiku ta' tmexxija demokratika fl-Ewropa fid-diversità reġjonali u strutturali tagħha. Matul it-tieni sessjoni kien hemm dibattitu dwar kriżijiet, toroq ta' riforma, u ħarsa komparattiva lejn il-mezzi possibbli li bihom tiġġedded id-demokrazija fuq livell nazzjonali. It-tielet sessjoni ħarset lejn il-prospetti fil-ġejjieni ta' l-Unjoni Ewropea, kif ukoll lejn il-possibiltajiet u l-limiti ta' demokrazija li tmur lil hinn minn livell nazzjonali.

Fis-16 ta' Ġunju, is-Sur DIAMANDOUROS kellu laqgħa bilaterali mal-President ta' l-Istitut Universitarju Ewropew ta' Firenze, il-Professur Yves MÉNY.

## IRLANDA

Fil-11 ta' Lulju, is-Sur DIAMANDOUROS ta diskors dwar The role of the Ombudsman in applying the Charter of Fundamental Rights fl-Istitut ta' l-Affarijiet Ewropej f'Dublin. Wara din il-preżentazzjoni kien hemm diskors mill-Ombudsman Nazzjonali ġdid ta' l-Irlanda, is-Sinjura Emily O'REILLY. Fl-ewwel indirizz pubbliku tagħha minn mindu ħadet il-kariga, is-Sinjura O'REILLY tkellmet fuq id-dritt għal amministrazzjoni tajba, id-dritt għal aċċess għal dokumenti u fuq kif jidher l-Ombudsman mill-perspettiva Irlandiża.

Aktar tard dakinhar, is-Sur DIAMANDOUROS, akkumpanjat mis-Sur Olivier VERHEECKE u minn Ms Rosita AGNEW, kellu laqgħa mal-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti Irlandiża, Dr Rory O'HANLON, li hu wkoll il-President tal-Kummissjoni għas-Servizz Ċivili. Wara l-laqgħa, is-Sur DIAMANDOUROS ittieħed iżur il-bini tal-Kamra tar-Rappreżentanti.

## FINLANDJA

Mis-6 sal-10 ta' Settembru, l-Ombudsman Ewropew, is-Sur P. Nikiforos DIAMANDOUROS kellu sensiela ta' laqgħat, *lectures* u laqgħat mal-*media* fil-Finlandja bħala parti miż-żjara biex ixerred l-informazzjoni fl-iStati Membri u Stati li applikaw biex isiru Membri. Is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mis-Sinjura Benita BROMS u s-Sur Ben HAGARD.



Is-Sur Diamandouros, is-Sinjura Riitta Nikula, is-Sur Paavo Nikula, Kanċillier tal-Ġustizzja tal-Finlandja u s-Sinjura Magda Diamandouros. Helsinki, il-Finlandja, 6 ta' Settembru 2003.

Fis-6 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS kellu laqgħa waqt l-ikla ta' nofsinhar mal-Kanċillier tal-Ġustizzja tal-Finlandja, is-Sur Paavo NIKULA u martu Riitta NIKULA. Id-diskussjonijiet matul il-laqgħa kienu dwar l-oqsma ta' kompetenza rispettivi ta' l-Ombudsman Parlamentari u l-Kanċillier tal-Ġustizzja fil-Finlandja, ir-relazzjonijiet ta' xogħol bejn dawn l-istituzzjonijiet u l-involviment tagħhom f'suġġetti li jolqtu l-UE.

Fis-7 ta' Settembru, is-Sur u s-Sinjura DIAMANDOUROS qattgħu l-ġurnata ma' l-ewwel Ombudsman Ewropew, is-Sur Jacob SÖDERMAN u martu Raija SÖDERMAN. l-erbgħa li huma

żaru Ekenäs, belt fuq il-kosta li hi storikament importanti u li tinsab fil-punent tal-Finlandja u żaru l-kampanja tal-madwar.

Filgħodu tat-8 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS żar lid-Deputat Kanċillier tal-Ġustizzja tal-Finlandja, is-Sur Jaako JONKKA. Is-Sur JONKKA u membri ta' l-i*staff* tal-Kanċillier li kienu preżenti għal-laqgħa taw ideja ġenerali ta' kif jaħdem il-Kanċillier tal-Ġustizzja.



Is-Sinjura Riitta-Leena Paunio, Ombudsman Parlamentari tal-Finlandja, is-Sur Diamandouros u s-Sur Paavo Lipponen, Speaker tal-Parlament Finlandiż. Helsinki, il-Finlandja, 10 ta' Settembru 2003.

Wara l-laqgħa mad-Deputat Kanċillier tal-Ġustizzja, is-Sur DIAMANDOUROS għamel diskors lill-i*staff* tal-Kanċillier tal-Ġustizzja dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew. Imbagħad segwiet sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet li fiha ġew diskussi bosta suġġetti ta' interess komuni.

Is-Sur DIAMANDOUROS imbagħad kellu laqgħa waqt ikla mal-Membri Finlandiżi tal-Parlament Ewropew, jiġifieri is-Sinjura Ulpu IIVARI, is-Sinjura Eija-Riitta KORHOLA u s-Sur Matti WUORI. Il-laqgħa kienet organizzata u l-istedina kienet ħarġet mis-Sur Renny JOKELIN, Kap ta' l-Uffiċċju Informazzjoni tal-Parlament Ewropew f'Helsinki. Is-suġġetti li ġew diskussi kienu ż-żjarat ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew fil-Pajjiżi Applikanti għal sħubija fl-UE, il-kooperazzjoni ma' ombudsmen nazzjonali u l-veduti ta' l-Ombudsman Ewropew dwar l-Abbozz tat-Trattat tal-Kostituzzjoni.

Wara l-laqgħa waqt ikla mal-Membri tal-Parlament Ewropew, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-President tal-Qorti Suprema tal-Finlandja u li qabel kien serva bħala Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, is-Sur Leif SEVÓN. Is-suġġetti li kienu diskussi kienu ż-żjarat ta' informazzjoni fil-Pajjiżi Applikanti, il-kooperazzjoni ma' l-ombudsmen nazzjonali u korpi simili fil-Pajjiżi Applikanti ta' l-UE.

Filgħodu tad-9 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS żar l-uffiċċju ta' l-Ombudsman Parlamentari tal-Finlandja. Hu beda ż-żjara tiegħu b'laqgħa ma' l-Ombudsman Parlamentari, is-Sinjura Riitta-Leena PAUNIO, iż-żewġ Deputati tagħha, is-Sur Ikka RAUTIO u s-Sur Petri JÄÄSKELÄINEN u l-*Liaison Officer*, is-Sinjura Riitta LÄNSISYRJÄ. Is-Sinjura PAUNIO iddeskriviet l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Parlamentari u kif jinqasam ix-xogħol bejnha u bejn iż-żewġ Deputati tagħha. Suġġetti li qamu waqt il-laqgħa kienu jinkludu lmenti dwar il-liġi tal-Komunità li kienet ħadet ħsiebhom l-Ombudsman Parlamentari.

Wara l-laqgħa tiegħu ma' l-Ombudsman Parlamentari, is-Sur DIAMANDOUROS kellem lill-i*staff* ta' l-Ombudsman Parlamentari dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew. Hu spjega kif jaħdem l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew u fisser l-għanijet ewlenin tiegħu. Wara kien hemm sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet li fiha tqajmu bosta punti ta' interess għaż-żewġ naħat.

Wara l-ikel, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Timo MÄKELÄ, Kap tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea fil-Finlandja. Waqt id-diskussjoni huma tkellmu dwar ix-xogħol tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni, aċċess għal dokumenti, is-sistema SOLVIT u s-sistema EURO*J*US. Fi tmiem il-laqgħa, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' ma' l-avukat Finlandiż tal-EURO*J*US, is-Sur Juri KAINULAINEN.

Dak in-nhar filgħaxija, is-Sinjura Riitta-Leena PAUNIO tat ikla ad unur is-Sur DIAMANDOUROS u s-Sinjura tiegħu. Fost dawk li ħadu sehem f'din l-ikla kien hemm l-ewwel Ombudsman Ewropew, is-Sur Jacob SÖDERMAN u martu s-Sinjura Raija SÖDERMAN, il-President tal-Qorti Suprema, is-Sur Leif SEVÓN, il-President tal-Qorti Amministrattiva Suprema, is-Sur Pekka HALLBERG, il-Kanċillier tal-Ministeru tal-Ġustizzja, is-Sinjura Kirsti RISSANEN, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Finlandiż, is-Sur Seppo TIITINEN, il-persuna li tokkupa s-sedja Jean Monnet fl-Università ta' Turku, il-Professur Esko ANTOLA, u żewġ Deputati Ombudsmen Parlamentari, is-Sur Ikka RAUTIO u s-Sur Petri JÄÄSKELÄINEN.



Is-Sur Diamandouros u s-Sur Matti Vanhanen, Prim Ministru tal-Finlandja.
Helsinki, il-Finlandja, 10 ta' Settembru 2003.

Fl-10 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' ma' l-iSpeaker tal-Parlament Finlandiż, is-Sur Paavo LIPPONEN. l-Ombudsman Parlamentari, is-Sinjura Riitta-Leena PAUNIO attendiet ukoll għal din il-laqgħa

Is-Sur DIAMANDOUROS imbagħad iltaqa' mal-Prim Ministru tal-Finlandja, is-Sur Matti VANHANEN. Is-Sur DIAMANDOUROS tkellem dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew u ppreżenta ż-żewġ proposti tiegħu biex jitjieb l-Abbozz tat-Trattat tal-Kostituzzjoni.

Waqt ikla, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mad-Direttriċi tar-Riċerka fiċ-Ċentru għall-Istudji Ewropej fid-Dipartiment tax-Xjenza Politika fl-Università ta' Helsinki, is-Sinjura Teija TIILIKAINEN. Ġew diskussi l-possibbiltajiet li ċentri ta' l-iStudji Ewropej jaħdmu flimkien jew għal rashom biex jiżviluppaw korsijiet dwar l-akkontabilità f'sistema demokratika b'mod ġenerali jew dwar l-Ombudsman Ewropew b'mod partikolari.

Wara l-laqgħa mas-Sinjura TIILIKAINEN, is-Sur DIAMANDOUROS ta *lecture* pubbliku fiċ-Ċentru għall-Istudji Ewropej dwar "Id-drittijiet taċ-ċittadini, sistemi ta' rimedju u l-Ombudsman Ewropew". Attendew 'il fuq minn 50 persuna minn ambjenti differenti fosthom studenti mill-Università ta' Ħelsinki, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi u uffiċjali minn Ministeri Finlandiżi li x-xogħol tagħhom jinvolvi t-tixrid ta' informazzjoni liċ-ċittadini dwar l-Unjoni Ewropea.

## IR-RENJU UNIT

### *Seminar fil-University College, Londra*

Fid-9 ta' Settembru, is-Sur HARDEN ta *seminar* fil-Constitution Unit ta' University College ta' Londra dwar aċċess għall-pubbliku għall-informazzjoni u d-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet Ewropej. Is-*seminar* tmexxa mill-Professur Partick BIRKINSHAW ta' l-Università ta' Hull u attendew għalih, fost oħrajn, id-Direttur tal-Constitution Unit, il-Professur Robert HAZELL.

### *Londra*

Fit-23 u l-24 ta' Novembru, l-Ombudsman Ewropew kellu sensiela ta' laqgħat u *lectures* f'Londra.

Fit-23 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-Professur Robert JOWELL, Direttur tas-Centre for Comparative Social Surveys ta' City University f'Londra biex bejniethom jiddiskutu il-metodi kif wieħed jista' jwettaq riċerka biex ikejjel kemm il-klijenti jkunu sodisfatti bix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew.

Fl-24 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' ma' l-Ombudsman għall-Parlament u għas-Servizzi tas-Saħħa, is-Sinjura Ann ABRAHAM, id-Deputat tagħha is-Sinjura Trish LONGDON u mas-Sur Tony REDMOND, Chairman u Kap Eżekuttiv tal-Commission for Local Administration (England) and Local Government Ombudsman. Is-suġġetti li kienu diskussi fil-laqgħa kienu l-iżviluppi fir-rwol ta' l-Ombudsman għall-Parlament u għas-Servizzi tas-Saħħa fir-Renju Unit u l-kooperazzjoni bejn l-uffiċċji ta' l-Ombudsman.

Wara l-ikel, is-Sur DIAMANDOUROS kellem lill-i*staff* ta' l-Ombudsman għall-Parlament u għas-Servizzi tas-Saħħa dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew. Hu fisser kif jaħdem l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew u spjega l-prijoritajiet tiegħu. Wara kien hemm sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet li fiha kien hemm diskussjoni dwar suġġetti ta' interes komuni. Aktar tard wara nofs in-nhar, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' ma' dak li qabel kien l-Ombudsman għall-Parlament u għas-Servizzi tas-Saħħa, Sir Michael BUCKLEY.

Wara li attenda laqgħa mal-membri tal-Board of Athens College fil-Hellenic Centre ta' Londra, is-Sur DIAMANDOUROS temm il-ġurnata meta ta il-2003 Athens College Alumni Prestigious *Lecture* dwar The Ombudsman as a Mechanism of Accountability in Modern Democracies. Wara l-*lecture* kien hemm riċeviment.

## ESTONJA

### *Tallinn*

Mill-Ħamis 11 sal-Ġimgħa 12 ta' Settembru, l-Ombudsman Ewropew, is-Sur P. Nikiforos DIAMANDOUROS kellu sensiela ta' laqgħat, *lectures* u avvenimenti għall-*media* fl-Estonja, bħala parti miż-żjara tiegħu ta' informazzjoni fl-iStati Membri u fl-iStati Applikanti ta' l-Unjoni Ewropea. Is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mis-Sinjura Benita BROMS u mis-Sur Ben HAGARD.

Filgħodu tal-Ħamis 11 ta' Settembru 2003, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Allar JÕKS, Kanċillier Legali ta' l-Estonja u mad-Direttur ta' l-Uffiċċju tal-Kanċillier Legali, Ms Egle KÄÄRATS. Is-Sur JÕKS u Ms KÄÄRATS tkellmu dwar ix-xogħol in ġenerali tal-Kanċillier Legali. Is-suġġetti li tqajjmu waqt id-diskussjoni kienu jinkludu ż-żjarat ta' informazzjoni li kien għaddej bihom l-Ombudsman Ewropew, il-kooperazzjoni bejn l-ombudsmen u korpi simili fl-Ewropa, id-diversità

lingwistika ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew u l-konsegwenzi tat-tkabbir fuq l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew.





*(Xellug)* Is-Sur Diamandouros u s-Sur Juhan Parts, Prim Ministru ta' l-Estonja. *(Lemin)* Is-Sur Diamandouros u s-Sur Arnold Rüütel, President ta' l-Estonja. Tallinn, l-Estonja, 11 ta' Settembru 2003.

Wara l-laqgħa mas-Sur JÕKS, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-Prim Ministru ta' l-Estonja, is-Sur Juhan PARTS. Il-Kanċillier Legali, is-Sur JÕKS, attenda wkoll għal-laqgħa. Il-Prim Ministru qal li ċ-ċittadini ta' l-Estonja huma ħerqana ħafna li jkunu jafu dwar id-drittijiet tagħhom, kemm fuq livell nazzjonali u issa wkoll fuq livell Ewropew. Is-Sur DIAMANDOUROS fisser ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lill-Prim Ministru u spjegalu l-għan taż-żjarat tiegħu ta' informazzjoni. Waqt id-diskussjoni issemmew suġġetti bħalma huma r-referendum tal-ġimgħa ta' wara fl-Estonja dwar is-sħubija fl-UE, iċ-Charter tad-Drittijiet Fundamentali u ż-żewġ proposti ta' l-Ombudsman Ewropew biex jitjieb l-Abbozz tat-Trattat tal-Kostituzzjoni.



Is-Sur Diamandouros, is-Sinjura Benita Broms, is-Sur Allar Jõks, Kanċillier Legali ta' l-Estonja u Ms Egle Käärats, Direttriċi ta' l-Uffiċċju Legali tal-Kanċillier. Tallinn, l-Estonja, 11 ta' Settembru 2003.

Filgħaxija, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-President ta' l-Estonja, is-Sur Arnold RÜÜTEL. Il-Kanċillier Legali, is-Sur JÕKS, attenda wkoll il-laqgħa. Is-Sur DIAMANDOUROS fisser ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lill-President u spjega l-għan taż-żjarat tiegħu ta' informazzjoni. Il-President semma għadd ta' sfidi li għandha quddiemha l-Estonja u tkellem dwar il-ħsibijiet tiegħu fuq il-futur. Is-Sur DIAMANDOUROS ressaq iż-żewġ proposti tiegħu għal titjib fl-Abbozz tat-Trattat tal-Kostituzzjoni.

Filgħodu tal-Ġimgħa 12 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mal-Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummisjoni Ewropea għall-Estonja, is-Sur John KJAER. Is-suġġetti li ddiskutew kienu jinkludu ż-żjarat ta' informazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew, il-mezzi l-aktar effettivi biex titwassal l-informazzjoni liċ-ċittadini tal-Pajjiżi Applikanti fl-UE, u l-istruttura preżenti u futura ta' l-uffiċċji tal-Kummissjoni Ewropea fil-Pajjiżi Applikanti.

Matul l-ikla ta' nofsinhar tal-Ġimgħa, is-Sur DIAMANDOUROS ta *lecture* pubbliku fuq Democracy, accountability and the institution of the ombudsman fil-Librerija Nazzjonali ta' l-Estonja. Attendew 'il fuq minn 130 persuna minn ambjenti differenti fosthom studenti mill-Università ta' Tallinn, rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet non-governattivi, uffiċjali mill-Ministeri ta' l-Estonja u attivisti miż-żewġ naħat tal-kampanja fir-referendum dwar sħubija fl-UE li kien se jsir fi tmiem il-ġimgħa ta' wara.

Wara nofsinhar, is-Sur DIAMANDOUROS kellem lill-i*staff* tal-Kanċillier Legali dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew. Hu spjega kif jaħdem l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew u fisser il-prijoritajiet tiegħu. Wara kien hemm sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet li fiha ġew diskussi temi ta' interess komuni.

## SPANJA

Fit-18 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS mar Barċellona bħala parti mill-ħidma tiegħu biex iċ-ċittadini Ewropej jsiru jafu aktar dwar l-istituzzjoni.

Is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' ma' l-Ombudsman reġjonali tal-Katalonja, is-Sur CAÑELLAS, li miegħu ddiskuta mezzi kif tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-uffiċċji tagħhom u dwar l-aħjar mod li bih iċ-ċittadini jistgħu jinqdew. Is-Sur DIAMANDOUROS kellu l-opportunità li jkollu laqgħa informali u jibdel xi fehmiet ma' xi wħud mill-i*staff* tas-Sur CAÑELLAS.

Matul iż-żjara tiegħu, l-Ombudsman Ewropew ta d-diskors tal-ftuħ fis-VI Kungress Spanjol fuq ix-Xjenza Politika fl-Università ta' Barċellona. Fid-diskors tiegħu s-Sur DIAMANDOUROS fisser ir-rwol kruċjali ta' l-Ombudsmen fid-demokraziji moderni biex l-awtoritajiet pubbliċi jinżammu responsabbli ta' għemilhom. Il-viċi-kanċillieri tat-tliet universitajiet ta' Barċellona kif ukoll numru ta' membri tal-gvern Katalan kienu fost il-pubbliku li attenda.

## TUNISIJA

*It-Tielet Kungress Statutorju Ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Ombudsmen tal-pajjizi li jitkellmu l-Franċiż.*

Fl-14 u l-15 ta' Ottubru, is-Sur Nikiforos DIAMANDOUROS, akkumpanjat mis-Sur Olivier VERHEECKE, attenda t-Tielet Kungress Statutorju ta' l-Assoċjazzjoni ta' l-Ombudsman tal-pajjizi li jitkellmu l-Franċiż (3ème Congrès Statutaire de l'Association des Ombudsmans et Médiateurs de la Francophonie - AOMF) li saret f'Yasmine Hammamet, it-Tunisija. Il-Kungress kien iġib l-isem L'Ombudsman/Médiateur, acteur de la transparence administrative.

Il-Kungress infetaħ uffiċjalment filgħodu ta' l-14 ta' Ottubru mis-Sur Béchir TEKKARI, Ministru tal-Ġustizzja u Drittijiet tal-Bniedem tat-Tuneżija. Kelliema oħrajn fiċ-ċerimonja tal-ftuħ kienu s-Sinjura Alifa FAROUK, Ombudsman tar-Repubblika Tuniżina, is-Sur Bernard STASI, President ta' l-AOMF u Ombudsman Franċiż, is-Sinjura Maria Grazia VACCHINA, Segretarju Ġenerali ta' l-AOMF u Ombudsman Reġjonali tal-Valle d'Aosta fl-Italja u s-Sur Daniel JABOBY, Membru Onorarju ta' l-AOMF.

Fl-ewwel sessjoni tal-Kungress, is-Sur DIAMANDOUROS ta *lecture* dwar Le Médiateur européen, les droits fondamentaux et la future Constitution pour l'Europe. Kelliema oħrajn kienu s-Sur Hatem BEN SALEM, Segretarju ta' l-Istat għar-Relazzjonijiet Barranin u s-Sinjura FAROUK.

Fis-sessjoni ta' wara nofsinhar, ingħataw diskorsi mis-Sur JACOBY, is-Sur Anton CAÑELLAS, Ombudsman Reġjonali tal-Katalonja, u s-Sur Nourreddine BEN FARHAT, Direttur Ġenerali taċ-Ċentru ta' l-Informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet mhux governattivi (IFADA).

Filgħaxijiet ta' l-14 u l-15 ta' Ottubru rispettivament, id-delegazzjoni tal-Kungress intlaqgħet uffiċjalment mis-Sur Mohamed GHANNOUCHI, Prim Ministru tar-Repubblika Tuneżina u s-Sur Mondher ZENAÏDI, Ministru għat-Turiżmu u l-Kummerċ.

## ĊIPRU

Fid-9-10 ta' Ottubru, l-Ombudsman Ewropew attenda l-konferenza internazzjonali dwar The Changing Nature of the Ombudsman Institution in Europe f'Nikosija, Ċipru. Il-konferenza kienet organizzata mill-Kummissarju għall-Amministrazzjoni ta' Ċipru, Ms Eliana NICOLAOU u attendew għaliha 'l fuq minn 40 parteċipant minn 25 pajjiż. Il-Laqgħa Annwali tal-Membri li għandhom vot tar-reġjun Ewropew ta' l-International Ombudsman Institute saret ukoll waqt il-konferenza, taħt it-tmexxija ta' Dr Herman WUYTS, li hu l-Viċi-President Reġjonali tar-reġjun ta' l-Ewropa ta' l-IOI. Is-Sur Ian HARDEN u Ms Rosita Agnew akkumpanjaw lis-Sur DIAMANDOUROS.




© Il-Kummissarju għall-Amministrazzjoni ta' Ċipru

Dr Herman Wuyts, Viċi-President Reġjonali tar-Reġjun Ewropew ta' l-IOI., Ms Eliana Nicolaou, Kummissarju għall-Amministrazzjoni f'Ċipru, is-Sur Arne Fliflet, Ombudsman Parlamentari tan-Norveġja, Ms Kerstin André, Ombudsman tal-Ġustizzja ta' l-Isvezja, is-Sur Diamandouros, is-Sur Joseph Sammut, Ombudsman Nazzjonali ta' Malta u s-Sur Roel Fernhout, Ombudsman Nazzjonali ta' l-Olanda, waqt il-konferenza Changing Nature of the Ombudsman Institution in Europe. Nicosia, Ċipru, 9 ta' Settembru 2003.

Il-konferenza nfetħet mill-President ta' Ċipru, is-Sur Tassos PAPADOPOULOS. Is-Sur DIAMANDOUROS indirizza l-konferenza fuq The role of Ombudsmen in applying the European Union Charter. l-Ombudsmen ta' l-Olanda, is-Sur Roel FERNHOUT u tal-Belġju, Dr Herman WUYTS tkellmu dwar The role of the Ombudsman in the Protection of Social Rights u Supporting and Strengthening the Ombudsman Institution rispettivament.

## UNGERIJA

Mis-27 sat-28 ta' Ottubru, l-Ombudsman Ewropew, is-Sur P. Nikiforos DIAMANDOUROS kellu sensiela ta' laqgħat, *lectures* u laqgħat mal-*media* fl-Ungerija bħala parti miż-żjarat tiegħu ta' informazzjoni f'Pajjiżi Membri u Pajjiżi Applikanti ta' l-Unjoni Ewropea. Is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat f'kull attività li saret mis-Sur Alessandro DEL BON u minn Ms Rosita AGNEW.

Nhar is-27 ta' Ottubru filgħodu, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mat-tliet Kummissarji Parlamentari, jiġifieri s-Sur Barnabás LENKOVICS, is-Sur Jenö KALTENBACH (Kummissarju Parlamentari għad-

Drittijiet Nazzjonali u ta' Minoranzi Etniċi) u s-Sur Attila PETERFALVI (Kummissarju Parlamentari għall-Protezzjoni u l-Libertà ta' l-Informazzjoni), flimkien mad-Deputat Kummissarju Parlamentari għad-Drittijiet Ċivili, is-Sur Albert TAKACS. Ms Erzsébet WOLF, Direttriċi ta' l-Uffiċċju, attendiet ukoll għal-laqgħa. Fost is-suġġetti diskussi kien hemm id-drittijet tal-minoranzi, rimedji mhux ġudizzjarji u l-mandat ta' l-Ombudsman Ewropew.

Is-Sur DIAMANDOUROS imbagħad kellem lill-i*staff* tal-Kummissarji Parlamentari dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew. Hu spjega kif jaħdem l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew u semma l-lista tal-prijoritajiet tiegħu. Wara d-diskors tiegħu kien hemm sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet fejn fost il-punti li tqajmu kien hemm dwar il-mod kif l-Ombudsman iħares lejn it-trasparenza u dwar l-għadd ta' ilmenti li jaslulu minn fost l-ilmenti kollha fuq in-nuqqas ta' trasparenza. Ms Rosita AGNEW imbagħad spjegat kif taħdem is-sistema ta' bdil ta' kuntatti bejn l-Ombudsman Ewropew u uffiċċji oħra u x'mezzi jintużaw għall-bdil ta' informazzjoni.

Is-Sur DIAMANDOUROS imbagħad iltaqa' mad-Deputat Speaker ta' l-Assemblea Nazzjonali, is-Sur László MANDUR. Is-Sur LENKOVICS, is-Sur PETERFALVI u Ms Eva LISTAR (responsabbli għar-relazzjonijiet mal-Parlament) attendew ukoll għal-laqgħa. Is-Sur DIAMANDOUROS spjega fil-qosor ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew u fisser l-għan taż-żjarat tiegħu ta' informazzjoni li kien għaddej bihom. Imbagħad kien hemm diskussjoni qasira dwar l-abbozz tal-Kostituzzjoni għall-Ewropa, li matulha s-Sur DIAMANDOUROS semma l-għadd kbir ta' mezzi li ċ-ċittadini għandhom biex jiddefendu d-drittijiet tagħhom.

Wara nofsinhar, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mar-Rettur ta' l-Università Eötvös Loránd u mad-Dekan tal-Fakultà tal-Liġi. Ir-Rettur, il-Professur Istvan KLINGHAMMER, laqa' lill-Ombudsman u tkellem fil-qosor dwar l-istorja ta' l-Università, li qal li kienet l-eqdem u l-akbar fl-Ungerija. Is-Sur DIAMANDOUROS spjega r-raġuni għaż-żjara tiegħu fl-Ungerija u tkellem dwar x'ifisser ix-xogħol tiegħu. Is-Sur DIAMANDOUROS imbagħad ta *lecture* pubbliku fl-Università bl-isem Democracy, accountability and the institution of the ombudsman. 'Il fuq minn 40 persuna attendew għal dan il-*lecture*, l-aktar studenti u professuri mill-Unversità.

Filgħaxija, is-Sur LENKOVICS ta ċena f'ġieħ is-Sur DIAMANDOUROS. Il-Professuri Judith SANDOR u Gabor TOKA mill-Università Ċentrali Ewropea attendew ukoll għaċ-ċena. Id-diskussjoni kienet l-aktar dwar każijiet ta' importanza kbira li l-Kummissarji Parlamentari Ungeriżi kienu ttrattaw, fosthom każ dwar id-dritt għall-ħajja u l-problema kontinwa ta' segregazzjoni fl-iskejjel.

Fit-28 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS kellu laqgħa mal-Prim Ministru ta' l-Ungerija, is-Sur Péter MEDGYESSY li fiha l-Ombudsman spjega fil-qosor ix-xogħol tiegħu u fisser l-għan taż-żjarat ta' informazzjoni li hu kien qed jagħmel. Hu kkonferma l-impenn kontinwu ta' l-Ombudsman Ewropew lejn diversità lingwistika f'Unjoni Ewropea li jkollha iżjed membri u rrefera għat-tema ta' minoranzi etniċi u għall-abbozz tal-Kostituzzjoni. Il-Prim Ministru ħa pjaċir li l-Ombudsman kien qajjem dan il-punt għaliex dan kien ta' importanza kbira għall-Ungerija.

Is-Sur DIAMANDOUROS imbagħad iltaqa' mas-Sur László SZASZFALVI, Chairman tal-Kumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem, Minoranzi u Reliġjon. Is-Sur SZASZFALVI fisser ix-xogħol tal-Kumitat li kien wasal biex jirrevedi l-Att Ungeriż dwar il-Minoranzi. Imbagħad kien hemm diskussjoni dwar il-problema tal-minoranza Roma (żingari) u l-bżonn li jissaħħu gruppi żvantaġġjati.

Wara ikla mogħtija mis-Sur KALTENBACH, is-Sur DIAMANDOUROS tkellem fil-Konferenza Internazzjonali msemmija The European Constitution – A Vision for Europe. Il-Konferenza kienet organizzata mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Madwar ħamsin ruħ attendew għal din il-laqgħa li tmexxiet mill-Ambaxxatur Ungeriż għall-UE, is-Sur Péter BALAZS.

Wara t-taħdita, is-Sur DIAMANDOUROS kellu diskussjoni mas-Sur KALTENBACH u żewġ membri ta' l-i*staff* tiegħu, dwar it-tema tal-minoranzi fl-Ungerija u l-importanza li jitħarsu d-drittijiet tagħhom. Id-diskussjoni kopriet it-tipi ta' attivitajiet li gruppi f'minoranzi jkunu mdaħħlin fihom u t-tema tas-segregazzjoni.

## DANIMARKA

Mill-5 sas-7 ta' Novembru, l-Ombudsman Ewropew kellu sensiela ta' laqgħat, *lectures* u laqgħat mal-*media* fid-Danimarka. Is-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mis-Sur José MARTÍNEZ ARAGON u mis-Sur Nicholas CATEPHORES. l-attivitajiet kollha saru fil-belt ta' Copenhagen.

Fil-5 ta' Novembru, il-ġurnata bdiet b'laqgħa mas-Sur Søren SØNDERGAARD, Kap ta' l-Uffiċċju Informazzjoni tal-Parlament Ewropew fid-Danimarka, u d-Deputat tiegħu, is-Sur Henrik GERNER HANSEN. Temi li tqajmu waqt il-laqgħa kienu jinkludu s-sitwazzjoni politika kurrenti fid-Danimarka.

Is-Sur DIAMANDOUROS imbagħad kellu bdil ta' fehmiet dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew ma' numru ta' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi u ma' rappreżentanti fl-uffiċċju tar-rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea fid-Danimarka.

Wara hu kellu *working lunch* mad-Deputat Kap tar-rappreżentanza, is-Sur Thomas CHRISTENSEN, u mal-Kap tal-Press and *Media* Service, is-Sur Michael VEDSØ. Temi li ġew diskussi kienu jinkludu l-attitudni tad-Daniżi lejn l-Unjoni Ewropea.

Wara nofsinhar is-Sur DIAMANDOUROS attenda laqgħa tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament Daniż li fiha l-Ombudsman Parlamentari Daniż, is-Sur Hans GAMMELTOFT-HANSEN, ippreżenta r-Rapport Annwali tiegħu.

L-aħħar laqgħa tal-ġurnata kienet fl-uffiċċju tad-Direttriċi Eżekuttiva ta' l-Aġenzija Ewropea dwar l-Ambjent, il-Professoressa Jacqueline McGLADE. F'din il-laqgħa ġew diskussi temi komuni bħall-impatt tar-riformi għall-i*staff* fl-Istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea u l-kooperazzjoni fuq il-Kodiċi ta' Amministrazzjoni Tajba. Għal-laqgħa kienu preżenti wkoll is-Sur Gordon McINNES, is-Sur Jef MAES u s-Sur Jeff HUNTINGTON mill-istess Aġenzija.

Fis-6 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Nils BERNSTEIN, Segretarju Permanenti fid-Dipartiment tal-Prim Ministru, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Id-diskussjoni inkludiet proposti mis-Sur DIAMANDOUROS għal emendi biex jitjieb l-Abbozz għat-Trattat Kostituzzjonali għall-Ewropa. Għal din il-laqgħa s-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mill-Ombudsman Parlamentari Daniż, is-Sur Hans GAMMELTOFT-HANSEN.

Is-Sur DIAMANDOUROS imbagħad kellu ikla ma' Membri tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali tal-Parlament Daniż fir-Restaurant tal-Parlament. Għall-ikla attendew Ms Anne BAASTRUP MP, Chairperson tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, u s-Sur Morten BØDSKOV MP, Ms Elisabeth ARNOLD MP, Ms Margrete AUKEN MP u s-Sur Hans GAMMELTOFT-HANSEN.

Is-Sur DIAMANDOUROS wara kellu laqgħa mas-Sur Friis Arne PETERSEN, Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin fl-uffiċċju tiegħu. Id-diskussjoni inkludiet il-proposti tas-Sur DIAMANDOUROS għal emendi li jtejbu l-Abbozz tat-Trattat Kostituzzjonali ta' l-Ewropa. Għal din il-laqgħa s-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mill-Ombudsman Parlamentari Daniż.

Fis-7 ta' Novembru, il-ġurnata bdiet b'laqgħa ma' l-iSpeaker tal-Parlament Daniż, is-Sur Christian MEJDAHL. Is-suġġetti diskussi inkludew ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew u l-prospetti għall-Konferenza Intergovernattiva. Għal din il-laqgħa s-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mill-Ombudsman Parlamentari Daniż.

Is-Sur DIAMANDOUROS imbagħad ta taħdita qasira dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lill-i*staff* ta' l-Ombudsman Parlamentari Daniż fl-uffiċċju tagħhom li kienet segwita bi bdil ta' veduti mas-Sur GAMMELTOFT-HANSEN.

Is-Sur DIAMANDOUROS imbagħad għamel żjara ta' kortesija lir-rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea fid-Danimarka u ltaqa' mal-Kap temporanju tagħha, is-Sur Peter LINDVALD NIELSEN.

Iż-żjara spiċċat bi pranzu uffiċjali mogħti mill-Ombudsman Parlamentari Daniż fir-Restaurant tal-Parlament.

## MALTA

Bejn id-9 u l-11 ta' Diċembru, l-Ombudsman Ewropew kellu sensiela ta' laqgħat, *lectures* u laqgħat mal-*media* f'Malta bħala parti miż-żjarat ta' informazzjoni li kien qed jagħmel fi Stati Membri u Stati Applikanti ta' l-Unjoni Ewropea. F'kull attività s-Sur DIAMANDOUROS kien akkumpanjat mis-Sur Ben HAGARD u minn Ms Ida PALUMBO.



Is-Sur Michael Frendo, Chairman tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-Kamra tar-Rappreżentanti ta' Malta, Membri tal-Kumitat u s-Sur Diamandouros. Valletta, Malta, 9 ta' Diċembru 2003.

Fid-9 ta' Diċembru, is-Sur DIAMANDOUROS iltaqa' mas-Sur Ronald GALLIMORE, Kap tad-Delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea fl-uffiċċju tad-Delegazzjoni f'Ta' Xbiex. Il-Kap ta' l-Uffiċċju Informazzjoni f'Malta tal-Parlament Ewropew, is-Sur Ron EVERS, kien ukoll preżenti għal-laqgħa. Temi li tqajmu waqt id-diskussjoni inkludew ir-referendum għas-sħubija fl-UE, x'qed jistennew iċ-ċittadini Maltin mis-sħubija fl-UE u ideat oħra dwar kif iċ-ċittadini għandhom jiġu informati dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew. Is-Sur EVERS qal li l-Uffiċċju Informazzjoni kien ser joħroġ *brochure* dwar id-drittijiet taċ-ċittadini li kien ser jitqassam f'kull dar f'Malta fir-rebbiegħa ta' l-2004.



Membri tal-Mini European Assembly u s-Sur Diamandouros. Valletta, Malta, 10 ta' Diċembru 2003.

Is-Sur DIAMANDOUROS imbagħad kellu laqgħa ma' l-Ombudsman ta' Malta, is-Sur Joseph SAMMUT u ma' membri għolja ta' l-i*staff* tiegħu. Is-Sur SAMMUT spjega fil-qosor ix-xogħol

ta' l-Ombudsman ta' Malta. Temi li tqajmu waqt id-diskussjoni kienu l-metodi mħaddma mill-Ombudsman Malti biex jinfirxu aktar fil-pajjiż l-aħjar sistemi amministrattivi, l-użu tal-lingwa Maltija u l-attenzjoni li tingħata lil terzi persuni meta jkunu qed jiġu nvestigati l-każijiet. Is-Sur SAMMUT spjega li kien ilu żmien twil jgħid lill-Parlament biex jagħti aktar kas tax-xogħol tiegħu u li, fl-aħħar, kien għadu kif twaqqaf kumitat ta' żewġ persuni biex jieħu ħsieb il-proposti li hu jkun ressaq quddiem il-Parlament.

L-aħħar laqgħa tal-ġurnata saret mal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u Ewropej tal-Kamra tar-Rappreżentanti f'Malta. Il-Chairman tal-Kumitat, is-Sur Michael FRENDO, laqa' lis-Sur DIAMANDOUROS, li mbagħad indirizza lill-Kumitat biex jispjega x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew u l-għan taż-żjara tiegħu ta' informazzjoni. Temi li ġew diskussi waqt diskussjoni twila u interessanti inkludew il-kooperazzjoni bejn l-Ombudsman Ewropew u l-ombudsmen nazzjonali u l-proposti ta' l-Ombudsman Ewropew biex jitjieb l-Abbozz tat-Trattat li ser jistabbilixxi l-Kostituzzjoni Ewropea. Iċ-Chairman informa lis-Sur DIAMANDOUROS li l-laqgħa kienet waħda storika għax din kienet l-ewwel darba li laqgħa tal-Kumitat kienet miftuħa għall-pubbliku billi kienet qed tiġi trasmessa direttament fuq l-*internet*.



Dr Edward Fenech Adami, Prim Ministru ta' Malta, is-Sur Diamandouros
u s-Sur Joseph Sammut, Ombudsman Nazzjonali ta' Malta.
Valletta, Malta, 10 ta' Diċembru 2003.

Filgħaxija, is-Sur SAMMUT ta ċena f'ġieħ l-Ombudsman Ewropew u d-delegazzjoni tiegħu. Uħud mill-i*staff* għoli ta' l-uffiċċju ta' l-Ombudsman Malti kienu preżenti.

Fl-10 ta' Diċembru, il-ġurnata bdiet b'laqgħa ma' Dr Alfred SANT, Kap ta' l-Oppożizzjoni tal-Partit Laburista f'Malta. Il-kelliem tal-Partit għall-Affarijiet Ewropej, is-Sur Evarist BARTOLO u l-kelliem tal-Partit dwar l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman, Adrian VASSALLO, kienu preżenti wkoll għal-laqgħa. Is-Sur DIAMANDOUROS spjega x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew u l-għanijiet taż-żjarat ta' informazzjoni li kien qed jagħmel. Temi li tqajmu waqt id-diskussjoni inkludew ir-relazzjonijiet bejn l-Ombudsman nazzjonali u l-Ombudsman Ewropew u l-proposti ta' l-Ombudsman Ewropew għal titjib fl-Abbozz tat-Trattat li jwaqqaf Kostituzzjoni għall-Ewropa.

Aktar tard filgħodu, is-Sur DIAMANDOUROS ta taħdita lis-sessjoni straordinarja tal-Mini European Assembly, organizzazzjoni mhux governattiva prominenti f'Malta. Id-diskors tiegħu kien iġib l-isem Democracy, accountability and the institution of the ombudsman. 'Il fuq minn 60 student mill-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni avvanzata u mill-Università attendew għal-*lecture* u qajmu numru ta' mistoqsijiet interessanti waqt is-sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet li kien hemm wara l-*lecture*.

Wara l-ikel, l-Ombudsman Ewropew iltaqa' ma' Dr Joe BORG, Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' Malta. l-Ombudsman ta' Malta, is-Sur Joseph SAMMUT attenda wkoll għal-laqgħa. Is-Sur DIAMANDOUROS fisser ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew u l-għanijiet taż-żjarat ta'

informazzjoni li kien qed iwettaq. Id-diskussjonijiet kienu l-aktar dwar il-proposti ta' l-Ombudsman Ewropew għal titjib fl-Abbozz tat-Trattat li jwaqqaf Kostituzzjoni Ewropea.

Is-Sur DIAMANDOUROS imbagħad iltaqa' mal-Prim Ministru ta' Malta, Dr Edward FENECH ADAMI. l-Ombudsman Malti, is-Sur Joseph SAMMUT, attenda wkoll għal-laqgħa. Is-Sur DIAMANDOUROS spjega fil-qosor ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew u l-għan taż-żjarat ta' informazzjoni li hu kien għaddej bihom. Hu kkonferma l-impenn kontinwu ta' l-Ombudsman Ewropew favur id-diversità lingwistika f'Unjoni Ewropea li qed tikber u rrefera għall-proposti tiegħu biex jissaħħaħ l-Abbozz tat-Trattat li jwaqqaf Kostituzzjoni Ewropea. Hu aċċenna wkoll għar-relazzjonijiet mill-qrib li jeżistu bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Ombudsman nazzjonali ta' Malta.

Is-Sur DIAMANDOUROS temm il-ġurnata meta ta *lecture* pubbliku fl-Aula Magna ta' l-Università ta' Malta. Il-*lecture* kellu bħala suġġett Building a citizen-centred Europe – the role of the European Ombudsman. Il-*lecture* kien immexxi mill-Ombudsman ta' Malta, is-Sur Joseph SAMMUT, u attendew għalih 'il fuq minn 70 ruħ. Numru ta' mistoqsijiet interessanti tqajmu fis-sessjoni ta' mistoqsija u tweġiba li segwiet il-*lecture*.

### GREĊJA

*Ateni*

Fid-19 ta' Diċembru, is-Sur DIAMANDOUROS ħa sehem f'diskussjoni dwar The Greek Political System Faced with Immigrants and Racism organizzata mill-Hellenic Centre for European Studies and Research u l-Konfederazzjoni Ġenerali Griega tax-Xogħol.

Fit-22 ta' Diċembru, is-Sur DIAMANDOUROS ipparteċipa fil-preżentazzjoni ta' l-edizzjoni Griega ta' The Europeans mill-magħrufa Professoressa ta' l-Istorja fl-Università ta' Paris I, is-Sinjura Helene AHRWEILER-GLYKATZI. Din l-okkażjoni saret taħt l-awspiċju ta' l-Uffiċċju Informazzjoni tal-Parlament Ewropew f'Ateni.

Fit-22 ta' Diċembru wkoll, is-Sur DIAMANDOUROS ta t-tielet *lecture* annwali fil-Hellenic Foundation for European and Foreign *Policy* dwar Democracy, the Rule of Law and the Institution of the Ombudsman in Eastern and South-eastern Europe: the European Perspective.

## 6.3 AVVENIMENTI OĦRA

Fit-8 ta' Jannar, is-Sur Alessandro DEL BON ta *lecture* fuq ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil grupp ta' studenti Franċiżi mill-iskola Lucie Berger fi Strasbourg.

Fl-14 ta' Jannar, is-Sur SÖDERMAN laqa' delegazzjoni mis-Segretarjat tal-Kamra tal-Parlament Svizzeru fi Strasbourg. Is-Sur SÖDERMAN spjega x-xogħol tiegħu u l-kisbiet tiegħu bħala Ombudsman Ewropew u wieġeb għall-mistoqsijiet tal-parteċipanti.

Fil-15 ta' Jannar, is-Sur Gerhard GRILL ta *lecture* fuq ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil grupp ta' madwar 15-il student mill-Gustav-Heinemann-Gesamtschule ta' Essen li kienu mmexxija mis-Sinjura Margrit THIMME-RICHARDT.

Fit-22 ta' Jannar, is-Sur José MARTÍNEZ ARAGÓN ta *lecture* fuq ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil grupp ta' studenti mill-Institut des Hautes Etudes Européennes ta' l-Università Robert Schuman, fi Strasbourg.

Fl-10 ta' Frar, is-Sur MARTÍNEZ ARAGÓN ta preżentazzjoni fuq ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew lil grupp ta' 15-il Membru Parlamentari mill-Litwanja. Il-*lecture* ingħata bħala parti mill-programm

Ahead of the Game li jħejji Stati li applikaw biex isiru membri ta' l-UE, membri prospettivi tal-Parlament Ewropew u uffiċjali.

Fil-11 ta' Frar, is-Sur Ian HARDEN iltaqa' ma' żewġ studenti Ġermaniżi – Ms Simone RUPPERTZ-RAUSCH u s-Sur Tobias AUBERGER – biex jiddiskutu x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew fuq it-trasparenza. l-istudenti kienu qed jagħmlu riċerka għad-Deutsche Forschungsgemeinschaft u l-proġett tagħhom kien dwar The Development of Rights and Democracy in the EU. l-intervista kienet l-aktar fuq is-sehem ta' l-Ombudsman fl-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni tar-regoli dwar aċċess għal dokumenti ta' l-istituzzjonijiet ta' l-UE.

Fil-11 ta' Marzu, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil grupp ta' madwar 40 student minn Nottingham li kienu mmexxija mis-Sur Michael McKEEVER.

Fit-3 ta' April, is-Sur GRILL ta *lecture* fuq ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lis-60 parteċipant tal-25 European Study *Seminar* of the International Kolping Society. Is-*seminar* tmexxa mis-Sur Anton SALESNY.

Fis-7 ta' April, is-Sur GRILL ta *lecture* fuq ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil grupp ta' madwar 20 Finlandiż li kienu l-mistiednin tas-Sinjura Marjo MATIKAINEN-KALLSTRÖM MEP.

Fid-9 ta' April, is-Sur GRILL ta *lecture* fuq ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil grupp ta' madwar 20 student mir-Realschule Halstenbek li kienu akkumpanjati mill-għalliem tagħhom, is-Sur Detlef LAU.

Fit-23 ta' Mejju, is-Sur Olivier VERHEECKE ta *lecture* lil grupp ta' sitt avukati mill-uffiċċji nazzjonali ta' l-Ombudsmen tal-Costa Rica, El Salvador, Gwatemala, il-Panama u mill-Kummissjoni għal Riforma Legali tat-Tanzanija. Il-grupp tmexxa mill-Professur H. ADDINK mill-Istitut tal-Liġi Kostituzzjonali u Amministrattiva ta' l-Università ta' Utrecht. Is-Sur VERHEECKE tkellem dwar ir-rwol u l-attivitajiet ta' l-Ombudsman Ewropew, il-kisbiet l-aktar importanti tiegħu mill-1995, il-kontribuzzjoni tiegħu fil-Konvenzjoni dwar il-Futur ta' l-Ewropa u l-attivitajiet tiegħu fil-qafas tat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea. Wara l-preżentazzjoni kien hemm diskussjoni ħajja.

Fis-26 ta' Mejju, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil 35 membru ta' l-Europa-Union Dortmund.

Fit-2 ta' Ġunju, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil 30 student mill-iStaatliche Berufsschule Landsberg am Lech (Bavarja). l-istudenti kienu akkumpanjati mill-għalliem tagħhom, is-Sur F. GRAF. Aktar tard matul il-jum is-Sur GRILL ta *lecture* ieħor lil madwar 50 stagiaires mill-Kummissjoni Ewropea.

Fl-4 ta' Ġunju, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil 26 parteċipant waqt *seminar* dwar ugwaljanza fl-opportunitajiet għan-nisa u għall-irġiel organizzat mill-Bildungswerk Sachsen tad-Deutsche Gesellschaft e.V. Il-parteċipanti kienu akkumpanjati mis-Sinjura Elke FEILER mill-Bildungswerk Sachsen.

Fit-18 ta' Ġunju, is-Sur GRILL ta *lecture* fuq ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil 40 parteċipant mill-Karl-Arnold-Stiftung f'Königswinter, il-Ġermanja.

Fil-25 ta' Ġunju, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil madwar 40 student għalliem mill-Ġermanja li kienu fuq żjara fi Strasbourg li kienet organizzata mill-Europäische Akademie Bayern. Il-parteċipanti kienu akkumpanjati minn Dr Heike HOFFMANN mill-Europäische Akademie Bayern.

Fit-8 ta' Lulju, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil grupp ta' madwar 25 ċittadin mill-Ġermanja waqt *seminar* organizzat mill- Arbeitnehmer-Zentrum Königswinter (AZK).

Fl-10 ta' Lulju, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil madwar 45 student għalliem mill-Ġermanja li kienu fuq żjara fi Strasbourg organizzata mill-

Europäische Akademie Bayern. Il-parteċipanti kienu akkumpanjati minn Dr Heike HOFFMANN mill-Europäische Akademie Bayern.

Fl-istess jum, is-Sur GRILL ta *lecture* lil 15-il politiku lokali u amministraturi mill-Ġermanja waqt *seminar* organizzat mill-iStätte der Begegnung e.V. fi Vlotho (il-Ġermanja). Il-grupp kien akkumpanjat mis-Sur Johannes SCHRÖDER.

Fil-15 ta' Lulju, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil madwar 45 student għalliem mill-Ġermanja li kienu fuq żjara fi Strasbourg organizzata mill-Europäische Akademie Bayern. Il-parteċipanti kienu akkumpanjati mis-Sinjura Alke BÜTTNER mill-Europäische Akademie Bayern.

Fit-18 ta' Lulju, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil madwar 40 membru ta' parroċċa Kattolika minn Dortmund waqt *seminar* organizzat mill-Karl-Arnold-Stiftung (Königswinter). Aktar tard matul il-jum, hu ta *lecture* ieħor lil 51 membru tal-kunsill muniċipali ta' Friesenheim (Baden) u lill-membri tal-familji tagħhom. Il-parteċipanti kienu akkumpanjati mis-Sur Klaus GRAS minn Kehl.

Fil-21 ta' Lulju, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil 12-il student għalliem minn Starnberg u l-kap tagħhom, is-Sinjura Gertrud GRUBER.

Fl-24 ta' Settembru, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil madwar 40 student minn skola sekondarja fi Brühl (il-Ġermanja) li kienu akkumpanjati mis-Sur Carsten SCHÜBELER. Iż-żjara kienet organizzata mill-Karl-Arnold-Stiftung f'Königswinter, il-Ġermanja.

Fit-3 ta' Ottubru, is-Sur Grill ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil madwar 35 għalliem mill-Ġermanja li kienu fuq żjara fi Strasbourg li kienet organizzata mill-Karl-Arnold-Stiftung(Königswinter). Il-parteċipanti kienu akkumpanjati mis-Sur J. CLAUSIUS mill-Karl-Arnold-Stiftung.

Fil-15 ta' Ottubru, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil madwar 35 suldat Ġermaniż waqt *seminar* organizzat mill-Karl-Arnold-Stiftung (Königswinter).

Fil-15 ta' Ottubru, Ms Tina NILSSON għamlet preżentazzjoni dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lill-grupp ta' studenti tal-liġi mill-Università ta' Århus, id-Danimarka. Il-laqgħa saret fi Brussell u wara l-preżentazzjoni kien hemm sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet.

Fit-22 ta' Ottubru, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil madwar 30 surmast u uffiċjali li jagħmlu superviżjoni fl-iskejjel li kienu ġejjin mill-Ġermanja u li kienu fuq żjara fi Strasbourg organizzata mir-Regierung der Oberpfalz. Il-parteċipanti kienu akkumpanjati mis-Sur Heribert STAUTNER.

Fit-23 ta' Ottubru, is-Sur MARTÍNEZ ARAGÓN għamel preżentazzjoni dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lill-grupp ta' attivisti politiċi mill-Isvezja li kienu ġew mistiedna fi Strasbourg mill-Grupp tad-Demokratiċi Soċjali Svediżi fil-Parlament Ewropew.

Fis-17 ta' Novembru, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil madwar 15-il ċittadin Ġermaniż waqt *seminar* organizzat mill- Bildungswerk für Demokratie, soziale Politik und Öffentlichkeit (Düsseldorf) kif ukoll lil ġurnalist. Il-grupp kien immexxi mis-Sinjura Wiltraud TERLINDEN.

Fit-18 ta' Diċembru, is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni dwar ix-xogħol tiegħu lil grupp ta' tobba u studenti mill-Greċja li kienu ġew mistiedna fi Strasbourg mis-Sur Dimitris TSATSOS MPE. Is-Sur DIAMANDOUROS tkellem b'mod partikolari dwar ir-rwol proattiv ta' l-Ombudsmen fil-ħarsien tad-drittijiet taċ-ċittadini.

Fit-18 ta' Diċembru wkoll, is-Sur GRILL ta *lecture* dwar ir-rwol u x-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew lil grupp ta' madwar 20 diplomatiku żagħżugħ minn pajjiżi applikanti waqt *seminar*

organizzat mill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin Franċiż u mis-Centre des études européennes fi Strasbourg. Il-grupp kien taħt il-gwida tas-Sinjura Sarah KEATING.

## 6.4 RELAZZJONIJIET MAL-MEDIA

Fit-13 ta' Jannar, is-Sur Philippe GELIE ta' Le Figaro intervista lis-Sur SÖDERMAN permezz tat-telefon. l-intervista kienet dwar is-seba' snin li s-Sur SÖDERMAN għamel bħala Ombudsman Ewropew, b'enfasi partikolari fuq ir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-istituzzjonijiet.

Fl-14 ta' Jannar, Ms Maria MAGGIORE intervistat lis-Sur SÖDERMAN għal programm tal-Euronews. l-għan tal-programm kien biex jispjega x-xogħol ta' l-Ombudsman lit-telespettaturi billi jiġu ppreżentati xi każijiet li s-Sur SÖDERMAN kien ħadem fuqhom. Is-Sur SÖDERMAN spjega fil-qosor l-attivitajiet prinċipali tiegħu u ġabar fi ftit kliem il-kisbiet tiegħu bħala Ombudsman Ewropew.

Fl-14 ta' Jannar, Ms Melanie RAY tal-BBC Television intervistat lis-Sur SÖDERMAN. l-intervista kienet tifforma parti minn programm ta' aħbarijiet dwar l-elezzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew il-ġdid.

Fl-20 ta' Jannar, is-Sur SÖDERMAN ta intervista lis-Sur Alain DEFAUX, ġurnalista għal Euroinfo li hi pubblikazzjoni li toħroġ darba fix-xahar mir-rappreżentanza tal-Kummissjoni fil-Belġju. Is-Sur DEFAUX staqsa lis-Sur SÖDERMAN dwar l-esperjenza tiegħu bħala l-ewwel Ombudsman Ewropew.

Fit-23 ta' Jannar, Ms Alfonza SALAMONE intervistat lis-Sur SÖDERMAN għal programm tar-radju Belġjan RTBF bl-isem ta' Rond Point Schuman. l-għan ta' l-intervista kien li jiġi spjegat is-servizz li l-Ombudsman Ewropew joffri liċ-ċittadini.

Fl-10 ta' Frar, is-Sur SÖDERMAN ta intervista lil ġurnalist Svediż, is-Sur Charlie NILSSON mill-gazzetta Smålandstidningen. Is-Sur NILLSON staqsa lill-Ombudsman dwar l-impressjonijiet tiegħu dwar l-istituzzjonijiet ta' l-UE u dwar ix-xogħol tiegħu biex jittratta l-ilmenti li jaslu minn ċittadini Ewropej.

Fl-10 ta' Frar ukoll, is-Sur SÖDERMAN ta intervista fi Strasbourg lill-magazine tan-negozju Finlandiż Kauppalehti. Hu kien intervistat minn Ms Mirjami SAARNEN, il-korrispondenta tal-magazine fi Brussell.

Fil-11 ta' Frar, l-Ombudsman ta intervista lil Ms Sigrid BÖE tal-gazzetta nazzjonali Svediża Dagens Nyheter. Ms BÖE staqsiet lill-Ombudsman dwar l-esperjenza tiegħu meta jittratta l-ilmenti taċ-ċittadini u dwar l-impressjoni tiegħu ta' kif kienu żviluppaw l-istituzzjonijiet tal-UE fiż-żmien li hu kien serva bħala Ombudsman.

Fit-18 ta' Frar, l-Ombudsman Ewropew ġie intervistat mis-Sur Thorsten SCHÄFER, ġurnalist ibbażat fi Brussell għall-aġenzija ta' l-istampa Ġermaniża, DPA. Is-Sur SCHÄFER kien interessat fix-xogħol tas-Sur SÖDERMAN bħala Ombudsman sa mill-1995 u fit-tipi ta' ilmenti li hu kien ħadem fuqhom.

Fis-26 ta' Frar, is-Sur SÖDERMAN ta intervista lis-Sur Denis MC GOWAN, Editur tan- *newsletter* interna tal-Kummissjoni Ewropea, Commission en Direct. Is-Sur MC GOWAN staqsa lill-Ombudsman dwar ix-xogħol tiegħu mill-1995 u kif tul dan iż-żmien l-istituzzjonijiet kienu tejbu l-amministrazzjoni tagħhom.

Fis-27 ta' Frar, is-Sur Jens REIERMANN, Editur Ewropew għall-programm tar-radju Daniż Orientering għamel intervista lis-Sur SÖDERMAN. l-intervista kienet l-aktar fuq il-proposti

ta' l-Ombudsman lill-Konvenzjoni Ewropea u partikolarment fuq id-drittijiet tal-bniedem u t-trasparenza.

Fit-3 ta' Marzu, waqt żjara fi Stokkolma, is-Sur SÖDERMAN ta intervista lis-Sur Lennart LUNDBERG, ġurnalista għall-pubblikazzjoni ta' kull ġimgħa tal-Knisja ta' l-Isvezja, Kyrkans Tidning. Aktar tard dakinhar, hu kien intervistat mis-Sur Lars STRÖMAN għall-Europa-Posten.

Fl-4 ta' Marzu, ġiet organizzata ikla ta' xogħol (working dinner) fil-Pressens-hus fi Stokkolma bit-tema "It-Trasparenza fl-UE". Fost l-esperti editorjali u l-mexxejja tal-mass *media* ewlenija, il-parteċipanti inkludew lis-Sur Nils FUNCKE, is-Sur Anders AHLBERG, is-Sur Per HULTENGÅRD, is-Sur Åke WREDÉN, is-Sur Hans SCHÖIER, Ms Kersti ROSÉN, Ms Josefin SANDSTEDT, is-Sur Anders R. OLSSON, Ms Gunnel ARRBÄCK, Ms Barbro FISCHERSTRÖM, is-Sur Olof KLEBERG, Ms Lena HÖRNGREN, is-Sur Niklas EKDAL, is-Sur Torbjörn VON KROGH, is-Sur Jan STRID, is-Sur Micke GULLIKSSON u s-Sur Per HULTENGÅRD. l-Ombudsman ta taħdita dwar it-trasparenza u aċċess għall-informazzjoni.

Fl-24 ta' Marzu, is-Sur SÖDERMAN kellu pranzu mal-mezzi ta' l-istampa fi Brussell, biex jippreżenta r-Rapport Annwali tiegħu għas-sena 2002 u biex jimmarka t-tmiem tal-karriera tiegħu bħala Ombudsman Ewropew. Ħmistax-il ġurnalist attendew għall-pranzu: dawn kienu Ms Nicola SMITH, EPolitix, Ms Lisbeth KIRK, EU Ob*server*, Ms Lorena GARCIA, Aqui Europa, is-Sur Brian BEARY, European Report, is-Sur Dirk DE WILDE, Belga, Ms Heleen PAALVAST, Algemeen Nederlands Persbureau, is-Sur Damian CASTANO, EFE, Ms Cornelia BOLESCH, Süddeutsche Zeitung, is-Sur Michael JUNGWIRTH, Kleine Zeitung, is-Sur Henk VAN OOSTRUM, Het Financiële Dagblad, is-Sur Rory WATSON, The Times, Ms Marizandra OZOLINS, Tagblatt, is-Sur Martin BANKS, European Voice, is-Sur Brandon MITCHENER, The Wall Street Journal Europe u s-Sur Ralph ATKINS, Financial Times. Is-Sur Ian HARDEN, is-Sur Olivier VERHEECKE, is-Sur Ben HAGARD, is-sinjura Murielle RICHARDSON u Ms Rosita AGNEW mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman kienu wkoll preżenti. Saret preżentazzjoni bil-*powerpoint* biex tingħata ħarsa lura lejn ix-xogħol tas-Sur SÖDERMAN fis-seba' snin li għamel bħala Ombudsman. Wara kien hemm sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet.

Fil-25 ta' Marzu, tmien ġurnalisti Finlandiżi attendew kolazzjon għall-mezzi ta' l-istampa ma' l-Ombudsman. Il-ġurnalisti kienu: is-Sur Marko RUONOLA u s-Sur Tuomas SAVONEN, Finnish News Agency, Ms Anne AUTIO, is-Sur Jonas JUNGAR u s-Sur Jussi SEPPALA, YLE, is-Sur Petteri TUOHINEN, Helsingin Sanomat, Ms Maija LAPOLA, Turun Sanomat u Ms Mirjami SAARINEN, Kauppalehti. Is-Sinjura. Benita BROMS, is-Sur Ben HAGARD, is-Sinjura. Murielle RICHARDSON u Ms Rosita AGNEW mill-Uffiċċju ta' l-Ombudsman kienu wkoll preżenti. l-Ombudsman tkellem dwar ix-xogħol tiegħu fis-seba' snin li kienu għaddew. Wara saret preżentazzjoni bil-*powerpoint* li fil-qosor uriet il-kisbiet tiegħu. Wara l-kolazzjon, l-Ombudsman ġie intervistat mis-Sur Jussi SEPPALA għar-radju Finlandiż u mis-Sur Petteri TUOHINEN għal Helsingin Sanomat.

Fit-2 ta' April, is-Sur DIAMANDOUROS ta konferenza stampa flimkien mal-Viċi-President tal-Kummissjoni responsabbli mir-riforma amministrattiva, Neil KINNOCK. Is-Sur KINNOCK laqa' lill-Ombudsman il-ġdid u spjega fil-qosor il-miżuri adottati mill-Kummissjoni biex timxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet li kienu saru mill-Ombudsman fil-passat. Is-Sur DIAMANDOUROS spjega fil-qosor it-tliet responsabbiltajiet ewlenin tiegħu bħala Ombudsman Ewropew, jiġifieri li jkompli x-xogħol tal-predeċessur tiegħu, li jara li t-tkabbir ikun suċċess u li jinforma liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom. Wara hu wieġeb għall-mistoqsijiet tal-ġurnalisti dwar it-tkabbir, dwar x'irid isir biex iċ-ċittadini jsiru jafu aktar dwar id-dritt li għandhom li jressqu lment quddiem l-Ombudsman u l-possibbiltà li l-poteri ta' l-Ombudsman jitwessgħu.



Fis-7 ta' Mejju, Ms Helen SEENEY mis-servizz bl-Ingliż tad-Deutsche Welle Radio intervistat lis-Sur DIAMANDOUROS permezz tat-telefon. Hi staqsietu dwar il-mandat u l-poteri ta' l-Ombudsman Ewropew u dwar x'seta' jagħmel l-Ombudsman biex il-proġett Ewropew ikun aktar rilevanti għall-pubbliku in ġenerali.

Fit-12 ta' Mejju, is-Sur DIAMANDOUROS kien intervistat mis-Sur Joshua ROZENBERG, Editur Legali tad-Daily Telegraph. Is-Sur ROZENBERG staqsa lill-Ombudsman dwar kemm il-pubbliku

jaf fuq ix-xogħol tiegħu, x'kien jaħseb fuq il-futur ta' l-Ewropa u dwar l-esperjenza tiegħu qabel sar Ombudsman Ewropew.

Fit-13 ta' Mejju, is-Sur Martin BANKS, ġurnalist mal-European Voice, intervista lis-Sur DIAMANDOUROS. Is-Sur BANKS saħaq l-aktar fuq kif l-Ombudsman qed iħares lejn it-tkabbir ta' l-Unjoni u staqsa kif l-Ombudsman jista' jara li aktar nies ikunu jafu bix-xogħol tiegħu fil-pajjiżi applikanti. Is-Sur DIAMANDOUROS wieġeb ukoll għal mistoqsijiet dwar il-ħajja tiegħu qabel sar Ombudsman Ewropew bil-għan li jidher profil tiegħu fil-gazzetta.

Fl-20 ta' Mejju, l-Ombudsman kellu intervista permezz tar-radju għal programm bl-isem ta' Europe Magazine li kellu jixxandar fuq il-verżjoni Franċiża tad-Deutsche Welle. Il-ġurnalista, Ms Elisabeth CADOT staqsiet lill-Ombudsman dwar it-tip ta' ilmenti li jirċievi, dwar kemm jieħu ħin ilment biex jiġi investigat u dwar il-poteri ta' l-Ombudsman.

Fl-20 ta' Mejju wkoll, Ms Marie-Claude HARRAER mid-Dernières Nouvelles d'Alsace intervistat lis-Sur DIAMANDOUROS fi Strasbourg. Il-ġurnalista staqsiet lis-Sur DIAMANDOUROS dwar l-esperjenza li kellu qabel bħala Ombudsman u dwar l-ewwel impressjonijiet tiegħu fil-kariga ta' Ombudsman Ewropew u dwar Strasbourg.

Fit-30 ta' Mejju, waqt il-konferenza Ombudsmen and the Law of the European Union li saret f'Varsavja, il-Polonja, l-Ombudsman Ewropew, il-Professur P. Nikiforos DIAMANDOUROS u l-Ombudsman tal-Polonja, il-Professur Andrzej ZOLL, taw konferenza stampa flimkien li għaliha attendew 'il fuq minn 12-il ġurnalist. Huma spjegaw fil-qosor l-iskop tal-konferenza u t-temi li kienu diskussi (ara Kapitlu 5.4). Il-Professur DIAMANDOUROS spjega l-istrateġija tiegħu li jaħdem flimkien ma' l-ombudsmen nazzjonali biex jilħaq iċ-ċittadini Ewropej u ħabbar l-għan tiegħu li matul is-sena li ġejja jżur il-pajjiżi applikanti kollha.

Fil-15 ta' Lulju, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista lis-Sur Tansel TERZIOGLU, ġurnalist Awstrijakk. Is-Sur DIAMANDOUROS ta lista tal-prijoritajiet tiegħu bħala Ombudsman Ewropew u ta l-opinjonijiet tiegħu dwar l-abbozz tat-Trattat tal-Kostituzzjoni Ewropea.

Fil-15 ta' Lulju wkoll, is-Sur DIAMANDOUROS kellu żewġ laqgħat ma' ġurnalisti bbażati fi Brussell biex jiddiskuti l-Kostituzzjoni ta' l-Ewropa, it-trasparenza u t-tkabbir. l-ewwel laqgħa kienet ma' korrispondenti minn aġenziji ta' l-istampa jew *website*s ta' l-aħbarijiet u inkludiet lis-Sur Brian BEARY mill-European Report, Ms Maria DAVIDSSON mill-iSwedish news agency, Ms Honor MAHONY mill-EUOb*server* u s-Sinjura. Nicola SMITH mill-EUPolitix. It-tieni laqgħa kienet ma' korrispondenti minn gazzetti nazzjonali u inkludiet lis-Sur Rory WATSON minn The Times, is-Sur Michael STABENOW mill-Frankfurter Allgemeine Zeitung, Ms Minna NALBANTOGLU mill-Helsingin Sanomat u lis-Sur John PRIDEAUX mill-Financial Times.

Fil-15 ta' Lulju, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista lis-Sur Alain DREMIERE minn La Quinzaine Européenne. l-għan ta' l-intervista kien li toħroġ stampa ta' l-Ombudsman. Is-Sur DREMIERE kkonċentra l-aktar fuq l-esperjenza li kellu l-Ombudsman u l-għanijiet tiegħu fil-ħidma tiegħu.

Fit-8 ta' Settembru, matul żjara fil-Finlandja, is-Sur DIAMANDOUROS kien intervistat mis-Sur Björn MÅNSSON mit-TV4 programm televiżiv Finlandiż ta' l-aħbarijiet bil-lingwa Svediża. l-intervista xxandret dakinhar stess waqt l-aħbarijiet ta' filgħaxija.

Fid-9 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS kellu konferenza stampa, li tmexxiet mill-Kap tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea fil-Finlandja, is-Sur Timo MÄKELÄ. Aktar minn 20 ġurnalist attendew, fosthom rappreżentanti minn aġenziji ta' l-istampa, gazzetti, stazzjonijiet televiżivi u tar-radju. Is-Sur DIAMANDOUROS għamel preżentazzjoni dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew, elenka l-prijoritajiet tiegħu u spjega l-għanijiet taż-żjarat tiegħu ta' informazzjoni. Il-mistoqsijiet li saru mill-ġurnalisti kienu, fost l-oħrajn, fuq it-trasparenza u aċċess għal dokumenti, fuq l-għadd ta' ilmenti li kienu mistennija fis-sena wara li jkun sar it-tkabbir ta' l-Unjoni u dwar l-Abbozz tat-Trattat tal-Kostituzzjoni Ewropea.

Wara l-konferenza stampa, is-Sur DIAMANDOUROS ġie intervistat mis-Sur Jouni MÖLSÄ, mill-akbar gazzetta Finlandiża, Helsingin Sanomat u mis-Sur Risto PAANANEN mill-Europa Magazine.

Fl-10 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista diretta fuq l-MTV3 fis-7.15 ta' filgħodu waqt l-aktar programm popolari tat-televiżjoni li jsir filgħodu fil-Finlandja. Is-Sur DIAMANDOUROS ġie intervistat flimkien ma' l-ewwel Ombudsman Ewropew, is-Sur Jacob SÖDERMAN. Fost is-suġġetti li tqajmu waqt l-intervista kien hemm is-suċċessi ewlenin tas-Sur SÖDERMAN u l-prijoritajiet tas-Sur DIAMANDOUROS bħala Ombudsman Ewropew għas-snin li ġejjin.



Is-Sur Allar Jõks, Kanċillier Legali ta' l-Estonja u s-Sur Diamandouros jindirizzaw konferenza stampa. Tallinn, l-Estonja, 11 ta' Settembru 2003.

Fil-11 ta' Settembru, waqt żjara fl-Estonja, is-Sur DIAMANDOUROS ta konferenza stampa fil-kamra fejn jagħmel il-laqgħat il-Kanċillier Legali ta' l-Estonja. Il-konferenza stampa kienet ippreseduta mill-Kanċillier Legali ta' l-Estonja, is-Sur Allar JÕKS. Attendew madwar 10 ġurnalisti fosthom rappreżentanti minn aġenziji ta' l-istampa, gazzetti u stazzjonijiet televiżivi u tar-radju. Is-Sur DIAMANDOUROS ta preżentazzjoni dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew, elenka l-prijoritajiet tiegħu u spjega l-għanijiet taż-żjarat tiegħu ta' informazzjoni. Bosta mill-mistoqsijiet tal-ġurnalisti kienu dwar it-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea.

Wara l-konferenza stampa, is-Sur DIAMANDOUROS ġie intervistat mill-Kuku Raadio, l-akbar radju privat fl-Estonja u mis-Sur Andres PULVER mit-tielet l-akbar gazzetta reġjonali fl-Estonja, Virumaa Teataja.

Fit-23 ta' Settembru, l-Ombudsman ġie intervistat minn Ms Michèle DE WAARD, Editriċi Ewropew tal-gazzetta Olandiża, NRC Handelsblad. l-intervista kienet l-iżjed fuq ir-rwol ta' l-Ombudsman, il-Kostituzzjoni ta' l-Ewropa u t-tkabbir.

Fl-24 ta' Settembru, is-Sur DIAMANDOUROS tkellem mas-Sur Marko RUONALA, mill-aġenzija ta' l-aħbarijiet Finlandiża, mas-Sur Hendrikus VAN OOSTRUM mill-Het Financieele Dagblad u mas-Sur Thomas GACK mill-iStuttgarter Zeitung dwar ir-rapport tal-Parlament Ewropew fuq l-attivitajiet ta' l-Ombudsman għas-sena 2002. Matul il-laqgħa, is-Sur DIAMANDOUROS ta ġabra tal-veduti tiegħu fuq l-importanza li fil-Kostituzzjoni ta' l-Ewropa jidħlu r-rimedji mhux ġudizzjarji.

Fit-22 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS attenda ikla għal 13-il ġurnalist Grieg fi Strasbourg. Is-Sur DIAMANDOUROS tkellem dwar ir-rwol ta' l-ombudsmen biex jitjiebu r-relazzjonijiet bejn iċ-ċittadini u l-amministrazzjoni pubblika. l-ikla ngħatat mill-Ambaxxatur Athanassios

THEODORACOPOULOS, Rappreżentant Permanenti tal-Greċja fil-Kunsill ta' l-Ewropa. Preżenti wkoll kien hemm is-Sur Dimitris KOUSTAS, Uffiċjal għall-Istampa tar-rappreżentanza permanenti Griega fil-Kunsill ta' l-Ewropa u s-Sur George KASSIMATIS, Kap ta' l-Uffiċċju Informazzjoni tal-Parlament Ewropew f'Ateni.

Fit-23 ta' Ottubru, is-Sur DIAMANDOUROS ġie intervistat mis-Sur Chrysostomos BIKATSIK mill-istazzjon nazzjonali tat-televiżjoni Grieg "ET-1". Is-Sur DIAMANDOUROS tkellem dwar ir-rwol ta' l-Ombudsman u d-drittijiet taċ-ċittadini.

Fit-23 ta' Ottubru wkoll, l-Ombudsman Ewropew ippreżenta ix-xogħol tiegħu lil 18-il ġurnalist mill-Finlandja, l-Isvezja, l-Islanda u n-Norvegja. Il-preżentazzjoni kienet parti minn *seminar* ta' tmien ġimgħat organizzat min-Nordic Journalist Centre f'Århus. Matul sessjoni li kienet fuq tagħha sew, l-Ombudsman wieġeb mistoqsijiet fuq it-trasparenza, id-diskriminazzjoni u r-relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet oħrajn.

Fis-27 ta' Ottubru, waqt iż-żjara tiegħu fl-Ungerija, l-Ombudsman ġie intervistat minn Ms Mercédesz GYÜKERI, ġurnalista mill-Magyar Hírlap, waħda mill-gazzetti ta' kuljum fl-Ungerija. Is-Sur DIAMANDOUROS wieġeb mistoqsijiet fuq ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew, ir-relazzjonijiet tiegħu ma' l-ombudsmen Ungeriżi, l-abbozz tat-Trattat Kostituzzjonali għall-Ewropa u l-problemi li l-pajjiżi applikanti jridu jegħlbu qabel jissieħbu fl-Unjoni.



Is-Sur Diamandouros jagħti intervista għat-televiżjoni fuq
l-istazzjon MTV ta' l-Ungerija. Budapest, l-Ungerija, 28 ta' Ottubru 2003.

Fit-28 ta' Ottubru, l-Ombudsman ta intervista televiżiva lill-MTV, stazzjon sponsorjat mill-istat Ungeriż. Ms BORBOLA, il-korrispondenta ta' l-istazzjon għall-Affarijiet tal-Parlament, staqsiet lill-Ombudsman dwar il-bidliet li hu kien qed jara bħala riżultat tat-tkabbir, dwar kif se jaħdem fuq ilmenti mill-Ungerija, it-tip u n-numru ta' ilmenti li jaslulu u l-Kodiċi ta' Imġiba Amministrattiva Tajba. l-Ombudsman imbagħad ta intervista lill-korrispondent għall-Affarijiet Barranin ta' l-MTV, is-Sur Robert NEMETH, li staqsa lill-Ombudsman dwar l-ombudsmen nazzjonali fl-iStati Membri u l-Pajjiżi Applikanti ta' l-UE, dwar l-amministrazzjoni ħażina u dwar kif jittratta l-ilmenti.

Aktar tard matul il-jum, is-Sur DIAMANDOUROS ta żewġ intervisti oħra lill-*media* – waħda lis-Sur Béla FINCZICZKI mill-rivista ta' kull ġimgħa, HVG, u l-oħra lis-Sur László SZOCS mill-gazzetta ta' kuljum, Népszabadsag. l-intervisti kienu l-aktar madwar il-bidliet li t-tkabbir se jġib lix-xogħol ta' l-Ombudsman.

Wara nofsinhar, l-Ombudsman Ewropew ħa sehem f'konferenza stampa mmexxija mis-Sur LENKOVICS, il-Kummissarju Parlamentari Ungeriż għad-Drittijiet Ċivili. Madwar 20 ruħ attendew għall-konferenza stampa. Is-Sur DIAMANDOUROS ta preżentazzjoni dwar ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew, semma' l-prijoritajiet tiegħu u spjega l-għanijiet taż-żjarat li kien qed jagħmel ta' informazzjoni. Is-Sur LENKOVICS żied fuq din il-preżentazzjoni billi qabbel ix-xogħol ta' l-ombudsman Ewropew u dak Ungeriż.



Is-Sur Barnabás Lenkovics, Kummissarju Parlamentari Ungeriż għad-Drittijiet Ċivili, is-Sur Diamandouros u s-Sur Jenő Kaltenbach, Kummissarju Parlamentari Ungeriż għad-Drittijiet Nazzjonali u d-Drittijiet ta' Minoranzi Etniċi jindirizzaw konferenza stampa. Budapest, l-Ungerija, 28 ta' Ottubru 2003.

Fl-14 ta' Novembru, l-Uffiċjal għall-Istampa ta' l-Ombudsman, Ms Rosita AGNEW, tat intervista lil Ms Cornelia METZIG, studenta Ġermaniża. Ms AGNEW wieġbet għal mistoqsijiet dwar il-politika ta' komunikazzjoni ta' l-Ombudsman u r-rwol ta' l-Uffiċjal għall-Istampa. Ms METZIG kienet qed tikteb artiklu biex tieħu sehem f'kompetizzjoni għal ġurnalisti żgħażagħ.

Fis-17 ta' Novembru, l-Ombudsman Ewropew iltaqa' mas-Sur Leo LINDER, *producer* tal-films Ġermaniż, biex jiddiskuti miegħu proġett imsejjaħ User's Guide to Europe. Ix-xogħol ta' l-Ombudsman Ewropew għandu jidher f'dan il-film edukattiv li ser jispjega liċ-ċittadini Ewropej x'għandhom jagħmlu biex isemmgħu leħenhom.

Fit-18 ta' Novembru, l-Ombudsman Ewropew ta intervista lis-Sur Koss VAN HOUDT għal artiklu li kellu jidher fil-magazine Olandiż Binnenlands Bestuur. l-intervista inkludiet temi bħad-demokrazija u r-rwol ta' l-Ombudsman, riforma amministrattiva u t-trasparenza.

Fit-18 ta' Novembru wkoll, is-Sur DIAMANDOUROS ta serje ta' intervisti fuq ir-rwol ta' l-Ombudsman Ewropew lil grupp ta' ġurnalisti Griegi li fosthom kien hemm Ms Alexandra ANASTASOPOULOU mill-istazzjon televiżiv Grieg Kanali Voulis, Ms Alexandra CHRISTAKAKI mill-istazzjon nazzjonali Grieg NET, u s-Sur Ioannis PAPADIMITRIOU mir-radju ta' lingwa Griega fil-Ġermanja.

Fl-24 ta' Novembru, is-Sur DIAMANDOUROS ta intervista estensiva dwar ix-xogħol tiegħu lil Ms Metta TSIKRIKA mill-BBC World Service Greek Section.

Fid-9 ta' Diċembru, bosta ġurnalisti mill-istazzjonijiet televiżivi u tar-radju u mill- gazzetti kienu preżenti biex jirrapportaw dwar il-wasla ta' l-Ombudsman Ewropew f'Malta. Matul iż-żjara tiegħu f'Malta, is-Sur DIAMANDOUROS ta numru ta' intervisti estensivi fosthom lill-gazzetta ta' kuljum The Times of Malta, lill-*website* tad-di-ve news, lill-programm televiżiv l-Ewropej u lill-programm Mill-Ewropa fuq Radio 101.

Fil-11 ta' Diċembru, is-Sur DIAMANDOUROS ta konferenza stampa fl-uffiċċju tad-Delegazzjoni għall-Kummissjoni Ewropea f'Ta' Xbiex. Madwar 10 ġurnalisti minn stazzjonijiet televiżivi u tar-radju u minn gazzetti Maltin attendew għal din il-konferenza stampa.



Is-sur Diamandouros jindirizza konferenza stampa.
Ta´Xbiex, Malta, 11. ta'Diċembru 2003.

Fil-11 ta' Diċembru, Ms Rosita AGNEW, Uffiċjal għall-Istampa, tat intervista lil Ms Sarah TALVARD dwar il-politika ta' komunikazzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew. Ms TALVARD, studenta universitarja li kienet qed tipprepara studju fuq iċ-ċittadinanza, staqsiet dwar l-għanijiet ta' din il-politika u dwar is-sistemi li jintużaw biex titwettaq din il-ħidma.

## 6.5 KOMUNIKAZZJONI ONLINE

Fis-sena 2003 issaħħet il-preżenza ta' l-Ombudsman Ewropew fuq l-*internet*. Żdiedet informazzjoni ġdida fuq il-*website* ta' l-Ombudsman u diversi taqsimiet fuq din il-*website* ġew estiżi.

### *Komunikazzjoni bl'e-mail*

F'April 2001, il-formola li fuqha wieħed jista' jressaq ilment b'mod elettroniku żdiedet fuq il-*website* fi tnax-il lingwa. Minn dakinhar, numru dejjem jiżdied ta' ilmenti bdew isiru b'dan il-mod. Fl-2003, ilmenti mressqa b'dan il-mod kienu jagħmlu madwar nofs in-numru ta' l-ilmenti li rċieva l-Ombudsman, bil-proporzjon jiżdied ftit meta wieħed iqabblu ma' l-2002. Dan jikkompara ma' terz ta' l-ilmenti li tressqu minn fuq l-*internet* fl-2001, ma' ftit taħt il-kwart fl-2000 u wieħed minn kull sitta fl-1999.

Fl-2003 l-Ombudsman Ewropew rċieva 'l fuq minn 2500 talba għal informazzjoni permezz ta' l-*e-mail*. Dan kien inqas mit-3717-il talba li waslu fl-2002, imma meta wieħed inaqqas it-tweġibiet dwar l-istess suġġett li ntbagħtu f'kull waħda mis-sentejn (fl-2002 waslu 'l fuq minn 1600 *e-mail* dwar l-għarqa tat-tanker taż-żejt Prestige), in-numru ta' risposti lil individwi baqa' l-istess, jiġifieri, madwar 2000.

Fil-bidu ta' l-2003, l-Ombudsman Ewropew irċieva madwar 300 *e-mail* mingħand ċittadini Ewropej dwar sussidji mogħtija lil dawk li jkabbru l-barrin għall-ġlied. Għalkemm il-każ ma kienx jaqa' taħt

il-mandat ta' l-Ombudsman, intbagħtet risposta lil kull min bagħat *e-mail* fejn issemmiet l-possibbiltà li tintbagħat petizzjoni lill-Parlament Ewropew.

### *Żviluppi fil-website*

Matul l-2003, il-*website* ta' l-Ombudsman Ewropew bdiet tinbidel bi tħejjija għat-tkabbir ta' l-Unjoni Ewropea fl-2004. Xi paġni ngħataw code ġdida biex jibdew jidhru l-karattri tal-lingwi uffiċjali l-ġodda ta' l-Unjoni Ewropea u nħolqu xi paġni ġodda b'dawn il-lingwi ġodda. F'Diċembru 2003, ġiet miżjuda sezzjoni ġdida bi 11-il lingwa mal-*website* ta' l-euro-ombudsman dwar l-istħarriġ li l-Ombudsman għamel fuq inizjattiva tiegħu stess dwar l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità mill-Kummissjoni Ewropea.

Sabiex jaċċerta ruħu li l-*website* ta' l-euro-ombudsman tkun fuq quddiem fost il-*website*s ta' l-UE, matul l-2003 l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew ħa sehem fix-xogħol ta' l-Inter-Institutional *Internet* Editorial Committee (Ceiii). Matul l-2003, l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew ipparteċipa wkoll fl-*Internet* Editorial Committee tal-Parlament Ewropew.

**_E-mails_ imwieġba fl-2003**




**Proporzjon ta' ilmenti permezz ta' l-internet fl-2003**




**Żieda fil-proporzjon ta' ilmenti permezz ta' l-internet**



Ġabra fil-qosor

1 Introduzzjoni

2 Ilmenti lill-Ombudsman

3 Deċiżjonijiet wara li saret investigazzjoni

4 Relazzjonijiet ma’ istituzzjonijiet oħra ta’ l-Unjoni Ewropea

5 Relazzjonijiet ma’ Ombudsmen u korpi simili

6 Relazzjonijiet pubbliċi

# Annessi

# A STATISTIKA DWAR IL-ĦIDMA TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW FL-2003

## 1 KAŻIJIET LI ĠEW IKKUNSIDRATI MATUL l-2003

### 1.1 L-AMMONT TOTALI TA' KAŻIJIET FL-2003 .......... 2611

| | |
|---|---|
| – ilmenti u talbiet mhux magħluqa fil-31.12.2002 | 170[1] |
| – ilmenti li waslu fl-2003 | 2436 |
| – inizjattivi meħuda mill-Ombudsman Ewropew | 5 |




**Żieda fl-ilmenti 1996 - 2003**

[1] Li fosthom kien hemm inizjattiva waħda mill-Ombudsman Ewropew innifsu u 109 ilment.

## 1.2 EŻAMI TA' AMMISSIBILITÀ / INAMMISSIBILITÀ LI TWASSLU SA TMIEMHOM .......... 95%

## 1.3 KLASSIFIKA TA' l-ILMENTI

### 1.3.1 Skond it-tip ta' azzjoni li ttieħdet mill-Ombudsman Ewropew għall-benefiċċju ta' dawk li ressqu l-ilment




### 1.3.2 Skond il-Mandat ta' l-Ombudsman Ewropew



## BARRA l-MANDAT




## ĠEWWA l-MANDAT

### *- Ilmenti Ammissibbli*




### *Ilmenti Inammissibbli*




ANNESSI

## 2 TRASFERIMENTI U PARIRI




**Parir biex isir kuntatt mal-ombudsman jew biex issir petizzjoni lill-parlament reġjonali jew nazzjonali (616)**

**Parir biex isir kuntatt mal-Kummissjoni Ewropea (189)**

**Parir biex issir petizzjoni lill-Parlament Ewropew (143)**

**Parir biex isir kuntatt ma' korpi oħra (341)**

**Trasferimenti (38) :**

Lill-Parlament Ewropew (6)
Lill-Kummissjoni Ewropea (7)
Lill-Ombudsman nazzjonali jew reġjonali (25)

## 3 TALBIET TRATTATI FL-2003 363

Fl-2003, l-Ombudsman Ewropew ittratta 363 talba, 253 talba bdew fl-2003 (ħamsa minnhom fuq inizjattiva personali) u 110 talbiet ma ngħalqux fil-31.12.2002

### 3.1 ISTITUZZJONIJIET U KORPI SUĠĠETTI GĦAL STĦARRIĠ[2]




Oħrajn (36)

| | |
|---|---|
| Qorti tal-Ġustizzja | (7) |
| Qorti Ewropea tal-Verifika | (6) |
| OLAF | (6) |
| Bank Ċentrali Ewropew | (4) |
| Kumitat tar-Reġjuni | (3) |
| Kumitat Ekonomiku u Soċjali tal-Komunitajiet Ewropej | (2) |
| Aġenzija Ewropea għall-Evalwazzjoni ta' Prodotti Mediċinali | (1) |
| Istitut Universitarju Ewropew | (1) |
| Bank Ewropew għall-Investiment | (1) |
| Europol | (1) |
| Konvenzjoni Ewropea | (1) |
| Fondazzjoni Ewropea għat-titjib fil-kundizzjonijiet tal-għixien u tax-xogħol | (1) |
| Aġenzija Ewropea għall-Ambjent | (1) |
| Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni | (1) |

2 Uħud mill-każijiet jikkonċernaw lil tnejn jew aktar istituzzjonijiet jew korpi.

## 3.2 TIP TA' AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA ALLEGATA

(F'xi każijiet, ġew allegati żewġ tipi ta' amministrazzjoni ħażina)




## 3.3 PROPOSTI GĦAL SOLUZZJONIJIET AMIKEVOLI U ABBOZZI TA' RAKKOMANDAZZJONIJIET MAGĦMULA FL-2003

| | |
|---|---|
| - proposti għal soluzzjonijiet amikevoli | 18 |
| - abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet | 9 |

### 3.4 TALBIET LI NGĦALQU B'DEĊIŻJONI RAĠUNATA[3] ................................................ 180

(Talba tista' tingħalaq għal raġuni waħda jew aktar minn dawn.)




## 4 L-ORIĠINI TA' l-ILMENTI REĠISTRATI FL-2003

### 4.1 IS-SORS TA' l-ILMENTI




[3] Li minnhom tnejn kienu fuq inizjattiva ta' l-Ombudsman innifsu.

## 4.2 L-ORIĠINI ĠEOGRAFIKA TA' L-ILMENTI

| Pajjiż | Numru ta' Ilmenti | ta' Ilmenti | % tal-Popolazzjoni ta' l-UE |
|---|---|---|---|
| Lussemburgu | 38 | 2 | 0,1 |
| Finlandja | 88 | 4 | 1,3 |
| Belġju | 199 | 8 | 2,7 |
| Portugall | 110 | 5 | 2,6 |
| Greċja | 100 | 4 | 2,8 |
| Spanja | 284 | 12 | 10,6 |
| Irlanda | 33 | 1 | 0,9 |
| Olanda | 87 | 4 | 4,1 |
| Awstrija | 50 | 2 | 2,1 |
| Franza | 320 | 13 | 15,6 |
| Svezja | 53 | 2 | 2,4 |
| Ġermanja | 432 | 18 | 21,9 |
| Danimarka | 31 | 1 | 1,4 |
| Italja | 196 | 8 | 15,4 |
| Renju Unit | 140 | 6 | 15,7 |
| Oħrajn | 275 | 11 | - |



# B IL-*BUDGET* TA' L-OMBUDSMAN

## *Budget* indipendenti

L-iStatut ta' l-Ombudsman Ewropew fil-bidu kien jaħseb biex il-*budget* ta' l-Ombudsman ikun anness ma' l-ewwel taqsima (Parlament Ewropew) tal-*budget* ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

F'Diċembru ta' l-1999, il-Kunsill iddeċieda li l-*budget* ta' l-Ombudsman għandu jkun indipendenti. Sa mill-1 ta' Jannar 2000[4], il-*budget* ta' l-Ombudsman sar sezzjoni indipendenti tal-*budget* ta' l-Unjoni Ewropea (Taqsima VIII-A).

## Struttura tal-*budget*

Il-*budget* ta' l-Ombudsman jinqasam fi tliet titli. Titlu 1 tal-*budget* jinkludi salarji, *allowances* u spejjeż oħra relatati ma' l-i*staff*. Dan it-titlu jinkludi wkoll l-ispiża ta' missjonijiet li jwettqu l-Ombudsman u l-i*staff* tiegħu. Titlu 2 tal-*budget* ikopri bini, tagħmir u nefqa operattiva fuq diversi affarijiet. Titlu 3 jinkludi kapitlu wieħed, li minnu titħallas is-sħubija f'organizazzjonijiet internazzjonali ta' l-Ombudsmen.

## Kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew

Biex na jkunx hemm duplikazzjoni bla bżonn ta' *staff* amministrattiv u tekniku, ħafna mis-servizzi meħtieġa mill-Ombudsman jingħataw mill-Parlament Ewropew jew permezz tal-Parlament Ewropew. l-oqsma fejn l-Ombudsman iserraħ, ftit jew wisq, fuq l-għajnuna tas-servizzi tal-Parlament jinkludu:

- *personnel*, fosthom kuntratti, salarji, *allowances* u sigurtà soċjali ;
- verifika ta' l-infiq u biex jinżammu l-kontijiet;
- it-tħejjija u t-twettiq ta' parti minn titlu 1 tal-*budget*;
- traduzzjoni, interpretazzjoni u stampar;
- sigurtà;
- informatika, telekomunikazzjonijiet u posta.

Il-kooperazzjoni bejn l-Ombudsman Ewropew u l-Parlament Ewropew wasslet biex ikunu ffrankati somom kbar sew ta' flus mill-*budget* tal-Komunità minħabba effiċjenza akbar. Fil-fatt bis-saħħa tal-kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew seta' jiġri li ma jkunx hemm żieda qawwija fl-i*staff* amministrattiv ta' l-Ombudsman.

Fejn is-servizzi provduti lill-Ombudsman jinvolvu nefqa diretta żejda mill-Parlament Ewropew, ikun hemm ħlas li jsir minn kont komuni. l-uffiċċji u s-servizzi ta' traduzzjoni huma l-oqsma fejn issir l-ikbar nefqa li tiġi ttrattata b'dan il-mod.

Fil-*budget* ta' l-2003 kien hemm ammont wieħed sħiħ biex ikopri l-ispejjeż għall-Parlament Ewropew biex ipprovda servizzi, li jikkonsistu biss fil-ħin ta' l-i*staff*, bħall-amministrazzjoni tal-kuntratti ta' l-i*staff*, salarji u *allowances* u firxa ta' servizzi tal-*computer*.

Il-kooperazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-Ombudsman Ewropew bdiet permezz ta' Framework Agreement li jġib id-data tat-22 ta' Settembru 1995, u li tkompliet bis-saħħa ta' Ftehim fuq Kooperazzjoni Amministrattiva u Ftehim fuq Kooperazzjoni dwar il-*Budget* u l-Finanzi, iffirmati fit-12 ta' Ottubru 1995.

F'Diċembru 1999, l-Ombudsman u l-President tal-Parlament Ewropew iffirmaw ftehim li jġedded il-ftehim ta' kooperazzjoni, b'modifiki, għas-sena 2000 u li jipprovdi biex dan jibqa' jiġġedded awtomatikament fis-snin ta' wara.

4 Regolament tal-Kunsill 2673/1999 tat-13 ta' Diċembru 1999 OJ L 326/1.

### Il-*budget* tal-2003

Il-pjan ta' l-għadd ta' impjegati ma' l-Ombudsman fl-2003 wera total ta' 31 post.

L-ammont totali ta' approprijazzjonijiet inizjali li saru fil-*budget* ta' l-Ombudsman għall-2003 kien ta' 4.438.653 €. Titlu 1 (Nefqa relatata ma' persuni li jaħdmu ma' l-Istituzzjoni) ammonta għal 3.719.727 €. Titlu 2 (Bini, apparat u nefqa operattiva fuq diversi affarijiet) ammonta għal 715.926 €. Titlu 3 (Nefqa li rriżultat minn ħidma speċjali li twettqet mill-Istituzzjoni) ammonta għal 3.000 €.

L-iskeda li ġejja turi n-nefqa fl-2003 skond l-approprijazzjonijiet li saru.

| | | |
|---|---|---|
| Titlu 1 | € | 3.415.448,87 |
| Titlu 2 | € | 634.877,91 |
| Titlu 3 | € | 2.161,49 |
| Total | € | 4.052.488,27 |

Id-dħul jikkonsisti l-aktar minn tnaqqis mir-remunerazzjoni ta' l-Ombudsman u l-i*staff* tiegħu. F'dawk li huma ħlasijiet li daħlu, id-dħul totali fl-2003 kien ta' 434.833 €.

### Il-*budget* ta' l-2004

Il-*budget* għall-2004, li tħejja tul l-2003, jaħseb li l-għadd ta' impjegati jkun ta' 38, li jfisser żieda ta' sebgħa fuq il-pjan għall-2003. Din iż-żieda hija l-aktar minħabba t-tkabbir futur ta' l-Unjoni Ewropea u minħabba l-ħtieġa ta' l-Uffiċċju ta' l-Ombudsman Ewropew li jkollu informazzjoni biżżejjed kemm tal-lingwi kif ukoll tas-sistemi legali ta' l-iStati Membri ġodda.

L-approprijazzjonijiet totali għall-2004 huma ta' 5.684.814 €. Titlu 1 (Nefqa relatata ma' persuni li jaħdmu ma' l-Istituzzjoni) jammonta għal 4.811.846 €. Titlu 2 (Bini, apparat u nefqa operattiva fuq diversi affarijiet) jammonta għal 869.986 €. Titlu 3 (Nefqa li rriżultat minn ħidma speċjali li twettqet mill-Istituzzjoni) jammonta għal 3.000 €.

Il-*budget* għall-2004 jipprovdi għal dħul totali ta' 513.764 €.

# Ċ PERSONNEL

## OMBUDSMAN EWROPEW

**JACOB SÖDERMAN**
**(sai-31 ta' Marzu 2003)**

**P. NIKIFOROS DIAMANDOUROS**
**(mill-1 ta' April 2003)**

## SEGRETARJAT TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

**Nicholas CATEPHORES**
*Assistent ta' l-Ombudsman*
*Tel. +33 3 88 17 2383*

**Eleni-Anna GALATIS**
*Segretarja ta' l-Ombudsman*
*Tel. +33 3 88 17 2528*

## DIPARTMENT LEGALI

**Ian HARDEN**
*Kap tad-Dipartiment Legali*
*Tel. +32 2 284 3849*
*Tel. +33 3 88 17 2384*

**Murielle RICHARDSON**
*Assistenta tal-Kap tad-Dipartiment Legali*
*Tel. +33 3 88 17 2388*

**Elodie BELFY**
*Assistenta Legali (mill-01.01.2003)*
*Tel. +32 2 284 3901*

**Peter BONNOR**
*Uffiċjal Legali*
*(sal-31.03.2003)*

**Benita BROMS**
*Kap tal-fergħa ta' Brussell*
*Konsulenta Legali Principali*
*Tel. +32 2 284 2543*

**Alessandro DEL BON**
*Uffiċjal Legali*
*Tel. +33 3 88 17 2382*

**Maria ENGLESON**
*Uffiċjal Legali*
*(sal-31.08.2003)*

**Marjorie FUCHS**
*Uffiċjal Legali*
*Tel. +33 3 88 17 4078*

**Gerhard GRILL**
*Konsulent Legali Prinċipali*
*Tel. +33 3 88 17 2423*

**Marta HIRSCH-ZIEMBINSKA**
*Konsulenta Legali Prinċipali (mill-01.10.2003)*
*Tel. +33 3 88 17 2746*

**Andrea JANOSI**
*Konsulenta Legali Prinċipali (mill-01.10.2003)*
*Tel. +33 3 88 17 2429*

**Vicky KLOPPENBURG**
*Uffiċjal Legali (sal-31.03.2003)*

**José MARTÍNEZ ARAGÓN**
*Konsulent Legali Prinċipali*
*Tel. +33 3 88 17 2401*

**Sigyn MONKE**
*Uffiċjal Legali*
*(sal-31.03.2003)*

**Ida PALUMBO**
*Uffiċjal Legali*
*Tel. +33 3 88 17 2385*

**Olivier VERHEECKE**
*Konsulent Legali Prinċipali*
*Tel. +32 2 284 2003*

**Fotini AVARKIOTI**
*Trainee (sat-22.07.2003)*

**Liv-Stephanie HAUG**
*Trainee (mill-01.09.2003)*
*Tel. +33 3 22 17 2402*

**Verónica JIMENEZ-VALLEJO**
*Trainee (mill-01.02.2003 sat-23.12.2003 )*

**Tina NILSSON**
*Trainee (mill-01.02.2003 sat-23.12.2003)*
*Tel. +32 2 284 14 17*

**Pagona-Maria REKAITI**
*Trainee (mill-01.09.2003)*
*Tel. + 32 2 284 3897*

**Tea SEVON**
*Trainee (sa l-01.04.2003)*

## DIPARTIMENT TA' L-AMMINISTRAZZJONI U FINANZI

### João SANT'ANNA
*Kap tad-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni u Finanzi*
*Tel. +33 3 88 17 5346*

### Félicia VOLTZENLOGEL
*Segretarja tal-Kap tad-Dipartiment ta' l-Amministrazzjoni u Finanzi*
*Tel. +33 3 88 17 2394*

### Rosita AGNEW
*Uffiċjal għall-Istampa*
*Tel. +33 3 88 17 2408*

### Séverine BEYER
*Segretarja*
*Tel. +33 3 88 17 2393*

### Evelyne BOUTTEFROY
*Segretarja*
*Tel. +33 3 88 17 2413*

### Rachel DOELL
*Segretarja*
*Tel. +33 3 88 17 2398*

### Jean-Pierre FEROUMONT
*Uffiċjal Finanzjarju (mill-15.10.2003)*
*Tel. +33 3 88 17 2542*

### Isabelle FOUCAUD-BOUR
*Segretarja*
*Tel. +33 3 88 17 2391*

### Ben HAGARD
*Uffiċjal għall-Komunikazzjoni bl-Internet*
*Tel. +33 3 88 17 2424*

### Alexandros KAMANIS
*Uffiċjal Finanzjarju*
*Tel. +33 3 88 17 2403*

### Isgouhi KRIKORIAN
*Segretarja*
*Tel. +33 3 88 17 2540*

### Gaël LAMBERT
*Uffiċjal fl-IT (mill-01.09.2003)*
*Tel. +33 3 88 17 2399*

### Isabelle LECESTRE
*Segretarja (sat-30.06.2003)*

### Juan Manuel MALLEA
*Assistent ta' l-Ombudsman (mill-01.01.2000 sal-31.03.2003)*
*Segretarju (mill-01.04.2003)*
*Tel. +33 3 88 17 2301*

### Charles MEBS
*Assistent Klerikali*
*Tel. +33 3 88 17 7093*

### Elizabeth MOORE
*Segretarja*
*Aġent Awżiljarju (sal-31.10.2003.)*
*Aġent Temporanju (mill-01.11.2003)*
*Tel. +32 2 284 6393*

### Dace PICOT-STIEBRINA
*Assistenta għall-Komunikazzjoni (mill-01.11.03)*
*Tel. +33 3 88 17 4080*

### Véronique VANDAELE
*Uffiċjal Finanzjarju*
*Aġent Temporanju (sas-16.10.2003)*
*Aġent Awziljarju (mit-03.12.2003)*
*Tel.+32 2 284 2300*

# D INDIĊI TA' DEĊIŻJONIJIET

## 1 SKOND IN-NUMRU TAL-KAŻ

### 2000

1542/2000/(PB)(SM)IJH ..........203

### 2001

0341/2001/(BB)IJH..........202
0573/2001/IJH ..........183
1351/2001/(ME)(MF)BB..........151
1826/2001/JMA ..........45

### 2002

0221/2002/ME ..........157
0548/2002/GG ..........121
0647/2002/OV ..........51
0648/2002/IJH ..........140
0659/2002/IP..........54
0845/2002/IJH ..........190
1015/2002/(PB)IJH..........203
1045/2002/GG ..........196
1141/2002/GG ..........99
1166/2002/(SM)IJH..........126
1237/2002/(PB)OV..........158
1256/2002/GG ..........57
1358/2002/IP..........59
1365/2002/OV ..........62
1402/2002/GG ..........129
1437/2002/IJH ..........65
1523/2002/GG ..........161
1536/2002/OV ..........72
1565/2002/GG ..........135
1625/2002/IJH ..........95
1753/2002/GG ..........74
1795/2002/IJH ..........43, 89
1840/2002/GG ..........181
1915/2002/BB ..........115
1939/2002/IJH ..........82
1960/2002/JMA ..........108
2024/2002/OV ..........103
2059/2002/IP..........184
2097/2002/GG ..........184
OI/2/2002/IJH ..........209

### 2003

0172/2003/IP..........75
0205/2003/IJH ..........109
0207/2003/OV ..........113
0324/2003/MF ..........79
0342/2003/IP..........106
0406/2003/(PB)IJH..........41
0754/2003/GG ..........166
0852/2003/OV ..........177
0949/2003/IJH ..........172
1117/2003/GG ..........87
1173/2003/(TN)IJH..........111
1200/2003/OV ..........147
OI/4/2003/ADB..........214
Q1/2003/IP ..........215

## 2 SKOND IS-SUĠĠETT


### Agrikoltura (CAP)

0205/2003/IJH ....109

### Drittijiet taċ-Ċittadini

0845/2002/IJH ....190
1402/2002/GG ....129
1753/2002/GG ....84
1117/2003/GG ....87

### Politika dwar il-Kompetizzjoni

0648/2002/IJH ....140
1045/2002/GG ....196

### Kuntratti

0548/2002/GG ....121
1141/2002/GG ....99
1256/2002/GG ....57
1565/2002/GG ....135
1625/2002/IJH ....95
1960/2002/JMA ....108
1915/2002/BB ....115
OI/2/2002/IJH ....209
0205/2003/IJH ....109
0754/2003/GG ....166
0949/2003/IJH ....172
1173/2003/(TN)IJH ....111

### Kooperazzjoni fl-iżvilupp

1351/2001/(ME)(MF)BB ....151

### Politika ekonomika u monetarja

1939/2002/IJH ....82

### Ambjent

1826/2001/JMA ....45

### Moviment ħieles ta' oġġetti

0659/2002/IP ....54
1237/2002/(PB)OV ....158

### Istituzzjonijiet

1625/2002/IJH ....95
1840/2002/GG ....181
2024/2002/OV ....103

### Mixxellanja

0845/2002/IJH ....190
2024/2002/OV ....103
OI/2/2002/IJH ....209

### Aċċess pubbliku

1542/2000/(PB)(SM)IJH ....203
0573/2001/IJH ....183
0648/2002/IJH ....140
1437/2002/IJH ....65
1015/2002/(PB)IJH ....203
1795/2002/IJH ....43
1795/2002/IJH ....89
1939/2002/IJH ....82

### Saħħa pubblika

Q1/2003/IP ....215

### Riċerka u Teknoloġija

0221/2002/ME ....157
1625/2002/IJH ....95

## Impjegati

### – *Ingaġġ*

0341/2001/(BB)IJH........................................202
0647/2002/OV ...............................................51
1365/2002/OV ...............................................62
1523/2002/GG ..............................................161
1536/2002/OV ...............................................72
2059/2002/IP................................................184
2097/2002/GG ..............................................184
0207/2003/OV ..............................................113
0324/2003/MF ...............................................79
0406/2003/(PB)IJH.........................................41
0852/2003/OV ..............................................177
OI/4/2003/ADB.............................................214

### – *Mistoqsijiet oħra*

1166/2002/(SM)IJH.......................................126
1358/2002/IP...................................................59
1625/2002/IJH ................................................95
0172/2003/IP...................................................75
0342/2003/IP.................................................106
1200/2003/OV ..............................................147

## Proviżjonijiet ta' taxxa

1237/2002/(PB)OV.........................................158

## 3 SKOND IT-TIP TA' AMMINISTRAZZJONI ĦAŻINA ALLEGATA

### Abbuż ta' poter

1166/2002/(SM)IJH......126

### Dewmien li seta' ġie evitat

0548/2002/GG......121
1141/2002/GG......99
1256/2002/GG......57
1625/2002/IJH......95
1173/2003/(TN)IJH......111

### Diskriminazzjoni

0647/2002/OV......51
0659/2002/IP......54
1045/2002/GG......196
1358/2002/IP......59
1365/2002/OV......62
1523/2002/GG......161
1536/2002/OV......72

### Nuqqas li jiġi żgurat li jitwettqu l-obbligazzjonijiet

1237/2002/(PB)OV......158

### Ksur ta' drittijiet ta' difiża

1200/2003/OV......147

### Nuqqas jew rifjut ta' informazzjoni

1542/2000/(PB)(SM)IJH......203
0341/2001/(BB)IJH......202
1237/2002/(PB)OV......158
1437/2002/IJH......65
1015/2002/(PB)IJH......203
1402/2002/GG......129
1625/2002/IJH......95
1915/2002/BB......115
1939/2002/IJH......82
2024/2002/OV......103
0207/2003/OV......113
0324/2003/MF......79
0342/2003/IP......106
1117/2003/GG......87

### Nuqqas ta' trasparenza

0221/2002/ME......157
0845/2002/IJH......190
1565/2002/GG......135
1753/2002/GG......74
1795/2002/IJH......43
1795/2002/IJH......89
2059/2002/IP......184
2097/2002/GG......184

### Żball legali

0573/2001/IJH......183
0648/2002/IJH......140
1795/2002/IJH......43
1795/2002/IJH......89
0949/2003/IJH......172

### Negliġenza

1826/2001/JMA......45
1960/2002/JMA......108

### Żbalji proċedurali

1351/2001/(ME)(MF)BB......151
0221/2002/ME......157
0647/2002/OV......51
0845/2002/IJH......190
1166/2002/(SM)IJH......126
1915/2002/BB......115
OI/2/2002/IJH......209
0172/2003/IP......75
0406/2003/(PB)IJH......41
OI/4/2003/ADB......214

### Raġunament

1542/2000/(PB)(SM)IJH......203
0573/2001/IJH......183
0647/2002/OV......51
0648/2002/IJH......140
2024/2002/OV......103
0207/2003/OV......113
1200/2003/OV......147

### Inġustizzja

0845/2002/IJH ................................................190
1840/2002/GG ................................................181
0205/2003/IJH ................................................109
0852/2003/OV ................................................177

### Ammistrazzjoni ħażina ta' tip ieħor

1351/2001/(ME)(MF)BB................................151
0205/2003/IJH ................................................109
0754/2003/GG ................................................166
0852/2003/OV ................................................177

# E L-ELEZZJONI TA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

## Il-proviżjonijiet legali

Artiklu 195 (2) tal-Kummissjoni Ewropea jgħid li "L-Ombudsman irid jinħatar wara kull elezzjoni tal-Parlament Ewropew għat-tul ta' zmien li jdum l-istess Parlament. l-Ombudsman ikun eliġibbli biex jerġa' jinħatar."

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew jistabbilixxu d-dettalji tal-proċedura ta' l-elezzjoni:

*Regola 177*

*"1. Fil-bidu ta' kull perjodu parlamentari, immedjatament wara li hu jiġi elett jew fil-każijiet imsemmija f'paragrafu 8, il-President irid isejjaħ għal nominazzjonijiet għall-ufficċju ta' l-Ombudsman u jagħmel limitu ta' żmien biex dawn jitressqu. Sejħa għan-nominazzjonijiet trid tiġi pubblikata fl-Official Journal ta' l-Unjoni Ewropea.*

*2. In-nominazzjonijiet irid ikollhom l-appoġġ ta' mhux inqas minn tnejn u tletin Membru li huma ċittadini ta' mill-anqas zewġ Stati Membri.*

*Kull membru jista' jappoġġja nomina waħda biss.*

*In-nominazzjonijiet iridu jinkludu d-dokumenti kollha meħtieġa biex juru b'mod ċar li dak li qed jiġi nominat jissodisfa l-kundizzjonijiet mitluba mir-Regolamenti dwar l-Ombudsman.*

*3. In-nominazzjonijiet iridu jgħaddu għand il-kumitat responsabbli, li jista' jitlob li jisma' lil dawk li jkunu ġew nominati.*

*Dan is-smigħ ikun miftuħ għall-Membri kollha.*

*4. Lista tan-nominazzjonijiet li huma ammissibbli trid imbagħad tiġi sottomessa għall-vot tal-Parlament f'ordni alfabetika.*

*5. Il-vot irid jittieħed b'mod sigriet fuq il-bażi tal-maġġoranza tal-voti mitfugħa.*

*Jekk l-ebda kandidat ma jiġi elett wara l-ewwel żewġ votazzjonijiet, ikunu biss iż-żewg kandidati li jkunu kisbu l-akbar ammont ta' voti fit-tieni votazzjoni li jistgħu jerġgħu jikkontestaw.*

*F'każ ta' l-istess numru ta' voti jinħataril-kandidat l-iktar anzjan.*

*6. Qabel ma tinfetaħ il-votazzjoni, il-President irid jiżgura li jkunu preżenti mill-anqas nofs il-Membri Parlamentari.*

*7. Il-persuna li tinħatar tiġi immedjatament imsejħa biex tieħu l-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.*

*8. L-Ombudsman irid jaqdi d-doveri tiegħu sakemm jinħatar is-suċċessur tiegħu, ħlief f'każ li jmut jew jitkeċċa."*

## L-elezzjoni ta' l-2003

Il-Parlament Ewropew ippublika sejħa għal nominazzjonijiet fl-*Official Journal* tas-7 ta' Settembru 2002[5] u stabbilixxa t-3 ta' Ottubru 2002 bħala d-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni tan-nominazzjonijiet.

B'ittra tal-21 ta' Ottubru 2002, il-President tal-Parlament Ewropew informa lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet li kienu waslu 17-il applikazzjoni.

Fil-25 u s-26 ta' Novembru 2002, il-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet organizza s-smigħ pubbliku tas-seba' kandidati li l-applikazzjonijiet tagħhom kienu gew dikjarati ammissibbli, jiġifieri s-Sur Georgios ANASTASSOPOULOS, is-Sur P. Nikiforos DIAMANDOUROS, is-Sur Giuseppe FORTUNATO, is-sur Xabier MARKIEGI, is-Sur Pierre-Yves MONETTE, is-Sur Roy PERRY u s-Sur Herman WUYTS.

5 OJ C 213/10 tas-7 ta' Settembru 2002.

Is-Sur ANASTASSOPOULOS u s-Sur MARKIEGI irtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom fid-9 Jannar 2003.

Fil-15 ta' Jannar 2003, is-Sur P. Nikiforos DIAMANDOUROS ġie elett Ombudsman Ewropew mill-Membri tal-Parlament Ewropew f'sessjoni plenarja fi Strasbourg wara t-tieni votazzjoni b'294 vot mill-535 voti mitfugħa.

Id-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li jaħtar lis-Sur DIAMANDOUROS sa tmiem il-perjodu preżenti tal-parlament fl-2004 ġiet ippubblikata fl-*Official Journal* tat-8 ta' Marzu 2003[6].

Informazzjoni dettaljata dwar l-elezzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew tinsab fil-*website* tal-Parlament fuq: http://www.europarl.eu.int/comparl/peti/election/default_en.htm.



6 OJ L 065/26 tat-8 ta' Marzu 2003.

# KIF TAGĦMEL KUNTATT MA' L-OMBUDSMAN EWROPEW

## BIL-POSTA

The European Ombudsman

1, avenue du Président Robert Schuman

B.P. 403

67001 Strasbourg Cedex

France

## BIT-TELEFON

+33 3 88 17 2313

## BIL-FAX

+33 3 88 17 9062

## BL'*E-MAIL*

euro-ombudsman@europarl.eu.int

## WEBSITE

http://www.euro-ombudsman.eu.int

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
*Publications.eu.int*

ISBN 92-95010-96-5

www.euro-ombudsman.eu.int